ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 131 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

8 ta' Mejju 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2011–2012

Dati tas-seduti: 25–27 ta' Ottubru 2011

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 48 E, 18.2.2012.

*It-testi adottati tal-25 ta' Ottubru 2011 rigward il-kwittanzi għall-baġit tal-2009 ġew ippublikati fil-ĠU L 313, 26.11.2011.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

2013/C 131 E/01 Soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali u familjari

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali u familjari (2011/2117(INI) ........ 1

2013/C 131 E/02 Il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 (2010/2272(INI)) ........ 9

2013/C 131 E/03 Il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku (2011/2048(INI)) ........ 25

2013/C 131 E/04 Il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2010/2273(INI)) ........ 35

2013/C 131 E/05 Proċess ta' Valutazzjoni Reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-Proċess ta' Evalwazzjoni Reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi (2011/2085(INI)) ........ 46

MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

2013/C 131 E/06 Governanza Ekonomika Globali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-Governanza Ekonomika Globali (2011/2011(INI)) ..... 51

2013/C 131 E/07 Is-sitwazzjoni tal-ommijiet li jrabbu t-tfal waħedhom

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar is-sitwazzjoni tal-ommijiet waħedhom (2011/2049(INI)) ..... 60

2013/C 131 E/08 Il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea (2010/2309(INI)) ..... 66

2013/C 131 E/09 Ir-4 Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-4 Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (2011/2145(INI)) ..... 80

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

2013/C 131 E/10 L-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda (2011/2067(INI)) ..... 87

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

2013/C 131 E/11 Rapport Annwali 2010 tal-Ombudsman Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar ir-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman fis-sena 2010 (2011/2106(INI)) ..... 103

2013/C 131 E/12 Is-sitwazzjoni fil-Jemen, fil-Baħrejn, fis-Sirja u fl-Eġittu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu u s-Sirja, b'mod partikolari dik tal-Komunitajiet Insara ..... 108

2013/C 131 E/13 L-iżviluppi attwali fl-Ukraina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar l-iżviluppi attwali fl-Ukraina ..... 113

2013/C 131 E/14 It-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika ..... 116

2013/C 131 E/15 Tibet, b'mod partikolari reliġjużi nisa u rġiel jaħarqu lilhom infushom b'idejhom

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-Tibet, b'mod partikolari r-reliġjużi nisa u rġiel li jaħarqu lilhom infushom ..... 121

2013/C 131 E/16 Il-Baħrejn

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-Baħrejn ..... 125

2013/C 131 E/17 Il-każ ta' Rafah Nached fis-Sirja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-każ ta' Rafah Nached fis-Sirja ..... 129


MT

*(Ikompli fuq paġna 276)*

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali u familjari

P7_TA(2011)0449

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali u familjari (2011/2117(INI))**

(2013/C 131 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 67 u 81(2)(g) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Dwar l-użu tas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim bħala mezz biex jissolva tilwim relatat ma' transazzjonijiet kummerċjali u prattiċi fl-Unjoni Ewropea" tat-18 ta' Jannar 2011 u d-dokument bit-titolu "Sommarju tat-tweġibiet milqugħa" ippubblikat f'April 2011,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-qasam tas-servizzi finanzjarji" tal-11 ta' Diċembru 2008 u d-dokument bit-titolu "Sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-qasam tas-servizzi finanzjarji" tal-14 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Green Paper dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-liġi ċivili u kummerċjali tad-19 ta' April 2002 (COM(2002)0196),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi involuti fis-soluzzjoni extraġudizzjarja tat-tilwim tal-konsumaturi [1] u tal-4 ta' April 2001 rigward il-prinċipji għall-korpi extraġudizzjarji involuti fis-soluzzjoni konsenswali tat-tilwim tal-konsumaturi [2],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 intitolata "L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja - 'Flimkien għal tkabbir ġdid' " (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2000 dwar netwerk madwar il-Komunità ta' korpi nazzjonali għas-soluzzjoni extraġudizzjarja tat-tilwim tal-konsumaturi [3] u n-Netwerk Extraġudizzjarju Ewropew (EEJ-Net) stabbilit fis-16 ta' Ottubru 2001,

(1) ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31.
(2) ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56.
(3) ĠU C 155, 6.6.2000, p. 1.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Fehim dwar Netwerk ta' Lmenti Extraġudizzjarji Transkonfinali għas-Servizzi Finanzjarji fiż-Żona Ekonomika Ewropea tat-30 ta' Marzu 1998 u FIN-NET,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 1 li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali ([1]).

— wara li kkunsidra l-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea tal-Medjaturi (minn hawn 'il quddiem: "Kodiċi tal-Kondotta") stabbilit fl-2004,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali ([2]),

— wara li kkunsidra l-istudju intitolat "L-ispiża ta' Non ADR – Stħarriġ u Turija tal-Ispejjeż Propji ta' Litigazzjoni Kummerċjali Intra-Komunitarja", tad-9 ta' Ġunju 2010, miċ-Ċentru ADR, Ruma, l-Italja,

— wara li kkunsidra l-konstatazzjonijiet tal-Bord bi Prova dwar in-Negozju Ewropew (EBTP) dwar "Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim", għall-perjodu mis-17 ta' Diċembru 2010 sas-17 ta' Jannar 2011,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2003 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-liġi ċivili u kummerċjali ([3]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2007 ibbażata fuq ir-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Kriżi tal-Equitable Life Assurance Society ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini - Il-Programm ta' Stokkolma ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-governanza u s-sħubija fis-suq uniku ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar il-medjazzjoni fl-Istati Membri, l-impatt tagħha fuq il-medjazzjoni u l-adozzjoni tagħha mill-qrati ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0343/2011),

A. billi l-aċċess għall-ġustizzja huwa dritt fundamentali,

B. billi żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif stabbilit fit-Trattati, għandha tissodisfa l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u n-negozji, pereżempju permezz tal-ħolqien ta' proċeduri iktar sempliċi u ċari, filwaqt li jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja,

C. billi l-objettivi tal-proċess ġudizzjarju u s-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim huma konnessi mill-qrib u jfittxu jerġgħu jistabbilixxu malajr il-paċi ġuridika bejn il-partijiet fit-tilwima, jipproteġu b'mod addattat liġi sostantiva suġġettiva u jirregolaw il-kunflitti bejn il-partijiet,

([1]) ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.
([2]) ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3.
([3]) ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 256.
([4]) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 110.
([5]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0144.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2011)0361.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

D. billi soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), li tgħin lil dawk involuti jevitaw proċeduri aġġudikanti tradizzjonali, tista' tkun alternattiva rapida u kosteffiċjenti għal-litigazzjoni,

E. billi l-ADR hija mekkaniżmu biex jintlaħqu soluzzjonijiet barra l-qorti billi l-konsumaturi u l-kummerċjanti jiġu megħjuna jsolvu l-kunflitti permezz tal-intervent ta' terza parti (medjatur jew arbitru),

F. billi, f'bosta pajjiżi, l-awtoritajiet pubbliċi - inklużi l-ombudsmen u l-awtoritajiet regolatorji - għandhom rwol importanti biex jinkoraġġixxu s-soluzzjoni tal-kunflitti,

G. billi t-tisħiħ tal-fiduċja taċ-ċittadini fis-suq intern u l-fiduċja fl-infurzar tad-drittijiet fit-tilwim transkonfinali jistgħu jikkontribwixxu għall-istimulazzjoni tal-ekonomija tal-UE,

H. billi l-għarfien u l-fehim taċ-ċittadini tal-UE tal-iskemi tal-ADR fl-Ewropa kollha huma ftit u konfużi, b'perċentwal żgħir biss ta' ċittadini li jafu kif jagħmlu lment quddiem korp tal-ADR,

I. billi hu importanti li jkun żgurat reklamar aħjar tal-eżistenza tal-mekkaniżmi tal-ADR u li jsir iktar biex il-konsumaturi u l-professjonisti jitħeġġu jużawhom bħala alternattiva għall-proċedimenti fil-qorti, sabiex ikun possibbli li jiġi evitat approċċ konfrontazzjonali u jiġi offrut il-prospett ta' sitwazzjoni ta' rebħ għaż-żewġ naħat,

J. billi għandu jinsab approċċ bilanċat li min-naħa jikkunsidra l-flessibbiltà tas-sistemi tal-ADR u min-naħa l-oħra tal-bżonn ta' garanzija tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-proċeduri ekwitabbli,

K. billi l-Parlament talab bosta drabi għal iktar sforzi biex tiġi żviluppata l-ADR, billi talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar l-użu tal-ADR fl-UE sal-aħħar tal-2011 fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar Governanza u Sħubija fis-Suq Uniku,

L. billi l-Kummissjoni inkludiet proposta leġiżlattiva dwar l-ADR, fil-Programm ta' Ħidma tagħha tal-2011 bħala inizjattiva strateġika u fil-komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' April 2011 dwar "Att dwar is-Suq Uniku", bħala wieħed mit-tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, bl-għan li l-konsumatur jingħata s-setgħa,

M. billi l-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/52/KE skadiet fil-21 ta' Mejju 2011,

***Approċċ orizzontali għal ADR***

1. Jilqa' l-konsultazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar l-ADR li, minkejja it-titolu wiesa' tagħha, hi mmirata esklussivament lejn it-transazzjonijiet tal-konsumatur;

2. Jemmen, madankollu, li l-ADR tifforma parti minn aġenda ġenerali tal-"ġustizzja għat-tkabbir" f'diversi setturi; hu tal-opinjoni li kwalunkwe approċċ għall-ADR għandu jmur lil hinn mit-tilwim tal-konsumatur sabiex ikunu inklużi transazzjonijiet minn negozju għal negozju (B2B) ċivili u kummerċjali, kemm jekk jitwettqu bejn negozji privati kif ukoll bejn negozji pubbliċi, tilwim familjari u każijiet ta' malafama u t-tilwim l-ieħor ta' interess ġenerali jew dawk bejn partijiet bi statut ġuridiku differenti;

3. Jilqa' l-fatt li d-Direttiva 2008/52/KE armonizzat xi standards għall-medjazzjoni; jenfasizza li jeħtieġ li jiġu definiti termini komuni u jinżammu garanziji proċedurali fl-oqsma kollha tal-ADR; iħoss il-ħtieġa li għandha terġa' ssir referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-1998 u l-2001 u l-Kodiċi ta' Kondotta;

4. Iqis li, filwaqt li l-awtoregolamentazzjoni tibqa' importanti, l-azzjoni leġiżlattiva li tistabbilixxi l-istandards minimi li fuqhom skemi tal-ADR jistgħu jkunu bbażati hi meħtieġa sabiex ikun ipprovdut qafas għall-ADR fi ħdan is-sistemi legali tal-Istati Membri, kif jidher fl-eżempju tad-Direttiva 2008/52/KE; jenfasizza li fi kwalunkwe qafas bħal dan għandu jiġi żgurat li d-diversità mhux qed tiġi limitata fil-qasam tal-ADR peress li mhemmx soluzzjoni standard li tista' ssolvi l-problemi varji li jistgħu jinħolqu fis-setturi legali differenti;

5. Jenfasizza l-bżonn ta' fehim aħjar tat-tipi differenti ta' mekkaniżmi u proċessi (inklużi l-attivitajiet ta' awtoritajiet pubbliċi bħall-ombudsmen) li ta' spiss jaqgħu taħt it-terminu ġeneriku tal-ADR; jemmen li, anki jekk jeżisti numru kbir ta' similaritajiet fost it-tekniki tan-negozjar u tal-għajnuna għas-soluzzjoni tat-tilwim li huma ġeneralment preżenti fis-sistemi tal-ADR, l-istruttura u l-arkitettura tal-ADR ivarjaw b'mod konsiderevoli skont l-Istati Membri;

6. Jemmen li miżuri leġiżlattivi adottati fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-ADR u jinkoraġġixxu lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi jagħmlu użu minnha aktar ta' spiss, b'mod partikolari fil-każ ta' tilwim transkonfinali, hekk kif il-proċeduri ġuridiċi biex isolvu dan it-tip ta' tilwim isiru aktar kumplessi, aktar għaljin u jieħdu aktar fit-tul;

7. F'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar l-użu ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim għall-kwistjonijiet tal-konsumaturi fl-UE sa tmiem l-2011 u jenfasizza l-importanza tal-adozzjoni rapida tagħha;

***Standards komuni għal ADR***

8. Jemmen li l-istandards tal-ADR għandhom jinkludu: adeżjoni ma'/qbil dwar ADR; indipendenza, trasparenza, effikaċja, ekwità, imparzjalità u kunfidenzjalità; effetti fuq il-limitazzjoni u l-preskrizzjoni; inforzabbiltà ta' ftehimiet li jirriżultaw minn ADR; kwalifika tal-partijiet terzi;

9. Huwa tal-fehma li l-korpi tal-ADR għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjonijiet u kontrolli regolari minn evalwaturi indipendenti;

10. Sabiex ma jkunx hemm preġudizzju għall-aċċess għall-ġustizzja, jiċħad kull impożizzjoni ġeneralizzata ta' sistema obbligatorja tal-ADR fil-livell tal-UE, iżda jissuġġerixxi li għandha tiġi evalwata sistema obbligatorja għat-tressiq ta' lmenti mill-partijiet sabiex jiġu eżaminati l-possibilitajiet ta' ADR;

11. Jattira l-attenzjoni għall-"konċiljazzjoni konġunta" Taljana bħala eżempju ta' mudell ta' prattika tajba bbażat fuq protokoll konkluż u ffirmat min-kumpanniji u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, li fih il-kumpanija taqbel minn qabel li tuża l-ADR biex isolvi t-tilwim kollu li jista' jinħoloq fl-oqsma koperti mill-protokoll;

12. Jenfasizza li kwalunkwe klawsola tal-ADR ma għandhiex ixxekkel l-aċċess għall-ġustizzja, partikolarment min-naħa tal-parti iktar dgħajfa, li f'ċerti ċirkostanzi, tista' tkun ukoll SME, u għalhekk iqis f'dan il-kuntest li d-deċiżjonijiet ta' ADR għandhom ikunu vinkolanti biss jekk il-partijiet involuti jkunu laħqu qbil b'mod espliċitu dwar dan;

13. Hu tal-opinjoni li b'mod ġenerali l-ADR għanda tirrispetta l-obbligu li tiżvela ċ-ċirkostanzi li jaffettwaw l-indipendenza tal-parti terza jew li jwasslu għal kunflitt ta' interessi u d-dmir li l-partijiet kollha jiġu ttrattati bl-istess mod, kif stipulat fil-Kodiċi tal-Kondotta;

14. Jitlob li l-partijiet ikkonċernati u, jekk ikun il-każ, kif jinsab fil-Kodiċi tal-Kondotta, biex iżommu l-informazzjoni dwar ADR kunfidenzjali; qed iqis ukoll, fejn applikabbli, iktar miżuri b'ambitu wiesa', bħall-ħolqien ta' privileġġ professjonali, f'parallell ma' dak ipprovdut fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/52/KE;

15. Jinnota madankollu li, filwaqt li r-rispett tal-kunfidenzjalità tad-dejta personali huwa importanti, għandu jkun garantit ukoll ċertu livell ta' trasparenzali fil-proċedura tal-ADR toffri, sabiex l-Istati Membri u l-korpi tal-ADR ikunu jistgħu jelenkaw u jikkondividu l-aħjar prattiki u sabiex l-awtoritajiet regolatorji indipendenti jkollhom l-possibbiltà li jeżaminaw il-proċedura jekk jitressu lmenti;

**It-Tlieta 25 ta’ Ottubru 2011**

16. Jemmen li mhijiex il-medjazzjoni biss iżda l-ADR b’mod ġenerali (l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/52/KE) li għandha taffettwa perjodi ta’ restrizzjoni u preskrizzjoni; jagħraf ir-riskju li jirriżulta minn bosta forom tal-ADR u r-riskju ta’ dewmien abbużiv ta’ proċedimenti tal-qorti; jinnota li l-istudju tal-fattibbiltà dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea ([1]) jipprovdi għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni fil-każ ta’ proċedimenti ta’ arbitraġġ u medjazzjoni, u f’ċerti sitwazzjonijiet ta’ ADR oħra; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq dan;

17. Hu konvint li l-infurzar bil-ħeffa u irħisa ta’ ftehimiet li jirriżultaw minn ADR hu indispensabbli, inkluż dak transkonfinali; jitlob għal miżuri leġiżlattivi għal dawn il-finijiet;

18. Ifakkar li t-taħriġ speċifiku għal partijiet terzi newtrali hu essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data dwar it-tip u l-estent tat-taħriġ meħtieġ, u biex tassisti lis-setturi fl-iżvilupp ta’ skemi ta’ taħriġ u ta’ kontroll tal-kwalità;

### *ADR f’diversi oqsma*

19. Jappoġġa lill-Kummissjoni fl-intenzjoni tagħha li theġġeġ l-użu ta’ mezzi alternattivi ta’ soluzzjoni tat-tilwim li jkunu aċċessibbli, rapidi, effettivi u rħas u li jkunu jistgħu jippermettu li jiġu stabbiliti u li jinżammu relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi, soċjali u ta’ viċinanza li jkunu ta’ kwalità tajba u bbażati fuq il-fiduċja, u li jikkontribwixxu għal livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur f’sitwazzjoni fejn iż-żewġ naħat jirbħu, b’benefiċċji għaż-żewġ naħat meta mqabbla mal-prattika ġudizzjarja kurrenti;

20. Jenfasizza li, għalkemm hemm diversi sistemi ta’ ADR li joperaw b’mod effettiv fl-Ewropa bħalissa, wieħed mill-ostakli prinċipali għall-użu tagħhom huwa n-nuqqas ta’ żvilupp ugwali ta’ tali sistemi fl-UE, kemm f’termini ġeografiċi, kif ukoll f’termini settorjali; jissuġġerixxi, għalhekk, li n-nuqqasijiet eżistenti fir-rigward tal-kopertura ġeografika tal-ADR fl-Ewropa għandhom jitranġaw b’mod rapidu; jiddeplora l-lakuni settorjali maġġuri li għad hemm fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, filwaqt li jippromwovi t-titjib ta’ kopertura settorjali li tinvolvi persuni li jkunu jifhmu l-mod kif jiffunzjona settur partikolari; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex iqisu li jdaħħlu punti uniċi ta’ kuntatt għal kull settur, li jipprovdu informazzjoni dwar kif tinbeda soluzzjoni alternattiva tat-tilwim;

21. Ifakkar li ADR hi ta’ interess partikolari għall-SMEs; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tqis is-sinerġiji bejn l-ADR u strument fil-liġi kuntrattwali tal-UE; jilqa’ wkoll gwida dwar il-klawsola tal-ADR f’kuntratti standard;

22. Jagħraf il-kisbiet tan-netwerks FIN-NET, ECC-Net u SOLVIT iżda jemmen li, fir-rigward l-informazzjoni tal-partijiet u l-finanzjament, għad hemm lok għal titjib u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa, issaħħaħ u żżid il-kapaċitajiet tal-korpi eżistenti bħal dawn li wrew l-effikaċja u l-valur tagħhom;

23. Jagħraf potenzjal kbir għall-ADR onlajn, partikolarment għal ilmenti iżgħar; jinnota li l-proċeduri ta’ ADR tradizzjonali jeżistu onlajn flimkien ma’ oħrajn li jfittxu jipprevjenu t-tilwim jew li jiffaċilitaw is-soluzzjoni tat-tilwim; jenfasizza li, fejn ADR tradizzjonali titwettaq onlajn, l-istandards proċedurali ma għandhomx ikunu iktar baxxi, u li l-kwistjonijiet bħall-inforzabbiltà ta’ għotjiet għandhom jissolvu; iqis li sistemi ta’ marka ta’ fiduċja onlajn jipprovdu benefiċċju partikolari; jiġbed l-attenzjoni lejn ix-xogħol tal-Grupp ta’ Ħidma UNICTRAL dwar is-Soluzzjoni Onlajn tat-Tilwim ([2]), maħsub għat-transazzjonijiet B2B u minn negozju għal konsumatur (B2C);

24. Jemmen li "ġerarkija" ta’ sejba ta’ soluzzjoni – li fiha, l-ewwel, skema ta’ tressiq ta’ lmenti fis-sistema stess (in-house), u t-tieni, l-ADR u, bħala l-aħħar possibbiltà biss, litigazzjoni – se tnaqqas mill-ħin u l-ispejjeż; jitlob lill-Kummissjoni tgħin lis-setturi fil-promozzjoni ta’ sistemi bħal dawn;

([1]) http://ec.europa.eu/justice/policies/consumer/docs/explanatory_note_results_feasibility_study_05_2011_en.pdf.
([2]) http://www.uncitral.org/uncitral/commission/working_groups/3Online_Dispute_Resolution.html.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

25. Jenfasizza r-rwol kruċjali ta' ċerti tipi ta' ADR f'tilwim familjari, fejn tista' tnaqqas il-ħsara psikoloġika, tista' tgħin lill-partijiet jerġgħu jibdew jikkomunikaw u b'hekk, b'mod partikolari, tgħin fl-iżgurar tal-protezzjoni tat-tfal; jagħraf il-potenzjal tal-ADR transkonfinali, b'mod partikolari f'termini tal-flessibbiltà tagħha; jiġbed l-attenzjoni wkoll lejn ix-xogħol tal-Medjatur tal-Parlament Ewropew għas-Sekwestru Internazzjonali ta' Tfal mill-Ġenituri;

26. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-aċċess xieraq għar-rimedju fis-suq intern jirrikjedi kemm il-possibilità li wieħed ikun jista' jirrikorri faċilment għall-ADR kif ukoll l-eżistenza ta' sistema effettiva għall-ilmenti kollettivi, filwaqt li t-tnejn huma kumplimentari u mhumiex esklussivi reċiprokament;

27. Jagħraf il-potenzjal tal-ADR fi ħdan id-diskussjoni attwali dwar rimedju kollettiv, bil-kundizzjoni li r-rimedju tal-ADR jikkostitwixxi mezz effikaċi biex jiġi evitat ir-rimedju għall-qrati biex tiġi solvuta tilwima;

28. Jagħraf il-ħtieġa ta' ADR fil-livell tal-UE, fil-qasam tal-libertà tal-istampa u d-drittijiet ta' personalità, minħabba li f'każijiet ta' malafama u ksur ta' drittijiet tal-personalità b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-proċedimenti legali, partikolarment f'xi Stati Membri, jistgħu jagħmlu l-ħsara, u li ADR tista' tgħin biex tittejjeb is-sitwazzjoni eżistenti;

***L-ADR bħala mekkaniżmu biex jiġu riżolti t-tilwimiet fil-qasam tal-konsumatur***

29. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-konsumaturi Ewropej ikollhom aċċess għas-sistemi tal-ADR għal tilwim fil-livell transnazzjonali kif ukoll dak nazzjonali, speċjalment fis-suq onlajn, li qed jikber sew fl-UE; jinnota li l-użu tas-sistemi tal-ADR tat-tilwim jaffordja livell ogħla ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi u jtejjeb il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq, fin-negozji u fl-istituzzjonjiet tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi billi jagħmilhom iktar attraenti, kif ukoll jippromwovi l-kummerċ transkonfinali u jżid il-prosperità tal-operaturi kollha fis-suq tal-UE;

30. Jitlob li jkun hemm sistema effettiva ta' soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qrati għall-kwistjonijiet tal-konsumaturi li tkun operattiva fl-UE kollha;

31. Jissuġġerixxi li l-proposta leġiżlattiva futura tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-ADR għall-konsumaturi fl-UE tkun tinkorpora l-linji gwida li għandhom jiġu rispettati fil-qasam tas-sistemi tal-ADR stabbiliti fl-Ewropa, li huma dawn li ġejjin:

— *indipendenza, imparzjalità u kunfidenzjalità*: il-ħatra ta' medjaturi għandha tevita li jinħolqu konflitti ta' interessi; il-prinċipju ta' parteċipazzjoni konġunta ta' membri ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lin-negozji jista' jservi ta' bażi utli biex tkun żgurata l-imparzjalità tar-riżultat;

— *kompetenza*: il-professjonisti inkarigati għandu jkollhom il-kapaċità, it-taħriġ u l-esperjenza ta' speċjalista biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom u għandhom ikunu imparzjali, indipendenti u kompetenti;

— *effiċenza u ħeffa*: il-medjaturi għandu jkollhom biżżejjed mezzi għad-dsipożizzjoni tagħhom (riżorsi umani, materjali u finanzjarji xierqa) u jkunu jistgħu jlaħħqu mal-iskadenzi qosra bejn ir-rikors u d-deċiżjoni;

— *ekwità* bejn il-konsumaturi u l-professjonisti, f'termini ta' informazzjoni kif ukoll ta' kunċett u ta' proċedura, u skambji miż-żewġ naħat, jiġifieri li ż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jesprimu l-fehma tagħhom u jiffamiljarizzaw ruħhom mal-pożizzjoni u l-fatti sostnuti mill-parti l-oħra;

— *finanzjament*: il-problema tal-ispejjeż tal-ADR għandha tissolva biex jiġi żgurat li din l-għażla tattira lill-partijiet kollha kkonċernati; b'kunsiderazzjoni ta' dan, is-sistema għandha tkun bla ħlas, jekk tintrebaħ kawża, jew offruta bi spiża moderata ħafna lill-konsumatur;

— *libertà tal-għażla u natura extraġudizzjarja*: L-ADR għandha tkun fakultattiva u bbażata fuq ir-rispett tal-libertà tal-għażla li għandhom il-partijiet tul il-proċess kollu, filwaqt li jibqa' jkollhom il-possibilità li jagħżlu, fi kwalunkwe ħin, li jsolvu l-kwistjoni tagħhom quddiem il-qorti; fl-istess ħin, għandhom ikunu provduti garanziji li qed isiru sforzi ġenwini biex tinkiseb medjazzjoni b'suċċess; din fl-ebda każ m'għandha tikkostitwixxi l-ewwel pass obbligatorju qabel ma jinbeda proċediment ġudizzjarju, u d-deċiżjoni li tirriżulta minnha tista' tkun vikolanti biss jekk il-partijiet ikunu ġew infurmati dwar dan minn qabel u jkunu qablu magħha b'mod espliċitu; minkejja deċiżjoni bħal din, għandu xorta jkun possibbli li l-partijiet jagħżlu smigħ fil-qorti;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— *proporzjonalità* tal-proċedimenti, tad-deċiżjonijiet u tal-ispejjeż, biex jiġi evitat li l-impatt tagħhom imur lil hinn mill-objettiv u l-kontenut tat-tilwima; l-ispejjeż inkorsi għandhom ikunu proporzjonati għad-dannu mġarrab;

— *trasparenza*: minbarra li għandu jkun hemm informazzjoni ġenerali għad-dispożizzjoni (it-tip ta' tilwim, ir-regoli tar-rikors, il-metodi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, eċċ.), kwalunkwe persuna li taġixxi bħala medjatur għandha tkun obbligata tippubblika rapport annwali;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex, għal dawk il-każijiet ta' tilwim tal-konsumaturi fil-livell transkonfinali, taħseb għal struttura ta' koordinazzjoni li tiffaċilita l-aċċess għas-sistemi tal-ADR nazzjonali u mmexxija min-negozju, u l-koordinazzjoni bejniethom;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tat-tilwim bejn il-konsumaturi tal-kummerċ elettroniku transkonfinali, biex tagħmel arranġamenti għall-introduzzjoni rapida ta' pjattaforma multilingwi li tagħmilha possibbli li l-konsumaturi jsolvu t-tilwim tagħhom kompletament onlajn, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li din il-pjattaforma għandha tissodisfa l-istandards tal-kwalità u tkun ibbażata fuq sistemi eżistenti tal-ADR fl-Istati Membri;

34. Hu tal-fehma li l-provvediment ta' informazzjoni għall-konsumaturi hija r-responsabilità maqsuma tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-netwerks informattivi u konsultattivi, tar-regulaturi u tal-gruppi tal-konsumaturi, u jirrakkomanda li kull wieħed minn dawn, fil-livell rispettiv tiegħu, jagħmel kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza u proġetti piloti dwar is-suġġett;

35. Jikkritika n-natura tal-bażi tad-data kurrenti tal-ADR tal-Kummissjoni li toħloq konfużjoni; jissuġġerixxi lill-Kumissjoni biex toħloq portal Ewropew tas-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, li jkun multilingwi, fejn il-konsumaturi kollha jkunu jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u jirċievu informazzjoni dwar il-mod kif għandhom jaġixxu għall-ADR, dwar l-implikazzjonijiet li jirriżultaw minnha, u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, li jibni fuq bażijiet tad-data u netwerks eżistenti; jenfasizza li, fl-interessi tal-konsumaturi, għandu jkun hemm enfasi fuq kemm hu faċli li jintuża u ċ-ċarezza tal-portal onlajn;

36. Jenfasizza li l-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni onlajn relevanti kollha dwar is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, tradotta kif xieraq bil-lingwi tagħhom stess, billi jintużaw magni ta' traduzzjoni onlajn aċċessibbli diġà u faċli biex jintużaw;

37. Jenfasizza li l-għarfien tal-konsumaturi dwar l-eżistenza u l-benefiċċji tal-ADR qabel ma tinqala' xi tilwima tal-konsumaturi huwa kruċjali; jinsisti fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ is-sens ta' responsabilità tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet tan-negozju f'dan ir-rigward; iqis li n-negozji u l-federazzjonijiet tan-negozji għandhom l-obbligu li jinformaw lill-konsumaturi dwar il-mekkaniżmi eżistenti tal-ADR; jipproponi li din l-informazzjoni disponibbli "mill-bidu" għandha tinkludi referenza għall-possibilità ta' rikors għas-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fid-dokumenti kuntrattwali kollha, u għandha tinkludi wkoll, għall-professjonisti li jużawhom, id-dettalji tal-kuntatt u l-metodi tar-rikors ta' dawn is-sistemi takl-ADR; dan ir-rekwiżit, madankollu, għandu jevita spejjeż u burokrazija żejda;

38. Jirrakkomanda, bl-għan li l-intrapiżi jiġu mħeġġa kemm jista' jkun, l-istabbiliment fil-livell Ewropew ta' marka tal-kwalità marbuta mal-medjazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' tilwim tal-konsumaturi, marka li tkun akkumpanjata minn linji gwida li jirrikonoxxu l-aħjar prattiki, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw malajr in-negozji li jkunu għażlu sistemi tal-ADR; hu tal-fehma li għandha titwettaq analiżi tal-ispiża f'relazzjoni mal-benefiċċji dwar din il-proposta; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-marka tintuża u tiġi infurzata b'mod xieraq.

***Il-passi li jmiss***

39. Jinnota li hemm ħtieġa ta' titjib fl-informazzjoni ġenerali dwar id-drittijiet u l-infurzar tagħhom u l-informazzjoni speċifika dwar l-iskemi tal-ADR, inkluż l-eżistenza, il-funzjonament u l-post tagħhom; huwa tal-opinjoni li l-programmi ta' informazzjoni għandhom jenfasizzaw ukoll il-vantaġġi prinċipali tal-għażla tal-ADR bħal l-ispiża meta mqabbla mal-proċedura ġudizzjarja, ir-rati ta' suċċess u r-rapidità meta mqabbla mal-proċedura ġudizzjarja; jemmen li dawn il-programmi għandhom ikunu mmirati partikolarment lejn iċ-ċittadini u l-SMEs; jemmen li ADR hi pprovduta bl-ikbar effikaċja f'netwerk qrib iċ-ċittadini u abbażi ta' ħidma konġunta mal-Istati Membri;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

40. Jistieden lill-Kummissjoni, fl-istess ħin, tieħu passi immedjati biex tiżgura li l-konsumaturi u n-negozji jsiru iktar konxji tal-istrumenti leġiżlattivi eżistenti, bħar-Regolament (KE) Nru 861/2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, id-Direttiva 2008/52/KE dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali u r-Regolament (KE) Nru 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati; jipproponi, fid-dawl ta' dak l-għan, li l-awtoritajiet nazzjonali, il-qrati, l-assoċjazzjonijiet u l-kmamar ta' kummerċ, l-uffiċċji konsultattivi għall-konsumaturi, l-assikurati tal-ispejjeż legali u organizzazzjonijiet kompetenti oħra għandhom jiddaħħlu f'kampanja informattiva komprensiva; jitlob li jingħata appoġġ finanzjarju għal kampanji Ewropej u nazzjonali ta' dan it-tip;

41. Jinnota li l-użu tal-qrati tat-talbiet żgħar f'diversi Stati Membri għadu sinifikattivament baxx u li għandu jsir iktar f'termini taċ-ċertezza legali, l-ostakli tal-lingwa u t-trasparenza tal-proċedimenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tiddedika attenzjoni partikolari għal dawn il-korpi legali meta tifformula l-proposta leġiżlattiva tagħha dwar l-użu tal-ADR għall-kwistjonijiet tal-konsumaturi fl-UE;

42. Jinnota li, fid-dawl tan-natura konċiljatorja tal-ADR, it-tilwim aktar għandu ċans jissolva b'mod vantaġġuż għall-partijiet kollha u jenfasizza li s-soluzzjonijiet misjuba mill-ADR huma ġeneralment rispettati; jemmen għaldaqstant li l-istatistika aġġornata dwar dawn il-mistoqsijiet għandha tiġi ppubblikata fl-istess waqt tal-informazzjoni pubblika fuq l-ADR

43. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tagħmel kampanji informattivi mmirati biex jedukaw u jqajmu l-kuxjenza kemm tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji fir-rigward tal-benefiċċji tal-użu ta' din l-istituzzjoni;

44. Iqis li l-kampanji ta' informazzjoni dwar l-ADR għandhom iseħħu f'kooperazzjoni mal-kmamar tal-kummerċ, il-gruppi tal-konsumaturi u l-uffiċċji ta' kummerċ ekwu (jew l-ekwivalenti), b'mod li jigi garantita kampanja kkoordinata sew u effikaċi;

45. Hu tal-fehma li l-provvediment ta' informazzjoni għan-negozji hija responsabilità kondiviża mill-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, u jirrakkomanda li kull wieħed minn dawn, fil-livell rispettiv tiegħu, iwettaq kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza u proġetti piloti dwar is-suġġett;

46. Jirrikonoxxi li wieħed mill-ostakli prinċipali tal-użu tas-sistemi tal-ADR huwa n-nuqqas ta' rieda min-naħa tan-negozji li jidħlu f'tali mekkaniżmi; jipproponi li l-kmamar tal-kummerċ, organizzazzjonijiet ġenerali kemm fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, u korpi professjonali oħra jkunu marbuta li jinfurmaw lill-intrapriżi dwar l-eżistenza tal-ADR, dwar il-benefiċċji potenzjali tal-użu tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta': il-possibilità li jitnaqqsu sa mill-bidu l-proċeduri kontenzjużi; l-immaġni korporattiva; u fl-aħħarnett, il-possibilità li toffri l-ADR li jergħu jiġu stabbiliti relazzjonijiet kummerċjali ta' fiduċja bejn il-partijiet, kuntrarjament għal deċiżjoni ta' arbitraġġ jew sentenza ġudizzjarja;

47. Jitlob lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tad-data miġbura u valutazzjoni tal-impatt soda b'mod konformi mar-regoli fil-qasam ta' regolarizzazzjoni aħjar, teżamina l-istabbiliment tal-istandards minimi tal-ADR f'setturi differenti, filwaqt li tiżviluppa skemi eżistenti u tħeġġeġ lill-Istati Membri u s-setturi koperti mill-iskemi jżidu l-finanzjament, fid-dawl tal-fatt li l-ADR ma għandhiex tkun 'ġustizzja bl-irħis', minkejja li tipprovdi lill-partijiet b'alternattiva rħisa;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

# Il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità

P7_TA(2011)0453

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 (2010/2272(INI))**

(2013/C 131 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UN CRPD), u d-dħul fis-seħħ tagħha fil-21 ta' Jannar 2011, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ([1]),

— wara li kkunsidra l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Fundamentali Soċjali tal-Ħaddiema ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 10, 19 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426) u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-2 ta' April 2009 dwarha ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar karta tal-ipparkjar għall-persuni b'diżabilità ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 bit-titolu 'Aġenda Diġitali għall-Ewropa' (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2000 bit-titolu 'Lejn Ewropa mingħajr ostakoli għal persuni b'diżabilità' (COM(2000)0284),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2001 bit-titolu 'Ewropa- e 2002: Aċċessibbiltà tal-websajts pubbliċi u l-kontenut tagħhom' (COM(2001)0529),

— wara li kkunsidra l-klassifikazzjoni internazzjonali ta' tħaddim, diżabilità u saħħa (ICF) stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fit-22 ta' Mejju 2001 (riżoluzzjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) 54.21),

([1]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.
([2]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
([4]) ĠU C 137, 27.5.2010, p. 68.
([5]) ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2003 bit-titolu 'Opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità: Pjan ta' Azzjoni Ewropew" (COM(2003)0650),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2003 bit-titolu 'Lejn strument legalment vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti li jippromwovi u jipproteġi l-jeddijiet u d-dinjità ta' persuni b'diżabilità' (COM(2003)0016),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2005 bit-titolu 'Green Paper "Quddiem it-tibdiliet demografiċi, solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet' " (COM(2005)0094),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2007 bit-titolu 'Il-qagħda tal-persuna b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea: il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew 2008-2009' (COM(2007)0738),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu 'Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali' (COM(2010)0758),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2010 bit-titolu 'Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli' (COM(2010)0636)

— wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ('il-Protokoll Fakultattiv'), adottat fit- 13 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'Il-promozzjoni tal-inklużjoni tas-suq tax-xogħol – L-irkupru mill-kriżi u t-tħejjija għall-Aġenda ta' Lisbona ta' wara l-2010' tat-30 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Petizzjoni 1454/2010 ta' Urzula Weber-Król,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-iffunzjonar u l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 rigward id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (COM(2011)0166),

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (Każ C 13/05 rigward id-Direttiva 2000/78/KE – L-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol – Kunċett tad-diżabilità) tal-11 ta' Lulju 2006,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1988 dwar il-lingwi tas-sinjali għall-persuni nieqsa mis-smigħ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 1989 dwar in-nisa u d-diżabilità ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 1992 dwar id-drittijiet tal-persuni li għandhom diżabilità mentali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 1995 dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabilità ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Mejju 1996 dwar id-drittijiet tal-persuni li jbatu bl-awtiżmu ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 1996 dwar 'Karta tal-ipparkjar għall-persuni b'diżabilità – id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità ([7]),

([1]) ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.
([2]) ĠU C 187, 18.7.1988, p. 236.
([3]) ĠU C 158, 26.6.1989, p. 383.
([4]) ĠU C 284, 2.11.1992, p. 49.
([5]) ĠU C 17, 22.1.1996, p. 196.
([6]) ĠU C 152, 27.5.1996, p. 87.
([7]) ĠU C 20, 20.1.1997, p. 386.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 1997 dwar l-ugwaljanza tal-opportunità għall-persuni b'diżabilità ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2003 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew 'Lejn strument legalment vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet u d-dinjità tal-persuni b'diżabilità' ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni talt-12 ta' Jannar 2011 bit-titolu 'Stħarriġ Annwali Dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi' (COM(2011)0011), u l-abbozz ta' rapport konġunt anness miegħu,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa fl-UE ([4]),

— wara li kkunsidra l-ftehim qafas dwar is-swieq tax-xogħol inklussivi, konkluż mis-sħab soċjali Ewropej fil-25 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea (2006/C146/01),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2010 dwar 'Ekwità u saħħa fil-politiki kollha: is-solidarjetà fis-saħħa',

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċeduri tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0263/2011),

A. billi bħala ċittadini sħaħ, il-persuni b'diżabilità (inklużi d-diżabilitajiet fiżiċi u psikosoċjali) għandhom drittijiet indaqs u għandhom dritt għad-dinjità indiskutibbli, it-trattament ugwali, il-għajxien indipendenti u l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà,

B. billi 'l fuq minn 80 miljun ruħ, jew madwar 16 % tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni Ewropea, qed jgħixi b'diżabilità – inklużi nies bi problemi tas-saħħa mentali, b'mod speċjali fir-rigward tal-awtiżmu – u r-rata tal-impjegar tagħhom hija tal-anqas darbtejn dik tal-persuni li ma għandhomx diżabilità; billi l-persuni b'diżabilità jikkostitwixxu grupp vulnerabbli, li fosthom ir-rata tal-faqar hija 70 % ogħla mill-medja; billi r-rata ta' impjegar għall-persuni b'diżabilità hija biss ta' madwar 45 %, filwaqt li impjiegi ta' kwalità għolja jiżguraw indipendenza ekonomika u jrawmu r-realizzazzjoni personali; billi l-qgħad iżid ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, peress li tal-anqas kwart tal-popolazzjoni jsofru darba tul il-ħajja tagħhom minn xi problema tas-saħħa mentali u billi għal 10 % minnhom din tista' twassal għal problemi kroniki tas-saħħa mentali, li jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm politiki attivi u b'miri speċifiċi biex tiġi miġġielda din is-sitwazzjoni persistenti; billi dan l-esponiment ogħla għar-riskju tal-faqar huwa r-riżultat ta' aċċess limitat mhux biss għall-impjiegi u t-taħriġ iżda wkoll għall-kura tas-saħħa u t-trattament xieraq,

C. billi l-gruppi l-aktar emarġinati fis-soċjetà huma dawk l-aktar milquta minn sitwazzjoni ta' kriżi, u billi l-persuni b'diżabilità huma wieħed mill-gruppi l-aktar milquta mill-kriżi finanzjarja fl-Ewropa,

([1]) ĠU C 132, 28.4.1997, p. 313.
([2]) ĠU C 76E, 25.3.2004, p. 231.
([3]) ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56.
([4]) Testi Adottati, P7_TA(2011)0081.

D. billi l-fatt li l-lakuni fl-implimentazzjoni tal-prinċipju eżistenti tat-trattament ugwali tal-persuni b'dizabilità qed jinġiebu regolarment għall-attenzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet miċ-ċittadini kkonċernati,

E. billi l-persuni b'diżabilità li jeħtieġu livelli għolja ta' appoġġ huma fost dawk l-aktar esklużi fis-soċjetà, u billi n-nisa li għandhom diżabilità ġeneralment huma fost il-membri l-aktar vulnerabbli u emarġinati tas-soċjetà u jesperjenzaw diskriminazzjoni u esklużjoni mill-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni, l-impjiegi u l-ħajja soċjali,

F. billi s-suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020, li l-objettiv tagħha huwa li tiżviluppa tkabbir Ewropew li jkun intelliġenti (ibbażat fuq l-innovazzjoni u r-riċerka), sostenibbli u inklussiv, se jirrikjedi neċessarjament titjibiet strutturali fir-rigward tal-mobilità u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità,

G. billi din iċ-ċifra se tikber sostanzjalment fis-snin li ġejjin minħabba li inevitabilment il-piramida taletajiet se tinqaleb, peress li aktar minn terz tan-nies li għandhom aktar minn 75 sena għandhom xi diżabilità li tillimitahom sa ċertu punt u 'l fuq minn 20 % huma limitati konsiderevolment,

H. billi l-Unjoni Ewropea formalment irratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, u billi din ġiet iffirmata wkoll mis-27 Stat Membru tal-UE kollha kemm huma u rratifikata minn 17 minnhom,

I. billi l-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' diżabilit bħalissa hija limitata għall-impjegar, ix-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali (2000/78/KE), u billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità hija ftehim imħallat li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom obbligi fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu u l-proposti u l-approċċi fi ħdan dan ir-rapport li għandhom jitqiesu u jiġu indirizzati fil-proposta tal-Kummissjoni li se toħroġ dalwaqt dwar Att Ewropew tal-Aċċessibilità,

J. billi l-politiki soċjali mmirati lejn il-persuni b'diżabilità spiss jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri u għalhekk huma bbażati fuq tradizzjonijiet u wirt nazzjonali, użanzi soċjali, żvilupp ekonomiku u r-rwol importanti ħafna li jwettqu l-familji u l-assoċjazzjonijiet fil-għajnuna li jagħtu lill-persuni b'diżabilità biex jiksbu l-awtonomija u jintegraw ruħhom fis-soċjetà,

K. billi d-diżabilità hija kunċett li qed jevolvi li jirriżulta mill-interazzjoni bejn persuni li għandhom xi defiċjenza u ostakoli attitudinali u ambjentali li jżommu lura l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali mal-oħrajn u bl-istess dinjità,

L. billi hemm relazzjoni qawwija bejn il-mobilità, id-diżabilità u l-inklużjoni soċjali, speċjalment fir-rigward tal-libertà u l-aċċess għall-komunikazzjoni (inkluż il-Braille u l-lingwi tas-sinjali u suriet alternattivi oħra ta' komunikazzjoni), il-libertà tal-moviment fl-oqsma kollha tal-ħajja u l-aċċess għas-servizzi; billi l-parteċipazzjoni sħiħa fl-aspetti kolla tas-soċjetà jeħtieġ li tiġi promossa, filwaqt li dak li jkun iżomm f'moħħu l-importanza tal-politiki Komunitarji li jirrigwardaw l-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, kif ukoll ir-robotika tad-dar u soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bl-Internet, u l-ħtieġa li dak li jkun jersaq lejn aċċessibilità sħiħa billi jiġu promossi standards kompatibbli fis-suq uniku u jiġi ffaċilitat it-tixrid tagħhom,

M. billi l-aċċess għall-informazzjoni (Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) u għall-kultura, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2003 dwar l-aċċessibilità tal-infrastruttura kulturali u tal-attivitajiet kulturali għall-persuni b'diżabilità, iwettaq irwol vitali fl-iżvilupp intellettwali tan-nies, inklużi n-nies b'diżabilità, u għalhekk għandu impatt dirett fuq l-opportunitajiet tagħhom ta' impjieg,

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

N. billi l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi bbażati fil-komunità li jippromwovu għajxien indipendenti, id-dritt għal għajnuna personali, id-dritt għal indipendenza ekonomika u soċjali u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà u għas-suq tax-xogħol; billi kieku l-attivitajiet ta' appoġġ kellhom jiġu rimunerati, kienu jgħoddu madwar 50 % tal-PDG (il-Kummissjoni dwar il-Kejl tal-Prestazzjoni Ekonomika u l-Progress Soċjali, 21 ta' April 2010),

O. billi l-ostakli għall-aċċessibilità għall-użu ta' servizzi u oġġetti offruti lil kulħadd huma ostakli sinifikanti għall-persuni b'diżabilità,

P. billi l-persuni b'diżabilità f'xi Stati Membri u f'xi setturi jsofru minn diskriminazzjoni tul ħajjithom kollha u b'mod partikolari matul il-perjodu tal-edukazzjoni u t-taħriġ, minħabba nuqqas ta' għarfien u intervent bikrija għat-tfal u l-alljevi b'diżabilità, li jillimita l-opportunitajiet futuri tagħhom ta' impjieg,

Q. billi fil-grupp ta' etajiet mis-16 sad-19-il sena r-rata tan-nonparteċipazzjoni fl-edukazzjoni hija ta' 37 % għall-persuni b'diżabilità u ta' 25 % għal dawk b'ċertu grad ta' diżabilità, meta mqabbla ma' 17 % għal dawk mingħajr diżabilità,

R. billi l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Persuni b'Diżabilità, ratifikata mill-UE f'Diċembru 2010, jipprojbixxi l-esklużjoni mis-sistema edukattiva fuq il-bażi ta' diżabilità, u billi l-edukazzjoni inklussiva tirrappreżenta l-mezz l-aktar effettiv kif wieħed jikkumbatti l-attitudnijiet diskriminatorji, filwaqt li tibni soċjetà integrazzjonista u tikseb l-edukazzjoni għal kulħadd,

S. billi n-nisa b'diżabilità spiss isofru diskriminazzjoni doppja, u billi l-gvernijiet jistgħu jegħlbu dan il-fenomenu billi jimplimentaw l-inklużjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fl-oqsma relevanti kollha tal-politika tad-diżabilità,

T. billi l-kriżi ekonomika tirrappreżenta sfida għall-impjiegi b'mod ġenerali u għall-persuni b'diżabilità b'mod partikolari, fejn iż-żieda fir-rata tal-qgħad hija konsiderevolment ogħla għall-persuni b'xi sura ta' diżabilità u l-biża' li qed dejjem tiżdied li l-benefiċċi tad-diżabilità jista' jkun li jintużaw biex jiġi kkontrollat il-priovvediment tax-xogħol,

U. billi l-membri tal-familja tal-persuni b'diżabilità jsofru minn diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni u miżuri li jappoġġjaw lill-familji min-naħa tagħhom se jkollhom impatt pożittiv fuq ir-realizzazzjoni sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità,

V. billi fl-2007 petizzjoni b'1 364 984 firma ġiet sottomessa lill-Kummissjoni u fiha kien qed jintalab li l-persuni b'diżabilità jingħataw protezzjoni estensiva fil-politiki kollha tal-Unjoni Ewropea, u billi l-Kummissjoni sa issa naqset milli tqis kif dovut din l-inizjattiva leġittima,

***Objettivi***

1. Jenfasizza li l-mira tal-iStrateġija Ewropa 2020 li 75 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 sal-64 sena jkollhom impjieg mhuwiex possibbli li tintlaħaq kemm-il darba din ma tinkludix il-popolazzjoni li għandha xi sura ta' diżabilità;

2. Jenfasizza li l-infiq finanzjarju għall-ġid tal-persuni b'diżabilità, u l-investiment ekonomiku fihom, huwa investiment b'redditu fuq żmien twil fil-benesseri ta' kulħadd f'soċjetà sostenibbli fejn in-nies jistgħu jgħixu aktar u jaħdmu b'mod aktar effiċjenti taħt kundizzjonijiet aħjar; f'dan ir-rigward, jenfasizza li huwa inaċċettabbli fil-kuntest tal-miżuri pubbliċi ta' osterità li jsir tnaqqis mhux ġustifikat fis-servizzi għall-persuni b'diżabilità jew fil-proġetti maħsuba għall-inklużjoni soċjali tagħhom, peress li dan ikun ifisser li ma jkunux iggarantiti ċerti drittijiet bażiċi u inaljenabbli tal-persuni b'diżabilità; jemmen li, għall-kuntrarju, l-investiment f'dan il-qasam għandu jiżdied b'mod sostanzjali; itenni li s-servizzi tas-saħħa kollha fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu bbażati fuq il-valuri fundamentali tal-universalità, l-aċċess għal kura ta' kwalità għolja u s-solidarjetà;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

3. Josserva li tul il-kriżi finanzjarja kollha, li issa hemm sinjali li qed nirkupraw minnha, baqgħet teżisti solidarjetà intrinsika fis-soċjetajiet Ewropej; jagħraf għalkollox u jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm miżuri individwalizzati għall-persuni b'diżabilità li jirrikjedu, fuq il-bażi tal-livelli u l-karatteristiċi differenti tad-diżabilitajiet, jerġa' aktar appoġġ intensiv ibbażat fuq id-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem kif ukoll ir-riskju ta' diskriminazzjoni, ħaġa li spiss mhijiex irrispettata u għalhekk jeħtieġ li tiġi enfasizzata permezz ta' kampanji Ewropej ta' sensibilizzazzjoni pubblika; jirrimarka li l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità għandhom għalhekk jitqiesu fuq il-bażi tar-rekwiżiti speċifiċi tagħhom ħalli jkunu jistgħu jsiru arranġamenti adattati f'kull stadju tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-ħajja professjonali;

4. Jenfasizza l-importanza tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropea l-ġdida tad-Diżabilità 2010-2020 (EDS) u jitlob b'mod speċjali li jiġu fformulati azzjonijiet aktar dettaljati fil-livelli kollha tal-governanza bbażati fuq dejta affidabbli; iqis li l-prinċipju bażiku ta' 'xejn dwar il-persuni b'diżabilità mingħajr persuni b'diżabilità' għandu jiġi osservat, jiġifieri l-persuni b'diżabilità jridu jiġu involuti fil-miżuri u d-deċizjonijiet kollha li jaffettwawhom;

5. Jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità ma tinkludix perspettiva integrata tal-aspett tal-ugwaljanza bejn is-sessi jew kapitolu separat dwar politiki tad-diżabilità li jittrattaw is-sessi b'mod speċifiku, minkejja l-fatt li n-nisa b'diżabilità ta' spiss huma f'pożizzjoni aktar żvantaġġata mill-irġiel b'diżabilità u huma aktar spiss vittmi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-aspetti li jirrigwardaw l-ugwaljanza tas-sessi fl-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità (EDS) 2010-2020 kollha kemm hi;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ ġdid effiċjenti għad-diżabilità li jibda bil-ħolqien ta' Bord Ewropew għad-Diżabilità, li jkun jiltaqa' fuq bażi regolari u bl-involviment attiv tal-Parlament Ewropew u l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal- persuni b'diżabilità, kif ukoll task forces nazzjonali, bil-għan li jiġu żgurati mekkaniżmi aktar effettivi għall-koordinament u l-monitoraġġ – kif ukoll għall-evalwazzjoni – tal-implimentazzjoni tal-EDS fi ħdan il-programmi u l-istrateġiji tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà;

7. Ifakkar li soċjetà sostenibbli fejn in-nies jgħixu aktar fit-tul u fi stat ta' saħħa aħjar għandha timplika wkoll titjibiet fl-ippjanar taż-żoni urbani u komuni u fl-aċċessibilità tal-oġġetti u s-servizzi disponibbli, inkluż l-aċċess indaqs għat-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ħalli tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u tiġi prevenuta l-esklużjoni soċjali;

### *Id-drittijiet ċivili u tal-bniedem*

8. Jitlob li jiġu rispettati għalkollox il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li jingħata appoġġ għall-prinċipji tad-Disinn għal kulħadd u tad-Disinn Universali; jagħraf l-isforzi li jsiru mill-Unjoni Ewropea u min-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-leġiżlazzjoni mmirata biex issaħħaħ l-integrazzjoni shiħa tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà imma hu tal-fehma li għandhom isiru aktar;

9. Jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat rispett totali għad-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal fil-każ ta' tfal b'diżabilità, inkluż id-dritt li jilagħbu, id-dritt għall-edukazzjoni, id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja tal-komunità (inkluża l-ħajja kulturali u d-diversi arti), id-dritt għal kura medika meħtieġa miċ-ċirkostanzi personali tagħhom, u l-libertà li jfittxu u jirċievu informazzjoni u ideat; jirrimarka b'mod partikolari li l-Artikolu 23 tal-konvenzjoni msemmija hawn fuq jagħraf li t-tfal b'diżabilità għandhom igawdu ħajja mimlija u diċenti, f'kundizzjonijiet li jiżguraw id-dinjità, jippromwovu l-awtodipendenza u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva tat-tifel jew tifla fil-komunità, u jitlob li t-tfal b'diżabilità jkollhom aċċess effettiv għall-edukazzjoni, it-taħriġ, is-servizzi tal-kura tas-saħħa, is-servizzi tar-rijabilitazzjoni, it-tħejjija għall-impjieg u opportunitajiet ta' rikreazzjoni b'mod li jwassal biex it-tifel jew tifla jiksbu l-integrazzjoni soċjali u l-iżvilupp individwali l-akbar possibbli, inkluż l-iżvilupp kulturali u spiritwali tiegħu jew tagħha;

10. Jitlob li jsir integrar effettiv tad-diżabilità fl-Istrateġija UE 2020 kollha kemm hi u fl-inizjattivi ewlenin tagħha, inkluża l-Unjoni ta' Innovazzjoni, li fiha hemm nuqqas ta' referenza għad-diżabilità;

11. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li ħafna persuni b'diżabilità għadhom isofru d-diskriminazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' rikonoxximent ugwali quddiem il-liġi u l-ġustizzja, u jistieden lill-Istati Membri jikkoreġu u jirrimedjaw dawn in-nuqqasijiet, inkluż l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-persuni b'diżabilità, taħriġ xieraq għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, inklużi l-pulizija u l-persunal tal-ħabs, u jenfasizza l-importanza li tiġi ggarantita u żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fil-ħajja politika u pubblika, inkluż id-dritt tal-vot, li dak li jkun joħroġ għall-elezzjoni u li jkollu kariga, skont l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, għax skont l-istimi magħmula mill-NGOs relevanti u minn esperti tal-elezzjonijiet, huwa biss persentaġġ żgħir ta' persuni b'diżabilità li għandhom l-abilità jipparteċipaw f'elezzjonijiet;

12. Hu tal-fehma li x-xiri ta' oġġetti u servizzi, inkluża l-informazzjoni relevanti u aċċessibbli dwarhom, għandu jinkludi soluzzjonijiet ta' xiri (onlajn) adattati kif ukoll oġġetti u servizzi ddisinjati biex ikunu aċċessibbli fit-tul; jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li l-prodotti għall-persuni b'diżabilità jiġu approvati skont standards kemm Ewropej u kemm globali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tieħu aktar miżuri xierqa biex tippromwovi l-iżvilupp ta' oġġetti u servizzi ddisinjati b'mod universali u l-aċċess għalihom, skont kif hemm imnaqqax fl-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki;

13. Jenfasizza l-fatt li, fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, għadd kbir ta' studji wrew li n-nisa b'diżabilità jsofru diskriminazzjoni doppja minħabba kemm is-sess tagħhom u kemm id-diżabilità tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, minħabba n-nuqqas kważi totali ta' mekkaniżmi f'dan ir-rigward, tagħmel dispożizzjoni speċjali fis-sistemi tal-ħarsien soċjali għan-nisa b'diżabilità;

14. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità mentali u b'nuqqasijiet intellettuali huma partikolarment esposti għar-riskju tal-abbuż u tal-vjolenza; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kontroll żviluppat biex jipprovdu servizzi soċjali u ħarsien legali għall-vittmi u jiggarantixxu rispett għad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem tal-persuni li jinsabu f'istituzzjonijiet residenzjali, b'mod speċjali għan-nisa u t-tfal b'diżabilità; jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jwettaq studji dwar is-sitwazzjoni tal-bniet u n-nisa b'diżabilità fir-rigward tal-vjolenza; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm miżuri u azzjonijiet biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni doppja tan-nisa u tiġi promossa l-ugwaljanza sħiħa tad-drittijiet u l-opportunitajiet; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu passi attivi u effettivi biex jappoġġjaw u jippromwovu t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità, filwaqt li jagħmlu użu effiċjenti tal-possibilitajiet ta' finanzjament tal-UE bħalma hu l-PROGRESS għal miżuri biex tiżdied il-kuxjenza pubblika tas-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità li huma residenti f'istituzzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess prijoritarju għal akkomodazzjoni soċjali għan-nisa b'diżabilità li jaqgħu vittma tal-vjolenza, għotjiet biex l-ambjent tad-dar jiġi adattat, appoġġ fid-dar u servizzi pubbliċi li jindirizzaw każijiet ta' vjolenza sessista;

15. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġiti jagħtu aktar attenzjoni b'mod konsiderevoli lill-aspetti soċjali tad-diżabilità; iqis li prekundizzjoni meħtieġa biex l-individwu jkollu l-abilità li jeżerċita d-drittijiet ċivili tista' tkun l-istabbiliment ta' sfond legali għal mekkaniżmu appoġġjat ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu kemm jista' jkun suriet ta' appoġġ bħalma huma l-assistenza personali u servizzi oħra li jagħtu appoġġ lill-għajxien indipendenti bil-għan li titnaqqas il-kura istituzzjonali b'mod ġenerali favur suriet oħra ta' appoġġ; jistieden lill-Kummissjoni tmexxi studju profond ta' dawn il-fenomeni u tkabbar l-għarfien tas-soċjetà dwarhom; jenfasizza r-rwol tax-xogħol volontarju bħala appoġġ vitali għall-persuni b'diżabilità u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu u jtejbu l-inizjattivi u l-programmi ta' appoġġ iddedikati għal tali xogħol;

16. Jenfasizza kemm hu importanti li jiġi ggarantit u żgurat l-aċċess ugwali għall-informazzjoni pubblika b'mod speċjali għall-immaniġġjar pubbliku tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex iħejju għad-diżastri naturali u għal dawk ikkawżati mit-traskuraġni tal-bniedem, b'mod partikolari billi l-persuni b'diżabilità jiġu pprovduti informazzjoni xierqa u utli, inte alia permezz tal-preżentazzjoni ta' eżempji internazzjonali utli u adattati;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed azzjoni kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak Ewropew biex tiġi promossa t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik fil-komunità lokali, filwaqt li jsir użu tal-Fondi Strutturali akkumpanjati minn miżuri biex jikber l-għarfien pubbliku tas-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità li huma residenti f'istituzzjonijiet;

### *L-importanza tal-ġbir tad-dejta u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati*

19. Jenfasizza li dejta konsistenti li hi speċifika fir-rigward tas-sessi dwar kwistjonijiet ta' diżabilità u servizzi relatati mad-diżabilità fl-Istati Membri, inklużi indikaturi u informazzjoni speċifiċi rigward il-għadd u l-kwalità tal-istituzzjonijiet u d-djar residenzjali, bħalissa huma neqsin jew limitati, u li l-Eurostat imissha tipprovdi aktar dejta annwali li tittratta lis-sessi b'mod speċifiku dwar il-persuni b'diżabilità u dawk li jieħdu ħsiebhom;

20. Jesprimi d-diżappunt tiegħu minħabba n-nuqqas ta' trasparenza u l-involviment limitat tal-persuni b'diżabilità fil-ġbir u l-konsultazzjoni tad-dejta u jqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-proċeduri ta' konsultazzjoni li għandhom ikunu aċċessibbli għal-kollox skont l-esperjenza tal-NGOs, iddisinjati bil-għan li jippermettu kummenti speċifiċi u appoġġjati minn kampanji ta' tagħrif effettivi; jenfasizza li l-ammont ta' 336 tweġiba biss mis-soċjetà ċivili lill-konsultazzjoni onlajn tal-Kummissjoni, li saret fuq il-websajt ta' konsultazzjoni ċentrali tal-Kummissjoni fl-2009, juri li l-kampanji ta' tagħrif ma laħqux il-gruppi li għalihom kienu mmirati u l-għodda ta' fuq l-internet ma kenitx aċċessibbli għall-persuni għomja li jużaw il-qarrejja tal-iskrin; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li fil-proċessi kollha ta' implimentazzjoni fil-livelli kollha, il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom huma inklużi fil-proċess (kif hemm spjegat fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità);

21. Jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess tal-monitoragg, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-prattika t-tajba bejn l-Istati Membri, speċjalment fir-rigward tal-ġbir ta' dejta komparabbli li tkun speċifika fir-rigward tas-sessi u indikaturi tal-progress, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak Komunitarju; jenfasizza li l-qisien għandhom jiġu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u għandhom jinkludu mhux biss l-aspetti mediċi iżda wkoll l-aspetti soċjali, dawk li jirrigwardaw l-impjieg u dawk ambjentali; fl-istess ħin, jenfasizza kemm hu importanti li jiġu kkoordinati l-isforzi biex jiġi miġġieled l-abbuż tas-sistema u l-qerq ta' min jagħmel ta' bir-ruħu li għandu diżabilità;

22. Ifakkar li r-reġistrazzjoni tal-persuni b'diżabilità għas-servizzi u għall-appoġġ ibbażat fuq il-baġit pubbliku ma għandhiex twassal għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-privatezza tagħhom jew għall-ħolqien ta' stigmi;

### *Bidliet demografiċi u ambjent mingħajr ostakoli*

23. Jenfasizza li t-tibdil demografiku se jwassal ukoll għal għadd dejjem akbar ta' persuni anzjani b'diżabilità, peress li aktar nies se jesperjenzaw il-bidu ta' xi diżabilità minħabba li n-nies qed jgħixu aktar fit-tul, u għalhekk se jkun hemm ħtieġa dejjem akbar li jiġu żviluppati u ddisinjati servizzi u soluzzjonijiet li huma ta' ġid kemm għall-persuni b'diżabilità hi x'inhi l-età tagħhom u kemm għall-persuni anzjani b'diżabilità jew mingħajr diżabilità;

24. Jinkoraġġixxi alleanzi bejn iż-żewġ gruppi fis-soċjetà, bil-għan li jsir kontribut għal tkabbir innovattiv, ibbażat ukoll fuq l-impjiegi u l-iżvilupp soċjali fl-Istati Membri u bil-għan li jiġu ssodisfati d-domandi l-ġodda li jirriżultaw mis-soċjetà li qed tixjieħ u mit-tibdil demografiku;

25. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ kemm is-sanzjonijiet u kemm l-inċentivi pożittivi ħalli l-Istati Membri jimplimentaw l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) nru 1083/2006 u tirrispetta r-rekwiżiti legalment vinkolanti tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-antidiskriminazzjoni u tal-aċċessibilità fil-Politika ta' Koeżjoni futura 2014-2020 u timmoniterja u tivvaluta l-implimentazzjoni korretta tal-programmi ta' finanzjament Ewropej u l-użu tal-Fondi Ewropej;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu tal-Fondi Strutturali Ewropej, speċjalment il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, biex tittejjeb l-aċċessibilità tal-oġġetti u tas-servizzi u tal-ambjent mibni permezz tal-użu tal-fondi Ewropej;

***Il-moviment liberu u servizzi mingħajr ostakoli***

27. Jirrikonoxxi li l-moviment liberu huwa dritt fundamentali fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza li dan jinfluwenza b’mod pożittiv il-kwalità tal-ħajja u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà u s-suq tax-xogħol tal-persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom fis-soċjetà, b’mod speċjali fir-rigward ta’ aċċess aħjar għas-servizzi tas-saħħa, filwaqt li tingħata aktar attenzjoni lill-persuni li għandhom mard kroniku li jġib diżabilità bil-għan li jitnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea kollha;

28. Jirrimarka li, f’Ewropa li tippromwovi l-ugwaljanza u l-libertà tal-moviment fi ħdan it-territorju tagħha għaċ-ċittadini tagħha, id-drittijiet tal-persuni b’diżabilità jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor;

29. Jenfasizza li t-trasportazzjoni aċċessibbli jħalli lill-persuni b’diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol b’mod aktar faċli u għalhekk jgħin fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrealizzaw l-aċċessibilità tas-servizzi aktar malajr permezz ta’ diversi strateġiji biex jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess għal dawn it-teknoloġiji, inklużi prezzijiet aktar baxxi, kif ukoll inizjattivi ewlenin tal-UE2020 iddisinjati biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE2020;

31. Ifakkar li l-mobilità hija kwestjoni ewlenija għall-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi u li l-ostakli speċifiċi għal ħajja ta’ dinjità u indipendenza għall-persuni b’diżabilità fl-UE għadhom estremament sinifikanti, b’mod partikolari f’dak li jirrigwarda l-portabilità tal-benefiċċji u tal-għajnuna kif ukoll tal-aċċess għall-faċilitajiet meħtieġa jew għall-għajnuna personali;

32. Jenfasizza li l-persuni b’diżabilità, skont id-Direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (2011/24/UE), huma intitolati għall- kura tas-saħħa transkonfinali u għandhom jingħataw aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE, aktar u aktar jekk jeħtieġu kura speċjalizzata ħafna;

33. Jitlob li jkun hemm għarfien mutwu u aħjar tal-istatus ta’ diżabilità fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw prattika tajba bil-għan li jagħlqu l-lakuni li hemm bejn is-sistemi nazzjonali għall-valutazzjoni tal-grad(i) ta’ diżabilità fl-UE kollha, bil-għan li tiġi żgurata mobilità aħjar għall-persuni b’diżabilità;

34. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa biex, fis-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u meta n-nies jirtiraw, jirrikonoxxu l-involviment u x-xogħol mhux imħallas ta’ dawk, li ġeneralment huma nisa, li jieħdu ħsieb (carers) persuni b’diżabilità; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawn in-nisa;

35. Jagħraf l-importanza tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta’ Ġunju 1998 dwar karta tal-ipparkjar għall-persuni b’diżabilità, li tgħid li dik il-karta għandha teżisti f’format standard u għandha tkun rikonoxxuta mill-Istati Membri kollha bil-għan li jiġi ffaċilitat l-użu tal-karozza tad-detentur, u josserva li karta unifikata tal-UE għad-drittijiet tal-vjaġġaturi u għall-ksib u t-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan u kwalunkwe permessi jew dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-mobilità bejn l-Istati Membri huma essenzjali għall-inklużjoni tal-persuni b’diżabilità fis-soċjetà fl-Istati Membri kollha; jagħraf li suriet innovattivi ta’ għodod ta’ komunikazzjoni b’xejn għal min hu nieqes mid-dawl u għal min hu nieqes mis-smigħ, bħalma huma servizzi ta’ informazzjoni aċċessibbli speċjalment fir-rigward tas-servizzi onlajn, ukoll huma essenzjali għad-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tagħhom; dan jinkludi verżjonijiet ‘faċli biex jinqraw’ għall-persuni b’diżabilità konjittiva u intellettwali; jitlob li jitnaqqsu l-ostakli għal-libertà tal-moviment tal-persuni b’diżabilità, permezz tal-adozzjoni ta’ Karta Ewropea tal-Mobilità, fuq il-bażi tal-għarfien mutwu mill-Istati Membri tal-karti tad-diżabilità u l-benefiċċji u l-intitolamenti tad-diżabilità ħalli ssir aktar faċli biex il-persuni b’diżabilità jistudjaw, jaħdmu u jivvjaġġaw, anke bl-użu tal-qafas tal-Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni; jitlob li l-Kummissjoni toħloq websajt aktar informattiv li jkun immirat għall-persuni b’diżabilità, li jkun jispjega d-drittijiet tagħhom u jipprovdi tagħrif speċifiku addizzjonali dwar l-ivvjaġġar;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippromwovu l-aċċess mingħajr ostakli fiżiċi għall-postijiet tax-xogħol u għad-djar għall-persuni b'diżabilità bħala mezz biex jiġu mgħejuna jintegraw fil-ħajja tax-xogħol;

37. Jenfasizza li ekonomiji innovattivi u bbażati fuq l-għarfien ma jistgħux jiżviluppaw mingħajr kontenut u forom aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità regolati minn leġiżlazzjoni vinkolanti, bħalma huma paġni tal-Internet li jkunu aċċessibbli għal dawk nieqsa mid-dawl u kontenut bis-sottotitoli għal dawk neqsin mis-smigħ, inklużi s-servizzi tal-midja tal-massa, servizzi onlajn għall-persuni li jużaw il-lingwi tas-sinjali, applikazzjonijiet tat-telefown intelliġenti (smart phone) u għajnuniet tattili u vokali fil-midja pubblika;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu approċċ fuq żewġ binari, li bih il-leġiżlazzjoni vinkolanti u l-istandards ikunu jidhru bħala strumenti kumplementari meħtieġa biex tinkiseb l-aċċessibilità; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni għandha tistabbilixxi qafas li jkun sostenibbli, minħabba l-iżviluppi rapidi li qed iseħħu fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni (ICT); jinnota li l-istandards għandhom jikkonċernaw l-evoluzzjoni ta' għodod li jistgħu jiżguraw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni;

39. Jinsab konxju tan-nuqqas ta' aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, inkluż l-aċċess għat-tagħrif dwar is-saħħa u dwar il-kura tas-saħħa, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taċċellera l-ħidma tagħha fuq ir-rakkomandazzjonijiet li se jappoġġjaw l-aċċess indaqs għas-servizzi tas-saħħa u għat-tagħrif dwar is-saħħa u dwar il-kura tas-saħħa;

40. Jenfasizza li bil-għan li jintlaħaq stat ta' involviment attiv tal-persuni b'diżabilità fl-oqsma kollha tal-ħajja soċjali, iridu jsiru sforzi biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni għall-persuni b'diżabilità mentali (pereżempju websajts li jkunu faċli biex jinqraw) u komunikazzjoni awmentata u alternattiva (KAA) għall-persuni li għandhom ħtiġijiet ta' komunikazzjoni kumplessi;

41. Jistieden lill-Istati Membri ħalli, bil-għajnuna tal-Kummissjoni, jinkoraġġixxu l-integrazzjoni u l-aċċettazzjoni fis-soċjetà tal-persuni b'diżabilità billi jtejbulhom l-aċċess għall-faċilitajiet u l-attivitajiet sportivi, rikreazzjonali u kulturali, inkluża l-promozzjoni u l-iskambju bejn l-Istati Membri ta' materjal kulturali li jkun aċċessibbli għal min hu nieqes mid-dawl skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2003 dwar l-aċċessibilità tal-infrastruttura kulturali u tal-attivitajiet kulturali għall-persuni b'diżabilità ([1]);

42. Jistieden lill-Istati Membri jirrimedjaw in-nuqqasijiet li hemm fil-leġiżlazzjoni tal-aċċessibilità, speċjalment fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tat-trasport pubbliku u d-drittijiet tal-passiġġieri, inkluża l-ħsara li ssir lill-apparat tal-mobilità, is-servizzi tas-sistemi tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni elettroniċi u r-regoli dwar l-ambjenti mibnija pubbliċi u s-servizzi;

### *Opportunitajiet indaqs*

43. Hu tal-fehma li 'opportunitajiet indaqs' ma tistax tiġi interpretata li tfisser l-istess kundizzjonijiet u ċirkustanzi għal persuni bi ħtiġijiet differenti, u għalhekk jemmen li persuni b'diżabilitajiet differenti għandu jkollhom aċċess għal mezzi xierqa ta' xiri ta' oġġetti u servizzi, ħaġa li toħloq opportunitajiet indaqs ġenwini;

44. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġi ggarantit aċċess universali, effettiv u mhux diskriminatorju għall-persuni b'diżabilità għall-ħarsien soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u għall-provvista tal-oġġetti u s-servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-akkomodazzjoni, it-telekomunikazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-informazzjoni – inkluża l-informazzjoni pprovduta f'formati aċċessibbli – is-servizzi finanzjarji, il-kultura u r-rikreazzjoni, il-bini miftuħ għall-pubbliku, il-modi ta' trasport u oqsma u faċilitajiet pubbliċi oħra;

45. Jenfasizza li l-integrazzjoni fil-ħajja tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika huma fatturi estremament importanti għall-integrazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità;

([1]) ĠU C 134, 7.6.2003, p. 7.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

46. Jafferma mill-ġdid li l-prodotti, l-oġġetti u s-servizzi, inklużi l-verżjonijiet modifikati tagħhom, m'għandhomx ikunu diskriminatorji u għalhekk m'għandhomx ikunu jiswew aktar għall-persuni b'diżabilità;

47. Isostni li l-SMEs iwettqu rwol kruċjali billi jagħtu lill-persuni b'diżabilità aċċess għal impjieg, kemm-il darba jistgħu jipprovdu ambjent tax-xogħol li jkun iwassal għat-tisħiħ tal-potenzjal personali u professjonali tal-persuni b'diżabilità; jenfasizza, għalhekk, li l-SMEs għandhom jiġu pprovduti mhux biss tagħrif komprensiv dwar miżuri ta' ffaċilitar u appoġġ għall-ingaġġ ta' persuni protetti imma wkoll l-informazzjoni relevanti kollha dwar it-teknoloġiji u l-korsijiet ta' studju li jagħmlu lill-persuni b'diżabilità kapaċi jgħixu ħajja professjonali awtonoma u attiva;

48. Jenfasizza kemm hu eċċezzjonalment importanti li jiġu impjegati persuni b'diżabilità fis-suq ordinarju tax-xogħol; jinsab konxju tal-ħtieġa kbira li jkun hemm suriet legali aktar flessibbli tar-relazzjonijiet tax-xogħol b'enfasi fuq is-suriet ġodda tar-relazzjonijiet bejn min iħaddem u l-impjegat, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri jadottaw miżuri legali u finanzjarji li se jappoġġjaw b'mod effettiv l-impjegar tal-persuni b'diżabilità;

49. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu u jadattaw il-politiki tagħhom tal-impjiegi attivi biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jingħaqdu mas-suq tax-xogħol kif ukoll jibqgħu fih; iħeġġeġ l-introduzzjoni ta' inizjattivi li jkunu allinjati mal-ħtiġijiet ta' kull waħda mit-tipi ta' diżabilità, inklużi pjanijiet u gwida vokazzjonali li joperaw mill-mument meta individwi li huma fil-bżonn jirreġistraw mas-servizzi stabbiliti għal dan il-għan;

50. Jenfasizza li l-workshops protetti u l-postijiet tax-xogħol integrati, għalkemm mhumiex fuq l-istess livell mal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol miftuħ, huma modi siewja kif jiġu akkumpanjati u appoġġjati l-persuni kollha b'diżabilitajiet differenti u fi stadji differenti tal-ħajja, inkluż permezz ta' akkomodazzjoni raġonevoli fit-tranżizzjoni lejn suq tax-xogħol miftuħ, u hu tal-fehma li ċaħda mhix ġustifikata ta' akkomodazzjoni raġonevoli (Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78/KE) għandha titqies bħala sura ta' diskriminazzjoni, skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità; jinnota li f'xi Stati Membri, il-workshops protetti u l-kwoti jistgħu jintużaw bħala tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol miftuħ, bil-provvediment ta' faċilitajiet speċifiċi għall-persuni b'diżabilità u ta' persunal li jkun imħarreġ biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom; jenfasizza li, f'impriżi kbar, il-ħatra ta' rappreżentanti minn fost il-persuni b'diżabilità, fejn huma jkunu jistgħu jitkellmu għalihom infushom, għandha tintlaqa' b'sodisfazzjon, kif l-istess għandu jkun it-tisħiħ ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-NGOs u l-SMEs lokali relevanti; jenfasizza li l-assistenti personali għandhom jiġu appoġġjati jekk ikun hemm bżonn, peress li dan ikun itejjeb b'mod sinifikanti l-opportunitajiet għall-persuni b'diżabilità biex ikollhom sieqhom ġos-suq tax-xogħol;

51. Jenfasizza l-importanza ta' programmi tranżizzjonali li, l-ewwel nett, joffru opportunitajiet għax-xogħol, li jibdew bil-workshops protetti u li jipprogressaw għas-suq tax-xogħol miftuħ, u, it-tieni nett, li joħolqu qafas aktar flessibbli għat-tranżizzjoni mir-rijabilitazzjoni professjonali għal suriet oħra ta' impjieg hi u tiġi implimentata l-Istrateġija Ewropa 2020;

52. Jistieden lill-Istati Membri jikkonsolidaw u jtejbu l-politiki tal-impjiegi attivi adottati bil-ħsieb li l-persuni b'diżabilità jiġu integrati fuq il-post tax-xogħol, u jżidu l-effikaċja tal-korpi nazzjonali responsabbli;

53. Jinnota li l-Istati Membri għandhom, bħala prijorità, jiftiehmu u jadottaw malajr kemm jista' jkun il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426); jistieden lill-Kummissjoni tkompli tagħti l-appoġġ tagħha biex jingħelbu d-diffikultajiet tekniċi fi ħdan il-Kunsill bil-għan li jiġi żgurat li jintlaħaq ftehim malajr; jinnota li l-politika ta' kontra d-diskriminazzjoni twettaq irwol ewlieni fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-impjiegi għall-persuni b'diżabilità;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

54. Jitlob li l-leġiżlazzjoni Ewropea tal-akkwist pubbliku tiġi eżaminata mill-ġdid bil-għan li l-kriterji tal-aċċessibilità jsiru mandatorji għall-infurzar ta' kriterji tal-għażla mmirati biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, l-innovazzjoni u l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità;

55. Jenfasizza li, minkejja d-differenzi li hemm bejn l-Istati Membri, il-maġġoranza l-kbira tas-sistemi tas-sigurtà soċjali mhumiex flessibbli biżżejjed biex l-individwi jirċievu l-benefiċċji b'mod li jħallihom jibqgħu fis-suq tax-xogħol; jitlob li dawn is-sistemi jiġu riveduti bil-għan li jsiru aktar proattivi ħalli l-individwi li jirċievu l-benefiċċji jew li għandhom diżabilità parzjali jkunu jistgħu jibqgħu fis-suq tax-xogħol;

56. Ifakkar li l-Kummissjoni nfisha, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija Ewropea dwar id-Diżabilità, tesprimi tħassib rigward id-disponibilità skarsa ta' sottotitoli fit-televiżjoni u ta' awdjodeskrizzjonijiet fuq it-televiżjoni fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza b'mod speċjali l-fatt li għal diversi snin tmexxiet kampanja pan-Ewropea minn organizzazzjonijiet tal-persuni torox u ta' dawk neqsin mis-smigħ bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew biex jiġi żgurat aċċess aktar wiesa' għas-sottotitolar fuq it-televiżjoni fl-Unjoni Ewropea; jitlob li ssir implimentazzjoni aktar għaqlija tal-obbligu li għandhom l-Istati Membri skont id-Direttiva 2007/65/KE li jinkoraġġixxu lix-xandara jiżguraw aċċessibilità akbar tas-servizzi tal-midja lill-persuni li għandhom diżabilità fis-smigħ jew diżabilità viżwali; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi possibilitajiet ta' finanzjament speċifiku għax-xandara pubbliċi bil-għan li tgħinhom jintroduċu l-qafas tas-servizzi ta' sottotitoli u ta' awdjodeskrizzjoni fil-programmi tagħhom;

***L-investiment fil-persuni b'diżabilità***

57. Isib li l-livell tal-impjegar tal-persuni b'diżabilità madwar l-Ewropa huwa miżerabilment baxx u jfakkar lill-istituzzjonijiet Ewropej li l-għanijiet tal-Istrateġija UE2020 ma jistgħux jintlaħqu kemm-il darba ma tittejjibx is-sitwazzjoni ta' dawn in-nies; is-soċjetà għandha għalhekk tiġi familjarizzata mad-diżabilità u għandha taċċettaha, inkluż fil-livell tal-edukazzjoni ta' qabel l-edukazzjoni formali u fil-livell tal-iskola primarja;

58. Jistqarr li s-sistemi preżenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ mhumiex biżżejjed biex jipprevjenu rata għolja ta' persuni b'diżabilità li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien mingħajr ma jkun hemm politiki pubbliċi addizzjonali li joffru appoġġ speċifiku għat-tagħlim, peress li ċ-ċifra relatata mal-objettiv tal-Ewropa2020 tirrappreżenta tnaqqis ta' anqas minn 10 %; jenfasizza li dan iwassal għal żvantaġġi sinifikanti mil-lat soċjali u mil-lat tal-impjiegi, u konsegwentement għall-faqar, fost il-persuni b'diżabilità, b'mod speċjali matul il-kriżi ekonomika preżenti; jenfasizza, minħabba r-rata għolja ta' persuni b'diżabilità li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien u fid-dawl tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħtieġa li jsir investiment fi, u ssir il-promozzjoni ta', programmi effettivi (inklużi alternattivi) edukattivi u ta' taħriġ (vokazzjonali), li jkunu mfassla apposta skont il-ħtiġijiet, l-attributi u l-abilitajiet tal-persuni b'diżabilità, u jinnota li dan jirrikjedi d-disponibilità ta' għadd adegwat ta' professjonisti kwalifikati u motivati bi programmi sodi u adattati, kif ukoll id-disponibilità ta' tali programmi fil-kurrikula tal-istabbilimenti kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tal-edukazzjoni ogħla, inkluż fil-programmi estrakurrikulari għall-persuni b'diżabilità, bil-għan li jiġu miġġielda l-attitudnijiet negattivi li hemm lejn it-tfal b'diżabilità u biex huma jottjenu kwalifiki adegwati għas-suq modern u miftuħ tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jgħinu lill-persuni b'diżabilità jkunu kapaċi jkollhom aċċess aħjar għall-informazzjoni dwar programmi eżistenti ta' mobilità u edukazzjoni kif ukoll aċċess ugwali għall-programmi tat-Tagħlim Tul il-Ħajja; jinnota, peress li dan hu l-każ, li hemm il-ħtieġa li l-antidiskriminazzjoni tiġi integrata fl-Ewropa2020 u fl-inizjattivi ewlenin tagħha bil-għan li jitwettaq l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

59. Jikkonferma li l-edukazzjoni inklussiva għandha tkun il-punt fokali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-akkreditazzjoni tat-tagħlim esperjenzali preċedenti, u li dan għandu għalhekk jiġi enfasizzat fi ħdan il-qafas stateġiku għall-koperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020') kif ukoll l-Inizjattiva Ewlenija għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi tal-UE2020; jinnota, barra minn hekk, il-ħtieġa li jkun hemm linji gwida ġodda u xierqa u użu xieraq tat-teknolġija tal-informazzjoni fl-iskejjel u fid-djar biex tiġi pprovduta għajnuna personali u personalizzata;

60. Jenfasizza li t-tfal kollha, inklużi dawk b'diżabilità, jeħtieġu li jkunu ggarantiti d-dritt għall-aċċess universali għas-setturi u l-livelli kollha tal-edukazzjoni fl-istituzzjonijiet kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-informazzjoni ġenerali pprovduta għall-familji bi tfal b'diżabilità sabiex jiġu inklużi r-rikonoxximent u l-appoġġ bikrija u jinfetħu soluzzjonijiet possibbli għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; jenfasizza l-importanza tal-appoġġ mill-istat għall-familji tal-persuni b'diżabilità, f'dak li hu finanzjament, għajnuna (inklużi servizzi ta' kura tat-tfal), dispożizzjoni ta' kura tas-saħħa, appoġġ psikoloġiku u l-iskambju tal-għarfien espert, kif ukoll sigħat tax-xogħol aktar flessibbli għall-ġenituri (jew ġenitur minnhom) bi tfal b'diżabilità; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu uffiċċji dedikati u aċċessibbli fejn jistgħu jinkisbu informazzjoni u pariri amministrattivi; jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw lill-familji tal-persuni b'diżabilità u lill-professjonisti li jaħdmu fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali permezz ta' informazzjoni u miżuri ta' taħriġ b'miri speċifiċi u billi l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċessi tal-monitoraġġ;

61. Jenfasizza li dawk li jħaddmu għandhom jippermettu lill-persuni b'diżabilità jassumu pożizzjoni ta' xogħol, jekk ikunu kkwalifikati, u javvanzaw fiha, u għandhom jappoġġjawhom bit-taħriġ;

62. Jenfasizza l-ħtieġa li titrawwem il-promozzjoni ta' proġetti ta' taħriġ integrati marbuta max-xogħol li jħallu liż-żgħażagħ b'diżabilità jkunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni prattika immedjata mill-edukazzjoni għall-ħajja tax-xogħol;

63. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi wkoll biex tiġi indirizzata l-kwestjoni tal-edukazzjoni u t-tagħlim mhux formali għaż-żgħażagħ b'diżabilità, inkluż f'oqsma bħalma huma r-relazzjonijiet soċjali, il-midja tal-massa (li għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' aċċessibilità li kulma jmur isiru aktar stretti), l-isport, ir-rikreazzjoni u l-attivitajiet li jsiru fil-beraħ, skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull tifel u tifla jew persuna żagħżugħa; jenfasizza li dawn mhumiex sempliċement għodod kruċjali għall-iżvilupp b'saħħtu ta' kull individwu, imma wkoll drittijiet inaljenabbli rikonoxxuti min-NU;

64. Jenfasizza li t-tagħlim tul il-ħajja huwa mod kruċjali kif jiġu appoġġjati u mkabbra l-adattabilità u l-kontinwanza tal-impjiegi għall-persuni b'diżabilità, u li huwa partikolarment relevanti li n-nies li jibdew isofru diżabilità matul iż-żmien tal-impjieg, speċjalment għall-persuni li jkollhom marda evolwenti li twassal għad-diżabilità;

65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw jew jistabbilixxu servizzi ta' rijabilitazzjoni fil-qasam tas-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi, l-għodod għal ħajja indipendenti, it-trasport, eċċ. li huma aktar effettivi u li għandhom elementi komuni; dawn mhux biss għandhom jiġu mmonitorjati u mfassla individwalment imma għandhom ukoll jgħinu l-ippjanar fit-tul tal-baġits u tal-iżvilupp;

66. Jemmen li finanzjament xieraq jeħtieġ li jiġi dirett lejn organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità; jinsisti li għal tali organizzazzjonijiet ir-rata ta' kofinanzjament għandha tkun ta' mhux anqas minn 10 % tal-valur tal-proġetti ppreżentati minnhom, minħabba d-diffikultajiet finanzjarji magħrufa tagħhom;

***Stili ta' ħajja***

67. Jenfasizza li r-responsabilita soċjali korporattiva volontarja tista' wkoll tkun impetu importanti għall-qagħda tal-persuni b'diżabilità; jitlob għall-introduzzjoni ta' għajnuna u sussidji speċjalment fir-rigward tal-fondi u l-ipprogrammar tal-UE, li jkunu jvarjaw skont it-tip ta' kuntratt, għall-kumpaniji u l-individwi li jingaġġaw ħaddiema b'diżabilità; jistieden lill-atturi u lill-partijiet interessati jappoġġjaw u japplikaw prattika tajba f'dan il-qasam, speċjalment fir-rigward tan-nisa li għandhom tfal b'diżabilità;

68. Jafferma mill-ġdid li t-taħriġ tal-uffiċjali pubbliċi fl-istituzzjonijiet tal-UE u fl-Istati Membri f'kif għandhom jilqgħu jew jagħtu informazjoni lill-persuni b'diżabilità għandu jkun ir-regola, u li l-aċċess għal dokument u proċeduri legali pubbliċi għandu jiġi appoġġjat minn azzjonijiet konkreti; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jkunu ta' eżempju rigward l-impjegar tal-persuni b'diżabilità u jħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu din l-istrateġija wkoll;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

69. Jenfasizza li l-politiki għat-trawwim u l-appoġġ ta' intraprenditorja indipendenti għandhom jagħtu attenzjoni xierqa lill-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol u fl-isfera tal-attività ekonomika, peress li din l-integrazzjoni hija għajn ta' flessibilità li tħallihom kapaċi, f'ħafna każijiet, jegħlbu l-limiti u l-ostakli fil-post tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu aktar għajnuna xierqa u effettiva għall-politiki tal-intraprenditorja indipendenti li jikkonċernaw lil dan il-grupp;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta b'mod aktar effettiv il-vantaġġi tal-aċċessibilità u tintegra l-ispejjeż u n-nefqa involuti biex jinħoloq ambjent ħieles mill-ostakli għal kulħadd speċjalment fir-rigward ta' soċjetà li qiegħda tixjieħ;

71. Jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' suriet speċjali ta' liv ħalli l-ġenituri jkunu jistgħu jieħdu ħsieb uliedhom li għandhom diżabilità; iħeġġeġ, barra minn hekk, li l-impenn muri u l-ħidma mwettqa mill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità għandhom jiġu rikonoxxuti billi jiġu mgħodda bħala esperjenza professjonali u billi jitqiesu b'mod speċifiku meta jiġu kkalkulati l-intitolamenti tal-pensjoni tax-xjuħ;

72. Jenfasizza li l-aċċess ħieles mill-ostakli għas-servizzi tas-saħħa u għal servizzi kumplessi ta' rijabilitazzjoni ma jwaqqafx id-deterjorament tas-saħħa għalkollox, partikolarment f'soċjetà li qed tixjieħ, u hu għalhekk li kulħadd għandu responsabilità f'dawk li huma attivitajiet ta' kuljum u abitudnijiet konsumistiċi jekk għandna naslu għal stat ta' soċjetà sostenibbli li fiha għandu jitqiegħed valur dejjem akbar fuq is-saħħa, mill-prevenzjoni sar-rijabilitazzjoni;

***Il-ġlieda kontra l-faqar***

73. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkollha appoġġ finanzjarju adegwat għall-organizzazzjoni umbrella tal-UE li tirrappreżenta lill-persuni b'diżabilità, kif ukoll organizzazzjonijiet Ewropej oħra ta' defiċjenzi speċifiċi, bil-għan li tippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa fit-tfassil tal-politiki u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tibni fuq l-impenji fl-EDS u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u fi proċessi oħra tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw kwestjonijiet relatati mal-persuni b'diżabilità;

74. Jiddeplora l-fatt li l-persuni b'diżabilità jridu jassumu piż finanzjarju addizzjonali – in-nefqa żejda fuq perjodu qasir li jkollhom apparentement minħabba d-diżabilità tagħhom – fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, li għandha impatt kunsiderevoli fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom;

75. Jistieden lill-Kummissjoni ħalli, fid-dawl tal-miri tagħha dwar it-tnaqqis tal-faqar, tiddiżaggrega ċ-ċifri tal-faqar bil-għan li tikkalkula n-numri ta' persuni b'diżabilità li qed jesperjenzaw il-faqar ħalli jkunu jistgħu jintlaħqu miri komparabbli għat-tnaqqis tal-faqar tal-persuni b'diżabilità fi ħdan il-qafas tal-istrateġija UE 2020;

76. Jirrimarka li l-eliminazzjoni jew it-tafja serja ta' dan il-faqar ikunu jinvolvu li jkun hemm aktar persuni b'diżabilità li jkollhom xogħol, sitwazzjoni li żżid id-dħul nett tat-taxxi għall-istat u tnaqqas il-għadd ta' persuni li jkunu jeħtieġu benefiċċji għal raġunijiet ta' faqar estrem;

77. Jikkonferma li, filwaqt li jfakkar fl-impetu tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali kif ukoll il-Pjattaforma Ewropea l-ġdida kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, it-tnaqqis tal-faqar ma jistax jintlaħaq mingħajr ma wieħed jintegra l-persuni b'diżabilità, ibda bil-qasam tal-edukazzjoni u aktar tard fis-suq tax-xogħol, u mingħajr ma wieħed jaġġusta l-politiki tad-dħul rigward is-sistemi tal-pensjonijiet tal-invalidità u tad-diżabilità skont il-punt 12 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO adottati waqt il-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Novembru 2009, filwaqt li wieħed jiftakar li dan il-proċess jista' jwassal ukoll għal stigmatizzazzjoni;

78. Jagħraf li l-iskoperta u l-għajnuna bikrija huma vitali u fundamentali fil-każ tat-tfal b'diżabilità u għandhom jitqiesu bħala investiment għall-futur imbiegħed f'soċjetà li qed tixjieħ; josserva li l-familji tal-persuni b'diżabilità huma aktar esposti għar-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li għandha tingħatalhom attenzjoni speċjali;

79. Jistieden lill-Istati Membri jevitaw it-tnaqqis mhux ġustifikat fil-ħarsien soċjali għall-persuni b'diżabilità taħt il-politiki ta' awsterità li ddaħħlu b'rispons għall-kriżi ekonomika, peress li huwa meħtieġ li jiġi żgurat standard tal-għajxien aċċettabbli għalihom bħala dritt inaljenabbli;

80. Jistqarr li l-persuni b'diżabilità jinsabu partikolarment f'riskju ta' esklużjoni soċjali u faqar u jenfasizza l-fatt li r-rata tal-faqar tal-persuni b'diżabilità hija 70 % ogħla minn dik tal-persuni li ma għandhomx diżabilità; jenfasizza li l-persuni b'diżabilità severa jew b'diżabilitajiet multipli u l-ġenituri mingħajr sieħeb/sieħba li għandhom tfal b'diżabilità jinsabu fl-aktar pożizzjoni vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu d-drittijiet tagħhom u jieħdu miżuri biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom billi jipprovdu, inter alia, aċċess għal tagħrif prattiku dwar kwestjonijiet tal-ħajja ta' kuljum, inkluż billi jagħmluhom familjari ma' proċeduri u servizzi ta' bini ta' ħiliet li għandhom impatt fuq il-ħajja tal-familja;

81. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jieħdu aktar passi u jipproduċu rapporti regolari rigward mard rari u jipprovdu għajnuna reali bl-iżvilupp ta' kuntatti bejn il-ġenituri u l-ispeċjalisti li jgħixu l-eqreb lejn darhom; hu tal-fehma li dan għandu jitqies u jiġi vvalutat fix-xogħol tal-organizzazzjoni INSERM; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi t-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' ċentri akkreditati għad-dijanjożi u t-trattament ta' forom speċifiċi ta' mard rari, sabiex jikkoordina u jissorvelja l-attivitajiet tagħhom u l-benefiċċji li huma joffru lill-pazjenti;

***Il-Parlament ikompli jitlob b'insistenza approċċ soċjalment sostenibbli u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem***

82. Jikkonferma li, ibbażat fuq id-drittijiet il-ġodda approvati fil-Karta tal-UE, il-Kummissjoni għandha l-approċċ korrett għall-opportunità ugwali: it-tisħiħ tal-antidiskriminazzjoni, l-appoġġ tal-politiki tal-inklużjoni attiva u s-sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità, inklużi l-kunċetti ta' Disinn għal Kulħadd u ta' Disinn Universali, u l-enfasi fuq l-importanza tal-akkomodazzjoni raġonevoli;

83. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirratifikaw u jimplimentaw malajr il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità kif ukoll il-Protokolli Mhux Obbligatorji tagħha u jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li taderixxi mal-Protokoll Mhux Obbligatorju tal-Konvenzjoni;

84. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jikkunsidraw jikkonkludux ftehim interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew u jfasslu fi żmien sena rakkomandazzjoni speċifika biex il-Parlament ikun involut fil-montoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

85. Jistieden lill-Kunsill jadotta l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar il-konklużjoni mill-UE tal-Protokoll Mhux Obbligatorju, filwaqt li jenfasizza l-fatt li l-mekkaniżmu stabbilit minn dan il-Protokoll jista', bl-involviment tal-Parlament Ewropew, iwassal għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità mill-UE;

86. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri konkreti, xierqa u aktar dettaljati u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ għal-livelli kollha ta' governanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-EDS skont il-lista ta' azzjonijiet tal-EDS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew;

87. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw kemm jista' jkun miżuri xierqa u għodod imfassla (minbarra l-aspett mediku) għal livell ogħla ta' ħajja indipendenti sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u ħajja attiva għall-persuni b'diżabilità;

88. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mgħejjuna dawk li jistgħu jaħdmu u li jridu jibqgħu fis-suq tax-xogħol, anke jekk ikunu tilfu parti mill-kapaċitajiet funzjonali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' inklussività u jgħinu lill-persuni li għandhom kapaċità parzjali ta' xogħol jintegraw fis-suq tax-xogħol;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

89. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw (mill-ġdid) l-azzjonijiet u l-programmi jew strateġiji nazzjonali tagħhom relatati mad-diżabilità fil-perjodu u l-qafas tal-EDS f'konformità mal-Istateġija UE2020 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

90. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal Att Ewropew dwar id-Diżabilità kif hemm imħabbar fl-EDS, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri vinkolanti b'saħħithom fil-livell tal-UE biex tittejjeb l-aċċessibilità tal-oġġetti u s-servizzi għall-persuni b'diżabilità, bi pjan direzzjonali ċar;

91. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, miżuri soċjali speċifiċi biex jiġi żgurat aċċess indaqs għall-kura tas-saħħa, inklużi servizzi tas-saħħa u ta' riabilitazzjoni ta' kwalità għolja għall-persuni b'diżabilità mentali u għal dawk b'diżabilità fiżika;

92. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka dwar metodi terapewtiċi ġodda li jkomplu jiffaċilitaw aktar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li t-terapija bid-drama u bl-annimali ta' kumpanija, pereżempju, qed juru li huma effikaċi fil-promozzjoni tas-soċjalizzazzjoni u tal-komunikazzjoni interpersonali;

93. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tgħin lil dawk b'defiċjenzi tal-vista biex iwettqu transazzjonijiet kummerċjali;

94. Jistieden lill-Kummissjoni jkollha referenzi relatati mad-diżabilità aktar b'saħħithom fir-reviżjoni ppjanata tar-riforma tal-akkwist pubbliku;

95. Jistieden lill-Kummissjoni ħalli, skont l-eżitu tad-dibattitu wara l-pubblikazzjoni tal-Green Paper dwar il-Pensjonijiet, targumenta favur politika dwar id-diżabilità li tkun tmiss l-aspetti kollha fil-white paper li ħierġa dalwaqt, li għandha tiġi ppubblikata fit-tieni nofs tal-2011;

96. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk aktar miżuri meħuda fil-kuntest tal-Fondi Strutturali Ewropej speċjalment fir-rigward tal-Fond għall-Iżvilupp Rurali jgħinux lill-persuni b'diżabilità jkunu ċittadini attivi li jgħixu fiż-żoni rurali fl-Ewropa;

97. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħmlu kull sforz biex ifasslu regoli dwar l-iskrining personali meta jintużaw is-servizzi tat-trasport li se jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-passiġġieri u jaqdu l-għan tal-vjaġġi tagħhom, b'mod partikolari rigward l-apparat, l-għajnuna u l-aċċessorji mediċi li jistgħu jittellgħu abbord, u biex tinkiseb interpretazzjoni ċara u komuni tar-rekwiżiti ta' sigurtà eżistenti sabiex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabilità ma jiġux imċaħħda mill-opportunità li jivvjaġġaw – fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni xierqa u sa livell sproporzjonat – sempliċement biex jiġi evitat l-inkonvenjent lill-fornitur tas-servizz;

98. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi ħalli naslu biex għall-għomja u dawk b'defiċjenzi serji tal-vista jkollna servizzi mfasslin individwalment u bbażati fuq in-navigazzjoni u biex tirrapporta dwar dawn kull sena u tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi – filwaqt li tqis l-iżvilupp teknoloġiku dinamiku – li jassiguraw li jsir progress u li jkun possibbli trasport bieb bieb multimodali, kontinwu, kif spjegat fil-White Paper bit-titolu 'Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti';

99. Jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw mill-ġdid il-provvediment tagħhom tas-servizzi tas-saħħa għall-persuni b'diżabilità, bħalma huma miżuri komprensivi relatati mal-aċċessibilità fiżika għas-servizzi, it-taħriġ u l-persunal mediku, is-sensibilizzazzjoni, l-informazzjoni pprovduta f'formati aċċessibbli, servizzi ta' konsulta personalizzati, inkluża t-traduzzjoni għal diversi lingwi, u servizzi tas-saħħa mfassla skont il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità;

100. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ħalli, meta jkunu qed jagħtu appoġġ għall-isport u r-rikreazzjoni għall-persuni b'diżabilità, jevitaw li jagħmlu distinzjonijiet meta jkunu qed jidentifikaw id-diżabilitajiet, u jheġġeġ lill-Kunsill ikompli bl-isforzi tiegħu, filwaqt li jfakkar li l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa kien wiegħed, fil-1986, li jappoġġja l-isport għall-persuni b'diżabilità;

101. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill itejbu l-aċċess għall-persuni b'diżabilità fil-qasam tad-dritt tal-awtur, inkluż skambju akbar tal-aħjar prattiki, biex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-aqwa suriet ta' kooperazzjoni, u biex jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi jkunu regolati minn rekwiżiti xierqa, komuni u obbligatorji rigward il-persuni b'diżabilità, b'enfasi partikolari fuq dawk li għandhom defiċjenzi tal-vista;

102. Jenfasizza li, skont l-ispirtu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, id-Direttiva 2005/29/KE dwar il-prattiċi kummerċjali żleali – b'mod partikolari d-dispożizzjoni dwar l-omissjonijiet qarrieqa – hija wkoll relevanti għall-persuni b'diżabilità;

103. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu azzjoni fuq il-bażi tal-prattika u l-esperjenza tal-Parlament Ewropew biex iġibu t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ħielsa mill-ostakli għall-persuni nieqsa mis-smigħ, skont id-deċiżjonijiet tal-Parlament tal-1988 u tal-1998, u jirrappurtaw dwar dan kull sena lill-MEP(s) ikkonċernati;

104. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji studju bil-ħsieb tal-persuni li għandhom defiċenzi tal-vista li janalizza l-karatteristiċi tad-displays diġitali (interfaces) tal-prodotti industrijali u domestiċi u soluzzjonijiet tal-informazzjoni ekwivalenti alternattivi għall-persuni b'defiċjenzi tal-vista u tagħmel proposti leġiżlattivi speċifiċi;

105. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu l-lingwa tas-sinjali bħala lingwa uffiċjali fl-Istati Membri; jinnota li l-Istati Membri għandhom għalhekk jaħdmu favur il-possibilità ta' tali rikonoxximent, skont id-Dikjarazzjoni ta' Brussell tad-19 ta' Novembru 2010;

106. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lill-inklużjoni tal-interessi tal-persuni b'diżabilità, skont l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju tan-NU, meta tkun qed tittratta l-assistenza għar-relazzjonijiet internazzjonali u l-iżvilupp;

*

* *

107. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku

P7_TA(2011)0454

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku (2011/2048(INI))**

(2013/C 131 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE dwar proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ([1]) u d-Direttiva 2007/66/KE dwar proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi ([2]),

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004.
([2]) ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE dwar il-Konklużjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ([1]), li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Jannar 2011 u li tidentifika d-direttivi dwar l-akkwist pubbliku bħala 'Atti komunitarji li jirreferu għal kwistjonijiet irregolati mill-Konvenzjoni',

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO tal-15 ta' April 1994,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u speċjalment l-Artikolu 26 tiegħu (l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-aċċess ugwali għal swieq tas-settur pubbliku fl-UE u f'pajjiżi terzi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ktiba Ħadra tal-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku (COM(2011)0015),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-espansjoni tal-użu tal-akkwist-e fl-UE (COM(2010)0571),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar suq uniku għall-impriżi u t-tkabbir ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar żviluppi ġodda fl-akkwist pubbliku ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar 'L-akkwist pubbliku prekummerċjali: inrawmu l-innovazzjoni biex niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa' ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea' (COM(2010)0543),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Lejn Att dwar is-Suq Uniku. Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin' (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Professur Mario Monti tad-9 ta' Mejju 2010 dwar 'Strateġija ġdida għassuq uniku',

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SEC(2010)1214,

— wara li kkunsidra r-rapport dwar 'L-evalwazzjoni tal-aċċess għall-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku fl-UE' ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar' (COM(2008)0400),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa' (COM(2008)0394),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020. Unjoni tal-Innovazzjoni' (COM(2010)0546),

([1]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0233.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0146.
([4]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 38.
([5]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 10.
([6]) http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/smes_access_to_public_procurement_final_report_2010_en.pdf

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-11-12 ta' Mejju 2011 dwar il-Green Paper dwar 'L-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku - Lejn Suq Ewropew tal-Akkwist iżjed effiċjenti',

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2011 dwar il-Green Paper dwar 'L-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku – Lejn Suq Ewropew iżjed effiċjenti',

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2011 dwar il-Green Paper dwar l-espansjoni tal-użu tal-akkwist-e fl-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0326/2011),

A. billi suq tal-akkwist pubbliku fl-UE li jiffunzjona kif suppost huwa xprun ewlieni tat-tkabbir u l-ġebla tax-xewka tas-suq uniku, u huwa, barra minn hekk, fundamentali biex jiġu stimulati l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni u biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u soċjali tal-politika pubblika li qed jinħolqu b'mod rapidu, kif ukoll minħabba l-kwistjonijiet dwar il-kwalità tax-xogħol, l-ugwaljanza, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jinkiseb valur ottimali għaċ-ċittadini, in-negozji u l-kontribwenti;

B. billi r-regoli Ewropej dwar l-akkwist pubbliku kkontribwixxew b'mod sostanzjali għal aktar trasparenza u trattament ugwali akbar, għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għal professjonalizzazzjoni tal-proċess tal-akkwist;

C. billi l-kuntest ekonomiku attwali, illum iktar minn qatt qabel, huwa kruċjali li tiġi żgurata l-aħjar effiċjenza tan-nefqa pubblika, filwaqt li kemm jista' jkun jiġu limitati l-ispejjeż inkorsi mill-kumpaniji, u billi l-funzjonament imtejjeb tas-suq tal-akkwist iwassal biex jintlaħqu dawn iż-żewġ objettivi;

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u l-proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa bħala punt tat-tluq għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ), u skont ir-regoli riveduti dwar l-għajnuna statali;

2. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, għalkemm ir-reviżjoni tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist fl-2004 wasslet għal żvilupp ulterjuri utli tas-suq uniku għall-akkwist pubbliku, jinħass il-bżonn – ftit tas-snin wara t-traspożizzjoni tad-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE fil-liġi nazzjonali – li jiġi vvalutat il-fatt jekk l-ottimizzazzjoni u l-kjarifika tad-direttivi jkunux meħtieġa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li saru evidenti fil-prattika; jenfasizza li ħafna persuni interessati jaraw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku bħala kumplessi ħafna, li jwasslu għal proċeduri amministrattivi ta' konformità li jiswew il-flus u li huma ta' piż; jiddeplora l-każijiet frekwenti fejn ikun hemm traspożizzjoni inadegwata tar-regoli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u l-insuffiċjenza ta' miżuri tat-taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi simplifikazzjoni u konsolidazzjoni sinifikanti tar-regoli, filwaqt li żżid iktar kjarifiki fejn hemm bżonn; jenfasizza barra dan li ż-żieda fl-użu tal-ICT issa għandu jkollha rwol ewlieni biex titnaqqas l-amministrazzjoni u l-ispejjeż, u li d-diversi inizjattivi Ewropej dwar l-akkwist-e u l-kummerċ-e għandhom għaldaqstant jiġu allinjati mar-riforma fir-regoli dwar l-akkwist;

3. Jitlob dikjarazzjoni espliċita fid-direttivi li ma jżommu l-ebda pajjiż milli jkun konformi mal-Konvenzjoni C94 tal-ILO; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex ikunu konformi ma' dik il-Konvenzjoni; jenfasizza li l-funzjonament effikaċi ta' akkwist pubbliku sostenibbli jirrikjedi regoli ċari u mhux ambigwi tal-UE li jiddefinixxu b'mod preċiż il-qafas tal-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istati Membri;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

*L-ewwel kompitu: titjib taċ-ċarezza legali*

4. Jitlob kjarifika tal-ambitu tad-direttivi; jinnota li l-iskop ewlieni tal-akkwist pubbliku huwa x-xiri ta' prodotti, xogħlijiet u servizzi minn awtoritajiet pubbliċi biex jakkomodaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħhom u jiżguraw l-użu effettiv tal-fondi pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandu jkun hemm benefiċċju dirett għall-awtorità kontraenti biex proċedura tikkwalifika bħala akkwist pubbliku;

5. Jitlob kjarifika tad-definizzjonijiet fid-direttivi – pereżempju d-definizzjoni ta' 'korp regolat bi dritt pubbliku' – f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QEĠ u mingħajr ma jitnaqqas l-ambitu tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku;

6. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2010 dwar l-iżviluppi reċenti fl-akkwist pubbliku, fejn ġiet ikkunsidrata l-ġurisprudenza tal-QEĠ u tqies il-fatt li l-koperazzjoni pubblika-pubblika mhijiex sottoposta għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku sakemm jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin: li l-iskop tas-sħubija kien id-dispożizzjoni ta' kompitu ta' servizz pubbliku mogħti lill-awtoritajiet lokali kollha kkonċernati; li kompitu kien sar biss mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati, jiġifieri mingħajr l-involviment tal-kapital privat; u l-attività involuta tkun twettqet essenzjalment f'isem l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati; jenfasizza l-fatt li t-trasferiment tal-kompiti bejn l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku huwa kwistjoni tal-organizzazzjoni amministrattiva interna tal-Istati Membri u mhux sottopost għar-regoli tal-akkwist; huwa tal-fehma li dawn il-kjarifiki għandhom jiġu kkodifikati fid-direttivi dwar l-akkwist;

7. Jenfasizza l-esklużjoni tal-konċessjonijiet tas-servizzi mill-ambitu tar-regoli Ewropej dwar l-akkwist; ifakkar li għandhom ikunu kkunsidrati kif jixraq kemm il-kumplessità tal-proċeduri kif ukoll id-differenzi sinifikanti li hemm fil-qasam tal-kultura legali u tal-prattika legali fl-Istati Membri fir-rigward tal-konċessjonijiet ta' servizzi; huwa tal-fehma li d-dibattitu dwar id-definizzjoni tat-terminu 'konċessjonijiet ta' servizzi' u l-ħolqien ta' qafas legali li jiggverna dawn il-konċessjonijiet żviluppa wara l-adozzjoni tad-direttivi tal-2004 dwar l-akkwist pubbliku u tal-ġurisprudenza supplimentari tal-QTĠ; jinsisti dwar il-fatt li kull proposta għall-att leġiżlattiv dwar konċessjonijiet tas-servizzi tkun ġustifikata biss f'każ li tintuża biex issewwi d-distorsjonijiet fil-funzjonament tas-suq intern; jindika li t-tali distorsjonijiet għadhom ma ġewx identifikati, u li att leġiżlattiv dwar il-konċessjonijiet tas-servizzi għalhekk huwa inutli jekk ma jkollux l-għan li jtejjeb b'mod evidenti l-funzjonament tas-suq intern;

8. Jenfasizza li l-klassifikazzjoni attwali tal-kategoriji tas-servizzi A u B għandha tinżamm billi d-dispożizzjonijiet 'eħfef' għas-servizzi-B għandhom il-ġustifikazzjonijiet tagħhom fil-karatteristiċi ta' dik il-kategorija bħala servizzi pprovduti prinċipalment fil-livell lokali jew reġjonali; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod biex ikun aktar faċli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jiddeċiedu għal liema kategorija jappartjenu l-kompiti speċifiċi tal-kuntratt;

9. Josserva, f'dan il-kuntest, li l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku fil-każijiet ta' forniment tas-servizzi soċjali lill-individwu ta' spiss ma tkunx adattata biex jinkisbu l-aħjar riżultati għal min jagħmel użu minnhom; jtlob ir-rikonoxximent skont il-liġi tal-UE, ta' proċeduri pprovduti u ttestjati tal-Istati Membri msejsa fuq il-prinċipju li l-fornituri kollha li huma f'pożizzjoni li jissodisfaw kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi minn qabel, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, li jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi, sakemm ikunu rrispettati l-prinċipji ġenerali ta' trattament ugwali, ta' trasparenza, u ta' nondiskriminazzjoni;

10. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' regoli ġodda għas-swieq tal-akkwist pubbliku taħt il-livelli limitu tal-UE għandhom jiġu evitati, għaliex jistgħu jipperikolaw iċ-ċertezza legali stabbilita fil-livell nazzjonali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tallinja d-Direttiva dwar ir-Rimedji mal-qafas il-ġdid dwar l-akkwist pubbliku li se jiġi żviluppat wara r-reviżjoni attwali, u biex twettaq dan l-eżerċizzju b'mod parallel għall-proposta leġiżlattiva ewlenija, biex tiġi żgurata l-konsistenza;

12. Jenfasizza r-responsabilità tal-Kummissjoni li timmonitorja t-traspożizzjoni korretta tad-direttivi tal-UE fl-Istati Membri;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

***It-tieni kompitu: l-iżvilupp tal-potenzjal kollu tal-akkwist pubbliku – l-aħjar valur għall-flus***

13. Huwa tal-fehma li, biex jiġi żviluppat il-potenzjal kollu tal-akkwist pubbliku, il-kriterju tal-iktar prezz baxx m'għandux jibqa' l-kriterju determinanti għall-għoti tal-kuntratti, u li għandu jiġi sostitwit, b'mod ġenerali, mill-kriterju tal-offerta li tkun l-aktar vantaġġuża ekonomikament, f'termini ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali – filwaqt li jitqiesu l-kostijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet relevanti jenfasizza li dan ma jkunx jeskludi l-iktar prezz baxx bħala l-kriterju deċiżiv fil-każ tal-prodotti u s-servizzi standardizzati; jitlob lill-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni fil-qrib mal-Istati Membri, tiżviluppa metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja inġenerali u fuq bażi mhux obbligatorja; jenfasizza li l-appoġġ għall-kriterju tal-'benefiċċju ekonomiku massimu' jrawwem l-innovazzjoni u l-isforzi biex jinkisbu l-aħjar kwalità u valur, jiġifieri biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-istrateġija tal-Ewropa 2020; jenfasizza li dan huwa partikolarment relevanti rigward l-akkwist pubbliku ta' prodotti li għandhom impatt fuq is-saħħa tal-konsumaturi – fis-settur tal-ikel, pereżempju – fejn il-kwalità u l-metodi tal-produzzjoni jaqdu rwol importanti; jenfasizza li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jiżguraw li l-konsumaturi passivi, pereżempju fl-isptarijiet, id-djar għall-kura tal-anzjani, l-iskejjel u l-kindergartens, ikollhom aċċess ugwali għall-ikel sustanzjuż u ta' valur għall-flus, aktar milli għall-irħas għażla disponibbli;

14. Jirrikonoxxi li jekk jintuża b'mod effikaċi, l-akkwist pubbliku jista' jservi ta' impetu reali li jippromwovi l-impjiegi ta' kwalità, il-pagi u l-kundizzjonijiet, kif ukoll l-ugwaljanza, fl-iżvilupp tal-ħiliet u taħriġ, fil-promozzjoni tal-politiki ambjentali, u fl-għoti ta' inċentivi għar-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-gvernijiet u lill-awtoritajiet kontraenti biex jużaw aktar l-akkwist pubbliku sostenibbli, li jappoġġja u jippromwovi impjiegi ta' kwalità għolja, u li jipprovdi servizzi u prodotti ta' kwalità fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex tiskrutinizza l-mod kif l-akkwist pubbliku kkontribwixxa biex jintlaħqu l-miri aktar mifruxa tal-UE u biex tiddeskrivi x'għandu jsir biex dawn l-objettivi jittejbu fil-ġejjieni;

15. Ifakkar li l-akkwist prekummerċjali huwa għodda li ma tintużax biżżejjed, li tista' tixpruna l-innovazzjoni fl-akkwist pubbliku u tista' tikkontribwixxi bil-kbir biex jiġu identifikati u stabbiliti s-swieq ewlenin u biex jitjieb l-aċċess tal-SME għall-akkwist pubbliku; iqis, barra minn hekk, li l-mudell propost ta' kondiviżjoni tar-riskju u tal-benefiċċju (IPR) fl-akkwist prekummerċjali jirrikjedi kemm kjarifika legali kif ukoll simplifikazzjoni legali sabiex il-professjonisti fis-settur tal-akkwist ikunu jistgħu jużaw din l-għodda b'mod regolari; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi adattament tal-akkwist relevanti jew tar-regoli tal-għajnuna mill-istat bħala parti mill-eżerċizzju tar-reviżjoni ġenerali, sabiex jiżdied l-użu tal-akkwist prekummerċjali;

16. Jinnota l-importanza tal-istandards għall-akkwist pubbliku, għax dawn jistgħu jgħinu lill-akkwirenti pubbliċi jilħqu l-objettivi tagħhom tal-politika b'mod effettiv u trasparenti; jappella, f'dak ir-rigward, għall-iżvilupp ta' database aġġornata b'mod regolari rigward l-istandards, b'mod speċjali rigward il-kriterji ambjentali u soċjali, biex tkun disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi, biex ikun żgurat li l-prokuraturi, meta jkunu qed ifasslu s-sejħiet għall-offerti, ikollhom aċċess għal gwida xierqa u sett ċar ta' regoli, biex ikunu jistgħu jivverifikaw b'mod faċli l-konformità tagħhom mal-istandards relevanti;

17. Jitlob li jkun hemm dipendenza akbar fuq l-istandards nondiskriminatorji u miftuħa fl-akkwist pubbliku, fl-interessi tas-simplifikazzjoni u tal-objettivi tal-innovazzjoni, partikolarment fl-oqsma tal-aċċessibilità, l-ICT, u l-ambjent;

18. Jenfasizza l-fatt li jekk prodott jew servizz ikunx ġie prodott b'mod sostenibbli huwa kkunsidrat dovutament bħala karatteristika tal-prodott, li tista' tintuża bħala kriterju ta' paragun ma' prodotti jew servizzi li ma jkunux ġew prodotti b'mod sostenibbli, sabiex l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu jikkontrollaw l-impatt ambjentali u soċjali tal-kuntratti mogħtija minnhom b'mod trasparenti imma fl-istess ħin ma jdgħajfux ir-rabta meħtieġa mas-suġġett tal-kuntratt; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandu jiġi ċċarat l-ambitu għall-inklużjoni ta' rekwiżiti relatati mal-proċess tal-produzzjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tipi kollha ta' kuntratti, fejn huma relevanti u proporzjonali; jiġbed l-attenzjoni għall-każ Wienstrom, li sar l-eżempju klassiku ta' kif u għaliex il-karatteristiċi tal-produzzjoni jistgħu jiġu kategorizzati bħala speċifikazzjonijiet tekniċi;

**It-Tlieta 25 ta’ Ottubru 2011**

19. Jenfasizza l-ħtieġa tat-tisħiħ tad-dimensjoni tas-sostenibilità tal-akkwist pubbliku billi din tkun tista’ tiġi integrata f’kull stadju tal-proċess tal-akkwist (jiġifieri fit-test tal-abilità, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt);

20. Jenfasizza li, b’riżultat taż-żieda fl-għarfien dwar l-impatt tal-prodotti, tax-xogħlijiet u tas-servizzi fuq l-ambjent u l-klima, l-awtoritajiet tal-akkwist għandhom jinkludu l-kostijiet ambjentali fil-valutazzjoni tagħhom tal-‘offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament’ u fil-kalkolu tagħhom tal-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja;

21. Jinnota li t-test tad-direttivi jeħtieġ li jkun aktar speċifiku fir-rigward tat-titjib fl-aċċess għal persuni b’diżabilità;

22. Iqis li d-dispożizzjonijiet attwali dwar is-sottokuntrattar għandhom jissaħħu, ladarba l-użu ta’ diversi livelli ta’ sottokuntrattar jista’ jwassal għal problemi fir-rigward tal-konformità mal-ftehimiet kollettivi, mal-kondizzjonijiet tax-xogħol, u mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà; jirrakkomanda għaldaqstant li l-awtoritajiet pubbliċi jiġu informati bid-dettalji kollha marbuta mal-użu tas-sottokuntrattar qabel ma jiġi konkluż kuntratt; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta, bil-ħsieb għal reviżjoni fil-futur tad-direttivi, jekk hemmx bżonn ta’ aktar regoli fuq l-għoti tas-sottokuntratti, pereżempju dwar l-istipolar ta’ katina ta’ responsabilità, speċifikament biex ikun evitat li s-sottokuntratturi SMEs ikunu sottoposti għal kundizzjonijiet agħar minn dawk applikabbli mal-kuntrattur ewlieni li jkun ingħata l-kuntratt pubbliku;

23. Jirrikonoxxi r-rwol li jista’ jkollha l-UE fl-iffaċilitar tal-iżvilupp ta’ sħubijiet pubbliċi–privati (PPPs) b’suċċess billi tippromwovi l-kompetizzjoni ġusta u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattika fl-Istati Membri kollha b’rabta mal-politiki soċjali u tal-impjiegi; jinnota, madankollu, li jeżistu differenzi kbar bejn l-Istati Membri f’termini ta’ rekwiżiti legali u proċedurali li japplikaw f’dan il-qasam; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tispjega aħjar il-kunċett tal-PPP, b’mod partikolari fir-rigward ta’ kif il-partijiet se jġarrbu r-riskji maqsuma bejniethom u kif se jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-livell adegwat tal-valuri ta’ limitu fil-kuntratti tal-provvista u tas-servizzi, u jekk hemm bżonn u tgħollihom, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-akkwist pubbliku minn, fost l-oħrajn, operaturi mingħajr skop ta’ qligħ u tal-ekonomija soċjali kif ukoll tal-SMEs; jitlob li jitqiesu bir-reqqa r-rekwiżiti legalment vinkolanti tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tad-WTO, jenfasizza li, minħabba d-diffikultajiet li diġà jeżistu fin-negozjati fir-rigward tal-kwistjoni tal-aċċess għall-akkwist pubbliku, wieħed għandu jżomm f’moħħu wkoll li żieda fil-livelli limitu fl-Ewropa tista’ twassal faċilment għal aktar kumplikazzjonijiet għall-politika dwar il-kummerċ tal-UE;

25. Jenfasizza li kwalunkwe estensjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist fil-qasam ‘x’għandu jinxtara’ tirrappreżenta bidla sinifikanti fir-reġim attwali u għandha tiġi vvalutata bir-reqqa; jiddubita li dan jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni, iżda għall-kuntrarju jibża’ li dan jista’ jwassal għal regoli aktar ikkumplikati, b’ħafna eżenzjonijiet, li jkun diffiċli jiġu amministrati fil-prattika – billi d-direttivi dwar l-akkwist huma linji gwida proċedurali (‘kif għandu jinxtara’) m’għandux ikun fihom dispożizzjonijiet dwar ‘x’għandu jinxtara’;

***It-tielet kompitu: simplifikazzjoni tar-regoli u possibilità ta’ proċeduri aktar flessibbli***

26. Jenfasizza li d-Direttivi huma spiss meqjusa bħala dettaljati wisq u li saru dejjem iżjed tekniċi u kumplessi, filwaqt li fl-istess ħin ir-riskju legali ta’ nuqqas ta’ konformità ma’ dawn ir-regoli żdied konsiderevolment kemm għall-awtoritajiet kontraenti u kemm għall-fornituri; jinnota li l-biża’ mill-isfida jwassal għal approċċ fejn wieħed joqgħod lura milli jieħu riskji, liema approċċ joħnoq l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli, u ħafna drabi jwassal lill-awtoritajiet kontraenti biex jagħżlu l-prezz l-aktar baxx minflok dak bl-aħjar valur; jitlob li jkun hemm iktar spazju għan-negozjar u l-komunikazzjoni, flimkien ma’ miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza u biex jiġu evitati l-abbuż u d-diskriminazzjoni, u jħeġġeġ li l-konsultazzjoni tas-suq tkun permessa bħala l-ewwel pass possibbli;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

27. Jinnota li l-politika dwar l-akkwist pubbliku għandha, l-ewwel u qabel kollox, tiżgura l-użu effettiv ta' fondi mill-Istati Membri, tikseb l-aħjar riżultati f'termini ta' akkwist pubbliku permezz tal-applikazzjoni ta' proċeduri ċari, trasparenti u flessibbli, u tippermetti lin-negozji Ewropej jikkompetu f'livell ekwu fl-Unjoni kollha;

28. Iħeġġeġ, waqt li l-liġi Ewropea tal-akkwist pubbliku qed tkun reveduta, regoli ċari, sempliċi u flessibbli, billi jitnaqqas il-livell ta' dettall u billi l-proċeduri tal-akkwist isiru iktar sempliċi, inqas ingombranti, irħas, aktar miftuħa għall-SMEs u jwasslu għal aktar investiment; jara l-bżonn, għaldaqstant, għal serħan akbar fuq il-prinċipji ġenerali ta' trasparenza, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni; iqis permezz tas-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku li jkun jista' jonqos ir-riskju ta' żball u li tingħata aktar attenzjoni lill-bżonnijiet ta' awtoritajiet kontraenti żgħar;

29. Iħeġġeġ biex jiġi vvalutat użu usa' jekk il-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel fl-UE kollha tistax tkun permessa, lil hinn minn dak li jipprevedu d-direttivi attwali, sabiex l-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jikkomunikaw aħjar, u sabiex il-provvista u d-domanda jkunu jistgħu jiġu kkoordinati b'mod effettiv; huwa tal-fehma li, jekk tkun prevista xi estensjoni tal-ambitu tal-proċedura negozjata, għandhom jiġu introdotti salvagwardji ulterjuri mill-abbuż – pereżempju l-obbligu tal-awtorità kontraenti li tistabbilixxi mill-bidu, lil kwalunkwe offerent, mill-inqas xi kundizzjonijiet minimi rigward il-prestazzjoni tal-proċedura, hekk kif jiġri b'mod tajjeb fl-akkwist mill-privat – u tistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' dokumentazzjoni bil-miktub;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-approċċi attwali għall-eleġibilità tal-fornituri (partikolarment il-ftehimiet qafas, is-sistemi dinamiċi tax-xiri u l-użu tas-sistemi ta' eleġibilità mill-akkwirenti tal-utilitajiet), sabiex kwalunkwe approċċ ġdid għall-eleġibilità jnaqqas l-ispejjeż u ż-żmien, ikun attraenti kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi u jwasslu għall-aħjar riżultati possibbli;

31. Itenni l-insistenza tiegħu fuq l-ammissjoni sistematika ta' offerti alternattivi (jew varjanti), billi dawn huma kruċjali biex jippromwovu u jxerrdu soluzzjonijiet innovattivi; jenfasizza li l-ispeċifikazzjonijiet li jirreferu għar-rekwiżiti ta' prestazzjoni u funzjonali u l-ammissjoni espliċita ta' varjanti jagħtu lill-offerenti l-opportunità li jipproponu soluzzjonijiet innovattivi, b'mod partikolari fis-setturi b'livell għoli ta' innovazzjoni bħalma huwa s-settur tal-ICT; jitlob ukoll li l-mezzi kollha – leġiżlattivi u mhumiex – jiġu esplorati biex tiġi żgurata parteċipazzjoni aħjar tal-akkwist pubbliku fil-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi kjarifiki fil-qafas regolatorju dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-fażi tat-twettiq tal-kuntratt (pereżempju dwar 'modifika sostanzjali' ta' kuntratt fis-seħħ, dwar bidliet li jikkonċernaw il-kuntrattur u t-terminazzjoni tal-kuntratti);

33. Iqis b'dispjaċir li l-offerenti għandhom biss opportunità limitata li jirrimedjaw għall-ommissjonijiet fl-offerti tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tesplora liema ommissjonijiet jistgħu jiġu rettifikati mill-offerenti, x'aġġustamenti addizzjonali huma permessi u jesploraw kif jistgħu jiġu garantiti t-trasparenza u t-trattament ugwali;

34. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-esperjenza preċedenti ma' offerent fuq il-bażi ta' rapport uffiċjali ta' evalwazzjoni; jirrakkomanda li għandu jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-esklużjonijiet, li għandu jiżgura t-trasparenza u l-oġġettività; jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa għal kjarifika leġiżlattiva fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE li tiddikjara li l-offerent li jinstab ħati ta' mġiba ħażina fi proċedura tal-akkwist preċedenti, jista' jerġa' jikseb l-affidabilità wara li jkun ta prova sostanzjali li huwa għadda minn proċedura effettiva ta' 'awtoregolazzjoni'; iqis li din il-kjarifika għandha trawwem mekkaniżmi kontra l-korruzzjoni bl-inċentivi sottostanti biex il-prattiki ta' korruzzjoni jingħelbu iktar malajr, u għandha telimina l-inċertezzi legali serji;

35. Jikkritika n-nuqqas tal-Geen Paper li ssemmi n-nuqqasijiet, in-nuqqas ta' kompetenzi u ta' għarfien dwar l-akkwist u l-inadegwatezza tal-istrateġiji tal-akkwist pubbliku; jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-professjonalità u li tkun garantita l-oġġettività kemm min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti u kemm min-naħa tal-operaturi tas-suq, b'mod partikolari billi jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ li huma maħsuba għalihom; jirrakkomanda li jiġi stabbilit netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza fi ħdan l-oqfsa nazzjonali eżistenti, u li jiġu promossi l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri; jinkoraġġixxi wkoll l-organizzazzjonijiet umbrella, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, biex jaqsmu r-responsabilità biex jagħmlu l-informazzjoni relevanti disponibbli u biex jiffaċilitaw l-iskambji tal-informazzjoni bejn il-membri tagħhom fl-Ewropa kollha; jenfasizza l-importanza ta' manwali ċari u li jinftiehmu kemm mill-awtoritajiet kontraenti u kemm mill-offerenti; isibu ta' dispjaċir il-fatt li d-dokumenti 'Ixtri għal ambjent aħjar! Manwal tal-akkwist pubbliku favur l-ambjent' u 'Xiri soċjali: Gwida sabiex Jitqiesu l-Kunsiderazzjonijiet Soċjali fl-Akkwisti Pubbliċi', ippubblikati fl-2005 u l-2010 rispettivament, mhumiex prattikabbli biżżejjed f'dan ir-rigward;

36. Jinnota li 1.4 % biss tal-kuntratti jingħataw lil intrapriżi li ġejjin minn Stat Membru differenti; jenfasizza li professjonalizzazzjoni u taħriġ aħjar tal-kontraenti u l-offerenti, irawmu l-kompetizzjoni madwar l-UE u biex jiġu sfruttati aktar bis-sħiħ il-vantaġġi li joffri suq intern tal-akkwisti għal kuntratti pubbliċi;

### *Ir-raba' kompitu: titjib tal-aċċess għall-SMEs*

37. Jenfasizza li l-aċċess immedjat għall-akkwist pubbliku għall-SMEs, li huma l-forza li tmexxi l-ekonomija Ewropea, huwa kruċjali għall-ħarsien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli, l-innovazzjoni u t-tkabbir; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi, kif ukoll il-ħolqien ta' strateġiji li huma ta' benefiċċju għall-SMEs, u l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' prattiki tajba, jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-kuntratti pubbliċi u jippermettulhom jipparteċipaw fuq livell iktar ugwali u ġust; huwa tal-fehma li l-għoti ta' aċċess issimplifikat, ugwali u ġust għall-akkwist pubbliku jirriżulta f'użu aħjar tal-flus tal-kontribwenti; jindika li l-SMEs ġeneralment ma jkollhomx kapaċità amministrattiva sinifikanti u speċjalizzata, u li għalhekk huwa essenzjali li jitnaqqas il-piż amministrattiv impost fuqhom;

38. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kriterji tal-għażla dwar il-qagħda finanzjarja, pereżempju rigward il-fatturat tal-kumpanija, għandhom ikunu proporzjonati man-natura tal-kuntratt partikolari; iwissi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, meta jadottaw strumenti flessibbli u faċli għall-utent, biex ma joħolqux ostakoli ġodda għall-SMEs u biex iqisu l-interessi tagħhom bħala prijorità; jitlob lill-Kummissjoni, bl-għan li jitjieb l-aċċess għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku u titjieb it-trasparenza tagħhom, partikolarment għall-benefiċċju tal-awtoritajiet kontraenti u tal-offerenti, biex jiġi mmodernizzat il-portal Tenders Electronic Daily (TED) ħalli jsir aktar aċċessibbli billi jitjiebu l-appell tiegħu u l-mod ta' kif jintuża, billi tingħata attenzjoni partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mat-tiftix tal-kriterji u l-kwalità u d-dettall tat-traduzzjonijiet fil-qosor ta' kull offerta; jirrakkomanda li TED għandu joffri servizz ta' avviż lill-utenti, biex jinformahom li jkunu ħarġu offerti ġodda li jkunu jinteressawhom;

39. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-għarfien dwar l-importanza tal-qsim tal-kuntratti f'lottijiet, u biex tikkunsidra l-implimentazzjoni tal-prinċipju 'applika jew spjega', li skontu għandhom jiġu osservati r-regoli dwar kwistjonijiet bħalma hija d-diviżjoni f'lottijiet, jew inkella għandha tingħata spjegazzjoni għan-nuqqas ta' konformità;

40. Jindika li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jisfruttaw aktar il-possibilitajiet li l-kuntratti pubbliċi jinqasmu f'partijiet, bir-riżultat li dan jagħti lill-SMEs opportunità akbar li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku, f'termini kwalitattivi u kwantitattivi, u jtejjeb il-livell tal-kompetizzjoni; jinkoraġġixxi lill-SMEs biex jagħmlu użu mill-akkwist konġunt u mill-ippuljar tal-kuntratti, li jkun jippermettilhom jagħmlu l-ekonomiji ta' skala fl-oqsma bħal-loġistika u t-trasport; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet pubbliċi biex ikunu flessibbli meta jqisu dawn il-forom tal-arranġamenti moderni u volontarji; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-possibilitajiet kollha biex jitħeġġeġ l-iggruppar tal-SMEs u tal-istrutturi ż-żgħar fuq bażi temporanja jew permanenti biex b'hekk ikunu jistgħu jieħdu sehem f'sejħiet għal offerti mhux ikkategorizzati f'lottijiet, mingħajr ma jkollhom jaġixxu bħala sottokuntratturi; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex teżamina b'mod partikolari l-prattika attwali tas-sottokuntrattar lill-SMEs – spiss b'kundizzjonijiet inferjuri għal dawk applikabbli mal-kuntrattur ewlieni – ta' partijiet mill-kuntratti li ma ġewx maqsuma f'lottijiet, u li huma kbar wisq biex jippermettu lill-SMEs jipparteċipaw fil-proċedura tal-akkwist;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

41. Jipproponi li jiġu permessi l-awtodikjarazzjonijiet meta dan ikun fattibbli, u li d-dokumenti oriġinali jintalbu biss lill-kandidati fil-lista mqassra jew lill-offerent rebbieħ biss, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe dewmien possibbli u tfixkil fis-suq kawża ta' dikjarazzjonijiet inkorretti; jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-għażla ta' 'passaport tal-akkwist' li huwa aċċettat mill-Istati Membri kollha u li jagħti prova li l-operatur ekonomiku jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kuntratti pubbliċi; jenfasizza l-punt li s-sistema Ewropea ta' prekwalifikazzjoni għandha tkun strument ta' għajnuna jekk tinżamm sempliċi, irħisa u aċċessibbli faċilment għall-SMEs;

***Il-ħames kompitu: l-iżgurar ta' proċeduri tajba u l-evitar ta' vantaġġi inġusti***

42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, sabiex tiġi miġġielda l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku, prattiki ta' rapportar aktar effikaċi, inklużi l-iskambji tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-esklużjoni ta' offerenti mhux affidabbli; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi regoli ċari dwar il-protezzjoni ta' informaturi, insegwitu tar-rakkomandazzjonijiet fir-Riżoluzzjoni 1729(2010) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ([1]), biex ittejjeb it-trasparenza ta' kuntratti ffinanzjati mill-UE u tippromwovi azzjoni edukattiva kemm fil-livell istituzzjonali kif ukoll fil-livell tal-pubbliku ġenerali;

43. Jinnota li ċerti Stati Membri diġà qed japplikaw proċeduri tal-għoti tal-akkwist pubbliku effiċjenti li jiżguraw it-trasparenza u l-użu xieraq tal-flus tal-persuni taxxabbli; jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-aħjar prattiki tal-Istati Membri f'dan il-qasam u tidentifika l-prinċipji l-aktar effettivi għall-akkwist pubbliku fl-UE;

44. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-favolitiżmu hija waħda mill-objettivi tad-direttivi; jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri jaffaċċjaw sfidi differenti f'dan il-qasam u li approċċ Ewropew iżjed elaborat jissogra li jdgħajjef l-isforzi ġenerali biex jiġu armonizzati u ssimplifikati r-regoli, u li joħloq burokrazija ġdida; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-prinċipji tat-trasparenza u l-kompetizzjoni huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob għal approċċ komuni dwar il-miżuri 'tal-awtoregolazzjoni' biex jevita d-distorsjonijiet tas-suq u jiżgura ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u bl-istess mod għall-awtoritajiet kontraenti;

45. Huwa tal-fehma li, billi l-kuntratti pubbliċi jikkonċernaw il-fondi pubbliċi, għandhom ikunu trasparenti u miftuħa għall-iskrutinju pubbliku; jitlob kjarifika mill-Kummissjoni bl-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-awtoritajiet pubbliċi lokali u oħrajn u jkunu jistgħu jinfurmaw liċ-ċittadini bl-obbligi kuntrattwali tagħhom;

46. Jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-problemi relatati mal-offerti baxxi b'mod eċċezzjonali u biex tipproponi soluzzjonijiet xierqa; jirrakkomanda li l-awtoritajiet kontraenti jipprovdu, f'każ li jkunu rċevuti offerti baxxi iktar min-normal, informazzjoni bikrija u suffiċjenti lil offerenti oħra, sabiex jippermettulhom jivvalutaw jekk hemmx raġuni biex tinbeda l-proċedura ta' reviżjoni; jitlob konsistenza akbar bejn il-politika esterna komuni tal-kummerċ tal-UE u l-prattiki fl-Istati Membri li jaċċettaw fuq bażi eċċezzjonali l-offerti baxxi;

***Is-sitt kompitu: l-espansjoni fl-użu tal-akkwist-e***

47. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-espansjoni fl-użu tal-akkwist-e; jindika li l-pjan ta' azzjoni tal-akkwist-e naqas milli jikseb l-objettiv tiegħu u li jeħtieġ tmexxija iktar politika fil-livelli kollha tal-gvern – inkluż il-livell tal-UE – biex tinżamm u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni għall-akkwist-e; irid jiżgura li minn tal-anqas 50 % tal-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku kemm tal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri jsiru b'mod elettroniku, b'konformità mal-impenn tal-gvernijiet tal-Istati Membri waqt il-konferenza ministerjali dwar gvern-e li saret fl-2005 f'Manchester;

([1]) Ir-Riżoluzzjoni 1729(2010) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni ta' informaturi, test adottat fid-29 ta' April 2010.

48. Jenfasizza l-fatt li l-Kummissjoni għandha rwol uniku fil-promozzjoni tal-progress tal-istandardizzazzjoni u l-kwistjonijiet tal-infrastruttura – il-firem-e u t-timbrar tal-ħin, pereżempju, jeħtieġu format maqbul b'mod komuni għall-finijiet tas-sigurtà; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-istandards komuni inkwistjoni; jenfasizza li r-rekwiżiti tekniċi onerużi għall-awtentikar tal-offerent ikunu jistgħu iservu ta' ostakolu għall-operaturi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema standardizzata għall-firma-e; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli servizz ta' validazzjoni għal ċertifikati maħruġa mill-fornituri tas-servizz taċ-ċertfikazzjoni taħt is-superviżjoni tagħhom;

49. Jenfasizza l-fatt li, biex tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi differenti u biex tiġi evitata r-rabta tal-bejjiegħ, għandhom jiġu osservati standards miftuħa u n-newtralità fit-teknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura l-interoperabbiltà reali bejn il-pjattaformi differenti għall-akkwist-e diġà fis-seħħ fl-Istati Membri, biex jintużaw aktar ir-riżultati miksuba minn inizjattivi tal-UE bħalma huma l-PEPPOL u l-e-CERTIS;

50. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kwalunkwe proposta leġiżlattiva bl-għan li tespandi u tissimplifika l-użu tal-akkwist-e għandha tiġi integrata fir-reviżjoni tad-direttivi ewlenin dwar l-akkwist pubbliku u għandha tkun konformi mal-ambitu u r-regoli ġenerali dwar l-akkwist pubbliku bħall-obbligi marbuta mal-livelli limitu;

51. Jenfasizza li l-akkwist-e jista' jixpruna s-simplifikazzjoni tal-proċess kollu tal-akkwist, waqt li jintroduċi l-effiċjenzi li jwasslu għall-iffrankar sinifikanti tal-ispejjeż u tal-ħin kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, u jżid it-trasparenza u l-aċċessibilità; jinnota li l-akkwist ta' kuntatti b'mod elettroniku, b'mod partikolari, jiftaħ perspettivi ġodda għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi; ifakkar li l-akkwist-e għandu jkun inqas għali, iktar espedjenti u iktar trasparenti mill-proċeduri tal-akkwist pubbliku konvenzjonali; jemmen, madankollu, li għad baqa' lok għal titjib u li għandha tittieħed aktar azzjoni f'termini tal-aċċess għal informazzjoni u dejta statistika li jkunu affidabbli, komparabbli u oġġettivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-użu transkonfinali tal-akkwist-e;

52. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-leġiżlazzjoni mhijiex l-uniku element ewlieni li tippromwovi l-bidla; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tesplora modi ġodda għall-iskambju tal-esperjenzi, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-fruntieri fost l-atturi lokali u reġjonali; jenfasizza l-ħtieġa qawwija li jissaħħu iktar il-kapaċità u l-għarfien tal-persunal li jaħdmu fil-qasam tal-akkwist-e u – permezz ta' inċentivi nazzjonali u/jew biex ikun żgurat 'trattament ugwali' bejn l-SMEs u l-impriżi l-kbar – biex l-SMEs jiġu assistiti fil-bini tal-għarfien u l-kapaċità tagħhom; jilqa' l-Faċilità tal-Għaqda Ewropea bħala strument ġdid li jżid l-akkwist-e transkonfinali, bir-riżultat li jippermetti l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali;

53. Jilqa' l-avviż tal-Kummissjoni fil-'Pjan ta' Azzjoni 2011-2015 għall-Gvern-e' li l-pjattaforma *epractice.eu* għandha tiġi żviluppata f'għodda effettiva għall-iskambju tal-esperjenzi u l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-professjonisti tal-gvern-e, u jħeġġeġ l-estensjoni tal-ambitu għall-professjonisti lokali u reġjonali;

*

* *

54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

# Il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea

P7_TA(2011)0455

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2010/2273(INI))**

(2013/C 131 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21, 45 u 47 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 15, 21, 29, 34 u 45 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta 'Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg ([2]),

— wara li kkunsidra l-Istandards Ewlenin tax-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċirkolaw u jirrisjedu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri ([4]), ir-rapport 2008 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE (COM(2008)0840) u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2007 u April 2009 dwar id-Direttiva 2004/38/KE,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' segwitu tal-Komunikazzjoni dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorji tal-Istati Membri (COM(2009)0313),

— wara li kkunsidra l-abbozz tar-rapport interim bit-titolu "Studju komparattiv dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri" mitlub mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tiegħu u ppreżentat mis-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (ECAS),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE, kif ukoll l-intenzjoni tiegħu li jippubblika gwidi simplifikati għaċ-ċittadini tal-UE u li jsir l-aħjar użu mill-Internet,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar "Il-mobilità, strument għal aktar impjiegi u impjiegi aħjar: Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Mobilità tal-Impjiegi (2007-2010)" (COM(2007)0773),

([1]) ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.
([2]) ĠU L 288, 18.10.1991, p. 32.
([3]) ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.
([5]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-impatt tal-moviment ħieles tal-ħaddiema fil-kuntest tat-tkabbir tal-UE (COM(2008)0765),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar "Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda L-antiċipazzjoni u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa" (COM(2008)0868),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2010 dwar "Li ttenni l-moviment liberu tal-ħaddiema: drittijiet u żviluppi maġġuri" (COM(2010)0373),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011, " L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja "Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2011)0206), li tinkludi l-mobilità tal-ħaddiema bħala waħda mit-tnax-il strument tagħha,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropa 2020 u b'mod partikolari l-inizjattivi ewlenin tagħha 'Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi ġodda' u 'Żgħażagħ Attivi',

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tas-27 ta' Novembru 2008 dwar "Il-moviment liberu tal-persuni: abbużi u użu ħażin tad-dritt għall-moviment ħieles",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Impjieg, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur tad-9 ta' Marzu 2009 dwar 'Il-mobilità professjonali u ġeografika tal-ħaddiema u l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea',

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2009 dwar il-problemi u l-prospetti taċ-ċittadinanza Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Mobilità tal-Impjiegi (2007-2010) ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-identifikazzjoni tal-ostakoli li għad hemm għall-mobbiltà fis-suq intern tax-xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0258/2011),

A. billi l-għajxien u x-xogħol fid-diversi Stati Membri huma waħda mil-libertajiet fundamentali tal-Unjoni - irrispettivament mill-oriġini etnika tal-persuna -, komponent bażiku taċ-ċittadinanza tal-Unjoni rikonoxxut fit-Trattati, iżda l-istatistiċi juru li għad hemm ftit wisq nies li jibbenefikaw minn dan id-dritt minkejja l-inizjattivi speċifiċi meħuda b'appoġġ għall-mobilità tal-ħaddiema,

B. billi l-mobilità tal-ħaddiema tal-UE għandha tiġi inkoraġġuta fl-Unjoni Ewropea kollha fejn hemm bżonn ta' impjieg,

C. billi l-ħaddiema tal-UE jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet u sfidi meta jfittxu xogħol fi Stat Membru ospitanti,

([1]) ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 14.
([2]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 23.
([3]) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 14.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

D. billi d-dritt għal għajxien u xogħol f'pajjiż ieħor tal-Unjoni huwa wieħed mil-libertajiet fundamentali tal-Unjoni, element bażiku taċ-ċittadinanza tal-Unjoni rikonoxxut mit-Trattati, skont l-istatistika u minkejja l-inizjattivi speċifiċi li jappoġġaw il-mobilità tal-ħaddiema, xorta għad hemm wisq ftit persuni li qed igawdu minn dan id-dritt,

E. billi r-rata ta' mobilità tal-ħaddiema bħalissa mhijiex suffiċjenti biex ittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea; billi huma biss 2,3 % tal-persuni tal-UE li jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex l-istat ta' fejn huma ċittadini, iżda 17 % bihsiebhom igawdu mill-moviment liberu fil-ġejjieni u 48 % iqisu l-possibilità li jfittxu impjieg f'pajjiż jew reġjun ieħor f'każ ta' qgħad,

F. billi l-moviment liberu tal-ħaddiema jirrappreżenta eżempju pożittiv soċjoekonomiku kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri, bħala pass importanti għall-integrazzjoni Ewropea, l-iżvilupp ekonomiku, il-koeżjoni soċjali, l-aġġornament individwali fil-livell professjonali, il-ġlieda kontra l-preġudizzji, ir-razziżmu u l-ksenofobija, u jista' jpatti għall-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u jipprepara aħjar għall-isfidi tal-bidla globali, billi jimpenja lill-partijiet interessati kollha fil-livell deċiżjonali flimkien mas-soċjetà ċivili fi djalogu,

G. billi l-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema hija kontribut pożittiv biex jintlaħqu l-objettivi tal-impjieg stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-mobilità tax-xogħol fl-inizjattivi ewlenin u lill-Istati Membri biex jinkludu d-dimensjonijiet tal-mobilità tax-xogħol u ġeografika meta jfasslu l-istrateġiji Nazzjonali tagħhom u l-programmi ta' riforma,

H. billi l-liġijiet dwar l-impjieg, li mhumiex suffiċjentement flessibbli, jostakolaw il-mobilità tal-ħaddiema fl-Ewropa,

I. billi, skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2008, ħaddiema mobbli minn pajjiżi li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007 kellhom impatt pożittiv fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri li ospitaw lill-ħaddiema mobbli,

J. billi l-evoluzzjoni reċenti tas-soċjetajiet tagħna speċjalment minħabba l-bidla industrijali, il-globalizzazzjoni, skemi tax-xogħol ġodda, il-bidla demografika, u l-iżvilupp tal-mezzi tat-trasport, jintalab grad ogħla ta' mobilità fost il-ħaddiema,

K. billi ma ġew irrappurtati l-ebda effetti negattivi f'dawk l-Istati Membri li ma applikawx il-miżuri tranżitorji rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema li jiġu minn Stati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007, iżda għadd ta' Stati Membri ddeċidew li jibqgħu japplikaw restrizzjonijiet fis-swieq tax-xogħol tagħhom fir-rigward taċ-ċittadini tar-Rumanija u tal-Bulgarija,

L. billi, minkejja l-atti legali u l-programmi tal-UE bl-għan li jiġi promoss il-moviment liberu tal-ħaddiema, hemm ostakoli għall-implimentazzjoni sħiħa ta' dan id-dritt fundamentali (pereżempju, ostakoli soċjali, legali u amministrattivi, politiki ta' ritorn dgħajfa li ma jissodisfawx il-bżonnijiet tal-ħaddiema migranti, nuqqas ta' rikonoxximent tal-esperjenza tal-mobilità, diffikultajiet fir-rigward tal-impjieg tal-konjuġi u s-sieħba u dewmien fil-proċess ta' rikonoxximent tad-diplomi),

M. billi fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, il-mobilità professjonali u ġeografika tal-ħaddiema tista' tgħin biex jitnaqqas il-qgħad billi titqabbel il-provvista tax-xogħol mat-talba, billi tikkontribwixxi għal opportunitajiet tal-ħolqien tax-xogħol, biex tadatta l-ekonomija, is-soċjetà u d-demografija għal bidliet strutturali, u biex tippromwovi t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE; għalhekk, jikkunsidra li l-proċeduri attwali għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali jirrappreżentaw ostakolu kbir għall-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea;

N. billi dawn l-ostakoli u restrizzjonijiet jiksru dritt fundamentali tal-ħaddiema, jagħmlu l-irkupru tal-ekonomiji tal-UE iktar diffiċli u jistgħu jwasslu għal effetti kontraproduċenti, bħal żieda fix-xogħol illegali, espansjoni fl-ekonomija s-sewda u sfruttament tal-ħaddiema,

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

O. billi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali hija projbita skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

P. billi l-kriżi ekonomika attwali kellha effetti negattivi fuq il-mobilità u laqtet bl-iktar mod aħrax lill-ħaddiema temporanji u dawk part-time, u billi n-nisa jikkostitwixxu waħda mill-kategoriji l-iktar effettwati,

Q. billi differenzi qawwija fil-ġeneri huma viżibbli fir-rigward tal-mobilità tal-ħaddiema fl-UE (l-irġiel jirrapportaw li ċċaqalqu minħabba impjieg ġdid jew trasferiment tal-impjieg b'ħafna iktar frekwenza min-nisa, 44 % f'paragun ma' 27 % rispettivament [1]); billi hemm bżonn ta' monitoraġġ aħjar tal-fenomenu tal-mobilità, ibbażat fuq data maqsuma skont il-ġeneru,

1. Jirrimarka li r-rapport tal-Kummissjoni COM(2008)0840 jidentifika ksur persistenti min-naħa ta' Stati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE, li taffettwa l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, u din is-sitwazzjoni wasslet għal bopsta lmenti individwali, petizzjonijiet u 'l fuq minn 40 mistoqsija mill-Parlament, li b'riżultat tagħhom, il-Kummissjoni fetħet ħames proċedimenti ta' ksur għal applikazzjoni inkorretta tad-Direttiva;

2. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010)0373, li tiddeskrivi u tispjega l-istat attwali fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, iżda jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' miżuri konkreti u ta' soluzzjonijiet għall-problema tal-mobilità;

3. Jilqa' inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni, bħall-Mekkaniżmu għall-Promozzjoni tal-Mobilità tan-Nisa WO.M.EN, u jistedinha testendi u ttejjeb l-ambitu tal-proġetti mmirati biex iżidu l-mobilità tal-ħaddiema nisa;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi ulterjorment l-mobilità tal-impjiegi billi tippreżenta strateġija għall-mobilità fit-tul, komprensiva u multidixxiplinari biex jiġu pprojbiti l-ostakoli kollha legali, amministrattivi u prattiċi eżistenti għall-moviment liberu tal-ħaddiema; jitlob li jkun hemm politika konsistenti, effiċjenti u trasparenti ffokata fuq ir-rekwiżiti ta' suq tax-xogħol u tendenzi ekonomiċi;

5. Jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-mobilità tal-ħaddiema billi tippjana u tippromwovi aktar strateġiji biex tiġi mogħtija informazzjoni ssimplifikata dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti u l-benefiċċji tal-mobilità għall-proċess totali tal-iżvilupp u għall-ekonomiji kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri tagħha. It-tqajjim tal-kuxjenza tal-ħaddiema, tal-membri tal-familji tagħhom u tal-partijiet interessati dwar id-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom u l-għodod disponibbli fir-rigward tal-moviment liberu, huwa fattur ewlieni sabiex tiġi implimentata effettivament il-leġiżlazzjoni tal-UE;

6. Huwa tal-fehma li l-uniku mod biex il-mobilità tiġi promossa b'mod effikaċi huwa permezz ta' titjib sostanzjali fir-rigward tas-solidarjetà u tar-responsabbiltà maqsuma min-naħa tal-Istati Membri u permezz tal-formulazzjoni ta' qafas regolatorju ċar li jirregola l-migrazzjoni legali;

7. Jistieden lill-Istati Membri jneħħu l-ostakoli għall-mobilità tal-ħaddiema billi joffru persuni (li l-bicca l-kbira tagħhom ikunu nisa) li jsegwu lil żewġhom jew sħabhom fi Stat Membru ieħor servizzi f'lokhom bħalma huma korsijiet maħsuba biex jiffaċilitawlhom l-integrazzjoni fl-ambjent soċjali u kulturali ġdid tagħhom, pereżempju korsijiet tal-lingwa u korsijiet vokazzjonali;

8. Jinnota, madankollu, li l-mobilità għandha tibqa' volontarja; jishaq li l-konsegwenzi negattivi ta' mobilità miżjuda, li jwasslu għal eżodu tal-imħuħ u l-eżodu taż-żgħażagħ, kif ukoll impatti negattivi fuq il-koeżjoni tal-familja u t-tfal meta wieħed mill-ġenituri jew it-tnejn li huma jkunu jaħdmu barra mill-pajjiż, għandhom jonqsu aktar fil-livell tal-UE;

[1] Studju tal-Eurofound 'Mobility in Europe - the way forward'.

9. Jitlob lill-Istati Membri joħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mmirati biex jipprevjenu effetti devastanti ta' dan it-tip fuq il-familji, speċjalment fuq it-tfal, ikkawżati mill-firda mill-ġenituri tagħhom u mill-bogħod bejniethom;

***Simplifikazzjoni amministrattiva u aspetti legali***

10. Meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-leġiżlazzjoni eżistenti, ifakkar li l-Istati Membri għandhom ir-responsabilità li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-eżerċizzju tal-moviment liberu bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni ottimali ta' dan id-dritt u li jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux ġustifikati, mhux neċessarji u żejda li jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' dan id-dritt;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-integrazzjoni tal-prattiki amministrattivi u l-kooperazzjoni amministrattiva biex ikun jista' jkun hemm sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali;

12. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri joħolqu kanali ta' komunikazzjoni aktar effettivi bejn il-ħaddiema migranti u s-servizzi korrispondenti tal-Istat, sabiex il-ħaddiema jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom;

13. Jenfasizza li d-"drittijiet tal-ħaddiema" jistgħu jiġu implimentati aħjar jekk u meta migrant tal-UE jiġi impjegat f'attività mħallsa legalment fi Stat Membru ospitant;

14. Jenfasizza li l-ħaddiema nisa li jmorru f'pajjiżi ieħor għal xogħol li jinvolvi l-kura tat-tfal jew tax-xjuħ, bħalma huma babysitters, au-pairs, nannies jew infermieri, spiss jitħaddmu minn entitajiet privati bħal familji jew membri tal-familji u b'hekk jispiċċaw jaħdmu mingħajr kuntratt jew illegalment, u konsegwentement ma jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-ebda dritt jew benefiċċju tas-sigurtà soċjali, tal-kura tas-saħħa eċċ.;

15. Jinsab imħasseb dwar it-traspożizzjoni dgħajfa u l-implimentazzjoni tad-direttivi attwali dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, partikolarment tad-Direttiva 2004/38/KE fir-rigward tad-dritt għad-dħul u l-għajxien għal membri familjari minn pajjiżi terzi, u proċeduri amministrattivi żejda u dokumenti ta' residenza addizzjonali (permessi tax-xogħol, provi ta' akkomodazzjoni soddisfaċenti) inkonsistenti mad-Direttiva 2004/38/KE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni teżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi tagħha skont it-Trattati, billi tissorvelja b'mod kontinwu u komprensiv l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE, inkluż, jekk ikun meħtieġ, l-eżerċizzju tad-dritt tagħha li tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra Stati Membri mhux konformi;

17. Jistieden lill-Istati Membri jerġgħu jeżaminaw id-dispożizzjonijiet tagħhom li jirregolaw il-perjodi tranżitorji għal aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom li, fuq perjodu twil ta' żmien, jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-valuri u d-drittijiet fundamentali li jinsabu fit-Trattati tal-UE, bħal-libertà tal-moviment, in-nondiskriminazzjoni u s-solidarjetà u d-drittijiet ugwali; għalhekk jilqa' d-deċiżjoni riċenti ta' xi Stati Membri li jiftħu għalkollox is-swieq tax-xogħol tagħhom għal uħud mill-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u jikkundanna l-proposti leġiżlattivi riċenti fi Stati Membri oħra maħsuba biex jiddgħajfu d-drittijiet tal-ħaddiema mill-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u fl-2007; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga jekk tali politiki jiksrux il-liġi tal-UE;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-qafas legali attwali dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali stabbilit fid-Direttiva 2005/36/KE;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità ([1]) sabiex jitqiesu l-proposti li saru mill-Parlament Ewropew f'din ir-riżoluzzjoni;

([1]) ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Istati Membri japplikaw ir-regolament 'Brussell I' (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001) fir-rigward tar-rikonoxximent tal-ġuriżdizzjoni u l-infurzar tas-sentenzi fil-kwistjonijiet ċivili u kummerċjali; jisħaq l-importanza tar-regolament 'Brussell I' fir-rigward ta' sanzjonijiet u multi għall-isfruttament tal-ħaddiema;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva 2004/38/KE mingħajr ebda diskriminiazzjoni, inkluża dik abbażi l-orjentament sesswali; ifakkar lill-Kummissjoni dwar talbiet preċedenti biex jiġi żgurat il-moviment liberu taċ-ċittadini kollha tal-UE u l-familji tagħhom, indipendentement mill-orjentazzjoni sesswali tal-persuni;

***Rabtiet ma' politiki oħra***

22. Jinnota li d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema ma jistax jitqies b'mod iżolat minn drittijiet oħra u prinċipji bażiċi tal-UE, u li r-rispett għall-mudell soċjali Ewropew u d-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, se joffri l-possibilità ta' impjiegi deċenti, kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, inkluż protezzjoni u sigurtà waqt ix-xogħol, drittijiet ta' sigurtà soċjali, trattament indaqs, rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja mal-ħajja professjonali u libertà tal-provvista ta' servizzi; jisħaq li d-dritt għal vot fl-elezzjonijiet lokali, reġjonali u Ewropej huwa element essenzjali ta' dawn id-drittijiet u jitlob implimentazzjoni aħjar; jinnota li d-dritt għal vot fl-elezzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri ta' oriġini jista' jintilef, jemmen li għandha tingħata kunsiderazzjoni lil din il-kwistjoni;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproduċi tabella tar-riżultat li tippreżenta l-ostakoli li jaffaċċjaw il-ħaddiema tal-Unjoni li jixtiequ jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għal moviment liberu u kif qed jiġu trattati fl-Istati Membri, sabiex jiġi evalwat jekk tali ostakoli jiġux trattati bir-reqqa u b'mod effettiv;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa bir-reqqa s-sitwazzjoni ekonomika attwali fl-Istati Membri fir-rigward tas-swieq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri biex jintegraw aħjar il-politiki tal-migrazzjoni fir-rigward tax-xogħol sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tax-xogħol u bil-għan li tingħata spinta lill-produzzjoni interna;

25. Jifraħ lill-Kummissjoni talli rabtet il-mobilità tal-ħaddiema mal-Istrateġija Ewropa 2020 u hu tal-fehma li dan huwa ta' importanza kruċjali biex tingħata spinta lill-benesseri fl-UE permezz ta' ħolqien sod u sostenibbli tal-impjiegi;

26. Jenfasizza l-importanza tat-trattament indaqs tal-ħaddiema, flimkien ma' protezzjoni adegwata tad-drittijiet tax-xogħol, biex wieħed ikun konformi mar-regoli fis-seħħ fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u fil-ftehimiet kollettivi fl-Istati Membri kkonċernati. Jemmen li l-prinċipju ta' "l-istess paga għall-istess xogħol", flimkien mal-ugwaljanza bejn is-sessi, għandu japplika madwar l-UE biex jiġi evitat id-demping soċjali u fis-salarji; Jenfasizza li d-drittijiet ikunu biss ta' benefiċċju għal kulħadd jekk jiġu implimentati u infurzati kif xieraq; Għal dawn l-għanijiet, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-moviment liberu qatt ma jiġi sfruttat għal skopijiet ta' trattament mhux indaqs, jew għal dumping soċjali u fis-salarji;

27. Iqis li il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u dik tal-UE għandhom ikunu kkoordinati aktar mill-qrib sabiex jiġi evitat kull tip ta' ostakolu għall-implimentazzjoni u l-użu tad-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiggarantixxu, filwaqt li jikkunsidraw s-sussidjarjetà, l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar non-diskriminazzjoni, biex jittieħdu miżuri prattiċi biex jissaħħaħ il-prinċipju ta' trattament indaqs ta' ħaddiema mobbli, u għall-ġlieda kontra l-preġudizzju, ir-razziżmu u l-ksenofobija;

29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-politika tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, l-isfruttament tal-ħaddiema migranti tal-UE fl-Unjoni Ewropea u l-abbuż tad-drittijiet tagħhom minħabba li ma jkunux jafu biżżejjed il-lingwi u l-liġijiet applikabbli għall-impjieg tagħhom fl-Istat Membru ospitanti;

30. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jżidu l-attenzjoni li l-awtoritajiet li huma responsabbli għall-monitoraġġ tas-suq tal-impjieg jagħtu lill-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema mobbli, partikolarment billi jtejbu l-edukazzjoni u t-tqajjim tal-kuxjenza fil-qasam tal-liġi dwar l-impjieg;

31. Iqis li l-emendi tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar is-sigurtà soċjali, is-sistema tal-kura tas-saħħa u t-tassazzjoni għandhom jiġu eżaminati minn qabel sabiex jiġi żgurat x'impatt se jkollhom fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema; jitlob, għalhekk, biex ikun hemm introduzzjoni ta' rekwiżit li għandha ssir stima tal-impatt fuq il-fruntiera li tforni informazzjoni ddettaljata dwar l-ostakoli għall-moviment liberu;

32. Jindika li l-mobilità transkonfinali miżjuda titlob ukoll l-involviment attiv tas-sieħba soċjali, speċjalment it-trejdjunjins, sabiex il-ħaddiema kkonċernati jiġu pprovduti, speċjalment dawk li temporanjament qed jaħdmu barra mill-pajjiż, b'informazzjoni adegwata u effettiva, appoġġ u protezzjoni fir-rigward tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol;

33. Iqis li, biex jiġu implimentati b'mod effiċjenti l-politiki kollha relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema, l-azzjoni għandha tkun ikkoordinata, speċjalment fl-oqsma ta' tkomplija tas-suq intern, il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, id-drittijiet għall-pensjoni supplimentari, il-protezzjoni tal-ħaddiema, il-kura tas-saħħa transkonfinali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-miżuri fiskali bħal dawn maħsuba biex tiġi evitata tassazzjoni doppja, u l-azzjoni kontra d-diskriminazzjoni;

34. Jenfasizza li r-restrizzjonijiet fil-qasam tax-xogħol huma ta' ostaklu għat-tħaddim tas-suq intern u li l-kriżi ekonomika turi l-bżonn li tiġi promossa l-mobilità ħielsa fil-qasam tax-xogħol;

35. Itenni li, sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi fil-qasam tas-suq intern tal-UE, għall-iskop tal-impjieg l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza liċ-ċittadini tal-Unjoni u jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal impjiegi bi kwalifiki għolja, kif stabbilit fid-Direttiva 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin [1]; jenfasizza l-importanza li jiġu miċħuda applikazzjonijiet għall-Karta Blu tal-UE fis-setturi tas-suq tax-xogħol li għalihom l-aċċess għall-ħaddiema minn Stati Membri oħrajn ikun ristrett fuq il-bażi ta' arranġamenti tranżitorji;

36. Jitlob koordinazzjoni aħjar bejn l-Istituzzjonijiet Ewropej u dawk nazzjonali biex jinfurmaw aħjar u jipprovdu assistenza għaċ-ċittadini u jikkontrollaw kif id-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema qed jiġi traspost fil-prattika u użat mill-individwi sabiex iħaffef l-implimentazzjoni tal-mobilità tas-suq;

37. Huwa tal-fehma li sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati jiffaċilitaw bil-kbir il-mobilità ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema u li l-inklużjoni soċjali tal-ħaddiema mobbli u r-riintegrazzjoni soċjali ta' ħaddiema li jirritornaw għandhom jiġu inklużi fil-politika dwar il-mobilità tax-xogħol; jenfasizza li għal dan il-għan, huma assolutament neċessarji u għandhom ikunu promossi r-rikonoxximent ta' intitolamenti diġà miksuba kif ukoll għarfien ikbar tad-differenxi bejn is-sistemi fl-Istati Membri individwali;

38. Jistieden lill-Istati Membri biex jittrattaw il-kwistjoni ta' impjieg għal rashom falz fost ħaddiema mobbli; jenfasizza l-bżonn li dawk il-ħaddiema jingħataw aċċess għad-drittijiet u għall-protezzjoni;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-ksenofobija kontra l-ħaddiema kollha tal-UE billi jipprovdu l-mezzi għall-integrazzjoni u l-informazzjoni u biex jippromwovu l-fehim, id-diversità kulturali u r-rispett fi Stati Membri li jospitaw ħaddiema mobbli;

40. Jenfasizza li implimentazzjoni effiċjenti tal-moviment liberu tal-ħaddiema teħtieġ azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali biex jiffaċilitaw u jissimplifikaw proċeduri amministrattivi dwar kwistjonijiet marbuta b'mod indirett ma' dan id-dritt, bħat-trasferiment ta' reġistrazzjoni tal-vetturi u l-garanzija tal-aċċessibilità ta' rekords mediċi, id-dispożizzjoni ta' bażi tad-dejta komprensiva dwar il-kompetenza attwali tal-prestazzjoni ta' min jaħdem fil-kura tas-saħħa, l-evitar ta' tassazzjoni doppja, regoli ċari dwar ir-rimborż ta' spejjeż mediċi, eċċ.;

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

41. Isostni li l-possibilità għall-ħaddiema migranti li jgawdu mill-portabilità tad-drittijiet tal-pensjoni tagħhom hija element fundamentali biex jiġi garantit l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet akkwistati;

42. Iqis li s-SME jistgħu jaġixxu biex jagħtu spinta lill-irkupru ekonomiku u lill-iżvilupp, peress li huma s-sors primarju tal-ħolqien tal-impjiegi; itenni għalhekk il-bżonn ta' impenn min-naħa tal-UE biex tappoġġa u tiżviluppa s-SME (pereżempju mill-Faċilità Mikrofinanzjarja ta' Progress), partikolarment permezz tal-politiki tal-impjieg attivi u l-edukazzjoni vokazzjonali u l-programmi ta' taħriġ;

43. Jistieden ir-reġjuni tal-fruntieri biex jikkunsidraw il-ftehim biex jippromwovu l-mobilità tax-xogħol transkonfinali sabiex jinkisbu vantaġġi reċiproki (ta' benefiċċju) għal dawn ir-reġjuni;

***Miżuri għall-promozzjoni tal-moviment liberu***

44. Jistieden lill-Istati Membri jeqirdu l-ostakoli tranżitorji eżistenti fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2007; huwa tal-fehma li dawn l-ostakoli jimponu standards doppji, huma kontraproduċenti u jirrappreżentaw miżuri diskriminatorji kontra ċittadini Ewropej, filwaqt li jitlob li l-klawsola ta' preferenza tiġi infurzata b'mod effettiv fl-Unjoni kollha;

45. Huwa tal-fehma li l-mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea hi essenzjali għall-irkupru ekonomiku u l-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020; iħeġġeġ għalhekk lil dawk l-Istati Membri li għadhom jimponu restrizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fir-rigward taċ-ċittadini Rumeni u Bulgari biex ineħħuhom sa tmiem l-2011 skont id-data ta' skadenza stabbilita fit-Trattat ta' Adeżjoni;

46. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib u effiċjenti fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kontroll tal-konformità tal-kuntratti tax-xogħol mad-dritt nazzjonali u tal-UE; jirrimarka li l-għajnuna reċiproka u l-iskambju tal-informazzjoni għandhom jiġu garantiti fost l-Istati Membri f'każijiet ta' ksur; jitlob lill-Kummisjoni tissorvelja dan il-proċess;

47. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-partijiet interessati kollha biex jagħmlu ħilithom kollha biex iżidu l-livell ta' kuxjenza fost il-ħaddiema dwar id-drittijiet tagħhom u d-diversi strumenti (il-liġi tax-xogħol, il-ftehim kollettiv, il-kodiċi tal-kondotta, id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali) li jirregolaw ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tagħhom;

48. Jiddeplora t-tnaqqis fl-ispezzjoni tax-xogħol fl-UE kollha; jisħaq li kontrolli effiċjenti huma elementi essenzjali biex jiggarantixxu trattament indaqs u kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd; jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-ispezzjoni tax-xogħol u jagħtu riżorsi suffiċjenti tal-ispezzjonijiet tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni biex itejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-ispezzjonijiet tax-xogħol;

49. Jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal tal-ħaddiema mobbli tal-UE ma jiffaċċjawx diffikultajiet rigward in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza tagħhom minħabba l-għażliet tax-xogħol tal-ġenituri tagħhom, u li l-ħtiġijiet partikolari tat-tfal tal-ħaddiema mobbli għandhom jiġu adegwatament studjati biex jiġu żgurati reazzjonijiet politiċi effikaċi;

50. Jissottolinja li l-Istati Membri għandhom itejbu s-sitwazzjoni tat-tfal li l-ġenituri tagħhom iħalluhom warajhom, u jgħinuhom biex jiżviluppaw normalment u jibbenefikaw mill-edukazzjoni u jkollhom ħajja soċjali adegwata;

51. Jesprimi t-tħassib tiegħu għall-ammont li dejjem jiżdied ta' xogħol sfurzat fl-UE li f'ċertu żoni għandu rabtiet mill-qrib ma' kriminalità organizzata; jisħaq il-ħtieġa biex ix-xogħol sfurzat isir prijorità ewlenija fl-attivitajiet tal-EUROPOL u l-EUROJUST; iħeġġeġ l-Istati Membri biex iżidu l-isforzi konġunti tagħhom biex jikkontrollaw, iħarrku u jissanzjonaw ix-xogħol sfurzat u jiżguraw li dan huwa koprut mis-sanzjonijiet kriminali; jisħaq il-ħtieġa għal miżuri li jiżguraw il-protezzjoni tal-vittmi ta' xogħol sfurzat;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora u tippubblika l-effetti pożittivi u negattivi dovuti għall-mobilità tal-impjieg kemm għall-pajjiżi oriġinarji kif ukoll għall-pajjiżi ospitanti u għall-UE, mill-aspetti soċjoekonomiċi u ta' koeżjoni ġeografika, billi jiġu enfasizzati konsegwenzi bħal: telfiet ekonomiċi, żieda fix-xogħol mhux iddikjarat u kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi dovuti għal sitwazzjoni legali mhux ċara meta jidħlu fis-seħħ il-miżuri tranżitorji, nuqqas ta' għarfien tad-drittijiet fost iċ-ċittadini tal-UE u l-konsegwenzi ta' azzjonijiet li jittieħdu tard mill-Istati Membri biex jiġu integrati l-ħaddiema tal-UE mill-mewġa ta' integrazzjoni tal-2004 u tal-2007; jitlob kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri jevitaw l-implimentazzjoni ta' miżuri tranżitorji li jirrestrinġu l-moviment liberu tal-ħaddiema u jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività tas-swieq tax-xogħol tal-UE, għal kwalunkwe Stat Membru attwali u għall-pajjiżi kandidati;

53. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex issegwi l-inizjattivi tagħha mmirati biex jippromwovu l-mobilità ġeografika taż-żgħażagħ permezz ta' skemi tat-tagħlim tal-mobilità, bl-użu tal-programmi mfassla kollha relatati mas-suġġett;

54. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li tistabbilixxi evalwazzjoni sistematika regolari tal-provvista u t-talba fit-tul fis-swieq tax-xogħol tal-UE sal-2020, maqsuma skont is-settur, l-okkupazzjoni, il-livell ta' kwalifiki u l-pajjiż, u jissuġġerixxi bis-saħħa li jkun hemm koordinazzjoni tal-politiki tax-xogħol u edukattivi bejn l-Istati Membri bl-għan li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija UE2020 fir-rigward tal-ħolqien tal-impjiegi u l-evitar ta' ostakoli indiretti futuri li jistgħu jostakolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu, bħal pereżempju, in-nuqqas ta' rikonoxximent tad-diplomi minn pajjiżi oħra tal-UE; Il-pjan għandu jidentifika b'mod ċar in-nuqqasijiet tax-xogħol fl-UE fiż-żmien qasir, medju u twil;

55. Jitlob li jitfasslu u jitwettqu miżuri adattati biex jitnaqqsu d-diskriminazzjoni li għadha teżisti u l-isterjotipi negattivi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom fuq kollox il-ħaddiema li ġejjin mill-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar u biex tiġi promossa l-integrazzjoni fis-soċjetà tal-pajjiż ospitanti tal-ħaddiema li jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għal moviment liberu;

56. Jistieden lill-awtoritajiet fil-livelli kollha jiżguraw appoġġ lill-politiki u sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-possibilitajiet u l-vantaġġi tal-mobilità, speċjalment fost dawk li jkunu għadhom kif bdew xi xogħol, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni;

57. Iqis li l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw, u jistabbilixxu kriterji ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi u kwalifiki, billi ħafna drabi dan huwa sors ta' diffikultà għan-nies li jkunu qed ifittxu xogħol fi Stat Membru li ma jkunx il-pajjiż tal-oriġini tagħhom;

58. Jiddeplora l-politiki tal-Istati Membri li jinkoraġġixxu b'mod attiv lil ċittadini oħra tal-UE biex jitilqu minn dak l-Istat Membru; jitlob lill-Kummissjoni biex tivverifika jekk tali politiki qed jiksru d-dritt għal moviment liberu; Amendement

***Servizzi ta' impjieg u informazzjoni tal-ħaddiema***

59. Jirrikonoxxi u jenfasizza l-importanza tas-servizzi ta' impjieg pubbliċi, u b'mod partikolari s-sistema u n-netwerk EURES, għall-promozzjoni tal-mobilità tal-impjiegi madwar l-UE, speċjalment f'reġjuni transkonfinali, permezz tal-provvista ta' informazzjoni dwar postijiet tax-xogħol battala, dwar drittijiet u obbligi li jiġu mal-migrazzjoni, inkluż l-immigrazzjoni, u li jiġu max-xogħol fil-fruntiera, kif ukoll informazzjoni dwar opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali, kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' għajxien; jenfasizza l-irwol partikolari tal-imsieħba soċjali għall-konsulenza lill-ħaddiema fis-sħubijiet transkonfinali; jenfasizza li n-netwerk EURES għandu jibqa' mezz għall-promozzjoni ta' mobilità ġusta, u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tibqa' tipprovdi mezzi finanzjarji biex tappoġġja l-ħidma tal-imsieħba soċjali fir-reġjuni mal-fruntieri;

60. Jitlob biex jiġu żviluppati l-ħiliet istituzzjonali tal-EURES u t-tisħiħ tiegħu tal-istrument one-stop biex jiffaċilita l-mobilità tal-ħaddiema u l-familji tagħhom;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

61. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis fil-fondi għall-kunsilliera EURES; jitlob li jkun hemm impenn għal strateġija fit-tul li tippermetti li l-EURES u l-istaff tagħha jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti u jinnota li dan huwa possibbli biss meta jiżdiedu l-fondi;

62. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-passi neċessarji biex il-koperazzjoni bejn il-EURES u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali korrispondenti tkun aktar produttiva u effettiva;

63. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, biex jippromwovu il-EURES fost iċ-ċittadini, billi jipprovdu dokumentazzjoni rilevanti u konsulenza dwar kif għandu jintuża dan permezz taċ-ċentri tax-xogħol pubbliċi, iżda wkoll permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat biex tiġi promossa l-mobilità fil-qafas tal-edukazzjoni ogħla;

64. Iqis li għandha titjieb ulterjorment l-informazzjoni lill-ħaddiema tal-UE dwar il-benefiċċji, id-drittijiet u l-obbligi dovuti għall-mobilità tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-azzjoni tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali u tiżviluppa rabtiet bejn il-EURES u n-netwerk online ta' sejba ta' soluzzjoni għall-problemi, SOLVIT, sabiex tittejjeb il-kwalità tas-servizz ipprovdut liċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-mobilità; Amendement jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu uffiċċji ta' konsulenza multilingwi għall-ħaddiema migranti, b'mod partikolari fejn huma impjegati aktar minnhom;

65. Jisħaq li, meta jiġu promossi l-politiki tal-impjieg attiv, l-informazzjoni dwar it-tagħlim u l-programmi ta' taħriġ disponibbli fl-UE kollha għandhom jingħataw prijorità għolja;

66. Iħeġġeġ biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (hekk imsejħa "Direttiva dwar l-Informazzjoni") ([1]) dwar il-minimu ta' informazzjoni li l-ħaddiema għandhom jirċievu minn min iħaddimhom fir-rigward tar-relazzjoni tal-impjieg tagħhom, inklużi d-dispożizzjonijiet relevanti kollha li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tal-impjieg tagħhom fil-pajjiż ospitanti;

67. Jitlob lill-Kummissjoni, f'koperazzjoni mal-Istati Membri, biex tippromwovi involviment attiv tas-sħab soċjali sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u t-tisħiħ prattiċi tad-drittijiet tal-ħaddiema migranti;

68. Jenfasizza n-neċessità tal-kooperazzjoni bejn l-impjegati u min iħaddem fi ħdan in-netwerk EURES;

69. Jitlob djalogu u koordinazzjoni akbar fost l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali peress li ġeneralment ikunu l-ewwel sors ta' informazzjoni għal bosta ċittadini minħabba l-prossimità u l-għarfien tagħhom tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini, u involviment akbar tas-sieħba soċjali;

70. Jitlob lill-Istati Membri jissorveljaw l-attivitajiet tal-aġenziji tar-reklutaġġ b'mod aktar strett sabiex jiġi żgurat li ma jinkisrux id-drittijiet tal-ħaddiema mobbli u ma jiġux iddiżappuntati l-aspettattivi tagħhom, billi dan jista' jostakola l-moviment liberu tal-ħaddiema u tas-sigurtà soċjali tagħhom;

71. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissorveljaw ir-rwol ta' aġenziji u organizzazzjonijiet li joffru impjiegi lil ħaddiema minn Stati Membri oħra, u jidentifikaw impjiegi illegali jew mhux bil-ktieb potenzjali jew aġenziji jew organizzazzjonijiet li jipprovdu impjiegi fittizji;

72. Jenfasizza li għall-implimentazzjoni tal-moviment ħieles għandu jkun hemm obbligu ta' informazzjoni għal min iħaddem impjegati barranin dwar id-drittijiet tal-ħaddiema fil-pajjiż partikolari fejn ikunu qed jaħdmu. Barra minn hekk, għandhom jinħolqu uffiċċji ta' konsulenza multilingwi għall-ħaddiema migranti fl-Istati Membri;

([1]) ĠU L 288, 1991 10 18, p. 32.

73. Jitlob lill-Kummissjoni biex tniedi komunikazzjoni fir-rigward tal-effetti tat-tassazzjoni fuq il-ħaddiema inklużi fl-ambitu ta' din id-direttiva, biex jipprovdu fehim aħjar u soluzzjonijiet possibbli għal kwistjonijiet kruċjali li jistgħu jimpedixxu jew jiskoraġġixxu l-mobilità tal-ħaddiema;

*Ġbir ta' ħiliet u għarfien biex wieħed isir iktar kompetittiv*

74. Iqis li, sabiex tkun żgurata u mkabbra l-kompetittività tal-Ewropa, għandhom jingħataw l-ogħla prijorità l-investimenti f'edukazzjoni formali u informali, taħriġ vokazzjonali, skambji ta' esperjenza tax-xogħol u azzjonijiet ikkoordinati biex jiġi aċċellerat il-proċess tal-mobilità tal-impjiegi;

75. Huwa tal-fehma li l-politiki tas-suq tax-xogħol attiv, u b'mod partikolari t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, għandhom jiġu msaħħa peress li jistgħu jikkontribwixxu biex iżidu l-mobilità tax-xogħol, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-qgħad strutturali, u jippermettu lill-ħaddiema biex jadattaw għall-bidliet tas-suq tax-xogħol;

76. Jifraħ lill-Kummissjoni dwar l-inizjattiva ewlenija tagħha Żgħażagħ Attivi u dwar it-tnedija tal-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda u jilqa' b'mod partikolari l-proġett pilota 'L-ewwel impjieg EURES tiegħek' u l-azzjoni proposta għall-ħolqien ta' passaport tal-ħiliet Ewropew;

77. Filwaqt li jilqa' t-taħriġ taż-żgħażagħ fil-ħiliet meħtieġa għax-xogħol u għall-għajxien f'pajjiżi oħra; huwa tal-fehma li l-persuni għandhom dritt għal ħajja u xogħol f'pajjiż li jagħżlu huma;

78. Iqis li l-ħiliet u l-għarfien li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq nazzjonali, reġjonali jew lokali se jrawmu l-mobilità tal-ħaddiema, u jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali għat-talbiet għal ħiliet u evalwazzjoni fit-tul u fuq medda medja ta' żmien fir-rigward ta' impjiegi futuri, meta tista' tiġi pprovduta qabla bejn il-bżonn u l-provvista tal-ħiliet, kif ukoll previżjonijiet fuq perjodu ta' żmien medju u twil għan-nuqqas ta' xogħol, f'impjiegi magħżula, li jistgħu jiġu kkawżati mill-bidla demografika u mit-tixjieħ tal-popolazzjoni;

79. Jikkunsidra li l-mobilità tax-xogħol hija proċess b'żewġ direzzjonijiet; Min-naħa waħda, din twassal għall-ġbir tal-ħiliet u t-tagħrif permezz tat-tipi kollha ta' edukazzjoni sabiex tipprepara l-popolazzjoni attiva li qed tiffaċċja l-kompetizzjoni meta tfittex għal xogħol ġdid u min-naħa l-oħra, il-ħaddiema mobbli jistgħu jaġġornaw il-ħiliet u l-għarfien tagħhom permezz tal-mobilità tax-xogħol peress li jiġbru aktar esperjenza prattika u tagħrif dwar is-sit ġdid;

80. Iqis li għandha tiġi promossa fuq kollox anki l-mobilità fil-qafas tat-taħriġ vokazzjonali peress li għad hemm nuqqasijiet kbar f'dan il-qasam; jenfasizza l-importanza ta' programmi bħal "Leonardo" u jistieden lill-Istati Membri u lill-intrapriżi involuti fit-taħriġ vokazzjonali li jagħmlu aktar użu minnhom u li jiffaċilitaw l-użu tagħhom rispettivament;

81. Jittama wkoll li l-kompetenzi l-ġodda miksuba mill-ħadiema mobbli waqt li jgħaddu minn post għall-ieħor jiġu vvalidati biex il-potenzjal individwali miżjud tagħhom jiġi rikonoxxut u l-possibilità tal-inklużjoni professjonali tagħhom tiżdied;

82. Huwa tal-fehma li l-ħaddiema żgħażagħ m'għandhomx ikunu l-unika mira u li huma meħtieġa strateġiji mmirati li jippromwovu u jiffaċilitaw il-moviment liberu tad-diversi kategoriji ta' ħaddiema, ibbażati fuq il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom (età, sess, ħiliet, appartenenza għal gruppi vulnerabbli u minoritarji) u bżonnijiet, sabiex il-mobilità tkun tista' ssir għażla fost il-gruppi kollha ta' ħaddiema;

83. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu l-istrateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' taħriġ vokazzjonali tagħhom skont l-iżviluppi fis-swieq tax-xogħol u jipprovdu ħiliet trasferibbli li jkollhom kopertura usa' f'termini ta' żona ġeografika u ta' għarfien, bl-għan li jkun hemm kompatibilità adegwata mal-provvista tal-impjiegi;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

84. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw biex jiksbu iktar paragunabilità bejn il-kurrikuli tal-iskejjel u tal-Università u s-sistemi edukattivi fl-UE, permezz ta' rikonoxximent reċiproku simplifikat tad-diplomi, bl-għan ukoll li jiġi promoss ir-rikonoxximent reċiproku fil-kwalifiki fl-edukazzjoni, li huwa ta' importanza fundamentali; madankollu jenfasizza d-differenza eżistenti bejn dan u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-professjonijiet regolati, anki jekk fit-tama ta' liberalizzazzjoni kumplessa tal-aċċess; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li ammont li qed jiżdied ta' ftehimiet dwar koperazjoni transkonfinali qed jiġu konklużi bejn il-kulleġġi u l-universitajiet, u jitlob lill-Istati Membri jappoġġjaw dan l-iżvilupp;

85. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jagħtu spinta 'l quddiem lill-parteċipazzjoni tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju fit-tagħlim tul il-ħajja billi jipprovdu inċentivi għal min iħaddem u għall-ħaddiema rispettivi, b'enfasi partikolari fuq it-tagħlim tal-lingwi u fuq it-teknoloġiji ġodda, skont ir-rekwiżiti tas-suq tal-impjieg, billi l-parti l-kbira tal-ħaddiema Ewropej huma impjegati f'impriżi żgħar u ta' daqs medju u b'dan il-mod se jsiru aktar kompetittivi, iżda dan se jsaħħaħ il-mobilità wkoll sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' postijiet tax-xogħol battala f'għadd ta' Stati Membri;

86. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm sinerġija mtejba bejn il-programmi mmirati biex iħeġġu l-moviment liberu tal-istudenti, persuni li jkunu qed jagħmlu taħriġ vokazzjonali u apprendisti u programmi immirati b'mod speċifiku biex irawmu l-moviment liberu tal-ħaddiema;

87. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni u s-sħab soċjali, joħolqu strutturi għall-appoġġ tat-tagħlim tal-lingwi u wkoll għat-tagħlim tat-tradizzjonijiet kulturali tal-Istati Membri li jospitaw lill-familji ta' ħaddiema migranti, partikolarment billi dawn il-fatturi jkomplu jostakolaw il-mobilità taċ-ċittadini Ewropej;

88. Huwa tal-fehma li insuffiċjenza fl-għarfien tal-lingwi (b'mod partikolari fil-każ tal-adulti) għadha tikkostitwixxi ostaklu importanti għall-mobilità tax-xogħol u tista' twassal għal żieda fix-xogħol mhux iddikjarat; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv it-tagħlim ta' lingwi barranin u jiżviluppawh fit-tipi kollha ta' skejjel u lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha f'dan il-qasam;

*

* *

89. Jagħti istruzzjonijiet lill-Presidenti tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Proċess ta' Valutazzjoni Reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi

P7_TA(2011)0456

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-Proċess ta' Evalwazzjoni Reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi (2011/2085(INI))**

(2013/C 131 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-servizzi - nibnu fuq ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi" (COM(2011)0020) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha "Dwar il-proċess tal-evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi" (SEC(2011)0102),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Att dwar is-Suq Uniku. Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja" (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2011 dwar funzjonament aħjar tas-Suq Uniku – il-proċess ta' valutazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar Governanza u Sħubija fis-Suq Uniku ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-15 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u għall-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0324/2011),

A. billi s-servizzi għadhom jirrappreżentaw biss madwar għoxrin fil-mija tal-kummerċ kollu fl-UE filwaqt li jammontaw għal iktar minn żewġ terzi tal-PDG u l-impjiegi tal-UE,

B. billi l-attivitajiet koperti bid-Direttiva tas-Servizzi jammontaw għal 40 % tal-PDG u l-impjiegi tal-UE, iżda billi dawn l-attivitajiet jirrappreżentaw ukoll potenzjal mhux utilizzat mill-aktar importanti għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, minħabba li għad hemm ħafna ostakli għall-kummerċ fis-servizzi fis-Suq Intern,

C. billi s-servizzi jixprunaw l-ekonomiji tal-Istati Membri billi joħolqu l-impjiegi, it-tkabbir u l-innovazzjoni, u billi hemm il-ħtieġa saħansitra akbar ta' suq intern fis-servizzi li jiffunzjona tajjeb u jkun integrat fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali u bħala kundizzjoni għall-irkupru;

D. billi d-Direttiva tas-Servizzi hija mezz ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea u billi l-implimentazzjoni totali u korretta tagħha hija inkluża fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Att dwar is-Suq Uniku,

E. billi filwaqt li t-traspożizzjoni f'waqtha u korretta tad-Direttiva tas-Servizzi kienet sfida għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, din hija meħtieġa u hija wkoll bażi soda għall-iżvilupp tal-koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri,

F. billi kważi 34 000 rekwiżit ġew innotifikati lill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-proċess tal-iskrining,

***Daħla***

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Proċess ta' Valutazzjoni Reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi u jirrikonoxxi l-ammont konsiderevoli ta' xogħol imwettaq mill-Kummissjoni u, fuq kollox, mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali;

([1]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
([2]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
([3]) Test adottat, P7_TA(2011)0144.
([4]) Test adottat, P7_TA(2011)0051.

**It-Tlieta 25 ta’ Ottubru 2011**

2. Jenfasizza l-fatt li Suq Uniku tas-servizzi li jkun jiffunzjona huwa prerekwiżit biex jiġu ġġenerati t-tkabbir, l-impjiegi deċenti u l-innovazzjoni fl-Ewropa u biex jinżamm l-irwol kompetittiv tal-Ewropa fid-dinja;

3. Jinnota li l-potenzjal ġenerali tas-suq komuni fis-servizzi ma ġiex sfruttati għalkollox, billi, minħabba b’mod partikolari r-restrizzjonijiet fis-suq fl-Istati Membri, proporzjon żgħir biss ta’ SMEs qed jipprovdu servizzi transkonfinali;

4. Iqis li l-ewwel prijorità għall-ħolqien ta’ Suq Uniku tas-Servizzi hija l-implimentazzjoni totali u korretta tad-Direttiva tas-Servizzi fl-Istati Membri kollha u l-istabbiliment ta’ Punti ta’ Kuntatt Uniku kompletament operattivi;

5. Jitlob għalhekk biex jiġi kkunsidrat l-għoti ta’ informazzjoni mill-Punti ta’ Kuntatt Uniku bl-Ingliż kif ukoll bil-lingwa tal-post għall-benefiċċju tal-fornituri u l-utenti tas-servizzi minn Stati Membri oħra, u jekk tistax tintuża firma elettronika mill-fornituri u l-utenti tas-servizzi;

6. Jenfasizza li l-eżerċizzju tal-valutazzjoni reċiproka ta lok għall-valutazzjoni tas-suq intern tas-servizzi wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva, speċjalment f’dak li jirrigwarda r-rekwiżiti tal-Artikoli 9, 15, u 16;

***L-esperjenzi fir-rigward tal-Proċess tal-Valutazzjoni Reċiproka***

7. Jinnota li l-Artikolu 39 tad-Direttiva tas-Servizzi huwa vag f’dak li jirrigwarda l-istabbiliment tal-għanijiet preċiżi tal-proċess tal-valutazzjoni reċiproka; jinnota li kien hemm perċezzjonijiet u stennijiet differenti fost il-partijiet interessati fir-rigward tal-iskopijiet u r-riżultati tiegħu;

8. Jinnota li l-valutazzjoni reċiproka kienet organizzata wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tas-Servizzi; jenfasizza li l-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi m’għandhiex tiġi konfuża mal-eżerċizzju tal-valutazzjoni reċiproka;

9. Jikkundanna d-dewmien fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi f’xi Stati Membri u jqis li dan kellu impatt fuq il-proċess tal-valutazzjoni reċiproka;

10. Huwa tal-fehma li, filwaqt li l-kalendarju tal-proċess ta’ valutazzjoni reċiproka kien pjuttost diffikultuż, għen fiż-żamma tal-momentum wara l-implementazzjoni tad-Direttiva;

11. Iqis li l-proċess tal-valutazzjoni reċiproka kien eżerċizzju li vallapena li jsir billi ppermetta li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jkollhom fehim aħjar tal-ostakli li baqa’ u tas-sitwazzjoni f’kull Stat Membru min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri; jinnota li dan il-proċess ippermetta lill-Istati Membri jiksbu rispons dwar l-għażliet tal-politika tagħhom u ffaċilita l-promozzjoni tal-aqwa prattiki u kabbar it-trasparenza tar-riżultati tal-implementazzjoni;

12. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jniedu djalogu dwar liema ostakli huma permessi u liema mhumiex;

13. Huwa tal-fehma li l-proċess tal-valutazzjoni reċiproka kien importanti biex jiġu kkjarifikati ċerti sitwazzjonijiet ambigwi li għadhom prevalenti fil-forniment tas-servizzi kemm fil-livell nazzjonali u kemm f’dak transkonfinali, bħar-rikonoxximent reċiproku ta’ kwalifiki professjonali u obbligi ta’ assigurazzjoni imposti fuq il-fornituri transkonfinali ta’ servizzi; jenfasizza li fl-aħħar mill-aħħar dan għen biex jiġi evalwat jekk il-miżuri ta’ implimentazzjoni adottati f’kull Stat Membru jitwettqux skont l-ispirtu tad-Direttiva tas-Servizzi;

14. Jenfasizza li d-“diskussjonijiet fi gruppi” huma l-qofol tal-valutazzjoni reċiproka;jilqa’ b’sodisfazzjon l-ispirtu ta’ koperazzjoni u fiduċja reċiproka li pprevala waqt id-diskussjonijiet;

15. Huwa tal-fehma li l-eżerċizzju ta' valutazzjoni reċiproka kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' 'spirtu Ewropew' fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali u ppermetta lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jsiru jafu 'l xulxin aħjar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-għarfien u l-esperjenza miksuba mill-valutazzjoni reċiproka jinżammu u jintużaw għat-titjib tas-Suq Uniku tas-servizzi;

16. Jinnota li l-involviment tal-partijiet interessati fil-proċess tal-valutazzjoni reċiproka kien limitat; jirrikonoxxi li ċertu ammont ta' kunfidenzjalità kien kundizzjoni importanti biex tinħoloq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri; madankollu jiddispjaċih li ma ngħatax rispons regolari dwar il-proċess lill-partijiet interessati;

17. Huwa konxju tal-ispejjeż amministrattivi relatati mal-valutazzjoni reċiproka, speċjalment fl-Istati Membri fejn l-amministrazzjoni fil-livell reġjonali kienet involuta fil-proċess;

***Riżultati u segwitu biex jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern tas-Servizzi***

18. Huwa tal-fehma li l-proċess tal-valutazzjoni reċiproka fid-Direttiva tas-Servizzi huwa strument importanti biex jiġu identifikati inizjattivi ulterjuri bl-għan li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tipproponi sett ta' azzjonijiet biex tkompli żżid il-momentum miksub waqt il-fażijiet tal-implimentazzjoni u l-valutazzjoni reċiproka;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Parlament infurmat dwar il-progess u r-riżultati tad-djalogu mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjonijiet ulterjuri ta' infurzar meta jkun hemm bżonn;

20. Jistenna bil-ħerqa l-valutazzjoni ekonomika mħabbra tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi u l-impatt tagħha fuq il-funzjonament tas-suq tas-servizzi; jittama li din il-valutazzjoni tippermetti li jkun imkejjel l-impatt reali tad-Direttiva fuq l-attività ekonomika u l-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza massima hi u twettaq dan il-kompitu u jistieden lill-Kummissjoni tissottometti dak li tkun sabet appena jkun disponibbli;

21. Jilqa' l-inizjattiva tal-verifika tal-prestazzjoni tas-suq intern u jittama li dan l-eżerċizzju jtejjeb b'mod sinifikanti l-fehim prattiku ta' kif huma applikati biċċiet differenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE u kif jinteraġixxu fil-prattika; Iqis li l-eżerċizzju tal-verifika tal-prestazzjoni għandu jitwettaq filwaqt li tiġi kkunsidrata l-perspettiva tal-utenti tas-Suq Uniku;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-Parlament Ewropew mill-qrib fl-inizjattiva tal-verifika tal-prestazzjoni;

23. Jitlob li x-xkiel regolatorju li għad fadal, bħalma huma r-regoli dwar attivitajiet riżervati, l-obbligu tal-assikurazzjoni, il-forma ġuridika u r-rekwiżiti tal-proprjetà tal-kapital, jiġi ttrattat; jistieden lill-Kummissjoni tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq ir-rekwiżiti inġustifikati jew sproporzjonati li għandhom jiġu aboliti ħalli jkun iggarantit il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku;

24. Jiddeplora l-fatt li ma ttieħdet ebda azzjoni preċedentament f'oqsma fejn il-problemi ilhom magħrufa;

25. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma provdietx kriterji biex jintgħażlu tipi speċifiċi ta' rekwiżiti għal azzjonijiet immirati; jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika r-raġunijiet li għalihom it-tipi l-oħra ta' rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 15 tad-Direttiva tas-Servizzi, bħan-numru minimu ta' impjegati, it-tariffi fissi minimi jew massimi, tqiesu inqas importanti minn dawk identifikati fil-Komunikazzjoni tagħha;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor u tippreżenta data li tikkwantifika l-impatt ta' diversi rekwiżiti li fadal li, jekk jitneħħew, jitjieb il-funzjonament tas-Suq Uniku tas-servizzi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità fl-azzjonijiet immirati tagħha lit-tneħħija ta' dawk ir-rekwiżiti biex b'hekk ikun hemm l-ogħla valur miżjud fil-funzjonament tas-Suq Uniku tas-servizzi f'ottemperanza sħiħa għall-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar is-Servizzi; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tiffoka l-azzjoni tagħha fuq is-setturi u l-professjonijiet li għandhom potenzjal kbir ta' tkabbir għall-forniment transkonfinali tas-servizzi;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

27. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli u żżid il-ħidma tagħha mal-Istati Membri fuq bażi individwali sabiex ikun hemm traspożizzjoni u implimentazzjoni kompleti u korretti tad-Direttiva tas-Servizzi fl-Istati Membri kollha;

28. Huwa tal-fehma li għad hemm ħafna ostakli nazzjonali fis-seħħ, li jnaqqsu, b'mod partikolari, ir-rata ta' tkabbir fis-servizzi professjonali bejn in-negozji; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-rekwiżiti l-ġodda u dawk li fadal ikunu nondiskriminatorji, meħtieġa u proporzjonati; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod aktar attiv flimkien mal-Istati Membri biex jissorveljaw mill-qrib u jiżguraw li jiġu komunikati kif jixraq il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali rilevanti relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva tas-Servizzi;

29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex jiżguraw l-applikazzjoni tajba fl-Istati Membri tal-klawżola tal-libertà tal-forniment tas-servizzi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva tas-Servizzi; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni attwali dwar il-forniment transkonfinali ta' servizzi fl-UE li tinkludi r-raġunijiet li jispjegaw ir-rata moderata ta' tkabbir f'dan is-settur, u ħarsa ġenerali dettaljata tal-effettività tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tad-Direttiva tas-Servizzi;

30. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet differenti li huma rilevanti b'mod kruċjali għall-attivitajiet tas-servizzi;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u xierqa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tas-Servizzi li ma kinux inklużi fil-proċess tal-valutazzjoni reċiproka, bħall-Punti ta' Kuntatt Uniku u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-diżposizzjonijiet rilevanti jiġu infurzati b'mod strett;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-kontroll u lill-valutazzjonijiet regolari tal-funzjonament tal-Punti ta' Kuntatt Uniku fl-Istati Membri, li għandhom rwol ewlieni fl-għoti ta' servizzi bl-informazzjoni neċessarja disponibbli għall-fornituri tas-servizzi b'mod aġġornat u faċli biex jintuża;

33. Jinnota r-rwol importanti tal-mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tal-kontroversji u l-ħall tal-problemi, bħas-SOLVIT, biex jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi, b'mod partikolari l-SMEs, ikunu jistgħu jużufruwixxu b'mod sħiħ minn jeddijiethom marbutin mas-Suq Uniku; jilqa' l-avviż mill-Kummissjoni li se tivvaluta l-effikaċja ta' dawn l-għodod u tirrapporta dwar il-ħtieġa ta' aktar inizjattivi speċifiċi;

34. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-fornituri tas-servizzi, iżda anke dawk li jirċievu dawn is-servizzi, għandhom jiġu megħjuna jinfurzaw id-drittijiet tagħhom, u jirrakkomanda li jkomplu jiġu żviluppati l-għodda eżistenti bħal pereżempju s-SOLVIT;

***Il-Proċess ta' Valutazzjoni Reċiproka bħala għodda***

35. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-użu tal-valutazzjoni reċiproka f'oqsma tal-politika oħra, meta jkun xieraq; jemmen li l-valutazzjoni reċiproka wriet li hija innovattiva u utli, u għandha titqies bħala għodda biex jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku;

36. Jissuġġerixxi, għalhekk, li tiġi kkunsidrata valutazzjoni reċiproka "ħafifa" (light-touch) u fejn jixraq din tiġi introdotta għall-valutazzjoni reċiproka ta' oqsma ta' politika koperti bid-direttivi "orizzontali" li permezz tagħhom l-Istati Membri żammew spazju sinifikanti ta' manuvrar, bl-għan li jkun hemm leġiżlazzjoni aktar uniformi, jinħolqu relazzjonijiet aħjar u fehim reċiproku bejn l-Istati Membri, u tiġi evitata "sovraregolamentazzjoni";

37. Jirrakkomanda li l-valutazzjoni reċiproka għandha tintuża bħala "strument flessibbli" skont il-każ individwali; jissuġġerixxi li din l-għodda għandha tiġi proposta b'mod immirat għall-inklużjoni f'ċerti Direttivi ta' natura "orizzontali" li jinvolvu diversi miżuri ta' traspożizzjoni u li jipprovdu għal marġni ta' diskrezzjoni wiesa' lill-Istati Membri; jissuġġerixxi barra minn hekk użu mmirat tal-valutazzjoni reċiproka fejn id-dispożizzjonijiet ewlenin ta' Direttiva biss jiġu suġġetti għall-proċedura;

38. Jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, biex tiddefinixxi b'mod ċar l-għanijiet u r-riżultati tal-valutazzjoni reċiproka qabel ma tiġi proposta valutazzjoni reċiproka dwar Direttivi oħra, biex tiżgura li l-proċess ma jimponix piż bla bżonn fuq l-awtoritajiet li jevalwaw;

39. Jemmen li d-"diskussjonijiet fi gruppi" għandhom jibqgħu l-element ċentrali tal-proċess tal-valutazzjoni reċiproka; jemmen li numru limitat ta' esperti magħżula bir-reqqa biex jipparteċipaw f'diskussjonijiet fi gruppi joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-effiċjenza u l-kisba tar-riżultati; huwa tal-fehma li l-valutazzjoni reċiproka għandha tiġi żviluppata iktar bħala proċedura għall-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenzi fl-iżvilupp tal-politiki bejn l-Istati Membri u li r-rwol tal-Kummissjoni jista' jiġi kjarifikat f'termini ta' gwida u tmexxija tal-proċess, b'mod partikolari waqt id-diskussjonijiet fi gruppi; huwa tal-fehma li l-kompożizzjoni tal-gruppi għandha tirrifletti dejjem l-aspettattivi tal-Istati Membri u l-impatt potenzjali fuq is-Suq Uniku;

40. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza billi tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-kontenut u l-progress tad-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u billi tippreżenta rapporti regolari fl-istadji differenti kollha tal-valutazzjoni reċiproka biex il-partijiet interessati kollha jinżammu aġġornati; jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika l-konklużjonijiet ewlenin tal-laqgħat fil-gruppi u dawk plenarji;

41. Jindika li t-tabelli ta' korrelazzjoni u valutazzjoni reċiproka għandhom finijiet differenti u għalhekk għandhom jitqiesu bħala għodod ta' politika separati u mhux interkambjabbli, u li t-tabelli ta' korrelazzjoni huma għalhekk indispensabbli fit-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea;

*

* *

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## Governanza Ekonomika Globali

P7_TA(2011)0457

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-Governanza Ekonomika Globali (2011/2011(INI))**

(2013/C 131 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u l-ftehimiet tas-Summits tal-G20 ta' Londra, Pittsburgh, Toronto u Seoul,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-grupp Palais-Royal Initiative, ippubblikat fit-8 ta' Frar 2011, bit-titlu "Ir-Riforma tas-Sistema Monetarja: approċċ kooperattiv għas-seklu wieħed u għoxrin",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar "It-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta' stabilità tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro" [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 dwar "l-UE bħala attur globali: ir-rwol tagħha fl-organizzazzjonijiet multilaterali" [2],

— wara li kkunsidra l-ħidma kontinwa u rilevanti tad-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi (TLD) u d-Djalogu Kummerċjali Transatlantiku (TABD),

[1] Testi adottati, P7_TA(2010)0377.
[2] Testi adottati, P7_TA(2011)0229.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0323/2011),

A. billi l-iżvilupp tal-ekonomija dinjija matul l-aħħar deċennji ġeneralment fisser aktar tkabbir u prosperità, għalkemm mhux mqassma b'mod ugwali, filwaqt li neħħa lil miljuni ta' nies minn stat ta' faqar; sadattant, l-għadd ta' nies li għadhom qed jgħixu fil-faqar u d-disperazzjoni huwa għoli b'mod inaċċettabbli; billi l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali bejn u fi ħdan il-pajjiżi jridu jitnaqqsu; billi l-ġlieda tal-Ewropa kontra l-faqar trid tkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija UE 2020;

B. billi l-Istati Uniti u l-Ewropa attwalment għadhom qed jaffrontaw l-agħar effetti tal-agħar reċessjoni ekonomika internazzjonali mid-Depressjoni l-Kbira;

C. billi l-iżvilupp tal-ekonomija globali fid-deċennji reċenti ntlaqat ħażin minn żbilanċi insostenibbli;

D. billi l-governanza ekonomika globali effikaċi tagħmilha possibbli li jiġu minimizzati l-impatti negattivi u li jiġu rmedjati l-effetti perikolużi tal-globalizzazzjoni, bħaż-żieda fl-inugwaljanza jew il-qerda tal-ambjent;

E. billi t-tfaċċar fl-ekonomija dinjija ta' atturi ewlenin ġodda, kemm fir-rigward tal-kummerċ dinji kif ukoll tat-tkabbir ekonomiku, b'mod partikolari ċ-Ċina u l-Indja, kellu impatt kbir ħafna u biddel radikalment l-ambjent ekonomiku, u dan jirrikjedi riformi kummerċjali u rati tal-kambju konvertibbli;

F. billi l-iżbilanċi tal-lum għadhom ikkawżati primarjament minn nuqqas ta' kompetittività u tfaddil pubbliku u privat fil-pajjiżi b'defiċit, u minn tfaddil kbir flimkien ma' nuqqas ta' domanda fil-pajjiżi b'bilanċ pożittiv, li llum huma akbar u billi, minħabba l-livell għoli ta' globalizzazzjoni u l-ammont ta' flussi ta' kapital, dawn l-iżbilanċi joħolqu ħtiġijiet ġodda għall-governanza globali u jisfidaw l-istrutturi tal-arranġamenti istituzzjonali eżistenti;

G. billi l-element ewlieni għall-ibbilanċar mill-ġdid tal-ekonomija globali f'termini wiesa' huwa doppju: kompetittività msaħħa u riformi b'firxa wiesgħa li jheġġu t-tkabbir f'pajjiżi b'defiċit u l-ftuħ tas-swieq u politika monetarja soda f'pajjiżi b'bilanċ pożittiv;

H. billi l-ewwel deċennju ta' funzjonament tal-UEM wera li politika baġitarja responsabbli hija waħda mill-prekundizzjonijiet biex jiġi minimizzat l-impatt tax-xokkijiet finanzjarji u ekonomiċi globali;

I. billi hemm għadd kbir ta' organizzazzjonijiet internazzjonali mfassla biex jiggvernaw l-ekonomija dinjija bħall-FMI, il-Bank Dinji, id-WTO, l-UNCTAD u l-IFC, flimkien mal-fora intergovernattivi tal-G7 u l-G20, li minnhom l-FMI u l-G20 huma l-korpi l-iktar effikaċi, għalkemm it-tnejn li huma għad jeħtieġ li jittejbu;

J. billi s-swieq globali jeħtieġu regoli globali;

K. billi l-arranġamenti monetarji fis-seħħ wasslu għal akkumulazzjoni sostanzjali ta' riżervi ta' muniti barranin, partikolarment tad-dollaru Amerikan, f'xi pajjiżi b'bilanċ pożittiv, li konsegwentement żiedet il-provvista ta' kapital fil-pajjiżi b'defiċit u għamlet pressjoni 'l isfel fuq ir-rati tal-imgħax, biex b'hekk tat spinta liż-żieda eċċessiva tal-prezzijiet tal-assi li kellhom rwol ewlieni fl-aħħar kriżi finanzjarja;

L. billi l-kriżi ekonomika globali, li bdiet fis-settur finanzjarju, issa wasslet għal livelli għoljin ta' dejn f'uħud mill-atturi ekonomiċi dinjija ewlenin, fosthom l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-UE;

M. billi l-G20 qabel fid-dikjarazzjoni finali tiegħu ta' Pittsburgh dwar Qafas għal Tkabbir b'Saħħtu, Sostenibbli u Bilanċjat, li jinħtieġ urġentement approċċ multilaterali ġdid bħala reazzjoni għall-kriżi;

N. billi kien hemm rikonoxximent globali tar-rwol li kellhom xi setturi tal-industrija finanzjarja fil-kontribut għall-kriżi finanzjarja globali, filwaqt li dehru d-dgħufijiet fir-regolamentazzjoni finanzjarja, u dan kabbar il-kriżi tad-dejn sovran b'fehim komuni li r-responsabbiltà u t-trasparenza tas-settur finanzjarju jridu jittejbu, inkluż il-fatt li għandu jġarrab sehem ġust tal-kosti kkawżati mill-kriżi;

O. billi l-iżbilanċi msemmija ħafna tal-kontijiet kurrenti huma r-riżultat ta' żbilanċi strutturali sottostanti fl-ekonomiji nazzjonali;

P. billi n-nuqqas ta' regolamentazzjoni u superviżjoni koordinati u effikaċi tas-sistema finanzjarja globali wassal għal dgħufijiet fis-settur finanzjarju li sussegwentement ħarrxu l-vulnerabilitajiet fl-ekonomija globali;

Q. billi r-rwol u l-prominenza akbar tal-G20 bħala forum għal diskussjonijiet politiċi informali fl-ogħla livell globali jintlaqgħu tajjeb; billi l-G20 bħala istituzzjoni jonqsu bażi legali u segretarjat permanenti u għandu struttura governattiva dgħajfa speċjalment meta mqabbel ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra bħall-FMI u d-WTO;

R. billi s-sistema monetarja internazzjonali attwali ppermettiet lil diversi pajjiżi jwettqu strateġiji kompetittivi ta' żvalutazzjoni li, flimkien man-numru li qed jiżdied ta' tranżazzjonijiet spekulattivi li jsiru minn partijiet interessati tas-swieq b'saħħithom fis-swieq tal-kambju, ikkontribwew sew għal volatilità eċċessiva tar-rati u ħolqu riskji sinifikanti għas-swieq tal-kambju kif ukoll għall-kummerċ internazzjonali;

S. billi l-UE mhijiex meqjusa bħala attur b'saħħtu fit-tiswir mill-ġdid tas-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali għaliex ma titkellimx b'vuċi waħda, u minħabba l-frammentazzjoni tar-rappreżentanza esterna tagħha fl-affarijiet ekonomiċi internazzjonali;

T. billi huwa essenzjali li jkun żgurat li s-sistemi ekonomiċi u finanzjarji ma jagħmlux ħsara lill-ekonomja reali;

U. billi, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-G20, il-FMI ngħata setgħat akbar ta' superviżjoni u sorveljanza tas-sistama finanzjarja globali, ir-riżorsi finanzjarji tiegħu ġew miżjuda u qed issir riforma bir-reqqa tal-istruttura governattiva tiegħu;

V. billi s-swieq finanzjarji evolvew matul id-deċennji li għaddew biex joperaw globalment permezz ta' proċessi u netwerks b'livell għoli ta' IT, u billi l-istandardizzazzjoni tad-data baqgħet lura, u għalhekk ostakolat l-aggregazzjoni, l-analiżi u l-ġestjoni ta' data fil-livell tas-swieq – u ħafna drabi anke fil-livell tal-impriżi – u naqqset it-trasparenza tat-tranżazzjonijiet finanzjarji;

***Rakkomandazzjonijiet politiċi biex tiġi ttrattata l-governanza ekonomika***

1. Jenfasizza li żblanċi globali jikkostitwixxu theddida potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja u makroekonomika, speċjalment meta jkunu eċċessivi, fl-ekonomiji ewlenin u jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq ekonomiji oħra; meta jitqies dan, jinnota li żbilanċi li joriġinaw minn allinjamenti strutturali żbaljati u minn nuqqas ta' kompetittività fl-ekonomija nazzjonali għandhom jiġu ttrattati kemm mill-pajjiżi b'bilanċ pożittiv kif ukoll minn dawk b'defiċit, billi dawn jistgħu jkunu sors ta' problemi fundamentali;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

2. Jenfasizza li l-kriżi ekonomika u finanzjarja wriet li l-influss ta' kapital b'riżultat ta' żbilanċi globali għandu jkun akkumpanjat minn politika monetarja responsabbli u regolamentazzjoni u superviżjoni finanzjarji sodi;

3. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li min ifassal il-politika fid-dinja kollha jkompli jaħdem biex jinstabu soluzzjonijiet biex tiġi riformata l-governanza ekonomika globali bl-għan li tiġi bbilanċjata mill-ġdid l-ekonomija dinjija u li tiġi evitata reċessjoni oħra; jenfasizza li r-riforma tal-governanza globali għandha tiżgura li s-swieq ikunu integrati f'qafas istituzzjonali komprensiv biex ikunu jistgħu jiffunzjonaw sew; jistma wkoll li wieħed mill-objettivi prijoritarji tal-governanza ekonomika dinjija jrid ikun il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-investiment fit-tul;

4. Jenfasizza l-importanza ta' politiki monetarji responsabbli; iħeġġeġ lill-banek ċentrali tal-ekonomiji ewlenin jikkunsidraw esternalitajiet negattivi potenzjali, bħall-bżieżaq ta' assi, id-dinamika "carry-trade" u d-destabbilizzazzjoni finanzjarja f'pajjiżi oħra, meta jimplimentaw miżuri konvenzjonali jew mhux konvenzjonali;

5. Huwa konxju mill-fatt li, fl-aħħar nett, il-fiduċja fis-saħħa tal-ekonomija sottostanti u l-profondità, it-trasparenza, is-sofistikazzjoni u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tagħha huma r-raġunijiet ewlenin li għalihom l-muniti jinżammu bħala riżervi mill-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi; jenfasizza f'dan ir-rigward li kull munita li trid issir parti mill-ġabra ta' Drittijiet Speċjali ta' Prelevament tal-FMI trid tkun soġġetta għal konvertibilità sħiħa, u jirrikonoxxi li l-kompożizzjoni tal-ġabra ta' Drittijiet Speċjali ta' Prelevament tal-FMI għandha tirrifletti l-importanza relattiva tal-muniti fis-sistemi finanzjarji u kummerċjali dinjija;

6. Jiddikjara li r-rati tal-kambju għandhom jirriflettu l-elementi fundamentali tas-suq sabiex jittejbu l-ftuħ u l-flessibbiltà u biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament ekonomiku, u għalhekk m'għandomx jiġu ġestiti jew manipulati mill-awtoritajiet monetarji nazzjonali;

7. Iħeġġeġ lill-membri tal-FMI jaderixxu mal-Artikoli tal-Ftehim, speċjalment rigward l-impenn kontra l-manipulazzjoni tar-rata tal-kambju, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GATT u tal-Ftehimiet tad-WTO;

8. Iħeġġeġ ir-rikonsiderazzjoni tal-użu ta' "Drittijiet Speċjali ta' Prelevament" (SDRs) bħala sostitut possibbli tad-dollaru bħala l-munita ta' riżerva dinjija, li jista' jgħin biex jistabbilizza s-sistema finanzjarja dinjija; jitlob lill-FMI jistudja l-allokazzjoni addizzjonali kif ukoll l-użu usa' tad-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDR) b'mod partikolari bl-għan li tittejjeb is-sistema multilaterali ġdida tar-rati tal-kambju;

9. Jappoġġja l-ħidma u l-impenji tal-Istati tal-G20 biex jimplimentaw pjanijiet ta' konsolidament fiskali kkoordinati sew u li jiffavurixxu t-tkabbir fuq perjodu medju ta' żmien filwaqt li jappoġġjaw id-domanda domestika b'ritmu determinat miċ-ċirkustanzi ta' kull pajjiż, filwaqt li japplikaw politiki monetarji xierqa, itejbu l-flessibbiltà tar-rati tal-kambju biex jirriflettu aħjar l-elementi fundamentali ekonomiċi sottostanti, u filwaqt li jwettqu riformi strutturali biex jiffavorixxu l-ħolqien tal-impjiegi u jikkontribwixxu għar-ribilanċjament globali;

10. Jinnota, madankollu, li, sal-lum il-prospetti fil-livell tal-G20 li jitranġaw l-iżbilanċi globali kienu limitati ħafna;

11. Iħeġġeġ lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tieħu rwol attiv fl-identifikazzjoni u fl-indirizzar ta' distorsjonijiet kummerċjali possibbli fis-servizzi finanzjarji kkawżati minn sistemi regolatorji differenti;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal mekkaniżmu komprensiv, ibbażat l-iżjed fuq u interkonness b'mod sod mar-regolamenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li jevita l-użu tal-kummerċ bħala għodda tal-politika barranija b'mod kuntrarju għall-valuri demokratiċi rikonoxxuti internazzjonalment, kif riflessi fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex fil-laqgħa li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku (TEC), titqajjem il-kwistjoni tal-kooperazzjoni reċiproka dwar is-superviżjoni tad-derivattivi tal-prodotti bażiċi skont ir-regolament eżistenti dwar it-trasparenza u l-abbuż tas-suq;

14. Jistieden lill-UE biex timplimenta d-dikjarazzjonijiet tas-summits tal-G8/G20, partikolarment rigward sussidji għall-fjuwils fossili u l-agrikoltura, b’kunsiderazzjoni tal-linji gwida tal-OKŻE f’dan il-qasam, u rigward il-volatilità tal-prezz tal-ikel u s-swieq tal-prodotti bażiċi;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-istrateġija kummerċjali tagħha fir-rigward tat-tisħiħ ta’ kummerċ min-nofsinhar għan-nofsinhar u kummerċ intrareġjonali f’partijiet oħra tad-dinja sabiex titnaqqas il-vulnerabbiltà ta’ ħafna ekonomiji żgħar u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta’ sħab ekonomiċi msaħħa fil-futur;

16. Jappoġġja l-istabbiliment ta’ kalendarju għal pjan ta’ azzjoni li jimplimenta l-Qafas tal-G20 għal Tkabbir B’Saħħtu, Sostenibbli u Bilanċjat;

17. Jilqa’ l-inizjattivi kollha għal aktar diskussjoni u kooperazzjoni dwar l-isfidi globali komuni iżda jinnota li ħafna mill-fora attwali, bħall-G20, huma biss għal diskussjoni informali, mingħajr il-bażi legali jew il-karatteristiċi ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali fil-proċessi tagħhom ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet jew fl-implimentazzjoni u s-superviżjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom, u għalhekk jibqgħu dgħajfa bħala strutturi governattivi;

18. Jinnota li l-metodu ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet b’kunsens li jikkaratterizza ħafna mill-korpi ta’ kooperazzjoni globali ma jheġġiġx it-teħid ta’ deċiżjonijiet kuraġġużi u spiss iwassal għal ftehimiet vagi mhux vinkolanti; iheġġeġ lill-forum globali jemula l-pass tal-UE ’l bogħod mid-dipendenza esklużiva fuq l-unanimità;

19. Huwa tal-fehma li l-impenji meħuda fil-G20 iridu jkunu aktar konkreti u li jeħtieġ li l-progress jiġi mmonitorjat minn korp indipendenti, aktar formali u inklużiv bi statuti u b’segretarjat, bħall-FMI;

20. Jilqa’ l-passi miftiehma mis-Summit tal-Ministri tal-Finanzi tal-G20 f’Pariġi fid-19 ta’ Frar 2011 biex l-iżbilanċi jitkejlu b’ġabra ta’ indikaturi; jissottolinja li dawn l-indikaturi għandhom ikopru l-iżbilanċi interni, bħad-dejn u d-defiċits pubbliċi u t-tfaddil u d-dejn privati, kif ukoll l-iżbilanċi esterni minn flussi u trasferimenti kummerċjali u ta’ investiment;

21. Jistieden lill-G20 jwettaq fuq bażi regolari Proċess ta’ Valutazzjoni Reċiproka bbażat fuq qafas tal-G20 u l-indikaturi hawn fuq sabiex jipprovdi għażliet politiċi li jiksbu tkabbir b’saħħtu, sostenibbli u bilanċjat;

22. Jissottolinja li l-atturi finanzjarji joperaw fuq livell globali u, mil-lum ’il quddiem, iqis li d-differenzi ta’ koordinazzjoni fir-regolamenti finanzjarji jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex ikun evitat li ċerti atturi finanzjarji japprofittaw ruħhom mill-arbitraġġ regolatorju;

### *Riforma tas-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali u tal-istituzzjonijiet tagħha*

23. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandu jkollha rwol ewlieni fir-riforma ekonomika globali biex l-istituzzjonijiet internazzjonali jsiru aktar leġittimi, trasparenti u li, b’mod anki aktar importanti, l-Unjoni Ewropea għandha taġixxi bħala entità waħda fl-affarijiet ekomomiċi internazzjonali;

24. Jitlob li l-UE jkollha siġġu fl-FMI u fil-Bank Dinji; jitlob FMI aktar demokratiku, inkluża elezzjoni miftuħa u bbażata fuq il-mertu tad-direttur maniġerjali tiegħu, u żieda sostanzjali fid-drittijiet tal-vot għan-nazzjonijiet li qed jiżviluppaw u dawk fi tranżizzjoni;

25. Isostni li l-governanza ekonomika globali għandha tkun reattiva, flessibbli u prammatika biżżejjed biex tagħmilha possibbli li jiġi stabbilit liema arranġamenti huma l-aktar adattati, skont iċ-ċirkustanzi u bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà;

26. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandu jkollha rwol ewlieni fir-riforma ekonomika globali biex l-istituzzjonijiet internazzjonali u l-fora informali jsiru aktar leġittimi, trasparenti u responsabbli;

27. Jinnota li dawn l-istituzzjonijiet u l-fora, b'mod partikolari l-G20, jonqoshom ċerta leġittimità parlamentari fil-livell globali, u konsegwentement jistedinhom jinvolvu lill-parlamenti fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni tagħhom; jiddeplora n-nuqqasijiet demokratiċi ta' wħud mis-sħab;

28. Jinnota l-problemi li jistgħu jqumu jekk il-politiki segwiti mill-fora informali differenti u mill-istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali tonqoshom il-koerenza; isostni li għandhom jiġu adottati mill-FMI miżuri li jippromwovu koordinazzjoni istituzzjonali globali;

29. Jissottolinja l-ħtieġa ta' ftehim globali u approċċ komuni rigward il-politika monetarja, il-kummerċ internazzjonali, finanzi pubbliċi sostenibbli u muniti flessibbli bbażati fuq elementi fundamentali ekonomiċi; iqis li l-ekonomija globali għandha tkun ikkaratterizzata minn swieq miftuħa għall-benefiċċju reċiproku tal-parteċipanti kollha; jissottolinja li standards soċjali u ambjentali għoljin huma vitali u jridu jiġu żviluppati fl-aspetti kollha; jenfasizza li l-FMI u d-WTO għandhom ikunu l-parti ewlenija ta' tali proċess;

30. Iħeġġeġ lill-membri tad-WTO jaċċedu għal ftehimiet kummerċjali multilaterali u jinnegozjaw f'rawnds kummerċjali internazzjonali ulterjuri mmirati lejn it-tnaqqis fl-ostakli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fis-setturi kollha, u b'hekk jingħata kontribut għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku;

31. Jemmen li, sabiex tippermetti lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jiksbu iżjed benefiċċji mill-kummerċ u biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u pagi deċenti għall-ħaddiema kollha, l-UE għandha interess qawwi fit-tisħiħ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u fl-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ħidma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u fis-sorveljanza tal-kapitoli tas-sostenibilità tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi mill-ġdid l-istrateġija tal-kummerċ u l-investiment tal-UE biex tinkludi l-pajjiżi BRIC (Brażil, Russja, Indja u Ċina) bħala sħab kummerċjali ewlenin futuri b'interessi proprji tagħhom f'netwerk globali komuni ta' interessi interkonnessi ta' żvilupp sostenibbli soċjali u ekoloġiku;

33. Huwa tal-fehma li Banek ta' Żvilupp Multilaterali għandhom jipprovdu riżorsi addizzjonali b'mod iżjed effettiv sabiex jolqtu ħtiġijiet lokali speċifiċi, jappoġġaw investimenti fuq perjodu twil ta' żmien u jikkonsolidaw l-ekonomiji lokali;

34. Jirrakkomanda FMI b'saħħtu u indipendenti b'għodda u riżorsi biżżejjed li jippermettulu jżid l-attenzjoni mogħtija lil konnessjonijiet transkonfinali mhux biss bit-tisħiħ tas-sorveljanza multilaterali iżda anke billi ssir enfasi fuq l-ekonomiji ta' importanza sistemika u billi jiġu żviluppati indikaturi biex jiġu vvalutati l-iżbilanċi kbar dewwiema; jitlob li l-mandat ta' intervent tal-FMI jiġi estiż ukoll biex ikopri riskji ġejjin minn kontijiet kapitali;

35. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li ftehimiet multilaterali dwar skambju ta' informazzjoni fiskali jinkorporaw dispożizzjonijiet dwar skambju ta' informazzjoni awtomatiku u jitlob li tittieħed azzjoni biex tissaħħaħ il-bażi legali għal elenkar tal-OKŻE f'lista sewda ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx, bil-ħsieb li titjieb it-trasparenza fiskali u jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fiskali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex sa tmiem l-2011 tipproponi Standard ta' Rappurtar Pajjiż Pajjiż robust għall-kumpaniji transkonfinali, bl-għan li jittejbu t-trasparenza u l-aċċess għal data rilevanti mill-amministrazzjonijiet fiskali;

36. Jenfasizza l-importanza ta' inizjattivi internazzjonali meħuda fl-oqsma tal-istandards tal-kontabilità u l-verifika;

37. Jistieden lill-mexxejja tal-G20 biex mill-aktar fis possibbli jikkonkludu d-diskussjonijiet dwar l-elementi komuni minimi ta' taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji;

38. Iqis li l-G20 huwa forum ewlieni għal konsultazzjoni globali, minkejja l-importanza ta' korpi oħra, iżda jinnota li l-G20 għandu numru ta' nuqqasijiet bħala istituzzjoni globali, fosthom nuqqas ta' rappreżentanza tan-nazzjonijiet iż-żgħar, nuqqas ta' trasparenza u responsabilità demokratika, kif ukoll nuqqas ta' bażi legali biex id-deċiżjonijiet tiegħu jsiru legalment vinkolanti;

39. Jinkoraġġixxi l-FMI u l-G20 ifittxu input u pariri mill-ekonomiji globali b'deficits baġitarji baxxi u nefqa dixxiplinata tal-gvern, u jaġixxu fuqhom;

40. Jenfasizza li ż-żona tal-euro, fil-kuntest ta' dibattiti dwar l-arranġamenti monetarji globali, għandha tiġi kkunsidrata bħala entità waħda meta jitqiesu l-politika tagħha ta' munita unika u l-politika ta' rata tal-kambju unika;

41. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Membri tagħha jfittxu soluzzjonijiet biex ikomplu jtejbu l-koordinazzjoni bejn il-"formazzjonijiet G" u s-sistema tan-NU;

42. Jitlob li jiġi stabbilit bord internazzjonali ta' banek ċentrali – magħmul primarjament mill-banek ċentrali tal-UE, il-Ġappun, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti – b'mandat biex jikkoordina l-politika monetarja, jissorvelja s-superviżjoni finanzjarja u jestendi u jippromwovi l-SDRs bħala munita ta' riżerva dinjija;

43. Jirrakkomanda li l-FMI jiġi politikament imsaħħaħ b'summits annwali tal-mexxejja tal-pajjiżi rappreżentati fil-Bord Eżekuttiv tal-FMI; f'dan l-isfond, jinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri tal-FMI jaħtru persuni mill-membri l-aktar anzjani tal-gvern fil-Bord Eżekuttiv, sabiex ikun jista' jkun minn ta' quddiem bħala l-forum għad-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet rigward il-governanza ekonomika globali;

44. Iqis li jeħtieġ li tiżdied it-trasparenza tal-fluss internazzjonali tal-kapital, b'mod partikolari billi nfittxu li nġibu fit-tmiem is-segretezza bankarja;

***Governanza globali tas-settur finanzjarju***

45. Jenfasizza li n-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn is-superviżuri finanzjarji ffaċilita l-firxa tal-kriżi finanzjarja u aggrava l-effetti tagħha; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-awtoritajiet superviżorji tal-Unjoni jieħdu t-tmexxija fil-bini ta' kooperazzjoni internazzjonali u l-istabbiliment tal-aħjar prattiki fir-regolazzjoni finanzjarja; jissottolinja wkoll li konverġenza lejn qafas regolatorju finanzjarju komuni bejn l-Istati Uniti u l-UE tkun ta' benefiċċju;

46. Jinnota li hemm ħtieġa għall-implimentazzjoni globali ta' riformi li jtejbu t-trasparenza u r-responsabilità tal-istituzzjonijiet finanzjarji;

47. Jenfasizza li, għalkemm ġiet adottata leġiżlazzjoni fiċ-ċentri finanzjarji dinjin imfassla biex ittejjeb ir-regolazzjoni ta' xi oqsma tas-settur finanzjarju, jinħtieġu aktar riformi tar-regoli u l-prattiki fis-sistema bankarja u s-sistema li tinsab moħbija warajha;

48. Jenfasizza l-bżonn li l-entitajiet superviżorji finanzjarji Ewropej jingħataw mandat ċar biex jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kontropartijiet tagħhom barra l-UE jew internazzjonali, kif jagħmel il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) mal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB);

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

49. Jenfasizza l-bżonn li jiġu kkombinati s-superviżjoni mikroprudenzjali u dik makroprudenzjali bħala parti minn approċċ koerenti u uniformi;

50. Jinnota li l-Istati Uniti u l-UE flimkien huma responsabbli għal kważi 40 % tal-kummerċ dinji u kważi 50 % tal-PDG dinji u jirrakkomanda djalogu makroprudenzjali aħjar, b'enfasi fuq id-djalogu trans-Atlantiku, implimentazzjoni imparzjali u bir-reqqa tal-pakkett Basel III u aktar diskussjonijiet dwar it-twessigħ tal-ambitu tas-superviżjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji; jitlob biex jinżamm momentum kontinwu wara r-riformi fir-regolazzjoni tas-settur finanzjarju biex jiġi żgurat li l-finanzi jappoġġjaw effettivament l-istabilità u t-tkabbir fl-ekonomija globali reali;

51. Jirrispetta l-approċċ tal-G20, id-WTO, il-Basel III u entitajiet multinazzjonali oħra filwaqt li jirrikonoxxi l-perikli potenzjali ta' regolazzjoni żejda u kompetizzjoni regolatorja;

52. Jilqa' l-organizzazzjoni ta' Laqgħa dwar l-Ekonomija Globali għall-gvernaturi tal-banek ċentrali taħt l-awspiċi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI), bħala grupp ta' referenza għall-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fost il-banek ċentrali;

53. Huwa mħasseb dwar ir-riskju ta' frammentazzjoni bħala riżultat tal-varjetà ta' regolamenti li jaffettwaw l-attivitajiet tal-atturi finanzjarji globali; jitlob, għalhekk, aktar integrazzjoni bejn il-mekkaniżmi li ġew stabbiliti fis-setturi varji;

54. Jirrikonoxxi r-rwol tal-BEI fil-promozzjoni tat-tkabbir permezz ta' investiment fuq perjodu twil ta' żmien;

55. Jenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppati kriterji xierqa għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti, bil-għan li jiġu evitati istituzzjonijiet "kbar wisq jew wisq interkonnessi biex ifallu" u għalhekk jonqos ir-riskju sistemiku permezz tal-użu ta' riżerva u rekwiżiti kapitali addizzjonali, kif ukoll liġijiet antitrust;

56. Jistieden lill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja jipproponi miżuri li jobbligaw lill-banek sistemikament importanti jeżerċitaw attivitajiet bankarji kummerċjali għal skopijiet partikolari ristretti u jimponu fuqhom l-obbligu ta' kapitalizzazzjoni awtonoma għal tali attivitajiet;

57. Iħeġġeġ lill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja jiżviluppa approċċ bħala mudell standardizzat għall-kalkolu ta' assi peżati għar-riskju (risk-weighted assets - RWAs) sabiex l-esponimenti tal-banek għal riskji ta' kreditu u tas-suq jiġu vvalutati u mqabbla bi preċiżjoni;

58. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' infrastruttura internazzjonali xierqa taħt l-awspiċi tal-FMI li toffri kemm lill-awtoritajiet kif ukoll lill-industrija sors uniku għal data finanzjarja bażika standardizzata li tippermetti li jsiru attivitajiet prudenzjali internazzjonali u kif ukoll proċessi industrijali aktar effiċjenti;

***Konfigurazzjoni ġdida tas-sistema monetarja internazzjonali***

*Rwol u sfidi tal-UE*

59. Jenfasizza l-effetti pożittivi ta' qafas ta' governanza ekonomika aktar b'saħħtu fl-UE u fiż-żona tal-euro għal kooperazjoni u koordinament globali;

60. Jinnota l-importanza kbira tat-tisħiħ u l-approfondiment tas-Suq Uniku Ewropew mhux biss bħala objettiv intern iżda anke bħala eżempju li għandhom isegwu blokok kummerċjali oħra madwar id-dinja;

61. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki tal-UE kemm fil-qasam tal-biedja kif ukoll f'dak finanzjarju li jgħinu biex jiġu evitati xokkijiet globali fil-provvista u l-prezzijiet tal-ikel;

62. Jenfasizza l-effetti pożittivi ta' qafas ta' governanza aktar b'saħħtu li jirrinforza l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-UE u ż-żona tal-euro għal kooperazzjoni u koordinazzjoni globali;

63. Jiddikjara li l-UE għandu jkollha rwol attiv fit-tiswir mill-ġdid tas-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali permezz ta' rappreżentanza esterna aktar b'saħħitha bbażata fuq teħid ta' deċiżjonijiet intern aktar effiċjenti u trasparenti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat ta' Lisbona;

64. Jilqa' l-ħolqien ta' erba' entitajiet regolatorji finanzjarji Ewropej ġodda, l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, u jittama li dawn jikbru b'saħħithom u jsiru effikaċi;

65. Jaħseb li l-bżonn li tiġi favorita sitwazzjoni ugwali għal kulħadd ma għandux iżomm lill-UE jew lil blokok reġjonali u pajjiżi oħra milli jsaħħu l-arranġamenti reġjonali li jimmiraw lejn l-użu sħiħ tal-flessibilità pprovduta mid-WTO u standards internazzjonali oħra sabiex jiġu riekwilibrati l-prinċipji fundamentali makroekonomiċi u tiżdied il-prosperità;

66. Jistieden lill-UE tiffoka fuq it-tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-enerġija sabiex trażżan l-inflazzjoni importata u terġa' tikseb bilanċ kummerċjali ma' pajjiżi li jipproduċu ż-żejt;

67. Jenfasizza l-fatt li l-produzzjoni ta' oġġetti pubbliċi globali bħall-ħarsien tal-klima u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tista' tiġi favorita permezz ta' qafas ta' aċċess għal suq kwalifikat tal-UE;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar kif tista' tittejjeb il-proċedura interna tal-UE ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex ittejjeb il-koerenza tagħha fir-rigward tar-rappreżentanza esterna fil-qasam tal-kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji sabiex tiżgura li r-rappreżentanza tal-UE tkun responsabbli demokratikament lejn il-Parlament Ewropew, lejn l-Istati Membri u l-parlamenti nazzjonali;

69. Iħeġġeġ lill-G20 u lid-WTO jistudjaw il-possibilità ta' ftehim globali għal taxxa fuq il-karbonju għal prodotti u servizzi importati;

70. Ifakkar li, skont l-Artikolu 138 tat-Trattat ta' Lisbona, iż-żona tal-euro hija mistennija tintroduċi rappreżentanza esterna unifikata; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għal dan l-iskop;

71. Jissottolinja l-fatt li parteċipazzjoni sħiħa fl-ekonomija globali hija kruċjali għall-Ewropa biex tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet kollha tagħha, u l-aqwa opportunità biex tagħmel dan bħala unità waħda;

72. Jistieden lill-UE biex dejjem tippromwovi l-kummerċ ġust, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-iżvilupp sostenibbli fil-politiki tal-kummerċ tagħha, bi qbil mat-Trattat ta' Lisbona, l-aġenda interna tagħha u bit-tlestija tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

*

* *

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

# Is-sitwazzjoni tal-ommijiet li jrabbu t-tfal waħedhom

P7_TA(2011)0458

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar is-sitwazzjoni tal-ommijiet waħedhom (2011/2049(INI))**

(2013/C 131 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 14(3), 23, 24 u 33 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti 1979 dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 7, 8, 16, 17, 27 u 30 tal-Karta Soċjali Ewropea (riveduta) tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 bl-isem 'Bilanċ aħjar bejn xogħol u ħajja: appoġġ akbar għar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali, privata u tal-familja', COM(2008)0635),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bl-isem 'Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015' (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' Barċellona rigward il-faċilitajiet ta' kura għat-tfal f'età ta' qabel l-iskola (COM(2008)0638),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni tat-18 ta 'Diċembru 2008 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel – 2010 (COM(2009)0694),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies li huma esklużi mis-suq tax-xogħol,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għall-perjodu 2011-2020,

— wara li kkunsidra l-Pjattaforma tal-UE kontra l-Esklużjoni Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tal-24 ta' Marzu 2010 intitolat 'It-Tieni Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja: Il-ħajja tal-familja u x-xogħol',

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar in-nisa u l-faqar fl-Unjoni Ewropea [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar in-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sessi u s-solidarjetà interġenerazzjonali [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar aspetti rigward il-ġeneru fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika u l-kriżi finanzjarja [3],

(1) ĠU C 233E, 28.9.2006, p. 130.
(2) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 31.
(3) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 79.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-evalwazzjoni tar-riżultati ta' pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006–2010 u rakkomandazzjonijiet għall-ġejjieni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2011 dwar lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2010 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-aspett tal-faqar tan-nisa fl-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0317/2011),

***Is-sitwazzjoni ġenerali***

A. billi minħabba tibdil soċjokulturali li wassal għal aċċess għas-suq tax-xogħol u iktar indipendenza finanzjarja għan-nisa, il-mudell ta' familja b'żewġ ġenituri u l-kunċett tat-tfal unikament wara ż-żwieġ m'għadhomx jgħoddu u l-ommijiet waħedhom qed isiru grupp dejjem iktar sinifikanti f'pajjiżi avvanzati u industrijalizzati; billi numru dejjem ikbar ta' nisa qed jagħżlu liberament li jkollhom it-tfal mingħajr irbit;

B. billi qed tingħata attenzjoni sproporzjonata lill-ġenituri f'età bejn it-tlettax u d-dsatax-il sena bħala triq li twassal biex wieħed ikun ġenitur waħdu, u dan jagħti idea ineżatta ta' min huma l-ġenituri waħedhom; billi sterjotipi ineżatti u li jagħmlu l-ħsara jnaqqsu l-fiduċja tal-ġenituri waħedhom u l-opinjoni fihom infushom, kif ukoll dik tat-tfal;

C. billi l-familji b'ġenitur wieħed ma jiffurmawx frupp omoġenju, iżda jkopru varjetà wiesgħa ħafna ta' sitwazzjonijiet familjari, finanzjarji u soċjali;

D. billi l-kundizzjonijiet ta' għajxien ta' ċerti ommijiet waħedhom madankollu jagħmluhom vulnerabbli, u dan jista' jkollu konsegwenzi fuq uliedhom;

E. billi l-ommijiet waħedhom qed isiru grupp dejjem iktar sinifikanti f'pajjiżi avvanzati u industrijalizzati, kemm jekk b'riżultat ta' divorzju, separazzjoni jew għax qatt ma żżewġu, u billi hemm għalhekk il-ħtieġa li wieħed jirreaġixxi għal din ir-realtà l-ġdida billi jadatta l-politiki;

F. billi l-Istati Membri għandhom ir-responsabilità li jiżguraw kundizzjonijiet raġonevoli għal ommijiet waħedhom u għal uliedhom;

G. billi l-politiki pubbliċi f'bosta Stati Membri għadhom ma ġewx adattati għad-diversi mudelli u sitwazzjonijiet familjari, u l-ġenituri waħedhom huma sikwit żvantaġġati soċjalment u ekonomikament;

H. billi f'bosta soċjetajiet l-għażla li mara tkun omm waħedha mhijiex skreditata jew stigmatizzata, bħalma hi f'soċjetajiet li għal ħafna raġunijiet huma dominati minn mudelli partijarkali;

---

([1]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 87.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0058.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0085.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0086.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2010)0373.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

I. billi l-maġġoranza l-kbira tal-ġenituri waħedhom fl-Ewropa huma nisa; billi fl-2001, medja ta' 85 % tal-ġenituri waħedhom kienu ommijiet f'età ta' bejn il-25 u l-64 sena, li jfisser li 5 % tal-popolazzjoni totali tan-nisa kienu ommijiet waħedhom u li f'xi Stati Membri, l-ommijiet waħedhom kienu jammontaw għal bejn 6 u 7.5 % (ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, l-Ungerija u s-Slovenja) u f'oħrajn saħansitra 9 % (l-Estonja u l-Latvja),

J. billi l-imġiba fir-rigward tal-ommijiet waħedhom u tal-politiki f'dan il-qasam tvarja minn reġjun għall-ieħor madwar l-Ewropa, u dan joħloq żbilanċ ġeografiku fejn ir-reġjuni tat-Tramuntana għandhom sistemi ta' benessri iktar b'saħħithom, filwaqt li r-reġjuni tan-Nofsinhar jiddependu fuq ir-rwol tal-familja estiża u r-reġjuni tal-Lvant għandhom taħlita tat-tnejn;

K. billi, bħala riżultat politiki pubbliċi u status legali differenti (divorzjati, separati, mhux miżżewġin jew romol), l-ommijiet waħedhom jaffaċċjaw sitwazzjonijiet differenti u jibbenefikaw, jiddependi mill-pajjiż fejn jgħixu, minn tipi ta' allokazzjonijiet differenti, inklużi s-servizzi ta' kura tas-saħħa għalihom infushom u għal uliedhom;

L. billi l-ommijiet waħedhom spiss jinterrompu l-edukazzjoni tagħhom u l-akkwist fil-kapaċitajiet professjonali tagħhom, minħabba li ħinhom u r-riżorsi limitati tagħhom jiddedikawhom biex irabbu lil uliedhom, bir-riżultat li jaffaċċjaw ukoll ir-riskji tal-esklużjoni soċjali u tal-faqar;

M. billi l-edukazzjoni u l-informazzjoni dwar id-drittijiet sesswali u ta' riproduzzjoni tan-nisa, b'mod partikolari tat-tfajliet, huma essenzjali biex tiġi evitata tqala mhux mixtieqa;

N. billi n-nisa li tilfu s-sieħeb tagħhom minħabba vjolenza, inkluża l-vjolenza bbażata fuq is-sess, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, huma iktar vulnerabbli għall-iżolament mis-soċjetà u għalhekk jeħtieġu attenzjoni speċjali biex tiġi stimolata l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-soċjetà filwaqt li jiġu ggwidati fit-twettiq tar-rwol tagħhom ta' ġenituri b'tali mod li jkun għall-aħjar interess tal-wild;

O. billi fil-livell Ewropew l-awtoritajiet responsabbli qed jintroduċu miżuri u programmi biex jassistu dawn il-kategoriji;

P. billi bosta fatturi jinfluwenzaw l-iżvilupp tat-tfal f'familji b'ġenitur wieħed, filwaqt li l-maġġoranza tat-tfal imrobbija minn ġenitur wieħed jikbru sew, u billi l-fatturi li jinfluwenzaw kif jiżviluppaw it-tfal huma ferm iktar kumplessi mit-tip ta' familja;

Q. billi d-deċiżjonijiet dwar il-politika dwar il-familja għandhom jagħtu prijorità lill-bżonnijiet u lill-aħjar interessi tat-tfal, u jiżguraw li t-tfal ikunu jistgħu jikbru b'mod xieraq;

***Impjieg tal-ommijiet waħedhom***

R. billi 69 % tal-ommijiet waħedhom huma preżenti fis-suq tax-xogħol u billi, fl-2001, medja ta' 18 % tal-ommijiet waħedhom ħadmu part-time;

S. billi dawn is-soluzzjonijiet part-time u n-nuqqas ta' impjieg tal-ommijiet waħedhom spiss mhumiex volontarji, iżda huma determinati minn restrizzjonijiet familjari;

T. billi r-rata tal-impjieg tal-ommijiet, partikolarment fil-każ tal-ommijiet waħedhom, hija mtejba permezz ta' servizzi tajbin tal-kura tat-tfal, iżda billi dan għandu jseħħ ukoll flimkien ma' miżuri kumplimentari, inkluż il-liv tajjeb tal-maternità u arranġamenti ta' xogħol flessibbli, li jheġġu żieda fil-parteċipazzjoni, kif ukoll jikkontribwixxu għall-benessri tal-omm u ta' uliedha;

U. billi hemm it-tendenza li l-irġiel bit-tfal jaħdmu iktar mill-irġiel mingħajr tfal, waqt li din ma tgħoddx għan-nisa; billi d-disparità fil-pagi bejn is-sessi, li tilħaq medja ta' 18 % fl-UE, tiżdied meta n-nisa jisru ommijiet u din tibqa' sejra sal-irtirar mix-xogħol;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

***Ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali***

V. billi l-familji b'ġenitur wieħed huma iktar vulnerabbli għar-riskju tal-faqar u tar-riproduzzjoni tal-faqar minn dawk b'żewġ ġenituri; billi, skont l-iktar data reċenti disponibbli fl-2006, 32 % tal-familji b'ġenitur wieħed fl-UE-25 kienu f'riskju ta' faqar meta mqabbla mat-12 % tal-koppji bit-tfal;

W. billi hemm iċ-ċans li perċentwali ogħla ta' nisa milli ta' rġiel jaffaċċjaw riskju ta' nuqqas ta' sigurtà finanzjarja prinċipalment minħabba l-kundizzjonijiet tagħhom fis-suq tax-xogħol, inklużi rata ogħla ta' qgħad, pagi iktar baxxi u part-time jew impjiegi ta' kwalità iktar baxxa minn tal-irġiel, u din hija sitwazzjoni li taffettwa l-iktar lill-ommijiet waħedhom li m'għandhomx dħul finanzjarju;

X. billi r-riskju tal-faqar fost it-tfal li ġejjin minn familji b'ġenitur wieħed (19 %) huwa ogħla minn dak tal-popolazzjoni b'mod ġenerali, u billi l-għoti ta' kura tat-tfal tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar, inkluż il-faqar tat-tfal, u fiż-żieda tal-inklużjoni soċjali;

***Konċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u dik tax-xogħol***

Y. billi l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-opportunitajiet relatati mal-karriera hija ogħla bejn il-25 u l-40 sena, meta t-tfal ikunu għadhom żgħar u l-iktar li jkunu jeħtieġu kura u ħin mill-ġenituri tagħhom; billi l-faċilitajiet ta' kura tat-tfal għandhom nuqqas ta' kwalità u l-prezzijiet tagħhom mhumiex raġonevoli, u billi l-ħinijiet tax-xogħol spiss ma jkunux kompatibbli mal-ħinijiet tas-servizzi ta' kura tat-tfal u ma' dawk tal-iskejjel, u dan spiss huwa l-ikbar ostaklu u restrizzjoni għall-ilħiq ta' bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali;

Z. billi l-ġenituri waħedhom jaffaċċjaw darbtejn id-diffikultajiet li jaffaċċjaw il-familji b'żewġ ġenituri billi ma jistgħux jaqsmu r-responsabilitajiet tal-kura ta' kuljum bejniethom;

AA. billi l-provvista ta' servizzi ta' kura tat-tfal ta' kwalità u bi prezz raġonevoli għandha rwol importanti ħafna għall-ommijiet waħedhom u għal uliedhom, partikolarment għall-ulied sa età ta' sentejn; billi l-użu ta' arranġamenti formali ta' kura tat-tfal għal tfal sa età ta' sentejn ivarja minn 73 % fid-Danimarka għal biss 2 % fir-Repubblika Ċeka u fil-Polonja, u billi huma biss ftit l-Istati Membri tal-UE (id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, il-Belġju, Spanja, il-Portugall u r-Renju Unit) li diġà laħqu l-objettivi ta' Barċellona (l-għoti ta' kura tat-tfal għal 33 % tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin);

AB. billi n-nisa kollha, inklużi l-ommijiet waħedhom, għandhom jippretendu li jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol, bħala l-uniku mezz li jaħarbu l-vulnerabilità u l-faqar; billi l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħmlu kull sforz kif jixraq biex jiksbu dan;

***Is-sitwazzjoni ġenerali***

1. Jitlob li tittieħed aktar attenzjoni għas-sitwazzjoni tal-ommijiet waħedhom; iħeġġeġ l-Istati Membri biex jadottaw politiki pubbliċi, inklużi politiki edukattivi, l-għoti tal-kura, politiki dwar is-saħħa, politiki dwar l-impjieg, sistemi ta' sigurtà soċjali u politika dwar l-akkomodazzjoni, sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet u r-realtajiet ta' familji b'ġenitur wieħed, b'mod partikolari billi jqisu r-realtà tal-familji b'ommijiet waħedhom;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet u n-netwerks informali kollha li jaħdmu favur l-ommijiet waħedhom, partikolarment f'pajjiżi fejn ftit jew xejn hemm appoġġ speċifiku għal familji b'ġenitur wieħed; dan l-appoġġ m'għandux jissostitwixxi l-appoġġ ta' benessri statali għall-protezzjoni tal-ommijiet waħedhom fl-Istati Membri; minħabba li, fid-dawl tad-differenzi ġeografiċi u kulturali li jeżistu bejn l-Istati Membri rigward l-appoġġ tal-Istat tal-ommijiet waħedhom, m'hemmx mudell wieħed li jista' jogqħod għal kulħadd; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jinkludu programmi ta' għajnuna għall-persuni affettwati;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

3. Iheġġeġ ħidma mfassla biex tgħin lill-ommijiet waħedhom; huwa tal-fehma li dawn l-isforzi għandu jkollhom l-objettiv li jżidu l-awtosuffiċjenza u l-indipendenza tal-ommijiet waħedhom, inaqqsu s-sensazzjoni tagħhom ta' passività u ta' iżolament, itejbu r-riżorsi soċjali tagħhom, itejbu l-ħiliet tagħhom bħala ġenituri filwaqt li jagħtuhom aċċess iktar faċli għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-impjieg;

4. Jitlob li jiżdiedu l-istrateġiji mmirati lejn is-sessi, li jistgħu jipprovdu fehim ikbar tar-relazzjoni bejn is-sessi u l-faqar, kif ukoll li jsir investiment fi proġetti li jissodisfaw il-bżonnijiet ta' familji b'ġenitur wieħed;

5. Jistieden lill-Istati Membri jheġġu lill-assoċjazzjonijiet li jaħdmu favur l-ommijiet waħedhom biex jipprovdu korsijiet ta' taħriġ bl-għan li jiffaċilitaw l-impjieg tal-ommijiet waħedhom u biex jgħinuhom itejbu l-istima li għandhom tagħhom infushom; b'rabta ma' dan, jistieden lill-Istati Membri jheġġu t-twaqqif ta' ċentri tal-familja li jipprovdu akkomodazzjoni temporanja, fejn l-ommijiet waħedhom jistgħu jiksbu pariri u edukazzjoni; iheġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jinkludu programmi ta' taħriġ speċifiku għall-ommijiet waħedhom sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u biex jikkollaboraw ma' assoċjazzjonijiet biex jintlaħaq dan l-objettiv;

6. Iheġġeġ l-iżvilupp ta' fora onlajn ta' diskussjoni interpersonali, blogs u linji ta' għajnuna bit-telefown immirati direttament lejn l-ommijiet waħedhom, biex inaqqsulhom l-iżolament u jippermettulhom jagħmlu skambji ta' fehmiet, ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki bbażati fuq il-bżonnijiet individwali tagħhom, flimkien mal-introduzzjoni ta' linji ta' għajnuna bit-telefown jew numri tat-telefown bla ħlas li jagħmluha iktar faċli li jikkuntattjaw mas-servizzi soċjali;

7. Iheġġeġ lill-Istati Membri jidentifikaw politiki komuni bbażati fuq l-iskambju tal-aħjar prattika fl-Ewropa;

8. Iheġġeġ l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' appoġġ, inkluż korsijiet ta' taħriġ bħala appoġġ għall-ommijiet waħedhom fejn dawn jiksbu pariri dwar l-aħjar modi kif jaffaċċjaw il-kompitu diffiċli li jrabbu tarbija bħala ġenitur waħdu filwaqt li jipprovdu lit-tfal b'ritmu ta' ħajja bbilanċjat;

9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-amministrazzjonijiet tagħhom iheġġu l-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ għall-ġenituri biex iħejju u jgħallmu lil ġenituri waħedhom u f'età żgħira mingħajr riżorsi ekonomiċi, jippermettulhom jaffaċċjaw b'mod iktar effettiv il-kompitu li jrabbu tarbija;

10. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rwol tal-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza fir-rigward tal-prattiki diskriminatorji kontra l-ommijiet waħedhom fuq il-post tax-xogħol;

11. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu għajnuna ta' akkomodazzjoni u soluzzjonijiet temporanji ta' residenza, partikolarment għal ommijiet waħedhom li kellhom iħallu l-kura temporanja ta' familja minħabba l-età tagħhom;

12. Iheġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jaffaċċjaw l-ommijiet waħedhom fid-diversi pajjiżi Ewropej u biex jipprovdu għajnuna speċjali għall-ommijiet waħedhom li jinsabu fl-iktar kategoriji vulnerabbli;

***Impjieg tal-ommijiet waħedhom***

13. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi faċilitat l-aċċess – peremzz ta' finanzjament mill-Fond Soċjali Ewropew u l-Istati Memrbi – għal taħriġ, taħriġ vokazzjonali u boroż ta' studju speċifiku għall-ommijiet waħedhom (li ma jkunux miżżewġin, li jkunu romlu jew isseparaw), u jenfasizza l-importanza li n-nisa tqal f'età żgħira jitħeġġu ma jtemmux l-edukazzjoni tagħhom, billi din tippermettilhom jiksbu kwalifiki u jżidu l-possibilitajiet tagħhom li jkollhom kundizzjonijiet deċenti ta' impjieg, jiksbu impjieg bi ħlas tajjeb u jilħqu l-indipendenza finanzjarja, peress li din hija l-unika garanzija kontra l-faqar;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex, filwaqt li tiżviluppa l-qafas ta' programmi bħal Progress u Equal għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, tqis programmi ta' sensibilizzazzjoni għal parteċipazzjoni akbar ta' ċerti gruppi soċjali ekonomikament fraġli, bħall-ommijiet waħedhom, u biex jitħeġġeġ l-involviment tagħhom,

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri janalizzaw b'reqqa l-fenomenu tan-nuqqas ta' impjieg tal-ommijiet waħedhom u biex jieħdu l-passi meħtieġa biex tiġi ffaċċjata din il-problema;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti biżżejjed servizzi ta' kwalità għolja għall-kura tat-tfal u ta' dipendenti oħra bi prezzijiet raġonevoli u li jkunu kumpatibbli mal-impjiegi full-time, biex dawn jingħataw aċċess privileġġat għall-ommijiet waħedhom u biex jiffaċilita l-aċċess b'mod sinifikanti u t-tiftix għal impjieg min-naħa ta' ommijiet waħedhom u jkollhom ċans aħjar biex jibqgħu fl-impjieg; jappoġġa l-ħolqien ta' kumpanija li toffri l-faċilitajiet ta' kura tat-tfal b'ħinijiet ta' ftuħ flessibbli; jinsisti li l-Istati Membri jiżguraw l-aċċess għall-faċilitajiet ta' kura tat-tfal billi jimmiraw li jipprovdu kundizzjonijiet għal 50 % ta' kura neċessarja għal tfal sa 3 snin u 100 % kura għal tfal ta' bejn 3 u 6 snin.

17. Jenfasizza l-bżonn li l-Istati Membri jintroduċu iktar dispożizzjonijiet bl-għan li jgħollu r-rata tal-impjiegi tal-ommijiet, peress li dan huwa l-iktar mod effettiv kif jitjieb id-dħul finanzjarju u għalhekk huwa mezz kif jitnaqqsu l-possibilitajiet ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali tal-ommijiet waħedhom;

18. Jenfasizza l-importanza li jitwaqqfu politiki ta' impjieg biex jitħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' ommijiet waħedhom u jiġu pprevenuti tkeċċijiet mhux ġustifikati;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu tnaqqis fit-taxxi u inċentivi finanzjarji oħra lil kumpaniji li jimpjegaw ġenituri waħedhom u/jew li joħolqu, joperaw u jipprovdu faċilitajiet u servizzi ta' kura tat-tfal fuq il-post għall-impjegati;

### *Ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali*

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaqsmu l-aħjar prattiki fl-appoġġ ta' familji b'ġenitur wieħed, partikolarment fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, li qed tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni tal-ġenituri waħedhom;

21. Jistieden lill-Istati Membri, bil-kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, biex jeżaminaw il-bżonnijiet speċifiċi tal-ommijiet waħedhom, biex jiġbru d-data u janalizzawhom, biex iqisu t-twaqqif ta' miżuri konkreti li jindirizzaw dawk il-kwistjonijiet u biex ikun hemm skambju tal-aħjar prattiki biex itejbuhom;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjonijiet u miżuri maħsuba biex jipprevjenu lill-ommijiet waħedhom milli jsibu ruħhom f'riskju permanenti ta' faqar u esklużjoni soċjali;

23. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ommijiet waħedhom jibbenefikaw mill-appoġġ tal-akkomodazzjoni u li jingħataw prijorità rigward il-listi ta' stennija għall-kiri ta' djar;

24. Jitlob lill-Istati Membri jiggarantixxu trattament indaqs u jżommu kwalità għolja tal-għajxien għat-tfal kollha, indipendentement mill-istat ċivili tal-ġenituri tagħhom *jew iċ-ċirkustanzi familjari tagħhom*, billi jipprovdu benefiċċji universali sabiex il-faqar ma jgħaddix fuq it-tfal;

25. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri li jeliminaw id-diskriminazzjoni fir-rigward tal-ommijiet waħedhom u ta' wliedhom, u għalhekk jilqa' l-użu ta' programmi li jipprovdu għajnuna statali u boroż ta' studju għal uliedhom;

26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu politiki bl-għan li jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-familji b'ġenitur wieħed, f'forma ta' benefiċċju għal ġenituri waħedhom, tnaqqis fit-taxxi għal familji b'ġenitur wieħed u tnaqqis fiskali ieħor għall-ġenituri waħedhom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom kif ukoll għajnuna ta' taħriġ għal persuni waħedhom li jagħtu kura;

27. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-benefiċċji (il-manteniment tat-tfal) minn ġenituri li m'għandhomx il-kustodja tat-tfal jitħallsu regolarment;

28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-fattur tas-sessi, u partikolarment is-sitwazzjoni tal-ommijiet waħedhom, matul ir-riformi tas-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

***Konċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u dik professjonali***

29. Jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati għandhom jagħtu prijorità lill-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali permezz tal-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol favur il-familji, bħal ħinijiet tax-xogħol flessibbli u t-telexogħol, u billi jiġu żviluppati l-faċilitajiet għat-tfal, skejjel tan-nuna, eċċ.;

30. Jenfasizza li sabiex jiġi faċilitat il-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali għall-ommijiet waħedhom, huwa meħtieġ involviment iktar qawwi min-naħa tal-missirijiet; jinnota f'dan ir-rigward li *l-kura* konġunta li kważi ma teżistix f'ċerti Stati Membri;

31. Iħeġġeġ li, bi qbil mal-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs, l-inizjattivi u l-azzjonijiet kollha favur l-ommijiet waħedhom għandhom jiġu estiżi wkoll mal-missirijiet waħedhom;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data paragunabbli dwar dan is-suġġett fil-livell tal-UE u dwar il-varji tendenzi, bl-għan li jitqabblu wkoll id-dispożizzjonijiet u s-sistemi relatati mal-benessri;

33. Huwa tal-fehma li dawk li jiddedikaw ħinhom u l-kapaċitajiet tagħhom għat-trobbija tat-tfal jew għall-kura tal-anzjani għandhom jirċievu rikonoxximent soċjali, u billi dan jista' jintlaħaq billi dawn in-nies jingħataw ċerti intitolamenti skont drittijiethom, partikolarment b'dak li jikkonċerna s-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet,

*

* *

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea

P7_TA(2011)0459

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea (2010/2309(INI))**

(2013/C 131 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 67, il-Kapitolu 4 (Artikoli 82-86) u l-Kapitolu 5 (Artikoli 87-89) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja ([1]), il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem 'Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa: Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma' (COM(2010)0171) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem 'L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura' (COM(2010)0673),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI tat-8 u tad-9 ta' Novembru 2010 dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politiki tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ([2]),

([1]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-15 ta' Novembru 2000 (ir-Riżoluzzjoni 55/25), u l-Protokolli tagħha, partikolarment il-Protokoll dwar il-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Trasport Illegali tal-Persuni, Speċjalment tan-Nisa u t-Tfal, il-Protokoll Kontra t-Traffikar Illegali tal-Immigranti bl-Art, bil-Baħar jew bl-Ajru u l-Protokoll dwar il-Produzzjoni Illegali u t-Traffikar ta' Armi tan-Nar, tal-Partijiet u tal-Komponenti u tal-Munizzjon tagħhom,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 (1) dwar il-konfiska ta' rikavati, mezzi strumentali u proprjetà konnessi mal-kriminalità u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 (2) dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha, u wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni COM(2011)0176 ibbażat fuq l-Artikolu 8 ta' dik id-Deċiżjoni,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konfiska u l-Irkupru tal-Assi (7769/3/10),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu (CETS Nru 198),

— wara li kkunsidra l-istudju 'Il-valutazzjoni tal-effikaċja tal-prassi tal-Istati Membri tal-UE fl-identifikazzjoni, ir-rintraċċar, l-iffriżar u l-konfiska tal-beni' (2009), ikkummissjonat mill-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Parlament Ewropew bl-isem 'Ir-rwol tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali' (3),

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata imħejjija mill-Europol (4), b'mod partikolari dak tal-2011,

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-Europol, l-Eurojust u l-Frontex dwar l-istat tas-sigurtà interna fl-UE (2010),

— wara li kkunsidra r-rapporti annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga dwar l-istat tal-problema tad-droga fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-rapporti annwali tad-Direttorat Nazzjonali Taljan Kontra l-Mafja; wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bundeskriminalamt (BKA, id-dipartiment federali Ġermaniż tal-investigazzjoni kriminali) dwar il-preżenza tal-'Ndrangheta fil-Ġermanja, b'mod partikolari l-aktar rapport riċenti bl-isem 'Analiżi tal-attivitajiet tal-klann San Luca fil-Ġermanja',

— wara li kkunsidra r-rapport ROCTA (Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Organizzata Russa), imfassal mill-Europol fl-2008,

— wara li kkunsidra r-Rapport Ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Europol (2009),

(1) ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49.
(2) ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103.
(3) PE 410.678.
(4) http://www.europol.europa.eu/index.asp?page=publications&language=

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-istudju kkummissjonat mill-PE bl-isem 'It-titjib tal-koordinament bejn il-korpi tal-UE kompetenti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja: lejn l-istabbiliment ta' Prosekutur Ewropew',

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' attività annwali tal-Eurojust (2002-2010) ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tal-Eurojust u tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea (COM(2007)0644),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta'April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali proċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar tal-Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ([6]) u l-Atti tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2001 li jistabbilixxu l-protokoll tagħha u tat-18 ta' Diċembru 1997 dwar il-Konvenzjoni dwar l-assistenza u l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana (Napli II) ([7]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri, u l-atti ta' emenda susseg-wenti ([8]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (COM(2005)0063 u COM(2006)0008),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-mandat ta' arrest ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Lulju 2007 u n-nota ta' informazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2008 dwar 'It-tweġibiet għall-kwestjonarji dwar l-informazzjoni kwantitattiva dwar l-użu tal-mandat ta' arrest Ewropew – Sena 2007' ([9]),

([1]) ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14.
([2]) http://www.eurojust.europa.eu/press_annual.htm
([3]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130.
([4]) ĠU L 121, 15.05.2009, p. 37.
([5]) ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.
([6]) ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.
([7]) ĠU C 24, 23.1.1998, p. 1.
([8]) ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.
([9]) 10330/2008.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti ([2]), u r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni legali tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar timijiet konġunti ta' investigazzjoni (COM(2004)0858),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Parlament Ewropew tal-2009 bl-isem 'Użu tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti f'livell nazzjonali u Ewropew' ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 ([4]) dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/ĠAI,

— wara li kkunsidra l-40 rakkomandazzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) biex jiġi miġġieled il-ħasil tal-flus,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ([7]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat ([8]) u r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill ibbażat fuq l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Qafas 2003/568/ĠAI (COM(2007)0328),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (l-hekk imsejħa 'Konvenzjoni ta' Mérida'),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet kriminali u ċivili tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-korruzzjoni, wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li fiha huma involuti uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi barranin fl-operazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 ([9]) fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, kif sussegwentement emendata,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Parlament Ewropew bl-isem 'L-istituzzjonijiet finanzjarji u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali fin-Nofsinhar tal-Italja' (2009),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Droga (2009-2012),

([1]) ĠU C 291E, 30.11.2006, p. 244.
([2]) ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1.
([3]) PE 410.671.
([4]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([5]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
([6]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9.
([7]) ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1.
([8]) ĠU L 192, 31.07.2003, p. 54.
([9]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra r-Rapport Dinji dwar id-Droga 2010 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali 2010 taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga dwar l-istat tal-problema tad-droga fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-istudju taċ-Ċentru għall-Istudju dwar id-Demokrazija kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem 'Eżami tar-rabtiet bejn il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni' (2010),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2007 ([1]) li tidentifika sensiela ta' azzjonijiet għall-infurzar tar-Regolament,

— wara li kkunsidra l-'Istudju dwar ir-rikattar estorsiv: il-ħtieġa ta' strument biex jiġu miġġielda l-attivitajiet tal-kriminalità organizzata', imwettaq minn Transcrime fl-2008 u ffinanzjat mill-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008 dwar pjan Ewropew globali għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar strateġija msaħħa għall-kooperazzjoni doganali,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub 2/2010 tal-Parlament Ewropew dwar l-isforzi tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 – Ir-rikavat mill-kriminalità organizzata: jiġi żgurat li 'l-kriminalità ma tirrendix' (COM(2008)0766),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0333/2011),

A. billi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea huwa li toħloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha l-kriminalità tiġi evitata u miġġielda (Artikolu 3 tat-TFUE), u li jkun żgurat livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri biex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità u miżuri għal koordinament u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji, kif ukoll permezz tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi f'materji kriminali u, jekk ikun meħtieġ, permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet kriminali (Artikolu 67 tat-TFUE),

B. billi l-kriminalità organizzata għandha prezz soċjali sostanzjali, billi tikser id-drittijiet tal-bniedem, iddgħajjef il-prinċipji demokratiċi, tiddevja u taħli r-riżorsi finanzjarji u umani u riżorsi oħrajn, filwaqt li tgħawweġ is-suq intern ħieles, tikkontamina n-negozji u l-attivitajiet ekonomiċi leġittimi, tinkuraġġixxi l-korruzzjoni u tniġġes u teqred l-ambjent,

C. billi evidenza allarmanti li ħarġet mill-qrati u mill-investigazzjonijiet tal-pulizija u tal-ġurnalisti tindika li, f'xi Stati Membri, il-kriminalità organizzata infiltrat, u integrat ruħha bis-sod fiċ-ċrieki politiċi, fis-settur pubbliku u fl-attivitajiet ekonomiċi leġittimi; billi jista' jkun li infiltrazzjonijiet simili seħħew ukoll fil-bqija tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk issaħħet il-pożizzjoni tal-kriminalità organizzata;

([1]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.

D. billi l-iskop u l-bażi tal-kriminalità organizzata huma li tagħmel qligħ ekonomiku u għalhekk biex l-azzjoni biex tiġi evitata u miġġielda l-problema tkun effikaċi, trid tiffoka fuq l-identifikazzjoni, l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità; billi l-qafas legali li jeżisti attwalment fil-livell tal-UE ma jidhirx li huwa bażi xierqa għal azzjoni serja biex tiġi affrontata l-problema u billi hemm bżonn ta' leġiżlazzjoni li, pereżempju, tippermetti l-hekk imsejħa 'konfiska estiża' u azzjoni kontra beni rreġistrati f'isem persuni u organizzazzjonijiet ewlenin; billi, barra minn hekk, l-użu mill-ġdid ta' beni kkonfiskati għal skopijiet soċjali jħeġġeġ attitudni pożittiva rigward strateġiji bl-għan li tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata, billi l-konfiska ta' beni m'għadhiex meqjusa biss bħala mezz li jċaħħad lil organizzazzjoni kriminali mir-riżorsi iżda hija doppjament kostruttiva fis-sens li tgħin fil-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u għandha l-effett li tagħti spinta lill-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

E. billi l-organizzazzjonijiet kriminali qed jikkonċentraw l-attivitajiet tagħhom fuq għadd kbir ta' oqsma dejjem jikbru fosthom, pereżempju, it-traffikar internazzjonali tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament tagħhom, il-kriminalità finanzjarja, it-traffikar internazzjonali tal-armi, il-falsifikazzjoni, iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità ambjentali, id-devjazzjoni ta' fondi pubbliċi, il-frodi u l-estorsjoni, attivitajiet li l-biċċa l-kbira tagħhom huma transnazzjonali u pan-Ewropej min-natura tagħhom; billi proporzjon kbir tar-rikavat ta' dawn l-attivitajiet kriminali jiġi riċiklat;

F. billi n-nisa u l-bniet li huma immigranti illegali huma aktar vulnerabbli għall-kriminalità organizzata, pereżempju permezz tal-prostituzzjoni u t-traffikar, milli huma n-nisa u l-bniet li jkunu ċittadini tal-UE,

G. billi, għalkemm ma jeżisti l-ebda studju komprensiv, l-organizzazzjonijiet kriminali tat-tip mafjuż li joperaw fl-Ewropa għandhom qligħ impressjonanti, partikolarment fil-każ tal-gruppi Taljani tal-kriminalità organizzata li, skont ir-riżultati ta' diversi studji (inkluż l-istudju Eurispes) u kif ikkonfermat mir-rapport konġunt tal-Eurojust, l-Europol u l-Frontex fl-2010, huwa stmat b'mod konservattiv li għandhom dħul ta' mill-anqas EUR 135 biljun, ċifra li hija ogħla mill-PDG kombinat ta' 6 Stati Membri tal-UE, filwaqt li l-akbar eżempju huwa l-'Ndrangheta, il-grupp mafjuż l-aktar integrat fil-pajjiżi tal-UE u fid-dinja, li huwa stmat li għandu qligħ annwali ta' mill-anqas EUR 44 biljun;

H. billi t-theddida għall-Unjoni Ewropea mill-kriminalità organizzata tmur lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni u, għalhekk, trid tiġi indirizzata b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ħtieġa għal approċċ globali u internazzjonali li jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħal, pereżempju, l-Interpol u l-Uffiċċju tan-Nazzjonaijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC),

I. billi l-korruzzjoni hija l-mezz standard li bih il-kriminalità organizzata tuża r-rikatt jew tippremja lin-nies sabiex tiddevja r-riżorsi pubbliċi u biex tidħol fil-politika lokali, fil-gvern u fis-settur privat;

J. billi l-ħasil tal-flus huwa wieħed mill-mezzi l-aktar insidjużi li jippermettu li l-attivitajiet legali jiġu kkontaminati b'attivitajiet illegali u proċess ta' tranżizzjoni indispensabbli, li mingħajru l-kapaċità tal-akkwist miksuba bir-reati tibqa' biss potenzjal, li tista' tintuża fiċ-ċrieki illegali iżda li ma tkunx tista' tissarraf f'saħħa ekonomika reali; billi l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni internazzjonali huma essenzjali biex il-ħasil tal-flus jiġi miġġieled b'mod effikaċi;

K. billi t-traffikar internazzjonali tad-droga huwa s-sors ewlieni ta' qligħ għall-kriminalità organizzata u għall-mafji, u jipprovdi l-bażi biex ikunu jistgħu jistabbilixxu ruħhom ekonomikament u soċjalment; billi l-UE hija kemm wieħed mill-akbar swieq għat-traffikar tad-droga (eroina, kokaina, u kannabis) kif ukoll produttur (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' drogi sintetiċi); billi t-traffikar jestendi wkoll għal bosta pajjiżi non-Ewropej identifikabbli b'mod ċar ta' produzzjoni u tranżitu, speċjalment fl-Amerika Latina, fl-Afrika tal-Punent, u fl-Asja;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

L. billi l-estorsjoni, ir-rikattar u l-użura huma żewġ modi li bihom il-kriminalità organizzata tinfiltra fl-ekonomija legali, filwaqt li tgħawweġ ferm kull forma ta' suq ħieles u tillimita d-drittijiet taċ-ċittadini, l-imprendituri, il-ħaddiema, u l-professjonisti; billi, kif intwera mill-istudju ta' Transcrime iffinanzjat mill-Kummissjoni fl-2008 bl-isem 'Studju dwar ir-rikattar estorsiv: il-Ħtieġa ta' Strument biex Jiġu Miġġielda l-Attivitajiet tal-Kriminalità Organizzata', dan il-fenomenu qed jassumi proporzjonijiet allarmanti f'tal-anqas nofs l-Istati Membri tal-UE u jeżisti f'kobor sinifikanti fin-nofs l-ieħor; billi l-firxa tar-rikattar estorsiv hija marbuta direttament mal-livell ta' kontroll ta' pajjiż u mal-attivitajiet ekonomiċi/kummerċjali tiegħu eżerċitati mill-kriminalità organizzata; billi l-ewwel passi essenzjali li għandhom jittieħdu biex jiġi miġġieled ir-rikattar estorsiv huma t-tħeġġiġ tal-vittmi li jirrappurtaw ir-reati u l-iżgurar li l-awtoritajiet uffiċjali jkollhom preżenza b'saħħitha;

***Daħla***

1. Jilqa' l-miżuri biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata proposti fil-Programm ta' Stokkolma, fil-pjan ta' azzjoni rilevanti u fl-istrateġija ta' sigurtà interna u jittama li taħt il-presidenza l-ġdida l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tiġi inkluża fil-prijoritajiet politiċi u jinkisbu riżultati tanġibbli;

2. Hu konvint li l-kriminalità organizzata, tkunx tat-tip mafjuż jew le, hija fost it-theddidiet prinċipali għas-sigurtà interna tal-UE u għal-libertà taċ-ċittadini tagħha; iqis li, għalkemm jeżisti riskju li l-organizzazzjonijiet kriminali jistgħu jikkooperaw dejjem aktar frekwentement ma' organizzazzjonijiet terroristiċi, il-kriminalità organizzata għandha tkun ittrattata separatament mit-terroriżmu, u jinvoka strateġija tal-UE speċifika u orizzontali dwar din il-kwistjoni, li tinkludi miżuri leġiżlattivi u operattivi, l-allokazzjoni ta' fondi u kalendarju rigoruż ta' implimentazzjoni; japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8-9 ta' Novembru 2010 dwar iċ-ċiklu politiku tal-UE għall-kriminalità organizzata u jistieden lill-Kunsill jirrevedi d-deċiżjoni u jipprevedi l-involviment tal-Parlament fid-determinazzjoni tal-prijoritajiet, fid-diskussjoni dwar l-objettivi strateġiċi u fil-valutazzjoni taċ-ċiklu politiku;

3. Jappoġġa lill-Istati Membri fl-azzjonijiet tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jħeġġiġhom isaħħu l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-forzi tal-pulizija tagħhom fuq il-bażi tal-aħjar esperjenzi kurrenti, inkluż billi jqabblu l-leġiżlazzjoni u r-riżorsi maħsuba biex jappoġġaw l-attivitajiet tagħhom, u billi jassenjaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għal dan il-għan; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ proattiv għall-investigazzjoni, ifasslu pjanijiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, u jipprevedu għal koordinament ċentrali tal-attivitajiet bi strutturi speċifiċi xierqa, filwaqt li jisiltu mill-esperjenzi tal-akbar suċċess ta' xi Stati Membri; jistieden lill-COSI (il-Kumitat għas-Sigurtà Interna) biex jorganizza laqgħa annwali li għaliha jattendu mill-inqas l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-Europol u l-Eurojust fejn ir-riżultati miksuba u l-pjanijiet futuri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-livell tal-UE u dak nazzjonali jkunu jistgħu jiġu preżentati;

4. Jenfasizza li l-miżuri kollha għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u għandhom ikunu proporzjonati għall-objettivi mfittxa u li dawn l-objettivi għandhom ikunu neċessarji f'soċjetà demokratika, bi qbil mal-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mingħajr ma tiġi ristretta b'mod mhux xieraq il-libertà tal-individwi, kif imħaddan fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-prinċipji kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri;

5. Filwaqt li jinnota li l-Artikolu 222 tat-TFUE jistabbilixxi l-obbligu legali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jimplimentaw il-klawsola ta' solidarjetà, jesprimi tħassib profond dwar it-tentattivi tal-kriminalità organizzata li tinfiltra fis-setturi tal-politiki, fil-gvern fil-livelli kollha, fl-ekonomija u fil-finanzi; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jikkonċentraw l-azzjoni dissważiva tagħhom fuq l-attakki tal-assi kriminali, inklużi dawk li spiss ikunu moħbija permezz ta' xibka ta' prestanome u sostendituri, istituzzjonijiet politiċi u gruppi ta' interess; jenfasizza li l-isforzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għandhom iqisu l-kriminalità "white collar";

*It-titjib tal-qafas leġiżlattiv tal-UE*

6. Peress li n-networks kriminali internazzjonali huma attivi ħafna u li l-kriminalità organizzata qed tikber kemm fid-daqs kif ukoll fis-sofistikazzjoni, jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni u biex japprossimaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, speċjalment b'referenza għall-iżvilupp ta' proċeduri komuni standard u tipi ta' reati kriminali, filwaqt li jisiltu mill-prassi tajbin tas-sistemi legali li huma l-iktar żviluppati fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw ir-ratifika u/jew it-traspożizzjoni f'waqthom u effettivi tal-istrumenti legali Ewropej u internazzjonali kollha relatati direttament jew indiretttament mal-azzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

7. Filwaqt li jqis l-impatt estremament limitat fuq is-sistemi leġiżlattivi tal-Istati Membri tad-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI dwar il-kriminalità organizzata, li ma ġabet ebda titjib sinifikanti għal-liġijiet nazzjonali jew għall-kooperazzjoni operattiva għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta, sat-tmiem l-2013, proposta għal direttva li jkun fiha definizzjoni iktar konkreta ta' kriminalità organizzata u li tidentifika aħjar il-karatteristiċi kruċjali tal-fenomenu, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kunċett prinċipali tal-organizzazzjoni u tqis ukoll tipi ġodda ta' kriminalità organizzata; jitlob, fir-rigward tar-reat ta' appartenenza f'organizzazzjoni kriminali u b'rispett dovut għall-karatteristiċi differenti u speċifiċi tad-diversi sistemi legali nazzjonali, li jsir studju dwar it-tneħħija tal-approċċ doppju attwali (li jikkriminalizza kemm l-appartenenza kif ukoll il-kospirazzjoni) u l-identifikazzjoni ta' sensiela ta' reati kommessi li, indipendentement mill-piena massima prevista fis-sistema legali tal-Istati Membri, jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu tali reat kriminali; jitlob ukoll li jkun hemm skrutinju iktar rigoruż tal-kwistjoni tal-kriminalizzazzjoni tal-forom kollha ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet kriminali;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, proposta għal direttiva qafas dwar il-proċedura għas-sekwestru u l-konfiska tar-rikavati minn reati, kif previst fil-Programm ta' Ħidma 2011 tagħha, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżit li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali kif imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

— tħejji regoli dwar l-użu effikaċi ta' strumenti bħall-konfiska estiża u mhux ibbażata fuq il-kundanna;

— tħejji regoli dwar il-mitigazzjoni tal-oneru tal-provi wara l-kundanna ta' awtur ta' ksur għal reat serju (inklużi reati marbuta mal-kriminalità organizzata) rigward l-oriġini ta' beni fil-pussess tal-awtur ta' ksur;

— tinkoraġġixxi l-introduzzjoni ta' strumenti fis-sistemi legali nazzjonali li, skont il-liġi kriminali, ċivili jew fiskali, kif ikun xieraq, jimmitigaw l-oneru tal-provi rigward l-oriġini tal-beni fil-pussess ta' persuna kkundannata għal reat marbut mal-kriminalità organizzata;

— tinkludi fil-proposta tagħha regoli li jippermettu s-sekwestru u l-konfiska sussegwenti ta' beni assenjati lil partijiet terzi; jitlob ukoll li l-azzjonijiet tal-portanome f'tali każijiet jiġu ttrattati bħala reat kriminali, billi l-għan tagħhom huwa li jevitaw l-infurzar ta' miżuri ta' protezzjoni tal-beni jew li jiffaċilitaw it-twettiq tar-reati tar-riċeviment, il-ħasil u l-użu ta' flus miksuba illegalment; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tistipula fil-proposti leġiżlattivi tagħha li l-kunċett tar-rikavati mill-kriminalità stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Palermo u inkluż fid-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI jmur lil hinn min-nozzjoni tal-qligħ; jistieden lill-Istati Membri biex b'effett immedjat jinkorporaw dan il-kunċett fil-liġijiet tagħhom biex jiżguraw li kull dħul marbut direttament jew indirettament mat-twettiq ta' reati marbuta mal-kriminalità organizzata jista' jkun soġġett għas-sekwestru u l-konfiska;

9. Jistieden lill-Kummissjoni taċċetta u tappoġġa l-ħtieġa urġenti ta' leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-użu mill-ġdid tar-rikavati minn attivitajiet kriminali għal skopijiet soċjali, inkluża l-protezzjoni tax-xhieda fil-qorti, sabiex il-kapital tal-organizzazzjonijiet kriminali jew tal-kompliċi tagħhom ikun jista' jiġi investit mill-ġdid fiċ-ċirkolazzjoni ekonomika legali, nadifa, trasparenti u virtuża;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

10. Hu favur kooperazzjoni eqred bejn l-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni xierqa ta' ordnijiet ta' sekwestru u ta' konfiska; jemmen li l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi huma għodda vitali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u li dawn għandhom ikunu provduti bir-riżorsi, l-għarfien espert u l-poteri neċessarji malajr kemm jista' jkun; japprova l-analiżi tal-Kummissjoni tad-diffikultajiet prinċipali li jiltaqgħu magħhom l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rwol u l-kompetenzi tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u tagħtihom aktar flessibbiltà u aċċess uniformi għall-informazzjoni, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-istandards tal-protezzjoni tad-data;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal, sa tmiem l-2013, studju dwar l-prassi investigattivi użati fl-Istati Membri biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata, b'referenza partikolari għall-użu ta' għodda bħall-interċettazzjoni telefonika, l-interċettazzjoni ambjentali, il-proċeduri ta' tiftix, l-arrest pospost, is-sekwestru pospost, l-operazzjonijiet sigrieti u l-operazzjonijiet ta' konsenja kontrollata u sorveljata; jistieden lill-Kummissjoni tressaq, sa tmiem l-2014, proposta għal direttiva dwar tekniki investigattivi komuni biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata, skont l-Artikolu 87(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

12. Jenfasizza l-importanza li tiġi assigurata protezzjoni adegwata tal-vittmi primarji u sekondarji mill-kriminalità organizzata, tax-xhieda, tal-informaturi tal-ġustizzja, tad-dinunċjaturi u tal-familji tagħhom; f'dan ir-rigward jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tistabbilixxi standards minimi għad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità imma jitlob li jkune hemm leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri wkoll ix-xhieda, l-informaturi tal-ġustizzja, id-dinunċjaturi u l-familji tagħhom; jitlob li t-tipi kollha ta' vittmi jiġu trattati b'mod ugwali (partikolarment dawk tal-kriminalità organizzata u tat-terroriżmu u dawk imweġġa' fil-qadi ta' dmirijiethom) u biex il-protezzjoni tax-xhieda, l-informaturi tal-ġustizzja, id-dinunċjaturi u l-familji tagħhom tiġi estiża lil hinn mil-tul ta' żmien tal-proċedimenti limiti tal-proċedimenti fil-qorti; jenfasizza li l-minorenni għandhom bżonn attenzjoni, trattament, protezzjoni, għajnuna u gwida speċjali meta jkunu vittmi tal-kriminalità organizzata; jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida ċari biex ikunu megħjuna x-xhieda tal-qrati, l-informaturi, id-dinunċjaturi u l-familji tagħhom, jingħatalhom status legali Ewropew transnazzjonali u tiġi estiża kwalunkwe protezzjoni mogħtija lilhom fl-Istati Membri, jekk dan jintalab mill-Istat Membru ta' oriġini tal-informatur, ix-xhud jew id-dinunċjatur; jipproponi li jinħoloq fond Ewropew li jħares u jgħin lill-vittmi tal-kriminalità organizzata u lix-xhieda tal-qorti, anke permezz tal-appoġġ lill-assoċjazzjonijiet mhux governattivi kontra l-Mafja u kontra r-rikattar rikonoxxuti mill-Istati Membri; jilqa' l-adozzjoni minn xi Stati Membri tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi mfassla biex itejbu l-protezzjoni tax-xhieda u tal-informaturi f'każi relatati mal-kriminalità organizzata (eż. billi jiġi permess l-użu ta' udjenzi remoti);

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu r-rwol tal-assoċjazzjonijiet tal-familji tal-vittmi, id-djalogu bejn tali assoċjazzjonijiet u l-istituzzjonijiet u l-istabbiliment ta' forum tal-UE tal-assoċjazz-jonijiet tal-familji tal-vittmi;

***Il-qerda tal-kriminalità organizzata tat-tip mafjuż bl-għeruq fondi fl-UE***

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tfassal proposta għal direttiva biex assoċjazzjoni mal-Mafja jew gruppi kriminali oħra ssir reat kastigabbli fl-Istati Membri kollha, sabiex ikun żgurat li jiġu kkastigati l-organizzazzjonijiet kriminali li japprofittaw mill-eżistenza tagħha, permezz tal-ħila tagħhom li jintimidaw – anke mingħajr atti vjolenti jew theddid partikolari – bil-għan li jagħmlu reati, jinfluwenzaw it-tħaddim tal-ekonomija, il-gvern ġenerali, is-servizzi pubbliċi u s-sistema elettorali;

15. Biħsiebu, fi żmien tliet xhur mill-approvazzjoni tar-riżoluzzjoni preżenti, joħloq kumitat speċjali dwar it-tixrid ta' organizzazzjonijiet kriminali tat-tip mafjuż li joperaw fil-livell transkonfinali, inklużi l-mafji, li waħda mill-għanijiet tiegħu jkun li jinvestiga l-grad tal-fenomenu u l-impatt negattiv soċjali u ekonomiku li għandu fl-UE, inkluża l-kwistjoni tal-approprjazzjoni indebita ta' fondi pubbliċi minn organizzazzjonijiet kriminali u mafji u l-infiltrazzjoni tagħhom fis-settur pubbliku, kif ukoll il-kontaminazzjoni tal-ekonomija legali u s-sistema finanzjarja, filwaqt li għand ieħor ikun li jidentifika sensiela ta' miżuri leġiżlattivi sabiex jindirizza din it-theddida tanġibbli u rikonoxxuta lill-UE u ċ-ċittadini tagħha; jitlob, għalhekk, lill-Konferenza tal-Presidenti tressaq proposta skont l-Artikolu 184 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Europol u l-Eurojust, twettaq studju sa Ġunju 2013 biex tevalwa l-impatt negattiv tal-kriminalità organizzata transnazzjonali fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Europol biex tislet minn OCTA tematika dwar it-theddid li jiġi mill-preżenza ta' organizzazzjonijiet kriminali tat-tip mafjuż fl-UE sal-2012;

17. Jenfasizza li skont ir-rapport tal-OCTA (valutazzjoni li saret mill-Unjoni Ewropea dwar it-theddida tal-kriminalità organizzata) ippubblikat mill-Europol fl-2011, l-organizzazzjonijiet kriminali qed juru li huma kapaċi ħafna biex jadattaw u qed jidentifikaw u jisfruttaw b'mod rapidu swieq illegali ġodda; iqis li hu neċessarju, għaldaqstant, mhux biss li jiġu miġġielda l-attivitajiet tradizzjonali ta' kriminalità organizzata iżda wkoll li tingħata attenzjoni partikolari lill-forom ġodda ta' kriminalità organizzata;

***It-titjib tal-funzjonament tal-istrutturi Ewropej involuti, f'livelli differenti, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet internazzjonali l-oħrajn***

18. Jistieden lill-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw immedjatament id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tagħha kollha; jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-membri nazzjonali tagħhom tal-Eurojust se jkunu infurmati mingħajr dewmien fil-każ ta' reati li jinvolvu tal-inqas żewġ Stati Membri u li jkollhom indikazzjonijiet ċari li hi involuta organizzazzjoni kriminali; itenni l-importanza tat-tisħiħ tal-Eurojust għat-titjib tal-effikaċja tal-ġlieda tiegħu kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali, b'referenza għas-setgħat ta' inizjattiva tiegħu, partikolarment is-setgħa li jibda investigazzjonijiet, u għal dawk li ngħatawlu skont l-Artikolu 85 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jużaw l-influwenza politika tagħhom fil-livell inernazzjonali, biex jinbeda rieżami tal-possibilitajiet ta' skambju ta' xi esperjenza akkwistata mill-UE, inkluża dik mill-Eurojust, fil-livell internazzjonali u, possibilment, jitqiegħed għad-dispożizzjoni l-għarfien tekniku akkwistat sa llum il-ġurnata fil-livell tal-UE;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tabbozza, malajr kemm jista' jkun, valutazzjoni tal-impatt dwar il-valur miżjud tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li jikkunsidra l-possibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż biex jinkludi l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali serja, kif stipulat mill-Artikolu 86(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li jqis l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tad-difiża b'mod partikolari u l-bżonn ta' armonizzazzjoni minn qabel tal-istandards tal-liġi kriminali proċedurali u sostantiva flimkien ma' regoli dwar il-ġurisdizzjoni kriminali; jitlob lill-Kummissjoni tidħol f'konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati rilevanti kollha, li jinkludu l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili, biex tiddiskuti l-implikazzjonijiet tal-istabbiliment possibbli tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;

20. Jappoġġa l-istrateġija ta' ħames snin għall-iżvilupp tal-Europol imsemmija fl-2009; jitlob lill-Europol iżid il-laqgħat u r-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew sabiex flimkien isir rieżami tal-progress ta' din l-istrateġija u kwalunkwe problema f'intervalli perjodiċi; jistieden lill-Europol jimpenja ruħu b'mod iktar effettiv mal-kriminalità organizzata u mal-kriminalità tat-tip mafjuż billi jistabbilixxi u jsaħħaħ taqsima speċifika fl-organizzazzjoni teigħu u biex jalloka iktar fondi f'dan il-qasam; jitlob lill-Europol jikkollabora iktar mill-qrib mal-Interpol bil-għan li jiġġieldu l-organizzazzjonijiet kriminali fil-livell internazzjonali, b'referenza partikolari għall-kwistjoni tal-qsim tal-informazzjoni; jitlob lill-Europol jistabbilixxi rabtiet iktar mill-qrib u jikkonkludi ftehimiet strateġiċi u operazzjonali mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi;

21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex itejbu l-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-pulizija nazzjonali fil-prattika billi jitneħħew l-ostakli formali kemm jista' jkun;

22. Itenni l-importanza ta' kooperazzjoni prattika imtejba bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri sabiex isir skambju ta' data dwar l-organizzazzjonijiet kriminali u jikkoordinaw l-investigazzjonijiet; jitlob il-Kummissjoni u l-Eurojust jistabbilixxu netwerk iktar effikaċi ta' punti ċentrali nazzjonali għal dan il-għan; jitlob wkoll lill-Kummissjoni tressaq rapporti annwali dwar il-progress li sar bil-kooperazzjoni intensifikata bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-qasam tal-kriminalità organizzata;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

23. Jirrikonoxxi li minkejja l-protokolli u ftehimiet bilaterali milħuqa bejn l-Europol, l-Eurojust u l-OLAF, għad hemm lok għal titjib sostanzjali fil-kooperazzjoni bejn dawn l-istituzzjonijiet ikkonċernati; jistieden, għalhekk, l-Europol, l-Eurojust, l-OLAF u l-Koordinatur Ewropew Kontra t-Traffikar jimpenjaw ruħhom b'mod konkret u konġunt kemm biex jivvalutaw u wkoll biex jaġġornaw b'mod kontinwu l-ftehimiet ta' kooperazzjoni u jimplimentawhom, b'mod partikolari b'referenza għall-iskambju ta' sinteżi ta' każijiet u ta' informazzjoni relatati magħhom u ta' informazzjoni u ta' data ta' natura strateġika; iqis li, biex il-kooperazzjoni bejn il-Europal, il-Eurojust u l-OLAF tkun effikaċi b'mod sħiħ, irid jiġi stabbilit tqassim ċar tar-responsabbilitajiet bil-għan li jiġi evitat kwalunkwe rduppjar tal-isforzi; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju ta' valutazzjoni tal-effikaċja tal-aġenziji tal-UE u tal-Istati Membri li jiġġieldu l-kriminalità;

***Żvilupp tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet kriminali u t-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fl-UE u ma' pajjiżi terzi***

24. Jirrikonoxxi li biex jingħelbu l-ostakoli prattiċi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja jeħtieġ li tingħata attenzjoni qawwija għall-informazzjoni u għas-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ta' pulizija u jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw it-taħriġ ġudizzjarju u tal-forzi tal-pulizija bħala prijorità fil-livell politiku; f'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmobbilizza l-miżuri adegwati, anke dawk finanzjarji, bħala appoġġ tal-attivitajiet tal-Istati Membri;

25. Jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni ġudizzjarja, anke dik bejn l-Istati Membri, tirrappreżenta wieħed mill-pilastri tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali u għall-ħolqien ta' żona ta' sikurezza u ġustizzja komuni, u jitlob lill-Istati Membri jirrispettaw l-impenji tagħhom u biex jittrasponu minnufih l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja diġà eżistenti kollha fil-livell tal-UE, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali tal-2000 u l-Protokolli tagħha tal-2001 u d-Deċiżjoni Qafas dwar skwadri ta' investigazzjoni konġunti; Jirrikonoxxi li biex jingħelbu l-ostakoli prattiċi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja jeħtieġ li tingħata attenzjoni qawwija għall-informazzjoni u għas-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ta' pulizija u avukati ta' difiża u jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw it-taħriġ ġudizzjarju u tal-forzi tal-pulizija flimkien mad-drittijiet ta' difiża bħala prijorità fil-livell politiku; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni Ewropea talloka l-miżuri adegwati, anke dawk finanzjarji, bħala appoġġ tal-attivitajiet tal-Istati Membri;

26. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu bl-isforzi tagħhom bil-għan li jimplimentaw b'mod effettiv il-mandat ta' arrest Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni tqis jekk ir-raġunijiet għal noneżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew imsemmija fl-Artikolu 4 tad-deċiżjoni qafas jistgħux jiġu abbozzati mill-ġdid biex jiġu ssodisfati d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni u fid-dawl tal-esperjenza miksuba bi strumenti sussegwenti ta' rikonoxximent mutwu fir-rigward ta' reati ġeneralment assoċjati mal-kriminalità organizzata, inkluż ir-reat ta' assoċjazzjoni mafjuża; jistieden lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-mandati ta' arrest Ewropew li joħorġu dejjem jitbagħtu lill-Interpol;

27. Jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transkonfinali u juri t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li, minħabba t-traspożizzjoni inadegwata tad-deċiżjoni qafas rilevanti u n-nuqqas ta' ħeġġa min-naħa ta' wħud mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, dan l-istrument għall-investigazzjoni mhux qed jintuża bl-aħjar mod possibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħtu spinta ġdida lix-xogħol tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti, kemm billi jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Deċiżjoni Qafas 2002/465/ĠAI fl-Istati Membri kollha, kif ukoll billi jipprovdu appoġġ finanzjarju adegwat; jenfasizza li r-riżultati miksuba mill-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti jistgħu jiġu valutati fil-livell Ewropew (eż abbażi tal-valur tal-oġġetti kkonfiskati) u fil-livell nazzjonali (pereżempju abbażi tal-effikaċja tal-membri individwali tal-iskwadra), u jitlob lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni b'kooperazzjoni mal-Eurojust u l-Europol;

28. Jindika li l-fruntieri mhumiex ostaklu għall-kriminalità organizzata; iqis li hu neċessarju, għaldaqstant, li d-dimensjoni esterna tal-kriminalità organizzata tiġi integrata fil-qafas tal-isforz tal-Ewropa fil-ġlieda kontra dan il-fenomenu; jinnota li hu importanti, għal dan il-għan, li jiġi involut b'mod aktar profond is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u ċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni Konġunta (SitCen); jistieden lill-Kummissjoni tkompli taġġorna regolarment u ssaħħaħ l-effikaċja tal-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja u investigattiva mal-pajjiżi mhux tal-UE bil-għan li tiġġieled il-kriminalità organizzata transkonfinali; jitlob, ukoll,

biex waqt l-abbozzar ta' tali ftehimiet tingħata attenzjoni kif suppost lit-theddidiet speċifiċi tal-kriminalità organizzata għas-sigurtà interna u esterna tal-UE fil-pajjiżi individwali; jitlob lill-Europol jipproduċi analiżi iktar frekwenti u iktar dettaljata dwar l-organizzazzjonijiet kriminali mhux Ewropej li l-attivitajiet tagħhom għandhom impatt dirett u indirett fuq l-Unjoni Ewropea; iqis neċessarju li jitkomplew u jissaħħu l-isforzi li qed isiru mill-UE u l-istituzzjonijiet internazzjonali fil-Balkani, partikolarment b'rabta mal-azzjonijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jistieden lill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Europol, tiżviluppa proġett konġunt mal-Interpol biex tappoġġa t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' sistema reġjonali għall-iskambju ta' informazzjoni polizjeska u ġuridika mal-Afrika tal-Punent, filwaqt li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent l-għarfien tekniku u r-riżorsi neċessarji, mhux l-inqas fil-qasam tat-taħriġ u s-segwitu;

***Rakkomandazzjonijiet oħra b'rabta mal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata***

29. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' kultura ta' legalità u tat-tkabbir tar-rikonoxximent u l-għarfien ta' dan il-fenomenu fost iċ-ċittadini u, b'mod ġenerali, fl-opinjoni pubblika; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol fundamentali tal-istampa, ħielsa minn kull tip ta' influwenza esterna, sabiex din tkun tista' tinvestiga u tagħmel pubbliċi r-rabtiet bejn il-kriminalità organizzata u mas-setgħat b'saħħithom; iqis li t-twettiq ta' dawn l-attivitajiet għandu jkun garantit bir-rispett dovut għad-dritt fundamentali tad-dinjità personali, tal-unur u tal-privatezza; jistieden lill-Kummissjoni tressaq pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi bil-għan li tiġi żviluppata kultura ta' legalità li tinvolvi, fost l-oħrajn, il-ħolqien ta' linji baġitarji speċifiċi b'dan il-għan;

30. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri jeħtieġ li jadottaw approċċ olistiku fir-rigward tat-traffikar tat-tfal, li jintegra fih innifsu interventi multisettorjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal ittraffikati u t-tfal li jinsabu f'riskju li jiġu ttraffikati; jinsisti li l-Istati Membri għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fil-ġlieda kontra l-adozzjoni illegali u jiżviluppaw qafas biex jiżguraw it-trasparenza u l-monitoraġġ effikaċi tal-iżvilipp tat-tfal abbandunati u tat-tfal adottati;

31. Jenfasizza l-importanza ewlenija tat-trasparenza tas-settur pubbliku fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea taġixxi sabiex jiġu stabbiliti r-regoli meħtieġa u biex tiżgura t-traċċabilità sħiħa u l-kontroll totali tal-allokazzjoni u l-użu tal-fondi Ewropej kemm min-naħa tal-istituzzjonijiet kompetenti kif ukoll miċ-ċittadini u mill-istampa; jitlob li din l-informazzjoni tkun disponibbli minnufih fuq sit tal-internet xieraq f'format ta' data li tista' tinqara mill-magni, li tista' titqabbel u li hi miftuħa, u tal-inqas f'minn tal-inqas waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-UE, biex jiġi żgurat li tali informazzjonihi hi faċilment aċċessibbli u tista' tiġi użata mill-ġdid u pproċessata mis-soċjetà ċivili; jitlob lill-Istati Membri jadottaw miżuri simili għat-trasparenza tat-tranżazzjonijiet pubbliċi kollha li jagħmlu użu minn fondi pubbliċi, b'referenza partikolari għall-amministrazzjonijiet lokali, li jinsabu f'perikolu akbar ta' infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata, meta titqies in-natura sigrietà inerenti tal-miżuri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

32. Jitlob, b'rispett għad-drittijiet fundamenti, li tiddaħħal sistema adattata ta' pieni u dispożizzjonijiet ta' detenzjoni xierqa għal reati b'rabta mal-kriminalità organizzata, kemm biex jiskoraġġixxu it-twettiq ta' reati u biex il-priġunieri ma jitħallewx ikomplu jmexxu l-organizzazzjonijiet t-twettiq jew milli jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet tagħhom bit-twettiq ta' reati oħrajn, tul il-perjodu ta' detenzjoni tagħhom;

***Kontramiżuri fir-rigward ta' ambiti ta' azzjoni speċifiċi tal-kriminalità organizzata***

33. Jinsab konvint dwar ir-rabta qawwija li teżisti bejn il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u jtenni bil-qawwa t-talba li stqarr waqt l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni bil-Miktub 02/2010, kemm b'referenza għall-ħolqien ta' mekkaniżmu, ta' natura objettiva u li tista' tiġi kwantifikata, ta' valutazzjoni u kontroll tal-politiki tas-27 Stat Membru fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u wkoll fir-rigward tat-tfassil ta' politika globali kontra l-korruzzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ proattiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-miżuri fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; iqis, barra minn hekk, bħala prijorità, it-tfassil ta' miżuri effikaċi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-politika tal-viċinat, fil-qasam ta' qabel l-adeżjoni u fl-użu ta' fondi mmirati għall-għajnuna tal-iżvilupp, b'mod partikolari mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-korpi ġodda li qed jitwaqqfu bl-awspiċi tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament u ddaħħal immoniterjar effettiv tal-miżuri meħuda u r-riżultati miksuba;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

34. Jitlob lill-Istati Membri jirratifikaw b'mod immedjat l-istrumenti internazzjonali kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni u l-Konvenzjonijiet dwar il-Liġi Kriminali u Ċivili tal-Kunsill tal-Ewropa (1999);

35. Jimpenja ruħu li jistabbilixxi regoli li jiżguraw li persuni li jkunu kkundannati, b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat bħala 'res judicata', ta' appartenenza f'organizzazzjonijiet kriminali jew b'reati li spiss jitwettqu b'rabta ma' dawn l-organizzazzjonijiet (bħat-traffikar tal-bnedmin, t-traffikar internazzjonali tad-drogi, il-ħasil tal-flus, il-frodi, il-korruzzjoni u l-estorsjoni) ma jitħallewx joħorġu bħala kandidati għall-Parlament Ewropew; jitlob lill-gruppi politiċi Ewropej jadottaw kodiċi ta' etika intern bil-għan li jevitaw li persuni li ġew ikkundannati, anke b'mod mhux definittiv għal dawn ir-reati, ma jitħallewx joħorġu bħala kandidati; jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli simili għall-elezzjonijiet nazzjonali u lokali;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida ċari u proposti leġiżlattivi adegwati li jipprevjenu li kumpaniji marbuta mal-kriminalità organizzata u l-mafji jieħdu sehem fil-ġestjoni ta' sejħiet għal offerti pubbliċi u fl-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw t-traċċabilità tal-flussi finanzjarji b'konnessjoni ma' kuntratti pubbliċi tax-xogħlijiet, tas-servizzi u tal-provvista u jevalwaw l-introduzzjoni ta' regoli biex jikkastigaw l-ostruzzjoni tal-proċeduri amministrattivi ta' għażla għall-għoti ta' kuntratti minn awtoritajiet pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE jiġi applikat b'mod sħiħ u korrett, billi teskludi b'mod ġenerali l-mekkaniżmi ta' 'awtotindif', biex turi biċ-ċar li kundanni kontra kemm l-entitajiet legali kif ukoll kontra l-persuni fiżiċi iwasslu għall-esklużjoni u tiżgura li dawn ir-raġunijiet għall-esklużjoni huma permanenti jew għal perjodu raġonevoli aktar milli jkunu ristretti għall-perjodu tal-kundanna; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti li jistabbilixxu r-raġunijiet għall-esklużjoni minn proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-prekawzjonijiet speċjali fir-rigward ta' nies li huma taħt investigazzjoni jew għaddejin minn prosekuzzjoni; jitlob li tkun estiża l-firxa ta' reati li jwasslu għall-esklużjoni ta' dawk ir-reati kollha mwettqa f'rabta mal-kriminalità organizzata u li tittieħed azzjoni biex jiġi evitat li l-leġiżlazzjoni rilevanti tiġi evaża permezz ta' prestanome u sostenituri; jitlob lill-Istati Membri jadottaw miżuri simili fir-rigward tat-tipi kollha ta' għajnuna kuntrattwali, ta' konċessjoni, tal-liċenzji u tal-istat, anke jekk dawn mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti leġiżlattivi u operattivi xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE u għat-tfassil listi suwed biex tiġi evitata l-approprjazzjoni indebita tal-fondi pubbliċi fl-UE;

37. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, fenomenu spiss marbut mal-attivitajiet tal-kriminalità organizzata fil-forma tal-isfruttament tal-prostituzzjoni u x-xogħol, it-tneħħija tal-organi u t-tjassir; jenfasizza l-importanza estrema tal-implimentazzjoni rapida u effettiva ta' din id-Direttiva;

38. Iheġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jagħtu kunsiderazzjoni dovuta lill-fatt li l-kriminalità organizzata għadha għaddejja bl-attivitajiet u bl-interessi tagħha, li jinkludu mezzi ta' traffikar tad-droga, u qed jagħmlu ħilithom kollha biex jestendu s-suq globali tad-drogi illegali f'swieq ġodda u sustanzi ġodda;

39. Jitlob lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp Ewropew kollha tal-Istati Membri biex itejbu l-politiki tagħhom dwar iċ-ċentri finanzjarji "offshore" u l-ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, partikolarment bl-adozzjoni ta' lista ta' ġurisdizzjonijiet li għandha tiġi kkontrollata b'iktar rigorożità b'referenza għal-lista sewda u l-lista griża tal-OKŻE u billi titwettaq 'diliġenza dovuta' speċifika ta' kull pajjiż kif meħtieġ, filwaqt li tipprojbixxi kwalunkwe forma ta' appoġġ għall-intermedjarji finanzjarji fil-ġurisdizzjonijiet li huma meqjusa ta' riskju għoli u titlob li r-rilokazzjoni ta' kumpanniji reġistrati residenti f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx u ċentri finanzjarji "offshore" bħala prerekwiżit essenzjali għall-appoġġ finanzjarju ta' attivitajiet speċifiċi; jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jiżguraw l-implimentazzjoni tajba tal-40 rakkomandazzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja bl-adozzjoni ta' politiki speċifiċi għal kull istituzzjoni li jinkludu diliġenza dovuta msaħħa, partikolarment f'każijiet politikament sensittivi;

40. Jenfasizza li l-kriminalità organizzata tuża teknoloġiji ta' komunikazzjoni u informazzjoni għal skopijiet illegali, għat-twettiq ta' reati li jinvolvu s-serq ta' identità, iċ-ċiberkriminalità, il-frodi, il-logħob tal-azzard illegali u l-manipulazzjoni ta' riżultati sportivi; jitlob, f'dan ir-rigward, għall-iżvilupp ta' qafas leġiżlattiv Ewropew koerenti; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jitolbu kemm jista' jkun mis-sħab internazzjonali biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-2001 dwar iċ-Ċiberkriminalità; jenfasizza t-tendenza li l-organizzazzjonijiet kriminali jagħmlu aktar enfasi fuq opportunitajiet ta' ħasil tal-flus jew kriminalità finanzjarja li jistgħu jirriżultaw fi żvilupp mifrux dejjem ikbar tal-attivitajiet kriminali bbażati fuq l-internet;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

41. Jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej jagħtu sinjal ċar fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali fil-ġlieda kontra t-tipi kollha ta' ħasil ta' flus bl-użu tas-swieq finanzjarji, b'mod partikolari bil-previżjoni ta' miżuri possibbli dwar il-kontroll tal-kapital, kif suġġerit riċentement mill-Fond Monetarju Internazzjonali innifsu; iħeġġeġ it-tnaqqis tal-pervażività tas-swieq finanzjarji fil-kuntest ta' operazzjonijiet fuq żmien qasir; jimponi żieda fit-trasparenza fil-qasam tal-użu ta' fondi pubbliċi, ibda minn dawk ta' appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat, u attakk u effikaċi kontra rifuġji fiskali bl-impożizzjoni ta' rappurtar finanzjarju pajjiż b'pajjiż fuq l-operaturi ekonomiċi multinazzjonali kollha; jippromwovi ftehim multilaterali dwar l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet fiskali u r-reviżjoni kontestwali tad-definizzjoni ta' rifuġju fiskali u l-elenku ta' dawn il-ġurisdizzjonijiet sigrieti; jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida dwar ir-rintraċċabilità tal-flus sabiex ikun iktar faċli li jiġu identifikati każijiet li jinvolvu l-ħasil tal-flus li joriġinaw minn attivitajiet illegali; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-proposta leġiżlattiva tagħha li taġġorna d-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus, biex tiġġeneralizza kemm jista' jkun il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tar-rikavati tal-kriminalità u tistabbilixxi bażi legali għall-ikbar firxa possibbli ta' poteri għall-investigazzjoni f'dan il-qasam; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri kollha meħtieġa biex jikkriminalizza l-'awtoħasil', jew il-ħasil ta' fondi illegali mill-persuna stess jew entità li kisbet dawk il-fondi b'mezzi illegali; jitlob ukoll lill-Kummissjoni, fil-proposta tagħha, tqis il-possibbiltà li testendi l-kriminalizzazzjoni tal-ħasil għal każijiet fejn min wettaq l-azzjoni kien jaf li l-assi inkwistjoni kienu r-rikavat tal-kriminalità;

42. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea ssegwi b'attenzjoni t-traspożizzjoni min-naħa tal-Istati Membri tad-direttiva tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, sabiex din tkun effikaċi u f'waqtha; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti innovattivi għall-prosekuzzjoni ta' dawk li jwettqu reati ambjentali li fihom il-kriminalità organizzata għandha rwol, pereżempju billi tressaq proposta għall-estensjoni fil-livell tal-UE tal-esperjenza pożittiva tal-Italja għar-reat ta' 'attività organizzata għat-traffikar illegali tal-iskart', klassifikat bħala reat li għandu impatt soċjali kbir (u għaldaqstant jiġi trattat mill-Bureau Distrettwali Kontra l-Mafja); jitlob għal azzjoni iktar b'saħħitha mill-uffiċċji tas-CITES u koordinazzjoni iktar mill-qrib fil-livell Ewropew bejn dawk l-uffiċċji fil-ġlieda kontra l-ittraffikar illegali ta' speċi ta' annimali u ta' pjanti li huma protetti u fil-periklu;

43. Jitlob lill-Istati Membri tadotta approċċ proattiv għall-investigazzjoni ta' każijiet ta' estorsjoni, pereżempju permezz ta' inizjattivi u forom ta' appoġġ finanzjarju li jippermettu l-kwerelanti jkomplu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, flimkien mat-tnedija ta' investigazzjonijiet abbażi tax-xogħol ta' intelligence; jemmen li hu essenzjali li jissaħħu kemm ir-rwol tas-soċjetà ċivili kif ukoll tas-sħubija bejn is-soċjetà ċivili u s-sistema ġudizzjarja u tal-pulizija, u li dan għandu jitħeġġeġ; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-iffirmar tal-memorandums ta' ftehim bejn il-pubbliku u l-kummerċjanti u l-intraprendisti li jilmentaw minn rikattar, sabiex dawn ikunu jistgħu jaħdmu minkejja d-diffikultajiet mistennija; jitlob lill-Kummissjoni, fil-proposta tagħha għal direttiva dwar il-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità organizzata biex testendi l-miżuri kif irregolati fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212/ĠAI għall-offiża ta' estorsjoni;

44. Jitlob lill-Kummissjoni tinkorpora dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rwol tal-kriminalità organizzata fil-qafas leġiżlattiv applikabbli għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni; japprova d-deċiżjonijiet stabbiliti fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar strateġija msaħħa għall-kooperazzjoni doganali, b'referenza partikolari għall-iżvilupp ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni u tekniki ta' inveżtigazzjoni ġodda, l-adozzjoni ta' approċċ istituzzjonali bbażat fuq il-kooperazzjoni bejn is-servizzi doganali, il-pulizija u l-awtoritajiet kompetenti oħra, u t-titjib fil-proċess ta' kooperazzjoni eżistenti sabiex jiġi żviluppat approċċ effikaċi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transkonfinali u jippermetti l-konfiska ta' prodotti illegali fl-UE; isostni li l-ikbar enfasi possibbli għandha ssir fuq dawn l-aspetti fil-kuntest tal-adozzjoni u tal-implimentazzjoni tal-Ħames Pjan ta' Azzjoni għall-Kooperazzjoni għall-Infurzar tal-Liġi Doganali;

*

* *

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali, lill-Europol, lill-Eurojust, lill-Bank Ewropew tal-Investiment, lill-Interpol u lill-UNODC.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

## Ir-4 Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna

P7_TA(2011)0460

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-4 Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (2011/2145(INI))**

(2013/C 131 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Millennju tat-8 ta' Settembru 2000,

— wara li kkunsidra l-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar il-Komplementarjetà u t-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika tal-Iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar "Kooperazzjoni aktar u aħjar: il-pakkett għall-2006 dwar għajnuna effettiva tal-UE ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-22 ta' Mejju 2008 dwar "is-segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna" ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-17 ta' Novembru 2009 tal-Kunsill "Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni" dwar Qafas Operattiv dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna" ([5]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-14 ta' Ġunju 2010 tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (Ministri għall-Iżvilupp) dwar id-Diviżjoni tax-Xogħol fost diversi pajjiżi biż-żieda jew is-sostituzzjoni ta' ċertu numru ta' elementi ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tad-9 ta' Diċembru 2010 tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (Ministri għall-Iżvilupp) dwar Responsabilità u Trasparenza Reċiproċi: ir-Raba' Kapitolu għall-Qafas Operattiv tal-UE dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna ([7]),

— wara li kkusidra t-test konsolidat dwar il-Qafas Operattiv tal-UE dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Jannar 2011 ([8]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar ir-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna ta' Busan, Korea t'Isfel (2011), adottata fil-21 Assemblea Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE f'Budapest,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Dili tal-10 ta' April 2010 dwar il-bini tal-paċi u t-tisħiħ tal-Istat,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Bogotá tas-26 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni (AAA) fil-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tan-Nofsinhar,

— wara li kkunsidra l-Kunsens ta' Tuneż "Nimmiraw lejn Żvilulpp Effikaċi" tal-4 -5 ta' Novembru 2010 dwar l-aġenda Afrikana għall-iżvilupp effikaċi,

([1]) ĠU C 46 24.2.2006, p. 1.
([2]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 9558/07, 15.5.2007.
([3]) ĠU C 306 E 15.12.2006, p. 373.
([4]) ĠU C 279 E 19.11.2009, p. 100.
([5]) Dok. 15912/09.
([6]) Dok. 11081/10.
([7]) Dok. 17769/10.
([8]) Dok. 18239/10.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp (DAC – Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp) tal-OECD bl-isem "L-Effikaċja tal-Għajnuna: rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi", ta' Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bl-isem "*: Benefits of a European Approach*" ta' Ottubru 2009 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Iżvilupp 2010-2015 (SEC(2010)0265) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju li japprovaw il-Pjan ta' Azzjoni rilevanti tal-UE,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni bl-isem "Joint Multi-annual Programming" ta' Marzu 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Intejbu r-Responsabbiltà tal-UE fil-Qasam tal-Finanzjament għall-Iżvilupp lejn ir-Reviżjoni minn Pari tal-UE tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp", ta'April 2011 (COM(2011)0218),

— wara li kkunsidra l-inizjattiva llanċjata milll-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2010 bl-isem "Djalogu Strutturat: għal sħubija effikaċi għall-Iżvilupp" bil-ħsieb li jinstabu mezzi prattiċi biex tittejjeb l-effikaċja tal-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali fil-kooperazzjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra 'Ir-Rapport Finali dwar l-Evalwazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi: it-2 Fażi', li ġie ppubblikat f'Mejju 2011,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 dwar l-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0313/2011),

A. billi r-Raba' Forum ta' Livell Għoli (Forum ta' Livell Għoli-4) dwar l-Effettività tal-Għajnuna għandu jiddefinixxi l-impenji futuri dwar għajnuna għall-iżvilupp aktar effikaċi u billi se jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' struttura ġdida tal-għajnuna internazzjonali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG) sal-2015 u wara;

B. billi l-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi (DP) jiffokaw primarjament fuq il-mekkaniżmi tal-għoti ta' għajnuna aktar milli fuq l-iżvilupp ta' politiki ta' żvilupp effikaċi; billi l-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna ġie ostakolat minn diversi fatturi, fosthom il-kriżi finanzjarja, it-tnaqqis tal-livell ta' ħlasijiet ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), il-bidla fil-politika ta' ċerti donaturi ta' fondi, li jesiġu aktar riżultati fi żmien qasir, kif ukoll mill-fatt li daħlu donaturi ġodda pubbliċi u privati li ma jagħmlux parti mill-DAC u li l-approċċ tagħhom mhuwiex ibbażat fuq l-istandards konsenswali tal-kooperazzjoni;

C. billi parti dejjem tikber mit-total tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) ġejja minn pajjiżi emerġenti li mhumiex membri tal-OKŻE;

D. billi l-aħħar istudji ta' sorveljanza u evalwazzjoni urew li l-pajjiżi riċevituri ħadmu aktar mill-pajjiżi donaturi sabiex jimplimentaw l-impenji li jinsabu fid-DP u l-AAA;

E. billi l-konferenzi ta' livell għoli li saru fil-passat naqsu milli jagħmlu l-pressjoni politika meħtieġa jew qafas vinkolanti legali u għaldaqstant l-implimentazzjoni tad-DP ma ġabitx magħha t-tnaqqis mistenni tal-frammentazzjoni tal-għajnuna, filwaqt li għad hemm wisq operazzjonijiet fejn hemm nuqqas ta' trasparenza, pereżempju f'dak li jirrigwarda l-kondizzjonalità;

([1]) Proġett Nru 2008/170204 - Verżjoni 1.
([2]) Proġett Nru 2010/250763 - Verżjoni 1.
([3]) ĠU C 301 E tat-13.12.2007, p. 249.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

F. billi t-trasparenza u r-responsabilità huma kondizzjonijiet fundamentali għall-effikaċja tal-għajnuna mhux biss bejn il-gvernijiet donaturi u riċevituri, iżda anke bejn l-Istat u s-soċjetà; billi, fl-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni, id-donaturi u l-pajjiżi sħab qablu li joħorġu informazzjoni dettaljata f'waqtha dwar il-flussi tal-għajnuna attwali u futuri bil-għan li l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikunu jistgħu jħejju l-baġit tagħhom u jivverifikaw il-kontijiet tagħhom b'mod aktar preċiż; billi, bl-istess mod, tibqa' ta' importanza primarja li l-pajjiżi donaturi jappoġġjaw it-tisħiħ tal-istituzzjoni tal-parlament kif ukoll l-involviment tal-awtoritajiet lokali u l-Organizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili sabiex jankraw fis-sod il-politika ta' żvilupp fil-proċess demokratiku;

G. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu għal iktar min-nofs tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) fil-livell dinji u billi għaldaqstant għandhom rwol importanti fil-programm dwar l-effikaċja tal-għajnuna;

H. billi, fil-perspettiva tar-Raba' Forum, huwa importanti li l-pajjiżi donaturi jiġu mfakkra dwar l-impenn tagħhom li jallokaw 0.7 % tal-PNG/DNG tagħhom għall-għajnuna għall-iżvilupp sal-2015, li jinkludu element importanti rigward l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u l-prattiki kollha fil-qafas tar-relazzjonijiet tagħhom mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jiddefinixxu b'mod aktar strett l-ODA u li jirrispettaw il-prinċpji, li għadhom jgħoddu, tal-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni, u billi hemm il-bżonn li mmorru lil hinn mill-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp sabiex jiġu stabbiliti sħubiji ta' żvilupp biex jappoġġjaw it-tiswir ta' viżjoni tal-żvilupp li toħroġ mill-pajjiżi stess u li tkun misjuqa minnhom;

I. billi s-sitwazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp qiegħda dejjem tinbidel u billi t-tfaċċar ta' donaturi ġodda għandha tiġi riflessa aħjar fil-mekkaniżmi tal-effikaċja tal-għajnuna;

J. billi l-forom kollha tal-finanzjamanet għall-iżvilupp, inklużi l-mekkaniżmi innovattivi għall-iffinanzjar, bħalma hija t-taxxa fuq it-tranżizzjonijiet finanzjarji jew il-fondi globali għall-ffinanzjament tas-saħħa u tal-edukazzjoni, għandhom jinkorporaw u japplikaw il-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi;

K. billi l-Kunsens ta' Tuneż dwar it-tfassil ta' aġenda Afrikana għall-iżvilupp jitlob li l-attenzjoni ma tibqax tiġi ffukata aktar strettament fuq l-effikaċja tal-għajnuna iżda b'mod aktar wiesa' fuq l-aġenda għall-effikaċja tal-iżvulupp; billi s-sitt elementi li ġew identifikati bħala indispensabbli għall-Afrika għall-finijiet tal-effikaċja tal-iżvilupp huma: il-bini ta' stati kapaċi; l-iżvilupp ta' responsabilità demokratika; il-promozzjoni ta' kooperazzoni bejn il-pajjiżi ta' Nofsinhar-Nofsinhar; naħsbu u naġixxu b'mod reġjonali, it-tħaddin ta' msieħba ġodda għall-iżvilupp, u li tingħeleb id-dipendenza fuq l-għajnuna;

1. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni jkollha pożizzjoni ambizzjuża fil-Forum ta' Livell Għoli-4, bil-għan li tagħti kontribut sostanzjali biex l-impenji għall-effikaċja tal-għajnuna jiġu approfonditi u implimentati; jittama, minħabba l-importanza tal-effikaċja tal-għajnuna għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja u t-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi riċevituri u għall-ilħiq tal-MDG, li jkun hemm rappreżentanza ta' livell għoli tal-Unjoni f'Busan;

2. Ifakkar li waħda mill-kondizzjonijiet bażiċi biex jitwettqu l-objettivi ta' "l-aġenda tal-effikaċja tal-għajnuna" hija t-tħaddin b'mod sħiħ tal-prinċipju tar-responsabilità demokratika, li jimplilka li l-istrateġiji ta' żvilupp jiġu misjuqa mill-pajjiżi nfushom u jirriflettu l-impenn min-naħa tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali kollha;

3. josserva li l-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma tawx spazju lill-parlament u s-soċjetà ċivili tagħhom għall-flessibilità meħtieġa sabiex ikollhom sjieda ġenwima; iħeġġeġ lill-Unjoni ssaħħaħ l-impenji li jinsabu fid-dikjarazzjoni ta' Pariġi u l-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni filwaqt li jinkoraġġixxi r-responsabilità demokratika tal-politiki, il-proġetti u l-miżuri ta' żvilupp bis-saħħa ta' impenn totali lejn il-parteċipanti kollha tal-iżvilupp u l-obbligu li jingħataw rendikont;

4. Huwa tal-fehma li l-Forum ta' Livell Għoli-4 ikun ta' suċċess jekk iwassal għal impenn kbir favur l-effikaċja fl-għajnuna, li jissarraf f'għanijiet ċari u miżurabbli, flimkien ma' kalendarji preċiżi għat-twettiq tagħhom; konxju min-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-DP u l-AAA, jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' "responsabilità" b'approċċ minn isfel għal fuq, ta' non-frammentazzjoni tal-għajnuna, kif ukoll it-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' infurzar ta' segwitu b'saħħithom, effettivi u indipendenti, filwaqt li jinvolvu l-parlamenti u s-soċjetà ċivili kemm fil-livell nazzjonali u internazzjonali; huwa tal-fehma li, jekk l-għajnuna trid tkun effettiva għandha tikkunsidra u tevalwa f'termini tal-kontribuzzjoni konkreta tagħha lejn il-kisba tal-għanijiet tal-iżvilupp u mhux biss f'terminu tal-mezzi;

5. Ifakkar li l-effikaċja tal-għajnuna timplika li l-pajjiżi foqra jkunu jistgħu jimmobilizzaw id-dħul intern; għalhekk, iħeġġeġ bis-sħiħ għal darb'oħra lill-UE biex tagħmel il-ġlieda tagħha kontra l-pajjiżi li joffru kenn mit-taxxi u kontra l-evażjoni fiskali l-akbar prijorità tagħha, filwaqt li tippromwovi sorsi alternattivi ta' finanzi għall-iżvilupp, jiġifieri permezz tat-twaqqif ta' Taxxa fuq it-Tranżizzjonijiet Finanzjarji; bl-istess mod, iħeġġeġ lill-Unjoni żżid l-appoġġ tagħha lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-riformi fiskali bl-għan li jingħata appoġġ għal sistemi fiskali effettivi, effikaċi, ġusti u sostenibbli, li għandhom iwasslu għal tnaqqis fil-faqar u fid-dipendenza fuq l-għajnuna;

6. Jistieden lill-pajjiżi donaturi u l-pajjiżi benefiċjarji biex jieħdu miżuri b'mod immedjat biex jonoraw l-impenji tad-DP u tal-AAA, li huma ostakolati biss mir-rieda politika u mill-burokrazija u l-ispejjeż għolja tat-tranżazzjonijiet, pereżempju f'dak li jirrigwarda n-nonkondizzjonalità tal-għajnuna, il-prevedibilità tal-għajnuna, il-kondizzjonalità u t-trasparenza; u jenfasizza b'mod partikolari l-bżonn li jitqiegħed fil-prattika l-impenn ta' AAA li jintużaw sistemi tal-pajjiżi bħala l-ewwel għażla mid-donaturi fil-kooperazzjoni bilaterali minn gvern għal gvern u li tiġi indirizzata n-natura imprevidibbli tal-flussi tal-għajnuna; barra minn dan, jitlob bis-sħiħ lill-pajjiżi donaturi sabiex jagħtu privileġġ lis-swieq pubbliċi lokali u reġjonali;

7. Ifakkar fl-irwol tal-għajnuna bħala stimulant tat-tkabbir inklussiv u fit-tul sabiex jitnaqqsu l-faqar u d-dipendenza fuq l-għajnuna u sabiex jitrawwem il-ħolqien tax-xogħol, li tikkunsidra l-ispeċifiċitajiet ta' kull pajjiż filwaqt li tiżgura t-tisħiħ tal-effikaċja tal-għajnuna fil-pajjiżi li l-aktar għandhom bżonnha; jinnota wkoll li l-għajnuna għandha titqies bħala miżura temporanja bl-għan li trawwem tkabbir awtonomu fit-tul fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u mhux bħala soluzzjoni fuq medda twila ta' żmien;

8 Jenfasizza li dan it-tkabbir huwa ostakolat minn prattiki ta' akkwist tad-donaturi li ma jqisux l-ekonomija lokali; iħeġġeġ bis-sħiħ għalhekk lid-donaturi jagħti preferenza lill-akkwist lokali u reġjonali, u b'hekk isaħħu l-kapaċitajiet ekonomiċi lokali;

9. Jirrimarka li l-għajnuna għall-iżvilupp fiha nnifisha mhijiex biżżejjed biex jinqered il-faqar u li għandhom jiġu indirizzati l-kawżi u mhux is-sintomi; jenfasizza l-bżonn ta' għajnuna iktar effettiva bħala parti mill-proċess ta' żvilupp li jfittex li, fil-pajjiżi riċevituri, joħloq ekonomija b'saħħithom u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, fejn l-aċċess għas-servizzi soċjali bażiċi jiġi garantit għal kulħadd u, fl-aħħar mill-aħħar, titnaqqas id-dipendenza fuq l-għajnuna; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li tinħoloq klima li twassal għal ħolqien ta' xogħol diċenti għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni fil-pajjiżi riċevituri; iħeġġeġ lid-donaturi jisfruttaw il-kapaċitajiet ekonomiċi lokali bħala prijorità u jieħdu passi attivi biex isaħħuhom;

10. Jitlob għal aktar koordinazzjoni internazzjonali fid-distribuzzjoni tal-għajnuna bejn il-pajjiżi sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' dawk "ippreferuti għall-għajnuna" u l-"orfni tal-għajnuna'; Jenfasizza li l-mira għaż-żieda tal-impatt tal-għajnuna u l-kisba ta' aktar riżultati/valur għall-flus m'għandux iwassal għal politika ta' żvilupp li tmur kontra r-riskju u li tiffoka biss fuq il-"pajjiżi faċli"; Jinsisti li l-qerda tal-faqar u l-bżonnijiet għandhom jibqgħu il-kriterji kruċjali għall-allokazzjoni tal-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp;

11. enfasizza l-importanza ta' approċċ varjat għall-kwistjoni tal-effikaċja tal-għajnuna li jkun iqis is-sitwazzjoni u l-bżonnijiet speċifiċi tal-pajjiżi kkonċernati, (l-pajjiżi fraġli u l-inqas pajjiżi żviluppati) u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom; Jenfasizza li, meta jitqies l-ammont kbir ta' stati fraħli u l-fatt li dawn jinsabu l-iktar imbiegħda mill-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, billi jikkostitwixxu 75 % tad-defiċit, huwa importanti li tingħata attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

12. Jenfasizza li l-involviment tal-awtoritajiet lokali u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Civili (CSOs) fil-politiki tal-iżvilupp huwa indispensabbli sabiex jinkisbu l-MDGs u tiġi ggarantita tmexxija tajba; iqis li minkejja r-rikonoxximent tagħhom fl-AAA bħala "parteċipanti tal-iżvilupp fihom innfushom", ħafna CSOs qed jaffaċċjaw politiki u prassi li qed jimminaw ir-rwol tagħhom bħala parteċipanti tal-iżvilupp; f'sens usa', jistieden lid-donaturi u lill-pajjiżi sħab biex jagħmlu enfasi fuq il-bżonn ta' rikonoxximent akbar tal-parteċipazzjoni tal-parlamenti, tal-awtoritajiet lokali u tas-soċjetà ċivili, kif ukoll ta' użu aktar trasparenti tas-sistemi nazzjonali;

13. Jinnota li l-għajnuna finanzjarja mhijiex fiha nnifisha biżżejjed biex tiggarantixxi żvilupp sostenibbli u li l-gvern lokali u s-settur privat domestiku għandhom ikollhom parti importanti fl-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-MDG; jishaq dwar ir-rwol li għandhom l-impriżi privati, bħall-impriżi żgħar u ta' daqs medju, fil-ħolqien tal-ġid u r-responsabilità ta' Stati sabiex jiggarantixxu stabilità u stat tad-dritt; jishaq, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' governanza tajba fil-pajjiżi riċevituri;

14. Jenfasizza li l-indikaturi ta' tmexxija tajba, li wħud minnhom għadhom ikkontestati ħafna, għandhom ikunu wkoll suġġett għal dibattitu, fid-dawl tal-utilità tagħhom biex tiġi ddeterminata l-kwalità tal-approċċi parteċipattivi meħtieġa għal responsabilità demokratika;

15. Jistieden lill-gvernijiet sħab biex jirrispettaw u jżidu l-isforzi għad-deċentralizzazzjoni (politika, amministrattiva u fiskali) u biex isaħħu l-koordinazzjoni bejn il-proċessi lokali u nazzjonali ta' ppjannar tal-iżvilupp, li jikkontribwixxu għall-kumplimentarjetà u l-ispeċjalizzazzjoni u filwaqt li tiġi rispettata l-awtonomija lokali;

16. Jistieden lill-pajjiżi donaturi biex jikkoordinaw aħjar u jarmonizzaw l-azzjonijiet tagħhom kif ukoll biex jissimplifikaw il-proċeduri tagħhom u sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mill-qrib mad-donaturi privati;

17. Iħeġġeġ li tiġi nkoraġġuta u promossa kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u kooperazzjoni triangolari bħala forom ta' għajnuna li jgħinu fit-titjib tal-kwalità u tal-effikaċja, tal-iskambju tal-għarfien u tal-bini tal-kapaċità;

18. Ifakkar li l-gvernijiet kollha - donaturi u riċevituri - jkunu marbuta bl-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem; jishaq li dawn l-impenji u r-responsabilità lejn il-liġi tad-drittijiet internazzjonali f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem huma ċentrali sabiex jitwettqu l-objettivi tal-iżvilupp; għaldaqstant, iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Unjoni tikkommetti f'Busan sabiex tintroduċi miżuri vinkolanti li bihom tiżgura li l-għajnuna mogħtija hija konformi mal-konvenzjonijiet relattivi mad-drittijiet tal-bniedem;

19. Jenfasizza l-importanza li jinstab bilanċ bejn l-issodisfar ta' ċertu kundizzjonijiet politiċi u fiskali u l-approċċi bbażati fuq l-indikaturi tal-prestazzjoni biex jiġi evitat li r-rekwiżiti stretti, dawk politiċi u dawk relatati mal-prestazzjoni, jiskoraġġixxu lill-gvernijiet tal-pajjiżi sħab milli jimplimentaw il-politiki tagħhom jew jesperimentaw approċċi ġodda aktar riskjużi, u minflok jippreferu jsegwu l-istruzzjonijiet tad-donaturi;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika dwar l-Iżvilupp u jenfasizza li, sa issa, il-prinċipji tagħha ma ġewx applikati b'mod sħiħ kawża tan-nuqqas ta' rieda politika, ħaġa li ma tippermettix li l-għajnuna Ewropea tintuża bl-aħjar mod, kif ukoll ma tagħtix il-possibilità lill-Unjoni biex din ikollha rwol ta' forza motriċi fit-tqassim tax-xogħol fil-kuntest tar-raba' Forum;

21. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tħaffef l-inizjattiva "Fast Track" dwar it-tqassim tax-xogħol, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni tas-setturi, permezz ta' proċess ta' riorganizzazzjoni u programmazzjoni konġunta, kif ukoll biex tippromwovi l-użu tas-sistemi nazzjonali sabiex tirrispetta l-impenn meħud fl-ambitu tad-DP li tirrikorri iktar għal metodi ta' twassil tal-għajnuna bbażati fuq is-sjieda, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ baġitarju;

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

22. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, kif deskritta fil-Green Paper dwar l-appoġġ baġitarju, li l-għan prinċipali tagħha huwa li tippromwovi l-iżvilupp lokali fil-pajjiżi riċevituri, u jitlob li l-kriterji li jirregolaw l-eliġibbiltà għall-appoġġ baġitarju jkunu aktar stretti sabiex jiġi evitat it-tbegħid mill-approċċi miftehma u l-użu ħażin ta' din it-tip ta' għajnuna, filwaqt li tingħata l-attenzjoni xierqa ta' fatturi bħar-rata tal-indiċi ta' korruzzjoni ta' pajjiż;

23. Jenfasizza l-irwol ewlieni tal-parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-istruttura l-ġdida tal-għajnuna u jfakkar il-ħtieġa li tingħatalhom għajnuna biex isaħħu l-kapaċitajiet leġiżlattivi tagħhom u biex jippromwovu l-bidliet indispensabbli sabiex ikunu jistgħu jeżaminaw l-ispejjeż kollha li jikkonċernaw l-iżvilupp;

24. Jitlob li l-parlamenti nazzjonali jadottaw id-Dokumenti Strateġiċi tal-Pajjiż u l-baġit annwali filwaqt li jikkonsultaw is-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet lokali qabel id-djalogu politiku mad-donaturi, sabiex il-kontroll demokratiku jingħata s-setgħa kollha tiegħu;

25. Ifakkar, f'dan ir-rigward, l-impenn li ttieħed fil-qafas operazzjonali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-effettività tal-għajnuna ([1]), li għandu l-għan li jippermetti li l-għajnuna finanzjarja pprovduta mid-donaturi tal-Unjoni tiġi soġġetta għal kontroll demokratiku fl-ambitu tal-proċessi tal-pajjiżi sħab;

26. Jiġbed l-attenzjoni dwar ir-rwol importanti li għandhom l-istituzzjonijiet supremi tal-verifika li jgħinu l-parlamenti nazzjonali fit-twettiq tal-kompitu tagħhom ta' skrutinju tal-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp u li jippromwovu l-effikaċja tal-għajnuna;

27. Ifakkar ir-riskju li l-effettività tal-għajnuna ssir kwistjoni teknika ħafna; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jinsisti iktar dwar l-indikaturi relatati mal-impatt tal-għajnuna fuq l-iżvilupp u dwar il-mod kif din tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-eliminazzjoni tal-faqar, li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tnaqqis fl-inugwaljanzi u l-ħolqien tal-ġid; huwa tal-fehma li s-sħubija iktar mill-qrib bejn l-atturi pubbliċi u privati fil-qasam tal-iżvilupp u l-integrazzjoni tar-rispons dwar l-applikazzjoni tal-impenji tad-DP u tal-AAA għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-programm dwar l-effettività tal-għajnuna;

28. Jitlob lill-Unjoni tirrevedi l-politiki tagħha fil-qasam tat-tqassim tax-xogħol sabiex tiżgura li l-kwistjonijiet trasversali, bħad-drittijiet tal-bniedem, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, iċ-ċittadinanza jew il-bidla fil-klima, ma jiġux injorati;

29. Jenfasizza li t-trasparenza tal-għajnuna hija importanti sabiex tiġi żgurata kemm l-appartenenza u l-effettività tal-għajnuna; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jadottaw pożizzjoni ambizzjuża dwar it-trasparenza tal-għajnuna billi tippromwovi fil-livell internazzjonali l-użu ta' mekkaniżmi li għandhom l-għan jistabbilixxu standards globali, bħall-Inizjattiva Internazzjonali tat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI); jistieden lill-Istati Membri li għandhom ma ffirmawx u implimentawx l-IATI sabiex jagħmlu dan;

30. Jenfasizza l-importanza li jiġu vvalutati biċ-ċar ir-riskji possibbli ta' parteċipazzjoni dejjem akbar tas-settur privat, u għalhekk għandhom jiġu ddefiniti kriterji ċari għall-appoġġ ta' proġetti fis-settur privat flimkien ma' mekkaniżmi ta' valutazzjoni tal-impatt b'saħħithom li għandhom jiġu żviluppati biex jiżguraw li l-investiment tas-settur privat jkun sostenibbli, bi qbil mal-għanijiet ta' żvilupp internazzjonali miftehma, u li dan jwassalx li nmorru lura lura għall-irbit tal-għajnuna;

31. Iqis li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prijorità fit-tfassil tal-politiki ta' żvilupp u konsegwentement jitlob għall-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex tiġi integrata bis-sħiħ fl-aġenda tal-effikaċja tal-għajnuna u sabiex l-organizzazzjonijiet tan-nisa jipparteċipaw fil-proċessi kollha ta' żvilupp;

([1]) Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, test ikkonsolidat 18239/10.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

32. Jisħaq li l-Forum ta' Livell Għoli-4 għandu jwitti t-triq għal sħubija globali aktar inklusiva għall-iżvilupp billi jinvolvi d-donaturi emerġenti aktar mill-qrib, partikularment dawk il-pajjiżi li l-approċċ tagħhom mhuwiex immexxi minn standards globali tal-effikaċja tal-għajnuna; Jistieden lill-UE jkollha rwol ewlieni f'dan ir-rigward sabiex tiżgura li l-għajnuna minn tali pajjiżi hija konformi mal-prinċipji internazzjonali stabbiliti f'termini ta' assistenza ta' żvilupp uffiċjali; huwa tal-fehma li dan ma għandux iwassal għal tnaqqis fl-effikaċja tal-għajnuna u fil-prinċipji bażiċi li jsostnuha;

33. Huwa tal-fehma li, fil-kunsiderazzjoni tal-irwol tiegħu ta' kontroll demokratiku, il-Parlament Ewropew għandu jkompli jkun involut fid-definizzjoni mill-ġdid li għaddejja tal-programm dwar l-effettività tal-għajnuna, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni adegwata fil-laqgħa ta' Busan;

34. Jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha sabiex ikomplu joqgħodu attenti għall-kwalità ta' għajnuna u sabiex jippromwovu aġenda internazzjonali li tiffoka fuq l-iżvilupp;

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

## L-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda

P7_TA(2011)0466

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda (2011/2067(INI))**

(2013/C 131 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2010 dwar Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi (COM(2010)0682),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u tal-apprendistat ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar kuntratti atipiċi, karrieri professjonali sikuri, flessigurtà u forom ġodda ta' djalogu soċjali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2010 dwar "Politiki dwar impjiegi għal ekonomija kompetittiva, b'livell baxx ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġika",

— wara li kkunsidra l-istudju taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP "Ħiliet għal Impjiegi Ekoloġiċi", 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni ta' Bruges dwar it-titjib tal-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali għall-perjodu 2011-2010, li ġiet adottata fis-7 ta' Diċembru 2010 ([7]),

— wara li kkunsidra it-Tbassir fuq Żmien Medju sal-2020 tas-CEDEFOP dwar id-disponibilità tal-ħiliet u d-domanda għalihom fl-Ewropa (Skills Supply and Demand in Europe: Medium-Term Forecast up to 2020, Cedefop, 2010) ([8]),

— wara li kkunsidra r-riċerka tas-Cedefop dwar "Il-Ħiliet għall-futur tal-Ewropa: nantiċipaw il-ħtiġijiet ta' ħiliet okkupazzjonali",

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' qafas tal-25 ta' Marzu 2010 dwar swieq tax-xogħol inklużivi, iffirmat mill-EUTC, BUSINESSEUROPE, UEAPME u CEEP,

([1]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 116.
([2]) ĠU L 308 E, 24.11.2010, p. 46.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0262
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0263
([5]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 6.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0455.
([7]) Stqarrija tal-Kummissjoni għall-Istampa IP/10/1673.
([8]) Pubblikazzjonijiet Cedefop, ISBN 978-92-896-0536-6.

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 dwar Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2011 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi (COM(2011)0011), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2011 dwar ir-Reviżjoni tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2011)0078),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 dwar il-konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: il-futur tal-politika ta' koeżjoni (COM(2010)0642),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar "Progress Lejn l-Objettivi Ewropej Komuni għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ" (SEC(2011)0526),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-Unjoni fil-21 ta' Jannar 2011, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizz għal Persuni b'Diżabilità (EASPD) li juri li, minħabba li l-qgħad fl-Ewropa qed jiżdied, qed ikun aktar diffiċli għal persuni b'diżabilità biex jiksbu xogħol u jibqgħu fih u li f'ħafna pajjiżi, il-livell ta' qgħad fost il-persuni b'diżabilità huwa ogħla minn dak fost il-persuni mhux b'diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 dwar l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015 (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu 2011-2020,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (COM(2008)0639) u r-Riżoluzzjoni tagħha tas-6 ta' Mejju 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0320/2011),

A. billi l-kriżi ekonomika dinjija għolliet il-qgħad fl-Unjoni Ewropea għar-rata attwali ta' 9,5 %, li tirrappreżenta total ta' 22,828 miljun ruħ, li minnhom 19,4 % huma qiegħda fuq żmien fit-tul, skont ċifri riċenti tal-EUROSTAT; billi l-qgħad taż-żgħażagħ bħalissa huwa ta' 20,4 %, u f'xi Stati Membri jilħaq l-40 %,

([1]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35
([2]) ĠU C 212E, 5.8.2010, p. 23.

B. billi fl-SMEs, li huma xprunatur għat-tkabbir ekonomiku, ħolqien tal-impjiegi u l-kisba tal-għanijiet tal-2020, intilfu aktar minn 3.5 miljun impjieg minħabba l-kriżi ekonomika,

C. billi, minħabba l-kriżi ekonomika tal-2008, is-settur primarju u dak tal-manifattura tilfu aktar impjiegi milli kien mistenni u għadu mbassar li jitilfu madwar 2.5 miljun impjieg sal-2020,

D. billi r-reċessjoni ekonomika tal-2008 affettwat kemm id-domanda u kif ukoll il-provvista tal-ħiliet fis-settur tal-impjieg, u għalhekk żdiedet b'mod drammatiku l-inċertezza dwar il-prospetti tax-xogħol u ħolqot il-ħtieġa li n-nies ikunu infurmati aħjar dwar il-prospetti ta' impjieg fis-suq tax-xogħol,

E. billi l-miżuri ta' awsterità li qed jitwettqu f'numru ta' Stati Membri kkoinċidew ma' żidiet kbar ħafna fil-qgħad, u huma parzjalment responsabbli għalihom,

F. billi jeħtieġ li dawk li jfasslu l-politika jħarsu liċ-ċittadini mir-riskju li jispiċċaw bla xogħol, billi jiżguraw li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet xierqa biex tkabbar kemm jista' jkun iċ-ċans tagħha ta' impjieg,

G. billi l-progress f'teknoloġiji ġodda u l-bidliet fl-istruttura tal-ekonomiji Ewropej għamluha indispensabbli għall-individwi li jaġġornaw u jtejbu l-ħiliet tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom,

H. billi l-promozzjoni ta' ekonomija soċjali, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva hija waħda mill-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020,

I. billi s-settur tas-servizzi, bħall-bejgħ, is-sigurtà, it-tindif, il-catering, l-assistenza soċjali u s-servizzi personali, għadu mistenni li jkollu żieda kbira fl-impjiegi minn issa sal-2020 u jista' jkun is-settur bl-akbar tkabbir,

J. billi s-settur tal-ikel agrikolu qed jerġa' jikseb importanza globali li teħtieġ ħiliet differenti u ta' livell ogħla iżda li tnaqqas b'mod qawwi l-impjiegi bi ftit ħiliet,

K. billi biex jinkisbu t-tkabbir sostenibbli u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, il-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi ġodda se jkun jeħtieġ id-disponibilità ta' ħiliet xierqa,

L. billi bidla teknoloġika u xejriet ġodda fl-organizzazzjoni tax-xogħol fis-setturi naturalment jinfluwenzaw ix-xejriet tal-impjieg fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' ħiliet fil-professjonijiet u l-livelli ta' kwalifiki,

M. billi l-ekonomiji jirrikjedu dejjem aktar ħiliet kreattivi, interattivi, komunikattivi u ħiliet ta' soluzzjoni tal-problemi fil-post tax-xogħol filwaqt li l-impjiegi jew il-ħaddiema bi ftit ħiliet li jwettqu funzjonijiet ta' rutina huma f'riskju akbar li jitilfu l-impjieg,

N. billi l-ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni u ħiliet, flimkien ma' dawk minn gruppi vulnerabbli oħra, huma f'riskju akbar li jitilfu l-impjieg, li jkunu f'kundizzjonijiet prekarji u ta' faqar sakemm ma jingħatawx taħriġ adegwat u possibilitajiet ta' tħarriġ mill-ġdid li jippermettulhom iżommu mal-pass tar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol,

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

O. billi l-effettività fit-tul tat-taħriġ u tal-edukazzjoni għolja tiddependi fuq diversi fatturi, bħad-disponibilità ta' edukazzjoni ta' kwalità u l-għoti ta' taħriġ, opportunitajiet indaqs u aċċess mingħajr ostakoli għal kulħadd, id-disponibilità ta' servizzi tal-kura, investiment pubbliku sostnut, qagħda u mmaniġġjar effiċjenti tal-finanzi pubbliċi, u l-artikulazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet individwali u tas-suq tax-xogħol;

P. billi l-UE impenjat ruħha li ttejjeb il-livelli tal-edukazzjoni, tnaqqas ir-rata tal-persuni li jħallu l-edukazzjoni kmieni għal inqas minn 10 % sal-2020 u li żżid ir-rata ta' persuni li jispiċċaw l-edukazzjoni terzjarja jew dik ekwivalenti għal mill-inqas 40 %,

Q. billi l-għadd ta' impjiegi li jirrikjedu kwalifiki tekniċi u xjentifiċi għolja huwa mistenni li jogħla, u madwar nofs l-impjiegi kollha fl-2020 se jkunu għal ħaddiema bi kwalifiki medji, filwaqt li 35 % tal-impjiegi se jirrikjedu kwalifiki ta' livell għoli, meta mqabbla mad-29 % tal-lum, u billi fil-kategoriji professjonali u fis-setturi kollha tal-ħiliet se jkun hemm ħtieġa ta' kwalifiki addizzjonali għal ekonomiji sostenibbli,

R. billi l-migrazzjoni fi ħdan l-UE, kif ukoll lejha u 'l barra minnha, u l-bidla demografika, se jinfluwenzaw b'ħafna modi fil-ġejjieni d-daqs u l-għamla tal-popolazzjoni li taħdem fl-Istati Membri u jkollhom implikazzjonijiet importanti għad-domanda u l-provvista tal-ħiliet, l-aktar f'dawk l-Istati Membri fejn il-popolazzjoni qed tonqos b'ħeffa u li huma suġġetti għal eżodu tal-imħuħ fuq skala kbira,

S. billi l-kompetenzi u l-ħiliet tal-ħaddiema migranti sikwit la jiġu rrikonoxxuti biżżejjed u lanqas isir l-aħjar użu minnhom, u billi l-ħaddiema migranti sikwit iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, anki minħabba n-nuqqas ta' għarfien tad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali tagħhom u n-nuqqas ta' involviment tagħhom fl-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema; billi l-politiki ta' integrazzjoni li jiffavorixxu l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg għall-popolazzjoni ta' immigranti jistgħu għaldaqstant ikunu ta' kontribut siewi biex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-ġejjieni,

T. billi, għalkemm il-mikrokreditu huwa għodda essenzjali għall-intraprenditorija tan-nisa u l-ħolqien ta' negozji tal-familja, in-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fin-negozju fl-Unjoni Ewropea, u jirrappreżentaw medja ta' 30 % tal-imprendituri kollha,

U. billi 'l fuq minn 60 % tal-istudenti li jiggradwaw mill-universitajiet huma nisa, billi ftit wisq nisa u bniet jieħdu t-triq tal-istudji xjentifiċi, u dan iwassal għal segregazzjoni settorjali qawwija, u billi d-differenza fis-sessi bejn l-impjiegi tan-nisa u l-irġiel fis-settur tal-IT kellha t-tendenza li tiżdied flok tonqos biż-żmien,

V. billi n-nisa jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġjata fis-suq tax-xogħol u jiġu rappreżentati b'mod sproporzjonat fix-xogħol part-time, f'forom ġodda ta' arranġamenti tax-xogħol, li ta' spiss ikunu prekarji, u jiltaqgħu ma' ostakoli meta jfittxu li jkollhom drittijiet soċjali, il-protezzjoni soċjali u l-benefiċċji kollha,

W. billi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli għandu l-potenzjal li jżid l-għadd ta' impjiegi diċenti u li jikkontribwixxi għall-irkupru tal-ekonomiji fl-UE kollha,

X. billi l-UE għadha tinvesti anqas mis-sħab u l-kompetituri ekonomiċi dinjija tagħha, fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-edukazzjoni, li huma l-pedamenti għat-tkabbir u t-titjib fil-livell tal-għajxien; billi jinħtieġu investimenti kbar fl-ekonomija tal-għarfien, fit-taħriġ tekniku u biex jiġi aġġornat it-taħriġ vokazzjonali,

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

Y. billi t-titjib tal-ħiliet permezz tat-taħriġ (upskilling) maħsub u adattat huwa essenzjali biex jgħin lil persuni jiksbu ħiliet ġodda sabiex ikunu jistgħu japprofittaw mit-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli; billi hemm argumenti ekonomiċi konvinċenti favur it-titjib tal-ħiliet, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali; billi t-tnaqqis fl-investiment fit-titjib tal-ħiliet joħloq impatt negattiv fit-tul,

***L-isfidi għall-politika tal-impjiegi***

1. Ifakkar li, fl-Istrateġija Ewropa 2020, l-Istati Membri qablu dwar objettiv ta' impjiegi ta' 75 % għan-nisa u l-irġiel fil-grupp tal-età bejn l-20 u l-64 sal-2020, li huwa objettiv marbut mill-qrib mat-tkabbir ekonomiku u s-sostenibilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-finanzi pubbliċi tal-Ewropa; ifakkar li r-rata ta' impjieg għan-nisa fil-mument hija ta' 58.2 %; jenfasizza li t-tnaqqis drastiku fir-rata ta' żgħażagħ qiegħda, il-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-implimentazzjoni effettiva tal-prijoritajiet tal-istrateġija li jikkonċernaw l-inklużjoni huma fost il-prerekwiżiti essenzjali biex tintlaħaq il-mira ta' impjiegi; jenfasizza li l-biċċa l-kbira tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali jonqsu milli jissodisfaw kemm il-mira għall-impjieg kif ukoll għall-faqar, u jistieden lill-partijiet kollha interessati jżidu l-isforzi tagħhom biex l-Istrateġija Ewropa 2020 tkun suċċess;

2. Itenni l-ħames miri ewlenin tal-Unjoni li huma l-promozzjoni tal-impjiegi, it-titjib tal-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, li jintlaħqu l-objettivi tat-tibdil fil-klima u l-enerġija, it-titjib tal-livelli ta' edukazzjoni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali;

3. Ifakkar li hemm ostakoli ewlenin li qed ifixklu li l-impjieg fl-UE jiżdied sostanzjalment, li jiġi miġġieled il-qgħad strutturali, li jinħolqu impjiegi ġodda u għaldaqstant li jkun hemm żieda fil-produttività u promozzjoni ta' kompetittività akbar; jemmen li l-isfidi li jridu jiġu affrontati b'mod prijoritarju, minbarra li jiġi żgurat li jkun hemm swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw aħjar, jinkludu l-insuffiċjenza tal-livelli ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet mar-rekwiżiti attwali ta' kompetenza ta' bosta ħaddiema tal-lum, kif ukoll il-klassifikazzjonijiet baxxi fil-livelli tal-edukazzjoni f'ċerti pajjiżi Ewropej, meta mqabbla mar-rati internazzjonali; iqis li huwa essenzjali li jkun hemm approċċ integrat biex tiġi żviluppata l-bażi meħtieġa ta' ħiliet sabiex napprofittaw mill-potenzjal ta' ekonomija sostenibbli ġdida, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fil-komunikazzjoni ppjanata tagħha dwar l-impjiegi fl-ekonomija sostenibbli l-ġdida, tagħti segwitu għat-talbiet tal-Parlament f'dan ir-rigward;

4. Jirrimarka li r-rata ta' impjieg u r-rendiment ekonomiku jsaħħu lil xulxin bil-mod kif jiġġeneraw livelli partikolarment għolja ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi ta' kwalità; jirrakkomanda b'saħħa, madankollu, li l-Istati Membri jsegwu l-linji gwida integrati tal-Ewropa 2020 għall-politiki tal-impjieg u l-linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika, filwaqt li jkun żgurat li l-politiki implimentati jirrispondu għaċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali u lokali u għal kundizzjonijiet partikulari fl-Istati Membri individwali;

5. Jenfasizza li l-Istati Membri għadhom responsabbli tal-elementi ewlenin tal-politika soċjali bħat-taxxi, il-programmi tal-welfare soċjali, xi regolamenti tax-xogħol, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni; iqis li huwa essenzjali li l-politiki soċjali jirrispondu għaċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali u lokali u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali;

6. Jappella biex ikun hemm koordinazzjoni mtejba tal-politiki ekonomiċi fost l-Istati Membri, sabiex jiġu promossi t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi u tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni effettiva, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-inugwaljanzi reġjonali fl-Ewropa fir-rigward tar-rati tal-impjieg u tal-qgħad; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw ir-regoli dwar id-dixxiplina baġitarja sabiex jitnaqqas ir-riskju li jispiċċaw f'defiċit eċċessiv, u jappella biex titwettaq sorveljanza baġitarja effettiva, filwaqt li jitħalla li jsir investiment pubbliku b'konformità mal-objettivi ta' tkabbir u tal-impjieg tal-UE; jenfasizza, madankollu, l-importanza ta' valutazzjoni tal-impatt soċjali kif mitlub mit-Trattat u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw l-kosti soċjali tat-tnaqqis fl-infiq, l-aktar fl-infiq dedikat għall-edukazzjoni u għall-politiki dwar is-suq attiv tax-xogħol, li jistgħu jipperikolaw il-progressi lejn is-soluzzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema speċjalizzati fl-Ewropa u ż-żamma tar-rendiment ekonomiku;

**L-Erbgħa 26 ta’ Ottubru 2011**

7. Jappoġġja l-inizjattiva emblematika tal-Kummissjoni fl-Istrateġija Ewropa 2020, bħala qafas għall-promozzjoni tal-kompetittività u l-impjieg, li twettaq qalba għal ekonomija sostenibbli, aktar intelliġenti, u aktar inklużiva; jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tal-aġenda; jistieden lill-Kummissjoni tmexxi ’l quddiem l-azzjonijiet prijoritarji dwar l-impjiegi u l-ħiliet fl-inizjattiva emblematika, billi tagħti l-importanza xierqa għall-promozzjoni kemm tal-provvista kif ukoll tad-domanda tax-xogħol fil-kunteset ta’ ekonomija sostenibbli, inklużiva u bbażata fuq l-għarfien;

8. Iqis li l-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda għandha tiġi kkunsidrata flimkien mal-Programm Qafas tar-Riċerka tal-UE, u li s-sinerġiji bejniethom jistgħu joħolqu tkabbir u impjiegi;

9. Jenfasizza li l-iżviluppi reċenti fis-suq ekonomiku u tax-xogħol, flimkien mal-isfidi fil-ġejjieni, bħalbidla demografika u t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli, jirrikjedu strateġiji aħjar ta’ impjieg, edukazzjoni u organizzazzjoni tax-xogħol sabiex jittejbu l-kompetittività tal-UE u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien u biex jinħolqu impjiegi ġodda, u għaldaqstant biex jiġi promoss it-“tkabbir intelliġenti” li jikkombina l-impjieg għal kulħadd mal-welfare, kif ukoll il-produzzjoni sostenibbli u l-istili ta’ ħajja; jenfasizza, f’dan ir-rigward, l-importanza tal-aċċess universali għat-tagħlim tul il-ħajja, il-kwalifiki u l-ħiliet għall-gruppi tal-età kollha; jenfasizza l-argumenti ekonomiċi għat-titjib tal-ħiliet, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda effettiva kontra d-diskriminazzjoni u l-użu aħjar tal-wirt tal-kompetenzi tal-ħaddiema kollha; ifakkar li l-bilanċ bejn il-ħajja privata u l-ħajja tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-titjib tal-kapital uman jinvolvu wkoll benefiċċji mhux ekonomiċi għall-individwu;

10. Jenfasizza li l-arranġamenti nazzjonali tal-flessigurtà jridu jiġu rieżaminati fid-dawl tal-kuntesti soċjo-ekonomiċi ġodda, jinżammu u, fejn ikun xieraq, jissaħħew u jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta’ kull Stat Membru individwali, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm suq tax-xogħol flessibbli, attiv u inklużiv, taħriġ effettiv aċċessibbli għal kulħadd, u sistemi tas-sigurtà soċjali adegwati; jistieden lill-Istati Membri jakkumpanjaw ir-riformi tagħhom fis-suq tax-xogħol bit-tisħiħ tal-protezzjoni soċjali li tirreżisti l-faqar u tal-protezzjoni mill-qgħad, u bit-titjib fil-kwalità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi; jenfasizza li l-flessigurtà m’għandhiex tiġi kkusidrata bħala soluzzjoni waħda li tkun adatta għal kulħadd;

11. Jenfasizza l-importanza ta’ tagħlim informali u ta’ ħiliet permezz tat-tisħiħ ta’ kooperazzjoni inter-ġenerazzjonali, li permezz tagħha ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiksbu ħiliet ġodda permezz tat-tagħlim minn ħaddiema akbar fl-età u tal-esperjenza;

12. Jiddispjaċih li għal ħafna ħaddiema r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja għadha sfida diffiċli; jistieden lill-Istati Membri jagħtu lill-ġenituri kollha, speċjalment lin-nisa, lill-familji b’ġenitur wieħed, lill-persuni żvantaġġati jew b’diżabilità, opportunitajiet għall-integrazzjoni mhux biss fil-ħajja tax-xogħol iżda wkoll fil-proċessi tat-tagħlim tul il-ħajja; jenfasizza, bħala prerekwiżit, li l-organizzazzjoni tax-xogħol u tal-possibilitajiet ta’ taħriġ għandhom isiru kompatibbli mar-responsabilitajiet tal-ġenituri, li l-istrutturi li jilqgħu t-tfal għandhom ikunu aktar effettivi u aċċessibbli u li għandu jingħata appoġġ xieraq lill-ġenituri; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jimplimentaw politiki u programmi ta’ appoġġ għal min jieħu ħsieb tal-familji;

13. Iqis li jkun utli li jiġu promossi l-kundizzjonijiet ambjentali li jiffavorixxu t-telexogħol, kull meta tali arranġamenti jistgħu jippromwovu bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u tax-xogħol;

***Tweġibiet***

*Il-garanzija tad-disponibilità ta’ forza tax-xogħol kwalifikata*

14. Jilqa’ t-twaqqif tal-Osservatorju Ewropew dwar l-Impjiegi u l-inizjattivi tal-Kummissjoni li tipproduċi Panorama ta’ Ħiliet tal-UE u li tirriforma n-netwerk EURES tas-Servizz Ewropew tal-Impjiegi biex jiżdiedu t-trasparenza u l-aċċess għal min ifittex ix-xogħol u biex tiġi promossa l-mobilità tax-xogħol fl-UE; jenfasizza r-rwol ewlieni li għandu l-EURES fil-konsulenza li tingħata lil ħaddiema mobbli u lil min qed ifittex impjieg dwar id-drittijiet tagħhom u, għaldaqstant fit-twettiq ta’ suq intern ġenwin, u jilqa’ t-tnedija tal-proġett pilota ‘L-ewwel impjieg EURES tiegħek', li huwa mmirat għal dawk iż-żgħażagħ li jkunu qed ifittxu xogħol fl-UE-27; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol tal-EURES fir-reġjuni transkonfinali u jqis li s-sħubijiet transkonfinali tiegħu jeħtieġ li jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jwieġbu għall-isfidi tas-Suq tax-Xogħol Ewropew;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

15. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali, bil-għan li tiġi ggarantita l-possibilità tal-impjieg, u sabiex jiġu aġġornati l-ħiliet tal-forza tax-xogħol u tissaħħaħ il-kompetittività; jirrimarka li l-proporzjon tan-nies li jkomplu jitħarrġu għandu jiżdied ukoll sabiex il-persuni bi kwalifiki ogħla jkunu jistgħu jsibu u jwettqu impjiegi adegwati sa età avvanzata; iqis, f'dan il-kuntest, li għandhom jingħataw inċentivi kemm lill-impjegati kif ukoll lil min iħaddem, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs; iqis ukoll li jeħtieġ li jidħlu fis-seħħ strateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja aktar komprensivi, u li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali jeħtieġu li jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu b'ħeffa, għall-iżvilupp teknoloġiku u għall-approċċi ġodda għall-organizzazzjoni tax-xogħol;

16. Jiddispjaċih għall-fatt li fi żmien ta' kriżi, l-Istati Membri naqqsu l-baġits tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu iżjed fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

17. Jappella biex ikun hemm monitoraġġ aħjar ta' kull fergħa professjonali u, skont il-livell ta' kwalifika, tad-domanda futura għall-ħiliet fl-Ewropa, u għat-traspożizzjoni immedjata tar-riżultati fil-politiki tal-edukazzjoni, tat-tagħlim ta' tul il-ħajja u ta' politiki oħra relevanti tal-Istati Membri; jenfasizza l-importanza li l-impjiegi u l-karrieri jsiru aktar attraenti għall-ħaddiema żgħażagħ u li ż-żgħażagħ, b'mod partikulari, għandhom jinżammu infurmati b'mod kontinwu dwar it-tendenzi fis-suq tax-xogħol sabiex huma jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet li huma verament meħtieġa; iqis li "alleanza ta' tagħrif" li ġġib flimkien in-negozji, is-sħab soċjali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tkun strument utli biex jiġu indirizzati l-innovazzjoni u n-nuqqasijiet ta' ħiliet, filwaqt li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti fil-promozzjoni tal-interess tal-ekonomija u s-soċjetà inġenerali, speċjalment meta jiġu kkunsidrati l-isfida kritika li jinkiseb impjieg għal kulħadd, l-eliminazzjoni tal-faqar, l-inklużjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku sostnut fl-ekonomija globali;

18. Jenfasizza l-importanza tal-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet ta' ħiliet, u jissuġġerixxi perspettiva ta' mill-anqas 10 snin, u jistieden lill-Istati Membri u, fejn xieraq, lir-reġjuni jwaqqfu ċentru tas-sorveljanza tal-impjiegi li jiffokaw fuq il-bżonnijiet tal-ġejjieni; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żviluppati sistemi aktar affidabbli sabiex il-ħtiġijiet u n-nuqqasijiet ta' ħiliet fl-UE u fl-Istati Membri fil-ġejjieni jkunu jistgħu jiġu antiċipati, kif ukoll l-importanza ta' investiment kontinwu fl-aġġornar tal-ħiliet u fit-tqabbil aħjar tal-kwalifiki għall-impjiegi; itenni l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-pubbliku jkollu aċċess għal informazzjoni ta' kwalità u jappella għall-iskambju tal-esperjenza u tal-aħjar prattika f'dan ir-rigward; jenfasizza li, sabiex jintlaħaq dan, jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni aktar b'saħħitha u effettiva bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inklużi l-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka minn banda, u s-servizzi pubbliċi tal-impjieg, is-sħab soċjali u l-intrapriżi u min iħaddem, mill-banda l-oħra;

19. Jenfasizza l-bżonn li jogħlew il-profil u l-attrattiva ta' professjonijiet u xogħlijiet fejn hemm nuqqas ta' popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti iktar viżibilità u appoġġ finanzjarju lill-programm Leonardo da Vinci li hu programm li jippermetti l-akkwist ta' ħiliet, għarfien u kwalifiki ġodda, u li jagħmel l-edukazzjoni vokazzjonali aktar attraenti għal kulħadd; jindika, barra minn hekk, li tahrig waqt ix-xogħol hu partikolarment importanti, u jitlob appogg għall-iskemi nazzjonali li jippromwovu dawn it-tipi ta' opportunitajiet għall-izvilupp tal-karriera;

21. Jinnota li s-subprogramm Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni qrib il-100 %; ifakkar fl-evidenza dokumentata sew li Erasmus jiffacilita b'mod konsiderevoli l-istudju barra mill-pajjiz u jipprovdi lill-istudenti firxa iktar wiesgħa ta' ħiliet, u li dan konsegwentement itejjeb b'mod sinifikanti l-prospettivi ta' impjieg sussegwenti għal dawk l-istudenti li jippartecipaw f'Erasmus u għaldaqstant jikkontribwixxi sostanzjalment għall-kompetittività tal-Ewropa;

22. Jenfasizza l-importanza ta' sistema edukattiva statali ta' kwalità għolja li tipprovdi aċċess ħieles u ugwali lil kulħadd;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

23. Jemmen li huwa vitali li jinħoloq ambjent għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituti ta' riċerka u l-industrija u biex il-kumpaniji industrijali jiġu inkoraġġiti u appoġġjati jinvestu fir-riċerka u fl-iżvilupp; ifakkar li l-istituti ta' edukazzjoni għolja u l-korpi tat-taħriġ jista' jkollhom rwol kruċjali fl-ekonomija reġjonali tal-Istati Membri u huma postijiet uniċi fejn l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka jiltaqgħu u jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi, għall-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali u ħiliet oħrajn u għal aktar opportunitajiet ta' impjieg; jirrikonoxxi r-rwol tal-inizjattiva Djalogu Università-Kummerċ f'dan il-kuntest; jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jippromwovu Skema Ewropea ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) u jinkoraġġixxu lis-setturi ekonomiċi kollha biex jagħmlu l-almu tagħhom biex jiġu rreġistrati fl-EMAS;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi aktar it-twaqqif ta' Kunsilli tas-Settur Ewropew dwar l-Impjiegi u l-Ħiliet fil-kuntest tal-"Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda", li għandhom jiġu sostnuti bħala pjattaforma għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni miżmuma mill-Istati Membri u r-reġjuni sabiex jgħinu fil-koordinazzjoni tal-isforzi tal-partijiet kollha kkonċernati, kif ukoll bħala għodda ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' djalogu soċjali;

25. Iqis li ż-żieda sostanzjali ta' investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka u fl-innovazzjoni hija fundamentali u għalhekk jemmen li, sabiex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jimxu f'din id-direzzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-infiq pubbliku fl-edukazzjoni, ir-riċerka u t-taħriġ professjonali meta jiġi vvalutat l-objettiv baġitarju tal-Istati Membri fuq terminu medju;

26. Jinnota li l-istrumenti bħall-istħarriġ dwar il-profili tax-xogħlijiet u l-impjieg meħtieġ fis-setturi differenti – abbażi ta' sħubija soċjali – għandhom għaldaqstant jingħataw appoġġ adegwat;

27. Jistieden lill-Kumitati Ewropej għad-Djalogu Soċjali biex jassistu fit-tqabbil aħjar bejn it-taħriġ attwali u d-domanda attwali u futura permezz ta' pjan direzzjonali li jistabbilixxi objettivi u indikaturi ċari għas-sorveljanza tal-progress;

28. Jenfasizza l-ħtieġa li min iħaddem jiġi involut fil-ġestjoni tal-istituzzjonijiet edukattivi u fl-iżvilupp tal-korsijiet, il-metodi ta' tagħlim, l-apprendistati, il-valutazzjoni u l-kwalifiki; jenfasizza l-importanza li jingħataw inċentivi għal min iħaddem li joffri taħriġ għal persuni b'ħiliet baxxi jew mingħajr ħiliet u, konsegwentement, ta' opportunitajiet biex jiksbu esperjenza prattika direttament fuq il-post tax-xogħol;

29. Jiddispjaċih li l-għadd ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni kmieni fl-UE għadu għoli wisq; jirrimarka li tnaqqis ta' 1 % biss fl-għadd ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni kmieni jista' jwassal għal madwar 500,000 ħaddiem potenzjali fis-suq tax-xogħol; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jimplimentaw politiki aktar effettivi, ibbażati fuq edukazzjoni u taħriġ professjonali moderni u ta' kwalità għolja, bil-għan li jevitaw li jkun hemm min iħalli l-iskola kmieni u jneħħu l-ostakoli li jiskurraġġixxu t-tkomplija tal-istudju, joffru alternattivi ta' tagħlim u taħriġ u possibilitajiet ta' taħriġ mill-ġdid lill-istudenti b'diffikultajiet fit-tagħlim jew b'diżabilitajiet u li jiżviluppaw rabtiet effettivi bejn it-taħriġ tal-bidu u d-dinja tan-negozju; jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni bikrija biex jiġu żviluppati mhux biss il-ħiliet funzjonali futuri tal-persuni, iżda wkoll il-kapaċità tagħhom li jitgħallmu, li jispeċjalizzaw u jiżviluppaw ulterjorment, u jappella sabiex jiġi żviluppat approċċ koerenti, olistiku u fit-tul lejn l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal kif propost fil-Komunikazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni;

30. Jiddispjaċih li ħafna persuni b'diżabilità li huma kapaċi jaħdmu ma jiġux integrati fis-suq tax-xogħol, u jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-politiki li joffru alternattivi fir-rigward tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg għal persuni b'diżabilità;

31. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw pubblikament lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni inizjali ffinanzjati u rregolati b'mod xieraq, li jkopru l-iskola qabel il-primarja, l-iskejjel tal-primarja u s-sekondarja, it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni terzjarja, b'persunal kwalifikat u mħarreġ tajjeb, li jipprovdi tagħlim u taħriġ u b'pagi u kundizzjonijiet tajba;

32. Jenfasizza l-importanza tas-sistemi tal-edukazzjoni pubblika aċċessibbli għal kulħadd u konformi mal-promozzjoni ta' opportunitajiet ugwali għal kulħadd;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

33. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tippromwovi ċentri Ewropej ta' eċċellenza fil-qafas tal-ispeċjalizzazzjonijiet akkademiċi ġodda għall-impjiegi tal-ġejjieni, u li tiffaċilita l-mobilità taż-żgħażagħ f'dan il-qasam; jenfasizza l-importanza li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp ta' ġemgħat ta' intrapriżi innovattivi li jaġixxu bħala xprun deċiżiv għall-iżvilupp ekonomiku lokali u li jistgħu joħolqu impjiegi ġodda fir-reġjuni; iqis li, minħabba l-pass dejjem jiżdied tar-ristrutturar ekonomiku, il-forza tax-xogħol kwalifikata, il-kompetenza maniġerjali, l-innovazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-impjiegi ħodor huma kollha prerekwiżiti għat-tkabbir sostenibbli;

34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw il-kompetenzi tal-ICT, il-litteriżmu diġitali, l-intraprenditorija u l-kompetenzi trasversali importanti bħall-komunikazzjoni bil-lingwi barranin u l-kompetenzi għall-milja u l-iżvilupp personali, iċ-ċittadinanza attiva, il-kreattività, il-kuxjenza kulturali u l-fehim interkulturali, kif ukoll kompetenzi fundamentali li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli, fil-livelli kollha tas-sistemi edukattivi; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li jiġu promossi u rikonoxxuti l-ħiliet "diffiċli" u "faċli" biex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjieg tal-persuni; jenfasizza s-siwi tal-kapaċità li wieħed jikkomunika b'lingwi barranin, u jappoġġa t-tagħlim tal-lingwi u l-iżvilupp tat-tagħlim tal-lingwi;

35. Jenfasizza l-ħtieġa għal edukazzjoni mmirata lejn l-innovazzjoni; jenfasizza li għandhom jiġu promossi kemm il-ħsieb mhux skematiku u astratt, kif ukoll l-edukazzjoni teknika meħtieġa biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-futur;

36. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jiżviluppaw ħiliet tal-IT fundamentali minn età żgħira, li l-IT għandha għaldaqstant tiġi inkluża fl-edukazzjoni fl-iskola primarja u li l-Ewropej kollha għandu jkollhom aċċess irħis u faċli għall-internet;

37. Peress li huwa stmat li fl-2015 se jkun hemm nuqqas ta' professjonisti fl-IT li jvarja bejn 384 000 u 700 000 impjieg, filwaqt li d-defiċit stmat fis-settur tas-saħħa huwa ta' madwar miljun professjonist u dak għar-riċerkaturi huwa ta' miljun ieħor, jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri sabiex jiżguraw il-livell meħtieġ ta' riżorsi umani b'ħiliet f'dawn l-oqsma;

38. Jinnota li l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għandha sinfikat soċjali, kulturali u ekonomiku, u konsegwentement iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffaċilita l-mobilità internazzjonali fost ir-riċerkaturi, l-istudenti, ix-xjentisti u l-letturi, kemm fi ħdan kif ukoll barra l-UE;

39. Jesprimi thassib dwar il-fatt li individwi li huma kkwalifikati hafna qed jaccettaw impjiegi li mhumiex denji tal-kapacitajiet taghhom jew impjiegi li ma jirrikjedux ħiliet partikolari, u dan iwassal għal 'hela ta' mhuh' fl-UE;

40. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ għall-għalliema li jipprovduhom b'bażi fuq liema jistgħu jadattaw aħjar għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u jiżviluppaw il-ħiliet korrispondenti fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;

41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu taħriġ ibbażat fuq il-post tax-xogħol, inkluża sistema duwali ta' edukazzjoni/taħriġ sabiex iż-żgħażagħ jiġu introdotti għas-suq tax-xogħol minn stadju bikri u jippromwovu qafas ta' kwalità għall-internships u l-apprendistati li jwasslu kemm jista' jkun għal impjieg stabbli; barra minn hekk, jistieden lill-partijiet interessati rilevanti jiżguraw li t-traineeships u l-apprendistat jitwettqu taħt is-superviżjoni ta' għalliema professjonali, li jwasslu għall-kisba effettiva ta' ħiliet u ta' esperjenza li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda; jistieden lill-Istati Membri jistipulaw standards minimi għat-traineeships fir-rigward tal-ħlas u tad-drittijiet soċjali, u jappella għall-introduzzjoni ta' qafas ta' kwalità Ewropew għat-traineeships, l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol u regoli li jipprevjenu li l-internships jintużaw biex jissostitwixxu l-impjieg regolari;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu skambju tal-politika bbażat fuq l-evidenza fir-rigward tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol u dwar il-mobilità tat-tagħlim li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ħiliet u għall-impjegabilità taż-żgħażagħ;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fl-inizjattiva leġiżlattiva li jmiss dwar il-kwalifiki professjonali, biex isaħħaħ l-għarfien reċiproku tad-diplomi u tal-kwalifiki professjonali u biex taqleb għal mekkaniżmu għall-għarfien reċiproku msaħħaħ tal-kompetenzi u l-ħiliet, inklużi l-ħiliet miksuba permezz ta' taħriġ informali u mhux formali, kif ukoll sabiex testendi l-mekkaniżmi għall-għarfien għall-ħaddiema li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi; iqis li dan il-mekkaniżmu għandu jibbaża fuq l-oqfsa Ewropej xierqa, bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) u s-Sistema Ewropea tal-Kreditu għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni Vokazzjonali (ECVET);

44. Jistieden lis-servizzi tal-istatistika nazzjonali biex jiżviluppaw indikaturi adegwati biex ikejlu l-ħiliet u l-kwalità tad-diversi livelli tas-sistema edukattiva tagħhom;

45. Huwa tal-fehma li s-Servizzi ta' Azzjoni Esterna (EAS), partikolarment id-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi, jista' jkollhom rwol importanti billi jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet meħtieġa fl-Ewropa u dwar l-impjiegi disponibbli, kif ukoll billi jgħinu fil-proċeduri meħtieġa għad-dħul fl-Ewropa;

46. Jinnota li b'riżultat tal-bidla demografika hemm numru kbir ta' voluntiera potenzjali akbar fl-età, li jikkostitwixxi riżorsa enormi mhux sfruttata fil-komunitajiet tagħna; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi opportunitajiet għall-voluntiera anzjani, u biex tħejji 'Programm ta' Azzjoni għall-Anzjani' għall-għadd dejjem jiżdied ta' ċittadini anzjani b'esperjenza kbira li huma lesti jaġixxu bħala voluntiera, li jistgħu jitmexxew b'mod parallel mal-Programm ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ u jikkumplementawh, u barra minn hekk tippromwovi programmi speċifiċi għall-volontarjat interġenerazzjonali u għall-mentoring;

47. Jemmen li, fil-kuntest tal-istrateġija għal ħajja attiva itwal, mhux qed isir biżżejjed biex persuni ikbar fl-età jiksbu l-ħiliet tal-IT, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi edukattivi wesgħin għal dan il-grupp;

48. Jenfasizza l-bżonn li tinzamm it-tradizzjoni tal-artiġjanat u l-ħiliet relatati magħha u li jigu stabbiliti strategiji għal intraprendituri bl-imnut tal-artiġjanat sabiex tinżamm l-identità kulturali tas-settur tal-artiġjanat; jiġbed l-attenzjoni, f'dik il-konnessjoni, għall-importanza li jiġi appoġġjat it-taħriġ professjonali relatat max-xogħol u l-mobilità ta' rġiel u nisa artiġjani żgħażagħ, jinnota li l-promozzjoni ta' apprendistati bħala mezz biex jiġu integrati ż-żgħażagħ f'dan is-settur tista' tkun miżura ta' politika attiva li ta' min jinkuraġġiha u jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu passi xierqa f'dan ir-rigward; jenfasizza l-importanza tal-Umanistika bħala qasam biex issir investigazzjoni tal-passat u jitħarsu aħjar l-identitajiet kulturali;

*Il-promozzjoni tad-domanda għall-ħolqien ta' impjiegi*

49. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-impriżi ta' daqs żgħir u medju għandhom rwol fl-ekonomija Ewropea kemm minħabba l-għadd tagħhom kif ukoll minħabba l-funzjoni strateġika fil-ġlieda kontra l-qgħad; ifakkar li l-SMEs jipprovdu 85 % tal-impjiegi fl-UE u huma responsabbli għal 58 % tal-valur miżjud kollu fl-Unjoni; iħeġġeġ lill-partijiet interessati rilevanti jneħħu l-miżuri li jistgħu jostakolaw il-ħolqien tan-negozju u l-moviment ħieles tiegħu; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffaċilitaw it-twaqqif u jistimulaw it-tkabbir tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju, waqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-imprenditorjat tan-nisa, jipprovdulhom ambjent regolatorju u fiskali favorevoli, jiffaċilitawlhom l-aċċess għas-suq, ifasslu lista ta' ostakoli għar-reklutaġġ, inaqqsu kemm jista' jkun il-livell tal-burokrazija u jtejbu l-aċċess tagħhom għall-finanzjamenti;

50. Iqis li, sabiex l-impjieg jingħata spinta ’l quddiem, jeħtieġ li jkun hemm użu aktar maħsub tal-innovazzjoni u bażi industrijali aktar kompetittiva; iqis li jeħtieġ li jiġu promossi l-impjieg taż-żgħażagħ, mudelli tan-negozju bbażati fuq ir-R&Ż u inċentivi speċifiċi għar-reklutaġġ ta’ firxa akbar ta’ min ifittex ix-xogħol;

51. Jilqa’ b’sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li fil-ġejjieni tintroduċi proċedura simplifikata biex l-impjegati ta’ ditta li jkun ġejjin minn pajjiżi terzi jinħarġilhom permess ta’ residenza temporanja li jkun validu madwar l-UE;

52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu aktar fil-ħolqien tal-impjiegi u jippromwovu l-imprenditorjat, negozji ġodda u l-impjieg proprju sabiex jinħolqu opportunitajiet ta’ impjiegi u titnaqqas l-esklużjoni soċjali; huwa tal-opinjoni li ambjent u inċentivi xierqa għall-iżvilupp tan-negozju kif ukoll appoġġ għall-introduzzjoni ta’ teknoloġiji ġodda huma importanti iżda mhumiex biżżejjed għall-iżvilupp tal-ekonomiji Ewropej; jenfasizza, għaldaqstant, li għandu jkun hemm fokus akbar fuq il-promozzjoni ta’ inklinazzjonijiet u ħiliet intraprenditorjali f’livelli differenti tal-edukazzjoni, taħriġ għall-imprendituri ġodda u żvilupp effettiv ta’ ħiliet għall-persunal tal-SMEs; jenfasizza r-rwol tal-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija u tal-BEI, partikolarment permezz tal-programmi bħal JASMINE u JEREMIE, fil-promozzjoni tal-ħolqien u l-iżvilupp tan-negozji u fl-għoti ta’ appoġġ għall-bżonnijiet tal-SMEs;

53. Jistieden lill-Kummissjoni biex tosserva l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" u biex tqis il-ħtiġijiet tal-SMEs meta tfassal il-liġi tax-xogħol;

54. Jenfasizza l-importanza ta’ internet ħieles u rregolat b’intelliġenza għall-intraprendituri ġodda u għal dawk li joħolqu l-impjiegi; iqis li l-fiduċja tal-utenti tal-internet fis-sistema u l-fiduċja tagħhom li l-integrità tiegħu ma tkunx kompromessa huma kruċjali għal mudelli kummerċjali ġodda tal-internet;

55. Jindika li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex biżżejjed ditti innovattivi intensivi fir-riċerka u l-iżvilupp u li n-nuqqas serju ta’ ħiliet fl-innovazzjoni u l-litteriżmu diġitali jfisser li l-SMEs ma jistgħux jadottaw mudelli kummerċjali innovattivi u intelliġenti u teknoloġiji ġodda;

56. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jikkooperaw flimkien bil-għan li joħolqu suq tal-kapitali fir-riskju integrat u kompetittiv, li huwa importanti għall-ħolqien u t-tkabbir ta’ SMEs innovattivi;

57. Iqis li sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles tal-ħaddiema, is-suq waħdieni mingħajr ostakoli u kompetittiv irid jitlesta; iqis, barra minn hekk, li t-tlestija tas-suq uniku għandha timxi id f’id ma’ leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol li toħloq kundizzjonijiet ugwali, koordinament b’saħħtu tas-sigurtà soċjali u l-kapaċità tal-ħaddiema li jħarsu, jmantnu u jittrasferixxu id-drittijiet miksuba minnhom, l-aktar il-portabilità tal-pensjonijiet, meta jaqsmu l-fruntieri; f’dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mas-sħab soċjali biex jeliminaw l-ostakoli għall-mobilità tal-istudenti u tal-ħaddiema u jinkuraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-esperjenza f’dan il-qasam sabiex jiġi evalwat kif is-suq intern qed jiżviluppa f’dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali għal persuni b’paga u fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta’ pagi u tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti; jenfasizza, f’dan il-kuntest, li għandu jiġi evitat id-dumping tal-pagi;

58. Jikkundanna bil-qawwa ix-xogħol mhux iddikjarat, li jipperikola kemm lis-soċjetà kif ukoll lill-ħaddiema; jistieden lill-Istati Membri jwettqu kontrolli regolari u aktar numerużi, jimponu penali adegwati, u jniedu kampanji ta’ informazzjoni sabiex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u l-iżvantaġġi fuq żmien fit-tul għal dawk li huma impjegati fl-ekonomija s-sewda; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jikkombinaw miżuri preventivi u sanzjonijiet ma’ inċentivi maħsuba biex jiskuraġġixxu ’l dak li jkun milli jwettaq xogħol mhux iddikjarat u sabiex jitrasformaw ix-xogħol mhux iddikjarat f’impjieg regolari;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

59. Iqis li s-settur tal-kura tas-saħħa għandu rwol kritiku fl-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; barra minn hekk, iqis li, minħabba l-bidla demografika, is-settur tas-saħħa u tal-assistenza soċjali jirrappreżenta għajn ta' impjieg, li l-importanza tiegħu se tikber, u kontributur ewlieni għall-inklużjoni soċjali; jappella għall-iżvilupp ta' ekonomija ta' assistenza biex tissodisfa l-ħtiġijiet reali u biex tiżgura servizzi ta' assistenza ta' kwalità għolja għal kulħadd, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi tajba, biex jiġi evitat li persuna tfittex li tagħmel xogħol mhux iddikjarat; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-Konvenzjoni tal-ILO akkumpanjata minn rakkomandazzjoni dwar ħaddiema interni, sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema f'dan is-settur; jistieden lill-Kummissjoni tniedi studju dwar l-assistenti tal-kura impjegati fid-dar tal-klijent, apparti soluzzjonijiet xierqa u sostenibbli oħra li jappoġġjaw il-ħajja indipendenti, sabiex jiġi stabbilit jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE tagħtix biżżejjed protezzjoni soċjali għal din il-kategorija ta' ħaddiema, li sikwit huma nisa;

60. Jenfasizza l-potenzjal tas-servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-assistenza u tal-edukazzjoni li joħolqu impjiegi ġodda u jiltob li jkun hemm investiment b'saħħtu u sostenibbli f'dawn is-servizzi u l-infrasturtturi ewlenin kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti bħala sostenn għall-għoti ta' servizz ta' kwalità; jistenna bil-ħerqa l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni biex jiġi indirizzat id-defiċit fil-provvista tal-ħaddiema tas-saħħa;

61. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali u lil partijiet interessati oħra jiżguraw li jkun hemm użu effiċjenti, simplifikat u sinerġiku tal-fondi tal-UE, bħall-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, u strumenti bħall-Faċilità ta' Mikrofinanzjament, għall-ħolqien tal-impjiegi, inkluż fl-ekonomija soċjali; jenfasizza l-vantaġġi li jirriżultaw jekk l-investiment mill-Fondi Strutturali jiġi mmirat lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-setturi ta' valur miżjud għoli mill-perspettiva teknoloġika kif ukoll lejn dawk is-setturi partikolarment importanti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn il-mudelli ta' tkabbir sostenibbli; jitlob li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li għandhom rata għolja ta' qgħad u dħul medju ta' kull xahar li huwa anqas mil-limitu minimu ta' faqar;

62. Jenfasizza li hu importanti li jkun hemm sinerġiji bejn il-fondi varji Ewropej u jenfasizza l-importanza ta' approċċ deċentralizzat meta jintużaw dawn il-fondi sabiex jirrispondu għar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol; jemmen illi hemm ukoll bżonn li l-individwi u l-intrapriżi jingħataw inċentivi adattati biex jinvestu fit-taħriġ; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni lill-inizjattiva emblematika ta' Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u jappella biex jiġi kkunsidrat il-potenzjal tagħha għat-tkabbir sostenibbli;

63. Jaqbel dwar il-ħtieġa li tiżdied l-effikaċja tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, inkluż l-FSE, billi r-riżorsi finanzjarji jiġu kkonċentrati fuq għadd iżgħar ta' prijoritajiet, jissaħħu l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-riformi istituzzjonali, jissaħħaħ il-prinċipju ta' sħubija, jiġu enfasizzati objettivi ċari u li jistgħu jitkejlu u jitwaqqfu kuntratti ta' investiment għall-iżvilupp u s-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-qafas eżistenti tal-iskemi tal-appoġġ tal-intrapriżi diretti tal-UE u tistudja l-possibilità li talloka s-sehem ewlieni tal-appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol fl-intrapriżi, filwaqt li jiġu żviluppati l-ħiliet tal-ħaddiema u jiġu implimentati programmi ta' taħriġ ulterjuri;

*It-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol*

65. Jinnota li l-politiki ta' flessigurtà jinsabu fil-qofol tal-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda, u jaqsam mal-Kummissjoni l-fehma li l-kriżi poġġiet fi prova serja l-arranġamenti nazzjonali ta' flessigurtà, inkluż fejn ġew introdotti miżuri estiżi ta' flessibilità esterna fis-suq tax-xogħol mingħajr ma ssaħħew, b'mod korrispondenti, is-sistemi ta' sigurtà soċjali; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li jiġu segwiti riformi tas-suq tax-xogħol mingħajr ma jiddgħajfu l-politiki ta' suċċess jew il-kunsens u l-fiduċja bejn il-gvernijiet nazzjonali u s-sħab soċjali; jenfasizza li l-miżuri ta' flessigurtà għandhom jiġu adattati għall-kundizzjonijiet soċjali u għall-istruttura speċifika tas-suq tax-xogħol nazzjonali u jkunu konsistenti mal-interessi ta' min iħaddem u tal-impjegati;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

66. Jisħaq, madankollu, li l-flessigurtà waħedha ma tistax tirrimedja l-kriżi, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jwettqu r-riformi meħtieġa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema minn gruppi vulnerabbli u żvantaġġjati; jirrakkomanda, f'dan il-kuntest, l-użu tal-approċċ minn isfel għal fuq sabiex jiġu ffaċilitati d-djalogu u l-involviment fil-livelli kollha tal-governanza politika u soċjali;

67. Jemmen li, bl-impuls ġdid tal-bidliet soċjali u ekonomiċi, l-erba' komponenti tal-flessigurtà – l-arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli, il-politiki tas-suq tax-xogħol attivi, it-tagħlim ta' tul il-ħajja, u s-sistemi moderni tas-sigurtà soċjali – u l-bilanċ bejniethom għandhom jiġu riveduti u msaħħa sabiex inkunu nistgħu nirrispondu għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema u tal-kumpaniji fis-swieq moderni tax-xogħol, biex jinħolqu impjiegi diċenti u tiġi żgurata l-impjegabilità tal-ħaddiema, protezzjoni soċjali adegwata u r-rispett tal-prinċipju tal-"istess paga għall-istess xogħol" fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi; iqis li t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol huwa essenzjali matul dan il-proċess sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jibbenefikaw minn tranżizzjonijiet bejn xogħlijiet, professjonijiet, setturi u stejtus ta' impjiegi; iqis, barra minn hekk, li s-sħab soċjali għandu jkollhom irwol f'din ir-reviżjoni, fil-qafas tad-djalogu soċjali;

68. Jistieden lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iżżid il-promozzjoni tar-rwol tal-maniġment u l-ħaddiema f'kull settur industrijali fl-Ewropa, filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom;

69. Jappoġġja, skont l-Artikolu 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema u jheġġiġhom biex jidħlu f'relazzjonijiet kuntrattwali, inklużi ftehimiet; jirrakkomanda li fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet konklużi fil-livell Ewropew, il-maniġment u l-ħaddiema f'kull settur industrijali jużaw il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 155(2) TFUE għal kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 153 TFUE;

70. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw it-telexogħol, jiġifieri l-forom kollha ta' xogħol mill-bogħod u l-forom kollha ta' organizzazzjoni u/jew ta' twettiq tax-xogħol li jeżistu barra mill-ħin u l-post tradizzjonali tax-xogħol, permezz tat-telekomunikazzjoni u l-internet fil-qafas ta' għoti ta' servizz jew relazzjoni ta' impjieg;

*Il-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklużivi*

71. Jenfasizza li, sabiex l-Ewropa toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżi ekonomika u sabiex issir aktar kompetittiva u konverġenti, b'livelli ogħla ta' tkabbir u ta' impjiegi, u sabiex is-sistemi soċjali tagħna jkunu fiż-żgur għal żmien fit-tul, hija teħtieġ li tagħmel użu aħjar tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol tagħha fil-gruppi tal-età kollha, itejjeb kemm il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol tagħha kif ukoll l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali, kif ukoll tagħti spinta lill-kwalifiki u l-ħiliet tal-forza tax-xogħol;

72. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, li t-tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol għandu jinkiseb billi tiġi pprovduta sigurtà xierqa għall-ħaddiema u billi tittejjeb l-inklużjoni tas-suq tax-xogħol sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet għall-ħaddiema kollha b'kull tip ta' kuntratt, partikolarment dawk fil-gruppi l-aktar żvantaġġati u vulnerabbli, sabiex jidħlu u jagħmlu progress fis-suq tax-xogħol;

73. Jenfasizza l-importanza li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-Aġenda, kif ukoll fl-aspetti kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ddisinjati universalment, u tal-aċċess għalihom, skont l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki;

74. Jenfasizza li, f'ħafna Stati Membri, il-pagi żdiedu b'rata aktar baxxa minn dik tal-produttività u jinsab imħasseb ħafna dwar l-għadd li qed jiżdied ta' "ħaddiema foqra" li, minkejja li jirċievu paga ma jirnexxilhomx jaqbżu l-linja tal-faqar, u għalhekk jemmen li għandha tittieħed azzjoni determinata biex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

75. Jenfasizza l-importanza li l-qgħad fost iż-żgħażagħ jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijorità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom li jrawmu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, inkluż l-għoti ta' inċentivi għaż-żgħażagħ u għal min iħaddem kif ukoll l-iżvilupp tat-traineeships u tal-apprendistat; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza kruċjali li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, l-orjentament u s-superviżjoni personalizzati, kif ukoll l-għoti ta' opportunitajiet biex jinkisbu ħiliet reali u biex dawn jiġu aġġornati skont id-domanda tas-suq tax-xogħol; jenfasizza li din l-inizjattiva għandha tkun ikkoordinata mill-qrib mal-Inizjattiva "Żgħażagħ Mobbli";

76. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa biex jiġi żgurat li l-ħaddiema akbar fl-età jkunu jistgħu jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol u sabiex is-solidarjetà u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali jiġu integrati fil-kuntest tal-impjieg u jitwettqu inizjattivi li jippromwovu ħajja tax-xogħol itwal, bħall-qsim ta' impjieg (job sharing), ir-rivalutazzjoni tal-ħiliet tal-karriera, il-volontarjat mill-ħaddiema u l-irtirar gradwali, inkluż fost dawk li jaħdmu għal rashom;

77. Fid-dawl tal-fatt li l-popolazzjoni fl-Ewropa qed tixjieħ, jitlob lill-Istati Membri sabiex joħolqu strumenti li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuni akbar fl-età, u jitlob għall-promozzjoni u li jingħata appoġġ wiesa' għall-orjentament u l-attivazzjoni ta' persuni akbar fl-età fid-dawl tal-ishubija innovattiva tat-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu kif ukoll ta' inċentivi għal min iħaddem, minħabba li d-dinja tan-negozju hija anqas interessata f'ħaddiema ta' età akbar. jenfasizza l-importanza li tali persuni jirċievu aktar taħriġ u jiksbu kwalifiki ġodda li jippermettulhom jirritornaw fis-suq tax-xogħol; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-importanza li jsir użu tal-għarfien u l-esperjenza ta' nies akbar fl-età, pereżempju permezz ta' proġetti ta' coaching;

78. Fid-dawl tal-qgħad li qed jikber, jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-servizzi ta' impjieg pubbliku sabiex ikollhom rwol akbar bħala fornituri ta' servizzi tul il-ħajja kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddimhom; jemmen li s-servizzi pubbliċi tal-impjieg jistgħu joffru faċilitajiet għall-valutazzjoni tal-ħiliet, jistabbilixxu profili u jipprovdu orjentament ta' karrieri u servizzi ta' konsultazzjoni individwali, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' min iħaddem lokalment, kif ukoll jipprovdu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' imprenditorija u sensiela ta' programmi ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid;

79. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu uffiċjalment il-kontribut tal-ekonomija soċjali, li hija responsabbli għal 10 % tal-impjiegi fl-UE u li għandha rwol ewlieni fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE; Iqis neċessarju li jitħaffef l-iżvilupp tagħha sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' rikkezza li tkun soċjalment inklużiva u sabiex tgħin fl-iżvilupp ta' swieq tax-xogħol inklużivi, biex jinżammu l-impjiegi fis-setturi u fin-negozji li jinsabu fi kriżi u/jew li huma f'riskju li jagħlqu, biex jiżdied il-livelli ta' stabilità tal-impjiegi, biex il-ħiliet jibqgħu ħajjin u biex jiġu żviluppati metodi li jwasslu biex gruppi partikolarment żvantaġġjati, isibu xogħol;

80. Jenfasizza li l-politiki aħjar u aktar b'saħħithom li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, tal-familja u tal-ħajja privata għandhom jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni akbar tal-popolazzjoni attiva tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-importanza li n-nisa jingħataw is-setgħa li jidħlu, jirritornaw u javvanzaw fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet meta jerġgħu lura għax-xogħol wara l-liv ta' maternità jew parentali;

81. Huwa tal-fehma li għandhom isiru sforzi sabiex jiġu promossi l-istudji tekniċi u fl-inġinerija, bħall-MINT (matematika, informatika, xjenzi naturali u teknoloġija) fost il-bniet u biex jiġu miġġielda s-sterjotipi tal-ġeneru u s-segregazzjoni professjonali tan-nisa fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri maħsuba biex iżidu l-għadd tan-nisa fil-karigi għolja fil-maniġment u f'pożizzjonijiet ewlenin oħra;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

82. Iqis li l-liġijiet tal-UE kontra d-diskriminazzjoni żiedu konsiderevolment il-livell ta' protezzjoni fl-UE kollha; jemmen, madankollu, li jridu jsiru aktar sforzi biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni multipla, ta' gruppi differenti, fl-impjiegi, fit-taħriġ u fl-okkupazzjoni, bil-għan li jitħaddem il-prinċipju tat-trattament indaqs; jemmen li l-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol għandu jiġu promoss ukoll permezz ta' politiki tal-welfare mmirati u ffukati fuq l-assistenza għat-tfal u l-appoġġ għall-familji, billi jiġu implimentati programmi għall-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi, kif ukoll miżuri li jippromwovu r-reklutaġġ ta' nisa u rġiel f'impjiegi mhux tradizzjonali fuq bażi volontarja, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għas-setturi li tradizzjonalment huma ddominati mill-irġiel;

83. Jindika, apparti d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-argumenti ekonomiċi kontra d-diskriminazzjoni; jitlob lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex b'mod rapidu jilħqu ftehim u jadottaw il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja s-soluzzjonijiet għad-diffikultajiet tekniċi flimkien mal-Kunsill sabiex jintlaħaq tali ftehim billi politika b'saħħitha tal-UE kontra d-diskriminazzjoni tkun ta' appoġġ għall-istrateġija 2020;

84. Isostni li, sabiex il-kwalifiki u l-ħiliet tal-ħaddiema nisa jiġu kkonservati fi spazju ekonomiku li dejjem jinbidel u biex dawk li jixtiequ jkunu megħjuna biex imorru lura għax-xogħol, huwa essenzjali li l-ħaddiema bil-liv parentali jiġu inklużi wkoll fl-attivitajiet ta' taħriġ organizzati minn min jimpjegahom;

85. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw miżuri għar-rikonċilajzzjoni tal-ħajja professjonali u dik tal-familja, u jinvestu fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-swieq tax-xogħol permezz tal-promozzjoni tal-ġestjoni tad-diversità, it-tħeġġiġ professjonali tan-nisa, u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' postijiet ġodda b'forom aktar flessibbli tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

86. Jenfasizza li l-impjiegi l-ġodda għandhom ikunu akkumpanjati b'forom ġodda ta' arranġamenti ta' xogħol li jippermettu lil ħaddiema bi tfal dipendenti jaħdmu sigħat alternattivi, inaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom jew jagħżlu li jagħmlu telexogħol;

87. Jinnota li l-opportunitajiet sabiex togħla r-rata tal-impjieg tan-nisa huma offruti mhux biss mis-settur tal-"impjiegi bojod", iżda wkoll mis-settur tad-difiża nazzjonali, mis-settur tal-loġistika (inkluż it-trasport), mis-settur tas-servizzi għan-negozju – pereżempju l-assikurazzjoni u l-konsulenza – kif ukoll mis-settur tal-ekoloġija u tal-impjiegi sostenibbli;

88. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jiżviluppaw programmi speċifiċi mfassla sabiex jirreklutaw in-nisa fi professjonijiet tekniċi permezz ta' sussidji għal nisa akkademiċi żgħażagħ, b'mod konformi mal-aħjar prattika f'ċerti Stati Membri bħall-programm "Excellentia" fl-Awstrija, li wassal biex irduppja n-numru ta' professuri tal-università nisa fix-xjenza u t-teknoloġija u kkontribwixxa għat-twaqqif ta' ċentri ta' riċerka ta' kwalità għolja mmexxija minn nisa;

89. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkuraġġixxu lis-settur privat u dak pubbliku jieħdu l-miżuri kollha possibbli u meħtieġa biex jeliminaw id-distakk fis-salarji bejn in-nisa u l-irġiel u l-inugwaljanzi ewlenin f'dak li huma aċċess, paga, żvilupp tal-karriera, parteċipazzjoni u governanza, bil-għan li tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tat-trasparenza fl-għamla ta' statistika aqwa, u ta' definizzjoni li tista' tintuża ta' "xogħol ta' valur ugwali"; jilqa' t-tħabbiriet tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tas-sistema tal-pensjonijiet għal dawk b'perjodi neqsin fil-kontribuzzjonijiet ta' tfaddil tal-pensjoni minħabba perjodi ta' qgħad, mard jew żmien dedikat għall-kura ta' xi ħadd, li jikkonċernaw l-aktar lin-nisa;

***It-titjib tal-kwalità tal-impjiegi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol***

90. Iqis li l-ħidma għall-ilħuq tal-objettiv ta' impjieg għal kulħadd trid tkun ikkumplimentata bi sforzi msaħħa biex tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-impjegati kollha, inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

91. Iqis li l-kwalità tal-impjiegi trid tiġi promossa bħala kunċett multidimensjonali, li jkopri kemm ir-relazzjonijiet tal-impjiegi u x-xogħol innifsu; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tirrevedi d-definizzjoni u l-indikaturi komuni tal-UE tal-kwalità tal-impjieg, u biex tagħmilhom aktar operazzjonali fir-rigward tal-evalwazzjoni u tal-benchmarking tal-politiki tal-Istati Membri; iqis li d-djalogu soċjali għandu rwol importanti fil-promozzjoni ta' xogħol diċenti, impjieg ta' kwalità u protezzjoni soċjali adegwata u għalhekk jappella biex il-partijiet interessati ewlenin fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali fil-livell tal-UE jaħdmu sabiex jiġi żviluppat approċċ komuni Ewropew f'dan il-qasam u sabiex jieħdu parti attiva fir-reviżjoni tad-definizzjoni u tal-indikaturi tal-kunċett "kwalità tal-impjieg";

92. Iqis li l-aċċessibilità fil-post tax-xogħol, partikolarment fir-rigward tal-ambjent mibni u t-teknoloġiji tal-informazzjoni, hija kundizzjoni essenzjali tax-xogħol u din il-kundizzjoni hija kruċjali għall-integrazzjoni vokazzjonali ta' persuni b'diżabilità;

93. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi riveduta l-liġi tas-saħħa u s-sigurtà u jwissi li ambjent tax-xogħol li ma jkunx sigur, bidliet regolari minn xogħol għall-ieħor, u żieda fl-istress għandhom effetti negattivi fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema; jitlob lill-Kummissjoni biex tindirizza l-problema tan-nuqqas ta' għarfien ta' perikli u mard relatati max-xogħol;

94. Jenfasizza l-importanza li l-isforzi tal-partijiet interessati jiġu integrati sabiex tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi u l-użu ta' strumenti ta' politika adegwati, inkluża l-leġiżlazzjoni, il-koordinazzjoni tal-politiki, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-ftehimiet awtonomi tas-sħab soċjali;

95. Huwa tal-fehma li l-ammont kbir u l-proporzjon li qed jiżdied ta' mard professjonali, partikolarment il-firxa ta' kundizzjonijiet muskoskeletali, għandhom impatt kbir fuq il-kwalità tal-postijiet tax-xogħol, u għalhekk għandu jkun hemm sforz akbar biex dawn jitnaqqsu bl-għan li s-soċjetà li qed tixjieħ tkun waħda sostenibbli;

96. Iqis li d-drittijiet tal-ħaddiema, id-djalogu bejn is-sħab soċjali - ħaddiema u min iħaddimhom -u l-protezzjoni soċjali adegwata li tipprevjeni l-faqar fost dawk li jaħdmu għandhom ikunu fil-qofol tal-kwalità tal-impjieg ta' kwalità u għaldaqstant anke tal-kunċett tal-kwalità tal-impjiegi;

97. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tikkonkludi l-attivitajiet preleġiżlattivi tagħha u tressaq il-proposti leġiżlattivi mħabbra fl-Aġenda, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-eżitu tal-istudju tal-impatt ekonomiku u soċjali tagħha u l-awtonomija tas-sħab soċjali; jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li tirrevedi l-effettività tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li tqis żviluppi li saru;

98. Jenfasizza li l-objettivi stipulati fil-qasam tal-impjieg u l-istrateġiji biex dawn jintlaħqu, għandhom jiġu mmonitorjati u kkoordinati ma' dawk f'oqsma importanti oħra, bħas-settur tal-finanzi pubbliċi u l-politiki tal-innovazzjoni rilevanti;

*

* *

99. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

# Rapport Annwali 2010 tal-Ombudsman Ewropew

P7_TA(2011)0467

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar ir-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman fis-sena 2010 (2011/2106(INI))**

(2013/C 131 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2010,

— wara li kkunsidra tal-Artikolu 24, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 228, u l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 41 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 ([1]) dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li temenda d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman,

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' qafas dwar il-kooperazzjoni li ġie konkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Ombudsman tal-1 ta' Jannar 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 205(2), it-tieni u t-tielet sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0285/2011),

A. billi r-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2010 ntbagħat uffiċjalment lill-President tal-Parlament fl-10 ta' Mejju 2011, u billi l-Ombudsman, is-Sur Nikiforos Diamandouros, ippreżenta r-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fit-23 ta' Mejju 2011,

B. billi l-Artikolu 24 tat-TFUE jistipola li 'kull ċittadin tal-Unjoni jista' jressaq rikors quddiem l-Ombudsman stabbilit skont l-Artikolu 228',

C. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjara li 'Kull persuna għandha d-dritt li l-affarijiet tagħha jiġu ttrattati mill-istituzzjonijiet u l-organi tal-Unjoni b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli',

D. billi l-politika barranija komuni, il-politika tas-sigurtà u r-responsabbiltajiet tal-Kunsill Ewropew jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ombudsman,

E. billi l-Artikolu 43 tal-Karta jistipula li 'Kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru għandu d-dritt li jirrikorri għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha',

([1]) ĠU C 286 E, 27.11.2009, p. 172.
([2]) Adottati fit-8 ta' Lulju 2002 u emendati bid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman tal-5 ta' April 2004 u t-3 ta' Diċembru 2008.

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

F. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea saret legalment vinkolanti fil-maġġoranza tal-Istati Membri wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u dan jagħti leġittimità addizzjonali lid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman Ewropew,

G. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona introduċa bażi legali għal regoli komuni dwar proċeduri amministrattivi fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, li skont l-Artikolu 298 tat-TFUE 'għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti', kif ukoll għandhom impatt fuq ix-xogħol tal-Ombudsman Ewropew, inter alia bħala riżultat tat-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-fatt li l-Kunsill Ewropew sar istituzzjoni tal-UE,

H. billi l-amministrazzjoni ħażina tokkorri meta korp pubbliku ma jaġixxix skont regola jew prinċipju li jorbtu,

I. billi s-Sur Diamandouros kien rielett Ombudsman Ewropew mill-Parlament fis-sessjoni plenarja tiegħu fi Strasburgu fl-20 ta' Jannar 2010 u ħa l-ħalfa tiegħu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ottubru 2010,

J. billi fis-27 ta' Settembru 2010 l-istituzzjoni tal-Ombudsman Ewropew iċċelebrat il-ħmistax-il anniversarju tagħha; billi f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena l-Ombudsman wieġeb iktar minn 36,000 ilment u temm iktar minn 3,800 inkjesta dwar amministrazzjoni possibbilment ħażina,

K. billi l-Ombudsman uża l-ħmistax-il anniversarju tal-istituzzjoni tiegħu biex iniedi strateġija ġdida għall-mandat tiegħu 2009-2014; billi l-istrateġija tiffoka fuq is-smigħ tal-partijiet ikkonċernati, il-ksib ta' riżultati aktar malajr, filwaqt li tħalli impatt pożittiv fuq il-kultura amministrattiva tal-Unjoni, tipprovdi informazzjoni f'waqtha u utli lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku, u tirrikonsidra kostantement l-użu tar-riżorsi disponibbli,

L. billi fl-2010 l-Ombudsman irċieva 2,667 ilment; billi dan jirrappreżenta tnaqqis ta' aktar minn 400 ilment meta mqabbel mal-2009,

M. billi fl-2010 l-Ombudsman temm 326 inkjesta (318 fl-2009) li minnhom 323 kienu bbażati fuq ilmenti; billi l-medja tal-ħin meħtieġ biex titwettaq inkjesta niżel minn 13-il xahar fl-2008 għal 9 xhur fl-2009 u fl-2010; billi l-maġġoranza tal-inkjesti ntemmu fi żmien sena (66 %) u aktar minn nofshom (52 %) intemmu fi żmien tliet xhur,

N. billi l-Ombudsman jista' jniedi inkjesti fuq l-inizjattiva tiegħu meta jkollu l-ħsieb jinvestiga każ ta' amministrazzjoni possibbilment ħażina bbażat fuq ilment minn persuna mhux awtorizzata jew meta jidher li jkun hemm problema sistemika fl-istituzzjonijiet; billi l-Ombudsman temm tliet inkjesti fuq l-inizjattiva tiegħu fl-2010, filwaqt li fetaħ sitt inkjesti ġodda ta' dan it-tip,

O. billi 65 % tal-inkjesti miftuħa fl-2010 kienu dwar il-Kummissjoni Ewropea (56 % fl-2009), 10 % dwar l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), 7 % dwar il-Parlament Ewropew, 2 % dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u 1 % dwar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

P. billi f'iktar minn nofs il-każijiet (55 %) magħluqa fl-2010, l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat soluzzjoni amikevoli jew solviet il-kwistjoni,

Q. billi l-Ombudsman jista' jagħmel rimarki ulterjuri jekk, meta jkun qed jittratta każ, tfeġġ l-opportunità biex titjieb il-kwalità tal-amministrazzjoni; billi l-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri f'14-il każ fl-2010 (fl-2009 kien hemm 28) bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kwalità tas-servizz ipprovdut liċ-ċittadini,

R. billi rimarka ta' kritika ssir f'każijiet fejn (i) mhuwiex aktar possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina m'għandhiex implikazzjonijiet ġenerali jew (iii) jitqies li ma jkunx hemmx bżonn ta' segwitu mill-Ombudsman,

S. billi rimarka ta' kritika tikkonferma lill-kweralant li l-ilment tiegħu kien iġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni x'għamlet ħażin, sabiex tkun tista' tevita amministrazzjoni ħażina fil-futur; billi f'dawn l-aħħar ftit snin in-numru ta' rimarki ta' kritika kien qed juri tnaqqis kontinwu, b'44 fl-2008 u 35 fl-2009 għal 33 fl-2010,

T. billi abbozz ta' rakkomandazzjoni joħroġ fil-każijiet fejn azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman hija meħtieġa, fejn l-amministrazzjoni ħażina tista' tiġi eliminata jew fejn l-amministrazzjoni ħażina hija partikolarment serja jew għandha implikazzjonijiet ġenerali,

U. billi l-Ombudsman identifika każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fi 12 % tal-każijiet (40) fl-2010; billi huwa kiseb eżiti pożittivi f'sebgħa minn dawn il-każijiet bis-saħħa ta' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet,

V. billi jekk istituzzjoni jew korp jonqos milli jwieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew,

W. billi rapport speċjali jikkostitwixxi l-aħħar karta tal-Ombudsman u dan huwa l-aħħar pass sostanzjali li jista' jagħmel meta jittratta każ, minħabba li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċitar tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-ġudizzju politiku tal-Parlament,

X. billi l-Ombudsman ippreżenta rapport speċjali wieħed lill-Parlament fl-2010,

1. Japprova r-Rapport Annwali għall-2010 ppreżentat mill-Ombudsman Ewropew; jifraħ lill-Ombudsman għall-fatt li reġa' ġie elett fl-elezzjoni ta' Jannar 2010;

2. Jieħu nota tal-istrateġija l-ġdida li l-Ombudsman żviluppa għall-mandat attwali tiegħu u li tifforma l-bażi għall-inizjattivi u l-attivitajiet tiegħu; jinnota li din l-istrateġija tinkludi fost l-oħrajn id-djalogu dejjem miftuħ mal-kwerelanti, mas-soċjetà ċivili u ma' partijiet konċernati oħra, filwaqt li jiġu identifikati l-aqwa prattiki f'kooperazzjoni u f'konsultazzjoni ma' kollegi fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, bil-ħsieb li l-proċeduri tal-UE jsiru aktar ġusti u trasparenti, u filwaqt li tkun promossa kultura ta' servizz fl-amministrazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE;

3. Jenfasizza li t-trasparenza, l-aċċess għall-informazzjoni u r-rispett għad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej huma prekondizzjonijiet essenzjali għaż-żamma tal-fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet;

4. Iqis ir-rwol tal-Ombudsman li jsaħħaħ it-trasparenza u r-responsabilità fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala kontribut essenzjali lejn Unjoni fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu 'bl-aktar mod miftuħ u l-eqreb taċ-ċittadin kemm jista' jkun', kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

5. Ifakkar li fis-27 ta' Settembru 2010 l-istituzzjoni tal-Ombudsman Ewropew iċċelebrat il-ħmistax-il anniversarju tagħha; jinnota li tul dawn l-aħħar ħmistax-il sena l-Ombudsman wieġeb aktar minn 36,000 ilment u qeda rwol ewlieni fl-għajnuna li ta lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jinstab rimedju u biex togħla l-kwalità fl-amministrazzjoni tagħhom;

6. Jinnota li l-esperjenza ta' dawn il-ħmistax-il sena ta' attività taw lill-istituzzjoni tal-Ombudsman għarfien reali dwar it-tendenzi ta' amministrazzjoni ħażina, il-problemi sistemiċi u d-dgħjufijiet strutturali fl-amministrazzjonijiet, għarfien li jippermettilha toffri gwida lill-amministrazzjonijiet bil-ħsieb li jiġu evitati r-repetizzjoni tal-iżbalji u biex tittejjeb il-kwalità u t-trasparenza f'xogħolhom;

7. Jilqa' l-inizjattiva tal-Ombudsman li regolarment jippubblika studji fejn jeżamina s-segwitu tal-istituzzjonijiet tal-UE għar-rimarki ta' kritika u r-rimarki ulterjuri tiegħu; jinnota li r-rata ġenerali tas-segwitu sodisfaċenti fl-2009 kienet ta' 81 % (94 % fil-każ ta' rimarki ulterjuri u 70 % għal rimarki ta' kritika); iqis dan bħala żvilupp inkoraġġanti; iqis madankollu li hemm lok għal titjib, speċjalment rigward ir-rata tar-rimarki ta' kritika; iħeġġeġ lill-istituzzjonijijiet jaħdmu flimkien mal-Ombudsman biex itejbu r-rata ta' segwitu tagħhom;

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

8. Jilqa' l-kooperazzjoni ġeneralment kostruttiva bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE; japprova lill-Ombudsman fir-rwol li jaqdi fil-mekkaniżmu ta' kontroll estern u bħala sors ta' valur għal titjib kontinwu fl-amministrazzjoni Ewropea;

9. Ifaħħar lill-Ombudsman rigward il-logo u l-identità viżiva l-ġodda tal-istituzzjoni kif ukoll dwar id-dehra ġdida tar-Rapport Annwali tiegħu, ifaħħar ukoll lill-Ombudsman għat-tisħiħ fit-trasparenza tal-istituzzjoni tiegħu permezz tal-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tiegħu tat-tagħrif dwar l-inkjesti ġodda kollha li hu qed jiftaħ għall-ilmenti li rċieva;

10. Jenfasizza l-bżonn li ċ-ċittadini jkunu informati aħjar dwar il-modus operandi tal-istituzzjoni u s-sit elettroniku bl-informazzjoni li jivvalida t-trasparenza tar-rwol tal-Ombudsman;

11. Jissuġġerixxi li meta l-Ombudsman jippreżenta r-rapport annwali tiegħu waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, m'għandux ikun hemm preżenti biss rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea imma għandu jkun hemm ukoll rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u ta' istituzzjonijiet, aġenziji, servizzi u korpi oħrajn tal-UE li kienu s-suġġett ta' investigazzjoni, rapport speċjali, rimarki ta' kritika jew miżuri oħra meħuda mill-Ombudsman, biex jikkummentaw fuq ir-rapport u jieħdu sehem fid-diskussjoni; iħeġġeġ lill-amministrazzjonijiet tal-Parlament, tal-Kunsill u ta' istituzzjonijiet, aġenziji u korpi kkonċernati oħrajn tal-UE biex ikunu rrappreżentati fil-laqgħat tal-ġejjieni meta jiġi ppreżentat u diskuss ir-rapport annwali tal-Ombudsman; jemmen li l-parteċipazzjoni tagħhom f'tali diskussjonijiet u l-kondiviżjoni tal-opinjonijiet tagħhom dwar l-amministrazzjoni t-tajba u dwar il-problemi megħluba b'riżultat tar-rakkomandazzjonijiet u r-rimarki tal-Ombudsman Ewropew jistgħu jgħinu fit-titjib tas-servizz mogħti liċ-ċittadini tal-UE u d-djalogu interistituzzjonali u jikkontribwixxu għat-twaqqif ta' kultura ta' servizz ġenwin;

12. Jistieden lill-Ombudsman iżomm il-Parlament infurmat bl-iżviluppi fir-relazzjonijiet tiegħu mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna l-ġdid u mal-Kunsill Ewropew;

13. Jinnota li fl-2010 l-Ombudsman rċieva 2,667 ilment mingħand ċittadini, kumpaniji, assoċjazzjonijiet, NGOs u uffiċċji reġjonali; jinnota li dan jirrappreżenta tnaqqis ta' iktar minn 400 ilment meta mqabbla mas-sena ta' qabel;

14. Jaqbel li dan it-tnaqqis f'ilmenti inammissibbli jista' jkun attribwit parzjalment għall-gwida interattiva li ġiet introdotta fis-sit elettroniku tal-Ombudsman fl-2009 u li tgħin b'mod effikaċi billi tidderieġi l-kwerelanti lejn il-korp li jista' jaqdihom l-aħjar;

15. Iħeġġeġ lill-Ombudsman Ewropew ikompli jippromwovi n-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen bil-ħsieb li jkun żviluppat bażi tad-data komprensiv u biex iċ-ċittadini tal-UE jkunu infurmati aħjar dwar it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-Ombudsman Ewropew, l-ombudsmen nazzjonali u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament;

16. Jenfasizza li l-Parlament innifsu għandu jalloka riżorsi għal bini ta' sit elettroniku simili għall-Kumitat tiegħu għall-Petizzjonijiet biex jissaħħu l-viżibilità u t-trasparenza tal-istituzzjoni sabiex ikun jista' wkoll jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli filwaqt li fl-istess ħin jipprovdi gwida u pariri lill-petizzjonanti u jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess tal-petizzjonijiet;

17. Jinnota b'sodisfazzjon it-tnaqqis sostenibbli fir-rimarki ta' kritika (33 fl-2010, 35 fl-2009, 44 fl-2008 u 55 fl-2007) maħruġin mill-Ombudsman; jaqbel li dan huwa prova li l-istituzzjonijiet tal-UE qed jieħdu rwol aktar proattiv fis-soluzzjoni tal-ilmenti u li l-effikaċja tal-Ombudsman ggwadanjatlu grad ta' leġittimità f'għajnejn dawk l-istituzzjonijiet;

18. Jifraħ lill-Ombudsman dwar il-fatt li ż-żmien medju biex itemm l-inkjesti qed jonqos dejjem aktar (madwar disa' xhur fl-2009 u fl-2010); jitlob li jintużaw il-miżuri neċessarji biex dan jonqos aktar sabiex ikun jista' jilħaq aħjar l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE;

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

19. Jinnota li 65 % tal-inkjesti miftuħa mill-Ombudsman fl-2010 kienu dwar il-Kummissjoni Ewropea (219 inkjesta); jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda qawwija minn 56 % fl-2009 (191 inkjesta), u jistaqsi għal darb'oħra lill-Kummissarju, speċjalment il-Kummissarju responsabbli għar-relazzjonijiet interistituzzjonali u l-amministrazzjoni, biex jieħu passi biex itejjeb is-sitwazzjoni preżenti b'mod sinifikanti u malajr kemm jista' jkun;

20. Jieħu nota tat-tħassib tal-Ombudsman dwar l-għadd relattivament għoli ta' tweġibiet mhux sodisfaċenti mill-Kummissjoni Ewropea għar-rimarki kritiċi tiegħu (10 minn 32 tweġiba); jikkondividi l-fehma tal-Ombudsman li għad hemm ħafna xogħol xi jsir fil-persważjoni tal-uffiċjali rigward il-fatt li approċċ difensiv lejn l-Ombudsman jirrappreżenta opportunità mitlufa għall-istituzzjonijiet tagħhom u jirriskja li jtebba' d-dehra ġenerali tal-Unjoni; jitlob li jsir titjib radikali tal-proċess tat-tweġib, inkluż tnaqqis taż-żmien meħud biex jiġu ġġenerati t-tweġibiet (l-aktar f'każijiet sensittivi bil-ħin), u li jipproduċi tweġibiet orjentati lejn is-soluzzjoni aktar milli jkunu difensivi; jenfasizza li ċ-ċittadini Ewropej għandhom dritt għal amministrazzjoni tajba skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

21. Jindika l-fatt li fl-2010 l-iktar allegazzjoni komuni eżaminata mill-Ombudsman, u li tgħaddi bil-wisq lil oħrajn, kienet dik tan-nuqqas ta' trasparenza fl-amministrazzjoni tal-UE; jinnota li din l-allegazzjoni saret fi 33 % tal-inkjesti kollha magħluqa u inkludiet rifjut ta' informazzjoni u ta' aċċess għal dokumenti; jikkondividi l-frustrazzjoni tal-Ombudsman li n-numru ta' każijiet relatati mat-trasparenza baqa' konsistentement għoli tul is-snin;

22. Jinnota li fl-2010 l-Ombudsman ippreżenta rapport speċjali wieħed, li kien dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvela d-dokumenti u li tikkoopera mal-Ombudsman fi spirtu ta' trasparenza kompleta; ifakkar li r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar ir-rapport speċjali ġie adottat mill-Parlament fis-25 ta' Novembru 2010 ([1]); ifakkar li fir-riżoluzzjoni adottata l-Kummissjoni kienet imħeġġa tagħti l-impenn tagħha lill-Parlament li se taqdi d-dmir tagħha ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Ombudsman Ewropew;

23. Jitlob it-tnedija ta' kampanja tal-informazzjoni mfassla biex tiżgura lill-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar id-dispożizzjoni tal-Ombudsman li jisma' u jiddiskuti l-kwistjonijiet, u biex tenfasizza l-vantaġġi tal-interventi mill-Ombudsman bil-ħsieb li l-amministrazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE jinġiebu eqreb lejn iċ-ċittadini tal-UE;

24. Ifakkar li r-Regolament (KE) 1049/2001 ([2]) dwar l-aċċess tad-dokumenti mill-istituzzjonijiet tal-UE ilu fis-seħħ 10 snin; itenni li n-nozzjoni bażika li ssejjes dan ir-Regolament hi li t-traparenza hi r-regola u s-segretezza l-eċċezzjoni; jinnota li l-istituzzjonijiet għadhom qed jitħabtu ma' dan il-kunċett; huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, is-servizzi u l-korpi tal-UE għandhom iżommu dan il-prinċipju f'moħħhom meta jkunu qed jiktbu l-abbozzi tad-dokumenti u għandhom jiżguraw li jilħqu bilanċ tajjeb bejn il-grad ta' trasparenza neċessarju u adegwat u l-bżonn ġenwin għall-kunfidenzjalità;

25. Ifakkar li r-riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għadha għaddejja; jiddispjaċih għall-fatt li hemm nuqqas ta' progress fil-proċedura ta' riformulazzjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikunu aktar disposti li jagħtu aċċess ta' dokumenti u informazzjoni liċ-ċittadini u lill-Parlament Ewropew;

26. Iħeġġeġ lill-Ombudsman ikompli jinsisti fuq id-dritt fundamentali tal-aċċess għad-dokumenti, l-implimentazzjoni xierqa tal-prinċipju tat-trasparenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kultura ta' servizz amikevoli lejn iċ-ċittadin u attitudni proattiva tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE rigward it-tqegħid ta' dokumenti fid-dominju pubbliku, li jikkostitwixxi prinċipju bażiku għat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE; jipproponi li eżempji ta' prattiki tajbin ikunu ppubbliċizzati maċ-ċittadini tal-UE sabiex jikkumbattu l-immaġini negattiva tagħhom tal-amministrazzjoni tal-UE, kif ukoll biex ikun promoss djalogu bejn l-istituzzjonijiet differenti dwar il-problemi li jaffettwaw il-kwalità tal-amministrazzjoni tagħhom;

([1]) P7_TA(2010)0436.
([2]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

27. Jaqbel mal-Ombudsman li dikjarazzjoni konċiża tal-prinċipji tas-servizz pubbliku tkun ta' kontribut għal kultura ta' servizz u tippromwovi l-fiduċja taċ-ċittadini fis-servizz pubbliku u fl-istituzzjonijiet tal-UE; jistenna bil-ħerqa d-dikjarazzjoni tal-Ombudsman tal-prinċipji tas-servizz pubbliku, li dwarhom hu qiegħed attwalment jikkonsulta mal-kollegi nazzjonali tiegħu u ma' partijiet interessati oħra;

28. Jipproponi li din id-dikjarazzjoni tal-prinċipji tas-servizz pubbliku tkun imxerrda kemm jista' jkun kullimkien u jkollha aċċessibbiltà sempliċi għaċ-ċittadini tal-UE, sabiex tiżgurahom bl-impenn tal-UE li tipproteġi s-servizzi pubbliċi, li huma fattur tal-ħajja ta' kuljum tagħhom;

29. Iqis, madankollu, li l-adozzjoni ta' regoli u prinċipji komuni vinkolanti tal-proċedura amministrattiva fl-amministrazzjoni tal-UE nnifisha, hekk kif mitluba diġà mill-ewwel Ombudsman Ewropew, u l-introduzzjoni tal-prinċipju tas-servizz f'dan il-kuntest ikun l-aħjar mod li jiżgura ċaqliq dejjiemi fil-kultura amministrattiva tal-UE u jistenna, għalhekk, lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-preżentazzjoni ta' abbozz ta' regolament għal dan il-għan fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-TFUE;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u kif ukoll lill-ombudsmen tagħhom jew korpi kompetenti simili.

---

## Is-sitwazzjoni fil-Jemen, fil-Baħrejn, fis-Sirja u fl-Eġittu

P7_TA(2011)0471

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu u s-Sirja, b'mod parikolari dik tal-Komunitajiet Insara**

(2013/C 131 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu u s-Sirja, b'mod partikolari tal-15 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja ([1]), tas-7 ta' Lulju 2011 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija u l-Afrika ta' Fuq ([2]), u tas-17 ta' Frar 2011 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2011 dwar is-sitwazzjoni tal-Insara fil-kuntest tal-libertà tar-reliġjon ([4]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar is-Sirja tat-8 ta' Ottubru 2011 u dwar l-Eġittu tal-10 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tal-20 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar is-Sirja tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tal-10 ta' Ottubru 2011 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Eġittu u s-Sirja huma firmatarji tiegħu,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0387.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0333.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0064.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0021.

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK tat-2 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/523/UE tat-2 ta' Settembru 2011 li parzjalment tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([3]), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-13 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-libertajiet tar-reliġjon, tat-twemmin, tal-kuxjenza u tal-ħsieb huma valuri fundamentali u universali u huma elementi essenzjali tad-demokrazija; billi l-Unjoni Ewropea ripetutament esprimiet l-impenn tagħha favur il-libertajiet tar-reliġjon, tat-twemmin, tal-kuxjenza u tal-ħsieb u enfasizzat li l-gvernijiet għandhom dmir li jiggarantixxu dawn il-libertajiet madwar id-dinja kollha,

***L-Eġittu***

B. billi l-Eġittu għaddej minn perjodu kritiku ta' tranżizzjoni demokratika u qed jaffaċċja ħafna sfidi u diffikultajiet f'dan il-proċess; billi l-iżvilupp ekonomiku u standard ta' għajxien ogħla tal-popolazzjoni huma essenzjali għall-istabilità politika u soċjali fuq perjodu twil ta' żmien fil-pajjiż,

C. billi fid-9 ta' Ottubru 2011 mill-inqas 25 ċittadin Eġizzjan inqatlu u aktar minn 300 ndarbu fil-Kajr waqt dimostrazzjoni paċifika organizzata mill-Insara Kopti, li bdiet fid-distrett ta' Shubra fit-Tramuntana tal-Kajr u mxiet lejn il-bini tat-televiżjoni tal-istat f'Maspero, biex jipprotestaw kontra attakk fuq knisja Kopta f'Aswan, biex tiġi miġġielda b'mod effikaċi d-diskriminazzjoni reliġjuża, u biex tintalab l-adozzjoni ta' liġi unifikata dwar il-bini ta' postijiet ta' qima, biex id-diskriminazzjoni reliġjuża tiġi kriminalizzata b'mod effikaċi u biex terġa' tinbena l-knisja li ġiet attakkata,

D. billi l-awtoritajiet Eġizzjani rrispondew għal dan l-avveniment traġiku billi taw bidu għal spezzjoni tażżona ta' Maspero mill-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, li wettaq investigazzjoni taħt l-awtorità ġudizzjarja militari u waqqaf missjoni ta' ġbir tal-fatti magħmula minn membri tal-ġudikatura biex tinvestiga dawk l-inċidenti bl-għan li jinżammu responsabbli dawk li inċitaw il-vjolenza u li wettqu azzjonijiet vjolenti; taw bidu għall-kunsiderazzjoni immedjata ta' abbozz ta' digriet bl-għan li jillegalizza l-istatus ta' postijiet ta' qima mibnija mingħajr awtorizzazzjoni xierqa; taw bidu, abbażi ta' talba mill-mexxejja ta' diversi gruppi reliġjużi, għal dibattitu soċjali dwar l-abbozz ta' kodiċi unifikat għall-bini ta' postijiet ta' qima bl-għan li jiġi adottat; u ddeċidew li jintroduċu emendi għall-Kodiċi Penali biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat,

E. billi minn Marzu tal-2011 'l hawn, ġie rrappurtat li għexieren ta' eluf ta' Kopti telqu mill-Eġittu,

F. billi l-persuni ċivili arrestati skont il-liġi ta' emerġenza ttellgħu quddiem qrati militari li jiksru d-dritt għal proċess ġust u jċaħħdu lill-akkużati mid-dritt għall-appell; billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem irrappurtaw li minn Marzu tal-2011 'l hawn aktar minn 12 000 ċivili ttellgħu quddiem dawn il-qrati speċjali,

G. billi Maikel Nabil Sanad kien arrestat mill-pulizija militari fit-28 ta' Marzu 2011 f'daru fil-Kajr talli esprima l-opinjoni tiegħu onlajn, li inkludiet kritika tar-rwol tal-militar Eġizzjan matul u wara r-rivoluzzjoni tal-poplu; billi ngħata sentenza ta' tliet snin ħabs fl-10 ta' April 2011 fuq akkużi li "insulta l-militar" wara proċess mgħaġġel u inġust f'qorti militari fin-nuqqas tal-avukat, tal-familja u tal-ħbieb tiegħu,

([1]) ĠU L 228, 3.9.2011, p. 16.
([2]) ĠU L 228, 3.9.2011, p. 19.
([3]) ĠU L 228, 3.9.2011, p. 1.
([4]) ĠU L 269, 14.10.2011, p. 18.

H. billi t-theddid kontra l-NGOs, speċjalment dawk involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, f'kampanja intensiva ta' malafama mnedija mill-istampa tal-istat, serva biex jiddeleġittimizzahom u jistigmatizzahom f'għajnejn il-pubbliku bħala li qed jaġixxu kontra l-interessi tal-Eġittu,

I. billi x-xandir televiżiv statali tal-Eġittu kompla jinċita għall-vjolenza meta xandar sejħa biex in-nies "jipproteġu l-armata",

J. billi l-perjodu tranżitorju wara r-rivoluzzjoni tal-25 ta' Jannar 2011 fl-Eġittu kien karatterizzat minn tendenza lejn il-marġinalizzazjzoni tan-nisa, li kienu esklużi mill-Kumitat Kostituzzjonali, u billi, bħala parti mir-rieżami tal-liġi dwar id-drittijiet politiċi, il-kwota tan-nisa ġiet abolita,

K. billi huwa preokkupat dwar il-ħtif ta' tfajliet Kopti li ġew sfurzati jikkonvertu għall-Iżlam,

***Is-Sirja***

L. billi, sa mill-bidu tat-trażżin vjolenti tad-dimostranti paċifiċi fis-Sirja f'Marzu 2011, il-qtil sistematiku, il-vjolenza u t-tortura kienu qed jiżdiedu b'mod drammatiku u l-armata Sirjana u l-forzi tas-sigurtà qed ikomplu bir-rispons tagħhom ta' qtil immirat, tortura u arresti tal-massa; billi, skont l-istimi tan-NU, 'il fuq minn 3 000 persuna tilfu ħajjithom, ħafna aktar korrew u eluf ġew detenuti; billi bosta Sirjani qegħdin jiffaċċjaw sitwazzjoni umanitarja li kull ma jmur sejra għall-agħar, kaġun tal-vjolenza u tal-ispostamenti,

M. billi għadu l-każ li l-ebda ġurnalist u osservatur internazzjonali ma jista' jidħol fil-pajjiż; billi r-rapporti mill-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem Sirjani u l-immaġini mill-mowbajls huma l-uniku mezz ta' dokumentazzjoni tal-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u l-attakki sistematiċi, kemm immirati u każwali, kontra d-dimostranti u ċ-ċittadini paċifiċi inġenerali fis-Sirja,

N. billi l-avvenimenti li għaddejjin fis-Sirja huma akkumpanjati minn azzjonijiet immirati għall-inċitament ta' kunflitti interetniċi u inter-reliġjużi u għaż-żieda ta' tensjonijiet settarji; billi hemm rapporti li jistmaw li l-popolazzjoni Nisranija fis-Sirja jista' jkun li naqset minn 10 fil-mija għal 8 fil-mija; billi eluf ta' Nsara mill-Iraq marru s-Sirja biex jaħarbu minn vjolenza mmirata fl-Iraq; billi ħafna Nsara fis-Sirja jibżgħu li sejrin jispiċċaw vittmi ta' vjolenza settarja fil-pajjiż; billi l-Komunitajiet Insara għandhom rwol importanti fid-demokratizzazzjoni tal-pajjiż,

O. billi, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill laqa' l-isforzi tal-oppożizzjoni politika Sirjana biex tistabbilixxi pjattaforma unita, stieden ukoll lill-komunità internazzjonali biex tilqa' dawn l-isforzi, u nnota l-ħolqien tal-Kunsill Nazzjonali Sirjan (SNC) bħala pass pożittiv 'il quddiem; billi fis-Sirja nħoloq ukoll il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla Demokratika,

***L-Eġittu***

1. Jerġa' jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Eġizzjan f'dan il-perjodu kritiku u diffiċli tat-tranżizzjoni demokratika fil-pajjiż u jkompli jappoġġja l-aspirazzjonijiet demokratiċi tagħhom; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jappoġġjaw l-isforzi mmirati għall-aċċellerazzjoni tar-riformi demokratiċi, ekonomiċi u soċjali fl-Eġittu;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil ta' dimostranti fl-Eġittu; jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu mal-familji tal-vittmi kollha; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw li l-forzi ta' sigurtà ma jużawx forza sproporzjonata; jisħaq fuq id-dritt taċ-ċittadini kollha li jipprotestaw liberament u paċifikament, taħt protezzjoni xierqa mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jeħilsu t-28 Nisrani li jinsabu arrestati f'Maspero kif ukoll lil persuni oħra li ġew arrestati;

3. Jilqa' l-isforzi li saru mill-awtoritajiet Eġizzjani biex jidentifikaw lil dawk li ppjanaw u wettqu l-attakki fuq il-Komunitajiet Insara; jenfasizza li huwa importanti li investigazzjoni indipendenti, trasparenti u bir-reqqa dwar l-avvenimenti f'Maspero għandha titmexxa minn ġudikatura ċivili indipendenti, sabiex kull min kien involut jinżamm responsabbli; jenfasizza li r-rwol tal-midja għandu jiġi indirizzat bis-sħiħ; jieħu nota tal-avviżi tal-gvern dwar il-kunsiderazzjoni immedjata ta' abbozz ta' digriet li jfittex li jillegalizza l-istatus tal-postijiet ta' qima mibnija mingħajr l-awtorizzazzjoni xierqa kif ukoll dwar it-tisħiħ tal-istrumenti legali li jfittxu li jiġġieldu d-diskriminazzjoni kemm f'oqsma pubbliċi kif ukoll f'dawk privati; jisħaq madankollu fuq ir-responsabilità tal-Gvern u l-awtoritajiet Eġizzjani biex jiżguraw is-sikurezza taċ-ċittadini kollha fil-pajjiż u biex dawk responsabbli għall-vjolenza jitressqu quddiem il-ġustizzja;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżguraw ir-rispett sħiħ għal-libertajiet fundamentali kollha, inklużi l-libertà tal-assoċjazzjoni, il-libertà tal-għaqda paċifika, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tar-reliġjon, tal-kuxjenza u tal-ħsieb għaċ-ċittadini kollha fl-Eġittu, inklużi l-Insara Kopti, u li l-Komunitajiet tal-Insara Kopti ma jisfawx vittmi ta' attakki vjolenti u jkunu jistgħu jgħixu fil-paċi u jesprimu t-twemmin tagħhom b'mod ħieles madwar il-pajjiż; jitlob protezzjoni adegwata tal-knejjes sabiex tintemm l-aggressjoni u l-qerda kontinwa ta' knejjes minn estremisti Iżlamiċi; jilqa' l-isforzi kontinwi biex jiġi adottat "Kodiċi Komuni għall-bini ta' postijiet ta' qima"; jenfasizza li d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon huwa dritt fundamentali li huwa garantit minn strumenti legali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani jwaqqfu d-diskriminazzjoni kontra l-Insara Kopti, pereżempju billi jħassru referenzi għar-reliġjon mid-dokumenti uffiċjali kollha, u jiżguraw dinjità u opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha fl-Eġittu biex ikollhom aċċess għall-impjiegi pubbliċi u politiċi kollha, inkluża rappreżentanza fil-forzi armati, fil-Parlament u fil-Gvern;

5. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw b'mod strett il-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-armi; iħeġġeġ lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, biex iħeġġeġ l-Istati Membri jimplimentaw u jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Pożizzjoni Komuni;

6. Huwa tal-fehma li Kostituzzjoni ġdida għandha tipprevedi espliċitament il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kollha, inklużi l-libertà tal-assoċjazzjoni, il-libertà tal-għaqda paċifika, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tar-reliġjon, tal-kuxjenza u tal-ħsieb, u l-protezzjoni tal-minoranzi; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżguraw li kwalunkwe dispożizzjoni kostituzzjonali tkun inklussiva u ma tħalli l-ebda possibbiltà ta' diskriminazzjoni kontra xi ħadd fis-soċjetà Eġizzjana;

7. Jisħaq fuq l-importanza li jsiru elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti għall-Assemblea tal-Poplu u għall-Kunsill Shoura fl-aħħar tal-2011 u l-bidu tal-2012, u l-elezzjonijiet presidenzjali fl-2012, fl-Eġittu; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jappoġġjaw u jgħinu lill-awtoritajiet, il-partiti politiċi u s-soċjetà ċivili Eġizzjani fl-isforzi bl-għan li jintlaħaq dan l-objettiv; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jiffaċilitaw ix-xogħol tal-organizzazzjonijiet barranin li bi ħsiebhom isegwu l-proċess elettorali fuq il-post; jitlob il-bdil tal-gvern interim tal-Eġittu, malajr kemm jista' jkun, bi gvern stabbilit skont ir-riżultati ta' elezzjonijiet ħielsa;

8. Jistieden lill-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati (SCAF) jirrevoka minnufih il-liġi ta' emerġenza, billi tikser id-drittijiet tal-libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda, sabiex ikun evitat li l-elezzjonijiet parlamentari skedati għal tmiem is-sena jsiru fi stat ta' emerġenza;

9. Jilqa' f'dan ir-rigward l-emenda tal-Kodiċi Penali biex jiġu kriminalizzati atti ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, razza, lingwa, reliġjon jew twemmin;

10. Iqis li l-UE għandha tadotta miżuri fil-każ ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem ta' kwalunkwe ċittadin fl-Eġittu; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkun lesta li tadotta miżuri ulterjuri sabiex tgħin liċ-ċittadini Eġizzjani li qegħdin jistinkaw għal futur demokratiku permezz ta' mezzi paċifiċi;

11. Jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jadottaw liġi ta' assoċjazzjoni ġdida skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u f'konsultazzjoni mill-qrib ma' NGOs u gruppi tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni politika tan-nisa huwa kruċjali għal żvilupp demokratiku veru fl-Eġittu;

12. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-kundizzjoni tas-saħħa tal-blogger Maikel Nabil Sanad li qed jinżamm fil-ħabs u jitlob li jinħeles minnufih; iħeġġeġ lill-Gvern u l-awtoritajiet Eġizzjani biex itemmu mingħajr dewmien il-proċessi militari ta' ċivili; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jiżguraw li l-ebda organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili ma tkun suġġetta għal intimidazzjoni diretta jew indiretta fil-pajjiż u biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet fil-proċess ta' tranżizzjoni demokratika, inkluż il-proċess elettorali;

***Is-Sirja***

13. Jikkundanna bil-qawwa l-użu sproporzjonat u brutali tal-forza kontra d-dimostranti paċifiċi u l-persekuzzjoni sistematika tal-attivisti favur id-demokrazija, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, it-tobba u l-persunal mediku; jesprimi l-preokkupazzjoni kbira tiegħu dwar il-gravità tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-awtoritajiet Sirjani, inklużi arresti tal-massa, qtil extraġudizzjarju, detenzjoni arbitrarja, għajbien u tortura, anke tat-tfal, li jistgħu jammontaw għal reati kontra l-umanità; itenni t-talba tiegħu lill-President Bashar al-Assad u r-reġim tiegħu biex iċedu l-poter minnufih sabiex jippermettu li sseħħ tranżizzjoni politika fis-Sirja bl-għan li jitnieda proċess ta' riformi demokratiċi kbar;

14. Jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi; ifaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-poplu Sirjan u jappoġġja bil-qawwa l-aspirazzjonijiet tiegħu biex jikseb ir-rispett sħiħ tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u l-garanzija ta' kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali aħjar;

15. Itenni s-sejħa għal investigazzjoni indipendenti, trasparenti u effikaċi dwar il-qtil, l-arresti, id-detenzjoni arbitrarja, u l-allegat għajbien sfurzat u l-każi ta' tortura mill-forzi tas-sigurtà Sirjani sabiex jiżguraw min wettaq dawn l-atti jinżamm responsabbli mill-komunità internazzjonali; huwa tal-fehma li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għandu jirreferi lis-Sirja quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjoni (QKI) bil-għan li ssir ġustizzja mal-poplu Sirjan u li jiġi evitat li aktar nies jisfaw vittmi ta' dawn il-prattiki; jitlob aċċess sħiħ għall-pajjiż tal-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-midja internazzjonali u jenfasizza t-talba mill-forzi tal-oppożizzjoni u d-dimostranti Sirjani biex jintbagħtu osservaturi internazzjonali;

16. Huwa preokkupat ħafna dwar is-sitwazzjoni tal-Insara fis-Sirja, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom; jikkundanna l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jinċitaw kunflitt inter-reliġjuż; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sirjani attwali u futuri biex jipprovdu protezzjoni affidabbli u effikaċi għall-Komunitajiet Insara;

17. Jisħaq fuq l-importanza tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fis-Sirja, u b'mod partikolari l-libertajiet tar-reliġjon, tat-twemmin, tal-kuxjenza u tal-ħsieb; jesprimi, f'dan il-kuntest, l-appoġġ tiegħu għall-Komunità Nisranija fil-pajjiż u, fl-istess ħin, iħeġġeġ lil din il-Komunità biex ikollha rwol pożittiv u kostruttiv fl-avvenimenti li għaddejjin fis-Sirja; iħeġġeġ ukoll lill-forzi tal-oppożizzjoni Sirjani biex jiddikjaraw jew jerġgħu jikkonfermaw l-impenn tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari l-libertajiet tar-reliġjon, tat-twemmin, tal-kuxjenza u tal-ħsieb;

18. Jilqa' d-dikjarazzjoni pożittiva magħmula mill-Kunsill dwar l-isforzi tal-oppożizzjoni politika Sirjana biex tiġi stabbilita pjattaforma unita; itenni t-talba tiegħu lill-VP/RGħ Ashton, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħeġġu u jappoġġjaw ulterjorment il-feġġa ta' forzi tal-oppożizzjoni demokratika Sirjana organizzati kemm ġewwa l-pajjiż kif ukoll lil hinn minnu;

19. Jilqa' l-impenn tal-UE biex tkompli tħeġġeġ azzjoni b'saħħitha tan-NU biex tiżdied il-pressjoni internazzjonali; itenni t-talba tiegħu lill-membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u b'mod partikolari r-Russja u ċ-Ċina, biex ma jimblukkawx riżoluzzjoni li tikkundanna l-użu tal-forza letali mir-reġim Sirjan u li tħeġġeġ il-waqfien tal-użu tal-forza, u biex jistabbilixxu sanzjonijiet jekk dan ma jsirx; jappoġġja bil-qawwa d-deċiżjoni tal-UE tat-23 ta' Settembru 2011 li tadotta sanzjonijiet addizzjonali kontra r-reġim Sirjan; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkun lesta li tadotta miżuri ulterjuri sabiex tgħin liċ-ċittadini Sirjani li qegħdin jitħabtu għal futur demokratiku permezz ta' mezzi paċifiċi;

20. Jilqa' l-fatt li t-Turkija u l-Arabja Sawdija kkundannaw lir-reġim Sirjan, u juri l-għoġba tiegħu għarrwol tat-Turkija fl-ilqigħ tar-rifuġjati;

21. Jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' vjolenza, fastidju jew intimidazzjoni ta' xi ċittadini Sirjani li qed iseħħu fit-territorju tal-UE u jfakkar li d-dritt li wieħed jipprotesta liberament u paċifikament fis-sikurezza huwa garantit bis-sħiħ fl-Istati Membri tal-UE, anke għal min jipprotesta kontra t-tmexxija tal-President Bashar al-Assad;

*

* *

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Amministrazzjoni u l-Kungress tal-Istati Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega Għarbija, lill-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

## L-iżviluppi attwali fl-Ukraina

P7_TA(2011)0472

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar l-iżviluppi attwali fl-Ukraina**

(2013/C 131 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-Pajjiżi tal-2010 dwar l-Ukraina u r-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tal-25 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tiegħu dwar is-sentenza ta' kundanna tal-ex Prim Ministru Ukrain, Yulia Tymoshenko, fil-11 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-5 ta' Awwissu u tal-11 ta' Ottubru 2011 mir-Rappreżentant Għoli, Catherine Ashton, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar il-verdett fil-kawża ta' Yulia Tymoskenko,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Varsavja fid-29 u t-30 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998, u n-negozjati għaddejjin dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (AA), inkluża Żona ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv, imfassal sabiex jieħu post l-FSK,

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Nazzjonali 2011-2013 għall-Ukraina,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE hija favur Ukraina stabbli u demokratika li tirrispetta l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq soċjali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, tipproteġi l-minoranzi u li tiggarantixxi d-drittijiet fundamentali; billi l-istabilità politika domestika tal-Ukraina, inkluża enfasi fuq ir-riforma interna u r-rispett tal-istat tad-dritt, u l-inkorporazzjoni ta' proċessi legali ġusti, imparzjali u indipendenti hija prerekwiżit għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina;

B. billi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-politika barranija tal-Parlament Ewropew huwa li jsaħħaħ u jrawwem ir-relazzjonijiet mal-Ukraina u jsaħħaħ il-PEV, bl-għan li jitheġġu r-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kulturali tal-pajjiżi kkonċernati mal-UE u mal-Istati Membri;

C. billi d-deċiżjoni meħuda mill-Qorti Distrettwali ta' Pechersk fil-11 ta' Ottubru 2011 li tikkundanna l-eks Prim Ministru Yulia Tymoshenko għal seba' snin ħabs, tliet snin projbizzjoni mill-attività politika, penali ta' 200 miljun dollaru Amerikan u l-konfiska tal-proprjetà kollha titqies b'mod ġenerali jew att ta' vendetta jew tentattiv sabiex membri tal-oppożizzjoni jiġu kriminalment arrestati u mibgħuta l-ħabs bil-ħsieb li jitwaqqfu milli jkunu kandidati jew imexxu kampanja għall-elezzjoni parlamentari tas-sena d-dieħla u għall-elezzjoni presidenzjali tal-2015;

D. billi fit-12 ta' Ottubru 2011, is-Servizz ta' Sigurtà Ukrain fetaħ kawża kriminali ġdida kontra Yulia Tymoshenko u kontra l-eks Prim Ministru Pavlo Lazarenko, li huma akkużati li, meta kienu rispettivament jokkupaw il-karigi ta' President u ta' proprjetarju tal-United Energy Systems tal-Ukraina, ikkospiraw biex jagħmlu użu ħażin ta' fondi pubbliċi Ukraini fuq skala enormi;

E. billi jitqies in-numru dejjem jiżdied ta' uffiċjali li qed jiffaċċjaw responsabilità kriminali għall-azzjonijiet tagħhom, inklużi ex ministri tal-gvern, iżda l-iktar (viċi) kapijiet ta' dipartimenti tal-istat u ispettorati, kapijiet ta' subunitajiet ta' aġenziji għall-infurzar tal-liġi, imħallfin ta' qrati distrettwali u kapijiet ta' awtoritajiet lokali;

F. billi l-Gvern tal-Ukraina intrabat li jagħmel għadd ta' riformi legali li jagħmlu l-liġi privata u pubblika Ukraina konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali;

G. billi l-UE tibqa' tenfasizza l-ħtieġa tar-rispett għall-istat tad-dritt, inkluż permezz tat-twaqqif ta' proċessi legali ġusti, imparzjali u indipendenti, biex b'hekk jiġi evitat il-periklu li tinħoloq il-perċezzjoni li l-miżuri ġudizzjarji qed jintużaw b'mod selettiv; billi l-UE tikkunsidra dawn il-prinċipji partikularment importanti f'pajjiż li jaspira li jidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali aktar profondi u li jsaħħaħ l-assoċjazzjoni politika mal-Unjoni;

1. Huwa tal-fehma li l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina u l-fatt li l-Ukraina tingħata perspettiva Ewropea huma sinifikanti ħafna u ta' interess għaż-żewġ partijiet; jirrikonoxxi l-apirazzjonijiet tal-Ukraina skont l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għal sakemm jiġu ssodisfati l-kriterji kollha, inkluż ir-rispett għall-prinċipji tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

2. Jiddeplora l-kundanna tal-ex Prim Ministru Yulia Tymoshenko, bħala vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u abbuż tal-ġudikatura għall-iskop ta' trażżin politiku tal-mexxej tal-oppożizzjoni tal-Ukraina; jenfasizza li l-liġi applikata b'mod selettiv kontra Tymoshenko inħolqot fi żminijiet Sovjetiċi u tipprevedi prosekuzzjoni kriminali għal deċiżjonijiet politiċi; billi l-Artikoli 364 u 365 ta' dik il-liġi, li attwalment qed jiġu valutati mill-Verhovna Rada mhumiex konformi mal-istandards Ewropej u tan-NU;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ukraini jiżguraw proċess ġust, trasparenti u imparzjali fil-każ ta' kull appell minn Yulia Tymoshenko u waqt proċessi oħra kontra l-membri tal-gvern preċedenti; jinsisti li Yulia Tymoshenko għandha titħalla teżerċta d-dritt tagħha li tipparteċipa bis-sħiħ fil-proċess politiku sa minn issa stess u fl-elezzjonijiet li jmiss fl-Ukraina;

4. Jinsab imħasseb li l-proċess kontra Tymoshenko imur kontra l-impenn meħud mill-Gvern Ukrain lejn id-demokrazija u l-valuri Ewropej;

5. Jesprimi tħassib ġenwin rigward id-detenzjoni kontinwa tal-eks Ministru tal-Intern, Yuri Lutsenko, li kontrih għadha ma nħarġet l-ebda sentenza fil-proċess tiegħu, u dwar każijiet oħra simili;

6. Jinsisti li l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra ex uffiċjali għolja tal-gvern u dawk attwali għandhom iseħħu skont l-istandards Ewropej ta' ġustizzja, imparzjalità, trasparenza u indipendenza;

7. Huwa tal-fehma li jekk il-kundanna ta' Yulia Tymoshenko ma tkunx riveduta, il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u r-ratifika tiegħu se jiġu pperikolati, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-perspettiva Ewropea tal-pajjiż se titbiegħed aktar; jesprimi tħassib dwar xi sinjali ta' deterjorazzjoni fil-libertajiet demokratiċi u dwar l-istrumentalizzazzjoni possibbli tal-istituzzjonijiet statali għal skopijiet partiġjani u biex titwettaq tpattija politika;

8. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u r-riforma interna, inkluża ġlieda kredibbli kontra l-korruzzjoni hija essenzjali mhux biss għall-konklużjoni u r-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-approfondiment tar-relazzjonijiet UE-Ukraina, iżda wkoll sabiex tkun ikkonsolidata d-demokrazija fl-Ukraina;

9. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv; iqis dan il-ftehim bħala bażi solida għall-finalizzazzjoni possibbli tan-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina;

10. Jinsab imbeżża' dwar rapporti rigward id-deterjorazzjoni fil-libertà tal-midja u fil-pluraliżmu fl-Ukraina; Jitlob lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipproteġu l-aspetti essenzjali ta' soċjetà demokratika u biex ma jwettqu l-ebda kontroll, la dirett u lanqas indirett, tal-kontenut imxandar fil-midja nazzjonali;

11. Jappoġġa bis-saħħa r-rakkomandazzjonijiet imressqa fl-opinjoni konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-OSKE/ODIHR dwar l-abbozz preliminari tal-liġi elettorali; iqis li huwa essenzjali li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu adottati u implimentati b'mod mgħaġġel, inklussiv u komprensiv li jinvolvi kemm lill-oppożizzjoni kif ukoll lis-soċjetà ċivili;

12. Iħeġġeġ lill-forzi politiċi kollha fl-Ukraina jmexxu dibattitu ġust u trasparenti dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni politiku; jinsisti li investigazzjonijiet dwar nuqqasijiet possibbli f'dak il-proċess għandhom jitwettqu minn kumitat ta' stħarriġ parlamentari;

13. Iqis li l-laqgħa reċentement posposta mal-President Yanukovych kienet se toffri opportunità eċċellenti biex jiġi trattat tħassib serju li ġie indirizzat lill-Gvern Ukrain u twaqqif mill-ġdid ta' djalogu kostruttiv li jista' jwassal biex jinbeda Ftehim ta' Assoċjazzjoni, sakemm isir progress sinifikanti kemm fir-rigward ta' ostakoli tekniċi u politiċi li għadhom jeżistu; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiskedaw mill-ġdid il-laqgħa mal-President Yanukovych sabiex issir qabel is-Samit UE-Ukraina f'Diċembru 2011;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa riforma ġudizzjarja fl-Ukraina billi tagħmel użu aħjar mill-programm tal-bini ta' kapaċitajiet tal-UE u tikkunsidra l-ħolqien ta' Grupp Konsultattiv ta' Livell Għoli tal-UE għall-Ukraina biex jgħin lill-Ukraina fl-isforzi tiegħu biex jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża l-isfera ġudizzjarja;

15. Jagħti istruzzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukraina u lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE.

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

## It-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika

P7_TA(2011)0473

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika**

(2013/C 131 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar ir-reżistenza għall-antibijotiċi, b'enfasi fuq is-saħħa tal-annimali,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) "on the public health risks of bacterial strains producing extended-spectrum β-lactamases and/or AmpC β-lactamases in food and food-producing animals"(dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika tar-razez batteriċi responsabbli mill-produzzjoni ta' β-lattamażi u/jew β-lattamażi tat-tip AmpC ta' spettru wiesa' fl-ikel u fl-annimali li jipproduċu l-ikel) ippubblikata f'Awwissu 2011;

— wara li kkunsidra id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-reżistenza antimikrobika tat-18 ta' Novembru 2009 (SANCO/6876/2009r6),

— wara li kkunsidra r-Rapport Tekniku Konġunt taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) ta' Settembru 2009 bit-titolu 'The bacterial challenge: time to react (L-isfida batterika: wasal iż-żmien li nirreaġixxu), appell biex jitqarreb id-distakk eżistenti bejn il-preżenza fl-UE ta' batterji reżistenti għal ħafna mediċini u l-iżvilupp ta' aġenti antibatteriċi ġodda,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2002/77/KE tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi fil-mediċina tal-bniedem ([1]) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-proposta għal din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2001 dwar Strateġija Komunitarja kontra r-reżistenza antimikrobika (COM(2001)0333),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aġenti antimikrobiċi huma kapaċi jeqirdu jew jipprevjenu t-tkabbir tal-batterji, virus u mikrorganiżmi oħrajn (l-antibijotiċi huma aġenti mikrobiċi li jirreaġixxu biss kontra l-batterji) u għalhekk żvolġew rwol sinifikanti fit-titjib tas-saħħa pubblika billi għenu biex jitnaqqas in-numru ta' mwiet minħabba mard u infezzjonijiet li qabel ma setgħux jiġu kkurati jew kienu fatali;

B. billi l-użu tagħhom irriżulta f'ċerti mikrorganiżmi preċedentement sensittivi għal dawk l-aġenti antimikrobiċi li żviluppaw reżistenza, l-hekk imsejħa 'reżistenza antimikrobika';

C. billi dan il-proċess naturali huwa aċċelerat bis-saħħa tal-użu eċċessiv u inkontrollat ta' dawn l-aġenti antimikrobiċi u b'hekk ikkompromettew is-suċċessi mediċi miksuba;

D. billi t-tnedija ta' kull antibijotiku ġdid kienet, u se tkun, segwita minn reżistenza fil-batterji fil-mira; billi ż-żamma ta' kapaċità effettiva għall-ġlieda kontra l-mard infettiv teħtieġ kemm l-iżvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda kif ukoll il-konservazzjoni mtejba tar-riżorsi antibijotiċi eżistenti, b'hekk tiġi enfasizzata l-prijorità li jiġi garantit li l-użu tal-antibijotiċi huwa kkontrollat u limitat b'mod effikaċi esklużivament għat-trattament neċessarju;

([1]) ĠU L 34, 5.2.2002, p. 13.
([2]) ĠU C 112 E, 9.5.2002, p. 106.

E. billi l-industrija farmaċewtika ilha madwar 40 sena (mill-Erbgħinijiet sas-Sebgħinijiet) tipprovdi fluss kostanti ta' antibijotiċi ġodda, ħafna minnhom b'mekkaniżmi ta' azzjoni ġodda li daru mal-problemi kkawżati mir-reżistenza għal aġenti preċedenti; billi minn dak iż-żmien huma biss ftit l-aġenti antimikrobiċi li ġew żviluppati u awtorizzati;

F. billi r-reżistenza antimikrobika hija problema importanti li baqgħet fil-biċċa l-kbira tagħha mhux solvuta u saret theddida għas-saħħa pubblika fl-Ewropa u fid-dinja, li ssarrfet fi trattamenti itwal u iktar ikkumplikati, tnaqqis tal-kwalità tal-ħajja, riskju ikbar ta' mewt (huma 25 000 il-pazjenti li jmutu kull sena fl-Unjoni Ewropea minħabba infezzjoni kkawżata minn mikrorganiżmi reżistenti), iżjed spejjeż fl-assistenza sanitarja u telf fil-produttività li jammonta għal tal-anqas EUR 1,5 biljun fis-sena;

G. billi perċentwal għoli ta' infezzjonijiet nożokomjali huwa kkawżat minn batterji estremament reżistenti għall-iStaphylococcus aureus reżistenti għall-metiċillina (MRSA) u għas-C. difficile, li jirrappreżentaw riskju gravi għas-sikurezza tal-pazjenti;

H. billi r-reżistenza antimikrobika tant saret kwistjoni kritika li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa adottatha bħala t-tema tal-Jum Dinji tas-Saħħa ta' din is-sena li jiġi mfakkar fis-7 ta' April 2011 u li l-Unjoni Ewropea ilha mill-2008 torganizza annwalment jum Ewropew tas-sensibilizzazzjoni dwar l-użu tajjeb tal-antibijotiċi fit-18 ta' Novembru;

I. billi l-użu inadegwat u irrazzjonali tal-mediċini antimikrobiċi joffri kundizzjonijiet favorevoli biex jinbtu, jinfirxu u jippersistu mikrorganiżmi reżistenti;

J. billi r-reżistenza antimikrobika fil-bnedmin sikwit hija kkawżata minn dożi inadegwati ta' antibijotiċi, minn kuri żbaljati u permezz tal-esponiment kontinwu tal-organiżmi patoġeni għall-aġenti antimikrobiċi fl-isptarijiet;

K. billi l-iġjene tajba fil-forma tal-ħasil u t-tnixxif effikaċi tal-idejn tista' tgħin biex titnaqqas il-ħtieġa għal antibijotiċi u aġenti antimikrobiċi;

L. billi minkejja l-projbizzjoni tal-użu ta' antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir u r-rieda li jitnaqqas il-konsum veterinarju tal-antibijotiċi għal għanijiet "ta' prevenzjoni" mhux xierqa, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi taffettwa kemm il-bnedmin kif ukoll l-annimali u tista' potenzjalment tiġi trasmessa bejniethom, u minħabba f'hekk din hija tassew kwistjoni trasversali li titlob approċċ ikkoordinat fuq livell tal-Unjoni; billi sforzi addizzjonali huma għalhekk meħtieġa biex itejbu l-prattiki agrikoli li jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju assoċjat mal-użu ta' antibijotiċi għal skopijiet veterinarji u l-iżvilupp ta' reżistenza fil-bnedmin,

M. billi t-trobbija tajba tal-annimali tnaqqas sal-minimu l-bżonn ta' antibijotiċi;

N. billi l-azzjoni kontra r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini tal-bniedem ma tistax għaldaqstant ma tittiħidx flimkien ma' miżuri intiżi biex jiġġieldu r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' għelejjel;

O. billi l-EPRUMA ([1]) hija inizjattiva b'ħafna partijiet interessati intiża li tippromwovi l-użu responsabbli tal-mediċini veterinarji; billi l-kunċett ta' One Health ikopri kemm il-mediċini tal-bniedem kif ukoll dawk veterinarji u l-EPRUMA tirrikonoxxi l-aġenti antimikrobiċi bħala problema fl-ambitu ta' One Health,

P. billi huwa ċar li r-reżistenza antimikrobika tikkostitwixxi fenomenu li għandu implikazzjonijiet transfruntieri u ma tistax tiġi eskluża l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet estremi li wisq probabbli ma tkunx tista' tiġi ġestita bir-riżorsi u bl-għarfien attwali u jaf ikollhom riperkussjonijiet fuq livell mediku, soċjali u ekonomiku imprevedibbli;

([1]) European Platform for the Responsible Use of Medicines in Animals (Pjattaforma Ewropea għall-Użu Responsabbli tal-Mediċini fl-Annimali).

1. Josserva mħasseb li r-reżistenza antimikrobika hija theddida dejjem ikbar għas-saħħa pubblika fl-Ewropa u fid-dinja kollha, minkejja l-azzjonijiet meħuda f'livell Ewropew u internazzjonali;

2. Jappella għal intensifikazzjoni ulterjuri tal-ġlieda kontra r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini tal-bniedem, b'enfasi, f'dan l-ordni ta' prijorità li ġej, fuq:

— l-użu prudenti ta' aġenti antimikrobiċi kemm fil-bnedmin kif ukoll fl-annimali u jiġi garantit li jintużaw biss meta effettivament meħtieġa għal trattament reali tal-mard, bid-dożaġġ, l-intervalli tad-dożi u t-tul ta' żmien korretti,

— il-monitoraġġ u s-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobika,

— il-bżonn ta' riċerka u ta' żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi u alternattivi ġodda,

— ir-rabtiet mal-miżuri intiżi biex jiġġieldu r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' għelejjel;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien qafas leġiżlattiv għal azzjoni kontra r-reżistenza antimikrobika, billi tippromwovi inizjattivi marbuta mal-'użu responsabbli' u ssostni t-tixrid ta' tali inizjattivi u l-informazzjoni dwarhom;

***L-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi***

4. Jerġa' jikkonferma li tinħtieġ azzjoni urġenti biex tevita żieda ulterjuri tal-mikrorganiżmi reżistenti, jew saħansitra treġġa' lura t-tendenza, billi tnaqqas l-użu bla bżonn u inadegwat tal-aġenti antimikrobiċi;

5. Jenfasizza li l-objettiv aħħari hu li l-aġenti antimikrobiċi jibqgħu jinżammu bħala strument effikaċi biex jiġi miġġieled il-mard, kemm fl-annimali kif ukoll fil-bnedmin, filwaqt li l-aġenti antimikrobiċi jintużaw biss meta verament ikun meħtieġ;

6. Josserva li r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2001 [1] u tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2010 identifika sensiela ta' nuqqasijiet u lakuni fil-promozzjoni tal-użu prudenti tar-reżistenza antimikrobika;

7. Josserva li l-livell ta' aċċess għall-informazzjoni dwar ir-reżistenza antimikrobika u l-impatt fuq l-imġiba tal-konsum taċ-ċittadini għadu mhux uniformi fl-Unjoni, partikolarment fir-rigward tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-użu b'riċetta medika biss ta' antibijotiċi, billi l-perċentwal ta' antibijotiċi mibjugħ mingħajr riċetta medika fl-2008 wera differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri;

8. Josserva f'dan ir-rigward li l-Ewropa hija dgħajfa daqs l-aktar ħolqa dgħajfa, għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-pajjiżi b'livelli ta' reżistenza antimikrobika għolja;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti intiżi li jnaqqsu konsiderevolment l-użu tal-antibijotiċi u jidentifikaw u jiddefinixxu l-prinċipji ġenerali u l-aħjar prattiki dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi li jkomplu jelaboraw fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2001 u tiggarantixxi li tali prinċipji u metodi huma implimentati kif suppost fl-Unjoni Ewropea;

[1] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Dokument ta' akkumpanjament tat-tieni rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2002/77/KE) dwar l-użu prudenti ta' aġenti antimikrobiċi fil-mediċina tal-bniedem.

10. Jirrikonoxxi li jeżistu ħafna prekunċetti żbaljati dwar l-antibijotiċi u l-effetti tagħhom, u li skont stħarriġ ikkummissjonat mill-Kummissjoni, 53 % tal-Ewropej għadhom jemmnu li l-antibijotiċi joqtlu l-virus u 47 % jemmnu li huma effikaċi kontra l-irjiħat u l-influwenza (Ewrobarometru Speċjali 338 dwar ir-Reżistenza Antimikrobika, April 2010);

11. Jirrikonoxxi li n-nuqqas, min-naħa tal-pazjenti, ta' aderenza u ta' konformità mar-riċetti mediċi, bħal meta jonqsu milli jtemmu ċ-ċiklu tat-trattament jew ma jsegwux ir-rakkomandazzjonijiet dwar id-dożaġġ, jikkontribwixxi bil-bosta għar-reżistenza antimikrobika;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-kwistjoni tal-użu inadegwat u l-bejgħ ta' aġenti antimikrobiċi b'riċetta medika jew mingħajrha tul il-katina, mit-tabib u l-ispiżjar sal-pazjent, f'termini ta' mġiba tal-atturi kollha involuti u timplimenta strateġija komprensiva fit-tul dwar is-sensibilizzazzjoni ta' dawn l-atturi kollha;

13. Jenfasizza l-fatt li biex jiġi garantit l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi, l-atturi rilevanti għandhom jagħtu attenzjoni lill-użu aħjar tal-antibijotiċi attwalment disponibbli, permezz ta' eżami bir-reqqa tad-dożaġġ, it-tul tat-trattament u l-kombinazzjoni ta' mediċini;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu ħasil u tnixxif tajjeb tal-idejn - speċjalment fl-isptarijiet - sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' infezzjonijiet u titnaqqas il-ħtieġa għall-antibijotiċi;

15. Jilqa' favorevolment, għalhekk, il-jum Ewropew tas-sensibilizzazzjoni dwar l-użu tajjeb tal-antibijotiċi li jitfakkar kull sena fit-18 ta' Novembru, intiż biex jissensibilizza dwar it-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika u biex jappella għal iktar użu responsabbli tal-antibijotiċi permezz ta' azzjonijiet molteplići fl-Istati Membri;

***Il-monitoraġġ u s-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobika***

16. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ta' monitoraġġ u sorveljanza li taħdem sew biex tinġabar data affidabbli u kumparabbli dwar is-suxxettibilità tal-aġenti patoġeni għall-aġenti antimikrobiċi u l-infezzjonijiet ikkawżati minnhom, b'hekk tkun possibbli analiżi tat-tendenzi, twissijiet bikrin u monitoraġġ tal-firxa tar-reżistenza f'livell nazzjonali, reġjonali u Komunitarju u biex tinġabar data dwar il-preskrizzjoni ta' riċetti mediċi u l-użu ta' aġenti antimikrobiċi biex l-użu kumplessiv ikunu jista' jiġi monitorat;

17. Jilqa' favorevolment, għalhekk, il-ħidma li bdiet tagħmel is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) is-Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi għal Użu Veterinarju (ESVAC) u llum imkomplija mill-ECDC, f'dak li huwa ġbir ta' data fuq skala tal-UE, ta' kwalità u kumparabbli dwar ir-reżistenza antimikrobika, filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi pajjiżi; jilqa' favorevolment ukoll il-ħidma mibdija mill-Proġett ta' Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi u llum imkomplija mill-ECDC f'dak li huwa ġbir ta' data fuq skala tal-UE, ta' kwalità u kumparabbli dwar il-konsum tal-antimikrobiċi;

18. Jenfasizza l-importanza tad-dijanjostika fil-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika u jappella għal aktar investimenti f'dan il-qasam kif anki għal użu aktar effiċjenti u għal użu aħjar tal-istrumenti dijanjostiċi attwali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-ECDC u lill-aġenziji tal-UE l-oħra rilevanti jaħdmu flimkien mingħajr dewmien biex jiġu żviluppati sistemi ta' monitoraġġ armonizzati u integrati għar-reżistenza antimikrobika u għall-użu antimikrobiku fl-Ewropa, inkluż rispons għat-twissijiet bikrin għall-mekkaniżmi u għar-razez ta' reżistenza ġdida;

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

***Il-bżonn ta' riċerka u ta' żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi u alternattivi ġodda***

20. Jirrikonoxxi d-distakk dejjem usa' bejn il-frekwenza tal-infezzjonijiet ikkawżati minn mikrorganiżmi reżistenti u t-tnaqqis fir-riċerka u fl-iżvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda qiegħed issa jhedded li jreġġa' s-settur tas-saħħa pubblika lura għall-era preantibijotika;

21. Iqis li t-tnaqqis fir-riċerka u fl-iżvilupp huwa r-riżultat ta' falliment tas-suq u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti, permezz ta' toroq regolamentari u tipi ta' miżuri oħrajn, biex toħloq jew ittejjeb l-inċentivi għall-industrija farmaċewtika biex tintensifika l-investimenti fir-riċerka u żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda u f'alternattivi possibbli,

22. Ifakkar fil-bżonn ta' iżjed riċerka dwar aġenti antimikrobiċi ġodda kif ukoll dwar alternattivi possibbli fi ħdan il-Programmi Qafas tal-UE dwar ir-Riċerka u jheġġeġ riċerka kollaborattiva f'livell tal-UE li twassal għal gwadann f'termini ta' effiċjenza;

23. Josserva li n-nuqqas ta' dijanjożi rapida għen kemm l-użu eċċessiv ta' antibijotiċi kif ukoll biex jgħolli l-kostijiet tal-iżvilupp;

24. Jirrikonoxxi l-bżonn ta' promozzjoni ta' miżuri kumplementari bħall-użu ta' vaċċini effikaċi għall-prevenzjoni tal-infezzjonijiet kif jinsabu fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inċentivi innovattivi għall-antibijotiċi effikaċi tal-1 ta' Diċembru 2009;

***Approċċ olistiku***

25. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-miżuri dwar ir-reżistenza antimikrobika u s-saħħa pubblika huma parti minn approċċ olistiku dwar ir-reżistenza antimikrobika u tirrikonoxxi r-rabtiet mal-miżuri intiżi biex jiġġieldu r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' għelejjel, partikolarment fir-rigward tar-riskju ta' trażmissjoni inkruċjata;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tittratta n-nuqqas ta' informazzjoni fir-rigward tal-użu ta' antibijotiċi fuq skala tal-UE fil-mediċini veterinarji billi tiġbor data speċifika għall-ispeċijiet, ta' kwalità u kumparabbli għal kull Stat Membru;

27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi għall-allinjament u t-titjib tal-valutazzjoni tar-regolamentazzjoni ta' antibijotiċi ġodda;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssostni l-EARSS u l-ESVAC f'dak li hu ġbir ta' data dwar l-użu ta' antibijotiċi bħala bażi għall-miżuri futuri biex ikun garantit użu responsabbli;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi biex jeliminaw gradwalment l-użu profilattiku tal-antibijotiċi fit-trobbija tal-annimali;

30. Jisħaq fuq il-fatt li s-settur tat-trobbija tal-annimali u tal-pixxikultura intensiva għandhom jikkonċentraw fuq il-prevenzjoni tal-mard permezz ta' iġjene, alloġġi u żooteknika tajbin, kif anki miżuri rigorużi ta' bijosigurtà, aktar milli jirrikorru għall-profilassi bl-antibijotiċi;

31. Jappella, b'mod partikolari, għall-istabbiliment ta' prattiki tajba għat-trobbija tal-annimali li jimminimizzaw ir-riskju għar-reżistenza antimikrobika; jenfasizza li dawn il-prattiki għandhom japplikaw b'mod partikolari għall-frieħ raggruppati minn diversi persuni li jrabbu l-bhejjem u għalhekk iżidu r-riskju ta' mard li jittieħed;

32. Josserva li meta r-residwi farmaċewtiċi ma jintremewx b'mod korrett, jispiċċaw fil-passaġġi tal-ilma tagħna b'hekk iżidu l-esponiment mhux intenzjonali għal varjetà ta' sustanzi marbuta mar-reżistenza antibijotika; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi aktar riċerka dwar ir-riperkussjonijiet ta' esponiment fit-tul għar-residwi farmaċewtiċi mill-ilma u mill-ħamrija;

33. Jappella għal separazzjoni bejn l-ingredjenti attivi u l-mekkaniżmi ta' effett użati fil-mediċina tal-bniedem u f'dik veterinarja, sal-punt possibbli, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' reżistenza kontra l-antibijotiċi milli tiġi trasferita mill-annimali mrobbija għall-bniedem, u dan ma jridx, madankollu, jimponi restrizzjonijiet fuq għażliet effikaċi ta' trattament, iżda jenfasizza li dan ma għandux jirriżulta fl-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq alternattivi ta' kura eżistenti li huma effettivi;

34. Iqis li l-użu tal-hekk imsejħa antibijotiċi 'tal-aħħar istanza' li jimmiraw aġenti patoġeni umani għandu jiġi permess għal użu agrikolu biss taħt kundizzjonijiet liċenzjati flimkien mal-monitoraġġ tar-reżistenza, preferibbilment fuq bażi individwali;

***Kooperazzjoni internazzjonali***

35. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-operazzjoni mill-qrib tagħha mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku (OIE) u ma' partijiet u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn f'livell internazzjonali bil-għan li r-reżistenza antimikrobika tiġi ttrattata b'mod aktar effikaċi f'livell dinji; jilqa' f'dan il-kuntest l-istabbiliment tat-task force Transatlantika dwar ir-reżistenza antimikrobika urġenti (TATFAR);

36. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li jkunu disponibbli biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji rilevanti;

*

* *

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Tibet, b'mod partikolari reliġjużi nisa u rġiel jaħarqu lilhom infushom b'idejhom

P7_TA(2011)0474

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-Tibet, b'mod partikolari r-reliġjużi nisa u rġiel li jaħarqu lilhom infushom**

(2013/C 131 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina u t-Tibet, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li jiggarantixxi liċ-ċittadini kollha d-dritt għal-libertà tat-twemmin reliġjuż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tar-reliġjon u l-libertà tal-assoċjazzjoni huma prinċipji fundamentali tal-UE u prijorità tal-politika barranija tagħha,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0449.

B. billi l-Gvern Ċiniż impona restrizzjonijiet drastiċi fuq il-monasteri Buddisti Tibetani fil-prefettura tal-kontea ta' Aba/Ngaba fil-provinċja ta' Sichuan, u f'partijiet oħra tal-plateau tat-Tibet, fosthom attakki għal għarrieda u brutali ta' sigurtà, id-detenzjoni arbitrarja ta' rġiel reliġjużi, aktar sorveljanza fil-monasteri u preżenza permanenti tal-pulizija fil-monasteri sabiex timmonitorja l-attivitajiet reliġjużi,

C. billi dawn il-miżuri ta' sigurtà huma mfassla biex jillimitaw id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà tat-twemmin reliġjuż fil-monasteri Buddisti Tibetani,

D. billi Phuntsog (ta' 20 sena) u Tsewang Norbu (ta' 29 sena) mietu wara li ħarqu lilhom infushom, fis-16 ta' Marzu u fil-15 ta' Awwissu 2011 rispettivament, bħala protesta kontra politiki Ċiniżi restrittivi fit-Tibet,

E. billi l-aħwa ta' Phuntsog li huma iżgħar minnu, Lobsang Kelsang u Lobsang Kunchok (it-tnejn ta' 18-il sena), ħarqu lilhom infushom fis-suq tal-kontea ta' Aba/Ngaba fis-26 ta' Settembru 2011, u billi, għalkemm ma mitux, il-kundizzjoni attwali tagħhom għadha mhijiex ċara,

F. billi Dawa Tsering, raġel reliġjuż ta' 38 sena fil-Monasteru ta' Kardze, ħaraq lilu nnifsu fil-25 ta' Ottubru 2011, u billi l-persunal tas-sigurtà Ċiniż tfew in-nar u ppruvaw joħorġuh minn hemm, u billi dan ir-raġel reliġjuż bħalissa qed jiġi protett minn sħabu reliġjużi fil-monasteru, u billi l-kundizzjoni tiegħu hija kritika,

G. billi Kelsang Wangchuk, raġel reliġjuż ta' 17-il sena fil-Monasteru ta' Kirti, ħaraq lilu nnifsu fit-3 ta' Ottubru 2011 u ttieħed minnufih mis-suldati Ċiniżi, li tfew in-nar u tawh xebgħa kbira qabel ma ħaduh 'il barra, u billi l-istat attwali tal-benessri tiegħu u l-post fejn qed jinżamm mhumiex magħrufa,

H. billi żewġ ex irġiel reliġjużi minn Kirti, Choephel (ta' 19-il sena) u Kayang (ta' 18-il sena), żammew idejn xulxin u ħarqu lilhom infushom filwaqt li talbu r-ritorn tad-Dalai Lama u d-dritt għal-libertà reliġjuża, u billi mietu wara din il-protesta,

I. billi l-ex raġel reliġjuż minn Kirti, Norbu Damdrul (ta' 19-il sena), li ħaraq lilu nnifsu fil-15 ta' Ottubru 2011, kien it-tmien Tibetan li ħaraq lilu nnifsu, u billi l-benessri tiegħu u l-post fejn qed jinżamm attwalment mhumiex magħrufa,

J. billi fis-17 ta' Ottubru 2011 mara reliġjuża mill-Kunvent ta' Ngaba Mamae Dechen Choekorling, Tenzin Wangmo (ta' 20 sena), mietet, u billi kienet l-ewwel mara li ħarqet lilha nnifsha,

K. billi l-att li wieħed jaħraq lilu nnifsu jista' jitqies bħala bħala forma ta' protesta u espressjoni tad-disperazzjoni li qed tiżdied li tinħass miż-żgħażagħ Tibetani, speċjalment fil-komunità tal-Monasteru ta' Kirti,

L. billi, ikunu xi jkunu l-motivazzjonijiet personali li jwasslu għal dawn l-atti, iridu jitqiesu fil-kuntest usa' tar-repressjoni reliġjuża u politika fil-kontea ta' Aga/Ngaba, li tmur lura ħafna snin,

M. billi l-issikkar tal-kontroll tal-istat fuq il-prattika reliġjuża permezz ta' għadd ta' regolamenti maħruġa mill-Gvern Ċiniż fl-2007 kkontribwixxa għad-disperazzjoni tat-Tibetani fil-plateau kollu tat-Tibet,

N. billi r-regolamenti attwali wessgħu drammatikament il-kontroll tal-istat fuq il-ħajja reliġjuża, filwaqt li ħafna espressjonijiet ta' identità reliġjuża huma soġġetti għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-istat, inkluż ir-rikonoxximent tal-lamas reinkarnati,

O. billi qorti Ċiniża tat sentenza ta' ħabs lil tliet irġiel reliġjużi Tibetani rigward il-mewt tar-raġel reliġjuż Phuntsog, li ħaraq lilu nnifsu fis-16 ta' Marzu 2011, għaliex qalet li ħbewh u ma tawhx kura medika, u billi akkużathom b'"omiċidju intenzjonat",

P. billi f'Marzu 2011, wara l-ewwel inċident li fih xi ħadd ħaraq lilu nnifsu, persunal armat iċċirkonda l-Monasteru ta' Kirti u qata' l-aċċess tiegħu għall-ikel u l-ilma għal diversi ġranet; billi l-uffiċjali ġodda tas-sigurtà mibgħuta l-monasteru imponew programm obbligatorju ġdid ta' "edukazzjoni patrijottika", u billi aktar minn 300 raġel reliġjuż ittieħdu mill-monasteru fi trakkijiet militari u ġew detenuti f'postijiet mhux speċifikati biex jingħataw indottrinazzjoni politika għal diversi ġimgħat,

Q. billi l-Gvern Ċiniż akkuża lill-irġiel reliġjużi fil-Monasteru ta' Kirti li kienu involuti f'atti "bl-għan li jħarbtu l-ordni soċjali", inklużi l-vandaliżmu u l-ħruq tagħhom infushom,

R. billi fix-xhur riċenti l-awtoritajiet Ċiniżi ssikkaw is-sigurtà fit-Tibet, speċjalment fiż-żona madwar il-Monasteru ta' Kirti, u billi l-ġurnalisti u l-barranin huma pprojbiti milli jżuru r-reġjun, u billi l-monasteru huwa ssorveljat mill-pulizija kontra l-irvellijiet; billi l-midja barranija ġiet ipprojbita milli tidħol fil-partijiet tat-Tibet fejn hemm l-inkwiet, u billi t-televiżjoni tal-istat Ċiniż naqas milli jirrapporta dwar il-protesti, u billi l-irġiel reliġjużi huma pprojbiti milli jitkellmu dwar il-protesti,

1. Jikkundanna t-trażżin kontinwu mill-awtoritajiet Ċiniżi tal-monasteri Tibetani u jistedinhom jirrevokaw ir-restrizzjonijiet u l-miżuri ta' sigurtà imposti fuq il-monasteri u l-komunitajiet lajċi, u jistabbilixxu mill-ġdid il-linji ta' komunikazzjoni għall-irġiel reliġjużi tal-Monasteru ta' Kirti;

2. Huwa preokkupat ħafna dwar rapporti, minn April li għadda, ta' tmien irġiel reliġjużi Buddisti Tibetani u mara reliġjuża li ħarqu lilhom infushom ħdejn il-Monasteru ta' Ngaba Kirti fil-provinċja Ċiniża ta' Sichuan;

3. Iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż jirrevoka r-restrizzjonijiet u l-miżuri ta' sigurtà ħorox imposti fuq il-Monasteru ta' Kirti, u jipprovdi informazzjoni dwar fejn jinsabu l-irġiel reliġjużi li ttieħdu bil-forza mill-monasteru; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jippermettu lill-midja internazzjonali indipendenti u lil osservaturi tad-drittijiet tal-bniedem iżuru ż-żona;

4. Jistieden lill-Gvern Ċiniż jiggarantixxi l-libertà tar-reliġjon liċ-ċittadini kollha tiegħu skont l-Artikolu 18 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jabolixxi l-penali kriminali u amministrattivi għar-reliġjon u li ntużaw biex jikkastigaw liċ-ċittadini talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tar-reliġjon;

5. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jirrispettaw id-drittijiet tat-Tibetani fil-provinċji Ċiniżi kollha u jieħdu passi proattivi biex isolvu l-ilmenti sottostanti kollha tal-popolazzjoni Tibetana taċ-Ċina;

6. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi ma jibqgħux jippromwovu politiki li jheddu l-lingwa, il-kultura, ir-reliġjon, il-wirt u l-ambjent Tibetani, bi ksur tal-Kostituzzjoni Ċiniża u tal-liġi Ċiniża li jagħtu l-awtonomija lill-minoranzi etniċi;

7. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jipprovdi dettalji sħaħ rigward l-istat tat-300 raġel reliġjuż li ttieħdu mill-Monasteru ta' Kirti f'April 2011, li fir-rigward tagħhom intervenew diversi Proċeduri Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Għajbien Infurzat jew Involontarju;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jkun rsponsabbli għall-istatus ta' dawk it-Tibetani li "ttieħdu l-isptar" wara li ħarqu lilhom infushom, anke fir-rigward tal-aċċess tagħhom għat-trattament mediku;

9. Jikkundanna l-għoti ta' sentenza ta' ħabs lill-irġiel reliġjużi ta' Kirti u jinsisti fuq id-dritt tagħhom għal proċess ġust u għall-għoti ta' assistenza legali xierqa għat-tul kollu tal-proċess; jitlob li osservaturi indipendenti jingħataw aċċess għall-irġiel reliġjużi ta' Kirti li huma detenuti;

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

10. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà toħroġ stqarrija pubblika li tesprimi l-preokkupazzjoni tal-UE fir-rigward tas-sitwazzjoni li sejra għall-agħar fil-kontea ta' Aba/Ngaba u li theġġeġ ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, flimkien ma' moderazzjoni min-naħa tal-pulizija tas-sigurtà;

11. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi ma jibqgħux jimplimentaw politiki kontroproduttivi u programmi aggressivi ta' "edukazzjoni patrijottika" f'żoni ppopolati minn Tibetani bħal Sichuan, Gansu u Qinghai, postijiet fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ħoloq tensjonijiet;

12. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jirrispettaw ir-riti tal-mewt tradizzjonali Tibetani u li jirritornaw il-fdalijiet skont ir-ritwali Buddisti u mingħajr dewmien jew xkiel;

13. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jistiednu lill-Gvern Ċiniż jerġa' jibda d-djalogu mad-Dalai Lama u r-rappreżentanti tiegħu bl-għan li tinkiseb awtonomija vera għat-Tibetani fi ħdan ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u jwaqqaf il-kampanja tiegħu biex jiskredita d-Dalai Lama bħala mexxej reliġjuż;

14. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni tqajjem kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-Summit li jmiss bejn l-UE u ċ-Ċina, u jistieden lill-President tal-Kummissjoni u lill-President tal-Kunsill Ewropew jappoġġjaw b'mod ċar l-identità lingwistika, kulturali u reliġjuża unika tat-Tibet fid-diskorsi uffiċjali tagħhom waqt il-ftuħ jew l-għeluq tas-Summit, f'każ li ma tkunx fl-aġenda għad-diskussjoni;

15. Jistieden lis-SEAE u lid-delegazjzoni tal-UE għaċ-Ċina jimmonitorjaw kostantement is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina u jkomplu jqajmu – f'laqgħat u korrispondenza ma' uffiċjali Ċiniżi – il-każijiet speċifiċi ta' Tibetani individiwali li ntbagħtu l-ħabs talli eżerċitaw paċifikament il-libertà reliġjuża tagħhom, u jippreżentaw rapport lill-Parlament sa mhux aktar tard minn 12-il xahar, li fih jipproponu azzjonijiet li għandhom jittieħdu jew politiki li għandhom jiġu implimentati;

16. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill biex jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-UE għat-Tibet bl-għan li jiġi ffaċilitat il-bidu mill-ġdid tad-djalogu bejn l-awtoritajiet Ċiniżi u l-mibgħuta tad-Dalai Lama b'rabta mad-determinazzjoni ta' status verament awtonomu għat-Tibet fi ħdan ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina;

17. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li huma membri tal-G-20, u lill-President tal-Kummissjoni u lill-President tal-Kunsill Ewropew, iqajmu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet mal-President tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, Hu Jintao, fis-Summit tal-G-20 li se jsir f'Cannes fit-3 u l-4 ta' Novembru 2011;

18. Iħeġġeġ lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina tirrispetta l-libertajiet reliġjużi u d-drittijiet tal-bniedem bażiċi tal-komunitajiet monastiċi u lajċi fi Ngaba, u tissospendi l-implimentazzjoni ta' regolamenti dwar il-kontroll reliġjuż sabiex il-Buddisti Tibetani jkunu jistgħu jidentifikaw u jedukaw għalliema reliġjużi b'mod konsistenti mat-tradizzjonijiet Tibetani, teżamina mill-ġdid il-politiki reliġjużi u ta' sigurtà implimentati fi Ngaba mill-2008 'l hawn, u tibda djalogu trasparenti mal-mexxejja tal-iskejjel Buddisti Tibetani;

19. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jirrispetta standards tad-drittijiet tal-bniedem miftiehma internazzjonalment u jonora l-obbligi tiegħu skont il-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin;

20. Jesprimi l-ħtieġa li d-drittijiet tal-komunitajiet ta' minoranza taċ-Ċina jitqiegħdu fl-aġenda għal ċikli futuri tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina;

21. Iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż jirratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni/Viċi President tal-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

# Il-Baħrejn

P7_TA(2011)0475

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-Baħrejn

(2013/C 131 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn, b'mod partikolari dik tas-7 ta' April 2011 ([1]) dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn u dik tas-7 ta' Lulju 2011 ([2]) dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-Dinja Għarbija u tal-Afrika ta' Fuq,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2011 ([3]) dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tiegħu tat-12 ta' April 2011 dwar il-mewta ta' żewġ attivisti ċiviċi mill-Baħrejn, u dik tat-28 ta' April 2011 fejn ikkundanna s-sentenzi ta' qtil ta' erba' persuni mill-Baħrejn li pparteċipaw fi protesti paċifiċi,

— wara li kkunsidra s-Seduta ta' Smigħ dwar il-Baħrejn fis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli (VP/HR) dwar il-Baħrejn tal-10, it-12 u t-18 ta' Marzu 2011; tat-3 ta' Mejju u tl-1 ta' Lulju 2011; tal-31 ta' Awwissu 2011 u tat-8 u tat-30 ta' Settembru 2011, u d-dikjarazzjonijiet mill-VP/HR dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu, is-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-Parlament Ewropew fit-12 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Baħrejn tat-23 ta' Mejju, it-12 ta' April u l-21 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-23 ta' Ġunju u tat-30 ta' Settembru 2011 mis-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-kundanni kontra 21 attivisti politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u mexxejja tal-oppożizzjoni Baħrejni,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar il-Baħrejn maħruġa matul is-66 Assemblea Ġenerali tan-NU fid-29 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-istampa maħruġa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Baħrejn fil-5 ta' Ottubru 2011 u d-dikjarazzjoni tal-Ministeru għas-Saħħa tal-Baħrejn dwar il-kundanni ta' Tobba, Infirmiera u Ħaddiema tas-Settur fit-30 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Prosekutur Pubbliku tal-Baħrejn rigward ir-riproċessar ta' tobba li kienu ġew ikkundannati fi proċessi militari, li nħarġet fit-23 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, il-Konvenzjoni Konta t-Tortura u Trattamenti oħra Ħorox, Inumani u Degradanti, u l-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tl-Bniedem, li għalihom kollha l-Baħrejn huwa pajjiż firmatarju,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19(d) tal-Kostituzzjoni tal-Baħrejn,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0148.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0333.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0109.

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2004, kif aġġornata fl-2008,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Human Rights Watch maħruġ fi Frar 2010,

— wara li kkunsidra l-karta ta' tagħrif għall-pubbliku mit-tobba, "Is-Servizzi ta' Kura tas-Saħħa paralizzati: It-trażżin militari tal-Baħrejn b'rabta mal-pazjenti f'April 2011" ('*Health Services Paralysed: Bahrain's military crackdown on patients on April 2011*'),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, ispirati minn movimenti popolari fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani, seħħew b'mod regolari protesti favur id-demokrazija fil-Baħrejn sa minn Frar, fejn intalbu riformi istituzzjonali, politiċi, ekonomiċi u soċjali, bl-għan li tinkiseb demokrazija ġenwina, jiġu miġġielda l-korruzzjoni u n-nepotiżmu, jiġi żgurat rispett tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u jinħolqu kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali mtejba; billi l-protesti paċifiċi twaqqfu permezz ta' użu eċċessiv tal-forza mill-awtoritajiet tal-Baħrejn, fejn inqatlu għexieren ta' protestanti, u billi r-reazzjoni tal-komunità internazzjonali ma seħħitx malajr biżżejjed u kienet wisq dgħajfa;

B. billi, wara talba mill-Gvern Baħrejni, eluf ta' forzi barranin mill-Arabja Sawdija u mill-Emirati Gharab Magħquda taħt il-bandiera tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) intbagħtu fil-Baħrejn;

C. billi mill-inqas 20 tabib u paramediku, li kienu ġew ikkundannati għal bejn 5 u 15-il sena ħabs għal attivitajiet allegati kontra l-gvern fiwaqt li kienu qed iwettqu dmirijiethom u jġibu ruħhom bi qbil malkodiċi etiku tagħhom billi ttrattaw protestanti midruba b'mod ekwu u mingħajr diskriminazzjoni iktar kmieni din is-sena, reġgħet ġiet ikkonfermata l-kundanna tagħhom minn tribunal militari fid-29 ta' Settembru 2011; billi minħabba l-pressjoni internazzjonali, l-Avukat Ġenerali Baħrejni, Ali Alboainain, ħabbar nhar l-Erbgħa 5 ta' Ottubru 2011 li l-20 tabib u paramediku kienu se jerġgħu jiġu pproċessati quddiem qrati ċivili, u dawn il-proċessi bdew fit-23 ta' Ottubru 2011;

D. billi għadd ta' tobba kkundannati kienu mħarrġa fi Stati Membri tal-UE, huma parti minn organizzazzjonijiet mediċi professjonali bbażati fl-UE u għandhom reputazzjoni tajba fost il-kollegi internazzjonali;

E. billi t-trażżin immirat fuq it-tobba u l-paramediċi għandu konsegwenzi serji fuq il-ħidma tal-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali; billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem ikkundanna l-ħtif mill-forzi tas-sigurtà ta' faċilitajiet mediċi u l-arrest arbitrarju u t-trattament ħażin ta' persunal mediku bħala imġiba xukkanti u illegali;

F. billi fis-6 ta' Settembru 2011, il-Qorti ta' Appell għas-Sigurtà Nazzjonali, li hija mmexxija mill-militar, ikkonfermat il-kundanni kontra mill-inqas 21 attivist Baħrejni tad-drittijiet tal-bniedem prominenti u opponenti tar-reġim, inkluż bloggers u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, Dr Abduljalil Al-Singace u Abdulhadi Al-Khawaja, kollha ċivili, allegatament għaliex ikkonfoffaw biex iwaqqgħu l-gvern; billi madwar 60 ċivil ġew ipproċessati fi Qrati tas-Sigurtà Nazzjonali dis-sena;

G. billi bosta attivisti politiċi oħra, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti inżammu f'ħabsijiet matul il-protesti reċenti favur ir-riforma; billi skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, dawn ġew ittorturati, trattati ħażin u turmentati mill-forzi tas-sigurtà;

H. billi l-Viċi Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH), Nabeel Rajab, President taċ-Ċentru Baħrejni għad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tħalliex jitlaq mill-pajjiż u għadu qed jiġi mhedded u turmentat mill-forzi tas-sigurtà;

I. billi l-eks Viċi President tal-Assoċjazzjoni tal-Għalliema tal-Baħrejn, Jalila al-Salman, ġiet arrestata għat-tieni darba f'darha fit-18 ta’ Ottubru 2011; billi fit-23 ta’ Settembru 2011, 16-il mara u erba’ bniet inżammew u ġew akkużati minn "assemblea pubblika illegali", irvell u "inċitazzjoni għall-mibgħeda tar-reġim";

J. billi fit-22 ta’ Mejju 2011, il-kundanni ta’ mewt imposti fuq Ali ‘Abdullah Hassan al-Sankis u ‘Abdulaziz ‘Abdulridha Ibrahim Hussain, akkużati mill-qtil ta’ żewġ pulizija matul protesti kontra l-gvern fil-Baħrejn, ġew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Nazzjonali; billi l-każ taż-żewġ irġiel ġie irriferit f'appell lill-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Baħrejn, li hija maħsuba li se tagħti s-sentenza tagħha fit-28 ta’ Novembru 2011;

K. billi mijiet ta’ persuni, inkluż għalliema u professjonisti tal-kura tas-saħħa, tkeċċew, ġew arrestati jew akkużati minn offiżi foloz fi proċessi tal-massa quddiem qrati militari wara protesti, u bosta fosthom għadhom ma kisbux lura l-pożizzjoni tagħhom wara li tkeċċew talli appoġġaw il-protesti, minkejja t-talba tar-Re li dan iseħħ fil-parti l-kbira tal-każijiet;

L. billi ’l fuq minn 40 persuna nqatlu sa minn meta bdew il-protesti kontra l-gvern, inkluż Ahmed al-Jaber al-Qatan, li allegatament inqatel b'tir ta’ arma tan-nar meta kien qed jipparteċipa fi protesta kontra l-gvern fis-6 ta’ Ottubru 2011 viċin il-belt kapitali Manama, u issa infetħet investigazzjoni dwar dan il-każ;

M. billi l-istat tas-sigurtà nazzjonali fil-Baħrejn twaqqa’ fl-1 ta’ Ġunju 2011 u fit-2 ta’ Lulju 2011, ir-Re Hamad Bin Isa al-Khalifa nieda Djalogu Nazzjonali biex jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini tal-Baħrejn wara l-avvenimenti reċenti; billi r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mid-Djalogu tressqu lir-Re;

N. billi fid-29 ta’ Ġunju 2011, twaqqfet mir-Re Hamad il-Kummissjoni ta’ Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn (BICI), inkluż komponent internazzjonali indipendenti, sabiex tinvestiga l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem matul it-tražżin reċenti min-naħa tal-gvern fir-rigward ta’ protestanti favur ir-riforma, u din se tressaq is-sejbiet tagħha fit-23 ta’ Novembru 2011;

O. billi fl-24 ta’ Settembru 2011, seħħew elezzjonijiet għall-kamra t'isfel tal-parlament sabiex jimtlew 18-il siġġu li tbattlu minn Al-Wefaq, partit tal-oppożizzjoni li ħareġ mil-leġiżlatura tan-nazzjon tal-Lvant Nofsani bi protesta kontra t-trattament tal-protestanti matul il-kunflitti iktar kmieni dis-sena;

1. Jikkundanna r-ripressjoni taċ-ċittadini fil-Baħrejn li wasslet biex inqatlu u indarbu għexieren ta’ persuni, u jħeġġeġ il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-protestanti paċifiċi kollha, attivisti politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tobba u paramediċi, bloggers u ġurnalisti, u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familjari tal-vittmi kollha;

2. Jitlob li l-forzi ta’ sigurtà u l-awtoritajiet tal-Baħrejn iwaqqfu l-vjolenza, ir-ripressjoni u ż-żamma ta’ protestanti paċifiċi, u biex irażżnu lilhom infushom meta jkunu qed jippruvaw jikkontrollaw il-protesti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jaġixxu b'konformità stretta mal-leġiżlazzjoni u mal-obbligi internazzjonali tagħhom.

3. Itenni l-fehma tiegħu li l-protestanti esprimew l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi tagħhom u jitlob lill-Gvern Baħrejni biex jibda djalogu ġenwin, b'sens u kostruttiv mal-oppożizzjoni, mingħajr dewmien ulterjuri jew prekundizzjonijiet addizzjonali, sabiex isiru r-riformi meħtieġa, titheġġeġ ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u jiġi ristawrat il-kunsens soċjali;

4. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu rigward il-preżenza ta' truppi barranin taħt l-eġidju tal-GCC fil-Baħrejn u jitlob biex dawn jitilqu immedjatament; itenni t-talba tiegħu biex il-GCC jikkontribwixxi b'mod kostruttiv u jaġixxi ta' medjatur fl-interess ta' riformi paċifiċi fil-Baħrejn;

5. Jikkundanna l-użu ta' qrati militari speċjali biex jiġu proċessati ċivili, peress li dan huwa ksur tal-istandards internazzjonali ta' proċessi ġusti, u jenfasizza li ċ-ċivili għandhom jiġu proċessati fi qrati ċivili u li kull persuna arrestata ħaqqha proċess ġust, b'aċċess adegwat għal avukat u b'biżżejjed żmien biex tiġi ppreparata difiża; jitlob biex jieqfu minnufih il-proċessi tal-massa ta' ċivili f'qorti militari, il-Qorti għas-Sigurtà Nazzjonali;

6. Jilqa' d-deċiżjoni li t-tobba u l-infirmiera jerġgħu jiġu proċessati fi qrati ċivili iżda jqis li l-akkużi kollha kontrihom għandhom jaqgħu, u jitlob biex il-qrati ċivili jirrilaxxaw it-tobba u l-persunal mediku b'mod inkondizzjonat u immedjat, peress li dawn kienu qed jaġixxu bi qbil mad-dmir professjonali tagħhom u ġew akkużati talli taw għajnuna medika lil dawk li jopponu r-reġim, kif ukoll reati serji li jidhru ta' natura politika u li għalihom ma tressqux provi kredibbli, kif ukoll li jirrilaxxaw l-attivisti politiċi l-oħra kollha, ġurnalisti, għalliema, bloggers u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minħabba n-natura arbitrarja tal-akkużi u tal-proċedimenti kollha kemm huma; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sentenzi ta' għomor il-ħabs li ngħataw lil mill-inqas tmien attivisti tal-oppożizzjoni u lil mill-inqas 13-il persuna li ngħataw sa 15-il sena ħabs;

7. Jenfasizza li l-għoti ta' trattament imparzjali għall-midruba huwa parti mill-obbligu legali bażiku taħt il-liġi umanitarja, u jħeġġeġ lill-Baħrejn, bħala pajjiż firmatarju tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, biex jirrispetta l-obbligi fir-rigward tal-provvista ta' kura tas-saħħa lill-morda u lill-midruba;

8. Jitlob lir-Renju tal-Baħrejn biex jippermetti lill-mediċi kollha li jerġgħu jibdew iwettqu xogħolhom u biex dawn u t-tmijiet ta' difiża tagħhom jingħataw aċċess għal rapporti ta' eżami mediku mill-eżami tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn fir-rigward tat-tobba arrestati;

9. Iwissu kontra l-abbuż ta' liġijiet ta' sigurtà nazzjonali;

10. Jitlob lill-awtoritajiet biex jistabbilixxu mill-ġdid u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-pluraliżmu tal-midja, kemm online kif ukoll offline, il-libertà tal-espressjoni u tal-assemblea, il-libertà tat-twemmin reliġjuż, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u miżuri kontra d-diskriminazzjoni, u biex itemmu ċ-ċensura; jitlob lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jaċċettaw iż-żjara mitluba tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem;

11. Jinnota li eluf ta' impjegati tilfu l-impjieg tagħhom minħabba li pparteċipaw fil-protesti paċifiċi kontra l-gvern; jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lill-intrapriżi Ewropej involuti sabiex jerġgħu jagħtu x-xogħol immedjatament lil dawn il-persuni u biex jiżguraw li dawn jingħataw kumpens għat-telf finanzjarju;

12. Jinnota b'mod pożittiv id-deċiżjoni tar-Re Hamad li jwaqqaf kummissjoni indipendenti biex tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tas-sigurtà matul it-trażżin tal-gvern fuq protestanti paċifiċi favur ir-riforma; iħeġġeġ imparzjalità u trasparenza sħiħa għall-kummissjoni u jitlob lill-Gvern tal-Baħrejn biex ma jinterferixxix fil-ħidma tagħha u biex jiżgura li min wettaq ir-reati u l-persuni kollha responsabbli għat-trażżin vjolenti jinġiebu quddiem il-ġustizzja u jingħataw proċess adegwat;

13. Jilqa' t-twaqqif ta' Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-Iżvilupp Soċjali fil-Baħrejn, u jitlob li l-ministeru jaġixxi bi qbil mal-istandards u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

14. Jitlob biex jiġu ammessi osservaturi internazzjonali għall-proċessi ta' priġuniera politiċi kif ukoll biex dawn jitħallew jimmonitorjaw il-ħidma tal-kummissjoni indipendenti li tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem biex tiġi żgurata oġġettività skont l-istandards internazzjonali;

15. Jitlob biex l-awtoritajiet tal-Baħrejn u r-Re tal-Baħrejn ibiddlu l-kundanni tal-mewt ta' Ali 'Abdullah Hassan al-Sankis u 'Abdulaziz 'Abdulridha Ibrahim Hussain; itenni l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għall-użu tal-piena tal-mewt u jheġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jiddikjaraw moratorja immedjata;

16. Iqis li l-investigazzjoni li nbdiet rigward il-mewt tat-tifel ta' 16-il sena, Ahmed al-Jaber al-Qatan, matul protesta kontra l-gvern għandha tkun indipendenti, li s-sejbiet għandhom ikunu ppubblikati u li l-persuni responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja;

17. Jenfasizza l-importanza ta' rikonċiljazzjoni bħala parti essenzjali tar-riforma u tal-istabilità fis-soċjetà mimlija diversità tal-Baħrejn, li fiha d-drittijiet ta' kull ċittadin għandhom jiġu garantiti b'mod ekwu kemm bil-miktub kif ukoll fil-prattika tal-liġi;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju tal-Baħrejn.

## Il-każ ta' Rafah Nached fis-Sirja

P7_TA(2011)0476

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-każ ta' Rafah Nached fis-Sirja**

(2013/C 131 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 18 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u l-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li tagħhom is-Sirja hija parti,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet maħruġa mill-kelliem ta' Catherine Ashton, ir-Rappreżentant Għoli tal-UE, fit-30 ta' Awwissu 2011 dwar l-aggravar tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja u fit-23 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni ta' Rafah Nached fis-Sirja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet li appellaw għall-ħelsien ta' Rafah Nached li saru minn Isabelle Durant u Libor Rouček, Viċi Presidenti tal-Parlament, u minn Veronique de Keyser, Viċi President tal-Grupp S&D, waqt is-seduti plenarji tal-14, il-15 u d-29 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 u tat-23 ta' Ottubru 2011 u s-sanzjonijiet adottati fit-13 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tas-7 ta' April 2011 ([1]) u tas-7 ta' Lulju 2011 ([2]) dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, fil-Baħrejn u fil-Jemen,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-15 ta' Settembru 2011 ([3]) dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0148.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0333.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0387.

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

A. billi Rafah Nached, l-ewwel psikoanalista tas-Sirja li teżerċita l-professjoni u l-fondatriċi tal-Iskola ta' Psikoanaliżi ta' Damasku, ġiet arrestata u miżmuma arbitrarjament fl-10 ta' Settembru 2011 fl-ajruport ta' Damasku minn uffiċjali tas-Servizzi Sigrieti Ġenerali; billi hija magħrufa għall-kura ta' vittmi ta' trawmi psikoloġiċi kif ukoll għall-impenn attiv tagħha favur id-djalogu bejn is-Sirjani kollha;

B. billi s-Sa Nached għandha 66 sena u tinsab f'kundizzjonijiet ta' saħħa prekarji billi tbati minn marda kardijaka, qiegħda tfieq minn kanċer, tbati minn ipertensjoni u teħtieġ tiegħu mediċini regolarment; billi fil-ħabs saħħitha qiegħda tmur għall-agħar u dan qiegħed jaggrava l-kundizzjoni kardijaka tagħha;

C. billi s-Sa Nached kienet qiegħda fuq vjaġġ lejn Pariġi biex tingħaqad ma' bintha, li qiegħda tistenna tarbija, meta ttieħdet il-ħabs mingħajr akkuża u inizjalment kienet miżmuma f'detenzjoni sigrieta;

D. billi fl-14 ta' Settembru 2011 ġiet akkużata b"attivitajiet li jistgħu jiddestabbilizzaw lill-Istat' u l-imħallef ċaħad it-talba li tinħareġ bi pleġġ; billi n-natura tal-akkuża u l-paranojja li ħakmet ir-reġim għal dawn l-aħħar sitt xhur żdiedu l-biża' ta' perjodu twil ta' detenzjoni intiż biex jintimida l-komunità intellettwali Sirjana kollha;

E. billi fi ftit sigħat ġiet organizzata kampanja internazzjonali enormi, inkluża petizzjoni għall-ħelsien immedjat u inkundizzjonat tagħha;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-arrest u d-detenzjoni arbitrarji ta' Rafah Nached mill-awtoritajiet Sirjani;

2. Jesprimi t-tħassib gravi tiegħu dwar is-sitwazzjoni tas-Sa Nached, fid-dawl tal-kundizzjonijiet prekarji ta' saħħitha;

3. Jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jeħilsu immedjatament u inkundizzjonatament lis-Sa Nached minħabba raġunijiet mediċi u umanitarji u jiggarantixxu s-sikurezza fiżika tagħha u r-ritorn għand il-familja tagħha mill-aktar fis possibbli;

4. Jitlob lill-awtoritajiet Sirjani jawtorizzaw l-organizzazzjonijiet umanitarji u t-tobba biex jittrattaw il-vittmi tal-vjolenza u jagħtuhom aċċess għar-reġjuni kollha tal-pajjiż, u jitħallew jiżvolġu l-ħidma leġittima u paċifika tagħhom mingħajr biża' ta' rappreżalji u mingħajr ebda restrizzjoni, inklużi l-vessazzjonijiet ġudizzjarji; jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jikkonformaw mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u mal-impenji internazzjonali kif anki jiggarantixxu l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega Għarbija u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Abbozz ta' Baġit Emandatorju Nru 5/2011 - Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u Taqsima X - Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna

P7_TA(2011)0445

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u Taqsima X – Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna (13991/2011 – C7-0244/2011 – 2011/2131(BUD))**

(2013/C 131 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, adottat b'mod aħħari fis-15 ta' Diċembru 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-22 ta' Ġunju 2011 (COM(2011)0374),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2011, stabbilit mill-Kunsill fit-12 ta' Settembru 2011 (13991/2011– C7-0244/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75b tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0346/2011),

A. billi l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2011 għall-baġit ġenerali 2011 ikopri modifiki tal-pjani ta' stabbiliment għal żewġ istituzzjonijiet, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) u s-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna (SEAE).

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 64, 12.3.2010.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

B. billi l-istabbiliment tas-SEAE kien iggwidat mill-prinċipji tan-newtralità baġitarja u l-ġestjoni tajba u effiċjenti, filwaqt li jitqiesu b'mod sħiħ l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-finanzi pubbliċi u l-ħtieġa ta' awsterità baġitarja,

C. billi kien jidher ċar sa mill-bidu li kien se jkun meħtieġ li s-servizz jinbena gradwalment u li kellhom ikunu disponibbli riżorsi skont il-progress magħmul fit-tiswira tal-istituzzjoni u l-kapaċità ta' assorbiment attwali;

D. billi il-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2011 ikkonferma t-talba tal-Kummissjoni,

1. Jinnota l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011;

2. Jiddeċiedi li jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 kif jidher hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-emenda tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u korpi oħra konċernati u lill-parlamenti nazzjonali.

## Emenda 1

Sezzjoni: IX: Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

ANNESS - PERSUNAL

| Grupp ta' funzjoni u grad | | | 2011 | |
|---|---|---|---|---|
| | Pożizzjoni tal-Kunsill (=ABE 5/2011) | | Emenda tal-Parlament | |
| | Postijiet tax-xoghol permanenti | Postijiet ghal xoghol temporanju | Postijiet tax-xoghol permanenti | Postijiet ghal xoghol temporanju |
| AD 16 | | | | |
| AD 15 | **+ 1** | | **- 1** | |
| AD 14 | **- 1** | | **+ 1** | |
| AD 13 | | | | |
| AD 12 | | | | |
| AD 11 | 3 | | 3 | |
| AD 10 | 1 | | 1 | |
| AD 9 | 5 | | 5 | |
| AD 8 | 7 | | 7 | |
| AD 7 | 3 | | 3 | |
| AD 6 | 5 | | 5 | |
| AD 5 | 1 | | 1 | |
| Total AD | 26 | | 26 | |
| AST 11 | | | | |
| AST 10 | | | | |
| AST 9 | 1 | | 1 | |
| AST 8 | 1 | | 1 | |

| Grupp ta' funzjoni u grad | 2011 | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Pożizzjoni tal-Kunsill (=ABE 5/2011) | | Emenda tal-Parlament | |
| | Postijiet tax-xogħol permanenti | Postijiet għal xogħol temporanju | Postijiet tax-xogħol permanenti | Postijiet għal xogħol temporanju |
| AST 7 | 1 | | 1 | |
| AST 6 | 1 | | 1 | |
| AST 5 | 3 | | 3 | |
| AST 4 | 2 | | 2 | |
| AST 3 | 3 | | 3 | |
| AST 2 | 3 | | 3 | |
| AST 1 | | | | |
| Total AST | 15 | | 15 | |
| **Total globali** | **41** | | **41** | |

# It-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ***I

P7_TA(2011)0448

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda t-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll it-twaħħil tagħhom (test kodifikat) (COM(2011)0120 – C7-0071/2011– 2011/0053(COD))**

(2013/C 131 E/19)

Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0120),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0071/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0349/2011),

([1]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 153.
([2]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta inkwestjoni fiha evidentement kodifikazzjoni tat-testi eżistenti mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif stabbiit hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0053

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda t-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll it-twaħħil tagħhom (Kodifikazzjoni)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 li tirrigwarda t-tyres ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll għat-twaħħil tagħhom ([3]) ġiet emendata kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Id-Direttiva 92/23/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tas-sistema ta' approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) ([5]) u tistabbilixxi preskrizzjonijiet tekniċi li għandhom jissodisfaw il-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom fir-rigward, fost l-oħrajn, tat-tajers pnewmatiċi. Dawk il-preskrizzjonijiet tekniċi jikkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva 2007/46/KE għal kull tip ta' vettura bil-mutur u karru. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2007/46/KE dwar vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u dwar sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, japplikaw għal din id-Direttiva.

(3) Ir-regoli dwar it-tajers għandhom jistabbilixxu rekwiżiti komuni li jikkonċernaw mhux biss il-karatteristiċi tagħhom imma wkoll ir-rekwiżiti għat-tagħmir ta' vetturi u l-karrijiet tagħhom fir-rigward tat-tajers tagħhom.

([1]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 153.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011.
([3]) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 95.
([4]) Ara l-Anness VII, Parti A.
([5]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

(4) Huwa mixtieq li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tekniċi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Regolament Nru 30 tagħha ('Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom'), kif emendat ([1]), fir-Regolament Nru 54 tagħha ('Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom') ([2]), fir-Regolament Nru 64 tagħha ('Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi mgħammra b'roti/tajers spare għall-użu temporanju'), kif emendat ([3]), u fir-Regolament Nru 117 tagħha ('Dispożizzjonijiet Uniformi dwar l-Approvazzjoni tat-Tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrumblar u l-adeżjoni fuq uċuħ mxarrbin'), kif emendat ([4]), li huma annessi mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijet (Ftehim Rivedut tal-1958) ([5]).

(5) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VII, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'tajer' tfisser kull tajer pnewmatiku ġdid, inklużi tajers għax-xitwa li jkollhom toqob għat-tappini, bħala tagħmir oriġinali jew ta' tibdil, intiż biex jitwaħħal fuq vetturi li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/46/KE. Din id-definizzjoni ma tkoprix tajers tax-xitwa bit-tappini;

(b) 'vettura' tfisser kull vettura li għaliha tapplika d-Direttiva 2007/46/KE;

(c) 'manifattur' tfisser id-detentur tal-isem kummerċjali jew trade mark tal-vetturi jew tat-tajers.

Artikolu 2

1. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V għandhom japplikaw għal tajers intiżi għat-twaħħil fuq vetturi użati għall-ewwel darba fl-1 ta' Ottubru 1980 jew wara.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V ma għandhomx japplikaw għal:

(a) tajers li l-kategorija tal-veloċità tagħhom hija ta' anqas minn 80 km fis-siegħa;

(b) tajers li d-dijametru nominali tar-rimm tagħhom ma jkunx aktar minn 254 mm (jew kodiċi 10) jew ikun 635 mm jew aktar (kodiċi 25);

(c) tajers żejda tat-tip T għal użu temporanju definiti fil-punt 2.3.6 tal-Anness II;

(d) tajers iddisinjati biss biex jitwaħħlu fuq vetturi reġistrati għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Ottubru 1980.

([1]) Id-dokument tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa E/ECE/324 (E3/ECE/TRANS/505) REV — ADD 29, tal-1.4.1975 u l-emendi tiegħu 01,02 u s-supplimenti.
([2]) Id-dokument tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa E/ECE/324 (E/ECE/TRANS/505) REV — ADD 53 u s-supplimenti.
([3]) Id-dokument tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa E/ECE/324 (E/ECE/TRANS/505) REV — ADD 63 u s-supplimenti.
([4]) Id-dokument tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa E/ECE/324 (E/ECE/TRANS/505) REV 2 — ADD.116 u l-emenda tiegħu 0u s-supplimenti.
([5]) Ippubblikat bħala Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip KE, bil-kondizzjoniet stabbiliti fl-Anness I, għat-tipi kollha ta' tajers li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness II, u għandhom jallokawlhom numru ta' approvazzjoni kif speċifikat fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip KE, bil-kondizzjoniet stabbiliti fl-Anness I, għat-tipi kollha ta' tajers li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness V, u għandhom jallokawlhom numru ta' approvazzjoni kif speċifikat fl-Anness I.

3. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip KE għall-vetturi kollha fir-rigward tat-tajers tagħhom bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, meta dawk it-tajers (inklużi tajers żejda, fejn xieraq) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness II u r-rekwiżiti li jikkonċernaw vetturi stabbiliti fl-Anness IV, u għandhom jallokaw għal kull vettura bħal din, numru ta' approvazzjoni kif speċifikat fl-Anness III.

Artikolu 4

Fi żmien xahar mill-ħruġ jew miċ-ċħid ta' approvazzjoni tat-tip KE għal komponent (tajer) jew vettura, l-awtorità ta' approvazzjoni ta' Stat Membru għandha tibgħat kopja taċ-ċertifikat rilevanti, li mudelli tiegħu jinsabu fl-Appendiċi tal-Anness I u tal-Anness III, lill-Istati Membri l-oħra, u jekk tiġi mitluba, għandha tibgħat ir-rapport tat-test fuq kull tip ta' tajer approvat.

Artikolu 5

L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi jew jirrestrinġi t-tqegħid fis-suq ta' tajers li jġorru l-marka ta' approvazzjoni tat-tip KE.

Artikolu 6

L-ebda Stat Membru ma jista' jiċħad li jagħti l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali lil vettura għal raġunijiet relatati mat-tajers tagħha jekk dawk it-tajers iġorru l-marka ta' approvazzjoni tat-tip KE u jekk dawn ikunu mwaħħla skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi l-użu ta' vettura għal raġunijiet relatati mat-tajers tagħha jekk dawn iġorru l-marka ta' approvazzjoni tat-tip KE u huma mwaħħla skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV.

Artikolu 8

1. Jekk fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni sostanzjata, Stat Membru jikkunsidra li tip ta' tajer jew tip ta' vettura huwa perikoluż għalkemm jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, huwa jista', fit-territorju tiegħu, provviżorjament jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' dak il-prodott jew jissuġġettah għal kondizzjonijiet speċjali. Għandu immedjatament jinforma b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni u jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Fi żmien sitt ġimgħat il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istati Membri kkonċernati u wara dan għandha tagħti l-opinjoni tagħha mingħajr dewmien u tieħu l-passi xierqa.

3. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-opinjoni li hemm bżonn ta' adattamenti tekniċi għal din id- Direttiva, tali adattamenti għandhom jiġu adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11. F'dan il-każ, l-Istat Membru li jkun ħa miżuri ta' salvagwardja jista' jżommhom sakemm l-adattamenti jidħlu fis-seħħ.

**It-Tlieta 25 ta’ Ottubru 2011**

Artikolu 9

1. L-Istat Membru li jkun ta l- approvazzjoni tat-tip KE għal komponent (tajer) jew vettura għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat safejn hu neċessarju u jekk hemm bżonn f’kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta’ approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra. Għal dan l-iskop, dak l-Istat Membru jista’ f’kull mument jivverifika l-konformità tat-tajers jew tal-vetturi mar-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva. Din il-verifika għandha tkun limitata għal kontrolli saltwarji.

2. Jekk l-Istat Membru msemmi fil- paragrafu isib illi numru ta’ tajers jew ta’ vetturi bl-istess marka ta’ approvazzjoni ma jikkonformawx mat-tip approvat, għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw miegħu. Fejn ikun hemm nuqqas konsistenti ta’ konformità, dawk il-miżuri jistgħu jestendu għall-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip KE. L-awtoritajiet għandhom jieħdu l-istess miżura jekk ikunu informati mill-awtoritajiet ta’ approvazzjoni ta’ Stat Membru ieħor b’dan in-nuqqas ta’ konformità.

3. L-awtoritajiet ta’ approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom fi żmien xahar jinnotifikaw lil xulxin, permezz tal-formola rilevanti li tinsab fl-Appendiċi tal-Anness I u tal-Anness III, b’kull irtirar ta’ approvazzjoni tat-tip KE u bir-raġunijiet għal tali miżura.

Artikolu 10

Kull deċiżjoni li tittieħed skont id-dispożizzjonijiet adottati għall-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva li tiġi miċħuda jew irtirata approvazzjoni tat-tip KE għal tajer jew għal vettura f’dak li għandu x’jaqsam mat-twaħħil tat-tajers tagħha, li timplika projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq jew tal-użu għandha tagħti fid-dettall ir-raġunijiet kollha li fuqhom hi bbażata. Kull deċiżjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-parti kkonċernata, li għandha fl-istess ħin tiġi informata bir-rimedji disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bil-limiti taż-żmien permessi għall-eżerċizzju ta’ tali rimedji.

Artikolu 11

Kull emenda neċessarja biex ir-rekwiżiti tal-Annessi I sa VI jiġu adattati għall-progress tekniku għandha tiġi adottata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2) tad-Direttiva 2007/46/KE.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri ma jistgħux:

(a) jiċħdu li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni nazzjonali għal tip ta’ vettura jew tip ta’ tajer, jew

(b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni jew jipprojbixxu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ vetturi, u l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz jew l-użu ta’ tajers,

għal raġunijiet li għandhom x’jaqsmu mat-tajers u t-twaħħil tagħhom fuq vetturi ġodda, jekk il-vetturi jew tajers jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f’din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip KE, u għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal dawk it-tipi ta’ tajers li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri ma jistgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni nazzjonali għal tip ta’ vettura, għal raġunijiet li jikkonċernaw it-tajers tagħha jew it-twaħħil tagħhom, jekk ma jkunux sodisfatti r-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom:

(a) jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta’ konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/46/KE bħala mhux validi għall-iskopijiet tal-Artikolu 26(1) ta’ dik id- Direttiva jekk ma jkunux sodisfatti r-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva; u

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

(b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni jew jipprojbixxu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-iskopijiet tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2007/46/KE għat-tajers kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' tajers tal-klassi C1e, li għalihom għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2011.

Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 14

Id-Direttiva 92/23/KEE, kif emendata bl-atti mniżżla fl-Anness VII, Parti A, hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VII, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 15

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 16

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi […],

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

LISTA TAL-ANNESSI

| | |
|---|---|
| ANNESS I | Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip KE għal tajers |
| Appendiċi 1 | Dokument ta' informazzjoni rigward l-approvazzjoni tat-tip KE għal tip ta' tajer |
| Appendiċi 2 | Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE (tajers) |
| Appendiċi 3 | Dokument ta' informazzjoni rigward l-approvazzjoni tat-tip KE għal tip ta' tajer rigward l-emissjoni ta' ħsejjes ikkawżati mill-kuntatt tat-tajer mal-wiċċ tat-triq |
| Appendiċi 4 | Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE (emissjoni ta' ħsejjes tajer/triq) |
| ANNESS II (1) | Rekwiżiti għat-tajers |
| Appendiċi 1 | Figura ta' spjegazzjoni |
| Appendiċi 2 | Lista ta' simboli tal-indiċijiet tal-kapaċità għat-tagħbija (LI) u l-massa massima korrispondenti li għandha tinġarr (KG) |
| Appendiċi 3 | Arranġament għall-immarkar tat-tajers |
| Appendiċi 4 | Relazzjoni bejn l-indiċi tal-pressjoni u l-unitajiet ta' pressjoni |

| | |
|---|---|
| Appendiċi 5 | Il-kejl tar-rimm, id-dijametru ta' barra u l-wisa' tas-sezzjoni ta' tajers ta' ċerti qisien |
| Appendiċi 6 | Metodu ta' kif jitkejlu l-qisien tat-tajers |
| Appendiċi 7 | Proċedura tat-test tagħbija/veloċità |
| Appendiċi 8 | Il-varjazzjoni tal-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija mal-veloċità; tajers radjali u djagonali ta' vetturi kummerċjali |
| ANNESS III | Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi fir-rigward tat-twaħħil tat-tajers tagħhom |
| Appendiċi 1 | Dokument ta' informazzjoni (vettura) |
| Appendiċi 2 | Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE (vettura) |
| ANNESS IV | Rekwiżiti għal vetturi fir-rigward tat-twaħħil tat-tajers tagħhom |
| ANNESS V | Emissjoni ta' ħsejjes tajer/triq |
| Appendiċi 1 | Metodu ta' ttestjar għal-livelli ta' ħoss tajer/triq, il-metodu ta' sewqan bil-magna mitfija |
| Appendiċi 2 | Ir-rapport tat-test |
| ANNESS VI | Speċifikazzjonijiet dwar is-sit tat-test |
| ANNESS VII | Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha/Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni |
| ANNESS VIII | Tabella ta' Korrelazzjoni |

(1) Ir-rekwiżiti tekniċi għat-tyres huma simili għal dawk tar-Regolamenti Nri 30 u 54 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE).

*(It-test tal-Annessi mhuwiex riprodott hawnhekk minħabba raġunjijiet tekniċi. Għal dak it-test, jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011)0120).*

---

# L-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa ***I

P7_TA(2011)0451

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa [dojoq] (COM(2011)0001 – C7-0018/2011 – 2011/0002(COD))**

(2013/C 131 E/20)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0001),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0018/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-16 ta' Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn tar-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tal-21 ta' Settembru 2011 li japprova il-pożizzjoni tal-Parlament, skont it-termini tal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0282/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 132, 3.5.2011, p. 53

## P7_TC1-COD(2011)0002

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, id-Direttiva 2011/87/UE).*

## Magni introdotti fis-suq skont l-iskema tal-flessibilità ***I

P7_TA(2011)0452

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/68/KE rigward id-dispożizzjonijiet għal magni introdotti fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà (COM(2010)0362 – C7-0171/2010 – 2010/0195(COD))**

(2013/C 131 E/21)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0362),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0171/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn tar-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tad-29 ta' Ġunju 2011 li japprova il-pożizzjoni tal-Parlament, skont it-termini tal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0080/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 134.

## P7_TC1-COD(2010)0195

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewpropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/68/KE fir-rigward id-dispożizzjonijiet għal magni introdotti fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, id-Direttiva 2011/88/UE).*

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

## Pożizzjoni tal-Parlament dwar l-abbozz tal-baġit tal-2012 kif modifikat mill-Kunsill - it-taqsimiet kollha

P7_TA(2011)0461

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 kif modifikat mill-Kunsill – it-taqsimiet kollha (13110/2011 – C7-0247/2011 – 2011/2020(BUD)) u ittri ta' emenda Nri 1/2012 (COM(2011)0372) u 2/2012 (COM(2011)0576) għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012**

(2013/C 131 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kumitat Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2011 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2012 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2012 - Taqsima I - Il-Parlament Ewropew ([5]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, ippreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2011 (COM(2011)0300),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz ta' Baġit 2012 ([6]),

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni dwar l-Abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Lulju 2011 (13110/2011 – C7-0247/2011),

— wara li kkunsidra l-Ittri Emendatorji Nri 1/2012 u 2/2012 għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ippreżentati mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2011 u fis-16 ta' Settembru 2011 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75b tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0354/2011),

### *TAQSIMA III*

#### *Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

1. Ifakkar li l-promozzjoni ta' ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, li toħloq l-impjiegi u impjiegi ta' kwalità għolja permezz tat-twettiq tas-seba' inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 hija objettiv approvat b'mod konġunt tas-27 Stat Membru u tal-Istituzzjonijiet tal-UE; ifakkar li l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija teħtieġ ammont kbir ta' investiment orjentat lejn il-futur sal-2020, investiment li hu

([1]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0114.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0140.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0296.

stmat mill-Kummissjoni għal mhux anqas minn EUR 1 800 biljun fil-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Ir-reviżjoni tal-Baġit tal-UE' (COM(2010)0700); jenfasizza, għalhekk, li investimenti meħtieġa – kemm fil-livell tal-UE u kemm fil-livell tal-Istati Membri – iridu jsiru issa u ma jiddewmux aktar;

2. Ifakkar li, bil-għan li l-Ewropa tingħata l-għajnuna biex tirkupra mill-kriżi u toħroġ minnha aktar b'saħħitha, l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv trid tkun fil-qalba tal-istrateġija baġitarja tal-UE għall-2012;

3. Jinsab imħasseb sew, f'dan il-kuntest, li l-kriżi attwali rriżultat f'nuqqas f'daqqa fl-investiment pubbliku f'xi wħud minn dawn l-oqsma minħabba l-aġġustamenti li l-Istati Membri għamlu fil-baġits nazzjonali tagħhom; jitlob li nreġġgħu lura minn din it-tendenza u jemmen bis-sħiħ li l-investimenti jeħtieġu jiġu garantiti kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali jekk l-UE, fit-totalità tagħha, trid twettaq l-istrateġija Ewropa 2020; huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE għandu rwol sinifikanti xi jwettaq bħala strument ta' ingranaġġ għall-politiki ta' rkupru tal-Istati Membri billi jqanqal u jappoġġa l-investiment nazzjonali għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-impjiegi u għandu jintuża għal dan il-għan; jenfasizza li dan huwa kompletament konformi mad-dinamika tas-Semestru Ewropew, li, bħala mekkaniżmu ġdid għall-governanza ekonomika Ewropea msaħħa, huwa intiż biex iżid il-konsistenza, is-sinerġiji u l-kumplimentaritajiet bejn l-UE u l-baġits nazzjonali fit-twettiq tal-objettivi li kien hemm ftehim konġunt fuqhom tal-Ewropa 2020;

4. Ifakkar, għal darba oħra, li l-baġit tal-UE m'għandu bl-ebda mod jitqies u jiġi vvalutat bħala sempliċiment partita finanzjarja mdaħħla bħala piż fil-baġits nazzjonali, iżda, għall-kuntrarju, għandu jinftiehem bħala opportunità biex jiġu intensifikati dawk l-inizjattivi u l-investimenti li huma ta' interess u ta' valur miżjud għall-Unjoni kollha kemm hi, u li l-parti l-kbira tagħhom huma kodeċiżi mill-Parlament u mill-Kunsill u li allura għandhom leġittimità anke fil-livell nazzjonali;

5. Itenni n-natura komplemenari tal-baġit tal-UE għall-baġits nazzjonali u l-impetu li joħloq għall-promozzjoni tat-tkabbir u tal-impjiegi u jenfasizza li fid-dawl tan-natura stess tiegħu u tad-daqs limitat tiegħu ma għandux jiġi kontrollat u mrażżan permezz ta' tnaqqis arbitrarju iżda, bil-maqlub, jeħtieġ li jissaħħew oqsma fil-mira;

6. Jirrikonoxxi li hemm nuqqas kbir ta' fondi fl-UE, kemm fil-livell ta' Stati Membri kif ukoll tal-Unjoni; jenfasizza li l-programmi u l-infiq kollu għandhom ikunu analizzati bir-reqqa f'termini ta' vijabbiltà, effiċjenza u effikaċja billi tkun attribwita importanza reali għall-kunċett ta' valur tal-flus;

7. Jirrimarka li l-marġni li hemm fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ma jippermettux spazju reali għal manuvra, speċjalment fis-subintestatura 1a u l-intestatura 4, u jnaqqsu l-kapaċità tal-Unjoni li tirreaġixxi għal bidliet politiċi u bżonnijiet mhux previsti filwaqt li żżomm il-prijoritajiet tagħha; jirrimarka li l-ambitu tal-isfidi li qed taffaċċja l-Unjoni jirrikjedi mezzi li jmorru lil hinn sew mil-limiti masimi attwali tal-MFF; ifakkar, f'dak ir-rigward, li l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti previsti fil-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba spiċċat biex saret inevitabbli minħabba d-diversi sfidi u prijoritajiet ġodda li nqalgħu, bħalma hi r-Rebbiegħa Għarbija ta' din is-sena u l-bżonn li jingħata spinta b'saħħitha lill-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 bħala mezz koordinat għall-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika u soċjali ta' bħalissa;

***Pożizzjoni tal-Kunsill***

8. Jiddispjaċih minħabba t-tnaqqis li sar mill-Kunsill fl-Abbozz ta' Baġit tal-Kummissjoni ta' EUR 1,59 biljun f'impenji (– 1,08 %) u ta' EUR 3,65 biljun fi ħlasijiet (– 2,75 %), li jwasslu għall-ammonti totali ta' EUR 146,25 biljun f'impenji (jew + 2,91 % meta mqabbel mal-Baġit tal-2011 [1]) u EUR 129,09 biljun fi ħlasijiet (+ 2,02 %) – li jridu jiġu mqabbla rispettivament ma' + 4,03 u + 4,91 % skont l-AB tal-Kummissjoni (inkluża l-Ittra Emendatorja Nru 1/2012);

[1] Inklużi l-Baġits Emendatorji 1sa 3/2011.

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

9. Jinnota li l-Kunsill ippropona tnaqqis għal diversi mijiet ta' linji baġitarji, filwaqt li ma ppropona lanqas rinforz wieħed; jenfasizza li dan it-tnaqqis lineari huwa mifrux fuq l-intestaturi kollha tal-Qafas Finanzjarju Munltiannwali, għalkemm mhux sal-istess livell;

10. Jirrimarka wkoll mill-inkoerenzi minn dawn il-miżuri ta' tnaqqis, meta mqabblin mal-pożizzjonijiet li ħa l-Kunsill dan l-aħħar, bħat-tnaqqis li għamel fl-abbozz ta' baġit tal-2012 dwar il-linji baġitarji li l-aġenziji li għadhom kemm inħolqu għas-superviżjoni finanzjarja u li imbotta għall-ħolqien tagħhom imma ma jidhirx lest jipprovdilhom il-mezzi finanzjarji neċessarji biex joperaw b'mod sodifaċenti;

11. Jirrikonoxxi t-tħassib tal-Kunsill dwar il-limitazzjonijiet ekonomiċi u baġitarji fil-livell nazzjonali; jemmen li l-Unjoni għandha turi responsabbiltà baġitarja iżda jfakkar li skont dispożizzjonijiet tat-Trattat, il-baġit tal-UE ma jistax ikun f'defiċit; u li l-baġit tal-UE jirrappreżenta 2 % tan-nefqa pubblika totali fl-Unjoni;

12. Jiddeplora, f'dan il-kuntest u minkejja appelli preċedenti mill-Parlament, li l-Kunsill għamel tnaqqis orizzontali fil-baġit, filwaqt li ddeċieda fuq il-livell ġenerali tal-approprjazzjonijiet a priori, mingħajr ma qies kif dovut valutazzjoni eżatta tal-ħtiġijiet reali biex jintlaħqu l-objettivi u l-impenji politiċi miftiehma tal-Unjoni, u lanqas il-prijoritajiet tal-Parlament, kif ippreżentati fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar il-mandat għat-trilogu;

13. Jisħaq li l-unika kunsiderazzjoni tar-rati ta' implimentazzjoni imgħoddija, flimkien mar-rati taż-żieda meta mqabbla mal-baġit tas-sena ta' qabel, bħala bażi biex jintgħażlu l-linji u l-ammonti li jridu jitnaqqsu hija approċċ li jħares lura li ma jippermettix, fil-kuntest ta' prrogrammazzjoni multiannwali, li jiġi rifless kif suppost l-aċċellerar tal-implimentazzjoni matul is-snin;

14. Jinnotal li l-livell baxx ta' ħlasijiet propost mill-Kunsill ikun iwassal għal diskrepanza akbar bejn approprjazzjonijiet ta' ħlas u approprjazzjonijiet ta' impenn, li mekkanikament twassal għal żieda ta' impenji pendenti (RAL) fi tmiem is-sena, partikolarment fis-sottointestaturi 1a u 1b; iwissi, f'dan il-kuntest, dwar l-ammont diġà estremament kbir ta' RAL akkumulat tant viċin it-tmiem ta' dan l-MFF;

***Il-proposta tal-baġit tal-Parlament***

15. Jistabbilixxi l-livell ġenerali ta' approprjazzjonijiet għal EUR 147 763,82 miljunu EUR 133 143,18 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' ħlas rispettivament,

16. Ifakkar li l-politiki tal-Ewropa 2020 ġew identifikati mill-Parlament bħala wkoll mill-prijoritajiet l-aktar importanti tiegħu ([1]) għall-baġit tal-2012 peress li huma partijiet essenzjali u neċessarji tal-istrateġija tal-UE għall-irkupru ekonomiku; jenfasizza li ż-żieda proposta fl-approprjazzjonijiet għal numru magħżul ta' partiti baġitarji jaqdu kemm l-istrateġiji għal perjodu qasir ta' żmien kif ukoll dawk għal perjodu twil ta' żmien għall-futur tal-Unjoni;

17. Iqis li l-livell ta' ħlasijiet propost mill-Kummissjoni huwa l-minimu bażiku għall-ħlasijiet, kif inhu msemmi f'diversi dikjarazzjonijiet mill-President Barroso u l-Kummissarju Lewandowski; ma jinsabx fiduċjuż li l-abbozz ta' dikjarazzjoni nru 1 tal-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' ħlas li jimmiraw li jindirizzaw il-kwistjoni ta' ħtiġijiet possibbli ta' ħlasijiet addizzjonali huwa ta' xi għajnuna f'dan ir-rigward, partikolarment fid-dawl tal-esperjenza tal-bidu tal-2011, meta l-Kunsill inzerta sabha bi tqila li jonora d-dikjarazzjoni simili li beda hu stess għall-Baġit tal-2011; għalhekk jiddeċiedi wkoll li l-parti l-kbira tal-approprjazzjonijiet jerġa' jġibhom għal-livelli tal-AB aktar u aktar meta jitqies li t-tnaqqis min-naħa tal-Kunsill fil-ħlasijiet jaffettwa wkoll oqsma u linji baġitarji li jaqgħu taħt l-objettivi tal-UE 2020 b'mod partikolari s-subintestaturi 1a u 1b;

([1]) Ara pereżempju r-riżoluzzjoni tal-Parlament għall-mandat tat-trilogu, kif adottata fit-23 ta' Ġunju 2011.

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

*Dwar is-subintestatura 1a*

18. Ifakkar li s-subintestatura 1a hija l-intestatura ewlenija tal-MFF 2007-2013 f'dak li hu lħuq tal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, grazzi għall-kontribuzzjoni tagħha diretta jew indiretta għall-finanzjament tal-ħames objettivi primarji tagħha kollha kemm huma u għas-seba' inizjattivi l-aktar importanti;

19. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni u l-Kunsill ma jipproponux ġeneralment li jiġi xprunat – lil hinn minn dak li kien ippjanat fil-bidu nett – l-appoġġ għall-investimenti meħtieġa b'mod urġenti sabiex jiġu implimentati s-seba' inizjattivi l-aktar importanti, u jinnota li sfortunatament għandhom it-tendenza li jipposponu l-qabża l-kbir neċessarja f'dak li hu sforz finanzjarju komuni għall-MFF ta' wara l-2013; huwa konvint li din l-attitudni se tipperikola b'mod gravi l-ilħiq tal-objettivi primarji sal-2020; jipproponi għalhekk xi żidiet immirati fuq l-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni f'ċerti oqsma fundamentali, speċifikament il-kompetittività u l-imprenditorija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja;

20. Ifakkar li, bil-għan li jiġi ffinanzjat l-ITER, se jkun neċessarju li l-awtorità tal-baġit taqbel dwar reviżjoni tal-MFF 2007-2013; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2011 għall-finanzjament fl-2012 u l-2013 tal-EUR 1,3 biljun li huma nieqsa għall-ITER imma, f'konformità mal-esklużjoni tal-Kunsill ta' finanzjament addizzjonali għall-ITER mill-qari tal-baġit tiegħu, jinsisti li n-negozjati dwar l-ispejjeż addizzjonali tal-ITER huma skonnessi minn mal-proċedura baġitarja tal-2012; jesprimi madankollu d-disponibbiltà tiegħu li jsolvi l-kwistjoni tal-finanzjameni oħrajn meħtieġa għall-ITER sa tmiem l-2011 sabiex jiggarantixxi li l-istrutturi għall-fużjoni eżistenti tal-UE ma jdgħajfux ir-riżultat ta' stall fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

21. Jafferma mill-ġdid l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għal kull forma ta' riassenjazzjoni mis-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7) kif propost mill-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett ta' finanzjament tal-ITER peress li din il-ħaġa tkun tipperikola l-implimentazzjoni b'suċċess tal-FP7 u tnaqqas b'mod sinifikanti l-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-ilħuq tal-objettivi primarji u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020; għalhekk jerġa' jġib l-FP7 kif kien għaċ-ċifri ta' programmazzjoni finanzjarja billi jżid EUR 100 miljun mal-linji baġitarji li ġew imnaqqsa mill-Kummissjoni; barra minn hekk jerġa' jġib kif kienu l-maġġoranza l-kbira tat-tnaqqis fil-ħlasijiet li saru fuq il-linji tal-FP7 mill-Kunsill (EUR 492 miljun), bil-ħsieb li jiġi evitat kull riskju ta' nonimplimentazzjoni ta' obbligi ġuridiċi eżistenti, li jistgħu jwasslu għal spejjeż addizzjonali minħabba li jkun hemm interessi ttardjati x'jitħallsu;

22. Jiddeċiedi jkompli jżid il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenngħal linji magħżula tal-FP7 (Kapaċitajiet - Riċerka għall-benefiċċju tal-SMEs, Kooperazzjoni - Enerġija, Ideat, Persuni, Riċerka relatata mal-enerġija); iqis li dawn il-linji huma strumentali biex jiżguraw tkabbir u investimenti f'oqsma fundamentali li jinsabu fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020; jemmen li r-rata ta' implimentazzjoni attwali tal-FP7 sejra tiggarantixxi li dawn l-ammonti addizzjonali jistgħu jiġu integrati b'mod effikaċi fil-programmazzjoni finanzjarja ta' dawk il-programmi;

23. Barra minn hekk ikompli jżid il-livell totali tal-approprjazzjonijiet ta' impenngħall-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP - Enerġija Intelliġenti u CIP - Imprenditorja u Innovazzjoni) meta mqabbel ma' dak li inizjalment ġie previst, ħalli b'hekk jirrealizza l-inizjattivi ewenin tal-istrateġija Ewropa 2020; jispera li din iż-żieda se tikkontribwixxi għat-titjib fl-aċċess tal-SMEs għal dan il-programm u għall-iżvilupp ta' programmi speċifiċi u mekkaniżmi finanzjarji innovattivi; ifakkar, f'dan il-kuntest, fir-rwol ewlieni li għandhom l-SMEs li jagħtu spinta lill-ekonomija tal-UE u jappoġġa, b'mod partikolari, il-programm CIP-EIP bħala strument indispensabbli għall-irkupru mill-kriżi;

24. Jiddeċiedi jintroduċi żieda importanti tal-approprjazzjonijiet ta' impenngħall-programm Tagħlim Tul il-Ħajja, minħabba l-valur miżjud Ewropew għoli tiegħu kif ukoll minħabba l-kontribut qawwi tiegħu għall-inizjattivi emblematiċi 'Żgħażagħ Attivi' u 'Unjoni tal-Innovazzjoni'; jinsab konvint li dawn iż-żidiet jistgħu jkunu implimentati totalment peress li l-allokazzjoni finanzjarja addizzjonali għal dan il-programm, proposta mill-Parlament u adottata mill-awtorità baġitarja fil-baġit tal-2011, sal-lum ġiet eżegwita b'suċċess u dan wassal għal żieda fl-għadd ta' parteċipanti tiegħu; itenni l-impenn qawwi tiegħu favur il-programmi tal-UE fl-oqsma taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni billi dawn jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ; jipproponi wkoll żieda ulterjuri fl-approprjazzjonijiet ta' impenngħall-programm Erasmus Mundus;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

25. Jiddeċiedi li jerġa' jġib kif kienu l-ħlasijiet tal-AB għal-linja tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) u jtenni l-appell tiegħu għal aktar titjib fil-proċedura ta' mobilizzazzjoni tal-FED, bil-għan li tiġi aċċelerata l-assistenza fil-post;

26. Jipproponi f'dak ir-rigward lill-fergħa l-oħra tal-awtorità tal-baġit il-mobilizzazzjoni tal-istrument ta' Flessibilità għal ammont ta' EUR 30,75 miljun taħt is-subintestatura 1a;

*Dwar is-subintestatura 1b*

27. Jinnota li l-pożizzjoni tal-Kunsill ma timmodifikax il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-impenji, u jenfasizza li din il-pożizzjoni dwar l-approprjazzjonijiet ta' impennhija konformi sew mal-allokazzjonijiet stipulati fl-MFF, meta jitqies l-aġġustament tekniku għall-qafas finanzjarju għall-2012, kif previst fil-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-17 ta' Mejju 2006;

28. Ifakkar fir-rwol importanti li jwettqu l-politiki reġjonali u ta' koeżjoni favur l-ilħuq tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-irkupru ekonomiku tar-reġjuni Ewropej; jiddeplora l-approċċ restrittiv tal-Kunsill fir-rigward tal-ħlasijiet, li ġew imnaqqsa b'madwar EUR 1,3 biljun meta mqabbla mal-previżjonijiet tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' ħlasijiet għall-2012; jinnota li huma biss il-linja tal-objettiv tal-konverġenza u l-linja tal-assistenza teknika li baqgħu ma ntmessux mit-tnaqqis tal-Kunsill; ifakkar li dan it-tnaqqis japplikaw għall-allokazzjonijiet baġitarji li diġà kienu wisq aktar baxxi mill-estimi tal-Istati Membri stess (EUR 61 biljun għall-2012 jew madwar 50 % aktar mill-AB) u li kienu meqjusa b'mod ġenerali li kienu l-minimu bażiku biex jiġu onorati t-talbiet tal-ħlasijiet li ġejjin dalwaqt u li kienu konsistenti mal-aċċelerazzjoni tal-implimentazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni; jinsab konvint li dan l-atteġġjament min-naħa tal-Kunsill huwa aktar u aktar inaċċettabbli billi l-Kummissjoni dan l-aħħar għamlet xi proposti konkreti biex tagħti spinta lill-ħlasijiet tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni f'dawk il-pajjiżi li l-aktar intlaqtu mill-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali; jitlob valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika reġjonali u ta' koeżjoni, bi proposti konkreti dwar il-mod kif jitnaqqsu l-RALs;

29. Jitlob lill-Kummissjoni tagħraf ir-rwol kruċjali li għandhom il-livell lokali u reġjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

30. Għalhekk jerġa' jġib kif kien it-tnaqqis li għamel il-Kunsill fl-approprjazzjonijiet ta' ħlas għal-livell tal-AB;

*Dwar l-Intestatura 2*

31. B'mod ġenerali jerġa' jġib kif kien it-tnaqqis li għamel il-Kunsill taħt l-intestatura 2 għal-livell ta' EUR 60 457,76 miljun, li huwa 3,07 % ogħla mill-baġit tal-2011; iqis li l-istimi tal-ħtiġijiet baġitarji tal-Kummissjoni huma aktar realistiċi mill-proposti tal-Kunsill, partikolarment fil-kuntest attwali ta' inċertezza ekonomika kbira u ta' instabbilità fis-swieq;

32. Jirrimarka li l-ittra emendatorja tradizzjonali li tirrigwarda l-agrikoltura u li għandha tiġi ppreżentata fil-ħarifa tal-2011 se taġġusta l-istimi attwali għal valutazzjoni aktar preċiża tal-bżonnijiet reali; jiġbed l-attenzjoni, f'dan il-kuntest, għall-aħħar livell tad-dħul assenjat disponibbli fl-2012 (il-korrezzjoni tal-approvazzjoni tal-konformità, l-irregolaritajiet u l-imposta speċjali tal-ħalib) li eventwalment se jistabbilixxi l-livell ta' approprjazzjonijiet ġodda li għandhom jiġu adottati fil-baġit tal-2012; jistima li l-bqija tal-marġni attwali (EUR 352,24 miljun) għandha tkun biżżejjed sabiex tkopri l-bżonnijiet taħt din l-intestatura fin-nuqqas ta' ċirkostanzi imprevisti;

33. Jitlob lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tiddefinixxi prijoritajiet ċari taħt din l-Intestatura favur sistemi ta' biedja sostenibbli, li jippreservaw il-bijodiversità, jipproteġu r-riżorsi tal-ilma u l-fertilità tal-ħamrija, jirrispettaw il-benessri tal-annimali u l-impjiegi; jemmen li politika bħal din jista' jkollha, bħala effett sekondarju pożittiv, il-prevenzjoni tal-kriżijiet bħat-tifrix tal-E.coli;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

34. Jirrifjuta ż-żieda tal-hekk imsejħa linja ta' nefqa negattiva (saldu tal-kontijiet) li madankollu tidher bħala tnaqqis artifiċjali tal-livell kumplessiv tal-approprjazzjonijiet tal-intestatura 2; iqis madankollu li l-Istati Membri jistgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jevalwaw l-effikaċja u l-affidabilità tas-sistemi nazzjonali tagħhom ta' superviżjoni u kontroll fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni, li tidher li hija stmata aktar milli fil-fatt hi;

35. Jisħaq li huwa ċar li l-mekkaniżmi għall-prevenzjoni u r-rispons fir-rigward tal-kriżijiet fis-settur tal-frott u l-ħaxix mhumiex biżżejjed u għalhekk jeħtieġ li tinstab soluzzjoni immedjata qabel ma tkun stabbilita l-PAK il-ġdida; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta konkreta lill-Parlament u lill-Kunsill bil-għan li tiggarantixxi żieda suffiċjenti fil-kontribut tal-Unjoni fil-fond għall-kriżi fi ħdan l-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi; jappella biex din iż-żieda sservi għal miżuri speċifiċi għal dawk il-produtturi milquta mill-kriżi tal-E. coli u għall-prevenzjoni ta' kriżijiet futuri;

36. Jipprevedi appoġġ akbar għall-programm tal-ħalib fl-iskejjel u l-appoġġ ikkontinwat għall-programm li jikkonċerna l-frott fl-iskejjel;

37. Isostni li l-allokazzjoni baġitarja ddedikata lill-Programm tad-Distribuzzjoni tal-Ikel għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn fl-Unjoni li tagħti sostenn lil 18-il miljun ruħ bi problemi ta' nutrizzjoni ħażin fit-territorju tal-Unjoni; jilqa' favorevolment l-isforz reċenti li għamlet il-Kummissjoni (ara l-proposta emendata tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2011 għal regolament dwar dan is-suġġett (COM(2011)0634) maħsub biex isib soluzzjoni politika u ġuridika biex jiġi evitat tnaqqis drastiku fl-implimentazzjoni tal-programm fl-2012 u fl-2013; jistieden b'mod qawwi lill-Kunsill japprova mingħajr dewmien din il-proposta, speċjalment fid-dawl tal-qagħda soċjali diffiċli f'bosta Stati Membri b'segwitu għall-kriżi finanzjarja u ekonomika;

38. Ikompli jappoġġja f'livell proporzjonat il-programm LIFE+, li jagħti prijorità unikament lill-proġetti ta' azzjoni ambjentali u klimatika; ifakkar għal darba oħra li l-problemi ambjentali u s-soluzzjonijiet tagħhom ma jirrikonoxxux fruntieri nazzjonali, u għalhekk il-fatt li jiġu ttrattati fil-livell tal-UE huwa evidenti minnu nnifsu; jistieden f'dan ir-rigward lill-Istati Membri jtejbu b'mod sinfikanti l-implimentazzjoni tagħhom tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE;

39. Jenfasizza li l-Politika Komuni tas-Sajd tibqa' prijorità politika importanti u żżomm il-finanzjament tagħha fil-livelli proposti tal-AB, minħabba r-riforma imminenti tagħha; huwa tal-opinjoni li l-finanzjament tal-politika marittima integrata ma għandux isir aspejjeż ta' azzjonijiet u programmi tas-sajd oħra taħt l-Intestatura 2; iqis li ġestjoni effikaċi tas-sajd hija ta' importanza kruċjali bil-għan li jiġu ppreservati l-istokkijiet tal-ħut u ma' jitħalliex li jsir sajd eċċessiv; jilqa' appoġġ addizzjonali għall-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd il-ġodda.

*Dwar s-subintestatura 3a*

40. Ifakkar fl-appell pressanti tiegħu għal reazzjoni xierqa u ekwilibrata għall-isfidi li hemm bħalissa fil-qasam tal-migrazzjoni u tas-solidarjetà, bil-ħsieb li ssir ġestjoni tal-migrazzjoni legali u titnaqqas il-migrazzjoni klandestina; jirrikonoxxi l-obbligu tal-Istati Membri li jikkonformaw tad-dritt tal- Unjoni stabbilit, jenfasizza l-bżonn għall-finanzjament u għodod ta' appoġġ suffiċjenti biex jittrattaw sitwazzjonijiet ta' emerġenza bi spirtu li jirrispetta bis-sħiħ ir-regoli ta' protezzjoni interni u d-drittijiet tal-bniedem u solidarjetà bejn l-Istati Membri kollha; jappella, f'dan is-sens, għal żieda bilanċjata tal-approprjazzjonijiet tal-baġit fuq l-Abbozz ta' Baġit favur, minn naħa, il-Frontex u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil, fid-dawl tal-kompiti dejjem ikbar tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-Fond Ewropew għar-Rifuġjati; jerġa' jġib l-approprjazzjonijiet ta' impenngħal-livell tal-AB kemm għall-Fond Ewropew għar-Ritorn kif ukoll għall-Fond għall-Fruntieri Esterni; jemmen bil-qawwa li, fid-dawl tal-iżviluppi attwali, partikolarment fir-reġjun tal-Mediterran u l-isfidi għas-sigurtà tal-fruntieri esterni tal- Unjoni u l-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni, id-dotazzjoni xierqa ta' dawk il-fondi hija indispensabbli;

41. Jiddeplora t-tnaqqis sinifikanti ppreżentat mill-Kunsill għal Frontex, il-Fond tal-Fruntieri Esterni u l-Fond Ewropew għar-Ritorn; jemmen bil-qawwa li, fid-dawl tal-iżviluppi attwali, partikolarment fir-reġjun tal-Mediterran u l-isfidi għas-sigurtà tal-fruntieri esterni tal- Unjoni u l-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni, ir-rinfurzar ta' dawk il-fondi hu indispensabbli;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

42. Għandu l-ħsieb li, billi jerġa' jġib kif kienu l-approprjazzjonijiet tal-abbozz tal-baġit għall-prevenzjoni tal-kriminalità u għall-prevenzjoni tat-terroriżmu f'konformità mal-programmazzjoni finanzjarja, javvanza iktar il-kooperazzjoni li kulma jmur aktar qed tkun meħtieġa f'oqsma bħalma huma l-istrateġija tas-sigurtà ċibernetika Ewropea, jew il-konfiska tal-assi tal-organizzazzjonijiet kriminali;

43. Jidhirlu li l-programm Daphne ma kienx iffinanzjat biżżejjed s'issa u se jiżgura l-finanzjament xieraq tiegħu biex jittratta b'mod determinat il-ħtiġijiet rikonoxxuti fil-ġlieda kontra l-vjolenza lejn in-nisa;

*Dwar subintestatura 3b*

44. Itenni li l-finanzjament għall-programmi, l-inizjattivi u l-korpi li huma orjentati lejn l-edukazzjoni għandu jiżdied minħabba l-kontribut tagħhom għat-tlestija għalkollox tal-inizjattivi emblematiċi tal-istrateġejia Ewropa 2020 "Żgħażagħ Attivi" u "Unjoni tal-Innovazzjoni"; għandu l-ħsieb b'mod partikolari li jkompli jżid aktar il-finanzjament għall-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni";

45. Jinsab konxju tal-importanza li ċ-ċittadini jkunu involuti fl-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u tal-ħajja politika b'perspettiva Ewropea, u jqis li hija ħasra li n-nefqa relatata maċ-ċittadinanza kellha titnaqqas mill-Kunsill; konsegwentement jerġa' jġib kif kienu l-ammonti tal-abbozz ta' baġit;

46. Jirrifjuta kwalunkwe tnaqqis aktar fil-finanzjament tal-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili peress li l-abbozz tal-baġit diġà huwa aktar baxx mill-programmazzjoni finanzjarja u l-protezzjoni ċivili hija kompetenza ġdida tal-Unjoni; konsegwentement jerġa' jġib kif kienu l-ammonti tal-abbozz tal-baġit;

47. Fir-rigward tal-ispazji pubbliċi Ewropej, iqis li jridu jiġu ppreżentati lill-awtorità tal-baġit rapport ta' valutazzjoni u programm ta' ħidma kmieni biżżejjed biex jilħqu jingħaddu fil-proċedura baġitarja; jiddeċiedi li jżomm f'riżerva parti mill-approprjazzjonijiet tal-Kumunikazzjonijiet sakemm il-Kummissjoni turi r-rieda tagħha li ttejjeb il-kollaborazzjoni interistituzzjonali f'dan ir-rigward;

48. Jistabbilixxi għadd ta' riżervi biex jintlaqgħu rapporti ta' valutazzjoni speċifiċi u impenn formali għal kooperazzjoni interistituzzjonali aktar mill-qrib;

49. Jilqa' l-approprjazzjonijiet għall-Programm tas-Saħħa Pubblika li jikkumplimenta u jżid il-valur tal-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni biex tkompli bil-kampanja HELP għal ħajja mingħajr tabakk, fl-ambitu tal-programm tas-Saħħa Pubblika;

*Dwar l-intestatura 4*

50. Itenni li, din is-sena aktar milli fl-imgħoddi, l-Intestatura 4 tal-baġit tal-2012 tal-UE hija sottofinanzjata u l-marġni disponibbli taħt l-istess intestatura huwa baxx wisq biex ilaħħaq maż-żieda fl-isfidi politiċi fil-viċinat tagħna u madwar id-dinja;

51. Jilqa' r-rinforz tal-approprjazzjonijiet għall-Istrument tal-Viċinat, kif propost fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2012, bħala li hu konformi mal-appoġġ tiegħu għal reazzjoni ċara u konsistenti tal-UE għall-iżviluppi politiċi u soċjali reċenti fin-Nofsinhar tal-Mediterran u l-valur miżjud għad-dimensjoni esterna tal-politiki tal-intern tal-UE u l-istrateġiji makroreġjonali; itenni madankollu b'mod ċar ħafna li tali għajnuna finanzjarja ma tista' bl-ebda mod tkun ta' detriment għall-prijoritajiet eżistenti;

52. Iqis li, bil-għan li jiġi ffaċilitat ftehim fil-konċiljazzjoni mal-fergħa l-oħra tal-awtorità baġitarja, jista' jsir qbil dwar tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenndwar diversi linji baġitarji u speċjalment dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni; fir-rigward ta' din tal-aħħar, iqis il-livell ta' approprjazzjonijiet li ġew ivvutati għall-baġit tal-2011 bħala xierqa, u jiddeċiedi li jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill f'dan is-sens;

53. Jemmen li l-finanzjament miżjud għall-Palestina u l-UNRWA li huwa jipproponi huwa kruċjali biex jiġu żgurati aħjar is-sikurezza u l-għajxien tar-rifuġjati u l-isforzi li qed isiru bħalissa biex jiġi żgurat stat Palestinjan vijabbli; jitlob għal darb'oħra li jkun hemm strateġija ċara għall-Palestina, li tgħaqqad l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni ma' rwol politiku akbar għall-Unjoni fil-proċess ta' paċi fir-rigward taż-żewġ partijiet fil-kunflitt;

54. Ifakkar li ż-żieda fil-ħtiġijiet fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Asja u mal-Amerika Latina għandha tiġi rikonoxxuta fil-baġit 2012;

55. Jiddispjaċih li mhux il-ħtiġijiet kollha u l-prijoritajiet limitati kollha identifikati b'attenzjoni mill-kumitati speċjalizzati tiegħu setgħu jiġu ffinanzjati fil-limitu tal-MFF għall-Intestatura 4, u jqis il-qari tiegħu bħala l-minimu meħtieġ għal pożizzjoni kredibbli tal-Unjoni bħala attur globali;

56. Jipproponi f'dak ir-rigward lill-fergħa l-oħra tal-awtorità tal-baġit il-mobilizzazzjoni tal-istrument ta' Flessibilità għal ammont ta' EUR 208,67 miljun taħt l-Intestatura 4;

*Dwar l-intestatura 5*

57. Jirrifjuta l-pożizzjoni ġenerali tal-Kunsill dwar in-nefqa tal-Intestatura 5, li tikkonsisti fi tnaqqis ġenerali ta' madwar EUR 74 miljun, li minnhom EUR 33 miljun għall-Kummissjoni, li jirriżulta minn tnaqqis mifrux fil-baġit ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet;

58. Jenfasizza li approċċ restrittiv bħal dan, filwaqt li jwassal għal iffrankar fuq żmien qasir għall-baġit tal-UE u għall-Istati Membri, jipperikola l-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE, li fl-aħħar mill-aħħar hija ta' ħsara għaċ-ċittadini u għandha effett negattiv pospost fuq il-baġits nazzjonali; jenfasizza wkoll li l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra għandhom jingħataw riżorsi adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom, speċjalment wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

59. Jinnota li dan it-tnaqqis intlaħaq permezz ta' żieda fl-hekk imsejħa rata ta' tnaqqis standard għall-persunal (postijiet mhux iffinanzjati) li tipprevjeni xi titjib fir-rati ta' okkupanza tal-organigrammi approvati mill-awtorità tal-baġit (permezz tal-impatt dirett tagħha fuq ir-reklutaġġi); jistagħġeb f'dan ir-rigward kif il-Kunsill jista' jistma l-livelli possibbli ta' persunal fis-servizzi tal-Kummissjoni b'aktar preċiżjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni nfushom; barra minn hekk jirrifjuta dak it-tnaqqis fuq partiti ta' nefqa li għalihom il-Kummissjoni diġà pproponiet iffrankar nett fl-abbozzi tal-baġits tagħhom (pereżempu l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, studji u konsultazzjonijiet, tagħmir u għamara);

60. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi kbar magħmula mill-Kummissjoni biex tiffriża n-nefqa amministrattiva tagħha f'termini nominali diġà fil-proposta tagħha tal-abbozz tal-baġit, jiddeċiedi li jerġa' jġib għal dak il-livell in-nefqa kollha tal-intestatura 5 fit-Taqsima III;

61. Madankollu jistabbilixxi riżervi fuq ċerti linji amministrattivi, sakemm jittieħdu azzjonijiet speċifiċi, jingħata segwitu jew isiru proposti speċifiċi mill-Kummissjoni jew bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni addizzjonali;

*Dwar l-aġenziji*

62. Japprova, bħala regola ġenerali, l-estimi tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet baġitarji tal-aġenziji u jirrifjuta l-prinċipji li fuqhom huwa bbażat it-tnaqqis arbitrarju u mifrux tal-Kunsill, meta mqabbla mal-2011;

63. Iqis verament li kwalunkwe tnaqqis fil-baġit tal-aġenziji waqt il-proċedura baġitarja għandu jkun relatat aktar mill-qrib mal-proċess tal-ippjanar tax-xogħol u mal-kompiti tal-aġenziji, kemm-il darba ma jistgħux jiġu identifikati xi għejun preċiżi ta' gwadann ta' effiċjenza; F'dan ir-rigward iqis it-tnaqqis li sar lill-Frontex, li l-mandat tiegħu għadu kif ġie rivedut, bħala eżempu tipiku tal-iskonnessjoni kompleta operata mill-Kunsill bejn il-kompiti u l-attivitajiet tal-aġenziji - kif hemm imnaqqax mit-testi u r-rekwiżiti ġuridiċi - u r-riżorsi baġitarji allokati lilhom;

64. Jaqbel b'mod ġenerali li l-bilanċi pożittivi tal-aġenziji għandhom jitqiesu meta jiġi stabbilit l-abbozz tal-baġit u jiġu ppreżentati b'mod ċar u trasparenti; madankollu jtenni li l-bilanċi pożittivi ta' aġenziji li huma parzjalment awtoffinanzjati għandhom ikunu eżentati minn din ir-regola ġenerali biex wieħed jaħseb għan-nuqqas ta' affidabilità tal-introjtu tagħhom;

65. Barra minn hekk jiddeċiedi li jżid l-allokazzjoni tal-baġit tal-2012 għat-tliet aġenziji ta' superviżjoni finanzjarja l-ġodda bħala kwestjoni tal-akbar importanza fis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali u għall-proċeduri tagħhom biex jibnu lilhom infushom;

*Dwar il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji*

66. Jenfasizza li l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, adottati f'numru limitat, tqiesu u ġew ivvalutati bir-reqqa, anke fid-dawl tal-ewwel valutazzjoni mill-Kummissjoni f'Lulju 2011, bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' azzjonijiet li huma diġà koperti minn programmi eżistenti tal-UE; ifakkar li l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji għandhom l-għan li jifformulaw prijoritajiet politiċi u li jintroduċu inizjattivi ġodda li jistgħu jsiru attivitajiet u programmi futuri tal-UE;

### *TAQSIMIET I, II, IV, V, VI, VII, VIII, IX*

### *Qafas Ġenerali*

67. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu adottata fir-riżoluzzjoni tiegħu imsemmija hawn fuq tas-6 ta' April 2011, li titlob li l-istituzzjonijiet kollha għandhom ifasslu l-baġits tagħhom fuq il-bażi ta' ġestjoni soda u effiċjenti u jfittxu li jiffrankaw fejn ikun possibbli, f'konformità mal-ittra tal-Kummissarju Lewandowski tat-3 ta' Frar 2011 li tistieden lil kull istituzzjoni tagħmel l-isforzi kollha possibbli bil-ħsieb li tillimita ż-żieda fin-nefqa għal anqas minn 1 % meta mqabbla mal-2011;

68. Jagħraf l-isforzi li saru mill-istituzzjonijiet kollha li rriżultaw fi tnaqqis reali fil-baġits tagħhom stess; f'termini reali, it-tkabbir tal-baġit fl-istituzzjonijiet kollha huwa wieħed negattiv, minkejja l-kompetenzi ġodda, l-impjiegi, l-azzjonijiet u l-attivitajiet ġodda tagħhom li nħolqu bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;

69. Jinnota li l-baġit għan-nefqa amministrattiva u operattiva mill-istituzzjonijiet kollha jirrappreżenta 5,59 % tal-baġit globali tal-UE, li l-Intestura 5 għandha marġni ta' EUR 497,9 miljun minnu;

70. Jafferma mill-ġdid li miżuri ta' ffrankar ma jistgħux jipperikolaw il-ħlas tas-salarji u l-pensjonijiet, il-manutenzjoni tal-bini u s-sigurtà peress li l-istituzzjonijiet irid ikollhom il-minimu u l-meħtieġ biex joperaw u li t-tnaqqis għandu jkun xieraq b'tali mod li l-istituzzjonijiet li jkunu laħqu l-limitu massimu tal-ammonti ffrankati ma jiġux ippenalizzati u barra minn hekk li l-ammonti ffrankati għandhom ikunu legali u jibqgħu jżommu l-effikaċja tagħhom fl-2012;

### *Taqsima I - Il-Parlament Ewropew*

*Il-qafas ġenerali*

71. Jirrimarka li l-attwalizzazzjoni attwalment ivvutata tal-baġit tal-2012 hija ta' 1,44 % meta mqabbla mal-2011 (mingħajr l-ittra emendatorja dwar il-Kroazja) billi l-Ittra Emendatorja dwar il-Kroazja se tiġi ttrattata fil-kumitat ta' konċiljazzjoni mal-Kunsill; jistenna li l-ispejjeż neċessarji għall-Kroazja se jiżdiedu; jistenna li l-attwalizzazzjoni finali tal-baġit 2012 għalhekk tkun 1,9 % (inkluża l-Kroazja) wara l-kumitat ta' konċiljazzjoni; 1,9 % hija l-iktar attwalizzazzjoni baxxa fi 12-il sena; u mingħajr l-ispejjeż għall-adeżjoni tal-Kroazja u t-tmintax-il MEP ġdid wara t-Trattat ta' Lisbona, hija biss 0,8 %; 0,8 % hija l-aktar żieda baxxa f'mill-inqas 15-il sena; fl-aħħar 15-il sena l-medja taż-żieda kienet ta' 4,5 %; minħabba r-rata attwali ta' inflazzjoni ta' 2,9 %, hemm tnaqqis reali fil-baġit 2012; minkejja l-kompetenzi l-ġodda, il-karigi, l-azzjonijiet u l-attivitajiet il-ġodda, li huma l-konsegwenzi tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament għamel tnaqqis reali;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

72. Jirrimarka li l-livell globali tal-Baġit 2012 tiegħu huwa EUR 1 710,1 miljun (inklużi t-tmintax-il MEP wara t-Trattat ta' Lisbona); dan jirrappreżenta tnaqqis nett ta' EUR 14,5 miljun meta mqabbel mal-Estimi u EUR 74,085 miljun meta mqabbel mal-proposti baġitarji inizjali qabel il-konċiljazzjoni mal-Bureau;

73. Jirrimarka li l-baġit tal-2012 huwa baġit ta' konsolidament, li fih il-Parlament għamel sforz massimu biex jiffranka mingħajr ma jipperikola l-kwalità tal-ħidma u l-eċċellenza leġiżlattiva; dan il-baġit tal-2012 u l-baġit ta' wara għall-2013 huma r-referenza għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss;

74. Itenni li l-iffrankar mistenni mil-linji baġitarji għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni ma għandhomx ikunu ta' ħsara għall-prinċipju tal-multilingwiżmu fil-Parlament Ewropew u matul id-djalogi bejn istituzzjonijiet oħrajn; itenni li l-iffrankar se jiġi implimentat mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe Membru li jitkellem waqt il-plenarja, il-kumitati, il-laqgħat tal-koordinaturi u t-trilogi fil-lingwa tiegħu; Il-Membri għandu jibqagħlhom ukoll id-dritt li jiktbu u jaqraw fil-lingwa tagħhom stess;

75. Jemmen li fi żminijiet ta' diffikultajiet finanzjarji li qed jiżdiedu għal ħafna Ewropej u politiki ta' awsterità kontinwi, il-Parlament għandu jagħti eżempju ta' trażżin billi jnaqqas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħu; Jitlob lill-Bureau joħloq il-kundizzjonijiet sabiex isir iffrankar ta' 5 % fit-tipi kollha ta' nfiq għall-ivvjaġġar inklużi d-delegazzjonijiet tal-kumitati u d-delegazzjonijiet interparlamentari filwaqt li jiġi rrispettat għal-kollox l-Istatut tal-Membri u l-miżuri implimentattivi tiegħu; jemmen li tnaqqis fit-titjiriet fuq xogħol mill-Membri Parlamentari għandu jgħin sabiex jinkiseb iffrankar ta' din ix-xorta; jitlob li 15 % tal-approprjazzjoni għall-ivvjaġġar titqiegħed f'riżerva sakemm is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament jagħmel rapport lill-Bureau u lill-Kumitat għall-Baġits sal-31 ta' Marzu 2012; jitlob li dan ir-rapport jeżamina l-fattibilità ta' miżuri biex tiġi żgurata l-akbar effiċjenza possibbli tal-ivvjaġġar tal-Membri bil-ħsieb li jsiru rakkomandazzjonijiet għal iffrankar potenzjali fil-baġit billi jitqiesu l-proposti u r-riżoluzzjonijiet kollha li l-Parlament diġà adotta dwar din il-kwistjoni, billi jkunu ppreżentati proposti li jnaqqsu l-għadd ta' titjiriet fi klassi "business", li jinkoraġġixxu x-xiri ta' biljetti tal-ajru fi klassi ekonomika/ ekonomika flessibbli, li jiżguraw trattament xieraq tal-punti għal min itir b'mod frekwenti u li jirrevedu r-regoli tal-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru tal-Membri, b'mod partikulari nhar ta' Ġimgħa; jistenna li l-approprjazzjonijiet għall-ivvjaġġar jitnaqqsu fl-2012 u fis-snin ta' wara sa tmiem il-leġiżlatura; jissuġġerixxi li l-iffrankar magħmul miż-żjarat istituzzjonali għandu jqis li l-pluraliżmu jieħu preċedenza fuq il-proporzjonalità meta tiġi definita l-kompożizzjoni tad-delegazzjonijiet;

76. Jirrimarka li l-baġit tal-2012 jinkludi nfiq li jirriżulta mit-tmintax-il Membru addizzjonali wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (EUR 10,6 miljun);

77. Iżomm mal-pożizzjoni tiegħu li, fi kwalunkwe każ, politika ta' identifikazzjoni ta' ffrankar kull fejn ikun possibbli u tiftix kontinwu ta' riorganizzazzjoni u ridistribuzzjoni tar-riżorsi eżistenti huma elementi kruċjali tal-politika baġitarja tiegħu, speċjalment f'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika; iqis għalhekk li tali ffrankar għall-baġit tal-2012 għandu jsir fil-kuntest aktar wiesa' tal-fatt li bidliet strutturali jkollhom effetti fuq żmien itwal; it-tnaqqis li l-Parlament aċċetta jirrikjedu bidliet strutturali, li m' għandhomx jipperikolaw l-eċċellenza leġiżlattiva tal-Parlament; iqis li l-għan huwa li wieħed jikkonċentra fuq il-ħidma ċentrali tal-Parlament; iqis li l-iffrankar fl-interpretazzjoni u fit-traduzzjoni ma jpoġġix f'riskju l-prinċipju tal-multilingwiżmu, li madankollu huwa possibbli grazzi għall-innovazzjoni, ir-riorganizzazzjoni tal-istrutturi u metodi ġodda ta' ħidma;

78. Jilqa' l-kooperazzjoni tajba bejn il-Kumitat għall-Baġits u l-Bureau bbażata fuq il-fiduċja u r-rispett reċiproċi; iqis li l-ftehim li sar fil-konċiljazzjoni fit-22 ta' Settembru 2011 u fil-kuntest tal-estimi (ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 adottata fil-plenarja b'479 vot favur) ma għandux jiġi kkontestat u l-ebda wieħed mill-elementi ta' dak il-ftehim ma għandu jinfetaħ mill-ġdid jekk minn dakinhar 'il hawn ma seħħew l-ebda ċirkostanzi ġodda;

79. Jinnota li l-allowance għall-infiq ġenerali hija ffriżata fil-livell tal-2011; jitlob lill-Bureau biex ma jindiċja l-ebda allowance tal-Membri (inkluża l-allowance "ta' kuljum");

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

80. Itenni li numru ta' riżervi ġew proposti matul in-negozjati baġitarji tal-Parlament; minkejja dan il-kompromess fil-konċiljazzjoni bejn il-Kumitat għall-Baġits u l-Bureau, jitlob li l-mistoqsijiet sottostanti f'dawn ir-riżervi rigward il-baġit tal-Parlament jitwieġbu u jiġu spjegati b'mod trasparenti, billi tingħata informazzjoni ċara dwar il-ħtiġijiet tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, il-catering, it-tindif u l-manutenzjoni kif ukoll is-servizzi u l-faċilitajiet tal-ivvjaġġar, servizzi esterni oħra u dwar l-istruttura tal-prezzijiet u kwalunkwe sussidji applikabbli oħra għal dawn is-servizzi;

*Riżorsi umani*

81. Japprova l-bidliet li ġejjin fl-organigramma:

— il-konverżjoni ta' żewġ postijiet AST3 temporanji f'żewġ postijiet AST1 permanenti għas-Servizz Mediku,

— 30 promozzjoni ta' postijiet AD5 għal AD7 bil-għan li jitqiesu r-riżultati tal-kompetizzjonijiet interni tal-AD7;

— il-konverżjoni ta' 15-il post AST (ħamsa AST3, ħamsa AST5 u ħamsa AST7) f'postijiet AD5;

82. Jiddeċiedi li japprova l-internalizzazzjoni tas-servizz ta' sigurtà, kif issuġġerit fl-Ittra Emendatorja, u, konsegwentement, li joħloq 29 post AST1 ġdid (26 AST1 u 3 AD5) fl-organigramma;

83. Japprova l-miżuri li ġejjin li jinsabu fl-Ittra Emendatorja, li ġew ibbilanċjati b'iffrankar ieħor:

— ir-rilaxx ta' approprjazzjonijiet mir-riżerva għall-politika tas-sigurtà l-ġdida;

— il-kumpens tal-emissjonijiet tal-karbonju ġġenerati mill-attivitajiet amministrattivi;

— iż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-persunal b'kuntratt bil-għan li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-politika tal-proprjetà tal-Parlament;

— iż-żieda fl-għotja annwali lill-EPA;

*Politika tal-bini u tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni*

84. Jemmen li l-politika tal-bini tal-Parlament tirrikjedi analiżi li ssir b'attenzjoni u li l-amministrazzjoni għandha tkompli tiżviluppa politika tal-bini f'kooperazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits; jitlob għalhekk li jinżamm infurmat fuq bażi regolari dwar l-iżviluppi l-ġodda għal proġetti tal-bini b'implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-baġit, bħal pereżempju l-bini tal-Konrad Adenauer; id-Dar tal-Istorja Ewropea u proġetti ta' bini/akkwist fil-postijiet ta' ħidma tal-Parlament; jitlob li jinżamm infurmat dwar il-ħolqien ta' karigi ġodda relatati mal-pjan ta' tliet snin ta' DĠ INLO qabel ma jiġu approvati mill-amministrazzjoni; jitlob lill-amministrazzjoni tistabbilixxi ftehim ta' servizz għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż rikorrenti mal-Kummissjoni, u ma' kwalunkwe istituzzjoni oħra li tkun tixtieq tuża l-faċilitajiet tad-Dar tal-Istorja Ewropea; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jikkoordinaw aħjar il-programmi tal-viżitaturi tagħhom bil-ħsieb li jisfruttaw is-sinerġiji, iżidu s-sodisfazzjon tal-viżitaturi u jaqsmu l-ispejjeż; jitlob lill-amministrazzjoni ttejjeb il-governanza tal-proġetti interistituzzjonali;

85. Jindika li l-finanzjament għal persunal kuntrattwali ġdid sabiex tkun appoġġjata l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-proprjetà tal-Parlament, għandu jkun żgurat b'mod trasparenti tul is-snin baġitarji li jmiss; barra minn hekk, jitlob li jinżamm infurmat dwar kwalunkwe intenzjoni għall-ħolqien ta' karigi ġodda u dwar kwalunkwe żieda fl-approprjazzjonijiet relatati mal-politika tad-DĠ INLO qabel ma jiġu approvati mill-amministrazzjoni;

86. Jemmen li l-proġett tad-Dar tal-Istorja Ewropea jirrikjedi kooperazzjoni attiva u kontribut finanzjarju mill-istituzzjonijiet l-oħrajn; jilqa’ l-impenn tal-President tal-Kummissjoni espress f’ittra tiegħu tat-28 ta’ Settembru 2011 li jikkontribwixxi b’mod sostanzjali għall-proġett u jiżgura appoġġ għall-funzjonament tad-Dar tal-Istorja Ewropea; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ April 2011 li titlob pjan ta’ negozju li jistipula l-istrateġija tan-negozju fuq perjodu twil ta’ żmien tad-Dar tal-Istorja Ewropea u jinnota li l-amministrazzjoni pprovdiet l-informazzjoni mitluba; itenni li d-deċiżjonijiet relatati mal-proġett għandhom ikunu suġġetti għal dibattitu miftuħ u djalogu li jħalli l-frott u għandhom jiżguraw proċess trasparenti tat-tehid tad-deċiżjonijiet; jitlob li jiġi infurmat malajr kemm jista’ jkun dwar il-proġett tal-bini skont l-Artikolu 179(3) tar-Regolament Finanzjarju; jistieden lill-Bureau jiżgura li jkun hemm konformità stretta mal-pjan tal-ispejjeż li jinsab fil-pjan ta’ negozju;

87. Jemmen li, bil-ħsieb li jsir iffrankar għal perjodu twil ta’ żmien, b’mod li l-organizzazzjoni ssir aktar moderna u effiċjenti, il-baġit tal-Parlament għandu jkun suġġett għal studju kumparattiv mal-baġits ta’ kampjun rappreżentattiv tal-Istati Membri u mal-baġit tal-Kungress tal-Istati Uniti;

*Kwistjonijiet marbuta mal-ambjent*

88. Jilqa’ l-istabbiliment ta’ inċentivi konkreti biex isir aktar użu ta’ mezzi ta’ trasport li jniġġsu anqas billi tiġi introdotta s-sistema tal-Jobcard ta’ 50 % fi Brussell; jirrimarka li r-riżerva fuq il-linji differenti għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiddependi wkoll mir-riżultat ta’ rapport mitlub mill-Bureau li jeżamina l-fattibilità ta’ miżuri biex tiġi żgurata l-akbar effiċjenza possibbli tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u li jagħmel rakkomandazzjonijiet għal iffrankar baġitarju;

89. Jitlob li jittieħdu aktar miżuri biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u tal-karti bil-ħsieb li jsir iffrankar fil-baġit tal-Parlament;

***Taqsima IV - Il-Qorti tal-Ġustizzja***

90. Jirrimarka li t-tnaqqis magħmul mill-Kunsill ikun iqiegħed lill-Qorti f’pożizzjoni fejn ma tkunx kapaċi twettaq dmirijietha kif suppost fil-kuntest ta’ ammont ta’ xogħol ġudizzjarju li qed jiżdied; għalhekk jiddeċieda li jerġa’ jġib l-AB parzjalment kif kien rigward l-approprjazzjonijiet dwar il-Membri, il-persunal u l-IT;

***Taqsima V - Il-Qorti tal-Awdituri***

91. Jinnota li l-Qorti qed tagħmel sforzi sinifikanti biex tirridistribwixxi persunal mis-servizzi ta’ appoġġ għall-attivitajiet ta’ verifika biex tissodisfa d-domandi li qed jiżdiedu fuq l-istituzzjoni, kif ukoll qed tagħmel ekonomiji sostanzjali fin-nefqa amministrattiva tagħha; jinnota li l-Kunsill naqqas approprjazzjonijiet għas-salarji fuq il-bażi tal-livell baxx ta’ implimentazzjoni fl-2010; qed jistenna li l-implimentazzjoni għall-2011 tagħti prestazzjoni aħjar u għalhekk jiddeċieda li jistabbilixxi mill-ġdid parzjalment l-AB;

***Taqsima VI - Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***

92. Jirrimarka li xi tnaqqas introdott mill-Kunsill jipperikola l-funzjonijiet ewlenin tal-KESE u jqajjem dubji dwar il-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-obbligi legali tiegħu fir-rigward tal-persunal tiegħu; jiddeċiedi għalhekk li jerġa’ jġib l-abbozz tal-baġit kif kien għall-approprjazzjonijiet disponibbli għall-Membri tal-KESE biex iwettqu l-attività ewlenija tal-istituzzjoni li tippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jesprimu l-fehmiet tagħhom fil-livell tal-UE, li fil-livell ta’ estimi prudenti għall-inflazzjoni effettivament ifisser iffriżar f’termini reali, li jerġa’ jġib l-abbozz tal-baġit kif kien parzjalment għar-remunerazzjoni u l-allowances tal-persunal u li jerġa’ jġib l-abbozz tal-baġit kif kien parzjalment għall-interpretazzjoni biex il-livell jinġieb lura għal dak tal-eżekuzzjoni fl-2009, li xorta waħda, meta jitqiesu ż-żidiet fir-rati għall-interpretazzjoni, ifisser tnaqqis f’termini reali;

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

*Taqsima VII - Il-Kumitat tar-Reġjuni*

93. Jirrifjuta parzjalment it-tnaqqis li ddaħħal mill-Kunsill; iżid il-parti l-kbira tal-partiti kkonċernati minħabba li l-Kunsill naqqas l-approprjazzjonijiet b'mod konsiderevoli għal anqas mil-livell tal-eżekuzzjoni tal-2010 u l-2011; jiddeċiedi għalhekk li jerġa' jġib kif kien l-abbozz tal-baġit bil-għan li jippermetti lill-istituzzjoni tippreserva l-livell ta' attivitajiet politiċi tal-2011;

*Taqsima VIII - L-Ombudsman Ewropew*

94. Hu tal-fehma li l-approprjazzjonijiet għal din l-istituzzjoni diġà ġew imnaqqsa b'mod sinifikanti fuq dawn l-aħħar sentejn; għalhekk jerġa' jġib kif kien l-AB fuq il-parti l-kbira tal-linji;

*Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

95. Ħa veduta differenti mill-Kunsill u aċċetta l-ħolqien ta' żewġ postijiet permanenti addizzjonali (1 AD9 u 1 AD6) fl-organigramma tal-KEPD minħabba l-kompiti l-ġodda għal din l-istituzzjoni kkonferiti lilha mill-Artikolu 16 TFUE peress li huwa l-kompitu tal-KEPD li jimmoniterja u jiżgura li d-drittijiet fundamentali tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data personalijiġu rispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE); jaċċetta, biex jikkonforma mal-obbligi legali, il-promozzjoni tad-direttur tagħha minn AD14 għal AD15, għalkemm il-persunal tal-KEPD b'kollox jgħodd 43 post;

96. Għall-istess raġuni ddeċieda li jerġa' jġib il-linji l-oħra lura kif kienu fl-AB;

*Taqsima X - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*

97. Jinnota li s-SEAE bħala organizzazzjoni ġdida li tirrappreżenta ambizzjoni ewlenija Ewropea teħtieġ li jkollha biżżejjed mezzi; f'dan ir-rigward, l-approprjazzjonijiet għar-remunerazzjoni tal-persunal għall-2012 jeħtieġ li jqisu r-rati veri ta' postijiet battala fil-Ħarifa 2011; jistieden lis-SEAE joqgħod lura fir-rigward tal-ħolqien futur ta' karigi ta' livell għoli; jemmen li mod kif jintlaħaq dan ikun li l-Esperti Nazzjonali Sekondati (SNE) jiġu sostitwiti b'mod gradwali b'karigi permanenti għall-uffiċjali tal-Istati Membri; Jinnota li l-Esperti Nazzjonali Ssekondati mhux qed jingħaddu fit-terz tal-persunal tas-SEAE fil-livell ta' AD; madankollu, ifakkar fid-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE li tgħid li "sal-iskadenza tal-kuntratt ta' SNE ttrasferit fis-SEAE skont l-artikolu 7, il-funzjoni tiġi konvertita f'kariga ta' aġent temporanju fejn il-funzjoni mwettqa mill-SNE tikkorrispondi għal funzjoni normalment imwettqa minn persunal fil-livell AD, sakemm il-kariga neċessarja tkun disponibbli skont l-organigramma"; barra minn hekk, jenfasizza li r-rekwiżiti operattivi għat-twaqqif tas-SEAE bis-sistemi tiegħu stess tat-teknoloġija tal-informazzjoni f'bini ġdid jeħtieġu li jiġu ffinanzjati;

98. Jikkunsidra l-kjarifiki li waslu mis-SEAE fl-ittra mibgħuta mill-President tal-Kumitat għall-Baġits fit-30 ta' Settembru 2011 rigward is-sehem ta' uffiċjali tal-UE fl-organigramma, bi qbil mal-impenn meħud mill-VP/RGħ; għalhekk, jiddeċiedi li jerġa' jġib kif kienet l-organigramma tas-SEAE kif proposta fl-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni, u jemmen li r-riżervi kollha relatati mar-reklutaġġ u t-twaqqif ta' delegazzjoni tal-UE fl-Emirati Gharab Magħquda għandhom jitneħħew;

99. Huwa mħasseb dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill li jnaqqas l-abbozz tal-baġit tas-SEAE għall-2012 għal +2,25 %; ħa wkoll approċċ prudenti fuq iż-żidied minħabba l-kuntest finanzjarju ġenerali u jaċċetta parzjalment biss it-talbiet tas-SEAE;

100. Jaċċetta l-emendi mitluba għall-organigramma tas-SEAE, notevolment bil-ħsieb li jissaħħu d-delegazzjonijiet; madankollu se jkompli jeżerċita viġilanza rigward il-kompożizzjoni tal-persunal tas-SEAE u l-konformità mal-obbligu statutarju li l-uffiċjali tal-UE jirrappreżentaw mill-inqas 60 % tal-persunal AD tas-SEAE; jitlob li s-SEAE jipprovdi rapporti regolari dwar din il-kwistjoni; jirrimarka li ż-żieda fil-ħtiġijiet baġitarji tas-SEAE hija riżultat ta' riallokazzjoni tal-kompetenzi li qabel kienu jitwettqu mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, u l-iżvilupp ta' ħtiġijiet sottovalutati bħall-ispejjeż tal-bidu, obbligi ġodda u kompiti attwalment imwettqa mill-Kunsill u mill-Kummissjoni;

*

* *

101. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati.

---

## Il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja ***

P7_TA(2011)0462

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja (11114/2011 – C7-0184/2011 – 2011/0033(NLE))**

(2013/C 131 E/23)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11114/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja (06647/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 171 u 172 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikoli 218(6) u 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0184/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(7) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0316/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tan-Norveġja.

---

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

## Ftehim Stati Uniti tal-Amerika/KE dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita GALILEO u GPS ***

P7_TA(2011)0463

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita GALILEO u GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (11117/2011 – C7-0185/2011 – 2011/0054(NLE))**

(2013/C 131 E/24)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11117/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' GALILEO u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (11575/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 171 u 172 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(8), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0185/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(7) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0332/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Uniti tal-Amerika.

---

## Is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (Riformulazzjoni) *

P7_TA(2011)0464

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (Riformulazzjoni) (COM(2010)0784 – C7-0030/2011 – 2010/0387(CNS))**

(2013/C 131 E/25)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0784),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0030/2011),

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 biex isir użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni għal atti legali ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-25 ta' Marzu 2011 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0314/2011),

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta inkwistjoni ma tinkludi l-ebda emenda ta' sustanza għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux tal-atti ta' qabel flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed b'mod sostanzjali mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (9) Fejn jidħol it-trattament ta' *l-istabbilimenti* permanenti, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet u l-istrumenti legali sabiex jipproteġu d-dħul mit-taxxa nazzjonali u jiġi evitat it-tidwir tal-liġijiet nazzjonali, skond il-prinċipji tat-Trattat u filwaqt li jitqiesu r-regoli tat-taxxa aċċettati internazzjonalment. | (9) Fejn jidħol it-trattament *tal-istabbilimenti* permanenti, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet u l-istrumenti legali sabiex jipproteġu d-dħul mit-taxxa nazzjonali u jiġi evitat it-tidwir tal-liġijiet nazzjonali, ***u sabiex jevitaw forom estremi ta' tassazzjoni insuffiċenti jew nuqqas ta' tassazzjoni***, skont il-prinċipji tat-Trattat u filwaqt li jitqiesu r-regoli tat-taxxa aċċettati internazzjonalment. |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) iżommu lura milli jintaxxaw dan il-qligħ; or | (a) iżommu lura milli jintaxxaw dan il-qligħ ***jekk ikun ġie ntaxxat fl-Istat tas-sussidjarja b'rata ta' taxxa korporattiva statutorja mhux iktar baxxa minn 70 % tar-rata tat-taxxa korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri***; or |

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) jintaxxaw dan il-qligħ filwaqt li jawtorizzaw lill-kumpannija prinċipali u lill-istabbiliment permanenti li jnaqqsu mill-ammont mistħoqq tat-taxxa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet li jkollu x'jaqsam ma' dan il-qligħ u mħallas mis-sussidjarja u minn kull sussidjara fi skala iktar baxxa, suġġett għall-kondizzjoni illi f'kull skala kumpannija u s-sussidjara ta' l-iskala iktar baxxa tagħha jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u jissodisfaw il-ħtiġiet ipprovvduti fl-Artikolu 3, sal-limitu ta' l-ammont tat-taxxa mistħoqqa korrispondenti. | (b) jintaxxaw dan il-qligħ ***b'rata ta' taxxa korporattiva statutorja mhux iktar baxxa minn 70 % tar-rata ta' taxxa korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri*** filwaqt li jawtorizzaw lill-kumpannija prinċipali u lill-istabbiliment permanenti li jnaqqsu mill-ammont mistħoqq tat-taxxa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet li jkollu x'jaqsam ma' dan il-qligħ u mħallas mis-sussidjarja u minn kull sussidjarja fi skala iktar baxxa, suġġett għall-kundizzjoni illi f'kull skala kumpannija u s-sussidjarja tal-iskala iktar baxxa tagħha jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u jissodisfaw il-ħtiġijiet ipprovduti fl-Artikolu 3, sal-limitu tal-ammont tat-taxxa mistħoqqa korrispondenti. |

## Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni***I

P7_TA(2011)0465

**Emendi tal-Parlament Ewropew adottati fis-26 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM(2010)0815 – C7-0016/2011 – 2010/0395(COD))** (1)

(2013/C 131 E/26)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ġie sostanzjalment emendat diversi drabi. Ladarba għandhom isiru emendi oħra, inklużi bidliet sabiex jitqiesu l-emendi introdotti mit-Trattat ta' Lisbona, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 għandu jiġi sostitwit minn dan ir-Regolament, ***fl-interessi*** taċ-ċarezza. | (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ġie sostanzjalment emendat diversi drabi. Ladarba għandhom isiru emendi oħra, inklużi bidliet sabiex jitqiesu l-emendi introdotti mit-Trattat ta' Lisbona, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 għandu jiġi sostitwit minn dan ir-Regolament***, skont it-Trattat ta' Lisbona adottat konġuntament mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fl-interess*** taċ-ċarezza. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (2) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 stabbilixxa l-prinċipji baġitarji u r-regoli finanzjarji li għandhom jiġu rrispettati fl-atti leġiżlattivi kollha u mill-istituzzjonijiet kollha. Il-prinċipji fundamentali, il-kunċett u l-istruttura tar-Regolament u r-regoli bażiċi tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja jenħtieġ li | (2) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 stabbilixxa l-prinċipji baġitarji u r-regoli finanzjarji***, li jirregolaw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali, jiggarantixxu amministrazzjoni soda u effikaċi, kontroll u protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll iżidu t-trasparenza,*** |

(1) Il-każ kien riferut lura lill-kumitat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0325/2011).

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| jinżammu. Id-derogi mill-prinċipji fundamentali għandhom jiġu riveduti u ssimplifikati safejn possibbli, filwaqt li titqies ir-relevanza li għad għandhom, il-valur miżjud tagħhom għall-baġit tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem 'il-baġit') u l-piż li jimponu fuq dawk involuti. Huwa neċessarju li jinżammu u jissaħħu l-elementi ewlenin tar-riforma finanzjarja: ir-rwol tal-atturi finanzjarji, l-integrazzjoni tal-kontrolli fis-servizzi operattivi, l-awdituri interni, l-Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività, l-immodernizzar tal-prinċipji u r-regoli tal-kontabilità, u l-prinċipji bażiċi għall-għotjiet. | li għandhom jiġu rrispettati fl-atti leġiżlattivi kollha u mill-istituzzjonijiet kollha. Il-prinċipji fundamentali, il-kunċett u l-istruttura tar-Regolament u r-regoli bażiċi tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja jenħtieġ li jinżammu. Id-derogi mill-prinċipji fundamentali għandhom jiġu riveduti u ssimplifikati safejn possibbli, filwaqt li titqies ir-relevanza li għad għandhom, il-valur miżjud tagħhom għall-baġit tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem 'il-baġit') u l-piż li jimponu fuq dawk involuti. Huwa neċessarju li jinżammu u jissaħħu l-elementi ewlenin tar-riforma finanzjarja: ir-rwol tal-atturi finanzjarji, l-integrazzjoni tal-kontrolli fis-servizzi operattivi, l-awdituri interni, l-Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività, l-immodernizzar tal-prinċipji u r-regoli tal-kontabilità, u l-prinċipji bażiċi għall-għotjiet. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA | EMENDA |
|---|---|
| | ***(4a) Rigward il-programmi qafas tar-riċerka tal-Unjoni, għandhom ikunu introdotti aktar simplifikazzjoni u armonizzazzjoni tar-regoli u proċeduri, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2010 dwar is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas tar-Riċerka [1], u fir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm Qafas, ippubblikat fit-12 ta' Novembru 2010 fuq il-bażi tal-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.*** |

***(1) Testi adottati, P7_TA(2010)0401.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| | |
|---|---|
| (5) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 kien limitat għall-istqarrija tal-prinċipji wiesgħa u r-regoli bażiċi li jirregolaw is-settur sħiħ tal-baġit kif kopert mit-Trattati, waqt li d-dispożizzjonijiet implementattivi ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[11] sabiex tiġi prodotta ġerarkija ta' regoli aħjar u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jsir aktar faċli biex jinqara. Taħt ***it-Trattat*** dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-'TFUE') ***il-Kummissjoni tista' tirċievi delega*** li tadotta atti ***ta' applikazzjoni ġenerali*** sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' ***atti leġiżlattivi***. B'konsegwenza ta' dan, xi dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, għandhom jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament. ***Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament adottati mill-Kummissjoni għandhom ikunu limitati għal dettalji tekniċi u modalitajiet ta' implimentazzjoni.*** | (5) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 kien limitat għall-istqarrija tal-prinċipji wiesgħa u r-regoli bażiċi li jirregolaw is-settur sħiħ tal-baġit kif kopert mit-Trattati, waqt li d-dispożizzjonijiet implementattivi ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[11] sabiex tiġi prodotta ġerarkija ta' regoli aħjar u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jsir aktar faċli biex jinqara. Taħt ***l-Artikolu 290 tat-Trattat*** dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-'TFUE') ***att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa*** li tadotta atti ***mhux leġiżlattivi*** sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ***tal-att leġiżlattiv***. B'konsegwenza ta' dan, xi dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, għandhom jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (8) Ir-regoli dwar l-imgħax iġġenerat mill-prefinanzjament għandhom jiġu ssimplifikati għaliex jiġġeneraw piż amministrattiv eċċessiv kemm fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE kif ukoll fuq is-servizzi tal-Kummissjoni u joħolqu malintiżi bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-operaturi u l-imsieħba. Bl-iskop li tinkiseb simplifikazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-benefiċjarji tal-għotjiet, u f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, ***ma għandux ikun hemm aktar obbligu*** li jiġu ġġenerati imgħaxijiet fuq il-prefinanzjament u li jiġu rkuprati dawn l-imgħaxijiet. Madankollu, għandu jkun possibbli li dan l-obbligu jiġi inkluż fi ftehim ta' delega sabiex l-imgħaxijiet iġġenerati mill-prefinanzjament għall-programmi ġestiti minn xi delegati jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw, jew jiġu rkuprati. | (8) Ir-regoli dwar l-imgħax iġġenerat mill-prefinanzjament għandhom jiġu ssimplifikati għaliex jiġġeneraw piż amministrattiv eċċessiv kemm fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE kif ukoll fuq is-servizzi tal-Kummissjoni u joħolqu malintiżi bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-operaturi u l-imsieħba. Bl-iskop li tinkiseb simplifikazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-benefiċjarji tal-għotjiet, u f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, ***l-obbligu*** li jiġu ġġenerati imgħaxijiet fuq il-prefinanzjament u li jiġu rkuprati dawn l-imgħaxijiet ***għandu jitneħħa minnufih***. Madankollu, għandu jkun possibbli li dan l-obbligu jiġi inkluż fi ftehim ta' delega sabiex l-imgħaxijiet iġġenerati mill-prefinanzjament għall-programmi ġestiti minn xi delegati jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw, jew jiġu rkuprati. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (11) ***It-Trattat jitlob li l-qafas*** finanzjarju multiannwali jiġi stabbilit fil-forma ta' regolament. Huwa ***għalhekk neċessarju*** li jiġu inkorporati ċerti dispożizzjonijiet ***mill-qafas finanzjarju multiannwali għall-2007-2013*** f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata d-dixxiplina baġitarja, huwa neċessarju li tiġi stabbilita rabta bejn il-qafas finanzjarju multiannwali u l-proċedura baġitarja annwali. Huwa wkoll neċessarju li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-impenn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiġu rrispettati l-allokazzjonijiet għall-approprjazzjonijiet għall-impenji stabbiliti fl-atti bażiċi għall-operazzjonijiet strutturali, l-iżvilupp rurali u l-Fond Ewropew tas-Sajd. | (11) ***Billi f'konformità mat-Trattat il-qafas*** finanzjarju multiannwali ***se*** jiġi stabbilit ***fil-futur*** fil-forma ta' regolament ***u l-ftehim interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanazjarja tajba għandu jiġi emendat f'dan is-sens,*** huwa ***loġiku*** li jiġu inkorporati ċerti dispożizzjonijiet ***mill-ftehim interistituzzjonali*** f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata d-dixxiplina baġitarja, huwa neċessarju li tiġi stabbilita rabta bejn il-qafas finanzjarju multiannwali u l-proċedura baġitarja annwali. Huwa wkoll neċessarju li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-impenn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiġu rrispettati l-allokazzjonijiet għall-approprjazzjonijiet għall-impenji stabbiliti fl-atti bażiċi għall-operazzjonijiet strutturali, l-iżvilupp rurali u l-Fond Ewropew tas-Sajd. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(13a) Dħul irċevut minn partijiet terzi mhux statali biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi tal-Unjoni, bħall-ġlieda kontra l-kutrabandu u l-falsifikazzjoni tas-sigaretti (eż. il-Ftehim 'Phillip Morris'), għandu jiġi trattat bħala dħul assenjat, b'mod partikolari meta dawn ikunu r-riżultat ta' ftehimiet konklużi fil-proċess ta' sejba ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (16) ***Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-proporzonalità, il-kunċett tar-riskju tollerabbli ta' żbalji għandu jiġi introdott bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju li ssir mill-Uffiċjal Awtorizzanti. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu*** | (16) ***Bil-għan li jiġi valutat ir-riskju ta' żbalji, billi jitqies il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja fis-sod u kontrolli adegwati, u biex ikun hemm reazzjoni f'dan is-sens, għandu jintuża strument ta' ġestjoni li jippreżenta r-riskju ta' żbalji*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *jistgħu ma jużawx il-limitu ta' materjalità ġenerali ta' 2 % użat mill-Qorti tal-Awdituri sabiex tikkonkludi dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Il-livelli ta' riskju tollerabbli jkunu bażi aktar xierqa sabiex fuqhom l-Awtorità tal-Kwittanza tiddeċiedi dwar il-kwalità tal-ġestjoni tar-riskju mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom għalhekk jiddeterminaw il-livell ta' riskju tollerabbli ta' żbalji għal kull qasam ta' politika, filwaqt li jqisu l-kosti u l-benefiċċji tal-kontrolli.* | |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(16a) Il-prinċipju tat-trasparenza, imħaddan fl-Artikolu 15 TFUE li jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jaħdmu kemm jista' jkun b'mod miftuħ, jirrikjedi li, fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsiru jafu fejn u għal liema skop ikunu qed jintużaw il-fondi tal-Unjoni. Informazzjoni bħal din trawwem id-dibattitu demokratiku, tikkontribwixxi għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u ssaħħaħ il-kontroll u l-iskrutinju istituzzjonali fuq in-nefqa tal-Unjoni. Dan l-objettiv jista' jinkiseb permezz tal-pubblikazzjoni, preferibilment bl-użu ta' għodda moderni ta' komunikazzjoni, ta' informazzjoni rilevanti dwar il-kuntratturi finali u l-benefiċjarji finali tal-fondi tal-Unjoni, li tqis l-interessi leġittimi tagħhom ta' kunfidenzjalità u ta' sikurezza u, f'dak li jikkonċerna l-persuni naturali, id-drittijiet tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u l-ħarsien tad-data personali tagħhom. L-istituzzjonijiet għalhekk għandhom japplikaw approċċ selettiv b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq kriterji rilevanti sabiex jipprovdu informazzjoni ta' valur.* |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(23a) Għal għotjiet ta' valur baxx jew baxx ħafna, jistgħu jiġu applikati proċeduri simplifikati fil-kontabilità u l-awtorizzazzjoni sabiex jinħoloq approċċ ibbażat fuq il-benefiċjarju.* |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23 b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(23b) L-għotjiet jistgħu wkoll jiġu awtorizzati fil-qasam tar-riċerka bażika, fejn l-ebda eżitu jew riżultat ma jista' jiġi ppreżentat, b'konsegwenza tal-attività ta' riċerka.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 12**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (24) L-esperjenza bis-Sħubijiet Pubbliċi Privati (PPPs) istituzzjonalizzati bħala korpi tal-Unjoni taħt l-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 turi li alternattivi oħra għandhom jiġu miżjuda sabiex tiżdied l-għażla ta' strumenti sabiex din tinkludi korpi li r-regoli tagħhom huma aktar flessibbli u aċċessibbli għall-imsieħba privati minn dawk applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dawn l-alternattivi għandhom joperaw taħt ġestjoni indiretta. Alternattiva għal dan għandu jkun korp stabbilit b'att bażiku u mogħni b'regoli finanzjarji li għandhom iqisu l-prinċipji neċessarji sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu adottati b'regolament delegat u għandhom ikunu bbażati fuq dawk li magħhom għandhom jikkonformaw entitajiet terzi fdati bi dmirijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit. ***Alternattiva oħra għandha tkun l-implimentazzjoni tal-PPPs mill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru.*** | (24) L-esperjenza bis-Sħubijiet Pubbliċi Privati (PPPs) istituzzjonalizzati bħala korpi tal-Unjoni taħt l-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 turi li alternattivi oħra għandhom jiġu miżjuda sabiex tiżdied l-għażla ta' strumenti sabiex din tinkludi korpi li r-regoli tagħhom huma aktar flessibbli u aċċessibbli għall-imsieħba privati minn dawk applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dawn l-alternattivi għandhom joperaw taħt ġestjoni indiretta. Alternattiva għal dan għandu jkun korp stabbilit b'att bażiku u mogħni b'regoli finanzjarji li għandhom iqisu l-prinċipji neċessarji sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu adottati b'regolament delegat ***li dwaru l-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tkun ikkonsultata*** u għandhom ikunu bbażati fuq dawk li magħhom għandhom jikkonformaw entitajiet terzi fdati bi dmirijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit. |

**Emenda 13**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (25) L-obbligi bażiċi ta' kontroll u awditjar tal-Istati Membri fejn dawn jimplimentaw il-baġit b'mod indirett f'ġestjoni maqsuma, li bħalissa jeżistu biss f'Regolamenti speċifiċi għal setturi, għandhom, f'konformità mal-Artikoli 317 u 290 tat-TFUE, ikunu introdotti f'dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu qafas koerenti għall-oqsma ta' politika kollha kkonċernati, dwar struttura amministrattiva armonizzata fuq il-livell nazzjonali, obbligi komuni ta' ġestjoni u kontroll għal dawk l-istrutturi, dikjarazzjoni annwali tal-assigurazzjoni annwali tal-ġestjoni b'opinjoni indipendenti tal-awditu dwarha u dikjarazzjoni annwali mill-Istati Membri li biha jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni li huma fdati lilhom, il-mekkaniżmi tal-approvazzjoni, sospensjoni u korrezzjoni finanzjarja operati mill-Kummissjoni. Dispożizzjonijiet dettaljati għandhom jinżammu f'Regolamenti speċifiċi għas-setturi. | (25) L-obbligi bażiċi ta' kontroll u awditjar tal-Istati Membri fejn dawn jimplimentaw il-baġit b'mod indirett f'ġestjoni maqsuma, li bħalissa jeżistu biss f'Regolamenti speċifiċi għal setturi, għandhom, f'konformità mal-Artikoli 317 u 290 tat-TFUE, ikunu introdotti f'dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu qafas koerenti għall-oqsma ta' politika kollha kkonċernati, dwar struttura amministrattiva armonizzata fuq il-livell nazzjonali, ***li ma toħloq l-ebda struttura ta' kontroll addizzjonali iżda tippermetti lill-Istati Membri jakkreditaw korpi fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom ikollhom il-kompetenza li jiddeterminaw l-entità jew l-organizzazzjoni li taqdi l-funzjonijiet ta' awtorità responsabbli mill-akkreditament, li tista' tkun fl-istess livell amministrattiv bħall-korp akkreditat jew diġà tkun responsabbli mis-superviżjoni ta' awtoritajiet oħrajn fil-preżent; dan ma għandux jipprekludi l-għażla ta' kwalunkwe struttura oħra min-naħa tal-Istat Membri sakemm dan huwa konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk,*** obbligi komuni ta' ġestjoni u kontroll għal dawk l-istrutturi, dikjarazzjoni annwali tal-assigurazzjoni annwali tal-ġestjoni b'opinjoni indipendenti tal-awditu dwarha u dikjarazzjoni annwali mill-Istati Membri li biha jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni li huma fdati lilhom, il-mekkaniżmi tal-approvazzjoni, sospensjoni u korrezzjoni finanzjarja operati mill-Kummissjoni ***għandhom ikunu f'dan ir-Regolament bil-għan li jinħoloq qafas leġiżlattiv koerenti li jtejjeb ukoll iċ-ċertezza ġuridika ġenerali u l-effiċjenza tal-kontrolli u tal-azzjonijiet riparatorji kif ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***. Dispożizzjonijiet dettaljati għandhom jinżammu f'Regolamenti speċifiċi għas-setturi. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33 a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(33a) L-abbozzi ta' proposti kollha ppreżentati lill-awtorità leġiżlattiva għandhom ikunu adatti għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji tal-informazzjoni faċli għall-utent (gvern elettroniku) u l-interoperabilità ta' data pproċessata fil-ġestjoni tal-baġit għandha tkun garantita u għandha ttejjeb l-effiċjenza. Għandhom ikunu previsti standards uniformi tat-trażmissjoni ta' data għad-data disponibbli f'format elettroniku. Biex dawn l-objettivi jintlaħqu għandu jiġi konċess perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn li jiddekorri mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38 a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(38a) Somom ta' flus li jingħataw f'daqqa u r-rati fissi għandhom jintużaw fuq bażi volontarja u applikati biss fejn hu xieraq. It-terminoloġija li tintuża għar-rati fissi u s-somom ta' flus li jingħataw f'daqqa għandha tkun iċċarata.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38 b (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(38b) Kjarifika ulterjuri jew definizzjoni raġjonevoli ta' kosts eleġibbli għandha tkun proposta minħabba li ssaħħaħ il-konformità mal-prinċipju sħiħ tal-kosts, fosthom il-kosts diretti u indiretti, l-istadji ta' qabel u ta' wara tar-riċerka.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43 a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***(43a) Bil-għan li tħalli lil dawk li jiġu awditjati biżżejjed żmien biex jindirizzaw ir-riżultati tal-Qorti tal-Awdituri li jista' jkollhom impatt fuq il-kontijiet finali ta' dawk awditjati jew il-legalità u/jew ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, il-Qorti tal-Awdituri għandha tiggarantixxi li tali riżultati kollha jiġu trażmessi lill-istituzzjoni jew korp ikkonċernat fi żmien xieraq.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| | |
| --- | --- |
| (44) Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontijiet provviżorji u finali għandhom jiġu aġġornati, b'mod partikolari sabiex jipprovdu għall-informazzjoni tar-rappurtar li għandha takkumpanja l-kontijiet li jintbagħtu lill-uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-konsolidazzjoni. Għandha ssir ukoll referenza għall-ittra ta' rappreżentazzjoni li takkumpanja t-trażmissjoni, mill-istituzzjonijiet u l-korpi ffinanzjati mill-baġit, lill-Qorti tal-Awdituri tal-kontijiet finali tagħhom, kif ukoll l-ittra ta' rappreżentazzjoni li takkumpanja t-trażmissjoni tal-kontijiet finali kkonsolidati tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, skadenza aktar bikrija għandha tiġi stabbilita għall-Qorti tal-Awdituri sabiex din tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni u l-korpi li huma | (44) Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontijiet provviżorji u finali għandhom jiġu aġġornati, b'mod partikolari sabiex jipprovdu għall-informazzjoni tar-rappurtar li għandha takkumpanja l-kontijiet li jintbagħtu lill-uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-konsolidazzjoni. Għandha ssir ukoll referenza għall-ittra ta' rappreżentazzjoni li takkumpanja t-trażmissjoni, mill-istituzzjonijiet u l-korpi ffinanzjati mill-baġit, lill-Qorti tal-Awdituri tal-kontijiet finali tagħhom, kif ukoll l-ittra ta' rappreżentazzjoni li takkumpanja t-trażmissjoni tal-kontijiet finali kkonsolidati tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, skadenza aktar bikrija għandha tiġi stabbilita għall-Qorti tal-Awdituri sabiex din tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni u l-korpi li huma |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ffinanzjati mill-baġit sabiex dawn ikunu jistgħu jipproduċu l-kontijiet finali tagħhom fid-dawl tar-rimarki tal-Qorti tal-Awdituri. | ffinanzjati mill-baġit sabiex dawn ikunu jistgħu jipproduċu l-kontijiet finali tagħhom fid-dawl tar-rimarki tal-Qorti tal-Awdituri. ***Bl-għan li tingħalaq il-proċedura ta' kwittanza matul is-sena ta' wara s-sena finanzjarja kkonċernata, għandu jitwaqqaf grupp ta' ħidma li jagħmel proposti bl-għan li jnaqqsu d-dewmien ta' din il-proċedura.*** |

**Emenda 19**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| | |
|---|---|
| (45) Fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kwittanza, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar il-finanzi tal-Unjoni bbażat fuq ir-riżultati miksuba, f'konformità mal-Artikolu 318 tat-TFUE. Dispożizzjonijiet adegwati għandhom għalhekk jiġu introdotti f'dan ir-Regolament għal dan ir-rapport fir-rigward ta' rekwiżiti oħra ta' rappurtar eżistenti. | (45) Fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kwittanza, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar il-finanzi tal-Unjoni bbażat fuq ir-riżultati miksuba, f'konformità mal-Artikolu 318 tat-TFUE. Dispożizzjonijiet adegwati għandhom għalhekk jiġu introdotti f'dan ir-Regolament għal dan ir-rapport fir-rigward ta' rekwiżiti oħra ta' rappurtar eżistenti. ***Partikolarment ir-rapport għandu jinkludi elementi dwar il-kisbiet fil-qasam tal-aspetti tal-ġeneru tal-politika tal-persunal.*** |

**Emenda 20**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| | |
|---|---|
| (48) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet esterni, huwa neċessarju li dawn jiġu adattati għall-bidliet proposti għall-metodi tal-implimentazzjoni. | (48) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet esterni, huwa neċessarju li dawn jiġu adattati għall-bidliet proposti għall-metodi tal-implimentazzjoni ***u li jkun propost approċċ differenzjat meta l-Unjoni Ewropea tkun meħtieġa twieġeb għal emerġenzi umanitarji, kriżijiet internazzjonali jew pajjiżi terzi li jkunu għaddejja minn proċess ta' tranżizzjoni demokratika***. |

**Emenda 21**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 54 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(54a) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha għal atti delegati, inkluż fuq il-livell tal-esperti.***<br>***Il-Kummissjoni, waqt li tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 22**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 55**

| | |
|---|---|
| ***(55) Ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju għandha ssir biss meta jkun neċessarju. Reviżjonijiet frekwenti wisq tar-RF jiġġeneraw spejjeż sproporzjonati fl-aġġustar tal-istrutturi u l-proċeduri amministrattivi għar-regoli l-ġodda. Minbarra dan, iż-żmien jista' jkun qasir wisq biex ikun possibbli li wieħed jasal għal konklużjonijiet validi mill-applikazzjoni tar-regoli li jkunu fis-seħħ.*** | *imħassar* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 56 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(56a) Il-leġġibilità ta' dan ir-Regolament għandha titjieb permezz ta' żieda ta' indiċi li jkun jinkludi wkoll l-ismijiet ta' kull artikolu, kif ukoll glossarju tat-termini finanzjarji,*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment ***u l-implimentazzjoni*** tal-baġit ***annwali*** tal-Unjoni Ewropea, (***minn hawn 'il quddiem*** il-"baġit"), ***u għall-preżentazzjoni u l-awditjar*** tal-kontijiet. | ***1.*** Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment ***u l-implimentazzjoni*** tal-baġit ***ġenerali*** tal-Unjoni Ewropea, (il-"baġit"), ***u għall-preżentazzjoni u l-verifika*** tal-kontijiet. |
| | ***2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:*** |
| | ***— it-terminu "istituzzjoni" jirreferi għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (is-"SEAE");*** |
| | ***— il-Bank Ċentrali Ewropew m'għandux jitqies bħala istituzzjoni tal-Unjoni.*** |
| | ***Kwalunkwe referenza għall-"Unjoni" għandha tinftiehem bħala referenza għall-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Kwalunkwe dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa tal-baġit, li jinsabu f'att leġiżlattiv ieħor, għandhom ikunu konformi ***mal-prinċipji tal-baġit kif elenkati fit-Titolu II***. | Kwalunkwe dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa tal-baġit, li jinsabu f'att leġiżlattiv ieħor, għandhom ikunu konformi ***ma' dan ir-Regolament u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bi qbil mar-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199***. |
| ***Dan ir-Regolament għandu japplika għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem 'l-istituzzjoni(jiet)').*** | ***Kull proposta leġiżlattiva jew emenda għal proposta leġiżlattiva mressqa lill-awtorità leġiżlattiva għandha tindika b'mod ċar id-dispożizzjonijiet li jinkludu devjazzjonijiet minn dan ir-Regolament jew mir-regolamenti delegati adottati skont dan ir-Regolament u għandhom jagħtu b'mod ċar ir-raġunijiet speċifiċi li jiġġustifikaw dawn id-devjazzjonijiet fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni relevanti ta' kwalunkwe proposta bħal din.*** |
| ***Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-Bank Ċentrali Ewropew.*** | |
| ***Dan ir-Regolament għandu japplika għall-implimentazzjoni tal-infiq amministrattiv fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ipprovduti fil-baġit għall-Aġenzija tal-Forniment tal-Euratom.*** | |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 2a*<br>*Protezzjoni tad-data personali* |
| | ***Dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika ir-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u lanqas tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. ***Il-baġit huwa l-istrument li***, għal kull sena finanzjarja, ***ibassar u jawtorizza*** d-dħul u l-infiq kollu meqjus bħala meħtieġ għall-Unjoni ***u għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika***. | 1. ***Kull dħul u nfiq għandu jiġi inkluż fil-baġit u fl-annessi tiegħu***, ***inklużi,*** għal kull sena finanzjarja, ***tbassir u*** d-dħul u l-infiq kollu ***awtorizzat*** meqjus bħala meħtieġ għall-Unjoni. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. Id-dħul u l-infiq tal-Unjoni għandhom jinkludu: | 2. Id-dħul u l-infiq tal-Unjoni għandhom jinkludu: |
| (a) id-dħul u l-infiq tal-Unjoni***, inkluża n-nefqa amministrattiva kkaġunata għall-istituzzjonijiet mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw il-politka barranija u tas-sigurtà komuni, u n-nefqa operattiva kkaġunata mill-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet meta din tkun tinġarr mill-baġit***; | (a) id-dħul u l-infiq tal-Unjoni; |
| (b) ***l-infiq u d-dħul mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.*** | (b) ***id-dħul u l-infiq dovuti għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp rispettiv.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. L-infiq tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 2 jinkludi:*** |
| | ***(a) l-infiq amministrattiv, inkluż l-infiq kkaġunat għall-istituzzjonijiet mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw il-Politka Barranija u ta' Sigurtà Komuni, u l-infiq operattiv ikkaġunat mill-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet meta dan ikun kopert mill-baġit; kif ukoll;*** |
| | ***(b) l-infiq operattiv, ikkaġunat mill-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet meta dan ikun kopert mill-baġit, inkluż infiq ta' appoġġ relatat.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2b. Il-baġit għandu jirreġistra il-garanzija għall-operazzjonijiet ta' għoti u teħid ta' self li impenjat ruħha fihom l-Unjoni fil-ġestjoni tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u l-pagamenti għall-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. L-imgħax li jkun ġej minn fondi li huma l-proprjetà tal-Unjoni ma għandux ikun dovut lill-Unjoni minbarra kif stipulat mod ieħor fil-ftehimiet konklużi mal-entitajiet fdati fil-punti (ii) sa (viii) tal-Artikolu 55(1)(b)***, u fid-deċiżjonijiet jew ftehimiet tal-għotja konklużi mal-benefiċjarji***. F'dawn il-każijiet, dan l-imgħax għandu jerġa' jintuża għall-programm li jikkorrispondi miegħu jew jiġi rkuprat. | 4. L-imgħax li jkun ġej minn fondi li huma l-proprjetà tal-Unjoni ma għandux ikun dovut lill-Unjoni minbarra kif stipulat mod ieħor fil-ftehimiet konklużi mal-entitajiet fdati fil-punti (ii) sa (viii) tal-Artikolu 55(1)(b). F'dawn il-każijiet, dan l-imgħax għandu jerġa' jintuża għall-programm li jikkorrispondi miegħu ***u jinqata' kontra l-intitolamenti tar-riċevitur rispettiv,*** jew ***meta dan ikun impossibbli, mhux prattiku jew ineffiċjenti, għandu*** jiġi rkuprat. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a***<br>***Dewmien ta' skadenza***<br><br>***1. Skadenza speċifikata bil-jiem tintemm meta jintemm l-aħħar jum ta' dan il-perjodu.***<br><br>***2. Skadenza speċifikata bil-ġimgħat, bix-xhur jew b'dewmien li jkun ta' itwal minn xahar - sena, sitt xhur, tliet xhur – tintemm meta jintemm l-aħħar jum tal-aħħar ġimgħa tal-aħħar xahar li, fl-isem jew fin-numru tiegħu, jikkorrispondi għall-jum li fih iseħħ l-avveniment jew il-punt ta' żmien.***<br><br>***3. Jekk, f'każ ta' skadenza determinata b'xhur, il-jum li fih għandha tiskadi ma jkunx jidher fl-aħħar xahar, il-perjodu għandu jintemm bl-iskadenza tal-aħħar jum ta' dak ix-xahar.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 5b***<br>***Estensjoni tal-perjodu***<br><br>***Jekk skadenza tiġi estiża, l-iskadenza l-ġdida tiġi kkalkulata mill-perjodu tal-iskadenza preċedenti.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 34**

***Proposta għal regolament***
**Artikolu 5 c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 5c*** <br> ***Ħdud u festi; Sibtijiet*** <br><br> ***Jekk att għandu jseħħ f'jum partikolari jew bi skadenza, u jekk il-jum partikolari jew l-aħħar jum tal-iskadenza jkun Ħadd, festa ġenerali rikonoxxuta uffiċjalment jew Sibt, il-jum ta' xogħol li jmiss jieħu post dan il-jum bħala t-tmiem tal-iskadenza.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(aa) jew, f'każijiet ġustifikati b'mod xieraq, ammonti għal proġetti ta' bini skont l-Artikolu 195(3) li għadhom ma tlestewx, jekk il-fażijiet preparatorji tal-impenn tal-approprjazzjonijiet ma jkunux għadhom ġew konklużi sal-31 ta' Diċembru u dawn l-ammonti jirriżultaw neċessarji biex iħaffu sew il-progress fil-kostruzzjoni jew li d-debiti jitħallsu lura kmieni; dawn l-ammonti jistgħu jkunu impenjati sal-31 ta' Diċembru tas-sena tal-baġit li jmiss; kif ukoll;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(ba) ammonti korrispondenti minn sistema ta' riżorsi proprji.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| 4. Approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jkunu jikkorrispondu għall-obbligazzjonijiet kontratti kif suppost sal-għeluq tas-sena finanzjarja għandhom jiġu riportati biss awtomatikament għas-sena finanzjarja segwenti. | 4. Approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jkunu jikkorrispondu għall-obbligazzjonijiet kontratti kif suppost sal-għeluq tas-sena finanzjarja għandhom jiġu riportati biss awtomatikament għas-sena finanzjarja segwenti. ***L-istess għandu japplika għall-approprjazzjonijiet diżimpenjati u mhux użati (impenji u ħlasijiet) li mhumiex koperti mill-paragrafi 2 u 3 kif ukoll marġini disponibbli u mhux minfuqa taħt il-limitu massimu ġenerali tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali għal kull intestatura, li għandu jikkostitwixxi 'marġini MFF globali' u jkun attribwit lid-diversi intestaturi fis-sena finanzjarja suċċessiva skont l-esiġenzi tagħhom.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| | |
|---|---|
| 6. Bla ħsara għall-Artikolu 10, approprjazzjonijiet imqiegħda f'riżerva u approprjazzjonijiet għall-infiq tal-persunal ma jistgħux jiġu trasferiti 'l quddiem. | 6. Bla ħsara għall-Artikolu 10, approprjazzjonijiet imqiegħda f'riżerva u approprjazzjonijiet għall-infiq tal-persunal ma jistgħux jiġu trasferiti 'l quddiem. ***Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, l-infiq għall-persunal jinkludi rimunerazzjoni u allowances għal Membri u persunal tal-istituzzjonijiet li għalihom japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | *Artikolu 9a*<br>***Riport ta' approprjazzjonijiet mhux użati*** |
| | ***L-approprjazzjonijiet mhux użati kemm fl-impenji kif ukoll fil-ħlasijiet u l-approprjazzjonijiet diżimpenjati tas-sena N jistgħu jiġu riportati għall-baġit N+1, jew f'wieħed mill-baġits futuri fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità tal-baġit.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena N lill-awtorità tal-baġit il-previżjonijiet tagħha għall-approprjazzjonijiet mhux użati u diżimpenjati tas-sena N, kemm fl-impenji kif ukoll fil-ħlasijiet.*** |
| | ***Kull fergħa tal-awtorità tal-baġit għandha eventwalment tindika l-mod kif se talloka l-approprjazzjonijiet mhux użati fil-baġit N+1 jew anki fis-snin suċċessivi.*** |
| | ***Id-deċiżjoni għandha tittieħed konġuntament miż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit skont il-proċedura f'konformità mal-Artikolu 314 tat-TFUE.*** |
| | ***L-approprjazzjonijiet mhux użati u diżimpenjati għandhom jiddaħħalu f'wieħed mill-baġits u lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali.*** |
| | ***L-approprjazzjonijiet mhux użati u diżimpenjati jistgħu jkunu allokati għal programm speċifiku jew imdaħħla f'kapitolu provviżorju. F'dan il-każ ir-riżorsi mill-Istati Membri se jintalbu biss wara d-deċiżjoni tal-awtorità tal-baġit dwar id-destinazzjoni speċifika.*** |
| | ***Riport tal-marġini tal-Qafas Finanzjarju MultiannwaliF'każ wara l-adozzjoni tal-baġit annwali l-marġini jitħallew taħt kull limitu massimu tal-qafas finanzjarju, l-awtorità tal-baġit tista' tiddeċiedi, qabel it-tmiem tal-eżerċizzju, ir-riport tal-marġini mhux użati fi kwalunkwe limitu massimu ta' waħda mis-snin suċċessivi tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali. L-ammont totali tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali għandu jibqa' invarjat.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| | |
| --- | --- |
| 3. Jekk il-kontinwità tal-azzjoni mill-Unjoni u l-ħtiġijiet tal-ġestjoni jkunu jitolbu dan, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza tnejn ***jew iktar ammonti*** proviżorji ***ta' kull xahar*** kemm għall-impenji kif ukoll għall-ħlasijiet b'mod addizzjonali ma' dawk li jsiru disponibbbli b'mod awtomatiku skont il-paragrafi 1 u 2. Huwa għandu jippreżenta d-deċiżjoni tiegħu dwar l-awtorizzazzjoni mingħajr dewmien lill-Parlament Ewropew. | 3. Jekk il-kontinwità tal-azzjoni mill-Unjoni u l-ħtiġijiet tal-ġestjoni jkunu jitolbu dan, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza ***infiq li mhuwiex wieħed minn kull tnax proviżorji iżda li ma jmux oltra total ta'*** tnejn ***minn kull tnax*** proviżorji kemm għall-impenji kif ukoll għall-ħlasijiet b'mod addizzjonali ma' dawk li jsiru disponibbbli b'mod awtomatiku skont il-paragrafi 1 u 2. Huwa għandu jippreżenta d-deċiżjoni tiegħu dwar l-awtorizzazzjoni mingħajr dewmien lill-Parlament Ewropew. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ tletin jum wara l-adozzjoni tagħha sakemm il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri tiegħu, ma jiddeċidix li jnaqqas in-nefqa f'***dawk it-tletin jum***. | Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ tletin jum wara l-adozzjoni tagħha sakemm il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri tiegħu, ma jiddeċidix li jnaqqas in-nefqa f'***dak il-limitu ta' żmien***. |
| Jekk il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jnaqqas in-nefqa, ***il-Kunsill*** għandu ***jirrevedi d-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni filwaqt li jqis l-ammont approvat mill-Parlament Ewropew***. | Jekk il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jnaqqas in-nefqa, ***dan l-ammont imnaqqas*** għandu ***japplika***. |
| ***Il-waħdiet minn kull tnax addizzjonali għandhom ikunu awtorizzati b'mod sħiħ u ma għandhomx ikunu diviżibbli.*** | ***Jekk, għal kapitolu partikolari, l-ammont ta' tnejn jew aktar minn kull tnax proviżorji mogħtija skont l-ewwel sottoparagrafu ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ispiża meħtieġa biex tkun evitata interruzzjoni fil-kontinwità tal-attività tal-Unjoni fiż-żona koperta bil-kapitolu rispettiv, tista', b'mod eċċezzjonali, tingħata awtorizzazzjoni li teċċedi l-ammont tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-kapitolu rilevanti tal-baġit tas-sena finanzjarja preċedenti. L-awtorità tal-budget għandha taġixxi permezz tal-proċeduri li hemm provvediment dwahom f'dan il-paragrafu. B'dana kollu, it-total globali disponibbli tal-approprjazzjonijiet fil-baġit tas-sena finanzjarja preċedenti ma jistgħux, fl-ebda każ, ikunu misbuqa.*** |

**Emenda 41**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15**

| | |
|---|---|
| *Bilanċ* **mis-sena finanzjarja** | ***Trasferiment ta' bilanċ* baġitarju** |
| 1. Il-bilanċ minn kull sena finanazjarja għandu jkun irreġistrat fil-baġit tas-sena finanzjarja segwenti bħala ***introjtu*** fil-każ ta' bilanċ pożittiv jew bħala approprjazzjoni għal ħlas fil-każ ta' bilanċ negattiv. | 1. Il-bilanċ minn kull sena finanazjarja ***wara t-trasferimenti b'konformità mal-Artikoli 9 u 10*** għandu jkun irreġistrat fil-baġit tas-sena finanzjarja segwenti bħala ***dħul addizzjonali*** fil-każ ta' bilanċ pożittiv jew bħala approprjazzjoni għal ħlas ***biss*** fil-każ ta' bilanċ negattiv***, f'konformità stretta mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji, u mhux inkluż adattament kważi awtomatiku tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni***. |
| 2. L-estimi għal dan id-dħul jew approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom ikunu rreġistrati fil-baġit matul il-proċedura tal-baġit u f'ittra ta' emenda ippreżentata skont l-Artikolu 35. ***Dawn għandhom ikunu mħejjija b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill li jimplementa d-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni.*** | 2. L-estimi għal dan id-dħul jew approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom ikunu rreġistrati fil-baġit matul il-proċedura tal-baġit u f'ittra ta' emenda ippreżentata skont l-Artikolu 35. |
| 3. Wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet għal kull sena finananzjarja, ***kull*** diskrepanza ***mal-estimi*** għandha tkun irreġistrata ***fil-baġit*** tas-sena finananzjarja segwenti permezz ta' ***baġit ta'*** emenda ***ddedikat biss*** għal dik id-diskrepanza. F'każ ***bħal dan***, l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda għandu jkun ippreżentat lill-Kummissjoni fi żmien ***15 il-jum*** wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet provviżorji. | 3. Wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet għal kull sena finananzjarja, ***xi*** diskrepanza ***ma l-estimi*** għandha tkun irreġistrata ***fil-budget*** tas-sena finananzjarja segwenti permezz ta' ***budget b'***emenda ***iddedikata*** għal dik id-diskrepanza ***u,*** f'każ ***ta' bilanċ pożittiv***, ***għall-approprjazzjonijiet addizzjonali korrispondenti.*** L-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda għandu jkun ippreżentat lill-Kummissjoni fi żmien ***45 jum*** wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet provviżorji. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 15a*** <br> ***Riżerva għall-ħlasijiet u l-impenji*** |
| | ***Il-bilanċ pożittiv u l-impenji mhux minfuqa tas-snin baġitarji preċedenti tal-qafas finanzjarju multiannwali attwali kif ukoll l-approprjazzjonijiet diżimpenjati għandhom jiddaħħlu f'riżerva għall-ħlasijiet u għall-impenji.*** |
| | ***Din ir-riżerva għandha tintuża l-ewwel nett għal kwalunkwe esiġenza addizzjonali u/jew mhux prevista kif ukoll għall-kumpens ta' kwalunkwe riżerva negattiva, li l-proċedura tagħha hija stabbilita fl-Artikolu 44.*** |
| | ***Id-deċiżjoni fir-rigward tal-mobilizzazzjoni ta' din ir-riżerva għandha tittieħed konġuntament miż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit wara proposta mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-qafas finananzjarju multiannwali u l-baġit għandhom ikunu mħejjija u implementati f'euro u l-kontijiet għandhom ikunu ppreżentati f'euro. | Il-qafas finananzjarju multiannwali u l-baġit għandhom ikunu mħejjija u implementati f'euro u l-kontijiet għandhom ikunu ppreżentati f'euro. |
| Madankollu, għall-finijiet ta' fluss tal-flus imsemmija fl-Artikolu 65, l-uffiċjal tal-kontabilità u, fil-każ ta' kontijiet imprest, l-amministraturi tal-imprest, u, għall-ħtiġijiet tal-ġestjoni amministrattiva tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna ***(minn hawn il-quddiem 'SEAE')***, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jkun awtorizzat iwettaq operazzjonijiet f'muniti nazzjonali kif stabbilit fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199. | Madankollu, għall-finijiet ta' fluss tal-flus imsemmija fl-Artikolu 65, l-uffiċjal tal-kontabilità u, fil-każ ta' kontijiet imprest, l-amministraturi tal-imprest, u, għall-ħtiġijiet tal-ġestjoni amministrattiva tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jkun awtorizzat iwettaq operazzjonijiet f'muniti nazzjonali kif stabbilit fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199. |
| | ***Ir-riżultati ta' operazzjonijiet bħal dawn b'muniti għandhom jintwerew taħt intestatura separata fil-kontijiet rispettivi tal-istituzzjoni; dan għandu japplika mutatis mutandis għall-korpi msemmija fl-Artikolu 196b.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura, b'mezzi adegwati, li l-flussi tal-muniti fir-rimunerazzjoni u fir-rimborżi tal-persunal tal-Unjoni jiġu koperti mill-inqas b'intervalli ta' kull xahar, sabiex jiġi żgurat trattament indaqs ta' operazzjonijiet u salarji bbażati fuq l-euro li bil-fors iridu jinħarġu f'muniti oħra. Il-kalkolu ta' dan għandu jkun ibbażat fuq ir-rata InforEURuro.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt e a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(ea) multi imposti fil-qasam tal-kompetizzjoni, u multi u ammonti oħra ammissibbli bħala riżultat ta' soluzzjoni extraġudizzjarja, ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor simili konkluż ma' jew ħlasijiet imħallsa minn kwalunkwe parti terza mhux statali;*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Madankollu, fil-każ imsemmi fil-punt (b), approprjazzjonijiet ta' impenn jistgħu jkunu disponibbli billi Stat Membru jiffirma ftehim ta' kontribut f'Euro. Dan m'għandux japplika għal każijiet imsemmija fl-Artikoli 173(2) u 175(2).*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Dawn li ġejjin għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern: | 3. Dawn li ġejjin għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern: |
| (a) dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' oġġetti, servizzi jew xogħol fornuti fuq talba tagħhom; | (a) dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' oġġetti, servizzi jew xogħol fornuti fuq talba tagħhom; |
| (b) rikavat mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, istallazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li qed jiġu sostitwiti jew jintremew meta l-valur kif imniżżel fil-kotba huwa deprezzat għal kollox; | (b) rikavat mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, istallazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li qed jiġu sostitwiti jew jintremew meta l-valur kif imniżżel fil-kotba huwa deprezzat għal kollox; |
| (c) dħul li joriġina mir-rifużjoni ta' ammonti mħallsa bi żball; | (c) dħul li joriġina mir-rifużjoni ta' ammonti mħallsa bi żball ***soġġett għall-Artikolu 77***; |
| | ***(ca) dħul li joriġina mill-imgħax fuq il-prefinanzjament soġġett għall-Artikolu 5;*** |
| (d) rikavat mill-forniment ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet għal dipartimenti, istituzzjonijiet jew korpi oħrajn, inklużi rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħrajn ta' allokazzjonijiet ta' missjonijiet imħallsa f'isimhom; | (d) rikavat mill-forniment ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet għal dipartimenti, istituzzjonijiet jew korpi oħrajn, inklużi rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħrajn ta' allokazzjonijiet ta' missjonijiet imħallsa f'isimhom; |
| (e) ħlasijiet tal-assigurazzjoni riċevuti; | (e) ħlasijiet tal-assigurazzjoni riċevuti; |
| (f) dħul mill-bejgħ, il-kiri jew kwalunkwe kuntratt ieħor li jirrigwarda d-drittijiet konnessi mal-propjetà immobbli; | (f) dħul mill-bejgħ, il-kiri***, ir-rimborż*** jew kwalunkwe kuntratt ieħor li jirrigwarda d-drittijiet konnessi mal-propjetà immobbli; |
| (g) dħul minn bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew films, inklużi dawk fuq medja elettronika. | (g) dħul minn bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew films, inklużi dawk fuq medja elettronika. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. Id-donazzjonijiet individwali kollha lill-Kummissjoni li jaqbżu l-ammont ta' EUR 999 jew id-donazzjonijiet aggregati minn donatur wieħed ogħla minn dan l-ammont fi kwalunkwe sena se jkun traċċabbli permezz ta' sit elettroniku apposta.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. ***Ir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199 jista' jispeċifika l-każi meta ċertu dħul ikun jista' jitnaqqas mit-talbiet għal pagament, li għandhom imbagħad ikunu mgħoddija għall-pagament tal-ammont nett.*** | 1. ***Jista' jsir it-tnaqqis li ġej minn talbiet ta' ħlas li mbagħad għandhom jgħaddu għall-ħlas ta' l-ammont nett:*** |
| | ***(a) pieni imposti fuq partijiet għal kuntratti ta' xiri jew ftehim ta' għotjiet;*** |
| | ***(b) skontijiet, rifużjonijiet u tnaqqis fuq fatturi individwali u talbiet għal ħlas;*** |
| | ***(c) imgħax iġġenerat mill-prefinanzjament tal-ħlas;*** |
| | ***(d) aġġustamenti għal ammonti li tħallsu żejda.*** |
| | ***Aġġustamenti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu jistgħu jsiru bi tnaqqis dirett minn ħlas ġdid tal-istess tip lill-istess persuna li għandha titħallas taħt il-kapitolu, l-artikolu u s-sena finanzjarja li fiha sar il-ħlas żejjed, u li kkawża ħlas interim jew ħlas ta' debiti.*** |
| | ***Għall-partiti msemmija fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw ir-regoli ta' kontabilità tal-Unjoni.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-approprjazzjonijiet għandhom ikunu mmirati għal skopijiet speċifiċi bit-titolu u l-kapitolu; il-kapitoli għandhom ikunu wkoll suddiviżi f'artikoli u partiti. | 1. L-approprjazzjonijiet għandhom ikunu mmirati għal skopijiet speċifiċi bit-titolu u l-kapitolu; il-kapitoli għandhom ikunu wkoll suddiviżi f'artikoli u partiti. ***L-approprjazzjonijiet operattivi u l-investimenti għandhom ikunu ppreżentati separatament.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni tista', fi ħdan it-taqsima tagħha tal-baġit, tittrasferixxi approprjazzjonijiet ***b'mod awtonomu*** kif dettaljat fl-Artikolu 23 jew ***għandha titlob*** l-approvazzjoni tal-awtorità tal-baġit għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet fil-każijiet dettaljati fl-Artikolu 24. | 2. Il-Kummissjoni tista', fi ħdan it-taqsima tagħha tal-baġit, tittrasferixxi approprjazzjonijiet kif dettaljat fl-Artikolu 23***; b'mod alternattiv, il-Kummissjoni*** jew ***l-istituzzjonijiet l-oħra għandhom jitolbu*** l-approvazzjoni tal-awtorità tal-baġit għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet fil-każijiet dettaljati fl-Artikolu 24. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jkunu ttrasferiti biss lejn linji tal-baġit li għalihom il-baġit għandu approprjazzjonijiet awtorizzati jew li jkollu entrata "pro memoria" (p.m.).*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

### Emenda 52
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| **4.** ***L-approprjazzjonijiet korrispondenti għal dħul assenjat jistgħu jkunu ttrasferiti biss jekk dan id-dħul ikun użat għall-iskop li għalih ikun assenjat.*** | ***imħassar*** |

### Emenda 53
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe istituzzjoni minbarra l-Kummissjoni tista' tipproponi lill-awtorità tal-baġit, fis-sezzjoni tagħha tal-baġit, trasferimenti minn titolu għal ieħor li jeċċedu l-limitu ta' ***10 %*** tal-approporjazzjonijiet għas-sena finanzjarja fil-linja li minnha għandu jsir it-trasferiment. Dawk it-trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24. | 3. Kwalunkwe istituzzjoni minbarra l-Kummissjoni tista' tipproponi lill-awtorità tal-baġit, fis-sezzjoni tagħha tal-baġit, trasferimenti minn titolu għal ieħor li jeċċedu l-limitu ta' ***15 %*** tal-approporjazzjonijiet għas-sena finanzjarja fil-linja li minnha għandu jsir it-trasferiment. Dawk it-trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24. |

### Emendi 54, 262, 267 u 268
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni tista', fis-sezzjoni tagħha stess tal-baġit***, b'mod awtonomu***: | 1. Il-Kummissjoni tista', fis-sezzjoni tagħha stess tal-baġit: |
| (a) tittrasferixxi approprjazzjonijiet għall-impenji fi ħdan l-istess kapitolu; | (a) tittrasferixxi approprjazzjonijiet għall-impenji fi ħdan l-istess kapitolu; |
| (b) tittrasferixxi approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fi ħdan l-istess titolu; | (b) tittrasferixxi approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fi ħdan l-istess titolu ***wara notifika minn qabel lill-Parlament u lill-Kunsill diment li l-ebda wieħed minnhom jopponi t-trasferiment fi żmien tliet ġimgħat***; |
| (c) F'dak li jirrigwarda n-nefqa fuq persunal u amministrazzjoni ***li hija komuni għal diversi titoli***, tittrasferixxi approprjazzjonijiet minn titolu għal ieħor***;*** | (c) F'dak li jirrigwarda n-nefqa fuq persunal u amministrazzjoni, tittrasferixxi approprjazzjonijiet minn titolu għal ieħor ***sa massimu ta' 15 % tal-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment, u sa massimu ta' 30 % tal-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li jsir it-trasferiment lejha***; |
| (d) f'dak li jirrigwardja n-nefqa operattiva, tittrasferixxi approprjazzjonijiet bejn kapitoli fl-istess titolu, sa massimu tat-total ta' ***10 %*** tal-approprjazzjonijiet tas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment. | (d) f'dak li jirrigwardja n-nefqa operattiva, tittrasferixxi approprjazzjonijiet bejn kapitoli fl-istess titolu, sa massimu tat-total ta' ***15 %*** tal-approprjazzjonijiet tas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment. |
| | ***Tliet ġimgħat qabel isiru t-trasferimenti msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja bl-intenzjoni tagħha li tagħmel dan. Fil-każ li fi żmien dan il-perjodu ta' tliet ġimgħat jitqajmu raġunijiet debitament sostanzjati minn waħda mill-fergħat tal-awtorità baġitarja, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24.*** |
| 2. Il-Kummissjoni tista', fi ħdan it-taqsima tagħha tal-baġit, tiddeċiedi ***dwar it-trasferiment tal-approprjazzjonijiet li ġejjin*** minn titolu għal ieħor***, sakemm tinforma immedjatament lill-awtorità tal-baġit bid-deċiżjoni tagħha***: | 2. Il-Kummissjoni tista', fi ħdan it-taqsima tagħha tal-baġit, tiddeċiedi ***li tittrasferixxi*** minn titolu għal ieħor: |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *(a)* ***tittrasferixxi*** approprjazzjonijiet mit-titolu tal- "provvedimenti" msemmi fl-Artikolu 43, fejn l-unika kundizzjoni għat-tneħħija tar-riżerva tinsab fl-adozzjoni ta' att bażiku skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja prevista fl-Artikolu *294 TFUE*. | approprjazzjonijiet mit-titolu tal- "provvedimenti" msemmi fl-Artikolu 43, fejn l-unika kundizzjoni għat-tneħħija tar-riżerva tinsab fl-adozzjoni ta' att bażiku skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja prevista fl-Artikolu 294 *TFUE;* ***sakemm tinforma immedjatament lill-awtorità baġitarja bl-intenzjoni tagħha li tagħmel dan.*** |
| *(b)* F'każijiet eċċezzjonali debitament ***sostanzjati*** ta' diżastri umanitarji u kriżijiet internazzjonali, li jseħħu wara l-1 ta' Diċembru tas-sena baġitarja, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi approprjazzjonijiet baġitarji mhux użati għas-sena baġitarja attwali li għadhom disponibbli fit-titoli baġitarji li jaqgħu taħt l-intestatura 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali għat-titoli baġitarji li jirrigwardaw l-għajnuna għall-ġestjoni tal-kriżijiet u operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja. | ***2a.*** F'każijiet eċċezzjonali debitament ***motivati*** ta' diżastri umanitarji u kriżijiet internazzjonali, li jseħħu wara l-1 ta' Diċembru tas-sena baġitarja, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi approprjazzjonijiet baġitarji mhux użati għas-sena baġitarja attwali li għadhom disponibbli fit-titoli baġitarji li jaqgħu taħt l-intestatura 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali għat-titoli baġitarji li jirrigwardaw l-għajnuna għall-ġestjoni tal-kriżijiet u operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tinforma liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja immedjatament wara li tagħmel tali trasferimenti jew wara li tuża l-approprjazzjonijiet għas-sena ta' wara.*** |
| | ***2b. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi l-informazzjoni li tiġġustifika t-trasferiment fil-forma ta' dokument ta' ħidma tal-persunal.*** |
| | ***2c. Il-Kummissjoni, fis-sezzjoni tagħha stess tal-baġit, tista' tipproponi lill-awtorità tal-budget, fi ħdan is-sezzjoni tagħha tal-budget, trasferimenti apparti minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – titolu**

| | |
|---|---|
| Trasferimenti *mill-Kummissjoni mressqa* lill-awtorità tal-baġit | Trasferimenti *mill-istituzzjonijiet imressqa* lill-awtorità tal-baġit |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. ***Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-proposta tagħha ta' trasferimenti*** simultanjament ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | 1. ***L-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu l-proposti tagħhom*** simultanjament ***liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-awtorità tal-baġit għandha tieħu deċiżjonijiet rigward it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet kif stipulat fil-paragrafi 3 ***sa*** 6, apparti milli kif hemm stipulat fit-Titolu I tat-Tieni Parti. | 2. L-awtorità tal-budget għandha tieħu deċiżjonijiet rigward it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet kif hemm provvediment dwar dan fil-paragrafi 3***, 4 u*** 6, apparti milli kif hemm ipprovdut fit-Titolu I tal-parti tnejn. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

Emenda 58

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Minbarra f'ċirkustanzi urġenti, il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, u l-Parlament Ewropew, għandhom jiddeliberaw fuq il-proposta ***tal-Kummissjoni*** fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha ż-żewġ istituzzjonijiet irċevew il-proposta għal kull trasferiment ippreżentata lilhom. | 3. Minbarra f'ċirkustanzi urġenti ***b'raġunijiet xierqa***, il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, u l-Parlament Ewropew, għandhom jiddeliberaw fuq il-proposta ***tal-istituzzjoni*** fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha ż-żewġ istituzzjonijiet irċevew il-proposta għal kull trasferiment ippreżentata lilhom. |

Emenda 59

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Il-proposta ***ta'*** trasferiment għandha tiġi approvata, jekk ***fil-perjodu*** ta' sitt ġimgħat ***f'xi wieħed minn dawn il-każijiet***: | 4. Il-proposta ***għal*** trasferiment għandha tiġi approvata, jekk ***fi ħdan il-perijodu*** ta' sitt ġimgħat: |
| *(a)* ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** japprovawha; | — ***iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja*** japprovawha; |
| *(b)* ***jew il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew japprovawha*** u l-istituzzjoni l-oħra ma tiħux azzjoni; | — ***waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja tapprovaha*** u l-istituzzjoni l-oħra ma tiħux azzjoni; |
| *(c)* ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** ma jiħdux azzjoni jew ma jkunux ħadu deċiżjoni kuntrarja għall-proposta tal-Kummissjoni. | — ***iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja*** ma jiħdux azzjoni jew ma jkunux ħadu deċiżjoni kuntrarja għall-proposta tal-Kummissjoni. |

Emenda 60

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***5. Il-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi taħt il-punt 4 għandu jitnaqqas għal tliet ġimgħat, sakemm jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jitolbu mod ieħor, jew f'wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) it-trasferiment jirrappreżenta anqas minn 10 % tal-approprjazzjonijiet tal-linja li minnha jsir it-trasferiment u ma jaqbiżx l-EUR 5 miljun;*** | |
| ***(b) it-trasferiment jirrigwarda biss l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet u l-ammont globali tat-trasferiment ma jaqbiżx il-EUR 100 miljun.*** | |

Emenda 61

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 6. Jekk ***il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ikunu emendaw*** it-trasferiment filwaqt li l-istituzzjoni l-oħra approvatha jew ma ħaditx azzjoni, jew jekk ***il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** ikunu emendaw it-trasferiment, l-iżgħar ammont approvat ***jew*** mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għandu jitqies bħala approvat, sakemm il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha. | 6. Jekk ***waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja tkun emendat*** it-trasferiment filwaqt li l-istituzzjoni l-oħra approvatha jew ma ħaditx azzjoni, jew jekk***, jew jekk iż-żewġ fergħat*** ikunu emendaw it-trasferiment, l-iżgħar ammont approvat mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għandu jitqies bħala approvat, sakemm il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha." |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 24a*** <br> ***Regoli speċifiċi li jirrigwardaw it-trasferimenti*** <br><br> ***1. L-approprjazzjonijiet jistgħu jkunu ttrasferiti biss lejn linji tal-baġit li għalihom il-baġit għandu approprjazzjonijiet awtorizzati jew li jkollu entrata "pro memoria" (p.m.).*** <br><br> ***2. L-approprjazzjonijiet korrispondenti għal dħul assenjat jistgħu jkunu ttrasferiti biss jekk dan id-dħul ikun użat għall-iskop li għalih ikun assenjat.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti sabiex ikun permess l-użu tar-riżerva għall-għajnuna ta' emerġenza għandhom jittieħdu mill-awtorità tal-baġit fuq proposta mill-Kummissjoni***, jew mill-Kummissjoni*** għal ***massimu ta' 10 % tal-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment***. | 2. Deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti sabiex ikun permess l-użu tar-riżerva għall-għajnuna ta' emerġenza għandhom jittieħdu mill-awtorità tal-baġit fuq proposta mill-Kummissjoni. ***Għandha tintbagħat proposta separata*** għal ***kull operazzjoni individwali***. |
| Għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 24(3) u (4). Jekk ***il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** ma jaqblux mal-proposta tal-Kummissjoni u ma tintlaħaqx pożizzjoni komuni dwar l-użu ta' din ir-riżerva, ***il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** ma għandhomx jaġixxu fuq il-proposta ta' trasferimenti tal-Kummissjoni. | Għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 24(3) u (4). Jekk ***iż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit*** ma jaqblux mal-proposta tal-Kummissjoni u ma tintlaħaqx pożizzjoni komuni dwar l-użu ta' din ir-riżerva, ***iż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit*** ma għandhomx jaġixxu fuq il-proposta ta' trasferimenti tal-Kummissjoni. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, relevanti u f'waqthom għandhom ikunu stabbiliti għas-setturi kollha tal-attività koperta bil-baġit. It-twettiq ta' dawk l-objettivi għandu jkun sorveljat b'indikaturi tal-imġiba għal kull attività u informazzjoni għandha tkun ipprovduta mill-awtoritajiet tan-nefqa lill-awtorità tal-baġit. Informazzjoni bħal din għandha tkun ipprovduta ta' kull sena u l-aktar tard fid-dokumenti li jakkompanjaw l-abbozz ***preliminari*** tal-baġit. | 3. Objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, relevanti u f'waqthom għandhom ikunu stabbiliti għas-setturi kollha tal-attività koperta bil-baġit. It-twettiq ta' dawk l-objettivi għandu jkun sorveljat b'indikaturi tal-imġiba għal kull attività u informazzjoni għandha tkun ipprovduta mill-awtoritajiet tan-nefqa lill-awtorità tal-baġit. Informazzjoni bħal din***, kif imsemmija fl-Artikolu 34(2a)(d),*** għandha tkun ipprovduta ta' kull sena u l-aktar tard fid-dokumenti li jakkompanjaw l-abbozz ***prelimenari*** tal-baġit. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Matul il-proċedura tal-budget, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-paragun bejn it-tibdiliet fl-approprjazzjonijiet meħtieġa u t-tbassir inizjali fl-istqarrijiet finanzjarji. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-progress magħmul u l-istadju milħuq mill-awtorità leġiżlattiva fil-kunsiderazzjonijiet tagħha tal-proposti ppreżentati. L-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom, meta xieraq, ikunu riveduti fid-dawl tal-progress tad-deliberazzjonijiet fuq l-att bażiku.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-frodi u l-irregolaritajiet, id-dikjarazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi *u tirreġistra* informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern stabbilita, stima tar-riskji involuti, kif ukoll miżuri eżistenti u ppjanati ta' prevenzjoni tal-frodi u ħarsien kontra l-frodi. | 2. Sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-frodi u l-irregolaritajiet, id-dikjarazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern stabbilita, stima ***tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli implikati minn tali sistemi u valutazzjoni*** tar-riskji involuti, kif ukoll miżuri eżistenti u ppjanati ta' prevenzjoni tal-frodi u ħarsien kontra l-frodi. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt a a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(aa) regoli preċiżi, konsistenti u trasparenti għall-kontroll fir-rigward tad-drittijiet tal-partijiet involuti;*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt d**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (d) prevenzjoni, qbid u ***korrezzjoni*** tal-frodi u l-irregolaritajiet; | (d) ***minkejja r-responsabilitajiet tal-protagonisti finanzjarji kif definiti fil-Kapitolu 3,*** prevenzjoni, qbid u ***segwitu tal-korrezzjoni*** tal-frodi u l-irregolaritajiet; |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Il-kontroll intern effettiv huwa bbażat fuq l-aħjar prattika internazzjonali u jinkludi b'mod partikolari:*** <br> ***(a) is-segregazzjoni tad-dmirijiet,*** <br> ***(b) strateġija xierqa ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju inklużi kontrolli fuq il-livell tal-benefiċjarju;*** <br> ***(c) l-evitar ta' kunflitti ta' interessi;*** <br> ***(d) traċċabilità adegwata għall-verifika (adequate data trails) u integrità tad-data f'sistemi tad-data;*** <br> ***(e) proċeduri għall-monitoraġġ tar-riżultati u għat-tkomplija tal-ħidma fuq dgħufijiet u eċċezzjonijiet fil-kontroll intern li jkunu identifikati;*** <br> ***(f) evalwazzjonijiet perjodiċi tat-tħaddim tajjeb tas-sistema tal-kontroll intern.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2b. Il-kontroll intern effiċjenti huwa bbażat fuq l-elementi li ġejjin:*** <br> ***(a) l-implimentazzjoni ta' strateġiji xierqa tal-kontroll u l-ġestjoni tar-riskju kkoordinati fost parteċipanti xierqa involuti fil-katina tal-kontroll;*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(b) l-aċċessibilità tar-riżultati tal-kontroll għall-operaturi rilevanti kollha involuti fil-katina tal-kontroll;* |
| | *(c) is-serħan, meta jkun xieraq, fuq dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni min-naħa tas-sħab ta' implimentazzjoni u opinjonijiet ta' verifika indipendenti, sakemm il-kwalità tax-xogħol sottostanti tkun adegwata u aċċettabbli u tkun saret bi qbil mal-istandards miftehma.* |
| | *(d) l-applikazzjoni f'waqtha ta' miżuri korrettivi inklużi, fejn xieraq, penali dissważivi;* |
| | *(e) leġiżlazzjoni ċara u mhux ambigwa bħala bażi tal-politiki;* |
| | *(f) l-eliminazzjoni tal-kontrolli multipli;* |
| | *(g) il-prinċipju ta' titjib tal-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji, billi jitqies ir-riskju ta' żbalji imsemmi fl-Artikolu 29.* |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29**

| | |
|---|---|
| Riskju *tollerabbli* ta' żbalji | Riskju *ta'* żbalji |
| *L-Awtorità Leġiżlattiva għandha, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 322 tat-TFUE, tiddeċiedi dwar livell ta' riskju tollerabbli ta' żbalji f'aggregazzjoni xierqa tal-baġit. Dik id-deċiżjoni għandha titqies matul il-proċedura annwali tal-kwittanza, f'konformità mal-Artikolu 157(2).* | *Meta jitressqu proposti ta' nefqa riveduti jew ġodda, il-Kummissjoni għandha tistima l-ispejjeż ta' sistemi amministrattivi u ta' kontroll kif ukoll il-livell ta' riskju ta' żbalji bil-leġiżlazzjoni proposta skont il-fondi u skont l-Istat Membru.* |
| *Il-livell ta' riskju tollerabbli ta' żbalji għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli. L-Istati Membri u l-entitajiet u l-persuni msemmija fil-punt (b) fl-Artikolu 55(1) għandhom, meta mitluba, jirrappurtaw lill-Kummisjoni dwar l-ispejjeż tal-kontrolli li jkunu qed iġorru u kif ukoll in-numru u d-daqs tal-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit.* | *Jekk, matul l-implimentazzjoni tal-programm, il-livell ta' żbalji jkun persistentement għoli, il-Kummissjoni għandha tidentifika d-dgħufijiet fis-sistemi tal-kontroll u tanalizza l-ispiża u l-benefiċċji ta' miżuri korrettivi possibbli u tieħu l-passi meħtieġa bħalma huma s-semplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli, id-disinn mill-ġdid tal-programm, l-issikkar ta' kontrolli jew, jekk ikun hemm bżonn, tissuġġerixxi t-terminazzjoni tal-attività.* |
| *Il-livell ta' riskju tollerabbli ta' żbalji għandu jkun issorveljat mill-qrib u għandu jiġi rikunsidrat f'każ ta' bidliet kbar fl-ambjent ta' kontroll.* | *Integrali għall-effettività sħiħa tal-ġestjoni nazzjonali u s-sistemi ta' kontroll huma d-dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni akkreditat dwar dawn is-sistemi mressqa minn korpi akkreditati mill-Istati Membri.* |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 29a*<br>*Segregazzjoni tad-dmirijiet*<br><br>*Id-dmirijiet tal-uffiċjal tal-kontabilità għandhom jinżammu separati.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-kontijiet annwali kkonsolidati u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u dik finanzjarja mfasslin minn kull istituzzjoni għandhom jiġu ***ppubblikata*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. | Il-kontijiet annwali kkonsolidati u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u dik finanzjarja mfasslin minn kull istituzzjoni għandhom jiġu ***ppubblikati immedjatament, ladarba jiġu adottati,*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. |

**Emenda 280**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar ***ir-riċevituri*** ta' fondi ***li ġejjin*** mill-baġit ***miżmum minnha*** meta l-baġit ikun implimentat fuq bażi ċentralizzata ***u direttament mid-dipartimenti tagħha jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 53,*** u l-informazzjoni dwar ***ir-riċevituri*** ta' fondi kif ipprovduta mill-entitajiet li lilhom ikunu delegati l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi oħrajn ta' ġestjoni. | 2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar ***il-kuntratturi u l-benefiċjarji tagħha*** ta' fondi ***kif ukoll in-natura preċiża u l-fini tal-miżura ffinanzjata*** mill-baġit meta l-baġit ikun implimentat fuq bażi ċentralizzata u l-informazzjoni dwar ***il-kuntratturi u l-benefiċjarji*** ta' fondi kif ipprovduta mill-entitajiet li lilhom ikunu delegati l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi oħrajn ta' ġestjoni.<br><br>***Dan l-obbligu għandu japplika wkoll għall-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kuntratturi tagħhom u, fejn applikabbli, għall-benefiċjarji tagħhom.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Din l-informazzjoni għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni b'osservanza xierqa tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità, ***b'mod partikolari l-ħarsien*** tad-dejta personali kif ***stabbilita*** fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, u r-rekwiżiti tas-sigurtà, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull mod ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 53 u fejn applikabbli f'konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-setturi***. | 3. Din l-informazzjoni għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni b'osservanza xierqa tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità ***u tas-sigurtà***, ***u meta jkunu kkonċernati persuni naturali, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-ħarsien*** tad-dejta personali kif ***stabbilit*** fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<br><br>***Meta jkunu kkonċernati persuni naturali, il-pubblikazzjoni għandha tkun limitata għall-isem tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju, il-post fejn ikun ibbażat, l-ammont mogħti u r-raġuni għall-għotja, u l-iżvelar ta' din id-data għandu jkun ibbażat fuq kriterji rilevanti bħall-perjodiċità tal-għotja, jew it-tip jew l-importanza tal-għotja. Il-livell tad-dettalji ppubblikati u l-kriterji għall-iżvelar għandhom iqisu l-ispeċifiċitajiet tas-settur u kull mod ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 53; il-livell ta' dettalji u l-kriterji għandhom ikunu definiti permezz tar-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199 u, fejn ikun applikabbli, ir-regoli rilevanti skont is-settur.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman u l-Kontrollur Eweropew tal-Protezzjoni tad-Data u s-SEAE għandhom iħejju estimi tad-dħul u l-infiq tagħhom, li huma għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena. | Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman u l-Kontrollur Eweropew tal-Protezzjoni tad-Data u s-SEAE għandhom iħejju estimi tad-dħul u l-infiq tagħhom, li huma għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni ***u, b'mod parallel, għal informazzjoni, lill-awtorità baġitarja,*** qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| ***Dawn l-estimi għandhom ukoll ikunu mibgħuta minn dawn l-istituzzjonijiet lejn l-awtorità tal-baġit għall-informazzjoni tagħha mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena.*** Il-Kummissjoni għandha tħejji l-estimi tagħha, li hi għandha wkoll tibgħat lill-awtorità tal-baġit ***sal-istess data***. | Il-Kummissjoni għandha tħejji l-estimi tagħha, li hi għandha wkoll tibgħat lill-awtorità tal-baġit ***direttament wara l-adozzjoni***. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Kull wieħed mill-korpi msemmija fl-Artikolu 200 għandu, b'konformità mal-istrument li jkun stabbilih, jibgħat lill-Kummissjoni u lill-Awtorità tal-Baġit ***sal-31 ta***' Marzu ta' kull sena, estimi rigward id-dħul u l-infiq tiegħu, inkluż il-pjan ta' stabbiliment, u l-abbozz tal- programm tax-xogħol tiegħu. | Kull wieħed mill-korpi msemmija fl-Artikolu 200 għandu, b'konformità mal-istrument li jkun stabbilih, jibgħat lill-Kummissjoni u lill-Awtorità tal-Baġit ***b'mod parallel u mhux iktar tard mill-31 ta***' Marzu ta' kull sena, estimi rigward id-dħul u l-infiq tiegħu, inkluż il-pjan ta' stabbiliment, u l-abbozz tal- programm tax-xogħol tiegħu. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| L-abbozz tal-baġit għandu jkun fih ***dikjarazzjoni*** ġenerali ***mqassra*** rigward l-infiq u d-dħul tal-Unjoni u jikkonsolida l-estimi msemmija fl-Artikolu 32. | L-abbozz tal-baġit għandu jkun fih ***sommarju tad-dikjarazzjoni*** ġenerali rigward l-infiq u d-dħul tal-Unjoni***, inkluża sinteżi tad-dikjarazzjoni ġenerali tar-riżerva għall-ħlasijiet*** u ***għall-impenji, u*** jikkonsolida l-estimi msemmija fl-Artikolu 32. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. ***Fejn relevanti,*** il-Kummissjoni għandha tehmeż mal-abbozz tal-baġit l-ipprogrammar finanzjarju għas-snin ta' wara. | 2. Il-Kummissjoni għandha tehmeż mal-abbozz tal-baġit l-ipprogrammar finanzjarju għas-snin ta' wara. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha wkoll tehmeż mal-abbozz tal-budget:***<br><br>***(a) analiżi tal-amministrazzjoni finanzjarja tas-sena preċedenti u tal-impenji pendenti;***<br><br>***(b) meta xieraq, opinjoni tal-estimi tal-istitizzjonijiet l-oħrajn li jistgħu jkollhom estimi differenti, akkompanjati bir-raġuni għal dan;***<br><br>***(c) xi dokument ta' ħidma li hi tqis utili b'konnessjoni mal-pjani tal-istabbiliment tal-istituzzjonijiet u l-għotjiet li l-Kummissjoni tagħti lill-korpi riferuti fl-Artikolu 196b u lill-Iskejjel Ewropej. Kull dokument ta' ħidma bħal dan, li juri l-aħħar pjan tal-istabbiliment awtorizzat, għandu jippreżenta:*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(i) il-persunal kollu impjegat mill-Unjoni, inklużi l-entitajiet legali separati tagħha, skont it-tip ta' kuntratt,* |
| | *(ii) dikjarazzjoni dwar il-politika rigward il-postijiet u l-persunal estern u dwar il-bilanċ bejn is-sessi,* |
| | *(iii) l-għadd ta' postijiet li jkun imtela' fil-bidu tas-sena li fiha jkun qed jitressaq l-abbozz ta' baġit, fejn jiġi indikat it-tqassim skont il-grad u l-unità amministrattiva,* |
| | *(iv) lista ta' postijiet skont il-qasam politiku;* |
| | *(v) għal kull kategorija ta' persunal estern, l-istima tan-numru inizjali ta' persuni ekwivalenti f'karigi full-time abbażi tal-approprjazzjonijiet awtorizzati, kif ukoll in-numru ta' persuni effettivament fil-post fil-bidu tas-sena li fiha l-abbozz tal-baġit huwa ppreżentat, b'indikazzjoni tad-distribuzzjoni tagħhom skont il-grupp ta' funzjonijiet u, kif adatt, skont il-grad; u* |
| | *(d) id-dikjarazzjonijiet ta' attività, li għandu jkun fihom:* |
| | *(i) informazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bil-ħin imkejjel kollha li ġew stabbiliti minn qabel għall-attivitajiet varji kif ukoll objettivi ġodda mkejla permezz ta' indikaturi;* |
| | *(ii) ġustifikazzjoni sħiħa u approċċ kost-benefiċċju għal bidliet proposti fil-livell ta' approprjazzjonijiet;* |
| | *(iii) razzjonal ċar għal intervent fil-livell tal-Unjoni parallel, fost l-oħrajn, mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;* |
| | *(iv) informazzjoni dwar ir-rati tal-implimentazzjoni tal-attività tas-sena ta' qabel u r-rati tal-implimentazzjoni għas-sena kurrenti,* |
| | *Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu kkonsultati u msemmija bħala evidenza tal-meriti possibbli ta' emendi baġitarji proposti.* |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *2b. Meta l-Kummissjoni tafda l-implimentazzjoni tal-baġit f'idejn sħubiji pubbliċi-privati, hija għandha tehmeż mal-abbozz tal-baġit dokument ta' ħidma li jippreżenta:* |
| | *(a) rapport annwali dwar il-prestazzjoni tal-isħubiji eżistenti matul is-sena preċedenti;* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *(b) il-miri stabbiliti għas-sena kkonċernata mill-abbozz tal-baġit, fejn jiġu indikati l-bżonnijiet baġitarji speċifiċi sabiex jintlaħqu dawn il-miri;* |
| | *(c) l-ispiża amministrattiva u l-baġit implimentat totali u skont it-tip, kif definit fl-Artikolu 196a u skont is-sħubija pubblika-privata individwali fis-sena preċedenti;* |
| | *(d) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji magħmula mill-baġit tal-Unjoni u l-valur tal-kontribuzzjonijiet fi flus magħmula minn sħab oħra għal kull sħubija;* |
| | *(e) it-tabelli tal-persunal, b'applikazzjoni tal-paragrafu (2a)(c) mutatis mutandis, ta' sħubiji bħal dawn, fejn il-persunal ikun imħallas bis-sħiħ jew parzjalment minn fondi tal-Unjoni; dawn it-tabelli tal-persunal għandhom jitqiesu meta jkun qed jitħejja d-dokument ta' ħidma skont il-paragrafu (2a)(c).* |
| | *Meta s-sħubiji jagħmlu użu minn strumenti finanzjarji, id-dokument ta' ħidma għandu jistabbilixxi d-data b'applikazzjoni ta' u minkejja l-paragrafu 2c, għal kull sħubija u għal kull strument finanzjarju.* |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2 c (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | *2c. Meta l-Kummissjoni tagħmel użu minn strumenti finanzjarji, hija għandha teħmeż dokument ta' ħidma mal-abbozz tal-baġit, li fih għandu jkun hemm:* |
| | *(a) il-kapital maħruġ f'forma ta' strumenti finanzjarji u ffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni u l-kapital ġenerali investit għal kull strument finanzjarju, inkluż minn partijiet terzi, bħala total u bħala proporzjon ta' ingranaġġ għal kull strument finanzjarju, il-valur tal-parteċipazzjonijiet f'investimenti f'equity jew fi quasi-equity;* |
| | *(b) dħul u ħlasijiet mill-ġdid irċevuti fis-sena preċedenti u stima għas-sena li għaliha jirreferi l-abbozz tal-baġit;* |
| | *(c) l-ammont totali ta' obbligazzjonijiet kontinġenti u eżistenti tal-Unjoni dovuti għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji fis-sena preċedenti u bħala total, b'mod partikolari skont:* |
| | *(i) l-obbligazzjonijiet kollha potenzjali lejn pajjiżi terzi dovuti għal garanziji,* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(ii) l-obbligazzjonijiet potenzjali kollha dovuti għall-ġbid massimu minn linji ta' kreditu provduti lil kwalunkwe partijiet terzi,*** |
| | ***(iii) kull telf potanzjali totali ta' parteċipazzjonijiet ta' debitu subordinarju jew ta' equity jew quasi-equity, jew*** |
| | ***(iv) kull obbligazzjoni oħra potenzjali jew kontinġenti kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti jew potenzjalment rilevanti għall-evalwazzjoni tar-riskji;*** |
| | ***(d) id-dispożizzjonijiet finanzjarji magħmula fil-baġit għal riskji antiċipati kif ukoll għal riskji mhux previsti, bħala total u għal kull strument finanzjarju;*** |
| | ***(e) il-perċentwali u n-numru assolut ta' każijiet li fihom ittieħdu garanziji, jew fejn intilfu parteċipazzjonijiet ta' debitu subordinarju jew ta' equity jew quasi-equity bħala riżultat ta' indeboliment jew falliment, bħala totali u għal kull strument finanzjarju għas-sena preċedenti u ż-żmien ta' operazzjoni totali tal-istrument finanzjarju rispettiv;*** |
| | ***(f) id-dewmien medju bejn il-ħlas tal-istrumenti finanzjarji f'forma ta' kapital ta' debitu subordinat (mezzanine) lill-benefiċjarji u t-tneħħija ta' dan il-kapital; meta dan ikun ta' 'l fuq minn tliet snin, il-Kummissjoni għandha tipprovdi pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis tad-dewmien fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza annwali;*** |
| | ***(g) it-tqassim ġeografiku tal-applikazzjoni (assorbiment) tal-istrumenti finanzjarji għal kull Stat Membru u għal kull strument finanzjarju;*** |
| | ***(h) in-nefqa amministrattiva dovuta għal kwalunkwe spiża ta' ġestjoni, rimborż jew flejjes oħra mħallsa għall-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji meta dan ikun tħalla f'idejn partijiet terzi, bħala total u għal kull parti ta' ġestjoni u għal kull strument finanzjarju ġestit;*** |
| | ***(i) it-tabelli tal-persunal, b'applikazzjoni tal-paragrafu (2a)(c) mutatis mutandis, fejn il-persunal ikun imħallas bis-sħiħ jew parzjalment minn fondi tal-Unjoni; dawn it-tabelli tal-persunal għandhom jitqiesu meta jkun qed jitħejja d-dokument ta' ħidma skont il-paragrafu (2a)(c).*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 3**

| | |
| --- | --- |
| 3. Il-Kummissjoni għandha wkoll tehmeż mal-abbozz tal-baġit kull dokument ta' ħidma *ulterjuri* li tqis bħala utli sabiex tappoġġja t-talbiet tal-baġit tagħha. | 3. Il-Kummissjoni għandha wkoll tehmeż mal-abbozz tal-baġit kull dokument ta' ħidma ***ulterjuri*** li tqis bħala utli sabiex tappoġġja t-talbiet tal-baġit tagħha. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt d**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (d) jipprovdi stampa dettaljata tal-persunal kollu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-mument tal-preżentazzjoni tal-abbozz ta' baġit, imqassma skont iż-żona ġeografika, *is-sess*, il-pajjiż individwali u l-missjoni, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-karigi tal-pjan ta' stabbiliment, l-aġenti kuntrattwali, l-aġenti lokali u l-esperti nazzjonali ssekondati u l-approprjazzjonijet mitluba fl-abbozz ta' baġit għal tipi oħra ta' persunal flimkien ma' stimi korrispondenti tal-persunal ekwivalenti f'karigi full-time, li jista' jiġi impjegat fil-limiti tal-approprjazzjonijiet mitluba. | (d) jipprovdi stampa dettaljata tal-persunal kollu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-mument tal-preżentazzjoni tal-abbozz ta' baġit, imqassma skont iż-żona ġeografika, ***is-sess,*** il-pajjiż individwali u l-missjoni, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-karigi tal-pjan ta' stabbiliment, l-aġenti kuntrattwali, l-aġenti lokali u l-esperti nazzjonali ssekondati u l-approprjazzjonijet mitluba fl-abbozz ta' baġit għal tipi oħra ta' persunal flimkien ma' stimi korrispondenti tal-persunal ekwivalenti f'karigi full-time, li jista' jiġi impjegat fil-limiti tal-approprjazzjonijiet mitluba. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha takkumpanja l-abbozz tal-baġit bi proposta ta' mobilizzazzjoni ta' riżerva għall-ħlasijiet u għall-impenji għal kwalunkwe bżonn li jirriżulta li ma kienx inizjalment previst fil-baġit annwali jew fir-regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4b. Barra minn hekk il-Kummissjoni, flimkien mal-abbozz tal-baġit, għandha tittrażmetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dokument ta' ħidma dwar il-politika dwar il-bini li għandu jitfassal minn kull istituzzjoni u korp skont it-tifsira tal-Artikolu 196b li għandu jkun fih l-informazzjoni sussegwenti:*** |
| | ***(a) għal kull bini, l-infiq u l-oqsma koperti mill-approprjazzjonijiet tal-linji baġitarji korrispondenti;*** |
| | ***(b) il-progress mistenni tal-ipprogrammar globali ta' żoni u postijiet għas-snin li ġejjin, b'deskrizzjoni tal-proġetti ta' bini fil-fażi ta' ppjanar imsemmija fl-Artikolu 195(3) li diġà ġew identifikati;*** |
| | ***(c) it-termini u l-ispejjeż finali kif ukoll l-informazzjoni rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' bini ġodda li kienu tressqu lill-awtorità baġitarja skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 195(3) u mhux inklużi fid-dokumenti ta' ħidma tas-snin preċedenti;*** |
| | ***(d) it-termini u l-ispejjeż finali rigward estensjonijiet ta' kuntratti mhux soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 195(3) iżda li jmorru oltre spiża annwali ta' EUR 500,000.*** |

**L-Erbgħa 26 ta’ Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35**

| | |
|---|---|
| ***Sakemm jiltaqqa’ l-Kumitat*** ta’ ***Kunċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 314 tat-TFUE***, il-Kummissjoni tista’, fuq inizjattiva tagħha jew jekk mitluba mill-istituzzjonijiet l-oħra, kull waħda fir-rigward tat-taqsima tagħha, tippreżenta simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ittri ta’ emenda għall-abbozz tal-baġit ***fuq il-bażi ta’ informazzjoni ġdida li ma kenitx disponibbli fiż-żmien meta l-abbozz ġie stabbilit, inkluża*** ittra ta’ emenda li taġġorna l-estimi tal-infiq għall-agrikoltura. | ***Fuq il-bażi*** ta’ ***informazzjoni ġdida li ma kenitx disponibbli fiż-żmien meta l-abbozz ġie stabbilit***, il-Kummissjoni tista’, fuq inizjattiva tagħha jew jekk mitluba mill-istituzzjonijiet l-oħra, kull waħda fir-rigward tat-taqsima tagħha, tippreżenta simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ittri ta’ emenda għall-abbozz tal-baġit ***f’waqtu qabel jissejjaħ il-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 314 TFUE. Dan jista’ jinkludi*** ittra ta’ emenda li taġġorna l-estimi tal-infiq għall-agrikoltura. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36**

| | |
|---|---|
| ***Approvazzjoni tal-eżitu tal-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni*** | ***imħassar*** |
| ***Ladarba l-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni ikun laħaq qbil dwar test konġunt, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jagħmlu ħilithom biex japprovaw ir-riżultat tal-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni malajr kemm jista’ jkun f’konformità mal-Artikolu 314(6) TFUE, f’konformità mar-regoli interni ta’ proċedura rispettivi tagħhom.*** | |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38**

| | |
|---|---|
| | 1. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz tal-baġits ta’ emenda għall-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Solidarjetà u abbozz tal-baġit ta’ emenda għal kull wieħed mill-iskopijiet sussegwenti:*** |
| | ***(a) bilanċ favorevoli,*** |
| | ***(b) reviżjoni tal-istima ta’ riżorsi proprji tradizzjonali u tal-bażijiet ta’ Taxxa fuq il-Valur Miżjud u tal-Introjtu Nazzjonali Gross,*** |
| | ***(c) żieda fl-istima ta’ dħul u tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta’ ħlas,*** |
| ***1.*** Jekk ikun hemm ċirkostanzi li ma jistgħux ikunu evitati, eċċezzjonali jew mhux mistennija, il-Kummissjoni tista’ tippreżenta abbozzi ***ta’ baġit*** emendatorji. | Jekk ikun hemm ċirkostanzi li ma jistgħux ikunu evitati, eċċezzjonali jew mhux mistennija, il-Kummissjoni tista’ tippreżenta ***żewġ*** abbozzi ***tal-baġits*** emendatorji ***għal kull sena***. |
| Talbiet għal baġits emendatorji, fl-istess ċirkostanzi kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti, minn istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni, għandhom ikunu mibgħuta lill-Kummissjoni. | Talbiet għal baġits emendatorji, fl-istess ċirkostanzi kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti, minn istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni, għandhom ikunu mibgħuta lill-Kummissjoni. |
| Qabel jippreżentaw abbozz ta’ baġit emendatorju, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra għandhom jeżaminaw il-kamp ta’ applikazzjoni għal riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet relevanti, b’kont meħud ta’ kwalunkwe sottoimplimentazzjoni mistennija ta’ approprjazzjonijiet. | Qabel jippreżentaw abbozz ta’ baġit emendatorju, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra għandhom jeżaminaw il-kamp ta’ applikazzjoni għal riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet relevanti, b’kont meħud ta’ kwalunkwe sottoimplimentazzjoni mistennija ta’ approprjazzjonijiet. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha, minbarra f'ċirkostanzi ***eċċezzjonali***, tippreżenta ***kwalunkwe abbozz tal-baġit emendatorju*** fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena***. Hi tista' tehmeż opinjoni mat-talbiet mill-istituzzjonijiet l-oħrajn għal baġits emendatorji. | 2. Il-Kummissjoni għandha, minbarra f'ċirkostanzi ***ġustifikati kif xieraq jew fil-każ ta' mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Solidarjetà li għalih abbozz ta' baġit emendatorju jista' jiġi ppreżentat fi kwalunkwe żmien tas-sena***, tippreżenta ***l-abbozzi ta' baġits emendatorji tagħha,*** fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***, f'April u/jew f'Awwissu***. Hi tista' tehmeż opinjoni mat-talbiet mill-istituzzjonijiet l-oħrajn għal baġits emendatorji. |
| 3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddiskutuhom b'attenzjoni xierqa għall-urġenza tagħhom. | 3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddiskutuhom b'attenzjoni xierqa għall-urġenza tagħhom. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a**

| | |
|---|---|
| (a) dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u l-infiq; | (a) dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u l-infiq ***waqt li ssir distinzjoni bejn l-operat u l-investiment***; |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2a. L-infiq amministrattiv għandu jiġi klassifikat kif ġej:*** <br><br> ***(a) infiq tal-persunal skont il-pjan stabbilit: irid ikun hemm ammont ta' approprjazzjonijiet u għadd ta' mpjiegi skont il-pjan tal-istabbiliment li jikkorispondu għall-infiq;*** <br><br> ***(b) l-infiq fuq il-persunal estern u nfiq ieħor imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u ffinanzjat skont l-intestatura 'amministrazzjoni' tal-qafas finanzjarju multiannwali;*** <br><br> ***(c) l-infiq fuq bini u nfiq relatat, inklużi tindif u manutenzjoni, kiri, telekomunikazzjonijiet, ilma, gass u elettriku;*** <br><br> ***d) persunal estern u għajnuna teknika marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-programmi.*** <br><br> ***L-infiq amministrattiv tal-Kummissjoni ta' tip li jkun komuni għal bosta titoli għandu jiġi stabbilit f'dikjarazzjoni fil-qosor separata kklassifikat skont it-tip.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***2b. Kull meta dan ikun possibbli u xieraq, l-artikoli u l-partiti għandhom jikkorrispondu għal operazzjonijiet individwali mwettqa fil-kuntest ta' ċerta attività individwali. Ir-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199 għandu jistabbilixxi l-linji gwida għall-klassifikazzjoni ta' artikoli u partiti biex b'hekk jintlaħqu l-ikbar trasparenza u l-konċiżjoni tal-baġit.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Din ir-riżerva għandha tkun imħejjija qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja permezz ta' trasferiment b'konformità mal-proċedura stabbilita ***fl-Artikoli 21 u 23***. | Din ir-riżerva għandha tkun imħejjija ***mill-aktar fis possibbli u*** qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja***, l-ewwel nett*** permezz ***tar-riżerva għall-ħlasijiet u l-impenji, kif stabbilit fl-Artikolu 15(3a), jew permez***z ta' trasferiment b'konformità mal-proċedura stabbilita ***fl-Artikoli 21 u 23***. |

**Emendi 95 u 287**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-baġit għandu juri: | 1. Il-baġit għandu juri: |
| (a) fir-rendikont ġenerali tad-dħul u tal-infiq: | (a) fir-rendikont ġenerali tad-dħul u tal-infiq: |
| (i) l-estimi tad-dħul tal-Unjoni għas-sena finanzjarja kkonċernata; | (i) l-estimi tad-dħul tal-Unjoni għas-sena finanzjarja kkonċernata; |
| (ii) l-estimi tad-dħul għas-sena finanzjarja preċedenti u d-dħul għas-sena n – 2; | (ii) l-estimi tad-dħul għas-sena finanzjarja preċedenti u d-dħul għas-sena n – 2; |
| (iii) l-appropjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet għas-sena finanzjarja kkonċernata; | (iii) l-appropjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet għas-sena finanzjarja kkonċernata; |
| (iv) l-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet għas-sena finanzjarja preċedenti; | (iv) l-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet għas-sena finanzjarja preċedenti; |
| (v) in-nefqa impenjata u n-nefqa mħallsa fis-sena n - 2, | (v) in-nefqa impenjata u n-nefqa mħallsa fis-sena n - 2, ***b'din tal-aħħar espressa wkoll bħala perċentwal tal-baġit;*** |
| (vi) rimarki xierqa dwar kull suddiviżjoni, kif imniżżel fl-Artikolu 41(1); | (vi) rimarki xierqa dwar kull suddiviżjoni, kif imniżżel fl-Artikolu 41(1); |
| (b) f'kull sezzjoni tal-baġit, id-dħul u l-infiq għandhom jintwerew fl-istess struttura bħal fil-punt (a); | (b) f'kull sezzjoni tal-baġit, id-dħul u l-infiq għandhom jintwerew fl-istess struttura bħal fil-punt (a); |
| (c) fir-rigward tal-persunal: | (c) fir-rigward tal-persunal: |
| (i) għal kull sezzjoni ***tal-budget***, pjan ***tal-istabbiliment li jistabbilixxi*** n-numru ta' postijiet għal kull grad f'kull kategorija u f'kull wieħed mis-servizzi u n-numru ta' postijiet permanenti u temporanji awtorizzati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet ***tal-budget***; | (i) għal kull sezzjoni ***tal-baġit***, pjan ***ta' stabbiliment li jipprovdi preżentazzjoni komprensiva tar-riżorsi umani kollha li tistabbilixxi*** n-numru ta' postijiet għal kull grad f'kull kategorija u f'kull wieħed mis-servizzi u n-numru ta' postijiet permanenti u temporanji awtorizzati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet ***tal-baġit, akkumpanjat minn dokument li jippreżenta l-ekwivalenti full-time tal-aġenti kuntrattwali kif ukoll l-aġenti lokali***; |
| (ii) pjan ta' stabbiliment għal persunal imħallas mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku għal azzjoni diretta u pjan ta' istabbiliment għal persunal imħallas mill-istess approprjazzjonijiet għal azzjoni indiretta; il-pjan ta' istabbiliment għandu jkun ikklassifikat bil-kategorija u l-grad u għandu jiddistingwi bejn postijiet permanenti u temporanji, awtorizzati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet tal-baġit; | (ii) pjan ta' stabbiliment għal persunal imħallas mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku għal azzjoni diretta u pjan ta' istabbiliment għal persunal imħallas mill-istess approprjazzjonijiet għal azzjoni indiretta; il-pjan ta' istabbiliment għandu jkun ikklassifikat bil-kategorija u l-grad u għandu jiddistingwi bejn postijiet permanenti u temporanji, awtorizzati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet tal-baġit; |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| rigward persunal xjentifiku u tekniku, il-klassifikazzjoni tista' tkun ibbażata fuq gruppi ta' gradi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'kull baġit; il-pjan ta' stabbiliment għandu jispeċifika n-numru ta' persunal tekniku jew xjentifiku kwalifikat ħafna li huwa mogħti vantaġġi speċjali taħt id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal; | (iii) rigward persunal xjentifiku u tekniku, il-klassifikazzjoni tista' tkun ibbażata fuq gruppi ta' gradi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'kull baġit; il-pjan ta' stabbiliment għandu jispeċifika n-numru ta' persunal tekniku jew xjentifiku kwalifikat ħafna li huwa mogħti vantaġġi speċjali taħt id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal; |
| (iv) pjan ta' stabbiliment li jistabbilixxi n-numru ta' postijiet bil-grad u bil-kategorija għal kull korp riferut fl-Artikolu *200* li jirċievi għotja ddebitata lill-baġit. Il-pjani ta' stabbiliment għandhom juru biswit in-numru ta' postijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja, in-numru awtorizzat tas-sena preċedenti; | (iv) pjan ta' stabbiliment li jistabbilixxi n-numru ta' postijiet bil-grad u bil-kategorija għal kull korp riferut fl-Artikolu ***196b*** li jirċievi għotja ddebitata lill-baġit. Il-pjani ta' stabbiliment għandhom juru biswit in-numru ta' postijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja, in-numru awtorizzat tas-sena preċedenti; |
| | ***(ca) fir-rigward ta' fondi mogħtija lil organizzazzjonijiet internazzjonali, f'dokument anness mas-sezzjoni tal-Kummissjoni:*** |
| | ***(i) sommarju tal-kontribuzzjonijiet kollha, bl-ammonti mqassmin skont il-programm/fond tal-Unjoni u skont l-organizzazzjoni internazzjonali,*** |
| | ***(ii) dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex kien aktar effikaċi għall-Unjoni li tiffinanzja lil dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali minflok taġixxi hi direttament;*** |
| (d) fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-għoti u teħid ta' self: | (d) fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-għoti u teħid ta' self: |
| (i) fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul, il-linji tal-baġit li jikkorrespondu mal-operazzjonijiet relevanti u intiżi biex jirreġistraw xi rimborsi rċevuti minn benefiċjarji li inizjalment ikunu naqsu li jħallsu, li jwassal għall-attivazzjoni tal-garanzija għal eżekuzzjoni. Dawn il-linji għandhom ikollhom entrata "pro memoria" u jkunu akkumpanjati minn rimarki xierqa; | (i) fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul, il-linji tal-baġit li jikkorrespondu mal-operazzjonijiet relevanti***, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji (Artikoli 130, 131)*** u intiżi biex jirreġistraw xi rimborsi rċevuti minn benefiċjarji li inizjalment ikunu naqsu li jħallsu, li jwassal għall-attivazzjoni tal-garanzija għal eżekuzzjoni ***kif ukoll id-dħul dovut għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji***. Dawn il-linji għandhom ikollhom entrata "pro memoria" u jkunu akkumpanjati minn rimarki xierqa; |
| (ii) fis-sezzjoni tal-Kummissjoni: | (ii) fis-sezzjoni tal-Kummissjoni: |
| — fil-linji tal-baġit li jkun fihom il-garanzija għal eżekuzzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-operazzjonijiet ikkonċernati. Dawn il-linji għandhom ikollhom entrata "pro memoria", sakemm l-ebda imposta effettiva ma tkun ġiet koperta b'riżorsi definittivi li jkunu oriġinaw; | — fil-linji tal-baġit li jkun fihom il-garanzija għal eżekuzzjoni ***u l-istrumenti finanzjarji*** tal-Unjoni fir-rigward tal-operazzjonijiet ikkonċernati. Dawn il-linji għandhom ikollhom entrata "pro memoria", sakemm l-ebda imposta effettiva ma tkun ġiet koperta b'riżorsi definittivi li jkunu oriġinaw; |
| — rimarki li jgħatu r-referenza għall-att bażiku u għall-volum tal-operazzjonijiet intiżi, it-tul tażżmien u l-garanzija finanzjarja mogħtija mill-Unjoni fir-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet; | — rimarki li jagħtu r-referenza għall-att bażiku u għall-volum tal-operazzjonijiet intiżi, it-tul tażżmien u l-garanzija finanzjarja mogħtija***, jew strument finanzjarju ieħor implimentat*** mill-Unjoni fir-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet; |
| | — ***kalkolu komprensiv tar-rata ta' fondi ġenerali dedikati għall-istrumenti finanzjarji b'rabta mal-baġit tal-Unjoni;*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (iii) f'dokument anness mas-sezzjoni tal-Kummissjoni, bħala indikazzjoni: | (iii) f'dokument anness mas-sezzjoni tal-Kummissjoni, bħala indikazzjoni: |
| | — ***il-parteċipazzjoni kollha tal-ekwità permezz ta' strumenti finanzjarji jew sħubiji pubbliċi-privati li għandhom ikunu akkumpanjati minn rimarki speċifiċi dwar il-prestazzjoni tagħhom;*** |
| — l-operazzjoni kapitali kurrenti u l-amministrazzjoni tad-dejn; | — l-operazzjoni kapitali kurrenti u l-amministrazzjoni tad-dejn; |
| — l-operazzjonijiet kapitali u l-ġestjoni tad-dejn għas-sena finanzjarja kkonċernata; | — l-operazzjonijiet kapitali u l-ġestjoni tad-dejn għas-sena finanzjarja kkonċernata; |
| (e) l-ammont totali tal-infiq tal-PESK għandu jiddaħħal f'kapitolu wieħed tal-baġit, intitolat PESK, b'artikoli tal-baġit speċifiċi. Dawk l-artikoli għandhom ikopru l-infiq tal-PESK u għandhom jinkludu ***linji baġitarji speċifiċi li jidentifikaw mill-inqas il-missjonijiet ewlenin individwali;*** | (e) l-ammont totali tal-infiq tal-PESK għandu jiddaħħal f'kapitolu wieħed tal-baġit, intitolat PESK, b'artikoli tal-baġit speċifiċi. Dawk l-artikoli għandhom ikopru l-infiq tal-PESK u għandhom jinkludu ***linja baġitarja speċifika għal kull missjoni.*** |
| | ***(ea) kull dħul u nfiq mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp rispettivi għandu jiddaħħal taħt intestatura tal-baġit speċjali fit-taqsima tal-Kummissjoni.*** |

**Emenda 281**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) li ***l-limitu tan-numru totali ta' postijiet awtorizzat minn kull pjan ta' stabbiliment ma jkunx maqbuż***. | (b) li ***l-istituzzjoni jew entità tkun ħadet sehem f'eżerċizzju ta' benchmarking ma' entitajiet oħra tal-Unjoni u istituzzjonijiet oħra li nbeda bl-eżerċizzju ta' screening tal-istaff mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Artikolu 49 | Artikolu 49 |
| Fejn bl-implimentazzjoni ta' att tal-Unjoni l-approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit jew l-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju multiannwali jinqabżu, dan l-att jista' jiġi implimentat f'termini finanzjarji biss wara li l-baġit ikun ġie emendat u, jekk neċessarju, wara li l-qafas finanzjarju jkun ġie rivedut b'mod xieraq. | Fejn bl-implimentazzjoni ta' att tal-Unjoni l-approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit jew l-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju multiannwali jinqabżu, dan l-att jista' jiġi implimentat f'termini finanzjarji biss wara li l-baġit ikun ġie emendat u, jekk neċessarju, wara li l-qafas finanzjarju jkun ġie rivedut b'mod xieraq. ***Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, u minkejja l-Artikolu 4(2), għandu jitqies li jeżisti att tal-Unjoni meta operazzjonijiet ta' għoti jew ta' teħid ta' self jaffettwaw il-marġni globali tal-MFF (Artikolu 9(4)) ta' kwalunkwe sena preżenti jew futura li għaliha japplika l-qafas finanzjarju multiannwali.*** |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni hekk li l-approprjazzjonijiet ikunu użati f'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba. | 2. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni hekk li l-approprjazzjonijiet ikunu użati f'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba ***u għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom ta' kontroll u ta' verifika bi qbil mal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Att bażiku huwa att legali li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni u għall-implimentazzjoni tan-nefqa korrispondenti mdaħħla fil-baġit. | Att bażiku huwa att legali li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni u għall-implimentazzjoni tan-nefqa korrispondenti mdaħħla fil-baġit. ***Japplika l-Artikolu 2.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. F'applikazzjoni tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, att bażiku jista' jieħu waħda mill-forom ***speċifikati fl-Artikoli 26(2), 28(1), 29, 31(2), 33 u 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*** | 3. F'applikazzjoni tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***(minn hawn 'l isfel 'TUE')***, att bażiku jista' jieħu waħda mill-forom ***li ġejjin:*** |
| | — ***Deċiżjoni tal-Kunsill meħtieġa għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (Artikolu 26(2) TUE);*** |
| | — ***Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-azzjoni operattiva meħtieġa mis-sitwazzjoni internazzjonali (Artikolu 28(1) TUE);*** |
| | — ***Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddefinixxi l-approċċ tal-Unjoni għal kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika (Artikolu 29 TUE);*** |
| | — ***Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jiddefinixxu azzjoni jew pożizzjoni tal-Unjoni, jew li jimplimentaw din l-azzjoni jew pożizzjoni (Artikolu 31(2) mill-1 sat-3 inċiż TUE) jew dwar il-ħatra ta' rappreżentant speċjali (Artikolu 31(2) ir-4 inċiż, Art. 33 TUE);*** |
| | — ***konklużjoni ta' ftehimiet ma' stat jew organizzazzjoni internazzjonali waħda jew iżjed (Artikolu 37 TUE).*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 - paragrafu 5 - punt b - subparagrafi 2a u 2b (ġodda)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***L-ammont totali ta' appropjazzjonijiet għall-iskemi sperimentali msemmija fil-punt (a) ma jistax ikun ikbar minn EUR 40 miljun fl-ebda sena tal-baġit.*** |
| | ***L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet għal azzjonijiet preparatorji ġodda msemmijia fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt ma jistax ikun ikbar minn EUR 50 miljun fl-ebda sena tal-baġit, u l-ammont totali tal-approprjazzjonijiet effettivament marbutin għall-azzjonijiet preparatorji ma jistgħux jaqbżu l-EUR 100 miljun;*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) approprjazzjonijiet għal miżuri preparatorji fil-qasam tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dawn il-miżuri għandhom ikunu limitati għal perijodu qasir ta' żmien u għandhom ikunu mfasslin biex jistabbilixxu l-kondizzjonijiet | (c) approprjazzjonijiet għal miżuri preparatorji fil-qasam tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***(rigward id-Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar l-Azzjoni Esterna tal-Unjoni u Dispożizzjonijiet Speċifiċi dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni)***. Dawn il-miżuri għandhom ikunu |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| għall-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex jitwettqu l-objettivi tal-CFSP u għall-adozzjoni ta' l-istrumenti legali meħtieġa; | limitati għal perijodu qasir ta' żmien u għandhom ikunu mfasslin biex jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex jitwettqu l-objettivi tal-CFSP u għall-adozzjoni ta' l-istrumenti legali meħtieġa; |
| Għall-fini tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE, il-miżuri preparatorji huma mfasslin fost l-oħrajn biex jivvalutaw il-ħtiġijiet operattivi, jipprovdu għal skjerament inizjali mgħaġġel tar-riżorsi, jew jistabbilixxu l-kundizzjonijiet fil-post għall-varar tal-operazzjoni. | Għall-fini tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE, il-miżuri preparatorji huma mfasslin fost l-oħrajn biex jivvalutaw il-ħtiġijiet operattivi, jipprovdu għal skjerament inizjali mgħaġġel tar-riżorsi, jew jistabbilixxu l-kundizzjonijiet fil-post għall-varar tal-operazzjoni. |
| Miżuri preparatorji għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill, ***fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà***. | Miżuri preparatorji għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill, ***f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni, u l-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat fi żmien raġonevoli minn qabel u għandu jkun mgħarraf fid-dettall dwar il-miżuri preparatorji, b'mod partikulari dawk li jikkonċernaw l-azzjonijiet tal-PESK u tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni***. |
| Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri preparatorji, ir-Rappreżentant Għoli għandu jinforma lill-Kummissjoni kmieni kemm jista' jkun dwar l-intenzjoni tal-Kunsill li jniedi miżura preparatorja u b'mod partikolari r-riżorsi meħtieġa stmati għal dan l-għan. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat ħlas mgħaġġel tal-fondi. | Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri preparatorji, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jinforma ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kummissjoni kmieni kemm jista' jkun dwar l-intenzjoni tal-Kunsill li jniedi miżura preparatorja u b'mod partikolari r-riżorsi meħtieġa stmati għal dan l-għan. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat ħlas mgħaġġel tal-fondi; |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. L-atturi finanzjarji kollha u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, ***il-ġestjoni,*** l-awditu jew il-kontroll għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk tal-Unjoni. Jekk jiġri dan, il-persuna inkwistjoni għandha tieqaf minn tali azzjonijiet u għandha tirreferi l-kwistjoni ***lill-awtorità kompetenti***. | 1. L-atturi finanzjarji kollha u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni ***u fil-ġestjoni***, l-awditu jew il-kontroll għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk tal-Unjoni. Jekk jiġri dan, il-persuna inkwistjoni għandha tieqaf minn tali azzjonijiet u għandha tirreferi l-kwistjoni ***lill-persuna direttament fuqha li għandha tikkonferma bil-miktub jekk jeżistix kunflitt ta' interess. Meta jinstab li jeżisti kunflitt ta' interess, il-persuna soġġetta għal dan il-kunflitt għandha twaqqaf l-attivitajiet kollha tagħha fil-kwistjoni pendenti. Il-persuna ta' fuqha għandha personalment tieħu kwalunkwe pass ulterjuri li jkun meħtieġ.*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. Ikun hemm konflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif jissemma fil-paragrafu 1, ikun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż mal-benefiċjarju. | 2. Ikun hemm konflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif jissemma fil-paragrafu 1, ikun ***jew jista' fil-perċezzjoni pubblika jkun*** kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż mal-benefiċjarju. |
| | ***Azzjonijiet li jistgħu jkunu pperikolati minn kunflitt ta' interess jistgħu jieħdu, inter alia, waħda mill-forom li ġejjin:*** |
| | ***(a) għoti ta' vantaġġi diretti jew indiretti inġustifikati lill-persuna nnifisha jew lil kwalunkwe parti terza relatata bid-demm, nisel jew kwalunkwe proprjetà speċifika oħra;*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(b)*** ***rifjut li benefiċjarju potenzjali, riċevitur, kandidat jew applikant f'sejħa għal offerti jingħata d-drittijiet jew il-vantaġġi dovuti lilu jew għoti ta' dawn id-drittijiet jew vantaġġi f'forma esaġerata;*** |
| | ***(c)*** ***għemil ta' atti li m'għandhomx isiru jew atti ħżiena jew nuqqas ta' għemil ta' atti li huma obbligatorji.*** |
| | ***Kunflitt ta' interess għandu jitqies bħala li jeżisti meta benefiċjarju potenzjali, applikant, kandidat jew applikant f'sejħa għal offerti jkun membru tal-persunal kopert mir-Regolamenti tal-Persunal, aġent kuntrattwali, aġent lokali jew espert nazzjonali misluf.*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a**

| | |
| --- | --- |
| (a) permezz tad-dipartimenti tagħha, permezz ***tad-Delegazzjonijiet*** tal-Unjoni, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 53, jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi msemmija fl-Artikolu 59; | (a) permezz tad-dipartimenti tagħha, permezz ***tal-persunal tagħha fid-Delegazzjonijiet*** tal-Unjoni ***taħt is-superviżjoni tal-Kap ta' Delegazzjoni rispettiv***, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 53, jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi msemmija fl-Artikolu 59; |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b**

| | |
| --- | --- |
| (b) indirettament, f'ġestjoni maqsuma ma' Stati Membri jew billi tafda kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit lil: | (b) indirettament, f'ġestjoni maqsuma ma' Stati Membri jew***, suġġett għal dispożizzjoni speċifika fl-att bażiku li għandu wkoll jistabbilixxi, barra fil-każijiet tal-punt (i) u (iv) it-tipi ta' shab ta' implimentazzjoni u t-tipi ta' operazzjonijiet,*** billi tafda ***ċerti*** kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit ***speċifiċi*** lil: |
| (i) pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom; | (i) pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom; |
| (ii) organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom; | (ii) organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom; |
| ***(iii) istituzzjonijiet finanzjarji fdati bl-implimentazzjoni ta' Strumenti Finanzjarji skont it-Titolu VIII;*** | |
| (iv) il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment ***jew kwalunkwe sussidjarja oħra tal-Bank***; | (iv) il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment; |
| (v) korpi msemmija ***fl-Artikoli 200 u 201***; | (v) korpi msemmija ***fl-Artikoli 196b u 196c***; |
| (vi) korpi tad-dritt pubbliku rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn tal-aħħar jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati; | (vi) korpi tad-dritt pubbliku rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn tal-aħħar jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati; |
| ***(vii) korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru, fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika u privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;*** | |
| (viii) persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament. | (viii) persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi ***fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni*** skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Il-Kummissjoni tibqa' responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit (Artikolu 317 TFUE) u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-operazzjonijiet imwettqa mill-entitajiet skont il-punti (i) sa (viii). Id-dikjarazzjoni finanzjarja (Artikolu 27) għandha tipprovdi ġustifikazzjoni kompluta għall-għażla ta' entità partikolari skont il-punti (i) sa (viii).* |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *1a. Id-deċiżjoni ta' finanzjament li għandha tkun annessa mar-rapport tal-attività annwali (Artikolu 63(9)) għandha tispeċifika l-objettiv segwit, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati u indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni, u kalendarju indikattiv tal-implimentazzjoni.* |
| | *F'każ ta' ġestjoni indiretta, għandha tispeċifika wkoll is-sħab ta' implimentazzjoni magħżul, il-kriterji użati u l-kompiti fdati lilu.* |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *1b. L-entitajiet u l-persuni mniżżla fil-punti (i) sa (viii) tal-paragrafu 1(b) għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll l-OLAF f'kull każ għandhom id-dritt li jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi tagħhom skont it-TFUE fil-verifika tal-fondi ġestiti b'dan il-mod.* |
| | *Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-twettiq tal-kompiti ta' implimentazzjoni soġġett għall-kundizzjoni tal-eżistenza ta' proċeduri ta' reviżjoni ġudizzjarja trasparenti, mhux diskriminatorji, effiċjenti u effettivi fir-rigward tal-implimentazzjoni attwali ta' dawn il-kompiti jew it-twettiq ta' pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ ta' proċeduri bħal dawn.* |
| | *Lista ta' entitajiet u persuni fdati b'ċerti kompiti ta' implimentazzjoni speċifikati għandha tinżamm mill-uffiċjal għall-kontabilità u tiġi annessa mal-kontijiet annwali. Il-ftehimiet kollha konklużi ma' entitajiet u persuni bħal dawn għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità baġitarja fuq talba ta' din.* |
| | *Entitajiet u persuni mniżżla fil-punti (i) sa (viii) tal-paragrafu 1(b) li lilhom jiġu delegati l-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw, f'konformità ma' l-Artikolu 31(2), il-pubblikazzjoni annwali ex post adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bil-miżuri li jittieħdu.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-baġit f'ġestjoni maqsuma*** |
| 1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni u jiżguraw il-viżibilità tal-azzjoni tal-Unjoni meta jamministraw fondi tal-Unjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-obbligi tal-kontroll u l-awditjar u jassumu r-responsabbiltajiet li jirriżultaw u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dispożizzjonijiet kumplimentari ***jistgħu*** jiġu stabbiliti f'regoli speċifiċi għas-setturi. | 1. ***Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit b'ġestjoni maqsuma, il-kompiti implimentattivi għandhom ikunu delegati lill-Istati Membri.*** L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni u jiżguraw il-viżibilità tal-azzjoni tal-Unjoni meta jamministraw fondi tal-Unjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, ***il-Kummissjoni u*** l-Istati Membri għandhom iwettqu l-obbligi tal-kontroll u l-awditjar ***rispettivi tagħhom*** u jassumu r-responsabbiltajiet li jirriżultaw u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dispożizzjonijiet kumplimentari ***għandhom*** jiġu stabbiliti f'regoli speċifiċi għas-setturi. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Dmirijiet speċifiċi tal-Istati Membri*** |
| 2. L-Istati Membri għandhom ***iwaqqfu, isibu u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi meta jkunu qed jeżegwixxu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit. Sabiex jagħmlu dan huma għandhom iwettqu kontrolli ex ante u ex post inkluż, fejn xieraq, kontrolli fuq il-post, sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit ikunu verament qed jitwettqu u jiġu implimentati b'mod korrett, jirkupraw fondi li ma kellhomx jitħallsu u jressqu proċedimenti legali jekk meħtieġ*** | 2. L-Istati Membri***, meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit,*** għandhom ***jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha jew miżuri oħrajn meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari:*** |
| | ***(a) jieħdu s-sodisfazzjon li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit fil-fatt jitwettqu u jiżguraw li jiġu implimentati kif suppost, u għal dak il-għan jakkreditaw u jissorveljaw entitajiet responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi tal-Unjoni;*** |
| | ***(b) jipprevjenu, jiskopru u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi.*** |
| | ***Għal dan il-għan, huma għandhom iwettqu, bi qbil mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u f'konformità mal-paragrafi 2(a), 3 sa 5, kif ukoll mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-setturi, kontrolli ex ante u ex post inkluż, fejn xieraq, kontrolli fuq il-post fir-rigward ta' kampjuni rappreżentattivi tat-tranżazzjonijiet. Huma għandhom jirkupraw ukoll fondi li ma kellhomx jitħallsu u jressqu proċedimenti legali jekk meħtieġ. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta s-sistemi stabbiliti fl-Istati Membri fir-rigward tal-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom jew fl-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi għas-setturi.*** |
| | ***Sakemm l-Istati Membri jiżvelaw żbalji u / jew irregolaritajiet li huma jiskopru immedjatament lill-Kummissjoni u jsibu rimedju għalihom, partikolarment billi jirkupraw kwalunkwe ammont imħallas meta dan ma kellux isir, huma se jkunu eżentati minn korrezzjonijiet finanzjarji rigward tali żbalji u / jew irregolaritajiet saż-żmien tal-iżvelar.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jimponu penali effettivi, dissważivi u proporzjonati fuq il-benefiċjarji ***kif*** stipulat fir-regoli speċifiċi għas-setturi u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. | L-Istati Membri għandhom jimponu penali effettivi, dissważivi u proporzjonati fuq il-benefiċjarji ***fejn*** stipulat fir-regoli speċifiċi għas-setturi u ***f'dispożizzjonijiet speċifiċi*** fil-leġislazzjoni nazzjonali. |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Rwol u kompetenzi tal-awtorità responsabbli mill-akkreditament*** |
| 3. F'konformità ***mar-regoli*** speċifiċi għas-setturi, l-Istati Membri għandhom jakkreditaw ***korp wieħed jew aktar tas-settur pubbliku li għandu jkun unikament*** responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll ***tajba*** tal-fondi***, li għalihom tkun ingħatat l-akkreditazzjoni***. Dan għandu jkun bla ħsara għall-possibilità li dawk il-korpi jwettqu ħidmiet li ma jkunux relatati mal-ġestjoni tal-fondi tal-UE jew jafdaw xi wħud mill-kompiti tagħhom lil korpi oħra. | 3. F'konformità ***mal-kriterji u mal-proċeduri mniżżla fir-regoli*** speċifiċi għas-setturi, l-Istati Membri għandhom jakkreditaw ***korpi li għandhom ikunu*** responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll ***intern*** tal-fondi ***tal-Unjoni li jkunu ġew ikkreditati***. Dan għandu jkun bla ħsara għall-possibilità li dawk il-korpi jwettqu ħidmiet li ma jkunux relatati mal-ġestjoni tal-fondi tal-UE jew jafdaw xi wħud mill-kompiti tagħhom lil korpi oħra. ***L-awtorità responsabbli mill-akkreditament għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità tal-korpi akkreditati mal-kriterji tal-akkreditament, fuq il-bażi ta' verifiki u riżultati tal-kontrolli eżistenti. Hija għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li jinstab rimedju għan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-kompiti li ngħataw mill-entitajiet li tkun akkreditat, inkluż is-sospensjoni u l-irtirar tal-akkreditament. Ir-rwol tal-Kummissjoni fil-proċess ta' akkreditament li għalih japplika l-paragrafu 2 għandu jiġi definit ulterjorment fir-regoli speċifiċi għas-setturi billi jitqies ir-riskju fil-qasam politiku kkonċernat.*** |
| ***L-akkreditament għandu jingħata minn awtorità ta' Stat Membru f'konformità ma' regoli speċifiċi għas-setturi li jiżguraw li l-korp ikun kapaċi jamministra l-fondi tajjeb. Ir-regoli speċifiċi għas-setturi għandhom ukoll jiddefinixxu rwol għall-Kummissjoni fil-proċess tal-akkreditament.*** | |
| ***L-awtorità responsabbli mill-akkreditazzjoni għandha tkun responsabbli għas-supervizjoni tal-korp u sabiex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġu rrimedjati nuqqasijiet fl-operat tiegħu, inkluż is-sospensjoni u l-irtirar tal-akkreditazzjoni.*** | |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Rwol u kompetenzi tal-korp akkreditat*** |
| 4. Korpi akkreditati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom: | 4. ***L-Istati Membri f'livell xieraq, permezz ta'*** korpi akkreditati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom: |
| (a) jistabbilixxu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern u jiżguraw il-funzjonament tagħha; | (a) jistabbilixxu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern u jiżguraw il-funzjonament tagħha; |
| (b) jużaw sistema ta' kontijiet annwali li tipprovdi informazzjoni preċiża, sħiħa u affidabbli mingħajr dewmien; | (b) jużaw sistema ta' kontijiet annwali li tipprovdi informazzjoni preċiża, sħiħa u affidabbli mingħajr dewmien; |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) ***ikunu suġġetti għal awditjar indipendenti estern, imwettaq skont l-istandards tal-awditu aċċettati internazzjonalment minn servizz tal-awditu funzjonalment indipendenti mill-korp akkreditat;*** | (c) ***jipprovdu d-data u l-informazzjoni rikjesti skont il-paragrafu 5;*** |
| (d) jiżguraw***, f'konformità mal-Artikolu 31***(2)***, il-pubblikazzjoni ex post*** kull ***sena tal-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni;*** | (d) jiżguraw ***li jiġu ppubblikati ex post il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni bi qbil mal-Artikolu 31***(2)***;*** Kull ***ipproċessar ta' data personali għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE.*** |
| ***(f) jiżguraw protezzjoni tad-data personali li tkun tissodisfa l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE.*** | |

**Emenda 112**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Kontenut, kalendarju u awditjar tad-data rrapportata mill-korpi akkreditati*** |
| 5. Korpi akkreditati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni sal-1 ta' Frar tas-sena finanzjarja ta' wara b'dan li ġej: | 5. Korpi akkreditati skont il-paragrafu 3 għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara b'dan li ġej: |
| (a) ***il-kontijiet tagħhom imħejjija għall-infiq magħmul fl-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lilhom;*** | (a) ***il-kontijiet annwali tal-korpi akkreditati dwar in-nefqa li tkun saret fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet fdati lilhom, u li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għar-rimborż, inklużi l-ħlasijiet fuq kontijiet u somom li għalihom għaddejjin jew intemmu proċeduri għall-irkupru. Din l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni li tikkonferma li, fl-opinjoni ta' dawk inkarigati mill-ġestjoni tal-fondi:*** |
| | ***— din l-informazzjoni hija ppreżentata kif suppost, kompluta u preċiża;*** |
| | ***— in-nefqa ntużat għall-iskop intenzjonat tagħha, kif definit mir-regoli speċifiċi għas-setturi;*** |
| | ***— il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji neċessarji fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. anness għad-dikjarazzjoni għandu jippreżenta r-rata ta' żball għal kull fond u analiżi tal-iżbalji kif ukoll riżervi, meta dan ikun applikabbli;*** |
| (b) taqsira ***tar-riżultati tal-awditi u kontrolli kollha*** mwettqa, inkluża analiżi tan-nuqqasijiet ***sistematiċi jew rikorrenti*** u wkoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati***;*** | (b) taqsira ***tar-rapporti finali tal-awditjar disponibbli u sommarju tal-kontrolli*** mwettqa, inkluża analiżi tan-nuqqasijiet ***rikorrenti jew sistemiċi***, u wkoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati ***u r-riżultati tagħhom.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(c)** dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni mill-ġestjoni fir-rigward tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, il-funzjonament korrett tas-sistemi tal-kontroll intern, kif ukoll fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u r-rispett għall-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba;* | ***Il-kontijiet annwali msemmija taħt il-punt (a) u s-sommarju msemmi taħt il-punt (b) għandhom ikunu akkumpanjati minn opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassal skont l-istandards tal-awditjar aċċettati fuq livell internazzjonali, dwar jekk l-informazzjoni kontabbli tagħtix stampa vera u ġusta, u n-nefqa li għaliha ntalab rimbors mill-Kummissjoni hijiex legali u regolari kif ukoll dwar il-funzjonament korrett tal-sistemi ta' kontroll stabbiliti. Din l-opinjoni għandha tafferma jekk l-eżami jitfax dubju fuq l-asserzjonijiet li jkunu saru fid-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni. L-Anness mal-opinjoni għandu jippreżenta r-rata ta' żball għal kull fond u analiżi tal-iżbalji kif ukoll riżervi.*** |
| ***(d)** l-opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-ġestjoni msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu, li tkopri l-elementi kollha tagħha.* | |
| Jekk Stat Membru jkun akkredita aktar minn korp wieħed għal kull qasam ta' politika, huwa għandu sal-15 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport ta' sinteżi li jikkonsisti f'ħarsa globali lejn id-dikjarazzjonijiet tal-assigurazzjoni kollha tal-ġestjoni u l-opinjonijiet indipendenti tal-awditjar korrispondenti, imħejjija għall-qasam ta' politika kkonċernat. | Jekk Stat Membru jkun akkredita aktar minn korp wieħed ***b'responsabilità għall-ġestjoni tal-fondi*** għal kull qasam ta' politika, huwa għandu sal-15 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport ta' sinteżi li jikkonsisti f'ħarsa globali lejn id-dikjarazzjonijiet tal-assigurazzjoni kollha tal-ġestjoni u l-opinjonijiet indipendenti tal-awditjar korrispondenti, imħejjija għall-qasam ta' politika kkonċernat. |
| | ***L-Istati Membri għandhom, fil-livell xieraq, jippubblikaw din l-informazzjoni mhux iktar tard minn 6 xhur wara li jagħtu dawn id-dokumenti lill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 6**

| | |
|---|---|
| | ***Dmirijiet speċifiċi tal-Kummissjoni*** |
| 6. Il-Kummissjoni għandha: | 6. ***Sabiex tiżgura li l-fondi jintużaw skont ir-regoli applikabbli,*** il-Kummissjoni għandha: |
| | ***(-a) tissorvelja l-mod li bih l-Istati Membri jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom, b'mod partikolari billi jwettqu l-awditjar matul l-implimentazzjoni tal-programm;*** |
| (a) tapplika proċeduri għall-approvazzjoni finanzjarja mingħajr dewmien tal-kontijiet tal-korpi akkreditati, fejn ***tiżgura li l-kontijiet*** ikunu kompluti, preċiżi u veri ***u li jippermettu proċessar mingħajr dewmien ta' każijiet ta' irregolarità***; | (a) tapplika proċeduri għall-approvazzjoni finanzjarja mingħajr dewmien tal-kontijiet tal-korpi akkreditati, fejn ***tistabbilixxi jekk il-kontijiet*** ikunu kompluti, preċiżi u veri ***jew le***; |
| (b) teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni nfiq li ***l-ħlasijiet*** għalih saru bi ksur tal-liġi tal-Unjoni. | (b) teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni nfiq li ***l-iżborżamenti*** għalih saru bi ksur tal-liġi tal-Unjoni***;*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(ba) tinterrompi l-iskadenzi tal-ħlas jew tissospendi ħlasijiet f'każ ta' nuqqasijiet sinifikanti fis-superviżjoni ta' Stat Membru jew fil-funzjonament ta' entità akkreditata skont il-paragrafu 3, f'każ li ma jittieħdux azzjonijiet prerekwiżiti b'mod immedjat.* |
| *Regoli speċifiċi għas-setturi għandhom jirregolaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-ħlasijiet lill-Istati Membri jistgħu jiġu sospiżi mill-Kummissjoni jew interrotti mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega.* | *Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tneħħi parti tal-interruzzjoni jew is-suspensjoni fuq il-ħlasijiet wara li Stat Membri jkun ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Ir-rapport annwali tal-attività tal-uffiċjal awtorizzanti kompetenti b'delega tal-Kummissjoni għandu jirrapporta dwar l-obbligi kollha taħt dan il-paragrafu.* |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 6 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Dispożizzjoni speċifika għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea* |
| | *6a. Ir-regoli speċifiċi għas-setturi għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea partikolarment rigward il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali, il-proċess ta' akkreditament u l-funzjoni tal-awditjar.* |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 6 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Dikjarazzjonijiet tal-assigurazzjoni nazzjonali* |
| | *6b. L-Istati Membri għandhom jipprovdu dikjarazzjoni nazzjonali dwar in-nefqa li ssir fl-ambitu tal-metodu ta' ġestjoni maqsuma. Tali dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata fil-livell ministerjali adegwat, u tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 5(c), u għandha tal-inqas tkopri l-funzjonament effikaċi tas-sistemi ta' kontroll intern fis-seħħ u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet involuti. Għandha tkun soġġetta għall-opinjoni ta' entità ta' awditjar indipendenti u għandha tkun ipprovduta lill-Kummissjoni sal-15 ta' Marzu tas-sena wara s-sena finanzjarja kkonċernata.* |
| | *Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi ta' Awditjar tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu kkonsultati dwar il-linji gwida għall-istabbiliment ta' dikjarazzjonijiet nazzjonali bħal dawn.* |
| | *Meta Stat Membri jkun ipprovda dikjarazzjoni nazzjonali bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, din għandha titqies fl-istabbiliment tal-istrateġiji tal-awditjar u kontroll tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u l-istabbiliment ta' riskju fil-livell tal-Istati Membri bi qbil mal-Artikolu 29; hija għandha titressaq quddiem l-awtorità baġitarja b'applikazzjoni tal-Artikolu 63(9) mutatis mutandis.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

## Emenda 116

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Entitajiet u persuni fdati bi dmirijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit skont il-punt (b) tal-Artikolu 55(1) għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-ġestjoni finanzarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni u jiżguraw il-viżibilità tal-azzjoni tal-Unjoni meta jamministraw il-fondi tal-Unjoni. Huma għandhom jiggarantixxu livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dak mitlub taħt dan ir-Regolament meta jamministraw il-fondi tal-Unjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għal dawn li ġejjin: | 1. Entitajiet u persuni ***minbarra l-Istati Membri*** fdati bi dmirijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit skont il-punt (b) tal-Artikolu 55(1) għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-ġestjoni finanzarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni u jiżguraw il-viżibilità tal-azzjoni tal-Unjoni meta jamministraw il-fondi tal-Unjoni. Huma għandhom jiggarantixxu livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dak mitlub taħt dan ir-Regolament meta jamministraw il-fondi tal-Unjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għal dawn li ġejjin: |
| (a) in-natura tal-kompiti fdati u l-ammonti involuti; | (a) in-natura tal-kompiti fdati u l-ammonti involuti; |
| (b) ir-riskji finanzjarji involuti; | (b) ir-riskji finanzjarji involuti; |
| (c) il-livell ta' assigurazzjoni li jirriżulta mis-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri tagħhom flimkien mal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u tappoġġja l-implimentazzjoni tad-dmirijiet fdati. | (c) il-livell ta' assigurazzjoni li jirriżulta mis-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri tagħhom flimkien mal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u tappoġġja l-implimentazzjoni tad-dmirijiet fdati. |

## Emendi 117 u 282

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Għal dan il-għan, l-entitajiet u l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom: | 2. Għal dan il-għan, l-entitajiet u l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom***, skont l-istandards ekwivalenti għall-istandards applikati komunement fl-Unjoni jew, fejn dawn ma jeżistux, standards aċċettati internazzjonalment u definiti fil-ftehim li jipprovdi l-implimentazzjoni speċifikata b'mod ċert tal-kompiti***: |
| (a) jistabbilixxu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern u jiżguraw il-funzjonament tagħha; | (a) jistabbilixxu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern u jiżguraw il-funzjonament tagħha; |
| (b) jużaw sistema ta' kontijiet annwali li tipprovdi informazzjoni preċiża, sħiħa u affidabbli mingħajr dewmien; | (b) jużaw sistema ta' kontijiet annwali li tipprovdi informazzjoni preċiża, sħiħa u affidabbli mingħajr dewmien; |
| (c) ikunu suġġetti għal awditu indipendenti estern, imwettaq skont l-istandards tal-awditu aċċettati internazzjonalment minn servizz tal-awditjar funzjonalment indipendenti mill-entità jew persuna kkonċernata; | (c) ikunu suġġetti għal awditu indipendenti estern, imwettaq skont l-istandards tal-awditu aċċettati internazzjonalment minn servizz tal-awditjar funzjonalment indipendenti mill-entità jew persuna kkonċernata; |
| (d) japplikaw regoli u proċeduri xierqa sabiex jipprovdu finanzjament mill-fondi tal-Unjoni permezz ta' għotjiet, akkwisti u strumenti finanzjarji; | (d) japplikaw regoli u proċeduri xierqa sabiex jipprovdu finanzjament mill-fondi tal-Unjoni permezz ta' għotjiet, akkwisti u strumenti finanzjarji; |
| (e) jiżguraw, f'konformità mal-Artikolu 31(2), ***il-pubblikazzjoni ex post kull sena tal-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni***; | (e) jiżguraw ***il-pubblikazzjoni ex post ta' reċipjenti tal-fondi tal-Unjoni***, f'konformità mal-Artikolu 31(2), ***u l-protezzjoni tad-data personali li tissodisfa l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE***; |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (f) jiżguraw protezzjoni raġonevoli tad-dejta personali. | (f) jiżguraw protezzjoni raġonevoli tad-dejta personali ***kif stipulat fid-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001***. |
| Persuni msemmija fil-punt (viii) tal-Artikolu 55(1)(b) jistgħu jissodisfaw ***dawn*** ir-rekwiżiti b'mod progressiv. ***Huma għandhom jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.*** | ***Minkejja l-Artikolu 196b u 196c, huma għandhom jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.*** Persuni msemmija fil-punt (viii) tal-Artikolu 55(1)(b) jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ***stipulati fil-punti (a) sa (e) ta' dan il-paragrafu*** b'mod progressiv ***fi żmien l-ewwel sitt xhur tal-mandat tagħhom.*** |

**Emenda 300**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Bil-għan li tkun żgurata ċ-ċertezza legali, regoli aktar stretti dwar il-parteċipazzjoni m'għandhomx jiġu applikati retroattivament u r-riċeventi m'għandux ikollhom l-obbligu li jerġgħu jikkalkolaw dikjarazzjonijiet finanzjarji li diġà jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 288**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3a. L-istituuzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni sejrin jinkoraġġixxu attivament ir-rappurtar ta' suspetti ta' irregolaritajiet fil-fondi tal-Unjoni fl-Istati Membri.*** |

**Emenda 118**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *Minkejja l-Artikolu 89,* l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jinterrompi l-ħlasijiet lil dawn l-entitajiet jew persuni b'mod sħiħ jew parzjali biex isiru aktar verifiki meta tasal għall-attenzjoni tiegħu informazzjoni li tindika nuqqas sinifikanti fil-funzjonament tas-sistema ta' kontroll intern jew li n-nefqa ċċertifikata mill-entità jew persuna kkonċernata hija marbuta ma' irregolarità serja u ma ġietx ikkoreġuta, sakemm l-interruzzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi evitat dannu sinifikanti għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. | ***Minkejja l-Artikolu 89,*** l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jinterrompi l-ħlasijiet lil dawn l-entitajiet jew persuni b'mod sħiħ jew parzjali biex isiru aktar verifiki meta tasal għall-attenzjoni tiegħu informazzjoni li tindika nuqqas sinifikanti fil-funzjonament tas-sistema ta' kontroll intern jew li n-nefqa ċċertifikata mill-entità jew persuna kkonċernata hija marbuta ma' irregolarità serja u ma ġietx ikkoreġuta, sakemm l-interruzzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi evitat dannu sinifikanti għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. |

**Emenda 119**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. L-entitajiet u l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'dan li ġej: | 5. L-entitajiet u l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'dan li ġej: |
| (a) rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dmirijiet fdati; | (a) rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dmirijiet fdati; |
| (b) il-kontijiet tagħhom imħejjija għall-infiq magħmul fl-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lilhom; | (b) il-kontijiet tagħhom imħejjija għall-infiq magħmul fl-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lilhom; |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) taqsira tar-riżultati tal-awditi u kontrolli kollha mwettqa, inkluża analiżi tan-nuqqasijiet sistematiċi jew rikorrenti u wkoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati; | (c) taqsira tar-riżultati tal-awditi u kontrolli kollha mwettqa, inkluża analiżi tan-nuqqasijiet sistematiċi jew rikorrenti u wkoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati; |
| (d) dikjarazzjoni ***tal-assigurazzjoni mill-ġestjoni fir-rigward tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, il-funzjonament korrett tas-sistemi tal-kontroll intern, kif ukoll fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u r-rispett għall-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba;*** | (d) dikjarazzjoni ***ta' ġestjoni li tipprovdi garanzija raġjonevoli li:*** |
| | ***(i) l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta;*** |
| | ***(ii) in-nefqa msemmija fil-kontijiet intużat għall-finijiet intenzjonati tagħha u f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzarja tajba;*** |
| | ***(iii) il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji neċessarji fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.*** |
| (e) ***l-opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-ġestjoni msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu, li tkopri l-elementi kollha tagħha.*** | (e) ***Dawn id-dokumenti għandhom ikunu akkumpanjati minn opinjoni ta' entità indipendenti tal-awditjar, imfassla skont standards tal-awditjar aċċettati fuq livell internazzjonali, fir-rigward tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, il-funzjonament korrett tal-proċeduri ta' kontroll stabbiliti kif ukoll fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. L-entità tal-awditjar għandha tirrapporta jekk l-eżami juri dubbju dwar id-dikjarazzjonijiet li jsiru fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.*** |
| Dawn l-elementi għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni sal-1 ta' Frar tas-sena finanzjarja ta' wara bl-eċċezzjoni tal-opinjoni tal-awditjar msemmija fil-punt e). Din tal-aħħar għandha tiġi pprovduta sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu. | Dawn l-elementi għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni sal-1 ta' Frar tas-sena finanzjarja ta' wara bl-eċċezzjoni tal-opinjoni tal-awditjar msemmija fil-punt e). Din tal-aħħar għandha tiġi pprovduta sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu. |
| Dawn l-obbligazzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet magħmula fi ftehimiet konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu mill-anqas l-obbligu għal dawn l-entitajiet sabiex jipprovdu lill-Kummissjoni kull sena b'dikjarazzjoni li, matul is-sena finanzjarja kkonċernata, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ġiet użata u kkontabilizzata f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-obbligi stabbiliti fil-ftehim konkluż mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jew pajjiż terz relevanti. | Dawn l-obbligazzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet magħmula fi ftehimiet konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu mill-anqas l-obbligu għal dawn l-entitajiet sabiex jipprovdu lill-Kummissjoni kull sena b'dikjarazzjoni li, matul is-sena finanzjarja kkonċernata, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ġiet użata u kkontabilizzata f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-obbligi stabbiliti fil-ftehim konkluż mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jew pajjiż terz relevanti,***bl-awditjar mill-istituzzjoni suprema kompetenti tal-awditjar. Dawn ir-riżultati tal-awditjar għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza. Dan ma għandux jippreklludi s-setgħat ta' investigazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll tal-OLAF.*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 6**

| | |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni għandha: | 6. Il-Kummissjoni għandha: |
| (a) ***tiżgura s-supervizjoni u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kompiti fdati;*** | (a) ***tissorvelja biex tiżgura li l-entitajiet iwettqu l-obbligi tagħhom, partikolarment billi jwettqu verifiki u evalwazzjonijiet tul l-implimentazzjoni tal-programm;*** |

**L-Erbgħa 26 ta’ Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) tapplika proċeduri għall-approvazzjoni finanzjarja mingħajr dewmien tal-kontijiet tal-entitajiet ***u persuni fdati***, fejn ***tiżgura li l-kontijiet ikunu*** kompluti, preċiżi u veri u li jippermettu approvazzjoni mingħajr dewmien ta’ każijiet ta’ irregolarità; | (b) tapplika proċeduri għall-approvazzjoni finanzjarja mingħajr dewmien tal-kontijiet tal-entitajiet, fejn ***tistabbilixxi jekk il-kontijiet ikunux*** kompluti, preċiżi u veri u li jippermettu approvazzjoni mingħajr dewmien ta’ każijiet ta’ irregolarità; |
| (c) teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni nfiq li l-ħlasijiet għalih saru bi ksur ***tar-regoli applikabbli***. | (c) teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni nfiq li l-iżborżamenti għalih saru bi ksur ***tal-liġi tal-Unjoni***. |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 7**

| | |
|---|---|
| 7. Il-paragrafi 5 u 6 ta’ dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-entitajiet ***u l-persuni*** li huma suġġetti għal proċedura separata ta’ kwittanza ***mill-awtorità tal-baġit***. | 7. Il-paragrafi 5 u 6 ta’ dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-entitajiet ***tal-Unjoni*** li huma suġġetti għal proċedura separata ta’ kwittanza ***meta dawk l-entitajiet jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni***. |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 7 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***7a. Il-paragrafi 1, 2 u 3 japplikaw mutatis mutandis għall-ġestjoni indiretta tal-kreditu allokat mill-Parlament Ewropew lill-gruppi politiċi tiegħu. Il-Parlament Ewropew jadotta miżuri ta’ applikazzjoni fil-qasam li jqis il-bżonnijiet partikolari tal-gruppi politċi.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 6 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***6a. L-uffiċċjal li jawtorizza jista’ jkun megħjun fi dmirijietu minn persuni koperti mill-persunal fdati, taħt ir-responsabbiltà tiegħu, b’ċertu xogħol meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-baġit u l-produzzjoni ta’ informazzjoni finanzjarja u l-ġestjoni. Biex ma jkunx hemm kunflitt ta’ interessi, persunal li jgħin lill-uffiċċjali li jawtorizzaw b’delega jew sottodelega għandu jkun soġġett għall-obbligi msemmija fl-Artikolu 54.*** |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 6 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***6b. Kull istituzzjoni għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit kull meta uffiċjal awtorizzanti b’delega jieħu l-inkarigi tiegħu, jibdel l-inkarigi jew itemm l-inkarigi tiegħu.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 125**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 6 c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***6c. Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi, fir-regoli interni tagħha, miżuri bħal dawn għall-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet kif tqis li jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni xierqa tas-sehem tagħha tal-baġit. Dawn ir-regoli interni għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew tul il-proċedura ta' kwittanza.*** |

**Emenda 126**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| | |
|---|---|
| Il-kontrolli ex ante għandhom jitwettqu minn membri tal-persunal li mhumiex dawk responsabbli għall-kontrolli ex post. Il-membri tal-persunal responsabbli għall-kontrolli ex post ma għandhomx ikunu subordinati għall-membri tal-persunal responsabbli għall-kontrolli ex ante. | Il-kontrolli ex ante għandhom jitwettqu minn membri tal-persunal li mhumiex dawk responsabbli għall-kontrolli ex post. Il-membri tal-persunal responsabbli għall-kontrolli ex post ma għandhomx ikunu subordinati għall-membri tal-persunal responsabbli għall-kontrolli ex ante***, u viċi versa***. |

**Emenda 127**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 8**

| | |
|---|---|
| 8. Kwalunkwe membru tal-persunal involut fl-amministrazzjoni finanzjarja u fil-kontroll tat-tranżazzjonijiet li jqis li deċiżjoni li s-superjur tiegħu jirrikjedi minnu li japplika jew li jaqbel magħha tkun irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' *ġestjni* finanzjarja tajba jew kontra r-regoli professjonali li huwa meħtieġ li josserva, għandu jinforma bil-miktub lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega, u jekk dan tal-aħħar ma jiħux azzjoni, lill-bord imsemmi fl-Artikolu 70(6). ***Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Komunità, huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet jew korpi maħtura mil-leġiżlazzjoni applikabbli.*** | 8. Kwalunkwe membru tal-persunal involut fl-amministrazzjoni finanzjarja u fil-kontroll tat-tranżazzjonijiet li jqis li deċiżjoni li s-superjur tiegħu jirrikjedi minnu li japplika jew li jaqbel magħha tkun irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' *ġestjoni* finanzjarja tajba jew kontra r-regoli professjonali li huwa meħtieġ li josserva, għandu jinforma bil-miktub lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega, u jekk dan tal-aħħar ma jiħux azzjoni, lill-bord imsemmi fl-Artikolu 70(6). |
| | ***Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Komunità, dan il-membru tal-persunal għandu jinforma lill-awtoritajiet u l-korpi maħtura mil-leġiżlazzjoni applikabbli. Dan l-aħħar obbligu għandu japplika wkoll, ta' frodi, għall-awdituri indipendenti li jwettqu proċeduri marbuta mal-ġestjoni finanzjarja tal-Unjoni. Din il-komunikazzjoni ma tinvolvi għalihom l-ebda responsabbiltà.*** |
| | ***Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, il-membru tal-persunal ikkonċernat għandu jibbenefika mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal.*** |

**Emenda 128**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 7 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***7a. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jistabbilixxi regoli għall-ġestjoni tal-kontijiet fiduċjarji u l-użu tagħhom.*** |

**Emenda 129**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. Kull wieħed mill-uffiċjali awtorizzanti, mill-uffiċjali tal-kontabilità jew l-amministraturi tal-imprest għandhom ikunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinari u ħlas ta' kumpens kif stabbilit fir-Regolamenti | 2. Kull wieħed mill-uffiċjali awtorizzanti, mill-uffiċjali tal-kontabilità jew l-amministraturi tal-imprest għandhom ikunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinari u ħlas ta' kumpens kif stabbilit fir-Regolamenti |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| tal-Persunal, bla ħsara għall-Artikoli 70, 71 u 72. Fil-każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni, il-kwistjoni għandha tkun ippreżentata lill-awtoritajiet u lill-korpi nnominati bil-leġiżlazzjoni applikabbli. | tal-Persunal, bla ħsara għall-Artikoli 70, 71 u 72. Fil-każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni, il-kwistjoni għandha tkun ippreżentata lill-awtoritajiet u lill-korpi nnominati bil-leġiżlazzjoni applikabbli***, partikolarment lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi***. |

**Emenda 130**
**Proposta għal regolament**
**Taqsima 4 – Titolu**

| | |
| --- | --- |
| *AWTORIZZAZZJONI TAL-IRKUPRU* | ***L-IRKUPRU U L-KORREZZJONIJIET FINANZJARJI*** |

**Emenda 131**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu -76 (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***Artikolu -76*** <br> ***Definizzjonijiet*** |
| | ***Għall-għanijiet ta' din it-taqsima:*** |
| | ***a) 'l-irkupri' huma strumenti applikati biex jirranġaw l-irċevuta ta' nfiq irregolari; bi prinċipju huma d-destinatarji ta' nefqa bħal din li jħallsu lura s-somom irċevuti b'mod inkorrett. Fejn ikun possibbli biex jiġi determinat l-ammont propja tan-nefqa kkonċernata, l-ammont li għandu jiġi rkuprat jista' jiġi stabbilit b'mezzi xjentifiċi oħra. Mezzi bħal dawn għandhom, fil-prinċipju, ikunu stipulati qabel ma ssir in-nefqa;*** |
| | ***b) 'korrezzjonijiet finanzjarji' huma strumenti li fil-biċċa l-kbira jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni. Huma jirtiraw il-finanzjament mill-Istati Membri jew pajjiżi terzi jew oħrajn li jonqsu milli jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni huma applikati b'mod korrett. Jistgħu jiġu applikati wkoll għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni stipulati fil-bażi legali għall-kontribut tal-Unjoni rispettiv.*** |
| | ***Il-korrezzjonijiet finanzjarji kollha deċiżi u pendenti skont il-fondi u l-Istat Membru għandhom jiġu ppreżentati fil-kontijiet skont l-Artikolu 132.*** |

**Emenda 132**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 76 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***In-nota ta' debitu korrispondenti għall-ordni ta' rkupru għandha tkun notifikata lid-debitur u tkun vinkolanti għall-Kummissjoni fil-kontenut tagħha mill-mument tan-notifikazzjoni jew komunikazzjoni.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 133**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 76 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***L-istituzzjoni tista'*** formalment ***tistabbilixxi*** ammont bħala riċevibbli minn persuni ***apparti milli minn*** Stati Membri ***permzz*** ta' deċiżjoni li għandha tkun ***enforzabbli fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 299 tat-TFUE***. | 2. ***Il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu*** formalment ***jistabbilixxu*** ammont bħala riċevibbli minn persuni ***għajr*** Stati Membri ***permezz*** ta' deċiżjoni li għandha tkun ***inforzabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 299 tat-TFUE***. ***Rigward l-istituzzjonijiet l-oħrajn, il-Kummissjoni tista' tadotta, f'isimhom, deċiżjoni inforzabbli bħal din fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 200 tat-TFUE, soġġett għal kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199.*** |

**Emenda 134**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jirkupra ammonti billi jpaċihom ma' pretensjonijiet ekwivalenti li l-Unjoni jkollha fuq kull debitur li hu nnifsu għandu pretensjoni kontra l-Unjoni li hija ċerta, ta' ammont fiss u dovut. | L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jirkupra ammonti billi jpaċihom ma' pretensjonijiet ekwivalenti li l-Unjoni jkollha fuq kull debitur li hu nnifsu għandu pretensjoni kontra l-Unjoni li hija ċerta, ta' ammont fiss u dovut. ***Pretensjonijiet simili għandhom ikunu ċerti, ta' ammont fiss u eżegwibbli.*** |

**Emenda 135**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Fejn l-uffiċjal awtorizzanti ***responsabbli*** jkun qiegħed jipp-jana li jirrinunzja għal jew parzjalment jirrinunzja għal irkupru ta' xi ammont riċevibbli stabbilit, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja ssir sewwa u li tkun konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità ***skont il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199***. Id-deċiżjoni ta' rinunzja għandha tiġi ssostanzjata. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega d-deċiżjoni ***biss safejn dan huwa stabbilit fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199***. | 2. Fejn l-uffiċjal awtorizzanti ***kompetenti*** jkun qiegħed jipp-jana li jirrinunzja għal jew parzjalment jirrinunzja għal irkupru ta' xi ammont riċevibbli stabbilit, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja ssir sewwa u li tkun konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità. Id-deċiżjoni ta' rinunzja għandha tiġi ssostanzjata ***u għandha tiġi ppreżentata fir-rapporti annwali tal-attività msemmija fl-Artikolu 63(9)***. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega d-deċiżjoni. |
| L-uffiċjal awtorizzanti ***responsabbli*** jista' jħassar ammont riċe-vibbli stabbilit b'mod sħiħ jew parzjali***, skont il-kondizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199***. Il-kanċellazzjoni parzjali ta' ammont riċevibbli stabbilit ma timplikax rinunzja għal intitolament stabbilit tal-Unjoni. | L-uffiċjal awtorizzanti ***kompetenti*** jista' jħassar ammont riċe-vibbli stabbilit b'mod sħiħ jew parzjali. Il-kanċellazzjoni parzjali ta' ammont riċevibbli stabbilit ma timplikax rinunzja għal inti-tolament stabbilit tal-Unjoni. |
| | ***Ir-regoli għall-proċeduri u l-kriterji ta' deċiżjoni ta' rinunzja kif ukoll id-delgaz tagħha mill-uffiċjal awtorizzanti u l-kanċellazzjoni ta' ammont stabbiliti għandhom ikunu stipulati fir-regolamenti delegati msemmija fl-Artikolu 199.*** |

**Emenda 136**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. L-ammonti rkuprati mill-Istati Membri wara li tkun saret irregolarità jew negliġenza u l-interess fuq dawn l-ammonti għandhom jiġu kkumpensati mill-awtorità ta' ġestjoni u mdaħħla bħala dħul fix-xahar li fih il-flus fil-fatt waslu.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 137**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *2b. Meta jiġi kkreditat l-baġit tal-Unjoni, l-Istat Membri jista' jżomm 20 % tal-ammonti korrispondenti bħala spejjeż ta' rkupru b'rata fissa, ħlief f'każijiet ta' irregolarità jew negliġenza li jirriżultaw minn awtoritajiet amministrattivi jew entitajiet uffiċjali oħra.* |

**Emenda 138**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 – paragrafu 2 c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *2c. Jekk hemm ġustifikazzjoni għal dan, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx għal irkupru. Deċiżjoni għal dan tista' tittieħed biss fil-każijiet li ġejjin:* <br><br> *(a) jekk l-ispejjeż diġà u aktarx ikunu involuti huma iktar mill-ammont li se jkun irkuprat, jew* <br><br> *(b) jekk l-irkupru jkun impossibbli minħabba l-insolvenza, irreġistrata u rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew il-persuni legalment responsabbli mill-irregolarità.* |

**Emenda 139**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 77a* <br> *Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri fil-ġestjoni maqsuma taħt it-Titolu II tal-Parti 2* <br><br> *1. L-Istati Membri għandhom l-ewwel jerfgħu r-responsabbiltà biex jinvestigaw irregolaritajiet, waqt li jaġixxu fuq il-provi ta' kull bidla maġġuri li tolqot in-natura ta' jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll ta' operazzjonijiet jew programmi operattivi taħt it-Titolu II tal-Parti 2 u jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa skont il-paragrafi 2 u 4.* <br><br> *Għandhom jirkupraw ukoll il-fondi affettwati minn irregolaritajiet fin-nefqa affettwata taħt it-Titolu I il-Parti 2.* <br><br> *2. L-Istat Membru għandu jagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa rigward l-irregolaritajiet individwali jew sistemiċi li jiġu individwati fl-operazzjonijiet jew fil-programmi operattivi. Il-korrezzjonijiet li jsiru minn Stat Membru għandhom jikkonsistu f'kanċellament tal-kontribuzzjoni pubblika kollha jew parti minnha lill-programm operattiv. L-Istat Membru għandu jieħu kont tan-natura u l-gravità tal-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fondi.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Fejn dan ikun ipprovdut fil-bażi legali rilevanti, ir-riżorsi mill-fondi li jintbagħtu b'dan il-mod jistgħu jerġgħu jintużaw mill-Istat Membru għall-operazzjonijiet fi ħdan il-programm operattiv ikkonċernat (operazzjoni ta' sostituzzjoni).* |
| | *3. Il-kontribuzzjoni kkanċellata skont il-paragrafu 2 ma tistax terġa' tintuża għal:* |
| | *(a) operazzjoni jew operazzjonijiet li kienu soġġetti għall-korrezzjoni, jew* |
| | *(b) fejn issir korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika, għax operazzjonijiet eżistenti fi ħdan l-assi ta' prijorità kollha jew parti minnha fejn saret l-irregolarità sistemika, jew* |
| | *(c) fejn issir korrezzjoni finanzjarja f'operazzjoni ta' sostituzzjoni.* |
| | *4. Fil-każ ta' irregolarità sistemika, l-Istat Membru għandu jestendi l-inkjesti tiegħu sabiex ikopru l-operazzjonijiet kollha li probabbilment jiġu milquta.* |

**Emenda 140**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 77b*<br>*Kriterji għall-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni* |
| | *1. Il-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet finanzjarji billi tikkanċella l-kontribuzzjoni mill-Unjoni kollha jew parti minnha għal programm operattiv fejn, wara li jkun twettaq l-eżami meħtieġ, hi tikkonkludi li:* |
| | *(a) hemm nuqqas gravi fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li jpoġġi f'riskju l-kontribuzzjoni mill-Unjoni li tkun diġà tħallset għall-programm;* |
| | *(b) in-nefqa msemmija f'dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa tkun irregolari u ma tkunx ġiet korretta mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu;* |
| | *(c) Stat Membru ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 77a qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.* |
| | *2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolaritajiet identifikati, filwaqt li tieħu kont tan-natura sistemika tal-irregolarità sabiex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa jew korrezzjoni estrapolata.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Il-korrezzjonijiet b'rata fissa għandhom jiġu applikati biss jekk ikun impossibbli, minħabba n-natura tal-każ, jew li jiġi identifikat l-estent u l-ammont tal-irregolarità li nstabet jew li jiġi estrapolat l-ammont li għandu jiġi kkoreġut.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha, meta tkun qed tiddeċiedi dwar l-ammont ta' korrezzjoni, tieħu kont tan-natura u l-gravità tal-irregolarità u l-firxa u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm operattiv ikkonċernat. Ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor fil-bażi legali applikabbli, japplikaw ir-rati li ġejjin għall-korrezzjoni:*** |
| | ***(a) korrezzjoni 100 %*** |
| | ***Ir-rata ta' korrezzjoni tista' tkun fissa għal 100 % meta n-nuqqasijier fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-Istat Membru, jew ksur individwali, tant ikunu serji li jikkostitwixxu nuqqas sħiħ fil-konformità mar-regoli Komunitarji, biex b'hekk il-ħlasijiet kollha jsiru irregolari;*** |
| | ***(b) korrezzjoni 25 %*** |
| | ***Meta l-applikazzjoni tas-sistema tal-amministrazzjoni u l-kontroll tal-Istat Membru jkun fihom nuqqasijiet serji, u jkun hemm evidenza ta' irregolarità vasta, u negliġenza għall-ġlieda kontra l-prattiki irregolari u qarrieqa, korrezzjoni ta' 25 % hija ġġustifikata, hekk kif jista' jkun raġonevolment preżunt li l-libertà li jkunu ppreżentati talbiet irregolari b'impunità jkunu joħolqu telf eċċezzjonalment għoli għall-Fond. Korrezzjoni f'din ir-rata hija wkoll xierqa għall-irregolaritajiet f'każ individwali li huwa serju imma li ma jkunx jinvalida l-operazzjoni sħiħa.*** |
| | ***(c) korrezzjoni 10 %*** |
| | ***Meta wieħed jew aktar mill-elementi kruċjali tas-sistema ma jkunux jiffunzjonaw jew ikunu jiffunzjonaw ħażin jew tant mingħajr nuqqas ta' frekwenza li dawn isiru kompletament ineffettivi fid-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tat-talba jew li jipprevjenu l-irregolarità, korrezzjoni ta' 10 % hija ġustifikata, hekk kif jista' jkun raġonevolment konkluż li kien hemm riskju għoli ta' telf vast għall-Fond. Din ir-rata tal-korrezzjoni hija wkoll xierqa għall-irregolarijiet individwali ta' serjetà moderata b'relazzjoni mal-elementi kruċjali tas-sistema;*** |
| | ***(d) korrezzjoni 5 %*** |
| | ***Meta l-elementi kruċjali kollha tas-sistema jkunu jiffunzjonaw, imma mhux b'konsistenza, frekwenza, jew bl-eżatezza meħtieġa bir-regolamenti, allura korrezzjoni ta' 5 % hija ġustifikata, minħabba li jista' jkun*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

*raġonevolment konkluż li dawn ma jkunux jipprovdu livell suffiċjenti ta' assigurazzoni tar-regolarità tat-talbiet, u li r-riskju għall-Fondi jkun sinifikanti. Korrezzjoni ta' 5 % tista' wkoll tkun xierqa għall-irregolaritajiet anqas serji f'operazzjonijiet individwali b'relazzjoni mal-elementi kruċjali.*

*Il-fatt li bil-mezz li bih topera s-sistema jista' jittejjeb mhuwiex fih innifsu bażi suffiċjenti għall-korrezzjoni finanzjarja. Għandu jkun hemm nuqqas serju tal-konformità ma regoli u normi espliċiti tal-Unjoni ta' prattika tajba u tan-nuqqas li għandhom jesponu l-Fondi Strutturali għal riskju reali tat-telf jew tal-irregolarità;*

*(e) korrezzjoni 2 %*

*Meta l-imġieba tkun adegwata b'relazzjoni mal-elementi kruċjali tas-sistema, imma meta jkun hemm falliment komplut li jkunu operati wieħed jew aktar elementi anċillarji, korrezzjoni ta' 2 % hija ġustifikata in vista tar-riskju aktar baxx għall-Fond, u ta' anqas serjetà ta' ksur.*

*Korrezzjoni ta' 2 % għandha tkun miżjuda għal 5 % jekk l-istess defiċjenza tkun stabbilita b'relazzjoni mal-ispiża wara d-data tal-ewwel korrezzjoni imposta u l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu miżuri korrettivi adegwati dwar dik il-parti tas-sistema li jkollha nuqqasijiet wara l-ewwel korrezzjoni.*

*Korrezzjoni ta' 2 % hija wkoll ġustifikata meta l-Kummissjoni tkun informat lill-Istat Membru, mingħajr ma timponi l-ebda korrezzjoni, dwar il-ħtieġa li jsir titjib għall-elementi anċillarji tas-sistema li jkunu eżistenti imma li ma joperawx b'mod sodisfaċenti, imma li l-Istat Membru ma jkunx ħa l-azzjoni meħtieġa.*

*Korrezzjonijiet huma imposti biss dwar id-defiċjenzi fl-elementi anċillarji tas-sistemi ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll meta l-ebda defiċjenzi ma jkunu ġew identifikati fl-elementi kruċjali. Jekk ikun hemm defiċjenzi b'relazzjoni ma' l-elementi anċillarji kif ukoll ma l-elementi kruċjali, korrezzjonijiet għandhom isiru biss bir-rata applikabbli għall-elementi kruċjali.*

*4. Meta Stat Membru ma jikkonformax ma' l-obbligi tiegħu taħt il-bażi legali applikabbli, il-Kummissjoni tista' tagħmel korrezzjoni finanzjarja, skond il-grad ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi, billi tħassar il-kontribuzzjoni kollha parti minnha, għall-Istat Membru konċernat.*

*Ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor fil-bażi legali applikabbli, il-korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għal:*

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(a) non-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, u* |
| | *(b) nuqqasijiet bejn il-livelli tal-mira miftiħma u l-livelli miksuba, kif ukoll* |
| | *(c) kwalunkwe obbligu ieħor li jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-bażi legali jew fejn dan hu stipulat fi ftehim ta' finanzjament, meta l-ksur ta' obbligi bħal dawn ifixkel bi sħiħ jew parzjalment il-politika tal-Unjoni li fuq hu bbażat il-finanzjament jew meta l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jeħtieġ hekk* |
| | *għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-regolamenti delegati msemmija fl-Artikolu 199.* |
| | *5. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti minn awdituri li m'humiex dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li teżamina l-miżuri meħuda mill-Istat Membru konċernat taħt l-Artikolu 77(a), ir-rapporti pprovduti taħt l-Artikolu 56, u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.* |

**Emenda 141**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 c (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 77c*<br>*Tnaqqis tal-korrezzjoni finanzjarja* |
| | *1. L-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji għal kwalunkwe fond speċifiku fi kwalunkwe Stat Membru speċifiku għal korrezzjoni bħal din għandu jitnaqqas meta l-entità ta' ġestjoni tagħti dikjarazzjoni ta' ġestjoni vera u ġusta:* |
| | *(a) fejn il-Kummissjoni tkun stabbilixxiet għal sentejn preċedenti konsekuttivi li dan l-Istat Membri kiseb rata ta' żbalji inqas minn 2 %, b'10 %;* |
| | *(b) fejn il-Kummissjoni tkun stabbilixxiet għal ħames snin konsekuttivi preċedenti li dan l-Istat Membri kiseb rata ta' żbalji inqas minn 2 %, b'20 %;* |
| | *(c) fejn il-Kummissjoni tkun stabbilixxiet għal għaxar snin konsekuttivi preċedenti li dan l-Istat Membri kiseb rata ta' żbalji inqas minn 2 %, b'50 %;* |
| | *sakemm l-att ta' stabbiliment tar-rata ta' żbalji fih innifsu jkun soġġett għal frodi jew imġieba ħażina negliġenti b'mod estensiv jew intenzjonat.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *2. Il-korrezzjoni finanzjarja għandha titnaqqas bi ħmistax fil-mija għal kull fond, meta Stat Membri jippreżenta dikjarazzjoni nazzjonali dwar in-nefqa li ssir taħt sistema ta' ġestjoni maqsuma skont l-Artikolu 56(6b).* |
| | *3. Mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra meħuda mill-Kummissjoni, l-entità ta' ġestjoni li tirritorna dikjarazzjoni ta' ġestjoni falsa ma tistax tingħata tnaqqis fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.* |

**Emenda 142**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 d (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 77d*<br>*Proċedura Kontradittorja*<br><br>*1. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tiftaħ proċedura kontradittorja billi tinforma lill-Istat Membri dwar il-konklużjonijiet provviżorji tagħha.*<br><br>*Fi żmien xahrejn wara l-wasla tal-konklużjonijiet provviżorji, l-Istat Membru għandu:*<br><br>*(a) jikkonferma l-irċevuta u jaqbel mal-konklużjonijiet provviżorji; jew*<br><br>*(b) jingħata l-opportunità li juri permezz ta' eżami tad-dokumentazzjoni kkonċernata, li l-estent attwali tal-irregolarità kien inqas mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni, meta l-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja abbażi tal-estrapolazzjoni jew rata fissa.*<br><br>*Bi qbil mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżami għal proporzjon jew kampjun xieraq tad-dokumentazzjoni konċernata; jew*<br><br>*(c) jiġi mistieden għal dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, u bil-presidenza ta' panel ta' esperti magħżula minn qabel kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni fejn iż-żewġ naħat jikkooperaw abbażi ta' sħubija u għandhom jagħmlu sforzi biex jilħqu ftehim rigward l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet li ser jirriżultaw minnhom.*<br><br>*Il-ħin permess għall-proċeduri taħt il-punti (a) u (b) għandu jittawwal biss ladarba għal kull parti b'massimu ta' xahrejn b'avviż sustanzjat mill-parti rispettiva lill-oħra.*<br><br>*Il-ħin permess għall-proċeduri taħt il-punt (c) ma għandux jaqbeż erba' xhur sakemm il-panel ta' esperti b'maġġoranza tal-membri kostitwenti tiegħu jagħti estensjoni ta' massimu ta' 6 xhur wara d-data tas-smigħ li fiha l-estensjoni ġiet deċiża.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***2. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' kwalunkwe prova provduta mill-Istat Membru fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-korrezzjoni finanzjarja fi żmien tliet xhur mid-data finali tal-eżami jew tas-smigħ b'kont meħud tal-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha sottomessi matul il-proċedura.*** |
| | ***3. F'każ ta' ftehim, l-Istat Membru jista' jerġa' juża l-fondi tal-Unjoni kkonċernati konformement mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 77a(2).*** |

**Emenda 143**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 77 e (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 77e***<br>***Ripagament*** |
| | ***1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandu jsir qabel id-data tal-għeluq indikata fl-ordni għall-irkupru li tkun tfasslet skont l-Artikolu 76. Id-data tal-irkupru għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar wara l-ħruġ tal-ordni.*** |
| | ***2. Kwalunkwe dewmien tar-rimbors għandu jwassal għall-applikazzjoni ta' mgħax minħabba ħlas tard, li jibdew fid-data dovuta u jintemmu fid-data meta fil-fatt isir il-ħlas. Ir-rata ta' dan l-imgħax għandha tkun ta' punt u nofs perċentwali aktar mir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar li fih taħbat id-data tar-rimbors.*** |

**Emenda 144**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 81 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***2a. Id-deċiżjoni ta' finanzjament għandha tispeċifika l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati u indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni, u kalendarju indikattiv tal-implimentazzjoni.*** |
| | ***F'każ ta' ġestjoni indiretta, għandha tispeċifika wkoll is-sħab ta' implimentazzjoni magħżul, il-kriterji użati u l-kompiti fdati lilu.*** |

**Emenda 145**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 83 - paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tista' twassal għal nefqa debitabbli lill-baġit, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu l-ewwel jagħmel impenn baġitarju qabel ma jidħol f'obbligazzjoni legali ma' partijiet terzi jew jittrasferixxi fondi lejn fond fiduċjarju fuq il-bażi tal-Artikolu 178. | 1. ***Minkejja l-Artikolu 82(3),*** fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tista' twassal għal nefqa debitabbli lill-baġit, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu l-ewwel jagħmel impenn baġitarju qabel ma jidħol f'obbligazzjoni legali ma' partijiet terzi jew jittrasferixxi fondi lejn fond fiduċjarju fuq il-bażi tal-Artikolu 178. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Madankollu, fil-każ ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u l-għajnuna tal-ġestjoni tal-kriżi, u meta sitwazzjoni urġenti barra l-Unjoni titlob dan, l-impenn baġitarju mingħajr dewmien wara d-dħul f'obbligu legali ma' partijiet terzi, sakemm ikun indispensabbli għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-intervent tal-Unjoni.*** |

**Emenda 146**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 83 – paragrafu 3 – subparagrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-ammont ta' kull impenn legali individwali adottat b'segwiment ta' impenn globali għandu, qabel il-firma, jkun irreġistrat mill-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli fil-kontijiet tal-baġit u mdaħħal fl-impenn globali. ***Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili u għajnuna għall-ġestjoni tal-kriżijiet u meta l-urġenza tiġġustifika dan, ir-reġistrazzjoni tal-ammonti tista' ssir immedjatament wara l-firma tal-impenn legali individwali li jikkorrispondi magħhom.*** | L-ammont ta' kull impenn legali individwali adottat b'segwiment ta' impenn globali għandu, qabel il-firma, jkun irreġistrat mill-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli fil-kontijiet tal-baġit u mdaħħal fl-impenn globali. |

**Emenda 147**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Pagamenti għandhom isiru bi trasferiment ta' kreditu, b'cekk jew b'karta ta' debitu.*** |

**Emenda 148**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 87 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Il-ħlasijiet tal-prefinanzjament għandhom ikunu approvati b'mod regolari mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli. B'dan il-għan għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijet xierqa fil-kuntratti, deċiżjonijiet ta' għotja u ftehimiet flimkien mal-ftehimiet ta' delega li jafdaw id-dmirijiet tal-implimentazzjoni lill-entitajiet u l-persuni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 55(1). | 4. Il-ħlasijiet tal-prefinanzjament għandhom ikunu approvati b'mod regolari mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli***, wara s-sustanza ekonomika u l-ħin tal-proġett involut. Għal ammonti prefinanzjati ta' valur ta' 'l fuq minn EUR 2 miljuni u li jirrappreżentaw iktar minn 50 % tal-operazzjoni totali li tkun qed tiġi ffinanzjata, għandhom isiru verifiki ex-post mill-inqas fuq bażi annwali tul iż-żmien tal-operazzjoni.*** B'dan il-għan għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijet xierqa fil-kuntratti, deċiżjonijiet ta' għotja u ftehimiet flimkien mal-ftehimiet ta' delega li jafdaw id-dmirijiet tal-implimentazzjoni lill-entitajiet u l-persuni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 55(1). |

**Emenda 149**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 89**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Il-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-ħlas ta' nefqa għandhom jiġu kkompletati fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199, li għandhom ukoll jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi li fihom il-kredituri mħallsa tard huma intitolati li jirċievu imgħax għall-ħlas tard li għandu jkun iddebitat għal-linja li minnha s-somma ewlenija kienet ġiet imħallsa.*** | ***1. Iż-żmien allokat għat-twettiq ta' ħlas għandu jkun:*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(a) 90 ġurnata kalendarja għal kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet li jinvolvu servizzi jew azzjonijiet tekniċi li huma partikolarment kumplessi biex jiġu evalwati u li għalihom il-ħlas jiddependi fuq l-approvazzjoni ta' rapport jew ta' ċertifikat;.* |
| | *(b) 60 ġurnata kalendarja għal kull kuntratt ieħor, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet li għalihom il-ħlas jiddependi fuq l-approvazzjoni ta' rapport jew ta' ċertifikat;* |
| | *(c) 30 ġurnata kalendarja fil-każijiet l-oħrajn kollha.* |
| | *Dawn il-limiti ta' żmien m'għandhomx japplikaw biss għal ħlasijiet skont arranġamenti ta' ġestjoni maqsuma.* |
| | *2. L-uffiċjal awtorizzanti kompetenti jista' b'delega jew b'sotto-delega, jissospendi l-limitu ta' żmien għall-ħlasijiet billi jinforma lill-kredituri, fi kwalunkwe ħin tul iż-żmien imsemmi li t-talba għal ħlas ma tistax tintlaħaq, jew għaliex l-ammont mhuwiex dovut jew għaliex ma ntwerewx id-dokumenti ta' sostenn li hemm bżonn. Jekk l-informazzjoni tingħata lill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti li jiddubita l-eliġġibilità tan-nefqa li tidher f'talba għal ħlas, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jissospendi l-limitu ta' żmien għal ħlas għal raġunijiet ta' verifika ulterjuri, inkluż kontrolli fuq il-post, sabiex jaċċerta, qabel il-ħlas, li n-nefqa kienet fil-fatt eliġibbli.* |
| | *Il-kredituri kkonċernati għandhom jiġu informati bil-miktub dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni.* |
| | *Meta s-sospensjoni teċċedi x-xahrejn, il-kumitat ta' approvazzjoni kompetenti għandu jiddeċiedi dwar il-kontinwità tas-sospensjoni fuq applikazzjoni mill-kreditur.* |
| | *Fi tmiem il-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 1, il-kreditur għandu jkun intitolat għall-interessi.* |

**Emenda 150**
**Proposta għal regolament**
**Kapitolu 7 – Titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| SISTEMI TAL-IT | SISTEMI TAL-IT ***U L-E-GOVERNMENT*** |

**Emenda 151**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Soġġett għall-ftehim preċedenti tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, kull trażmissjoni ta' dokumenti ***bejn l-istituzzjonijiet*** tista' ssir b'mezzi elettroniċi. | Soġġett għall-ftehim preċedenti tal-istituzzjonijiet ***u tal-Istati Membri*** kkonċernati, kull trażmissjoni ta' dokumenti ***bejniethom*** tista' ssir b'mezzi elettroniċi. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 152**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 91 a (ġdid)**

*Artikolu 91a*
*Gvern Elettroniku (e-government)*

*L-abbozzi ta' proposti kollha ppreżentati lill-awtorità leġiżlattiva għandhom ikunu xierqa għall-applikazzjoni ta' tekonoloġiji tal-informazzjoni faċli għall-utent fil-livelli kollha, partikolarment fil-livell tar-reċipjenti finali tal-fondi.*

*Meta l-fondi jkunu ġestiti f'ġestjoni maqsuma skont l-Artikolu 56, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-interoperabilità ta' data miġbura jew li tasal mod ieħor u trasmessa fil-ġestjoni tal-baġit.*

*Meta d-data tkun disponibbli f'format elettroniku, il-possibbiltajiet għat-trasmissjoni tagħha f'format bħal dan għandha tkun prevista. Meta dan ikun meħtieġ, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jaqblu dwar standards ta' trasmissjoni ta' data uniformi.*

*Id-direttorati tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi kif ukoll l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 200 għandhom japplikaw standards uniformi għall-informazzjoni elettronika pprovduta lill-partijiet terzi fil-proċess tal-akkwisti pubbliċi u l-proċeduri tal-għotjiet. Għandhom, sal-massimu possibbli, ifasslu u japplikaw standards uniformi għall-preżentazzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar ta' data ppreżentata fi proċeduri ta' għotjiet u akkwist pubbliku, u għal dawn il-finijiet, għandhom ifasslu 'żona ta' interkambju ta' data elettronika' unika għall-benefiċjarji potenzjali, il-benefiċjarji jew il-kandidati u l-offerenti.*

*Il-Kummissjoni għandha taħtar Uffiċjal Ewlieni tal-Intelliġenza (CIO) li għandhu jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u jirrapporta regolarment dwar il-kisbiet lill-awtorità baġitarja fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-baġit.*

**Emenda 153**
**Proposta għal regolament**
**Kapitolu 7a (ġdid)**

*KAPITOLU 7A*
*PRINĊIPJI AMMINISTRATTIVI*

*Artikolul 91b*
*Id-dritt għal amministrazzjoni tajba*

*Meta, minħabba żball klerikali ovvju min-naħa tal-applikant jew l-offerent li jaġixxi bi ħsieb tajjeb, hemm nuqqas ta' preżentazzjoni ta' evidenza, dikjarazzjonijiet jew li jimtlew applikazzjonijiet jew li ma jitteħdux il-passi proċedurali kollha, l-uffiċjal kompetenti għandu jistieden lill-applikant jew lill-offerent jieħu l-miżuri rimedjali rispettivi. Meta jkun xieraq, l-applikant jew l-offerent għandu jingħata parir dwar id-drittijiet jew id-dmirijiet proċedurali tiegħu.*

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Il-ħtieġa għall-għoti ta' evidenza u/jew dokumentazzjoni, il-forma u l-kontenut meħtieġ għandhom jitħabbru kmieni kemm jista' jkun u jiġu diskussi mal-applikanti u l-offerenti potenzjali.*** <br><br> ***Fejn ikun xieraq, offerenti u applikanti għandhom ikunu infurmati minnufih meta tasal l-applikazzjoni jew it-tender biż-żmien meħtieġ għall-ipproċessar u t-tlestija provviżorja tal-proċedura kif ukoll il-kompletezza tal-applikazzjoni jew it-tender imressqa.*** <br><br> ***Artikolu 91c*** <br> ***Indikazzjoni ta' mezzi ta' rimedju*** <br><br> ***Meta att proċedurali ta' uffiċjali awtorizzanti jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' applicant jew offerent, benefiċjarju jew kuntrattur, għandu jkun fiha indikazzjoni tal-mezzi disponibbli ta' rimedju amministrattiv u/jew ġudizzjarju għall-isfida ta' dan l-att.*** <br><br> ***B'mod partikolari, in-natura tar-rimedju, l-entità jew l-entitajiet lil min jista' jitressaq kif ukoll il-limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tagħhom għandhom ikunu indikati.*** <br><br> ***Ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor, rimedju bħal dan ikun imwaqqaf skont iż-żmien wara li jiskadi l-perjodu ta' xahrejn wara s-servizz ta' indikazzjoni kompluta u konċiża tal-mezzi disponibbli ta' rimedju fuq l-applikant jew l-offerent.*** |

**Emenda 291**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***3a. Id-dettalji ta' kuntatt mal-awditur intern għandhom jiġu magħmula disponibbli lil kull persuna fiżika jew ġuridika involuta f'operazzjonijiet ta' nfiq, għall-iskopijiet ta' kuntatt kunfidenzjali mal-awditur intern.*** <br><br> ***L-awditur intern jew kull persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdilu/tipprovdilha informazzjoni ma għandhiex issofri konsegwenzi negattivi minħabba dan.*** <br><br> ***L-awditur intern għandu d-dmir li jżomm l-identità tal-informaturi kunfidernzjali.*** <br><br> ***L-awditur intern ta' kull istituzzjoni għandu d-dritt li jinforma lill-awtorità ta' kwittanza f'każijiet li jqishom utli.*** |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 4. Ta' kull sena l-istituzzjoni għandha tippreżenta rapport lill-awtorità tal-kwittanza li jkun fih sommarju tan-numru u t-tip ta' awditi interni mwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni meħuda fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet. | 4. ***Ir-rapporti kollha tal-awditjar għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza minnufih ward li jinħarġu.*** Ta' kull sena l-istituzzjoni għandha tippreżenta rapport lill-awtorità tal-kwittanza li jkun fih sommarju tan-numru u t-tip ta' awditi interni mwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni meħuda fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Fis-sommarju tar-rapport, l-awtorità ta' kwittanza għandha tkun konxja dwar kwalunkwe rieżami li jirrakkomanda tibdil għal kwalunkwe proġett ta' akkwist ewlieni jew għotja jew li jirrakkomanda tfaddil baġitarju sinifikanti.*** |
| | ***Fejn jeżisti kumitat ta' progress tal-awditjar, dan għandu jirrapporta f'dikjarazzjoni seprata dwar l-impatt ta' azzjonijiet meħuda fuq ir-rakkomandazzjonijiet għall-istituzzjoni kif ukoll għal titjib possibbli ulterjuri.*** |

**Emenda 269**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 93 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. Ir-rapporti u r-riżultati tal-Awditur Intern, kif ukoll ir-rapport tal-istituzzjoni, għandhom ikunu aċċessibbli lill-pubbliku biss wara validazzjoni mill-Awditur Intern tal-azzjonijiet meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 155**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 95 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Dan it-Titolu ma japplikax għall-għotjiet, bla ħsara għall-Artikoli 100 sa 103 ***, jew għal kuntratti ta' servizzi konklużi bejn il-Kummissjoni, fuq naħa, u l-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment jew kwalunkwe sussidjarja oħra tal-Bank Ewropew tal-Investiment, fuq in-naħa l-oħra***. | 3. Dan it-Titolu ma japplikax għall-għotjiet, bla ħsara għall-Artikoli 100 sa 103. |

**Emenda 156**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Għandha tiġi stabbilita u tkun operata mill-Kummissjoni bażi tad-dejta ċentrali f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. Il-bażi tad-dejta għandu jkun fiha d-dettalji tal-kandidati u l-offerenti li jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 100, 101, punt (b) tal-Artikolu 103(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 103(2). Il-bażi tad-dejta għandha tkun komuni għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji eżekuttivi u l-korpi msemmijin ***fl-Artikolu 200***. | 1. Għandha tiġi stabbilita u tkun operata mill-Kummissjoni bażi tad-dejta ċentrali f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. Il-bażi tad-dejta għandu jkun fiha d-dettalji tal-kandidati u l-offerenti li jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 100, l-Artikolu 101, punt (b) tal-Artikolu 103(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 103(2). Il-bażi tad-dejta għandha tkun komuni għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji eżekuttivi u l-korpi msemmijin ***fl-Artikolu 196b, kif ukoll aċċessibbli għall-pubbliku. L-awtorità ta' kwittanza għandha tiġi infurmata bin-numru ta' każijiet irrappurtati għad-dħul u, fejn dan ikun differenti, dawk li fil-fatt jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta.*** |

**Emenda 157**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 102 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. L-aċċess jista' jingħata lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi biss meta r-regoli stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ikunu ġew irrispettati u wara li tkun saret valutazzjoni fuq il-bażi ta' każ b'każ.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**

Artikolu 103 – paragrafu 3

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. *Deċiżjonijiet jew taqsiriet ta' deċiżjonijiet li jindikaw l-isem tal-operatur ekonomiku, deskrizzjoni qasira tal-fatti, it-tul tal-esklużjoni jew l-ammont tal-penali finanzjarji jistgħu jiġu ppubblikati mill-istituzzjoni.* | 3. ***Sabiex jissaħħaħ il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom fejn jimponu penali amministrattivi u finanzjarji msemmija fl-ewwel paragrafu wara li jkun hemm konformità sħiħa mal-proċedura stabbilita fl-ewwel paragrafu.*** <br><br> ***Id-deċiżjoni li tiġi ppubblikata deċiżjoni li timponi penali amministrattivi jew finanzjarji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun tqis b'mod partikolari s-serjetà tal-offiża, inkluż l-impatt tagħha fuq l-interessi finanzjarji u l-immaġini tal-Unjoni u ż-żmien li jkun għadda, it-tul u r-rikorrenza tal-offiża, l-intenzjoni jew il-grad ta' negliġenza ta' l-entità kkonċernata u l-miżuri meħuda mill-entità kkonċernata sabiex tirranġa s-sitwazzjoni.*** <br><br> ***Id-deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni għandha tkun inkluża fid-deċiżjoni li timponi penali amministrattiva jew finanzjarja u għandha tkun tipprovdi b'mod ċar għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-penali, jew ta' sommarju tagħha, fuq is-sit tal-Internet tal-istituzzjoni.*** <br><br> ***Biex jiġi żgurat effett deterrenti, is-sommarju ppubblikat għandu jinkludi l-isem tal-persuna responsabbli għall-offiża, deskrizzjoni qasira tal-fatti, il-programm ikkonċernat u t-tul tal-esklużjoni u/jew l-ammont tal-penali finanzjarji.*** <br><br> ***Id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata wara li jkunu ntużaw ir-rimedji legali kollha kontra d-deċiżjoni jew wara li jiskadu l-iskadenzi biex jinstab rimedju, u l-pubblikazzjoni għandha tibqa' fuq is-sit tal-Internet sa tmiem il-perjodu tal-esklużjoni jew sa sitt xhur wara l-ħlas tal-penali finanzjarji, meta dawn il-penali jkunu jikkostitwixxu l-unika miżura li tkun ġiet deċiża.*** <br><br> ***Meta jkunu kkonċernati persuni naturali, id-deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni għandha tittieħed b'kunsiderazzjoni xierqa tad-dritt għall-provatezza u b'rispett għad-drittijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.*** |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 105 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura b'mezzi xierqa u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 91a li l-offerenti jistgħu jdaħħlu l-kontenut tal-offerti u kwalunkwe evidenza ta' sostenn f'format elettroniku (e-procurment) jekk jixtiequ jagħmlu dan u għandha, bil-kunsens tal-offerent, taħżen din l-evidenza ta' sostenn sabiex jitwettqu proċeduri ta' e-procurement fil-futur, f'bażi ta' data komuni u ċentrali għall-istituzzjonijiet kollha u l-entitajiet li għalihom japplika dan ir-regolament. Id-data għandha titħassar wara perjodu ta' sitt xhur sakemm l-offerent ma japplikax għal tkomplija tal-ħażna. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-offerent li jżomm u jaġġorna d-data maħżuna.*** <br><br> ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' din il-provviżjoni fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u regolarment wara dan.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 160**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 107 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| | |
|---|---|
| 2. L-awtorità kontraenti għandha tinnotifika lill-kandidati jew lill-offerenti kollha li l-applikazzjonijiet jew l-offerti tagħhom huma miċħuda bil-bażi li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni u lill-offerenti kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni u għażla u li jagħmlu talba bil-miktub, bil-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula u l-isem tal-offerent li lilu jingħata l-kuntratt. | 2. L-awtorità kontraenti għandha tinnotifika lill-kandidati jew lill-offerenti kollha li l-applikazzjonijiet jew l-offerti tagħhom huma miċħuda bil-bażi li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni ***kif ukoll id-data meta jispiċċa l-perjodu ta' waqfien imsemmi fl-Artikolu 112(2),*** u lill-offerenti kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni u għażla u li jagħmlu talba bil-miktub, bil-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula u l-isem tal-offerent li lilu jingħata l-kuntratt. |

**Emenda 161**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 109 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| ***1. L-awtorità kontraenti għandha titlob lill-kuntratturi sabiex ipoġġu garanzija minn qabel fil-każijiet speċifikati fir-Regolament delegati imsemmi fl-Artikolu 199.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 162**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 109 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-awtorità kontraenti tista', jekk tqis xieraq u proporzjonat, titlob lill-kuntratturi jissottomettu garanzija sabiex: | 2. ***Ħlief fil-każ ta' kuntratti b'valur ferm baxx,*** l-awtorità kontraenti tista', jekk tqis xieraq u proporzjonat, ***fuq bażi ta' każ każ u soġġett għal analiżi tar-riskji,*** titlob lill-kuntratturi jissottomettu garanzija sabiex: |
| (a) tiżgura twettiq sħiħ tal-kuntratt jew | (a) tiżgura twettiq sħiħ tal-kuntratt jew |
| (b) tillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' prefinanzjament. | (b) tillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' prefinanzjament. |
| | ***Il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi kriterji għall-analiżi tar-riskji fir-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199.*** |

**Emenda 163**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113**

| | |
|---|---|
| Parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-offerti għandha tkun miftuħha fuq termini ugwali għall-persuni kollha, fiżiċi u legali, li jidħlu fl-iskop tat-Trattati u għall-persuni fiżiċi u legali kollha f'pajjiż terzili jkollu ftehim speċjali mal-Unjoni fil-qasam tal-akwist publiku permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim. | Parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-offerti għandha tkun miftuħha fuq termini ugwali għall-persuni kollha, fiżiċi u legali, li jidħlu fl-iskop tat-Trattati u għall-persuni fiżiċi u legali kollha f'pajjiż terzili jkollu ftehim speċjali mal-Unjoni fil-qasam tal-akwist publiku permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim ***u fejn dan il-ftehim b'mod ċar jistipula kompetenzi ta' kontroll ugwali għall-istandards tal-Unjoni Ewropea, partikolarment dirtt għall-aċċess u l-ispezzjoni tad-dokumenti rilevanti u l-bini kollha mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll mill-OLAF***. |

**Emenda 164**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 1 – punt b**

| | |
|---|---|
| (b) il-funzjonament ta' korp li jsegwi għan ta' interess Ewropew ġenerali jew li jkollu objettiv li jifforma parti minn politika tal-Unjoni (għotjiet operattivi). | (b) il-funzjonament ta' korp li jsegwi għan ta' interess Ewropew ġenerali jew li jkollu objettiv li jifforma parti minn***, u atti fl-appoġġ ta',*** politika tal-Unjoni (għotjiet operattivi). |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 165**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 2 – punt c**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (c) strumenti finanzjarji kif imsemmija fit-Titolu VIII tal-Ewwel Parti, kif ukoll ishma jew parteċipazzjonijiet f'ekwità f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) jew korpi speċjalizzati tal-Unjoni bħal ma huwa l-Fond Ewropew għall-Investiment; | (c) strumenti finanzjarji kif imsemmija fit-Titolu VIII tal-Ewwel Parti***, self, strumenti tat-tqassim tar-riskji tal-Unjoni jew l-kontributi finanzjarji tal-Unjoni għal strumenti bħal dawn, strumenti ta' ekwità fuq il-bażi tal-prinċipju tal-investitur privat u l-finanzjament kważi ekwità***, kif ukoll ishma jew parteċipazzjonijiet f'ekwità f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) jew korpi speċjalizzati tal-Unjoni bħal ma huwa l-Fond Ewropew għall-Investiment; |

**Emenda 166**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Dan li ġej għandu jiġi assimilat għal għotjiet u għandu jkun irregolat, kif xieraq, minn dan it-Titolu:*** <br> ***(a) il-benefiċċju derivat minn sussidju ta' interessi fuq ċertu self;*** <br> ***(b) investimenti ta' ekwità jew parteċipazzjonijiet ħlief dawk imsemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 2.*** |

**Emenda 167**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 115 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 115a*** <br> ***Benefiċjarji*** <br> ***1. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, it-terminu 'benefiċjarju' għandu jfisser entità waħda jew bosta li lihom ingħatat l-għotja.*** <br> ***2. Meta l-azzjoni tkun implimentata minn entità legali waħda jew minn bosta entitajiet legali rrappreżentati minn entità legali ta' koordinament, il-ftehim tal-għotja għandu jiġi ffirmat mill-entità legali ta' koordinament f'isem il-membri affiljati tagħha li għandhom jitqiesu bħala kobenefiċjarji.*** <br> ***3. Fejn l-għotja tingħata lil bosta (ko)benefiċjarji, il-ftehim tal-għotja għandu jidentifika lil dawn il-benefiċjarji u jispeċifika d-drittijiet u l-obbligi bejnhom u l-Kummissjoni. Għandha tistipula b'mod partikolari iżda mhux b'mod esklussiv:*** <br> ***(a) il-liġi applikabbli u l-post legali,*** <br> ***(b) ir-responsabbiltà finanzjarja tal-entità legali ta' koordinament u l-membri affiljati tagħha lejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-azzjoni sħiħa,*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(c)* ***il-possibbiltà ta' emenda, wara deċiżjoni mill-maġġoranza tal-kobenefiċjarji, id-drittijiet u l-obbligi bejniethom; kwalunkwe modifika fl-għadd jew l-identità tal-benefiċjarji li qed jipparteċipaw għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti, li għandha tingħata sakemm ma jkunx hemm il-periklu li dik il-modifika tbiddel l-għan tal-għotja jew taffettwa b'mod negattiv u materjali d-drittijiet legali tal-Kummissjoni skont il-ftehim ta' għotja.*** |

**Emenda 168**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-għotjiet jistgħu jieħdu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin: | L-għotjiet jistgħu jieħdu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin: |
| (a) ***rimbors*** ta' proporzjon speċifikat ***tal-ispejjeż*** eliġibbli li attwalment ikunu tħallsu; | (a) ***rimborż*** ta' proporzjon speċifikat ***ta' parti mill-ispejjeż ekonomiċi*** eliġibbli ***totali*** li attwalment ikunu tħallsu; |
| | ***(aa) rimborż ta' proporzjon speċifikat ta' skala standard tal-ispejjeż għal kull unità;*** |
| (b) somom ta' darba; | (b) somom ta' darba; |
| ***(c) skala standard ta' spejjeż għal kull unità;*** | |
| (d) finanzjament b'rata fissa; | (d) finanzjament b'rata fissa; |
| (e) kumbinazzjoni tal-forom imsemmijin fil-punti (a) sa (d). | (e) kombinazzjoni tal-forom imsemmijin fil-punti (a) sa (d) ***u b'kunsiderazzjoni tal-preferenzi tal-benefiċjarji fir-rigward tal-priniċpji tal-kontabilità normali tagħhom***; |

**Emenda 270**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 116 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 116a*** <br> ***Somom ta' darba, skali standard ta' spejjeż għal kull unità u finanzjament b'rata fissa*** |
| | ***1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-att bażiku, l-użu ta' somom ta' darba, skali standard ta' spejjeż għal kull unità jew finanzjament b'rata fissa għandhom jiġu awtorizzati permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiżgura r-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-benefiċjarji għall-istess kategorija ta' azzjonijiet jew programmi ta' ħidma.*** |
| | ***Fejn l-ammont massimu għal kull għotja ma jaqbiżx EUR 50 000, l-awtorizzazzjoni tista' tingħata mill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti.*** |
| | ***2. L-awtorizzazzjoni għandha għall-inqas tkun appoġġata minn dan li ġej:*** |
| | ***a) ġustifikazzjoni tal-adegwatezza ta' dawn il-forom ta' finanzjament fir-rigward tan-natura tal-azzjonijiet appoġġati jew il-programmi ta' ħidma kif ukoll ir-riskji ta' irregolaritajiet u frodi u l-ispejjeż tal-kontroll:*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *b) identifikazzjoni tal-ispejjeż jew il-kategoriji tal-ispejjeż koperti minn somom ta' darba, skali standard ta' spejjeż għal kull unità u finanzjament b'rata fissa, li għandhom jeskludu spejjeż ineliġibbli skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni;* |
| | *c) deskrizzjoni tal-metodi biex jiġu determinati s-somom ta' darba, l-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u l-finanzjament b'rata fissa, li għandom jistabbilixxu kundizzjonijiet biex tiġi żgurata b'mod raġonevoli konformità mar-regola li tipprojbixxi l-qligħ u r-regola ta' kofinanzament u l-prevenzjoni ta' ffinanzjar doppju tal-ispejjeż. Dawn il-metodi għandhom jiġu bbażati fuq:* |
| | *i) data statistika jew metodi oġġettivi simili, jew* |
| | *ii) approċċ għal kull benefiċjarju b'mod individwali, permezz ta' referenza għal data storika ċertifikata jew verifikabbli tal-benefiċjarju jew għall-prattiki komuni ta' kontabilità tal-ispejjeż.* |
| | *3. Fejn jiġi awtorizzat rikors għall-prattiki komuni tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-benefiċjarju, l-uffiċjal awtorizzanti kompetenti jista' jeżamina l-konformità ta' dawn il-prattiki mal-kundizzjonijioet stabbiliti fil-paragrafu 2 ex ante jew permezz ta' strateġija xierqa għal kontrolli ex post.* |
| | *Jekk il-konformità tal-prattiki komuni tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-benefiċjarju mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ġiet stabbilita ex ante, l-ammonti ta' somom ta' darba, skali standard ta' spejjeż għal kull unità u finanzjament b'rata fissa determinati bl-applikazzjoni ta' dawn il-prattiki ma għandhomx jiġu ċċalinġjati minn kontrolli ex post.* |
| | *L-uffiċjal awtorizzanti kompetenti jista' jqis li l-prattiki komuni tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-benefiċjarju huma f'konformità mal-kundizzjonijioet stabbiliti fil-paragrafu 2, jekk huma aċċettati mill-awtoritajiet nazzjonali skont skemi ta' ffinanzjar komparabbli.* |

**Emenda 169**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. L-għotjiet għandhom jinvolvu kofinanzjament bla ħsara għar-regoli speċifiċi stabbiliti fit-Titolu IV tat-Tieni Parti. | 3. L-għotjiet għandhom jinvolvu kofinanzjament bla ħsara għar-regoli speċifiċi stabbiliti fit-Titolu IV tat-Tieni Parti. |
| | *L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal partiti politiċi u fundazzjonijiet politiċi fil-livell tal-Unjoni.* |
| *L-għotjiet ma għandhomx jaqbżu limitu massimu globali espress f'termini ta' valur assolut li huwa stabbilit fuq il-bażi tal-istima ta' spejjeż eliġibbli.* | *Il-benefiċjarju jista' jissostitwixxi sorsi oħra ta' finanzjament minn partijiet terzi għar-riżorsi finanzjarji tiegħu, sakemm jiġi rrispettat il-prinċipju ta' kofinanzjament.* |
| *L-għotja ma għandhiex teċċedi l-kostijiet eliġibbli.* | |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 170**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. L-għotjiet ma jistax ikollhom l-għan jew l-effett li jipproduċu profitt fil-qafas tal-azzjoni jew il-programm ta' ħidma tal-benefiċjarju. | 4. L-għotjiet ma jistax ikollhom l-għan jew l-effett li jipproduċu profitt fil-qafas tal-azzjoni jew il-programm ta' ħidma tal-benefiċjarju. |
| L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal: | L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal: |
| (a) azzjonijiet li għandhom l-objettiv li jirrinfurzaw il-kapaċità finanzjarja ta' benefiċjarju jew ***il-ħolqien ta'*** introjtu; | (a) azzjonijiet li għandhom l-objettiv li jirrinfurzaw il-kapaċità finanzjarja ta' benefiċjarju jew ***azzjonijiet li joħolqu*** introjtu ***biex jiżguraw is-sostenibbiltà tagħhom wara l-perjodu tal-finanzjament mill-Unjoni kif stipulat fid-deċiżjoni jew il-ftehim tal-għotja***; |
| (b) boroż ta' studju, ta' riċerka jew ta' taħriġ imħallsa lil persuni fiżiċi; | (b) boroż ta' studju, ta' riċerka jew ta' taħriġ imħallsa lil persuni fiżiċi; |
| | ***(ba) appoġġ dirett ieħor imħallas lil persuni fiżiċi u appoġġ ieħor dirett imħallas lil persuni naturali li huma l-aktar fil-bżonn, bħar-rifuġjati u l-persuni mingħajr impjieg;*** |
| | ***(bb) għotjiet ibbażati fuq rati uniformi u/jew sommom f'daqqa u/jew kost ta' unità fejn dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 116a(2);*** |
| | ***(bc) għotjiet b'valur baxx;*** |
| | ***Fejn isir profitt, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata tirkupra l-persentaġġ tal-profitt korrispondenti għall-kontribut mill-Unjoni għall-ispejjeż eliġibbli li fil-fatt iġġarrbu mill-benefiċjarju biex iwettaq il-programm ta' azzjoni jew ta' xogħol.*** |

**Emenda 171**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. Għar-raġunijiet ta' dan it-Titollu, il-profitt għandu jiġi definit bħala:*** |
| | ***(a) fil-każ ta' għotja għal azzjoni, bilanċ pożittiv ta' dħul fuq l-ispejjeż tal-benefiċjarju, meta t-talba tkun saret għall-ħlas finali;*** |
| | ***(b) fil-każ ta' għotja operattiva, bilanċ favorevoli fuq il-baġit operattiv tal-benefiċjarju. Il-benefiċjarji għandhom ikunu intitolati li jittrasferixxu 3 % tal-profitt għas-sena N+2. Il-fondi ttrasferiti għandhom jintużaw l-ewwel mill-benefiċjarju. Ir-regoli dwar il-garanziji għandhom japplikaw mutatis mutandis fejn l-ammont ittrasferit ikun ogħla minn limiti stabbiliti għal għotjiet baxxi ħafna u/jew baxxi.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 172**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 – paragrafu 6**

| | |
|---|---|
| ***6. Għal somom ta' darba, skala standard ta' spejjeż għal kull unità u finanzjament b'rata fissa, ir-regoli tan-nonprofitt u tal-kofinanzjament stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu raġonevolment żgurati fiż-żmien meta jiġu stabbiliti jew fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni għall-għotja.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 173**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 117a***<br>***L-ispejjeż eliġibbli*** |
| | ***1. L-għotjiet ma għandhomx jaqbżu limitu massimu globali espress f'termini ta' valur assolut li huwa stabbilit fuq il-bażi tal-ispejjeż eliġibbli stmati.*** |
| | ***L-għotja ma għandhiex teċċedi l-ispejjeż eliġibbli.*** |
| | ***2. Spejjeż eliġibbli huma spejjeż imġarrba mill-benefiċjarju ta' għotja li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:*** |
| | ***(a) jiġu kkawżati waqt li tkun għaddejja l-azzjoni jew il-pjan ta' ħidma, bl-eċċezzjoni ta' spejjeż relatati mar-rapporti finali u ċ-ċertifikati tal-verifika;*** |
| | ***(b) ikunu indikati fl-istima tal-baġit globali tal-azzjoni jew tal-programm ta' ħidma;*** |
| | ***(c) ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni tal-azzjoni jew il-programm ta' ħidma li jkun is-suġġett tal-ftehim;*** |
| | ***(d) ikunu identifikabbli u verifikabbli, u b'mod partikolari jkunu rreġistrati fir-rekords tal-kontabilità tal-benefiċjarju u kkalkulati skond l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn il-benefiċjarju jkun stabbilit u skond il-prattika normali tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-benefiċjarju; kif ukoll;*** |
| | ***(e) ikunu jikkonformaw mal-obbligi tal-leġiżlazzjoni fiskali u soċjali applikabbli;*** |
| | ***3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 u għall-att bażiku li għalih japplika l-Artikolu 2, is-sejħa għall-proposti għandha tispeċifika l-kategoriji ta' spejjeż ikkunsidrati eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.*** |
| | ***L-ispejjeż li ġejjin għandhom jitqiesu bħala eliġibbli mill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti permezz ta' delega:*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *(a) spejjeż relatati ma' garanzija bankarja jew garanzija simili li għandha titpoġġa mill-benefiċjarju tal-għotja skont l-Artikolu 125;* |
| | *(b) spejjeż relatati mal-verifiki esterni mitluba mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jew meta ssir it-talba għall-finanzjament jew meta tiġi rċevuta t-talba għall-ħlas;* |
| | *(c) taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") imħallsa, u li ma tistax tiġi rifondata lill-benefiċjarju skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli; Il-modalitajiet ta' rimborż għandhom jiġu stipulati fir-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199;* |
| | *(d) spejjeż ta' deprezzament, sakemm dawn ikunu effettivament inġarru mill-benefiċjarju;* |
| | *(e) spejjeż ta' nfiq amministrattiv, persunal u tagħmir, inklużi l-ispejjeż tal-pagi tal-persunal ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali sakemm dawn ikunu relatati mal-ispejjeż ta' attivitajiet li l-awtorità pubblika relevanti ma kenitx twettaqhom kieku ma jkunx sar il-proġett ikkonċernat.* |
| | *(f) barra f'każijiet ta' għotjiet operattivi, l-ispejjeż mġarrba meħtieġa għall-funzjonament kontinwu tal-intrapriża, li madankollu ma jistgħux jiġu assoċjati minnufih mal-prodotti/servizzi li qegħdin jiġu offruti (spiża "indiretta" jew "ġenerali"), ta' 10 % tal-ispiża eliġibbli diretta ġenerali tal-azzjoni fejn din ma taqbiżx l-EUR 250 000 u 8 % fuq bażi ta' rata fissa wara dan. Dan il-persentaġġ jista' jiżdied, b'mod partikolari għall-koordinament tal-entitajiet legali bi qbil mar-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199. Il-limitu jista' jinqabeż permezz ta' deċiżjoni mmotivata tal-Kummissjoni.* |
| | *4. Spejjeż minfuqa minn membri affiljati, kif imsemmi fl-Artikolu 115a għandhom jiġu aċċettati bħala eliġibbli, sakemm il-membri affiljati partikolari jissemmew fil-ftehim jew fid-deċiżjoni tal-għotja u jimxu skont ir-regoli applikabbli għall-benefiċjarju skont il-ftehim jew id-deċiżjoni tal-għotja, inkluż dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tal-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri għall-kontroll tal-infiq tan-nefqa bi qbil mar-regoli tal-għotja.* |

**Emenda 174**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 117 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *Artikolu 117b*<br>*Ko-finanzjament f'oġġetti* |
| | *1. Għall-fini tal-kalkolu tal-profitt iġġenerat mill-għotja, ma għandux jitqies il-kofinanzjament f'kontribuzzjonijiet f'oġġetti.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jaċċetta kofinanzjament f'oġġetti, jekk dan jitqies neċessarju jew xieraq. Meta l-kofinanzjament f'oġġetti jiġi offrut bħala appoġġ għal għotjiet b'valur baxx u fejn l-uffiċjal awtorizzanti beħsiebu jirrifjuta dan, hu għandu jiġġustifika għalfejn mhuwiex meħtieġ jew mhuwiex adegwat.*** <br><br> ***Dawn il-kontribuzzjonijiet ma jistax jaqbżu:*** <br><br> ***(a) jew l-ispejjeż li tassew tħallsu u sostnuti sew b'dokumenti ta' kontabilità;*** <br><br> ***(b) jew, fin-nuqqas ta' dawn id-dokumenti, l-ispejjeż huma ġeneralment aċċettati fis-suq partikolari.*** <br><br> ***Kontribuzzjonijiet f'oġġetti għandhom jiġu ppreżentati separatement fl-istima tal-baġit sabiex dawn jirriflettu r-riżorsi kollha allokati għall-azzjoni. Il-valur globali tagħhom hu vvalutat fil-baġit provviżorju u ma għandux ikuun soġġett għal tibdiliet sussegwenti.*** <br><br> ***Kontribuzzjonijiet f'oġġetti għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar it-taxxa u s-sigurtà soċjali nazzjonali.*** |

**Emenda 175**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 118 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| | |
|---|---|
| L-ewwel subparagrafu ***ma*** għandux japplika għal għajnuna f'każ ta' ġestjoni ta' kriżi, operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili ***u operazzjonijiet*** ta' għajnuna umanitarja. | L-ewwel subparagrafu ***m'***għandux japplika għal għajnuna f'każ ta' ġestjoni ta' kriżi, ***partikolarment għal*** operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili ***mwettqa f'dan il-kuntest u operazzjonijiet*** ta' għajnuna umanitarja. |

**Emenda 176**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 120 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| | |
|---|---|
| F'tali każijiet, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament ma jistgħux ikunu ntefqu qabel id-data ta' sottomissjoni ***tal-applikazzjoni*** għall-għotja, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament issostanzjati, kif previst fl-att bażiku jew fil-każ ta' urġenza ***estrema*** għall-għajnuna għal ġestjoni ta' kriżi, operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili ***jew operazzjonijiet*** għal għajnuna umanitarja. | F'tali każijiet, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament ma jistgħux ikunu ntefqu qabel id-data ta' sottomissjoni ***ta' l-applikazzjoni*** għall-għotja, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament issostanzjati, kif previst fl-att bażiku jew fil-każ ta' urġenza ***estrema*** għall-għajnuna għal ġestjoni ta' kriżi, operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili***, operazzjonijiet*** għal għajnuna umanitarja ***u f'sitwazzjonijiet li jheddu li jeskalaw f'kunflitt armat***. |

**Emenda 177**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 121**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 121* <br> *Il-prinċipju tal-għoti digressiv* <br><br> ***Jekk mhux speċifikat mod ieħor fl-att bażiku jew fid-deċiżjoni tal-finanzjament għall-għotjiet mogħtija taħt il-punt (d) tal-Artikolu 51(5) fir-rigward tal-korpi li għandhom objettiv ta' interess ġenerali tal-Unjoni, meta l-għotjiet operattivi jiġu mġedda għal perjodu li jaqbeż l-erba' snin, huma għandhom jitnaqqsu gradwalment wara r-raba' sena.*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 178**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. L-applikazzjonijiet għall-għotjiet għandhom jitressqu bil-miktub. | 1. L-applikazzjonijiet għall-għotjiet għandhom jitressqu bil-miktub***, jew b'format elettroniku sikur, fejn xieraq. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-possibilità ta' applikazzjonijiet onlajn, fejn xieraq***. |

**Emenda 179**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1a. Il-limitu ta' żmien massimu għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għandu jkun ta' sitt xhur jew, disa' xhur, mill-għeluq tal-iskadenza stipolata għat-tressiq tal-applikazzjoni, f'każ li d-deċiżjoni tal-bord tkun pre-rekwiżit. Dan il-limitu ta' żmien jista' f'każijiet eċċezzjonali jinqabeż jekk in-natura speċifika u s-soġġett tal-għotja ta' flus ikunu jeħtiġu hekk. Meta dan ikun il-każ, il-limitu ta' żmien provviżorju għandu jitħabbar fis-sejħa għall-proposti rispettiva. Meta l-limitu ta' żmien ma jistax jintlaħaq minħabba raġunijiet oħrajn, l-uffiċjal awtorizzanti, b'delega, għandu jinkludi dan fir-rapport annwali ta' attività tiegħu, flimkien mar-raġunijiet u l-proposti għal azzjoni ta' rimedju. Hu għandu jirrapporta dwar is-suċċess tal-azzjoni ta' rimedju, fir-rapport ta' attività annwali tas-sena ta' wara.*** |

**Emenda 180**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. L-Artikoli 100 sa 103 għandhom japplikaw ukoll għall-applikanti għall-għotjiet. L-applikanti għandhom jiċċertifikaw li huma ma humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 100 sa 103. Madankollu, l-uffiċjal awtorizzanti ***jista' ma jitlobx*** din iċ-ċertifikazzjoni***, kif speċifikat fir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199,*** għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: | 3. L-Artikoli 100 sa 103 għandhom japplikaw ukoll għall-applikanti għall-għotjiet. L-applikanti għandhom jiċċertifikaw li huma ma humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 100 sa 103. Madankollu, l-uffiċjal awtorizzanti ***m'għandux jirrikjedi*** din iċ-ċertifikazzjoni għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: |
| (a) għotjiet ta' valur baxx ***ħafna***; | (a) għotjiet ta' valur baxx; |
| (b) *meta din iċ-ċertifikazzjoni tkun ġiet reċentement ipprovduta fi proċedura oħra ta' għoti;* | (b) *meta din iċ-ċertifikazzjoni tkun ġiet reċentement ipprovduta fi proċedura oħra ta' għoti;* |
| ***(c) meta jkun hemm l-impossibilità materjali li tiġi pprovduta din iċ-ċertifikazzjoni.*** | |

**Emenda 181**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 122 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***3a. L-applikazzjoni għandha turi l-istatus legali tal-applikant u l-kapaċità finanzjarja u operattiva tiegħu li jwettaq l-azzjoni proposta jew il-programm ta' ħidma.*** |
| | ***Għal dak l-iskop, l-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni fuq l-unur tiegħu u, sakemm l-għotja għandha valur baxx, kwalunkwe dokumenti ta' prova mitluba, fuq il-bażi ta' l-istima tiegħu tar-riskju, mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli. It-talba għal dawn id-dokumenti għandha tkun indikata fis-sejħa għall-proposti.*** |

L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Id-dokumenti ta' appoġġ għandhom jikkonsistu b'mod partikolari fil-kont tal-qligħ u t-telf u l-karta tal-bilanċ għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ikunu ngħalqu.*** |
| | ***Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja ma tgħoddx għal persuni naturali li jirċievu boroż ta' studju, lanqas għal korpi pubbliċi jew għal organizzazzjonijiet internazzjonali. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista', abbażi tal-analiżi tar-riskju tiegħu, iwarrab l-obbligu ta' verifika tal-kapaċità operattiva tal-korpi pubbliċi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.*** |
| | ***Fejn l-applikazzjoni tittratta għotjiet għal azzjoni li għaliha l-ammont jeċċedi EUR 750,000 jew għotjiet operattivi li jaqbżu EUR 100,000, għandu jkun ippreżentat rapport ta' verifika esterna prodott minn awditur estern approvat. Dan ir-rapport għandu jiċċertifika l-kontijiet disponibbli għall-aħħar sena finanzjarja u l-uffiċjal awtorizzanti, b'delega, għandu jaċċetta jew jirrifjuta biċ-ċar ir-rapport ta' verifika fi żmien 90 jum. Darba li jiġu aċċettati mill-uffiċjal awtorizzanti, dawn ir-rapporti għandhom isiru vinkolanti u m'għandhomx ikunu soġġetti għal verifiki ex-post jew għal valutazzjonijiet sakemm ma jkunx hemm evidenza prima facie ta' irregolaritajiet jew frodi.*** |

**Emenda 182**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 125**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Jekk iqis li jkun xieraq u proporzjonat, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jirrikjedi li l-benefiċjarju jiddepożita garanzija minn qabel sabiex jillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas tal-prefinanzjament. | Jekk iqis li jkun xieraq u proporzjonat***, skont il-każ u soġġett għal analiżi tar-riskju***, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jirrikjedi li l-benefiċjarju jiddepożita garanzija minn qabel sabiex jillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas tal-prefinanzjament. |
| | ***M'għandhomx jintalbu garanziji f'każ ta' għotjiet ta' valur baxx jew ta' valur baxx ħafna jew fejn il-benefiċjarju ikun irċieva mill-anqas għotja waħda kull sena tul l-aħħar ħames snin.*** |

**Emenda 183**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-ammont tal-għotja ma għandux isir finali sakemm l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun aċċetta r-rapporti u l-kontijiet finali, bla ħsara għal verifiki sussegwenti mill-istituzzjoni. | 1. L-ammont tal-għotja ma għandux isir finali sakemm l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli ***kompetenti*** jkun aċċetta ***b'delega*** r-rapporti u l-kontijiet finali, bla ħsara għal verifiki sussegwenti mill-istituzzjoni***, li għandhom jitwettqu f'ħin opportun***. |

**Emenda 184**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Fejn ***jitwettqu*** żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi ***matul il-proċedura tal-għoti jew fl-implimentazzjoni tal-għotja u wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jieħu kwalunkwe mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 110***. | 2. Fejn ***il-proċedura ta' aġġudikazzjoni tkun soġġetta għal*** żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi***, l-awtorità kontraenti għandha tissospendi l-proċedura u tista' tieħu kwalunkwe miżuri meħtieġa, inkluża l-kanċellazzjoni tal-proċedura***. ***Hu għandu minnufih jinforma lill-OLAF dwar suspett ta' każi ta' frodi.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 185**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *2a. Fejn, wara li tingħata l-għotja, il-proċedura tal-għoti jew l-implimentazzjoni tal-għotja tintwera li kienet soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista', skont l-istadju milħuq mill-proċedura tal-għoti, jirrifjuta milli jiffirma l-ftehim tal-għotja, jissosspendi l-implimentazzjoni tal-għotja, jew fejn xieraq, itemm il-ftehim ta' għotja jew jieħu deċiżjoni wara li l-applikant jew benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.* |

**Emenda 186**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 2b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *2b. Fejn dawn l-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi jkunu attribwibbli lill-benefiċjarju, jew jekk il-benefiċjarju jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-ftehim jew deċiżjoni tal-għotja, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' wkoll inaqqas l-għotja jew jirkupra ammonti li tħallsu għalxejn skont il-ftehim jew deċiżjoni tal-għotja, fi proporzjon mal-gravità tal-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi jew ta' ksur ta' obbligi, wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.* |

**Emenda 187**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. *Fejn kontrolli jew awditi juru li jeżistu żbalji rikorrenti għal benefiċjarju wieħed li jkollhom ukoll impatt fuq proġetti mhux awditjati li fihom jipparteċipa jew kien ipparteċipa l-benefiċjarju, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jestendi l-osservazzjonijiet tiegħu għal dawk il-proġetti mhux awditjati u li għadhom jistgħu jkunu awditjati skont il-ftehim tal-għotja u jitlob ir-rimbors tal-ammont relatat.* | 3. *F'każ ta' żbalji jew irregolaritajiet sistematiċi jew rikorrenti attribwibbli lill-benefiċjarju, jeċċedu l-limitu materjali u jkollhom impatt fuq numru ta' għotjiet mogħtija lilu skont kondizzjonijiet simili, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jissospendi l-implimentazzjoni tal-għotjiet kollha kkonċernati, jew, fejn xieraq, itemm l-ftehimiet u d-deċiżjonijiet tal-għotja ma' dan il-benefiċjarju, fi proporzjoni mal-gravità tal-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi, wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu. L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' wkoll jipproċedi għall-korrezzjonijiet finanzjarji għall-għotjiet ikkonċernati bl-iżbalji jew irregolaritajiet sistematiċi jew rikorrenti msemmija hawn fuq li jistgħu jiġu vverifikati skont il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet tal-għotja jew billi jitnaqqsu l-għotjiet jew bl-irkuprar ta' ammonti mħallsa għalxejn skont il-ftehimiet jew deċiżjonijiet tal-għotja.* |
| | *L-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji li jridu jsiru għandhom jiġu determinati, fejn possibbli u prattikabbli abbażi tal-ispejjeż dikjarati għalxejn bħala eliġibbli għal kull għotja kkonċernata. Fejn mhuwiex possibbli u prattikabbli li jikkwantifika l-ammont ta' spejjeż ineliġġibbli, sewwa sew, il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jkunu bbażati fuq l-estrapolazzjoni jew fuq rata fissa, abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-benefiċjarju jista', fi ħdan proċedura kontradittorja, jisfida ***l-korrezzjoni applikata billi juri li l-kalkolu tal-korrezzjonijiet huwa żbaljat u jippreżenta kalkolu ġdid***. | ***3a.*** Il-benefiċjarju jista', fi ħdan proċedura kontradittorja ***quddiem l-awtorità ta' approvazzjoni kompetenti***, jisfida ***d-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafi 2a sa 3***. |
| | ***Il-benefiċjarju jista' b'mod partikolari jisfida l-korrezzjoni applikata billi juri abbażi tal-bilanċ ta' probabilitajiet li ma jeżisti l-ebda żball rikorrenti jew sistematiku jew li l-kalkolu tal-korrezzjonijiet huwa żbaljat u jippreżenta kalkolu ġdid. Il-benefiċjarju għandu jkun intitolat għar-rimborż tal-ispejjeż ta' rappreżentazzjoni legali skont il-livell ta' suċċess li jkollu.*** |

**Emenda 188**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 126 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 126a***<br>***Perjodi ta' żamma ta' rekords*** |
| | ***1. Il-benefiċjarji għandhom iżommu rekords, dokumenti annessi, rekords statistiċi jew kull rekord ieħor li għandu x'jaqsam ma' għotja għal ħames snin wara l-ħlas tal-bilanċ u għal tliet snin għal għotjiet b'valur baxx.*** |
| | ***2. Rekords marbutin ma' verifiki, appelli, litigazzjoni jew il-ħlas ta' talbiet frott il-prestazzjoni tal-proġett għandhom jinżammu sakemm jintemmu l-verifiki, l-appelli, il-litigazzjoni jew talbiet magħmula.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni tista', fir-regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199, tiddefinixxi perjodi għaż-żamma ta' rekords minn korpi akkreditati u mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 189**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 128**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| **Artikolu 128**<br>***Definizzjoni*** | **Artikolu 128**<br>***L-ambitu tal-premjijiet*** |
| ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "premjijiet" għandha tfisser*** **kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija wara kompetizzjonijiet.** | ***Il-premijiet huma*** **kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija** ***bħala premju*** **wara kompetizzjonijiet.** ***L-użu ta' premjijiet għandu jkun inkoraġġit, imma mhux biex jieħu post finanzjament strutturat kif suppost.*** |

**Emenda 190**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-premjijiet għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali. | 1. Il-premjijiet għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali u għandhom jippromwovu l-kisba tal-valur miżjud Ewropew. ***Premijiet li jaqbżu l-ammont ta' EUR 5 000 000 jistgħu jingħataw biss skont att legali tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 288, 289 u 290 TFUE, li jistipulaw biċ-ċar il-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni, l-kriterji tal-għoti, l-ammont tal-prezz kif ukoll il-proċedura għall-għażla ta' esperti ta' valutazzjoni. Il-Premijiet jiskadu awtomatikament mal-iskadenza tar-Regolament li jistipula l-qafas finanzjarju multiannwali fejn tnediet l-implimentazzjoni tagħhom jew ħames snin wara l-publikazzjoni, skont liema seħħ l-aħħar.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Dħul kaġun ta' skadenza ta' premju għandu jitqies bħala dħul intern assenjat.*** |

**Emenda 191**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***Il-premjijiet*** għandhom ikunu ***parti mill-programm*** ta' ħidma ***msemmi fl-Artikolu 118 u adottat mill-Kummissjoni u għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 118(2)***. | 2. ***Għal dan il-għan il-premijiet*** għandhom ikunu ***soġġetti għal programm*** ta' ħidma ***li jrid jitneda fis-sena tal-implimentazzjoni. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi implimentat permezz tal-pubblikazzjoni tal-kompetizzjonijiet.*** |

**Emenda 192**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-premjijiet ma jistgħux jingħataw direttament mingħajr kompetizzjoni u għandhom ***ikunu soġġetti għall-pubblikazzjoni bl-istess mod bħas-sejħiet għall-proposti***. | Il-premjijiet ma jistgħux jingħataw direttament mingħajr kompetizzjoni u għandhom ***jiġu applikati kull sena b'applikazzjoni tal-Artikolu 31(2) u (3)***. |

**Emenda 193**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | 3. ***Id-dħul f'kompetizzjoni għandu jiġi vvalutat minn bord ta' esperti abbażi tar-regoli ppubblikati tal-kuntest.*** |
| ***3.*** Il-premjijiet għandhom jingħataw mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli ***jew minn ġurija. Dawn għandhom ikunu*** liberi li jiddeċiedu jekk ***jagħtux il-premju*** jew le skont l-evalwazzjoni tagħhom tal-kwalità tas-sottomissjonijiet b'***referenza għar-regoli tal-kompetizzjoni***. | Il-premjijiet għandhom ***imbgħad*** jingħataw mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli***, abbażi tal-evalwazzjoni pprovduta mill-bord tal-esperti li huma*** liberi li jiddeċiedu jekk ***jirrakkomandawx l-għoti tal-premjijiet*** jew le skont l-evalwazzjoni tagħhom tal-kwalità tas-sottomissjonijiet***. L-uffiċjal awtorizzanti kompetenti*** b'***delegazzjoni għandu jżid id-deċiżjoni tal-għotja flimkien ma' lista ta' esperti parteċipanti fl-evalwazzjoni u ġustifikazzjoni tal-għażla tagħhom, fir-rapport ta' attività annwali tiegħu***. |

**Emenda 271**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 130 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "strumenti finanzjarji" għandha tfisser miżuri tal-Unjoni ta' appoġġ finanzjarju pprovdut mill-baġit sabiex jiġi indirizzat għan speċifiku ta' politika permezz ta' self, garanziji, investimenti jew parteċipazzjonijiet ta' ekwità jew kważi ekwità, jew strumenti oħra li jġorru r-riskju, possibilment kombinati ma' għotjiet. | 1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "strumenti finanzjarji" għandha tfisser miżuri tal-Unjoni ta' appoġġ finanzjarju pprovdut mill-baġit ***fejn dan huwa awtorizzat fl-att bażiku speċifiku għas-settur*** sabiex jiġi indirizzat għan speċifiku ta' politika ***wieħed jew aktar*** permezz ta' self, garanziji, investimenti jew parteċipazzjonijiet ta' ekwità jew kważi ekwità, jew strumenti oħra li jġorru r-riskju, possibilment kombinati ma' għotjiet. ***L-att bażiku għandu jiddikjara t-tip ta' strument finanzjarju li hu permess għall-kisba tal-objettivi tal-politika.*** |
| | ***Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) "investiment ta' kważi ekwità" tfisser tip ta' finanzjament li jinvolvi taħlita ta' ekwità u dejn, fejn l-ekwità tħalli lill-investitur jikseb rata għolja ta' redditu mis-suċċess tal-azjenda jew fejn il-komponent tad-dejn ikun jinvolvi prezz miżjud li jikkontribwixxi għar-redditu tal-investitur bħal dejn intermedjarju jew dejn subordinat;*** |

L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *(b) "strument ta' qsim tar-riskju" tfisser strument finanzjarju li jiggarantixxi l-kopertura totali jew parzjali ta' riskju definit, fejn ikun xieraq bi skambju ma' remunerazzjoni li ntlaħaq qbil dwarha;* |
| | *(c) "strument ta' qsim tar-riskju għal bonds għall-proġetti" tfisser titjib tal-kreditu fil-forma ta' self jew garanzija. Huwa jkopri r-riskju għas-servizz tad-debitu u jtaffi r-riskju tal-kreditu tad-detenturi tal-bonds.* |
| | *Fejn jipparteċipaw bosta entitajiet b'mod konġunt f'operazzjoni koperta minn strument ta' qsim tar-riskju, ir-riskju sostnut mill-baġit tal-Unjoni m' għandux, proporzjonalment, ikun aktar mill-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.* |

**Emenda 272**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 130 – paragrafu 3**

| | |
| --- | --- |
| 3. Il-Kummissjoni tista' timplimenta strumenti finanzjarji bil-mod ta' ġestjoni diretta, jew bil-mod ta' ġestjoni indiretta billi tafda kompiti lill-entitajiet imsemmija fil-punti (iii) u (iv) tal-Artikolu 55(1)(b). | 3. Il-Kummissjoni tista' timplimenta strumenti finanzjarji bil-mod ta' ġestjoni diretta, jew bil-mod ta' ġestjoni indiretta***, fejn definit fl-att bażiku,*** billi tafda kompiti lill-entitajiet imsemmija fil-punti (iii) u (iv) tal-Artikolu 55(1)(b). ***L-istatut u n-natura tal-operatur li f'idejh hi fdata l-ġestjoni, għandhom jiġu definiti fl-att bażiku.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli biex tiżgura li l-qafas ta' implimentazzjoni għall-istrumenti finanzjarji jkun konformi ma' ġestjoni finanzjarja fis-sod u jwassal għall-ksib tal-objettivi definiti tal-politika. Il-Kummissjoni għandha tirrispondi għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji mingħajr preġudizzju għar-responsabilità legali u kontrattwali tal-entatijiet fdati, bi qbil mal-liġi applikabbli.*** |
| | ***Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat regolament dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji.*** |

**Emenda 273**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 130 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***3a. Operazzjonijiet finanzjarji li jibbenefikaw minn strument finanzjarju tal-Unjoni maħruġ fil-forma ta' għotja jew sussidju, jew maħruġ b'mod konġunt, ma jistgħux jikkawżaw evażjoni tat-taxxa fir-rigward tal-benefiċjarji Ewropej u pajjiżi u leġiżlazzjonijiet oħra kkonċernati.*** |
| | ***L-operaturi finanzjarji li jimmaniġġjaw l-istrumenti finanzjarji rispettivi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt ma' kwalunkwe awtur ta' atti kriminali li jikkawżaw telf finanzjarju li jirriżulta mill-ksur ta' din id-dispożizzjoni.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 195**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Strumenti finanzjarji għandhom jiġu pprovduti lill-benefiċjarji finali tal-fondi tal-Unjoni f'konformità ***mal-ġestjoni*** finanzjarja tajba, it-trasparenza u t-trattament ugwali u skont l-għanijiet stabbiliti fl-att bażiku li japplika għal dawk l-istrumenti finanzjarji. | 1. Strumenti finanzjarji għandhom jiġu pprovduti lill-benefiċjarji finali tal-fondi tal-Unjoni f'konformità ***mal-prinċipji ta' ġestjoni*** finanzjarja tajba, it-trasparenza***, il-proporzjonalità, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni*** u t-trattament ugwali u skont l-għanijiet stabbiliti fl-att bażiku li japplika għal dawk l-istrumenti finanzjarji. |

**Emenda 196**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1a. Dħul u ħlasijiet lura li huma parti minn strument finanzjarju għandu jikkostitwixxi dħul assenjat b'mod intern skont l-Artikolu 18(3) u għandhom jiġu trasferuti awtomatikament ħalli jiġu investiti mill-ġdid.***<br><br>***F'kull każ il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal proġett m'għandux ikun distribwit lill-partijiet terzi fil-forma ta' dividendi jew profitti.*** |

**Emenda 274**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 1 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1b. Fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm interess komuni fil-kisba tal-objettivi politiċi definiti għal strument finanzjarju, li jista' jissaħħaħ permezz ta' dispożizzjonijiet bħal pereżempju kofinanzjament, rekwiżiti ta' kondiviżjoni tar-riskju jew inċentivi finanzjarji, waqt li fl-istess ħin tevita l-kunflitt ta' interess ma' attivitajiet oħra ta' entità inkarigata.***<br><br>***Ħlief f'każijiet ta' nuqqas tas-suq jew ta' faċilitajiet ta' mikrokreditu, l-istrumenti finanzjarji għandu jkollhom effett multiplikatur, li jfisser li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal strument finanzjarju għandha timmobilizza investiment globali li jaqbeż id-daqs tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.***<br><br>***Il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-awtorità baġitarja, jekk ir-rendita minima prevista ma tkunx inkisbet sa nofs it-terminu tal-perjodu previst għal strument finanzjarju partikolari;***<br><br>***Dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandu jirraporta wkoll dwar***<br><br>***— il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-objettiv strateġiku stabbilit;***<br><br>***— l-ammont totali ta' flus imħallas lill-istrument finanzjarju;***<br><br>***— l-ammont totali ta' flus imħallas matul l-implimentazzjoni;*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — ***fejn applikabbli, l-ammont totali ta' flus li għalih ir-rimbors jinsab f'riskju ta' inadempjenza jew mhux imħallas;*** <br><br> — ***fejn applikabbli, il-valur tal-ekwità ġenerat matul l-implimentazzjoni.*** |

**Emenda 304/rev**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 1 c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1c. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-awtorità baġitarja dwar l-attivitajiet appoġġjati mill-istrumenti finanzjarji, dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji involuti fl-implimentazzjoni tagħhom, dwar il-prestazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, inklużi l-investimenti mill-ġdid imwettqa, dwar il-bilanċ fuq kontijiet fiduċjarji, dwar dħul u pagamenti, dwar l-effett multiplikatur milħuq u dwar il-valur tal-parteċipazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tehmeż ir-rapport tagħha mar-rapport annwali dwar l-attività msemmi fl-Artikolu 63(9).*** |

**Emenda 275**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. Bla ħsara ***għall-punti (d)*** u ***(e) tal-Artikolu 46(1),*** in-nefqa baġitarja marbuta ma' strument finanzjarju għandha ***tinżamm fi ħdan l-impenn*** baġitarju relevanti magħmul għaliha. | 2. Bla ħsara ***għal operazzjonijiet u garanziji ta' self u tislif mogħtija lill-BEI għal self fuq ir-riżorsi proprji tal-BEI,*** in-nefqa baġitarja marbuta ma' strument finanzjarju ***u r-responsabilità finanzjarja tal-Unjoni m'għandhiex taqbeż l-ammont tal-impenn*** baġitarju relevanti magħmul għaliha, ***biex b'hekk jiġu esklużi r-responsabilitajiet kontinġenti għall-baġit tal-Unjoni***. |

**Emenda 276**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. L-intermedjarji finanzjarji involuti fit-twettiq ta' operazzjonijiet finanzjarji taħt strument finanzjarju għandhom jikkonformaw mal-istandards relevanti dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huma ma għandhomx ikunu stabbiliti f'territorji li l-ġuriżdizzjonijiet tagħhom ma jikkoperawx mal-Unjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' *standards* ***maqbula*** *internazzjonalment dwar it-taxxi*. | 3. ***L-entitajiet imsemmija fil-punt (iv) u (vi) tal-Artikolu 55(1)(b) u*** l-intermedjarji finanzjarji ***kollha*** involuti fit-twettiq ta' operazzjonijiet finanzjarji taħt strument finanzjarju għandhom jikkonformaw mal-istandards relevanti dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huma ma għandhomx ikunu stabbiliti ***u m'għandhomx jinteraġixxu ma' entitajiet inkorporati*** f'territorji li l-ġuriżdizzjonijiet tagħhom ma jikkoperawx mal-Unjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' *standards tat-taxxi* ***rikonoxxuti*** *internazzjonalment*. |

**Emenda 277**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| 4. Kull ***ftehim bejn*** entità msemmija fil-punt ***(iii)*** u ***(iv)*** tal-Artikolu 55(1)(b) u intermedjarju finanzjarju msemmi fil-paragrafu 3 għandu jipprovdi ***espressament sabiex il-Kummissjoni u l-Qorti*** tal-Awdituri jeżerċitaw il-poteri ta' kontroll tagħhom fuq id-dokumenti u ***l-uffiċċji u*** l-informazzjoni, ***inkluża dik*** maħżuna fuq mezzi elettroniċi, ***fuq*** kull parti terza li *tirċieve* fondi tal-Unjoni. | 4. Kull entità msemmija fil-punt (***iv***) u (***vi***) tal-Artikolu 55(1)(b) u *kull* intermedjarju finanzjarju msemmi fil-paragrafu 3 ***involut fil-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni*** għandu ***jkun f'pożizzjoni li*** jipprovdi ***fuq talba, għall-aċċess tal-Kummissjoni, tal-Qorti*** tal-Awdituri ***u tal-OLAF fl-eżerċizzju*** tal-poteri ta' kontroll tagħhom, ***għall-uffiċċji,*** id-dokumenti u l-informazzjoni, ***inklużi dawk*** maħżuna fuq mezzi elettroniċi, ta' kull parti terza li *tirċievi* ***u/jew hi involuta fil-ġestjoni tal-***fondi tal-Unjoni. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 200**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta b'mod annwali lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-attivitajiet appoġġjati mill-istrumenti finanzjarji, dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji involuti fl-implimentazzjoni tagħhom, dwar il-prestazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, inkluż l-investimenti mill-ġdid imwettqa, dwar il-bilanċ fuq kontijiet fiduċjarji, fuq dħul u ħlasijiet mill-ġdid, dwar l-effett ta' molyiplikazzjoni miksub, u dwar il-valur tal-parteċipanti. Il-Kummissjoni għandha tehmeż ir-rapport tagħha mas-sommarju tar-rapporti annwali imsemmi fl-Artikolu 63(9).*** |

**Emenda 278**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 131 – paragrafu 4 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4b. Ir-rapport ta' nofs it-terminu msemmi fil-paragrafu 1b għandu jinkludi wkoll lista tal-benefiċjarji finali tal-istrumenti finanzjarji u l-ammonti ta' fondi li rċevew.*** <br><br> ***Il-forma legali speċifika tal-istrumenti finanzjarji, l-iskop tagħhom u, jekk applikabbli, tal-post legali tar-reġistrazzjoni tagħhom għandhom jiġu ppublikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni.*** |

**Emenda 293**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 133 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti rendikont, mill-anqas, tar-rata implimentattiva tal-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn id-diversi elementi tal-baġit. | 2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti rendikont, ***kemm f'termini assoluti u espressi bħala perċentwali,*** mill-anqas, tar-rata implimentattiva tal-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn id-diversi elementi tal-baġit. |

**Emenda 201**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 134 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija ***fl-Artikolu 132*** għandhom ***jikkonformaw mar-regoli*** tal-kontabilità ***tal-Unjoni kif adottati mill-Uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni*** u għandhom jippreżentaw dehra vera u ġusta tal-assi u l-obbligazzjonijiet, l-ispejjeż, ***id-dħul u ċ-ċaqliq*** tal-flus. | Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija ***fl-Artikolu 132*** għandhom ***ikunu bbażati fuq l-istandards*** tal-kontabilità ***internazzjonali applikabbli għas-settur pubbliku*** u għandhom jippreżentaw dehra vera u ġusta tal-assi u l-obbligazzjonijiet, l-ispejjeż, ***l-introjtu u l-fluss*** tal-flus. |

**Emenda 202**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 135**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 132 għandhom jippreżentaw l-informazzjoni, inklużi l-politiki tal-kontabilità, b'mod li jipprovdu informazzjoni relevanti, affidabbli, komparabbli u li tista' tinftiehem. Huma għandhom jitfasslu f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati kif deskritti fir-regoli tal-kontabilità tal-Unjoni. | Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 132 għandhom jippreżentaw l-informazzjoni, inklużi l-politiki tal-kontabilità, b'mod li jipprovdu informazzjoni relevanti, affidabbli, komparabbli u li tista' tinftiehem. Huma għandhom jitfasslu f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati kif deskritti fir-regoli tal-kontabilità tal-Unjoni ***u fiż-żamma ta' standards ta' kontabilità internazzjonali applikabbli għas-settur pubbliku***. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 203**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 135 a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 135a***<br>***Eċċezzjonijiet mill-prinċipji tal-kontabilità***<br><br>***Meta, f'każ speċifiku, l-uffiċjali tal-kontabilità iqisu li għandu jkun hemm eċċezzjoni fil-kuntest ta' wieħed mill-prinċipji ta' kontabilità, definiti fl-Artikoli 187 sa 194, dik l-eċċezzjoni għandha tiġi sostanzjanta u rappurtata fl-anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 136.*** |

**Emenda 294**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 136 – paragrafu 1 – punt a**

| | |
| --- | --- |
| (a) il-karta tal-bilanċ u dikjarazzjoni tar-riżultat finanzjarju, li jirrappreżentaw l-assi u r-reponsabbilitajiet u s-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat ekonomiku fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti; dawn għandhom ikunu ppreżentati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità relevanti adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni; | (a) il-karta tal-bilanċ u dikjarazzjoni tar-riżultat finanzjarju, li jirrappreżentaw l-assi u r-reponsabbilitajiet ***(inklużi r-responsabilitajiet tal-pensjoni)*** u s-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat ekonomiku fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti; dawn għandhom ikunu ppreżentati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità relevanti adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni; |

**Emenda 204**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 136 – paragrafu 2**

| | |
| --- | --- |
| 2. In-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom jissupplementaw u jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom ifornu l-informazzjoni addizzjonali kollha ***preskritta mir-regoli relevanti tal-kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni***. | 2. In-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom jissupplementaw u jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom ifornu l-informazzjoni addizzjonali ***meħtieġa*** kollha. |

**Emenda 205**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 138 – paragrafu 3**

| | |
| --- | --- |
| L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida dawn il-kontijiet provviżorji mal-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni u għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri, l-aktar tard sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni u dawk ikkonsolidati tal-Unjoni. | L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida dawn il-kontijiet provviżorji mal-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni u għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri ***u l-Parlament Ewropew***, l-aktar tard sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni u dawk ikkonsolidati tal-Unjoni. |

**Emenda 206**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 139 – paragrafu 1**

| | |
| --- | --- |
| 1. Il-Qorti tal-Awdituri għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-istituzzjonijiet l-oħra u ta' kull korp imsemmi fl-Artikolu 132, u ***sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju,*** tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-Kummissjoni u l-kontijiet proviżorji kkonsolidati tal-Unjoni. | 1. Il-Qorti tal-Awdituri għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-istituzzjonijiet l-oħra u ta' kull korp imsemmi fl-Artikolu 132, u tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-Kummissjoni u l-kontijiet proviżorji kkonsolidati tal-Unjoni. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 207**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 139 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-istituzzjonijiet, għajr il-Kummissjoni, u kull wieħed mill-korpi msemmijin fl-Artikolu 132, għandhom ifasslu l-kontijiet finali tagħhom u jibagħtuhom lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill sa mhux aktar tard *mit-28 ta' Frar* tas-sena ta' wara bil-ħsieb li jitfasslu l-kontijiet konsolidati finali. | 2. L-istituzzjonijiet, għajr il-Kummissjoni, u kull wieħed mill-korpi msemmijin fl-Artikolu 132, għandhom ifasslu l-kontijiet finali tagħhom u jibagħtuhom lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill sa mhux aktar tard ***mit-28 ta' Frar*** tas-sena ta' wara bil-ħsieb li jitfasslu l-kontijiet konsolidati finali. |

**Emenda 208**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 139 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni, wara li tkun approvat il-kontijiet konsolidati finali u l-kontijiet finali tagħha, għandha tibgħathom it-tnejn lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri qabel ***il-31 ta' Lulju*** tas-sena finanzjarja ta' wara. | 5. Il-Kummissjoni, wara li tkun approvat il-kontijiet konsolidati finali u l-kontijiet finali tagħha, għandha tibgħathom it-tnejn lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri qabel ***il-31 ta' Marzu*** tas-sena finanzjarja ta' wara. |

**Emenda 209**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 139 – paragrafu 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 6. Il-kontijiet konsolidati finali għandhom ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-istqarrija tal-assigurazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Awdituri b'konformità mal-Artikolu 287 tat-TFUE u l-Artikolu 160c tat-Trattat Euratom *sal-31 ta' Ottubru* tas-sena finanzjarja ta' wara. | 6. Il-kontijiet konsolidati finali għandhom ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-istqarrija tal-assigurazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Awdituri b'konformità mal-Artikolu 287 tat-TFUE u l-Artikolu 160c tat-Trattat Euratom ***sal-31 ta' Lulju*** tas-sena finanzjarja ta' wara. |

**Emenda 210**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 141 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Iċ-ċifri u r-rapport rigward l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom fl-istess waqt jintbgħatu lill-Qorti tal-Awdituri. | 3. Iċ-ċifri u r-rapport rigward l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom fl-istess waqt jintbgħatu lill-Qorti tal-Awdituri ***u ppublikati fuq l-internet***. |

**Emenda 211**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 141 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3a. Tul is-sena finanzjarja, għandha titfassal stqarrija interim ikkonsolidata simplifikata tal-kontijiet tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju. Din għandha titfassal mill-Kummissjoni u għandha tkun soġġetta għal rieżami limitat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-istqarrija interim ikkonsolidata tal-kontijiet sat-30 ta' Ġunju għandha titressaq quddiem il-Parlament Ewropew flimkien mar-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u possibilment flimkien mal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni sat-30 ta' Ottubru tal-istess sena.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 143 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Għandu jiġġustifika u jiddokumenta kull tip ta' tbegħid u jikkomunika din il-ġustifikazzjoni lill-Qorti tal-Awdituri fil-ħin tal-adozzjoni jew fl-aġġornament ta' regola ta' kontabilità partikolari.*** |

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 145 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 3. Is-sistema tal-kontijiet għandha tkun tali li tħalli traċċja għall-entrati kollha tal-kontabilità. | 3. Is-sistema tal-kontijiet għandha tkun tali li tħalli traċċja ***ċara ta' verifika*** għall-entrati kollha tal-kontabilità. |

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 147 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. Il-kontijiet tal-baġit jipprovdu rekord dettaljat tal-implimentazzjoni tal-baġit. | *(ma taffettwax il-verżjoni Maltija)* |

**Emenda 296**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 149 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. Kull istituzzjoni għandha tinforma lill-Qorti tal-Awdituri u lill-awtorità baġitarja dwar kwalunkwe regola interna li tadotta fir-rigward ta' materji finanzjarji. | 2. Kull istituzzjoni għandha tinforma lill-Qorti tal-Awdituri u lill-awtorità baġitarja dwar kwalunkwe regola interna li tadotta fir-rigward ta' materji finanzjarji ***fi żmien ġimgħa mill-adozzjoni ta' dawn ir-regoli***. |

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 150 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. L-eżaminazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri dwar jekk id-dħul kollu kienx riċevut u n-nefqa kollha kenitx minfuqa f'manjiera leċita u xierqa għandha tqis id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, tal-baġit, ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199 u l-atti l-oħrajn kollha adottati permezz tat-Trattati. | 1. L-eżaminazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri dwar jekk id-dħul kollu kienx riċevut u n-nefqa kollha kenitx minfuqa f'manjiera leċita u xierqa għandha tqis id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, tal-baġit, ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199 u l-atti l-oħrajn kollha adottati permezz tat-Trattati. ***Il-Qorti tal-Awdituri għandha twettaq il-kompitu ta' verifika tagħha fuq bażi permanenti.*** |

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 150 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Qorti tal-Awdituri hija intitolata li tikkonsulta, fil-manjera li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 152, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha li jirrigwardaw l-amministrazzjoni finanzjarja tad-dipartimenti jew tal-korpi fir-rigward tal-operazzjonijiet iffinanzjati jew kofinanzjati mill-Unjoni. Hija għandu jkollha s-setgħa li tisħarreġ kwalunkwe uffiċjal responsabbli minn operazzjoni ta' dħul jew ta' nfiq u li tuża kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' awditjar xierqa għad-dipartimenti jew għall-korpi msemmija hawn fuq. L-awditjar fl-Istati Membri għandu jkun imwettaq ***b'konnessjoni*** mal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri meħtieġa, mad-dipartimenti nazzjonali ***responsabbli***. Il-Qorti tal-Awdituri u ***l-korpi nazzjoni*** tal-awditjar tal-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-ispirtu tal-fiduċja waqt li jżommu l-independenza tagħhom. | 2. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Qorti tal-Awdituri hija intitolata li tikkonsulta, fil-manjera li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 152, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha li jirrigwardaw l-amministrazzjoni finanzjarja tad-dipartimenti jew tal-korpi fir-rigward tal-operazzjonijiet iffinanzjati jew kofinanzjati mill-Unjoni. Hija għandu jkollha s-setgħa li tisħarreġ kwalunkwe uffiċjal responsabbli minn operazzjoni ta' dħul jew ta' nfiq u li tuża kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' awditjar xierqa għad-dipartimenti jew għall-korpi msemmija hawn fuq. L-awditjar fl-Istati Membri għandu jkun imwettaq ***flimkien*** mal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri meħtieġa, mad-dipartimenti nazzjonali ***kompetenti***. Il-Qorti tal-Awdituri u ***l-istituzzjonijiet nazzjonali*** tal-awditjar tal-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-ispirtu tal-fiduċja waqt li jżommu l-independenza tagħhom. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 217**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 152 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. l-Kummissjoni, l-istituzzjoniet l-oħrajn, il-korpi li jamministraw l-introjtu u n-nefqa f'isem tal-Unjoni u l-benefiċjarji finali tal-pagamenti mill-baġit għandhom jagħtu lill-Qorti tal-Awdituri l-faċilitajiet kollha u jagħtuha l-informazzjoni kollha li l-Qorti tal-Awdituri tqis li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. Huma għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Awdituri id-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-għoti u t-twettiq ta' kuntratti ffinanzjati mill-baġit u l-kontijiet kollha tal-flus u materjali, ir-reġistri kollha tal-kontijiet u dokumenti ta' prova, u wkoll id-dokumenti amministrattivi kollha relatati magħhom, id-dokumenti kollha relatati mad-dħul u l-infiq, l-inventarji kollha, l-organigrammi kollha tad-dipartimenti, li l-Qorti tal-Awdituri tħoss li jkunu meħtieġa għall-awditjar tar-rapport tar-riżultat tal-baġit u finanzjarju fuq il-bażi tar-reġistri jew fuq il-post, u, għall-istess skopijiet, id-dokumenti u d-dejta kollha maħluqa jew maħżuna fuq *data carrier*. | 1. l-Kummissjoni, l-istituzzjoniet l-oħrajn, il-korpi li jamministraw l-introjtu u n-nefqa f'isem tal-Unjoni u l-benefiċjarji finali tal-pagamenti mill-baġit għandhom jagħtu lill-Qorti tal-Awdituri l-faċilitajiet kollha u jagħtuha l-informazzjoni kollha li l-Qorti tal-Awdituri tqis li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. Huma għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Awdituri id-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-għoti u t-twettiq ta' kuntratti ffinanzjati mill-baġit u l-kontijiet kollha tal-flus u materjali, ir-reġistri kollha tal-kontijiet u dokumenti ta' prova, u wkoll id-dokumenti amministrattivi kollha relatati magħhom, id-dokumenti kollha relatati mad-dħul u l-infiq, l-inventarji kollha, l-organigrammi kollha tad-dipartimenti, li l-Qorti tal-Awdituri tħoss li jkunu meħtieġa għall-awditjar tar-rapport tar-riżultat tal-baġit u finanzjarju fuq il-bażi tar-reġistri jew fuq il-post, u, għall-istess skopijiet, id-dokumenti u d-dejta kollha maħluqa jew maħżuna fuq ***data carrier***. |

**Emenda 218**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 153 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Qorti tal-Awdituri għandha titrażmetti lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard *1 mill-15 ta' Ġunju* u lill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra msemmija fl-Artikolu 132 sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju, kull osservazzjoni li, fl-opinjoni tagħha, ikun xieraq li tidher fir-rapport annwali. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jibqgħu kunfidenzjali u huma soġġetti għal proċedura kontradittorja. Kull istituzzjoni għandha tindirizza t-tweġiba tagħha lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard ***mit-15 ta' Ottubru***. It-tweġibiet tal-istituzzjonijiet apparti milli minn dawk tal-Kummissjoni għandhom jintbgħatu lill-Kummissjoni fl-istess żmien. | 1. Il-Qorti tal-Awdituri għandha tittrażmetti lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju u lill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra msemmija fl-Artikolu 132 sa mhux aktar tard ***mill-15 ta' Ġunju***, kwalunkwe osservazzjoni li, fl-opinjoni tagħha, ikun xieraq li tidher fir-rapport annwali ***jew għandu jitqies mill-uffiċjal kontabbli kompetenti fit-tħejjija tal-kontijiet***. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jibqgħu kunfidenzjali u huma soġġetti għal proċedura kontradittorja. Kull istituzzjoni għandha tindirizza t-tweġiba tagħha lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard ***mit-30 ta' Settembru***. It-tweġibiet tal-istituzzjonijiet apparti milli minn dawk tal-Kummissjoni għandhom jintbgħatu lill-Kummissjoni fl-istess żmien. |

**Emenda 219**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 153 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| **2.** ***Wara t-tlestija tal-proċedura kontradittorja, kull istituzzjoni jew korp ikkonċernati għandhom jindirizzaw ir-risposta tagħhom lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru. It-tweġibiet tal-istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni għandhom jintbgħatu lill-Kummissjoni fl-istess żmien.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 220**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 153 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Il-Qorti tal-Awdituri għandha tittrażmetti lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn, sa mhux aktar tard ***mill-15 ta' Novembru***, ir-rapport annwali tagħha akkumpanjat mir-risposti tal-istituzzjonijiet u għandha tiżgura l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. | 5. Il-Qorti tal-Awdituri għandha tittrażmetti lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn, sa mhux aktar tard ***mill-31 ta' Ottubru***, ir-rapport annwali tagħha akkumpanjat mir-risposti tal-istituzzjonijiet u għandha tiżgura l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 221**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 155**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Artikolu 155*** <br> ***Dikjarazzjoni ta' osservazzjonijiet preliminari*** | ***imħassar*** |
| ***1. Il-Qorti tal-Awdituri għandha tittrażmetti lill-istituzzjonijiet, korpi jew Stati Membri kkonċernati d-dikjarazzjonijiet tal-osservazzjonijiet preliminari li jirriżultaw mill-awditi tagħha. Id-dikjarazzjonijiet ta' osservazzjonijiet preliminari li huma, fil-fehma tal-Qorti, tali li għandhom jidhru fir-rapport annwali għandhom jiġu trażmessi mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju tal-eżerċizzju ta' wara dak li għalih jirreferu. Id-dikjarazzjonijiet tal-osservazzjonijiet preliminari għandhom jibqgħu kunfidenzjali.*** | |
| ***2. L-istituzzjoni, korp jew Stat Membru kkonċernat għandu jkollhom xahrejn u nofs żmien sabiex fihom jinfurmaw lill-Qorti tal-Awdituri bil-kummenti li jkunu jixtiequ jagħmlu rigward id-dikjarazzjonijiet tal-osservazzjonijiet preliminari.*** | |

**Emenda 264**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 156**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' ***Mejju*** tas-sena n + 2 jagħti kwittanza ***lill-Kummissjoni*** fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena n. | 1. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' ***April*** tas-sena n + 2 jagħti kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena n***:*** <br><br> — ***lill-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(2)*** <br><br> — ***lill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 196b(1),*** <br><br> — ***lil korpi oħra responsabbli mill-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, sakemm jiġi previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni r-rekwiżit ta' kwittanza lil dawk il-korpi mill-Parlament Ewropew.*** |
| 2. Jekk id-data prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill għandu jinforma ***lill-Kummissjoni*** bir-raġunijiet għall-posponiment. | 2. Jekk id-data prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill għandu jinforma ***lill-istituzzjonijiet, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati*** bir-raġunijiet għall-posponiment. |
| 3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li jagħti kwittanza, ***il-Kummissjoni għandha tagħmel*** kull sforz sabiex ***tieħu*** miżuri, mill-aktar fis possibbli, sabiex ***tneħħi*** jew ***tiffaċilita t-tneħħija*** tal-ostakoli għal dik id-deċiżjoni. | 3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li jagħti kwittanza, ***l-istituzzjonijiet, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għandhom jagħmlu*** kull sforz sabiex ***jieħdu*** miżuri, mill-aktar fis possibbli, sabiex ***ineħħu*** jew ***jiffaċilitaw it-tneħħija*** tal-ostakoli għal dik id-deċiżjoni. |

**Emenda 265**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 157 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. ***Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti*** lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni mingħajr problemi tal-proċedura tal-kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata, f'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE. | 3. ***L-istituzzjonijiet, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għandhom jittrażmettu*** lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni mingħajr problemi tal-proċedura tal-kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata, f'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE. |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 266**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 158**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. F'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE u l-Artikolu 180b tat-Trattat Euratom, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jaġixxu fuq l-osservazzjonijiet li jakkumpamjaw id-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament Ewropew u l-kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjonijiet għall-kwittanza kif adottati mill-Kunsill. | 1. F'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE u l-Artikolu 180b tat-Trattat Euratom, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet***, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati*** l-oħrajn għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jaġixxu fuq l-osservazzjonijiet li jakkumpamjaw id-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament Ewropew u l-kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjonijiet għall-kwittanza kif adottati mill-Kunsill. |
| 2. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u fuq il-kummenti, u, partikolarment, fuq l-istruzzjonijiet mogħtija lill-dawk id-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni billi jinformawha bil-miżuri li huma jkunu ħadu sabiex jaġixxu fuq dawn l-osservazzjonijiet hekk li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu akkont tagħhom meta tħejji r-rapport tagħha. Ir-rapporti mill-istituzzjonijiet għandhom ukoll ikunu trażmessi lill-Qorti tal-Awdituri. | 2. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, l-istituzzjonijiet***, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati*** għandhom jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u fuq il-kummenti, u, partikolarment, fuq l-istruzzjonijiet mogħtija lill-dawk id-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni billi jinformawha bil-miżuri li huma jkunu ħadu sabiex jaġixxu fuq dawn l-osservazzjonijiet hekk li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu akkont tagħhom meta tħejji r-rapport tagħha. Ir-rapporti mill-istituzzjonijiet għandhom ukoll ikunu trażmessi lill-Qorti tal-Awdituri. |

**Emenda 224**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 167 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Partijiet Wieħed u Tlieta ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għan-nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni, ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/200625 dwar il-Fond ta' Koeżjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/200626 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, u fondi fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja ġestiti f'ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament, (minn hawn 'il quddiem il-'Fondi'), u d-dħul tagħhom, minbarra kif stipulat mod ieħor f'dan it-Titolu. | 1. Il-Partijiet Wieħed u Tlieta ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għan-nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni, ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/200625 dwar il-Fond ta' Koeżjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/200626 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, u fondi fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja***, inkluż il-Fondi skont "il-Programm Qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji",*** ġestiti f'ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament, (minn hawn 'il quddiem il-'Fondi'), u d-dħul tagħhom, minbarra kif stipulat mod ieħor f'dan it-Titolu. |

**Emenda 225**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 168**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Artikolu 168***<br>***Rispett tal-allokazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet għall-impenji***<br><br>***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw l-allokazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet għall-impenji stipulati fl-atti bażiċi relevanti għall-operazzjonijiet strutturali, l-iżvilupp rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd.*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 226**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 169 - paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| | 3. ***Bi qbil mar-regolamenti msemmija fl-Artikolu 167 il-ħlas lura sħiħ jew f' parti minn pagamenti akkont għal xi operazzjoni m'għandux ikollu effett li ma jnaqqasx il-kontribuzzjoni mill-Fond għall-operazzjoni kkonċernata.*** |
| | ***L-ammonti mħallsa lura għandhom jikkostitwixxu introjtu assenjat b'konformità mal-Artikolu 18(3)(c).*** |
| 3. It-trattament tar-rifużjonijiet mill-Istati Membri u l-implikazzjonijiet għall-ammont ta' kontribuzzjonijiet mill-Fondi għandhom ikunu rregolati bir-regolamenti msemmija fl-Artikolu 167. | It-trattament tar-rifużjonijiet mill-Istati Membri u l-implikazzjonijiet għall-ammont ta' kontribuzzjonijiet mill-Fondi għandhom ikunu rregolati bir-regolamenti msemmija fl-Artikolu 167. |

**Emenda 227**
**Proposta għal regolament**
**Titolu III – Kapitolu 1 – intestatura ġdida (qabel l-Artikolu 173)**

| | |
|---|---|
| | ***KAPITOLU 1***<br>***Dispożizzjonijiet ġenerali*** |

**Emenda 228**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 175 – paragrafu 2 - subparagrafu 1**

| | |
|---|---|
| 2. ***Għandhom ikunu ttrattati bħala dħul assenjat fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 18(2) l-approprjazzjonijiet*** li jirrigwardaw: | 2. ***Approprjazzjonijiet*** li jirrigwardaw: |
| (a) proċeduri ta' għotjiet u akkwisti li fihom jipparteċipa l-JRC jew; | (a) proċeduri ta' għotjiet u akkwisti li fihom jipparteċipa l-JRC jew; |
| (b) attivitajiet tal-JRC f'isem partijiet terzi jew; | (b) attivitajiet tal-JRC f'isem partijiet terzi jew; |
| (c) attivitajiet li saru taħt ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-għoti ta' servizzi tekniċi-xjentifiċi. | (c) attivitajiet li saru taħt ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-għoti ta' servizzi tekniċi-xjentifiċi. |
| | ***għandhom ikunu ttrattati bħala introjtu assenjat fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 18(2).*** |

**Emenda 279**
**Proposta għal regolament**
**Titolu III – Kapitolu 2 (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***KAPITOLU 2***<br>***Fondi u kostijiet eleġibbli*** |
| | ***Artikolu 175a***<br>***Il-kost medju tal-persunal*** |
| | ***1. Għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin biex ikunu approvati l-metodoloġiji tal-kost medju tal-persunal:*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(a) il-kost medju tal-persunal għandu jkun il-kost normali tal-prattika ta' kontabilità tal-benefiċjarju; dan jinkludi approċċi mmirati fuq l-infiq.* |
| | *(b) il-kostijiet medji tal-persunal għandhom jissejsu fuq il-kost reali tal-persunal tal-benefiċjarju kif reġistrat fil-kontijiet statutorji, jew il-kontabilità tal-ispejjeż kif meħtieġ permezz ta' regoli nazzjonali applikabbli, inkluż ammonti bbaġitjati jew stmati fejn meħtieġ;* |
| | *(c) il-metodoloġija tal-kost medju tal-persunal għandha teskludi kull punt dwar il-kost mhux eleġibbli mir-rati medji tal-persunal kif definit fir-Regolament (KE) Nru. 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Qafas u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (1) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru. 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka (2007 sal-2011) (2) u l-Ftehimiet ta' Għotjiet mudell; kostijiet mitluba taħt kategoriji oħrajn tal-kostijiet m'għandhomx jiġu inklużi;* |
| | *(d) in-numru ta' sigħat produttivi użati biex jiġu kkalkulati r-rati fis-siegħa medji għandu jikkorrispondi għall-prattika normali tal-ġestjoni tal-benefiċjarju sakemm dan ikun ibbażat fuq reġistri tal-kontabilità verifikabbli.* |
| | *2. Il-kriterji msemmija fil-Paragrafu 1 għandhom ikunu applikabbli sakemm l-aspetti l-oħrajn kollha tal-metodoloġija jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet ta' Għotjiet mudell.* |
| | *3. Il-kriterji msemmija fil-Paragrafu 1 għandhom iservu bħala r-referenza għall-kostijiet medji kollha ddebitati skont il-ftehim ta' għotja: dawk li għandhom ċertifikazzjoni ex-ante dwar il-metodoloġija u dawk li m'għandhomx ċertifikazzjoni ex-ante inklużi l-ftehimiet ta' għotja diġà ffirmati. Għalhekk, dawn il-kriterji għandhom japplikaw ukoll fil-qafas tal-awditjar ex-post magħmul mill-Kummissjoni inklużi l-ftehimiet ta' għotja diġà ffirmati.* |
| | *4. Kostijiet tal-persunal iddebitati fuq il-bażi ta' metodoloġiji konformi mal-kriterji msemmija fil-Paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala dawk li ma jvarjawx wisq mill-kostijiet reali.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *5. Fil-każ ta' approvazzjoni ex-ante tal-metodoloġija skont il-kriterji msemmija fil-Paragrafu 1, l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għat-tul ta' żmien kollu tal-Programmi Qafas sakemm ma tinbidilx il-metodoloġija mill-benefiċjarji, jew jekk is-servizzi tal-Kummissjoni jinnutaw nuqqasijiet fil-metodoloġija matul l-awditjar jew bħala riżultat ta' ineżattezzi, użu mhux xieraq jew kwalunkwe eventwalità oħra li tagħmel il-bażi li fuqha ingħatat tali approvazzjoni invalida.* |
| | *6. Il-benefiċjarji, li akkwistaw l-approvazzjoni tal-metodoloġija tal-kostijiet tal-persunal medji tagħhom taħt il-kundizzjonijiet definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 4705, huma intitolati jew li jkomplu japplikaw il-metodoloġija approvata jew inkella li jmorru lura għall-prattika normali tal-kontabilità tagħhom sakemm tkun konformi mal-kriterji adottati minn dan l-Artikolu.* |
| | *(1) ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.*<br>*(2) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1.* |
| | *Artikolu 175b* |
| | *Is-sidien tal-SMEs (impriżi ta' daqs żgħir u medju) u persuni fiżiċi* |
| | *1. Fl-għotjiet kollha għal azzjonijiet indiretti konklużi skont il-Programm Qafas, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni relatata mal-ħidma personali tagħhom stess taħt il-proġett għas-sidien tal-SMEs li ma jirċevux salarju u l-persuni fiżiċi li ma jirċevux salarju għandha tieħu l-forma ta' rata fissa.* |
| | *2. Il-valur tal-ħidma personali ta' dawk is-sidien tal-SMEs u l-persuni fiżiċi għandu jkun ibbażat fuq rata fissa li trid tiġi ddeterminata billi jiġu mmultiplikati s-sigħat maħduma fil-proġett bir-rata fis-siegħa li trid tiġi kkalkulata kif ġej:* |
| | *(a) in-numru standard ta' sigħat produttivi huwa ugwali għal 1 575;* |
| | *(b) in-numru totali ta' sigħat iddikjarati għal proġetti tal-Unjoni f'sena ma jistax ikun ogħla min-numru standard ta' sigħat produttivi għal kull sid tal-SMEs jew persuna fiżika.* |
| | *Il-valur tal-ħidma personali għandu jitqies bħala kost eleġibbli dirett tal-proġett.* |
| | *3. Din il-forma ta' finanzjament għandha wkoll tapplika għas-sidien tal-SMEs u l-persuni fiżiċi li ma jirċevux salarju skont il-ftehimiet ta' għotja tal-programmi qafas diġà ffirmati, sakemm ma jkunx diġà tressaq u aċċettat mill-Kummissjoni ċertifikat dwar il-metodoloġija għall-kostijiet tal-persunal medji għal dawn il-benefiċjarji. Fil-każ tal-aħħar, il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu li jkomplu japplikaw il-metodoloġija ċċertifikata.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 230**
**Proposta għal regolament**
**Titolu III - Kapitolu 3 (ġdid)**

***KAPITOLU 3***
***Kumitat ta' approvazzjoni għar-riċerka***

***Artikolu 175c***

***Kumitat ta' approvazzjoni għar-riċerka***

***1. Għandu jitwaqqaf kumitati ta' approvazzjoni speċjalizzat ('Kumitat ta' approvazzjoni għar-riċerka') bejn id-Direttorati Ġenerali kompetenti, għall-implimentazzjoni tal-programmi relatati, li jkollhom il-mandat lijieħdu pożizzjonijiet finali u ugwali fuq kull kwistjoni legali u finanzjarja marbuta mal-implimentazzjoni kollha taċ-ċiklu tal-proġett kif ukoll dwar kull kwistjoni oħra marbuta mal-proċess kummerċjali li minħabba fihom il-modalitajiet ta' ħidma bejn is-servizzi ma ħallewx li jintlaħaq kunsens.***

***Il-Kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka għandu jaġixxi bħala l-kumitat ta' approvazzjoni kompetenti msemmi fl-Artikolu 126b għall-kwistjonijiet kollha marbutin mal-proġetti u mal-programmi ta' riċerka, inkluż il-Programm Qafas.***

***L-ebda membru ta' kumitat ta' approvazzjoni mhu responsabbli minħabba l-applikazzjoni tal-Artikoli 70 u 71 għal deċiżjonijiet magħmula fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka.***

***2. Il-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka hu magħmul mid-Diretturi Ġenerali tad-Direttorati Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Edukazzjoni u l-Kultura, l-Intrapriża u l-Industrija, is-Soċjetà tal-Informazzjoni u Midja, il-Mobilità u t-Trasport u l-Enerġija jew minn rappreżentant wieħed għal kull Direttorat Ġenerali awtorizzat kif suppost. Għandu jiltaqa' għal mill-anqas erba' darbiet fis-sena u jista' jieħu deċiżjonijiet konsenswali bi proċedura bil-miktub.***

***3. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għal:***

***(a) il-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka għandu jkun ippresedut mid-Direttur Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;***

***(b) jekk meħtieġ, il-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka jista' jirrikjedi l-opinjoni tas-servizzi ċentrali orizzontali tal-Kummissjoni b'mod partikolari s-Servizz Legali u d-Direttorat Ġenerali għall-Baġit;***

***(c) il-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka jistgħu jistiednu lill-parteċipanti interessati jew ir-rappreżentanti tagħhom jew għal kull espert li jikkunsidra adattat biex jagħti opinjoni;***

***(d) id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'kunsens jew meta dan ma jkunx popssibbli, b'deċiżjoni ta' maġġoranza u għandhom ikunu obbligatorji għad-Direttorati Ġenerali msemmija fil-paragrafu 1;***

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(e) il-pożizzjonijiet finali u uniformi meħuda għandhom ukoll ikunu vinkolanti għall-Aġenziji Eżekuttivi li jimplimentaw partijiet mill-Programm Qafas;* |
| | *(f) settur iddedikat fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jipprovdi appoġġ segretarjali għall-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka. Id-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' approvazzjoni tar-Riċerka għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fil-forma ta' bażi tad-dejta elettronika, li tagħti kunsiderazzjoni partikolari lil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta;* |
| | *(g) il-kumitat ta' approvazzjoni għar-Riċerka għandu jadotta ir-regoli ta' proċedura tiegħu, bi qbil mal-Artikolu 126c.* |

**Emenda 231**
**Proposta għal regolament**
**Titolu IV – Kapitolu 2 – Taqsima 1 (ġdida) - intestatura (ġdida) (qabel l-Artikolu 177)**

| | |
|---|---|
| | *Taqsima 1*<br>*Dispożizzjonijiet ġenerali* |

**Emenda 232**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 177 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 177a*<br>*Użu tal-appoġġ tal-baġit* |
| | *1. Fejn previst fl-atti bażiċi relevanti, il-Kummissjoni tista' tuża s-sostenn tal-Baġit Ġenerali f'pajjiż terz jekk il-mod li bih il-pajjiż sieħeb iġestixxi l-infiq pubbliku jkun trasparenti, affidabbli u effettiv biżżejjed.* |
| | *2. Il-Kummissjoni, fil-ftehimiet finanzjarji korrispondenti konklużi skont l-Artikolu 176(2)(b), għandha tinkludi d-dispożizzjonijiet adegwati li skonthom il-pajjiż benefiċjarju kkonċernat jieħu l-impenn li jirrimborża immedjatament l-ammont totali jew parzjali tal-finanzjament rilevanti tal-operazzjoni, f'każ li jiġi stabbilit li l-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni kkonċernati tkun inkludiet irregolaritajiet serji.* |
| | *Għall-ipproċessar tar-rimborż imsemmi fl-ewwel subparagrafu, jista' jiġi applikat l-Artikolu 77(1) rigward l-irkupru permezz tal-ibbilanċjar.* |
| | *3. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari u tal-kapaċitajiet ta' verifika u żżid it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 233**
**Proposta għal regolament**
**Titolu IV – Kapitolu 2 – Taqsima 2 (ġdida) - intestatura (ġdida) (qabel l-Artikolu 178)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Taqsima 2*** <br> ***Fondi fiduċjari b'aktar minn donatur wieħed*** |

**Emenda 234**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 178 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni u d-donaturi għandhom jiddaħħlu f'kont tal-bank speċifiku. Dawn il-kontribuzzjonijiet mhumiex integrati fil-baġit u huma ġestiti mill-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega. ***L-entitajiet u persuni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 55(1) jistgħu jiġu fdati bil-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit f'konformità mar-regoli relevanti tal-ġestjoni indiretta.*** | Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni u d-donaturi għandhom jiddaħħlu f'kont tal-bank speċifiku. Dawn il-kontribuzzjonijiet mhumiex integrati fil-baġit u huma ġestiti mill-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega. ***Japplika l-Artikolu 55(3).*** |

**Emenda 235**
**Proposta għal regolament**
**Titolu IV – Kapitolu 2 – Taqsima 3 (ġdida) - intestatura (ġdida) (qabel l-Artikolu 179)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Taqsima 3*** <br> ***Modi ta' ġestjoni oħrajn*** |

**Emenda 236**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 195 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. L-istituzzjonijiet għandhom jinfurmaw lill-awtorità tal-baġit malajr kemm jista' jkun b'kull proġett ta' bini li aktarx li jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikati fuq il-baġit. | 3. L-istituzzjonijiet ***u l-entitajiet skont l-Artikolu 196b*** għandhom jinfurmaw lill-awtorità tal-baġit malajr kemm jista' jkun b'kull proġett ta' bini li aktarx li jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikati fuq il-baġit. |
| ***Jekk waħda mill-fergħat tal-awtorità*** tal-baġit ***jkollha l-intenzjoni li toħroġ opinjoni, hija għandha fi żmien erba' ġimgħat mill-wasla tal-informazzjoni dwar il-proġett ta' bini tinnotifika lill-istituzzjoni kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li toħroġ tali opinjoni. Jekk ma jkunx hemm tweġiba, l-istituzzjoni kkonċernata tista' tipproċedi bl-operazzjoni ppjanata taħt l-awtonomija amministrattiva li tgawdi, soġġetta għall-Artikolu 335 tat-TFUE u l-Artikolu 185 tat-Trattat Euratom fir-rigward tar-rappreżentanza tal-Unjoni.*** | ***B'mod partikolari għandhom jinfurmaw lill-awtorità*** tal-baġit ***b'rabta ma':*** |
| ***Dik l-opinjoni għandha tintbagħat lill-istituzzjoni konċernata fi żmien ġimagħtejn minn tali notifikazzjoni.*** | ***(a) proġetti ta' kostruzzjoni u rinnovament, qabel ma ssir sejħa għall-offerti, dwar l-arranġamenti speċifiċi tal-ippjanar u, wara li tkun saret is-sejħa għall-offerti u qabel ma jiġu konklużi l-kuntratti, dwar l-aspetti kollha li għandhom impatt fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet u fuq l-iffinanzjar tal-proġetti, kif ukoll, wara li jitlestew ix-xogħlijiet, dwar kemm ix-xogħlijiet ġew eżegwiti kif ippjanat u fir-rispett tal-baġit allokat;*** |

L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(b) kuntratti oħra tal-bini, qabel ma ssir sejħa għall-offerti jew qabel ma jsir studju tas-suq lokali, dwar l-erja tal-bini speċifika meħtieġa u, qabel ma jiġu konklużi l-kuntratti, dwar l-aspetti kollha b'impatt fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar l-iffinanzjar tal-proġett, kif ukoll, wara li jitlestew ix-xogħlijiet, dwar ir-rispett tal-baġit allokat u l-implimentazzjoni tal-proġett.* |
| | *Meta dan ikun xieraq, l-istituzzjonijiet u l-korpi jistgħu jipprovdu informazzjoni fid-dokument ta' ħidma dwar il-politika tal-bini msemmi fl-Artikolu 34(4a).* |
| | *L-approvazzjoni tal-awtorità baġitarja għandha tinkiseb qabel ma jiġu konklużi l-kuntratti. L-awtorità baġitarja għandha tieħu deċiżjoni dwar l-għoti ta' approvazzjoni fi żmien tmien ġimgħat wara li tkun irċeviet l-applikazzjoni u l-informazzjoni kollha b'impatt fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet.* |
| *L-istituzzjonijiet għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-awtorità baġitarja għall-akkwist ta' assi ta' proprjetà immobiljari jew kull proġett ieħor ta' bini, iffinanzjati permezz ta' self.* | |

**Emenda 237**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 195 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *3a. Proġett tal-bini li aktarx li jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikati fuq il-budget huma:* |
| | *(i) l-akkwist, il-bejgħ, ir-rinnovazzjoni jew il-kostruzzjoni ta' bini li jiswa' iktar minn EUR 2 miljuni, jew l-estensjoni tal-kuntratti eżistenti tal-bini ta' iktar minn EUR 2 miljuni fis-sena,* |
| | *(ii) kull akkwist ta' art,* |
| | *(iii) kull kuntratt ġdid ta' bini (inkluż l-użufrutt u t-twellija fuq żmien twil) għal proprjetà ġdida bi spiża annwali ta' mill-inqas EUR 500 000,* |
| | *(iv) kull proġett ta' bini ta' natura interistituzzjonali.* |

**Emenda 238**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 195 – paragrafu 3 b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *3b. Il-finanzjament ta' proġett jista' jsir minn fondi tal-baġit jew, b'deroga mill-Artikolu 14, bl-approvazzjoni tal-awtorità tal-baġit, permezz ta' self. Is-self għandu jitħallas lura fi żmien perjodu adegwat.* |
| | *Il-pjan ta' finanzjament li għandu jiġi sottomess flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-istituzzjoni kkonċernata għandu jispeċifika, b'mod partikolari, il-livell massimu tal-iffinanzjar, il-perjodu ta' ffinanzjar u t-tip ta' ffinanzjar.* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 239**
**Proposta għal regolament**
**Titolu VII a (ġdid)**

*TITOLU VIIa*
*AĠENZIJI, KORPI u SĦUBIJIET PUBBLIĊI-PRIVATI*

**Emenda 240**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 196 a (ġdid)**

*Artikolu 196a*
*Tipi ta' sħubijiet pubbliċi-privati*

*Għandhom jiġu stabbiliti t-tipi ta' sħubijiet pubbliċi-privati:*

*(a) korpi imwaqqfa skont it-TFUE u t-trattat tal-Euratom u li diġà għandhom personalità legali u jirċievu kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-baġit b'konformità mal-Artikolu 196b;*

*(b) korpi b'personalità legali mwaqqfa b'att bażiku definit mill-istatut tagħhom kif ukoll mill-ambitu u n-natura tal-operazzjonijiet tagħhom u li ġew fdati bl-implimentazzjoni tas-sħubijiet pubbliċi-privati bi qbil mal-Artikoli 196b u 196c, fejn dan joħloq valur miżjud Ewropew u fejn l-intervent permezz ta' fondi pubbliċi hu ġustifikat.*

**Emenda 241**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 196 b (ġdid)**

*Artikolu 196b*
*Regolament finanzjarju ta' qafas għall-aġenziji, korpi u sħubijiet pubbliċi-privati stabbiliti taħt id-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-TFUE u t-Trattat tal-Euratom*

*1. Għandu jiġi adottat regolament finanzjarju ta' qafas, wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Awdituri permezz ta' regolament iddelegat b'konformità mal-Artikoli 202, 203 u 204 ta' dan ir-Regolament għall-korpi li jitwaqqfu taħt dispożizzjonijiet speċifiċi tat-TFUE u t-Trattat tal-Euratom u li għandhom personalità legali.*

*Dan ir-regolament finanzjarju ta' qafas se jkun ibbażat fuq il-prinċipji u r-regoli pprovduti skont dan ir-Regolament.*

*Ir-regoli finanzjarji ta' dawn l-entitajiet ma jistgħux jiġu derogati mir-regolament finanzjarju ta' qafas għajr meta l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jirrikjedu dan. Dawn id-derogi ma jistgħux jirrigwardaw il-prinċipji baġitarji msemmija fit-Titolu II tal-Ewwel Parti, il-prinċipju tal-ugwaljanza tat-Trattament tal-operaturi, jew dispożizzjonijiet speċifiċi stipulati fl-atti bażiċi li joħolqu dawn il-korpi. Fejn ir-regoli finanzjarji ta' dawn il-PPP jidderogaw mir-regolament finanzjarju ta' qafas, il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata b'dawn id-derogi u l-ġustifikazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li toġġezzjona għal dawn id-derogi fi żmien sitt ġimgħat wara n-notifika.*

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Ir-regoli ta' dawn il-korpi jistgħu jidderogaw mir-Regolament tal-Persunal* |
| | *1a. Id-derogi u r-raġunijiet speċifiċi għal dawn id-derogi għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dokument ta' ħidma annwali u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru f'dokument ta' ħidma. Id-dokument ta' ħidma għandu wkoll jelenka l-progress fit-twettiq tal-għan li għalih twaqqfu l-korpi individwali, u r-relevanza tad-derogi msemmija aktar kmieni għall-progress miksub; l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(2b); u t-twettiq tal-miri speċifiċi definiti minn qabel għas-sena li għalih il-kwittanza tirreferi. Fejn il-miri ma jkunux intlaħqu, il-ġestjoni tal-entità għandha tfassal raġunijiet speċifiċi għal dan u għandha tipproponi azzjoni ta' rimedju li tista' tinkludi wkoll talba raġunata għal żieda temporanja f'allokazzjonijiet amministrattivi għal mhux aktar minn sena sussegwenti.* |
| | *Id-dokument ta' ħidma għandu wkoll jippreżenta l-istruttura ta' governanza tal-entitajiet kollha skont dan l-Artikolu inkluż deskrizzjoni komprensiva tad-daqs tal-istrutturi ta' governanza individwali fir-rigward tal-persunal rispettiv.* |
| | *2. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-korpi riferuti fil-paragrafu 1, għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew għandu jkun intitolat li jistieden il-ġestjoni tagħhom fil-proċess ta' kwittanza, b'mod partikolari fejn il-miri deskritti fil-paragrafu 1a ma jintlaħqux għal sentejn konsekuttivi, fejn iqis xieraq.* |
| | *3. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 bħal ma jagħmel fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.* |
| | *4. Kull aġenzija għandha taħtar b'kuntratt, wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Awdituri, Awditur indipendenti li jkollu l-missjoni li jivverifika l-konformità tal-kontijiet tal-entità mal-Artikolu 134 u biex iwettqu analiżi, taħt id-direzzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, tal-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq ta' dan il-korp. Il-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina r-rapport imħejji minn dan l-awditur indipendenti u flimkien mat-twettiq ta' kull proċedura oħra li tqis meħtieġa, tista' tafda fuq ir-rapport tal-awditur indipendenti fit-tiswir tal-opinjoni tagħha.* |

**Emenda 242**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 196 c (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 196c*<br>*Regolament Finanzjarju mudell għal korpi ta' shubija pubblika-privata mhux ibbażat fuq dispożizzjonijiet speċifiċi tat-TFUE* |
| | *1. Il-korpi li għandhom personalità legali u li huma stabbiliti b'att bażiku b'applikazzjoni tal-Artikolu 288 u 289 TFUE u fdati bl-implimentazzjoni ta' shubija pubblika-privata* |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***għandhom jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom li jkopru l-ħolqien, l-implimentazzjoni, il-kontabilità u l-kwittanza tal-baġit tal-PPP.*** |
| | ***2. Dawn ir-regoli jinkludu sett ta' prinċipji neċessarji sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanjzarja tajba tal-fondi tal-Unjoni, u għandhom ikunu bbażati fuq l-Artikolu55 u 57 u regolament finanzjarju mudell adottat mill-Kummissjoni permezz ta' regolament delegat f'konformità mal-Artikoli 202, 203 u 204 wara konsultazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri.*** |
| | ***Fejn ir-regoli finanzjarji ta' dawn il-PPP jidderogaw mir-regolament finanzjarju ta' qafas, il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata b'dawn id-derogi u l-ġustifikazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li toġġezzjona għal dawn id-derogi fi żmien sitt ġimgħat wara n-notifika.*** |
| | ***Ir-regoli ta' dawn il-korpi jistgħu jidderogaw mir-Regolamenti tal-Persunal sakemm l-atti li jistabilixxu dawn l-entitajiet skont l-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma jipprevjenux l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal.*** |
| | ***3. Id-derogi u r-raġunijiet speċifiċi għal dawn id-derogi għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dokument ta' ħidma annwali u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru. Id-dokument ta' ħidma għandu wkoll jelenka l-progress fit-twettiq tal-għan li għalih twaqqfu l-korpi individwali, u r-relevanza tad-derogi msemmija aktar kmieni għall-progress miksub; l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(2b); u t-twettiq tal-miri speċifiċi definiti minn qabel għas-sena li għalih il-kwittanza tirreferi. Fejn il-miri ma jkunux intlaħqu, il-ġestjoni tal-korp għandha tfassal raġunijiet speċifiċi għal dan u għandha tipproponi azzjoni ta' rimedju li tista' tinkludi wkoll talba raġunata għal żieda temporanja f'allokazzjonijiet amministrattivi għal mhux aktar minn sena sussegwenti. Id-dokument ta' ħidma għandu wkoll jippreżenta l-istruttura ta' governanza tal-entitajiet kollha skont dan l-Artikolu inkluż deskrizzjoni komprensiva tad-daqs tal-istrutturi ta' governanza individwali fir-rigward tal-persunal rispettiv.*** |
| | ***4. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-korpi riferuti fil-paragrafu 1, għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.*** |
| | ***5. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 bħal ma jagħmel fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.*** |

**Emenda 243**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 199**

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament delegat ***dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*** f'konformità mal-Artikoli 202, 203 u 204. ***Ir-Regolament delegat għandu jinkludi wkoll regoli dwar l-implimentazzjoni ta' nfiq amministrattiv li jirrigwarda l-approprjazzjonijiet provduti fil-baġit għall-Aġenzija tal-Forniment tal-Euratom.*** | Il-Kummissjoni għandha ***tingħata s-setgħa li*** tadotta Regolament delegat f'konformità mal-Artikoli 202, 203 u 204 ***li jikkonċernaw r-regoli dettaljati li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-Artikoli li ġejjin: 5, 8, 9, 16, 18, 19, 20, 22, 23, 25, 26, 27, 30, 31, 34, 38, 41, 46, 50, 51, 55, 56, 57, 58, 61, 63, 65, 66, 67, 69, 70, 71, 72,*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *75, 76, 77, 77b, 78, 80, 81, 82, 83, 84, 85, 86, 87, 89, 90, 92, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 100, 101, 102, 103, 104, 105, 106, 107, 108, 109, 110, 111, 112, 113, 114, 115, 116, 117, 117a, 118, 119, 120, 122, 123, 124, 125, 126, 126a, 126c, 127, 133, 135, 136, 137, 139, 142, 145, 147, 148, 173, 175, 176, 178, 179, 180, 181, 182, 183, 184, 187, 188, 191, 193, 195, 196, 197.* |
| | ***Anness ma' dan ir-Regolament jelenka l-objettivi, il-kontenut u l-ambitu tad-delegazzjoni b'referenza għall-Artikoli msemmija aktar qabel.*** |
| | ***Ir-Regolament delegat għandu jinkludi wkoll regoli dwar l-implimentazzjoni ta' nfiq amministrattiv li jirrigwarda l-approprjazzjonijiet provduti fil-baġit għall-Aġenzija tal-Forniment tal-Euratom.*** |

**Emenda 244**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 200**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 200*<br>***Regolament finanzjarju ta' qafas għall-aġenziji u l-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat tal-Euratom*** | ***imħassar*** |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tadotta regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi li jitwaqqfu taħt it-TFUE u t-Trattat tal-Euratom u li għandhom personalità legali u jirċievu kontribuzzjonijiet li jitħallsu mill-baġit permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikoli 202, 203 u 204 ta' dan ir-Regolament.*** | |
| ***Dan ir-regolament finanzjarju ta' qafas se jkun ibbażat fuq il-prinċipji u r-regoli pprovduti skont dan ir-Regolament.*** | |
| ***Ir-regoli finanzjarji ta' dawn il-korpi ma jistgħux imorru lil hinn mir-regolament finanzjarju ta' qafas għajr meta l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jirrikjedu dan u bil-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni. Dawn id-derogi ma jistgħux jirrigwardaw il-prinċipji baġitarji msemmija fit-Titolu II tal-Ewwel Parti, il-prinċipju tal-ugwaljanza tat-Trattament tal-operaturi, jew dispożizzjonijiet speċifiċi stipulati fl-atti bażiċi li joħolqu dawn il-korpi.*** | |
| ***2. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-korpi riferuti fil-paragrafu 1, għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.*** | |
| ***3. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 bħal ma jagħmel fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.*** | |
| ***4. Jekk ma jkunx stipulat mod ieħor fl-att bażiku li joħloq korp imsemmi fil-paragrafu 1, il-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina l-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq ta' dan il-korp qabel mal-kontijiet tiegħu jiġu kkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni. Dan l-eżami għandu jkun ibbażat fuq ir-rapport tal-verifika stabbilit minn awditur estern indipendenti indikat mill-korp u li l-missjoni tiegħu hija li jivverifika l-konformità tal-kontijiet ta' dak il-korp mal-Artikolu 134 ta' dan ir-Regolament.*** | |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

**Emenda 245**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 201**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Artikolu 201<br>***Regolament Finanzjarju mudell għal korpi ta' sħubija pubblika-privata***<br><br>***Il-korpi li għandhom personalità legali u li huma stabbiliti b'att bażiku u fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata skont l-Artikolu 55(1) punt (2) (e) għandhom jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom.***<br>***Dawn ir-regoli jinkludu sett ta' prinċipji neċessarji sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanjzarja tajba tal-fondi tal-Unjoni, u għandhom ikunu bbażati fuq l-Artikolu 57 u regolament finanzjarju mudell adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikoli 202, 203 u 204.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 246**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 202, paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat, għal perjodu ta' żmien mhux determinat, li tadotta ***l-atti*** delegati msemmija fl-Artikoli 199, ***200 u 201***. | 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat, għal perjodu ta' żmien mhux determinat, li tadotta ***regolamenti*** delegati msemmija fl-Artikoli (*) ***196b, 196c u*** 199, ***soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 203 u 204***.<br>__________<br>*(*) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.* |

**Emenda 247**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 202, paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***Hekk kif*** tadotta ***dan l-att*** delegat, il-Kummissjoni għandha ***tinnotifika dan simultanjament*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 2. ***Malli*** tadotta ***regolament*** delegat, il-Kummissjoni għandha ***tinnotifikah fl-istess ħin*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet adegwati matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż mal-Parlament Ewropew u fil-livell tal-esperti, u għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 248**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 202, paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. ***Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati jingħataw lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 203 u 204.*** | 3. ***Kullll meta dan ir-Regolament jkun soġġett għal rieżami, il-Kummissjoni għandha tressaq regolament delegat rivedut.*** |

**Emenda 249**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 203, Titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Revoka tad-delega | Revoka tad-delega *u tħassir tar-regolament* **delegat** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 250**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 203 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Id-delega tal-poteri msemmija ***fl-Artikolu*** 199 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. | 1. Id-delega tas-setgħat imsemmija ***fl-Artikoli 196b, 196c u*** 199 tista' tiġi revokata ***kollha kemm hi jew parti minnha*** fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. ***Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu, barra minn hekk, jirrevokaw totalment jew parzjalment ir-regolamenti delegati li ġew adottati skont is-setgħat delegati revokati taħt is-sentenza preċedenti.*** |

**Emenda 251**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 203 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega ta' poter għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika l-poteri delegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka. | 2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega ta' poter ***u jekk tħassarx parzjalment jew totalment ir-regolament delegat,*** għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika l-poteri delegati ***u, fejn applikablli, ir-regolament delegat jew il-parti tiegħu*** li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka ***jew tħassir*** u r-raġunijiet possibbli għar-revoka ***jew it-tħassir***. |

**Emenda 252**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 203 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard li tiġi speċifikata fiha. ***Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.*** Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.* | 3. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. ***Barra minn hekk, id-deċiżjoni tista' wkoll ittemm il-validità tar-regolament delegat fis-seħħ jew ta' partijiet minnu.*** Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard li tiġi speċifikata fiha. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.* |

**Emenda 253**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 203 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3a. Fi żmien raġonevoli wara li tittieħed deċiżjoni dwar ir-revoka jew parti mid-delega ta' poter u, fejn applikabbli, it-tħassir parzjal jew totali ta' regolament delegat, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament u/jew regolament delegat rivedut.*** |

**Emenda 254**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 204 – Titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Oġġezzjoni ***għall-atti delegati*** | Oġġezzjoni ***għal regolament delegat*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 255**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 204 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw ***għall-att iddelegat fi żmien xahrejn*** mid-data tan-notifika. | 1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw ***għall-regolament delegat propost mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 196b, 196c u 199 f'perjodu ta' tliet xhur*** mid-data tan-notifika. |

**Emenda 256**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 204 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Jekk, meta jiskadi dan il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw *għall-regolament* delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih. | 2. Jekk, meta jiskadi dan il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw ***għar-regolament*** delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih. |

**Emenda 257**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 204 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw ***għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att iddelegat.".*** | 3. Jekk ***jew*** il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw ***għar-regolament delegat u jipproponu emendi għalih fi żmien il-perjodu indikat fl-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu nota tal-emendi u tista' tadotta regolament delegat rivedut. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal regolament delegat rivedut bi qbil ma' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 258**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 204 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***3a. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu f'kull ħin jirrikjedu lill-Kummissjoni tressaq regolament delegat rivedut parzjalment jew totalment. Għandhom jinformaw lil xulxin dwar l-intenzjoni tagħhom dwar din it-talba, malajr kemm jista' jkun.*** |

**Emenda 259**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 205**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Analiżi*** | ***Rieżami*** |
| Dan ir-Regolament għandu ***jiġi revedut*** kull meta jkun neċessarju li jsir dan, f'konformità mal-proċedura stabbilita permezz tal-Artikolu 322 tat-TFUE u l-Artikolu 183 tat-Trattat tal-Euratom. | Dan ir-Regolament għandu ***jkun soġġett għal rieżami*** kull ***tliet snin jew kull*** meta jkun neċessarju li jsir dan, f'konformità mal-proċedura stabbilita permezz tal-Artikolu 322***(1)*** tat-TFUE u l-Artikolu 183 tat-Trattat tal-Euratom. |
| | ***Il-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu aġġustati għar-rata ta' inflazzjoni permezz ta' regolament delegat imsemmi fl-Artikolu 199 bi qbil mal-Artikoli 202, 203 u 204.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 260**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 208**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. | **1.** Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. |
| Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012. | **2.** Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012. |
| L-Artikolu 56 għandu japplika biss ***għall-impenji magħmula sal-1 ta' Jannar 2014 ta' fondi msemmija fl-Artikolu 167***. | **3.** L-Artikolu 56 għandu japplika biss ***sa mill-1 ta' Jannar 2014 saż-żmien meta l-Artikolu 53b tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jibqa fis-seħħ***. |
| | ***Madankollu, l-Istati Membru jistgħu diġà japplikaw l-Artikolu 56(2) sa mill-1 ta' Jannar 2012.*** |
| | ***Fejn l-Istati Membri jistipulaw dikjarazzjoni nazzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 56(6b), is-sottoparagrafu finali tal-Artikolu 56(6b) għandu japplika wkoll sa mill-1 ta' Jannar 2012.*** |
| | ***Il-funzjonijiet tal-korpi eżistenti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]), m'għandhomx jiġu effetwati mill-akkreditazzjoni ta' dawn il-korpi. Il-korpi akkreditati għandhom ikunu kompetenti biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom sa mill-1 ta' Jannar 2014.*** |
| | ***4. L-Artikolu 5(4) għandu jkollu effett immedjat sa mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***Fejn il-benefiċjarji jkunu applikaw l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 mingħajr ma jagħmlu użu minn kont bankarju li jgħaddi l-imgħax fuqu, dan ma għandux jitqies bħala żball jew irregolarità.*** |

*([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.*

**Emenda 261**
**Proposta għal regolament**
**Anness (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Anness dwar ir-Regolament delegat skont l-Artikolu 199 ta' dan ir-Regolament*** |
| | ***Artikolu 5***<br>***Ir-regolament delegat jista' jiddeffinixxi r-regoli dwar il-kontabilità ta' interessi miksuba minn pre-finanzjament.*** |
| | ***Artikolu 8***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-approprjazzjonijiet għal sena finanzjarja partikolari.*** |
| | ***Artikolu 9***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati għat-tħassir u t-trasferiment 'il quddiem ta' approprjazzjonijiet.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 16***<br>***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw r-rata ta' konverżjoni bejn l-euro u valuti oħrajn.*** |
| | ***Artikolu 18***<br>***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi wkoll l-istruttura biex jakkomoda dħul assenjat estern u intern u l-provvizjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u t-tfassil ta' regoli għall-kontribuzzjoni mill-Istati Membri għal programmi ta' riċerka. Barra minn hekk, ir-regolament delegat jista' jikkomplimenta dan ir-Regolament fir-rigward ta' qligħ minn sanzjonijiet imposti fuq l-Istati Membri li jkunu dikjarati li għandhom defiċit eċċessiv, u fir-rigward tad-dħul assenjat li ġej mill-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA f'ċerti programmi tal-Unjoni.*** |
| | ***Artikolu 19***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar l-aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet magħmulin lill-Unjoni.*** |
| | ***Artikolu 20***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kontijiet għal taxxi li jistgħu jiġu rkupratii.*** |
| | ***Artikolu 22***<br>***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kalkolu ta' persentaġġi ta' trasferimenti minn istituzzjonijiet barra mill-Kummissjoni u r-raġunijiet għat-talbiet ta' trasferiment.*** |
| | ***Artikolu 23***<br>***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kalkolu ta' persentaġġi ta' trasferimenti interni mill-Kummissjoni u r-raġunijiet għat-talbiet ta' trasferiment.*** |
| | ***Artikolu 25***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw it-talbiet għat-trasferiment mir-riżervi ta' għajnuna ta' emerġenza.*** |
| | ***Artikolu 26***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-evalwazzjonijiet ta' nofs iż-żmien ex ante u ex post.*** |
| | ***Artikolu 27***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-istqarrija finanzjarja.*** |
| | ***Artikolu 30***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-pubblikazzjoni provviżorja tal-baġit.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 31***<br>***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fuq ir-riċevituri ta' fondi allokati f'ġestjoni indiretta.*** |
| | ***Artikolu 34***<br>***Ir-regolament delegat jista' jiddefinixxi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-ipprogrammar finanzjarju.*** |
| | ***Artikolu 38***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-abbozz ta' baġits ta' emenda.*** |
| | ***Artikolu 41***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-baġit.*** |
| | ***Artikolu 46***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-preżentazzjoni tal-baġit, inkluż id-definizzjoni tal-ispiża reali tul l-aħħar sena finanzjarja li tagħha jkunu ngħalqu l-kontijiet, ir-rimarki tal-baġit u l-ħolqien ta' pjan.*** |
| | ***Artikolu 50***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-baġit skont ġestjoni finanzjarja soda, u informazzjoni dwar it-trasferimenti ta' data personali għal skopijiet ta' verifika.*** |
| | ***Artikolu 51***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-att bażiku u l-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 51.*** |
| | ***Artikolu 55***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit, inkluż il-ġestjoni ċentralizzata diretta, l-eżerċizzju ta' setgħat delegati lill-aġenziji eżekuttivi, dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni indiretta mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-assenjazzjoni ta' entitajiet jew korpi legali pubbliċi governati minn liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku.*** |
| | ***Artikolu 56***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri inkluż regoli speċifiċi għas-settur li jiggovernaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-pagamenti tal-Istati Membri jistgħu jiġu sospiżi, il-kompilazzjoni ta' reġistru ta' korpi responsabbli għall-ġestjoni, attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u verifika skont regolamenti speċifiċi għas-settur, miżuri li jippromwovu l-aħjar prattika u l-ħolqien ta' proċeduri ta' tħassir ta' kont.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

***Artikolu 57***
***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-ġestjoni indiretta tal-entitajiet u persuni barra minn Stati Membri, inkluż il-kontenut tal-ftehim li jafda d-dmirijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit, il-ħolqien ta' kondizzjonijiet f'ġestjoni indiretta fejn is-sistemi, regoli u proċeduri tal-Kummissjoni huma ekwivalenti ma' dawk tal-entitajiet u tal-persuni lil hinn mill-Istati Membri, id-dikjarazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-ġestjoni, u l-ħolqien ta' proċeduri ta' tħassir tal-kont.***

***Artikolu 58***
***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati rigward il-verifiki ex ante tar-regoli u l-proċeduri taħt ġestjoni indiretta.***

***Artikolu 61***
***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi tal-atturi finanzjarji.***

***Artikolu 63***
***Ir-regolament delegat jista' jinkludi dettalji li jikkonċernaw kontrolli ex-post u ex-ante, iż-żamma ta' dokumenti ta' appoġġ, kodiċi ta' standards professjonali, in-nuqqas ta' azzjoni mill-uffiċjal awtorizzanti, it-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità u r-rapporti dwar proċeduri negozjati.***

***Artikolu 65***
***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw is-setgħat u d-dmirijiet tal-uffiċjal tal-kontabilità, inkluż il-ħatra tiegħu/tagħha u t-temma tad-doveri, l-opinjoni dwar is-sistemi ta' kontabilità u tal-inventarju, ġestjoni tal-kontijiet tat-teżor jew bankarji, firem fuq il-kontijiet, ġestjoni ta' bilanċi tal-kontijiet, operazzjonijiet ta' trasferiment u konverżjoni, metodi ta' ħlas, fajls dwar l-identità legali u ż-żamma ta' dokumenti ta' appoġġ.***

***Artikolu 66***
***Ir-regolament delegat jista' jistipula regoli dettaljati li jikkonċernaw lill-persuni li għandhom is-setgħa li jamministraw il-kontijiet f'unità lokali.***

***Artikolu 67***
***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' kontijiet imprest u jirregola wkoll l-azzjonijiet esterni, inkluż ir-regoli rigward l-għażla ta' amministraturi tal-imprest, l-għoti ta' kontijiet imprest u kontrolli magħmulin mill-uffiċjali awtorizzanti u tal-kontabilità.***

***Artikolu 69***
***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli li jikkonċernaw ir-responsabilità tal-uffiċjal awtorizzanti, l-uffiċjal tal-kontabilità u l-amministratur imprest f'każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni.***

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 70*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jistipula regoli dettaljati applikabbli b'delega għall-uffiċjal awtorizzanti, inkluż il-konferma ta' istruzzjonijiet u r-rwol tal-Bord għall-Irregolaritajiet Finanzjarji.*** |
| | ***Artikolu 71*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-responsabilità tal-uffiċċjali tal-kontabilità f'każ ta' forom oħra ta' kondotta ħażina.*** |
| | ***Artikolu 72*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-responsabilità tal-uffiċċjali imprest f'każ ta' forom oħra ta' kondotta ħażina.*** |
| | ***Artikolu 75*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-istimii ta' ammonti li jistgħu jinkisbu u l-ħolqien ta' ammonti li jistgħu jinkisbu, inkluż il-proċedura u d-dokumenti annessi, u l-interessi meta ma jsirx ħlas.*** |
| | ***Artikolu 76*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati rigward il-ħolqien ta' ordni ta' rkupru.*** |
| | ***Artikolu 77*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati fuq il-mod ta' rkupru, inkluż rkupru permezz ta' kumpens, proċedura ta' rkupru fin-nuqqas ta' ħlas volontarju, żmien ta' ħlas addizzjonali, rkupru ta' multi u pieni oħrajn, it-tħassir tal-irkupru u l-kanċellazzjoni tal-ammont stabbilit li kellu jitħallas.*** |
| | ***Artikolu 77b*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kriterji u proċeduri għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni.*** |
| | ***Artikolu 78*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-perjodu ta' limitazzjoni.*** |
| | ***Artikolu 80*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jistabilixxi regoli rigward l-ammonti mħallsa permezz ta' multi, pieni u interessi akkumulati.*** |
| | ***Artikolu 81*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw id-deċiżjoni ta' finanzjament.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 82*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati rigward it-tipi ta' impenn, l-adozzjoni ta' impenji globali, firma unika, u n-nefqa amministrattiva kopruta minn impenji provviżorji.*** |
| | *Artikolu 83*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar l-impenn baġitarju u legali inkluż ir-reġistrazzjoni tal-impenji individwali.*** |
| | *Artikolu 84*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-verifiki applikabbli għall-impenji differenti.*** |
| | *Artikolu 85*<br>***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi regoli dettaljati li jikonċernaw il-validazzjoni tan-nefqa, inkluż pagament għal infiq tal-persunal u għall-pagamenti interim u tal-bilanċ ta' akkwist u għotja, iċċertifikati bħala korretti għall-pagamenti ta' prefinanzjament u interim, u forom materjali ta' "mgħoddi għal ħlas" u "iċċertifikat korrett".*** |
| | *Artikolu 86*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar l-awtorizzazzjoni tan-nefqa, inkluż il-ħolqien ta' dettalji obbligatorji dwar l-ordni ta' pagament u l-kontrolli mill-uffiċjal awtorizzanti tal-ordnijiet ta' pagament.*** |
| | *Artikolu 87*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw it-tipi ta' pagamenti u dokumenti ta' prova.*** |
| | *Artikolu 89*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-limiti ta' żmien għall-ħlas.*** |
| | *Artikolu 90*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar il-ġestjoni elettronika tal-operazzjonijiet.*** |
| | *Artikolu 92*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-ħatra ta' awditur intern.*** |
| | *Artikolu 93*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw is-setgħat u d-doveri tal-awditur intern.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 94*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-indipendenza u r-responsabilità tal-awditur intern.*** |
| | ***Artikolu 95*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kuntratti differenti relatati mal-proċedura ta' akkwist, inkluż il-kuntratti qafas u kuntratti speċifiċi.*** |
| | ***Artikolu 97*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-rekwiżiti għar-reklamar ta' kuntratti u l-pubblikazzjoni ta' avviżi.*** |
| | ***Artikolu 98*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw it-tipi ta' proċeduri ta' akkwist, u akkwist konġunt flimkien mal-Istati Membri u kuntratti b'valur baxx.*** |
| | ***Artikolu 99*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kontenut ta' dokumenti ta' offerta, inkluż il-possibilità u l-kondizzjonijiet għal reviżjoni tal-prezz u tal-ispeċifiċitajiet tekniċi.*** |
| | ***Artikolu 100*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-kriterji ta' esklużjoni applikabbli għall-parteċipazzjoni fl-offerti. Jista' jistabbilixxi liema evidenza tista' tintalab bħala prova li ma teżistix sitwazzjoni ta' esklużjoni. Barra minn hekk, f'każ ta' sitwazzjoni ta' esklużjoni għandha tistabilixxi t-tul tal-esklużjoni.*** |
| | ***Artikolu 101*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-kriterji ta' esklużjoni applikabbli għall-parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist. Jista' jistabbilixxi liema evidenza tista' tintalab bħala prova li ma teżistix sitwazzjoni ta' esklużjoni. Barra minn hekk, f'każ ta' sitwazzjoni ta' esklużjoni għandha tistabilixxi t-tul tal-esklużjoni.*** |
| | ***Artikolu 102*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-bażi ta' data ċentrali ta' esklużjoni.*** |
| | ***Artikolu 103*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw pieni amministrattivi u finanzjarji differenti għal dawk li joħorġu l-offerta jew għall-kandidati li jkunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz, li jkunu wettqu żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi jew ikunu nstabu fi ksur serju tal-obbligi kuntrattwali tagħhom.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 104***<br>***Ir-regolament delegat jista' jiddefinixxi l-kriterji ta' għażla u l-kriterji ta' għotja. Barra minn hekk jista' jiddeffinixxi d-dokumenti li jagħtu prova tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja u prova tal-kapaċità teknika u professjonali. Ir-regolament delegat jista' jinkludi ukoll regoli dettaljati dwar irkanti elettroniċi u sejħiet għall-offerti baxxi wisq.*** |
| | ***Artikolu 105***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-preżentazzjoni ta' sejħiet għall-offerti. Jista' jistabbilixxi wkoll il-limiti ta' żmien għall-offerenti u ta' talbiet għal parteċipazzjoni, iż-żmien alokat għall-aċċess għall-istedina ta' dokumenti taġ' sejħa għall-offerti u l-limiti ta' żmien f'każijiet urġenti. Jista' jiddefinixxi wkoll il-metodi ta' komunikazzjoni differenti. Barra minn hekk, jista' jistabbilixxi regoli dwar il-possibilità ta' garanzija ta' offerta, il-ftuħ ta' sejħiet għall-offerti, it-talbiet għall-parteċipazzjoni u l-Kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti u t-talbiet ta' parteċipazzjoni.*** |
| | ***Artikolu 106***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-prinċipji ta' trattament ugwali u trasparenza. Jista' jiddefinixxi l-kuntatt li hu permess bejn l-awtoritajiet kontraenti u offerenti tul il-proċedura tal-għoti tal-kuntratt, ir-rekwiżiti minimi ta' rekord bil-miktub ta' evalwazzjoni u d-dettalji minimi tad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità kontraenti.*** |
| | ***Artikolu 107***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-għotja, informazzjoni lil dawk li jkunu xeħtu offerta, u l-firma u l-implimentazzjoni tal-kuntratt.*** |
| | ***Artikolu 108***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-informazzjoni għall-offerenti, inkluż dwar il-kanċellazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist.*** |
| | ***Artikolu 109***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-garanzji meħtieġa mill-kuntratturi.*** |
| | ***Artikolu 110***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar is-sospensjoni ta' kuntratt f'każ ta' żbalji, irregolaritajiet jew frodi.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu 111*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-funzjoni tal-awtorità kontraenti, inkluż l-identifikazzjoni tal-livelli adegwati għall-kalkolu tal-limiti.*** |
| | *Artikolu 112*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati fuq il-limiti applikabbi, kuntratti separati u kuntratti b'lottijiet, u l-istima tal-valur ta' ċerti kuntratti.*** |
| | *Artikolu 113*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw parteċipazzjoni f'sejħiet għall-offerti u dwar il-prova ta' aċċess għall-kuntratti.*** |
| | *Artikolu 114*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar ir-regoli tal-akkwist tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol.*** |
| | *Artikolu 115*<br>***Ir-regolament delegat jista' jispeċifika f'aktar dettall l-ambitu u l-kontenut tal-għotijiet, u jista' jinkludi regoli li jiddeterminaw jekk il-ftehimiet ta' għotja jew id-deċiżjonijiet ta' għotja għandhomx jintużaw. Barra minn hekk, ir-regolament delegat jista' jinkludi dettalji dwar l-użu ta' ftehimiet qafas ta' sħubija.*** |
| | *Artikolu 116*<br>***Ir-regolament delegat jista' jiddefinixxi regoli għall-forom differenti ta' għotjiet.*** |
| | *Artikolu 117*<br>***Ir-regolament delegat jista' jikkomplimenta l-prinċipji ġenerali applikabbli għall-għotjiet, inkluż ir-regola ta' l-ebda profitt u l-prinċipju ta' kofinanzjament.*** |
| | *Artikolu 117a*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi speċifikazzjonijiet ulterjuri dwar spejjeż eliġibbli.*** |
| | *Artikolu 118*<br>***Ir-regolament delegat jista' jiddefinixxi r-rekwiżiti rigward il-programm ta' ħidma annwali, il-kontenut tas-sejħiet għall-proposta, l-eċċezzjonijiet għal sejħa għall-proposti, l-informazzjoni lill-applikanti u l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' għotja.*** |
| | *Artikolu 119*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-prinċipju ta' għotja mhux kumulattiva.*** |
| | *Artikolu 120*<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw għotja retroattiva.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 122*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-arranġamenti għall-applikazzjonijiet ta' għotja, prova ta' nuqqas ta' esklużjoni, applikanti mingħajr personalità legali, entitajiet legali li jiffurmaw applikant wieħed, pieni finanzjarji u amministrattivi, kriterji ta' eliġibilità u għotjiet b'valur baxx ħafna.*** |
| | ***Artikolu 123*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kriterji ta' għażla u għotja.*** |
| | ***Artikolu 124*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-evalwazzjoni u l-għoti ta' għotjiet u informazzjoni lill-applikanti.*** |
| | ***Artikolu 125*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-garanzija ta' pre-finanzjament.*** |
| | ***Artikolu 126*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jispeċifika regoli għall-ħlasijiet ta' għotjiet u kontrolli inkluż regoli li jikkonċernaw id-dokumenti ta' prova u s-sospensjoni u t-tnaqqis ta' għotjiet.*** |
| | ***Artikolu 126a*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jistipula perjodi għaż-żamma ta' rekords mill-korpi akkreditati u mill-Kummissjoni.*** |
| | ***Artikolu 126c*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar il-kompetenzi u l-kompożizzjoni tal-kumitati ta' approvazzjoni.*** |
| | ***Artikolu 127*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' kuntratti u appoġġ lill-partijiet terzi.*** |
| | ***Artikolu 133*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.*** |
| | ***Artikolu 135*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jispeċifika l-prinċipji ta' kontabilità aċċettati, inkluż il-prinċipju ta' negozju li jħalli qligħ, il-prinċipju ta' prudenza, il-prinċipju ta' konsistenza ta' tħejjija, il-prinċipju ta' informazzjoni komparattiva, il-materjalità u l-prinċipju ta' aggregazzjoni, il-prinċipju li ma jsirx netting, u l-prinċipju ta' sustanza fuq il-forma, u regoli dwar id-dokumenti ta' prova.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 136***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, inkluż dikjarazzjonijiet dwar il-prestazzjoni finanzjarja, dikjarazzjonijiet dwar il-fluss ta' kapital, noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u noti spjegattivi.*** |
| | ***Artikolu 137***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw il-kontenut tal-kontjiet baġitarji.*** |
| | ***Artikolu 139***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' kontijiet, inkluż it-trażmissjoni tal-kontijiet ikkonsolidati finali.*** |
| | ***Artikolu 142***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' kontijiet baġitarji inkluż l-użu ta' sistemi kompjuterizzati.*** |
| | ***Artikolu 145***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw id-dħul fil-kontijiet. Barra minn hekk, jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-reġistri tal-kontijiet, iċ-ċaqliq fil-bilanċ, ir-rikonċiljazzjonijiet tal-kontabilità, ir-rekords fil-ġurnal u r-rikonċiljazzjoni tal-kontijiet.*** |
| | ***Artikolu 147***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernawil-kontenut tal-kontjiet baġitarji.*** |
| | ***Artikolu 148***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-inventarju tal-proprjetà u l-proċedura għall-bejgħ mill-ġdid u t-tneħħija tal-proprjetà, inkluż ir-regoli fuq l-inventarji fid-delegazzjonijiet.*** |
| | ***Artikolu 173***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw tipi ta' operazzjonijiet li qegħdin jiġu riċerkati.*** |
| | ***Artikolu 175***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt.*** |
| | ***Artikolu 176***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati skont l-azzjoni esterna.*** |
| | ***Artikolu 178***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw fondi fiduċjarji għal azzjoni esterna.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 179***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' azzjoni esterna permezz ta' ġestjoni indiretta.*** |
| | ***Artikolu 180***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw ftehimiet ma' entitajiet dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet esterni, inkluż regoli dwar self speċjali u kontijiet tal-bank.*** |
| | ***Artikolu 181***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar l-akkwist ta' azzjoni esterna.*** |
| | ***Artikolu 182***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar il-parteċipazzjoni fi proċeduri għal sejħiet ta' offerti.*** |
| | ***Artikolu 183***<br>***Ir-regolament delgat jista' jinkludi regoli dettaljati dwar il-finanzjament sħiħ ta' applikazzjonijiet għal azzjoni esterna u finanzjament.*** |
| | ***Artikolu 184***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati għotjiet ta' proċedura applikabbi f'ġestjoni indiretta.*** |
| | ***Artikolu 187***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-ambitu tal-uffiċċji Ewropej u d-delegazzjonijiet minn istituzzjonijet lill-uffiċċji Ewropej.*** |
| | ***Artikolu 188***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-approprjazzjonijiet għall-uffiċċji Ewropej, inkluż id-delegazzjoni ta' ċerti ħidmiet mill-uffiċjal tal-kontabilità, teżor u kontijiet tal-bank.*** |
| | ***Artikolu 191***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw id-delega tas-setgħat ta' uffiċjal awtorizzanti lid-direttur ta' uffiċċju inter-istituzzjonali.*** |
| | ***Artikolu 193***<br>***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati rigward l-ambitu tal-approprjazzjonijiet amministrattivi u l-garanziji ta' kera.*** |

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 195*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw approprjazzjonijiet amministrattivi speċifiċi, inkluż binjiet u avvanzi lill-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet.*** |
| | ***Artikolu 196*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-esperti esterni.*** |
| | ***Artikolu 197*** <br> ***Ir-regolament delegat jista' jinkludi regoli dettaljati li jikkonċernaw dispożizzjonijiet tranżizzjonali, inkluż dwar il-likwidazzjoni tal-kont ta' garanzija u l-aġġornament tal-limiti u l-ammonti.*** |

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

## L-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija ***I

P7_TA(2011)0468

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI (COM(2010)0094 – C7-0088/2010 – 2010/0064(COD))**

(2013/C 131 E/27)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0094),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0088/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku ui Soċjali Ewropew tal-15 ta' Settembru 2010 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-29 ta' Ġunju 2011, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0294/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 138.

**P7_TC1-COD(2010)0064**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-27 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/93/UE.)*

---

ANNESS

**Stqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar is-sollecitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali**

Wara li kkunsidraw il-fatt li s-solleċitazzjoni 'fil-ħajja reali' tat-tfal għal skopijiet sesswali ('grooming off-line') tfisser il-manipolazzjoni intenzjonata ta' tifel/tifla taħt l-età tal-kunsens sesswali permezz ta' diskors, kitba, materjal awdjoviżiv jew preżentazzjonijiet similari, għal laqgħa miegħu jew magħha għall-iskop tal-kommissjoni ta' xi wieħed mir-reati li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija,

wara li kkunsidra l-fatt li s-solleċitazzjoni 'fil-ħajja reali' tat-tfal għal skopijiet sesswali ġa hi koperta bid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri f'forom differenti, kemm bħala tentattiv, reat preparatorju jew forma partikolari tal-abbuż speċjali,

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Istati Membri jivverifikaw b'attenzjoni d-definizzjoni tad-dritt kriminali tagħhom fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni fil-ħajja reali tat-tfal għal skopijiet sesswali, u jtejbu u jikkoreġu d-Dritt kriminali tagħhom, jekk ikun meħtieġ, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull lakuna ġuridika li għad jista' hemm f'dan is-sens.

---

## Kwalifika u status ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ***I

P7_TA(2011)0469

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (formulazzjoni mill-ġdid) (COM(2009)0551 – C7-0250/2009 – 2009/0164(COD))**

(2013/C 131 E/28)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0551),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 63(1) punti 1(c), 2(a) u 3(a) tat-Trattat KE, li skont it-termini tagħhom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0250/2009);

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Il-Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 78(2)(a) u (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' April 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Lulju 2011, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal użu iktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tat-2 ta' Frar 2010 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont it-termini tal-Artikolu 87(3) tar-Regola ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87, 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0271/2011),

A. Billi, skont il-grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta in kwistjoni ma tinkludi l-ebda emenda ta' sustanza għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux tal-atti ta' qabel flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Japprova d-dikjarazzjoni politika konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni politika konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 80.
([2]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

## P7_TC1-COD(2009)0164

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-27 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (tfassil mill-ġdid)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/95/UE.)*

ANNESS

**Dikjarazzjoni politika konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni**

L-istituzzjonijiet jgħarrfu li l-informazzjoni li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali "*għandha tkun ċara u preċiża*" ([1]), biex tiġi ffaċilitata l-kisba mill-Kummissjoni tal-kompitu tagħha li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

F'dan l-isfond, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilqgħu d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni.

Konsegwentement, fejn il-ħtieġa għal, u l-proporzjonalità tat-trasmissjoni ta' tali dokumenti huma ġustifikati skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-istituzzjonijiet jaqblu li jinkludu l-premessa li ġejja fid-direttiva kkonċernata:

"*F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ta' [data], l-Istati Membri ntrabtu sabiex jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis it-trażmissjoni ta' tali dokumenti li hi ġustifikata.*"

Sal-1 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ser tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni taż-żewġ Dikjarazzjonijiet Politiċi Konġunti dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni.

L-istituzzjonijiet jimpenjaw lilhom infushom li japplikaw dawn il-prinċipji mill-1 ta' Novembru 2011 għal proposti ta' direttivi ġodda u pendenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu diġà laħqu qbil dwarhom.

([1]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2009 fil-kawża C–427/07, punt 107 u l-ġurisprudenza mniżżla fiha.

**Dikjarazzjoni politika konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni**

"Skont l-Artikolu 288 TFUE, "*Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali*".

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni hija prerekwiżit għall-kisba tal-objettivi politiċi tal-Unjoni u li, filwaqt li r-responsabbiltà għal tali implimentazzjoni hija primarjament tal-Istati Membri, din hija kwistjoni ta' interess komuni minħabba li għandha bħala għan, fost l-oħrajn, li toħloq opportunitajiet indaqs fl-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li t-traspożizzjoni korretta u fil-ħin tad-direttivi tal-Unjoni hija obbligu legali. Huma jinnutaw li t-Trattati jagħtu lill-Kummissjoni l-kompitu li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni taħt is-superviżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u jikkondividu l-fehim komuni li n-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni għandha tiffaċilita l-kisba ta' dan il-kompitu mill-Kummissjoni.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-informazzjoni li dawn jipprovdu lill-Kummissjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali "*għandha tkun ċara u preċiża*" u "*trid tindika mingħajr ambigwità liema huma l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi*", jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi nazzjonali, kif ukoll, fejn rilevanti, il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, li permezz tagħhom l-Istati Membri jqisu li ssodisfaw ir-rekwiżiti diversi imposti fuqhom mid-direttiva ([1]).

Sabiex titjieb il-kwalità tal-informazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali, din għandha tiġġustifika fuq il-bażi ta' każ b'każ, meta tippreżenta l-proposti rilevanti, il-ħtieġa li jiġu pprovduti tali dokumenti, u l-proporzjonalità tagħhom, b'kont meħud, b'mod partikolari u rispettivament, tal-komplessità tad-direttiva u tat-traspożizzjoni tagħha, kif ukoll tal-piż amministrattiv addizzjonali possibbli.

F'każijiet ġustifikati, l-Istati Membri jieħdu l-impenn li jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni b'dokument ta' spjegazzjoni wieħed jew aktar, li jista' jieħu l-forma ta' tabelli ta' korrelazzjoni jew ta' dokumenti oħrajn li jaqdu l-istess funzjoni.

([1]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2009 fil-kawża C–427/07, punt 107 u l-ġurisprudenza kkwotata fiha."

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

## Ftehim UE-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment dejta PNR ***

P7_TA(2011)0470

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri (09825/2011 – C7-0304/2011 – 2011/0126(NLE))**

(2013/C 131 E/29)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09825/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri mehmuż mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq (10093/2011),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-approċċ globali għat-trasferimenti ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi (COM(2010)0492),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2007 dwar SWIFT, il-ftehim PNR u d-djalogu transatlantiku dwar dawn il-kwistjonijiet ([1]), ir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-evalwazzjoni tal-ftehima PNR Awstralja-UE ([2]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar it-tnedija ta' negozjati għal ftehim dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mal-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Kanada ([3]), u ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar l-approċċ globali għat-trasferimenti ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi ([4]),

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-approċċ globali għat-trasferimenti ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi ([5]) u tal-15 ta' Lulju 2011 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri ([6]),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 7/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-approċċ globali għat-trasferimenti ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi adottata mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta,

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), flimkien mal-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, punt (d) u l-Artikolu 87(2), punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0304/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 349.
([2]) ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 46.
([3]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 70.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0397.
([5]) ĠU C 357, 30.12.2010, p. 7.
([6]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0364/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jikkunsidra li l-proċedura 2009/0186(NLE) issa skadiet ġaladarba l-Ftehim PNR tal-2008 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja ġie sostitwit bil-Ftehim PNR il-ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-gvern tal-Awstralja.

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011**

2013/C 131 E/18 Abbozz ta' Baġit Emandatorju Nru 5/2011 - Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u Taqsima X - Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u Taqsima X – Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna (13991/2011 – C7-0244/2011 – 2011/2131(BUD)) ..... 131

2013/C 131 E/19 It-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda t-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll it-twaħħil tagħhom (test kodifikat) (COM(2011)0120 – C7-0071/2011– 2011/0053(COD)) ..... 133

P7_TC1-COD(2011)0053

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda t-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll it-twaħħil tagħhom (Kodifikazzjoni) (1) ..... 134

LISTA TAL-ANNESSI ..... 138

2013/C 131 E/20 L-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa [dojoq] (COM(2011)0001 – C7-0018/2011 – 2011/0002(COD)) ..... 139

P7_TC1-COD(2011)0002

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa ..... 140

2013/C 131 E/21 Magni introdotti fis-suq skont l-iskema tal-flessibilità ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/68/KE rigward id-dispożizzjonijiet għal magni introdotti fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà (COM(2010)0362 – C7-0171/2010 – 2010/0195(COD)) ..... 140

P7_TC1-COD(2010)0195

Pożizzjoni tal-Parlament Ewpropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/68/KE fir-rigward id-dispożizzjonijiet għal magni introdotti fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà ..... 141

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**L-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011**

2013/C 131 E/22 Pożizzjoni tal-Parlament dwar l-abbozz tal-baġit tal-2012 kif modifikat mill-Kunsill - it-taqsimiet kollha

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 kif modifikat mill-Kunsill – it-taqsimiet kollha (13110/2011 – C7-0247/2011 – 2011/2020(BUD)) u ittri ta' emenda Nri 1/2012 (COM(2011)0372) u 2/2012 (COM(2011)0576) għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ........ 142

2013/C 131 E/23 Il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja (11114/2011 – C7-0184/2011 – 2011/0033(NLE)) ........ 155

2013/C 131 E/24 Ftehim Stati Uniti tal-Amerika/KE dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita GALILEO u GPS ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita GALILEO u GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (11117/2011 – C7-0185/2011 – 2011/0054(NLE)) ........ 156

2013/C 131 E/25 Is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (Riformulazzjoni) *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (Riformulazzjoni) (COM(2010)0784 – C7-0030/2011 – 2010/0387(CNS)) ........ 156

2013/C 131 E/26 Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni***I

Emendi tal-Parlament Ewropew adottati fis-26 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM(2010)0815 – C7-0016/2011 – 2010/0395(COD)) ........ 158

**Il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011**

2013/C 131 E/27 L-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI (COM(2010)0094 – C7-0088/2010 – 2010/0064(COD)) ... 270

P7_TC1-COD(2010)0064

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-27 ta' Ottubru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ........ 271

ANNESS ........ 271

2013/C 131 E/28 Kwalifika u status ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (formulazzjoni mill-ġdid) (COM(2009)0551 – C7-0250/2009 – 2009/0164(COD)) ........ 271

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

P7_TC1-COD(2009)0164

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-27 ta’ Ottubru 2011 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (tfassil mill-ġdid) . . . . . 272

ANNESS . . . . . 273

2013/C 131 E/29 Ftehim UE-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment dejta PNR ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta’ Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta’ dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri (09825/2011 – C7-0304/2011 – 2011/0126(NLE)) . . . . . 274

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b’kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B’konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta’ Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b’din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f’DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta’ “Avviż lill-qarrej” inserit f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT